



Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Volum 66

29 ta' Settembru 2023

Werrej

### I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

#### OPINJONIJIET

#### **Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

#### **Il-580 sessjoni plenarja tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, 12.7.2023–13.7.2023**

2023/C 349/01	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Rieżami tal-politika tat-tassazzjoni biex l-unitajiet domestiċi b’introjtu baxx u l-gruppi vulnerabbli jiġu protetti mill-effetti negattivi tat-tranżizzjoni ekoloġika” (opinjoni fuq inizzjattiva proprja) . . . . .	1
2023/C 349/02	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “It-tisħiħ tas-setgħa tan-negozjar kollettiv madwar l-Unjoni Ewropea” (opinjoni fuq inizzjattiva proprja) . . . . .	7
2023/C 349/03	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Segwitu għall-inflazzjoni u l-miżuri tal-enerġija u r-reżiljenza enerġetika tal-UE għas-setturi ekonomiċi essenzjali” (opinjoni fuq inizzjattiva proprja) . . . . .	12
2023/C 349/04	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-konsum effiċjenti tal-ilma u s-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi dwar l-impronta tagħhom fuq l-ilma” (opinjoni fuq inizzjattiva proprja) . . . . .	18
2023/C 349/05	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Reviżjoni tar-Regolament dwar it-tikkettar tat-tessuti” (opinjoni esploratorja) . . . . .	24
2023/C 349/06	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Strateġija Ewropea għall-Anzjani” (opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Spanjola) . . . . .	28
2023/C 349/07	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija Ewropea u r-rwol tal-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni biex jixprunawha” (opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Spanjola) . . . . .	36
2023/C 349/08	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Dekarbonizzazzjoni tal-flotta tas-sajd” (opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Spanjola) . . . . .	41

2023/C 349/09	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-ekonomija ta’ ‘Patt Blu tal-UE’ — ħtiġijiet ta’ investiment relatat mal-ilma fl-UE” (opinjoni fuq inizjattiva proprja) . . . . .	50
2023/C 349/10	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-aċċess għall-ilma: nindirizzaw il-faqar tal-ilma u l-implikazzjonijiet tiegħu għall-politika soċjali” (opinjoni fuq inizjattiva proprja) . . . . .	60
2023/C 349/11	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Kif nistgħu nidħlu f’kuntatt mal-pubbliku destinatariju u nużaw b’mod effettiv ir-riżultati tal-ħidma tal-panels taċ-ċittadini?” (opinjoni fuq inizjattiva proprja) . . . . .	69
2023/C 349/12	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Industriji intensivi fl-użu tal-ilma u teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-ilma” (opinjoni fuq inizjattiva proprja) . . . . .	74
2023/C 349/13	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-ġestjoni tal-ilma sostenibbli u l-emerġenza klimatika: iċ-ċirkolarità u soluzzjonijiet oħra għas-sistema agroalimentari tal-UE fil-‘Patt Blu’ futur” (opinjoni fuq inizjattiva proprja) . . . . .	80
2023/C 349/14	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Infrastrutturi u networks ta’ distribuzzjoni tal-ilma sostenibbli u reżiljenti” (opinjoni fuq inizjattiva proprja) . . . . .	87
2023/C 349/15	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Ir-reklamar permezz ta’ influwenzaturi u l-impatt tiegħu fuq il-konsumaturi” (opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Spanjola) . . . . .	94
2023/C 349/16	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Miżuri għat-titjib tas-saħħa mentali” (opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Spanjola) . . . . .	100
2023/C 349/17	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Miżuri biex titnaqqas l-obeżità tat-tfal” (Opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Spanjola) . . . . .	108

### III Atti preparatorji

#### Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

##### Il-580 sessjoni plenarja tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, 12.7.2023–13.7.2023

2023/C 349/18	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri biex jonqos il-kost tal-introduzzjoni tan-networks tal-komunikazzjoni elettronika tal-gigabits u li jħassar id-Direttiva 2014/61/UE (l-Att dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits)” (COM(2023) 94 final — 2023/0046 (COD)) . . . . .	116
2023/C 349/19	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar deterġenti u aġenti tensjoattivi, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 648/2004” [COM(2023) 217 final – 2023/0124 (COD)] . . . . .	121
2023/C 349/20	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Pjan ta’ Azzjoni tal-UE: Niproteġu u nirrestawraw l-ekosistemi tal-baħar għal sajd sostenibbli u reżiljenti” (COM (2023) 102 final) . . . . .	127
2023/C 349/21	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1242 fir-rigward tat-tisħiħ tal-istandards ta’ prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO <sub>2</sub> għal vetturi heavy-duty ġodda u l-integrazzjoni tal-obbligi ta’ rapportar, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/956” (COM(2023) 88 final — 2023/0042 (COD)) . . . . .	134

2023/C 349/22	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, 2018/1724 u (UE) 2019/1020” [COM(2023) 160 final — 2023/0079 (COD)] u dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni — Provvista sigura u sostenibbli ta’ materja prima kritika b’appoġġ għat-tranżizzjoni doppja” [COM(2023) 165 final] . . . . .	142
2023/C 349/23	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill L-Istrategġija tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża” [sic] (JOIN (2023) 9 final) . . . . .	155
2023/C 349/24	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar ir-rieżami tal-qafas tal-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji u l-assigurazzjoni ta’ depożitu li jikkontribwixxi għat-tlestija tal-Unjoni Bankarja” (COM(2023) 225 final), dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 806/2014 fir-rigward ta’ miżuri ta’ intervent bikri, kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni u l-finanzjament ta’ azzjoni ta’ riżoluzzjoni” (COM(2023) 226 final — 2023/0111 (COD)), dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/59/UE fir-rigward tal-miżuri ta’ intervent bikri, il-kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni u l-finanzjament ta’ azzjoni ta’ riżoluzzjoni” (COM(2023) 227 final — 2023/0112 (COD)), dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/59/UE u r-Regolament (UE) Nru 806/2014 fir-rigward ta’ ċerti aspetti tar-reqwizit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli” (COM(2023) 229 final — 2023/0113 (COD)) . . . . .	161
2023/C 349/25	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/881 fir-rigward tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti” (COM (2023) 208 final) — 2023/0108 (COD) u dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi miżuri li jsaħħu s-solidarjetà u l-kapaċitajiet fl-Unjoni tad-detezzjoni, it-tħejjija u r-rispons għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà” (COM(2023) 209 final) — 2023/0109 (COD) . . . . .	167
2023/C 349/26	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar Reviżjoni tal-Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi — Patt ġdid għall-pollinaturi” (COM/2023/35 final) . . . . .	173
2023/C 349/27	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “(a) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Zero Netti” [COM(2023) 62 final] u “(b) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta’ qafas ta’ miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta’ prodotti ta’ teknoloġija b’emissjonijiet zero netti (l-Att dwar l-Industrija b’Emissjonijiet Zero Netti)” [COM(2023) 161 final – 2023/0081 (COD)] . . . . .	179



## I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

## OPINJONIJIET

## IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

IL-580 SESSJONI PLENARJA TAL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, 12.7.2023–  
13.7.2023

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Rieżami tal-politika tat-tassazzjoni biex l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u l-gruppi vulnerabbli jiġu protetti mill-effetti negattivi tat-tranżizzjoni ekoloġika”**

**(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)**

(2023/C 349/01)

Relatur: **Philip VON BROCKDORFF**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	25.1.2023
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizzjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adozzjoni fis-sezzjoni	27.6.2023
Adozzjoni fil-plenarja	12.7.2023
Sessjoni plenarja Nru	580
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	195/7/10

### 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE josserva li l-impatt tat-tranżizzjoni ekoloġika mhux se jkun uniformi madwar l-UE u se jvarja b'mod sostanzjali minn pajjiż għal ieħor, kif ukoll fost reġjuni differenti fi ħdan l-Istati Membri. Fid-dawl ta' dan, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni lill-isfidi soċjali kkawżati mit-tranżizzjoni biex itejbu l-leġittimità tagħha, iżommu l-istabbiltà u jevitaw l-oppożizzjoni populistika.

1.2. Il-KESE jqis li l-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni mwettqa b'appoġġ għal diversi atti leġiżlattivi li jikkonċernaw it-tranżizzjoni ekoloġika ġeneralment jieħdu perspettiva ġenerali tal-UE, ta' spiss mingħajr il-profondità meħtieġa għal approċċ ta' pajjiż b'pajjiż u reġjun b'reġjun meħtieġ biex jiffoka fuq l-impatt probabbli fuq l-ekonomiji u l-komunitajiet lokali (eċċezzjoni hija l-proposta dwar id-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija).

1.3. Il-KESE jqis ukoll li analiżi aktar immirata għandha tipprovdi data rilevanti ħafna rigward l-unitajiet domestiċi affettwati mit-tranżizzjoni ekoloġika, u b'hekk tippermetti lill-gvernijiet jieħdu miżuri aktar adegwati biex itaffu l-impatt tal-proċess li għaddej fuq unitajiet domestiċi ifqar u vulnerabbli.

1.4. Il-KESE jindika żewġ riskji ewlenin relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika f'termini ta' implikazzjonijiet negattivi soċjali u ekonomiċi u b'mod partikolari: i) żieda fid-disparitajiet fl-introjt; and ii) l-ispostament tas-setturi industrijali u l-impjegji relatati.

1.5. Għalhekk, il-KESE jenfasizza l-hteġa li tiġi segwita tranżizzjoni ġusta li tkun kapaċi tindirizza kemm l-effetti fuq l-impjeg kif ukoll dawk distributtivi ta' bidla lejn in-newtralità klimatika. F'dan il-kuntest, il-KESE jappella għal miżuri ridistributtivi li jkunu kapaċi jidderieġu riżorsi finanzjarji favur unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u gruppi vulnerabbli biex tiġi minimizzata l-esklużjoni soċjali, billi jiġi evitat li l-inugwaljanzi fl-introjtu jaggravaw aktar matul il-proċess li għaddej.

1.6. Dment li t-tassazzjoni relatata mat-tranżizzjoni ekoloġika tkun fil-kompetenza tal-Istati Membri, il-KESE jenfasizza l-importanza ta' miżuri fiskali nazzjonali biex it-tranżizzjoni ekoloġika ssir aktar sostenibbli u b'inqas impatt fuq l-aktar partijiet dgħajfa tal-popolazzjoni.

1.7. Għalhekk, il-politika fiskali għandha tikkonsisti fi tliet komponenti matul it-tranżizzjoni: il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas b'miżuri ridistributtivi komplementari b'appoġġ għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx; appoġġ għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx; u krediti tat-taxxa fuq prodotti tad-dar li jiffrankaw l-enerġija. Dan l-approċċ i) jappoġġja x-xiri ta' vetturi elettriċi; ii) jinċentiva l-adozzjoni ta' teknoloġiji ekoloġiċi fid-djar; u iii) itejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-bini (ċertament, id-Direttiva riveduta dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija <sup>(1)</sup>) għandha wkoll l-għan li ttejjeb l-effiċjenza enerġetika u fl-istess ħin tippoteġi l-gruppi vulnerabbli). Għall-unitajiet domestiċi bl-inqas introjtu li jista' jkollhom obbligazzjoni tat-taxxa insuffiċjenti u li jistgħu ma jibbenefikawx minn krediti tat-taxxa, il-miżura ottimali rakkomandata hija l-appoġġ għall-introjtu.

1.8. Il-KESE jemmen ukoll li d-distribuzzjoni ta' vouchers mill-Istat li jippermettu x-xiri u l-investimenti f'teknoloġiji u prodotti ekoloġiċi tista' tgħin biex jiġu appoġġjati gruppi vulnerabbli matul it-tranżizzjoni.

1.9. Il-każ ta' krediti tat-taxxa għal individwi li jixru vetturi elettriċi implimentati fin-Netherlands huwa eżempju tajjeb ta' inċentiv għax-xiri ta' vetturi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, u fl-istess ħin inaqqsu d-distorsjoni possibbli kkawżata minn sussidji li spiss ikunu ta' benefiċċju għall-fornituri għad-detriment tal-konsumaturi <sup>(2)</sup>.

1.10. Il-KESE jqis ukoll li tista' tiġi esplorata l-esperjenza ta' Stati Membri bħall-Ġermanja, Franza u l-Italja, li implimentaw rati tal-VAT aktar baxxi fir-rigward ta' prodotti effiċjenti fl-enerġija, teknoloġija effiċjenti fl-użu tal-enerġija u rinnovazzjonijiet tad-djar immirati biex iżidu l-effiċjenza enerġetika tal-bini. Madankollu, il-VAT, mid-definizzjoni tagħha stess, mhijiex progressiva. Biex jifassal approċċ bħal dan għal unitajiet domestiċi b'introjtu baxx, jistgħu jkunu meħtieġa miżuri ta' akkumpanjament, bħal kumpens ta' somma f'daqqa, biex jinkoraġġixxu l-użu fost dawn l-unitajiet domestiċi. Barra minn hekk, il-KESE jirrimarka li l-komunitajiet tal-enerġija (id-Direttiva (UE) 2019/944 <sup>(3)</sup>) u l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli (id-Direttiva (UE) 2018/2001 <sup>(4)</sup>) jistgħu jsiru għodda ewlenija biex jgħinu liċ-ċittadini u lill-gruppi vulnerabbli jlaħħqu mat-tranżizzjoni ekoloġika.

1.11. Il-KESE jenfasizza r-rwol strateġiku tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF). Dan l-istrument finanzjarju għandu jkun immirat b'mod effettiv biex jindirizza l-impatt soċjoekonomiku tat-tranżizzjoni fuq l-ekonomiji tal-UE li bħalissa jiddependu ħafna mill-fjuwils fossili jew minn attivitajiet b'emissjonijiet għoljin ta' gassijiet serra u, fuq kollox, biex itaffi t-tranżizzjoni għall-ħaddiema u l-unitajiet domestiċi milquta mill-bidla attwali.

1.12. Kif diġà ġie indikat f'Opinjonijiet preċedenti, il-KESE jirrimarka li l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, anke jekk strateġiku, jista' ma jkunx biżżejjed biex jappoġġja l-bidla ekonomika li għaddejja bħalissa u għalhekk għandu jiġi supplimentat minn Fond Soċjali għall-Klima ffinanzjat b'mod adegwat.

<sup>(1)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51).

<sup>(2)</sup> In-Netherlands jinċentivaw ix-xiri ta' vetturi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent. Skont rapport mill-Grupp dwar il-Klima, sussidji sa EUR 4 000 huma disponibbli għax-xiri jew il-lokazzjoni ta' karozzi tal-passiġġieri elettriċi bil-batterija ġodda, u EUR 5 000 għall-vannijiet. Hemm ukoll inċentivi tat-taxxa kompetittivi bħal taxa tat-triq baxxa (MRB), l-ebda taxa fuq ix-xiri (BPM) u l-ebda taxa għall-użu/benefiċċju privat. Ara Netherlands: Taking action on zero emission vehicles (In-Netherlands: It-tehd ta' azzjoni fuq vetturi b'emissjonijiet zero, mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(3)</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125).

<sup>(4)</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

## 2. Introduzzjoni u kuntest

2.1. It-tranżizzjoni ekoloġika hija sfida enormi għall-UE u għall-ġenerazzjonijiet futuri, b'mod partikolari bil-gwerra fit-tul fl-Ukrajna li qed tikkawża inċertezza ekonomika f'termini ġenerali, u b'mod partikolari fis-settur tal-enerġija. Il-KESE jqis li, biex it-tranżizzjoni tirnexxi, jinħtieġ kunsens soċjali, u dan jista' jinkiseb biss jekk il-miżuri ta' appoġġ jiġu implimentati b'mod effettiv madwar l-UE u tiġi evitata l-oppożizzjoni populista.

2.2. Il-KESE jfakkar li l-Patt Ekoloġiku żied il-mira tal-UE għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-2030 minn 40 % għal mill-inqas 55 % fir-rigward tal-livelli tal-1990, u fl-istess ħin stabbilixxa l-mira tan-newtralità klimatika sal-2050.

2.3. Il-pakkett "lesta għall-mira ta' 55 %" jinkludi sensiela ta' proposti ta' politika biex tintlaħaq il-mira tal-2030, li dwarhom il-KESE jixtieq iressaq il-kontribut tiegħu biex jippromovi tranżizzjoni ekoloġika li tintfieh u tiġi kondiviża bis-sħiħ mill-partijiet interessati kollha involuti, minn naħa waħda, u li ma tagħmilx ħsara eċċessiva lill-unitajiet domestiċi u lill-gruppi vulnerabbli, min-naħa l-oħra.

2.4. Billi tqis li t-tranżizzjoni ekoloġika se ġġib benefiċċji sostanzjali u mistennija ħafna madwar l-UE, din l-Opinjoni tiffoka fuq l-effetti negattivi li t-tranżizzjoni ekoloġika li għaddeja x'aktarx li jkollha fuq terminu qasir, b'enfasi partikolari fuq l-esklużjoni soċjali u l-inugwaljanzi fl-introjt, u tħeġġeġ tranżizzjoni ġusta li tkun tista' tkun proporzjonata lejn unitajiet domestiċi b'introjt baxx u gruppi vulnerabbli.

## 3. Kummenti ġenerali u speċifiċi

3.1. Il-KESE josserva li l-implikazzjonijiet tat-tranżizzjoni ekoloġika mhux se jkunu uniformi madwar l-UE u, għall-kuntrarju, fil-fatt se jvarjaw b'mod sostanzjali minn pajjiż għal ieħor, jew saħansitra fost reġjuni u żoni differenti fi hdn l-Istati Membri, skont diversi elementi ekonomiċi u soċjali varjabbli.

3.2. F'dan ir-rigward, il-KESE jinnota li r-reġjuni b'dipendenza għolja mill-fossili tal-karbonju huma, u se jkunu, partikolarment vulnerabbli għall-impatt tat-tranżizzjoni u għat-telf potenzjali ta' impjieg. Għalhekk, ir-reazzjonijiet meħtieġa biex tiġi appoġġjata l-koeżjoni soċjali jeħtieġ li jkunu pjuttost differenzjati bejn l-Istati Membri, jew saħansitra minn reġjun għal ieħor, abbażi tal-kuntesti lokali differenti f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Madankollu, il-KESE jirrikonoxxi li d-Direttiva riveduta dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija tipproponi perjodu "tranżitorju", u l-possibbiltà li l-Istati Membri jeżentaw l-unitajiet domestiċi vulnerabbli mit-tassazzjoni fuq it-tiħin għal 10 snin wara l-implimentazzjoni tat-taxxa riveduta.

3.3. Minn perspettiva ta' metodoloġija, il-KESE jemmen li l-analiżijiet tal-valutazzjoni tal-impatt imwettqa mill-Kummissjoni s'issa prinċipalment jieħdu perspettiva ġenerali tal-UE, mingħajr il-profondità meħtieġa minn approċċ ta' pajjiż b'pajjiż u ta' reġjun b'reġjun li jista' jiffoka fuq l-impatt probabbli tat-tranżizzjoni fuq l-ekonomiji u l-komunitajiet lokali. F'dan ir-rigward, il-proposta dwar id-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija hija eċċezzjoni, peress li kienet antiċipata minn mikroanalizi mmirata li għandha titħaddan b'mod aktar wiesa' fl-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku.

3.4. Il-KESE jqis li analiżi aktar immirata, li tkun tista' tqis bis-sħiħ l-ispeċifitajiet lokali, għandha tkun utli fl-għoti ta' informazzjoni siewja, speċjalment fir-rigward tal-unitajiet domestiċi affettwati mit-tranżizzjoni ekoloġika, biex b'hekk il-gvernijiet ikunu jistgħu jieħdu miżuri adegwati biex itaffu l-impatt tal-proċess li għaddej fuq unitajiet domestiċi ifqar u gruppi vulnerabbli li se jiffaċċjaw l-aktar implikazzjonijiet kritiċi.

3.5. Il-KESE huwa tal-fehma li hemm żewġ riskji ewlenin relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika f'termini ta' implikazzjonijiet negattivi soċjali u ekonomiċi: i) żieda fid-disparitajiet fl-introjt; and ii) l-ispostament tas-setturi industrijali u l-impjieg relatati.

3.6. Il-KESE jirrimarka li l-bidla lejn ekonomija reżiljenti għall-klima u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju hija partikolarment ta' sfida għall-unitajiet domestiċi u l-komunitajiet b'introjt baxx, speċjalment f'reġjuni fejn il-livell ta' żvilupp għadu lura meta mqabbel mal-partijiet urbani. Għalhekk, huwa ta' importanza kbira li t-tranżizzjoni tkun appoġġjata minn firxa adegwata ta' miżuri fiskali, inkluż appoġġ finanzjarju, biex jiġi indirizzat it-tħassib espress hawn fuq.

3.7. Barra minn hekk, il-KESE jixtieq jindika piżijiet addizzjonali possibbli fuq l-aktar partijiet dgħajfa tal-popolazzjoni kkawżati mit-tranżizzjoni, b'attenzjoni partikolari għall-prezzijiet tal-prodotti bażiċi li jistgħu jiżiedu b'mod sinifikanti matul il-proċess tranżitorju. It-tranżizzjoni tista' tabilħaq iżżid il-prezzijiet tal-enerġija u tal-fjuwil għal dawk li l-inqas li jistgħu jaffordjawnhom, peress li titqies l-ispiża ogħla tal-karbonju. Impatt bħal dan huwa partikolarment ta' tħassib fil-kuntest makroekonomiku attwali, fejn aktar kmieni din is-sena r-rati tal-inflazzjoni ta' diversi Stati Membri kienu għoljin<sup>(5)</sup>.

(5) Ir-rata tal-inflazzjoni naqset f'dawn l-aħħar ġimgħat.



3.8. Għalhekk, il-KESE jirrakkomanda l-ħtieġa li tiġi segwita tranżizzjoni ġusta li tindirizza kemm l-effetti fuq l-impjeg kif ukoll dawk distributtivi ta' bidla lejn in-newtralità klimatika. Tali approċċ għandu jittqies bħala parti integrali mill-qafas ta' tranżizzjoni ekoloġika u mhux biss bħala miżuri korrettivi supplementari.

3.9. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa għal miżuri ridistributtivi li jippermettu li r-riżorsi finanzjarji jiġu diretti lejn l-assistenza lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u lill-gruppi vulnerabbli bl-għan li tiġi evitata l-esklużjoni soċjali u l-approfondiment tal-inugwaljanzi fl-introjtu. Miżuri bħal dawn jistgħu, pereżempju, jieħdu l-forma ta' tassazzjoni ambjentali bbażata fuq il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas", b'dawk li jaqilgħu introjtu ogħla minn livell limitu stabbilit iħallsu tariffi ogħla għall-konsum ta' enerġija intensiva fil-karbonju.

3.10. Dment li, abbażi tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, it-tassazzjoni relatata mat-tranżizzjoni ekoloġika tkun parti mill-kompetenza tal-Istati Membri, il-KESE jenfasizza l-importanza ta' miżuri fiskali adottati fil-livell nazzjonali biex it-tranżizzjoni ekoloġika ssir aktar sostenibbli u b'inqas impatt fuq kategoriji vulnerabbli, u possibbilment jiġu evitati effetti rigressivi li spiss ikunu assoċjati ma' taxxi ambjentali.

3.11. Il-KESE jqis li l-politika fiskali matul it-tranżizzjoni għandha tikkonsisti fi tliet komponenti: il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas b'miżuri ridistributtivi komplementari b'appoġġ għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx; appoġġ għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx; u krediti tat-taxxa fuq prodotti tad-dar li jiffrankaw l-enerġija. Dan l-approċċ i) jappoġġja x-xiri ta' vetturi elettriċi; ii) jinċentiva l-adozzjoni ta' teknoloġiji ekoloġiċi fid-djar; u iii) itejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-bini. Madankollu, il-KESE jirrikonoxxi li d-Direttiva riveduta dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija għandha wkoll l-għan li ttejjeb l-effiċjenza enerġetika u fl-istess ħin tippoteġi l-gruppi vulnerabbli. Għall-unitajiet domestiċi bl-inqas introjtu li jista' jkollhom obbligazzjoni ta' taxxa insuffiċjenti u li jistgħu ma jibbenefikawx minn krediti tat-taxxa, il-miżura ottimali rakkomandata hija l-appoġġ għall-introjtu.

3.12. Il-KESE jemmen ukoll li d-distribuzzjoni ta' vouchers mill-Istat għall-investiment f'teknoloġiji ekoloġiċi u x-xiri ta' prodotti ekoloġiċi tista' tgħin biex jiġu appoġġjati l-gruppi vulnerabbli matul it-tranżizzjoni.

3.13. Miżuri fiskali għal individwi li jixtru vetturi elettriċi implimentati fin-Netherlands huma eżempju tajjeb ta' inċentiv għax-xiri ta' vetturi ta' ġenerazzjoni ġdida u li jirrispettaw l-ambjent, u fl-istess ħin jitnaqqsu d-distorsjonijiet possibbli relatati ma' sussidji aktar mifruxin. L-approċċ favur it-taxxa għall-vetturi elettriċi fin-Netherlands huwa estiż ukoll għat-taxxi tar-reġistrazzjoni u tat-triq, li jikkompletaw qafas legali favorevoli. F'dan ir-rigward, il-krediti tat-taxxa jistgħu jiġu mmirati speċifikament għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx tal-popolazzjoni li huma mistennija li jbatu l-aktar matul it-tranżizzjoni lejn teknoloġiji ekoloġiċi.

3.14. Il-KESE jqis li tista' tiġi rfinuta u esplorata aktar l-esperjenza ta' Stati Membri bħall-Ġermanja, Franza u l-Italja, li implimentaw rati tal-VAT aktar baxxi fir-rigward ta' prodotti effiċjenti fl-enerġija, teknoloġija effiċjenti fl-użu tal-enerġija u rinnovazzjonijiet tad-djar immirati biex iżidu l-effiċjenza enerġetika tal-bini. Madankollu, il-VAT, mid-definizzjoni tagħha stess, mhijiex progressiva. Biex jifassal approċċ bħal dan għal unitajiet domestiċi b'introjtu baxx, jistgħu għalhekk ikunu meħtieġa miżuri ta' akkumpanjament, bħal kumpens ta' somma f'daqqa, biex jinkoraġġixxu l-użu fost dawn l-unitajiet domestiċi.

3.15. Il-KESE jenfasizza l-importanza tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, li ma jistax jiġi sottovalutat. Dan l-istrument finanzjarju għandu jkollu l-għan effettiv li jindirizza l-impatt soċjoekonomiku tat-tranżizzjoni fuq l-ekonomiji tal-UE li bħalissa jiddependu ħafna mill-fjuwils fossili jew minn attivitajiet industrijali b'emissjonijiet għoljin ta' gassijiet serra u, fuq kollox, li jiffaċilita t-tranżizzjoni għall-ħaddiema u l-unitajiet domestiċi milquta mill-bidla li qed tiġi żviluppata.

3.16. Kif diġà indika fl-Opinjoni preċedenti tiegħu dwar *Faċilità ta' self għas-settur pubbliku u emenda għall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta*<sup>(6)</sup>, il-KESE jirrimarka li l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, għalkemm importanti, jista' ma jkunx biżżejjed biex jappoġġja l-bidla ekonomika li għaddejjja f'termini tar-riżorsi u l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Għalhekk, jenħtieġ li l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta jiġi s-supplimentat minn Fond Soċjali għall-Klima ffinanzjat b'mod adegwat kif rakkomandat fl-Opinjoni tal-KESE dwar *Fond ta' Aġġustament għall-Klima ffinanzjat mill-Koeżjoni u min-NextGenerationEU*<sup>(7)</sup>.

(6) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-faċilità ta' self għas-settur pubbliku skont il-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta" (COM(2020) 453 final — 2020/0100 (COD)) u dwar "Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta" (COM(2020) 460 final — 2020/0006 (COD)) (ĠU C 429, 11.12.2020, p. 240).

(7) Opinion of the European Economic and Social Committee on Climate Adjustment Fund financed by Cohesion and NGEU (own-initiative opinion) (ĠU C 486, 21.12.2022, p. 23).



3.17. Il-KESE jirrimarka li l-għan ta' tali fond addizzjonali għandu jkun li jiproteġi lill-gruppi b'introjtu baxx u vulnerabbli mill-impatt negattiv tat-tranżizzjoni, dment li l-Fond Soċjali għall-Klima jkun akkumpanjat minn Prattiki Tajba mmirati biex jiġi evitat kwalunkwe twessigħ tal-inugwaljanzi fl-introjtu. Fl-istess ħin, il-KESE jwissi li, fl-organizzazzjoni u l-kapaċità finanzjarja attwali tiegħu (biex ma nsemmux il-posponiment tal-implimentazzjoni tiegħu b'sena), huwa improbabli li l-Fond Soċjali għall-Klima jkun biżżejjed biex jappoġġja b'mod effettiv l-aktar partijiet vulnerabbli tal-popolazzjoni, kif diġà ġie enfasizzat minn diversi partijiet interessati. Bħala eżempju, l-ispiża tal-bidla minn vetturi tradizzjonali għal vetturi elettriċi tista' tkun għalja wisq, u għalhekk diffiċli wisq, għal unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u vulnerabbli mingħajr inċentivi fiskali jew appoġġ finanzjarju<sup>(8)</sup>.

3.18. Għalhekk, il-KESE jissuġġerixxi li l-awtoritajiet responsabbli fil-livell Ewropew u lokali jiżviluppaw politiki fiskali adegwati biex itaffu l-konsegwenzi negattivi tat-tranżizzjoni, mingħajr ma jikkompromettu l-inċentivi għal bidliet f'termini ta' investimenti ekoloġiċi u konsum meħtieġa mill-proċess tranżitorju. Huwa importanti li tali mekkaniżmi għandhom ikunu akkumpanjati minn miżuri li jiżguraw governanza inklużiva u l-involvement attiv ta' dawk l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni ekoloġika. Madankollu, il-KESE jirrikonoxxi li d-Direttiva riveduta dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija tinkludi perjodi ta' tranżizzjoni għat-tassazzjoni ta' prodotti magħżula jew investimenti għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija.

3.19. Il-KESE jixtieq ifakkar lill-istituzzjonijiet kollha involuti fit-tranżizzjoni ekoloġika dwar l-importanza tad-dialogu soċjali u tal-involvement utli tas-soċjetà ċivili fil-livell Ewropew, nazzjonali, settorjali u reġjonali. Id-dialogu soċjali għandu funzjoni kruċjali fil-ġestjoni u l-iffaċilitar tat-trasformazzjoni ekoloġika, billi jiżgura involvement mifrux tal-partijiet interessati kollha u, fl-istess ħin, jiproteġi l-gruppi vulnerabbli u l-livelli ta' impjeg madwar l-UE.

3.20. Il-KESE jirrimarka li t-tassazzjoni progressiva, is-sistemi ta' protezzjoni soċjali mmirati u l-mekkaniżmi ta' dialogu soċjali adatti diġà huma fis-seħħ f'diversi pajjiżi Ewropej u, għalhekk, l-adozzjoni u t-tisħiħ ulterjuri ta' tali politiki jistgħu jibnu fuq il-prattiki tajbin eżistenti u jkunu għodda utli ħafna biex jiġi evitat aktar twessigħ tal-inugwaljanzi u l-esklużjoni soċjali.

3.21. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li l-ħolqien ta' fehim wiesa', kif ukoll aċċettazzjoni politika u soċjali, tal-politiki dwar il-klima fil-pajjiżi Ewropej se jwassal għal tranżizzjoni ekoloġika aktar b'saħħha u aħjar li, għall-kuntrarju, hija fil-periklu li titlef kemm il-leġittimità kif ukoll is-saħħha jekk il-piż u l-implikazzjonijiet negattivi tagħha jaqgħu b'mod sproporzjonat fuq unitajiet domestiċi ifqar.

3.22. F'dan ir-rigward, il-KESE jenfasizza li l-gvernijiet, f'konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili, għandhom jippruvaw inaqqsu l-impatt tat-tranżizzjoni ekoloġika fuq l-impjeg fiż-żoni l-aktar affettwati tal-UE anke permezz ta' politiki tas-suq tax-xogħol immirati u innovattivi, inklużi programmi edukattivi u ta' taħriġ għall-ħaddiema f'industriji b'livell għoli ta' karbonju.

3.23. Il-KESE jenfasizza r-riskju ta' disparitajiet reġjonali li qed jikbru, minħabba l-proċess ta' tranżizzjoni ekoloġika, bejn ekonomiji aktar avvanzati madwar l-UE u dawk li għadhom jiddependu ħafna minn, industriji intensivi fil-karbonju. Bl-istess mod, jista' jkun hemm ukoll żieda fid-disparitajiet u d-diskrepanzi kompetittivi bejn il-pajjiżi u bejn iż-żoni urbani, minn naħa, u ż-żoni periferiċi, rurali u remoti, min-naħa l-oħra.

3.24. Il-KESE huwa tal-fehma li t-tranżizzjoni ekoloġika titlob li jintlaħqu l-oġettivi klimatiċi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u li tiġi segwita l-aġenda dwar il-ġustizzja soċjali tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fl-istess ħin. It-tranżizzjoni ekoloġika tinvolvi bidla strutturali (bil-bidla mistennija kemm fil-livell ekonomiku kif ukoll f'dak soċjali). Biex tirnexxi, trid tkun akkumpanjata minn miżuri soċjali, inklużi investimenti soċjali mmirati biex jiffaċilita n-newtralità klimatika u biex tinkiseb tranżizzjoni li twassal għal negozji Ewropej dinamiċi u kompetittivi li jistgħu jiġġeneraw, pereżempju, impjeggi ekoloġiċi u tkabbir ekonomiku.

3.25. Għalhekk, il-KESE jenfasizza l-importanza ta' kollaborazzjoni msaħħa madwar l-UE, li għandha tiġi żviluppata abbażi ta' dialogu politiku u soċjali effettiv bl-għan li jtfasslu politiki ekonomiċi u soċjali ta' akkumpanjament biex tiġi appoġġjata t-tranżizzjoni li għaddeja, u fl-istess ħin tiġi debitament adattata għall-kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi differenti tal-komunitajiet involuti.

<sup>(8)</sup> Joanna Gill, Can Europe's new Social Climate Fund protect poor from rising carbon cost? (Jista' l-Fond Soċjali għall-Klima jiproteġi l-fotra mill-ispiża tal-karbonju li qed tiżdied?), Reuters, Diċembru 2022.

3.26. Approċċ kollaborattiv bħal dan għandu jitħaddan ukoll fir-rigward tal-pajjiżi Ewropej li mhumiex membri tal-UE, sabiex jiġi evitat it-trasferiment tan-negozju u l-impjeg lejn pajjiżi li ma jsegwux żvilupp ekonomiku aktar ekoloġiku u sostenibbli bħal dak segwit mill-UE. Dan jista' jkollu impatt negattiv fuq is-suq intern, kif ukoll fuq it-tranżizzjoni ekoloġika nnifisha kemm f'termini ta' effettività mnaqqsa kif ukoll ta' effetti negattivi msaħħa fuq l-aktar partijiet dgħajfa tal-popolazzjoni.

3.27. Il-KESE jappella wkoll għal aktar azzjoni min-naħa tal-Istati Membri biex jiġu indirizzati l-evazzjoni u l-evitar fiskali u biex jiġi evitat l-użu ħażin tal-fondi pubbliċi, peress li dan jipprovdi riżorsi addizzjonali biex jiġu ffinanzjati l-miżuri distributtivi li jappoġġjaw it-tranżizzjoni.

3.28. Fl-aħħar nett, il-KESE jirrimarka li l-komunitajiet tal-enerġija (id-Direttiva (UE) 2019/944) u l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli (id-Direttiva (UE) 2018/2001) jistgħu jsiru għodda ewlenija biex jgħinu liċ-ċittadini u lill-gruppi vulnerabbli jlaħħqu mat-tranżizzjoni ekoloġika. Komunitajiet bħal dawn jistgħu jieħdu kwalunkwe forma legali (assoċjazzjonijiet, kooperattivi, sħubijiet, organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, jew intrapriżi żgħar/ta' daqs medju), li jagħmilha aktar faċli għaċ-ċittadini tagħhom, flimkien ma' atturi oħra tas-suq, biex jingħaqdu flimkien u jinvestu b'mod konġunt f'assi tal-enerġija. Dan jista' jikkontribwixxi għal sistema tal-enerġija aktar dekarbonizzata u flessibbli, peress li l-komunitajiet tal-enerġija jistgħu jippermettu liċ-ċittadini jaċċessaw is-swieq tal-enerġija adatti kollha b'kundizzjonijiet ekwivalenti ma' atturi oħrajn, inaqqsu l-kostijiet tal-enerġija tagħhom jew saħansitra jippermettu dħul potenzjali.

Brussell, it-12 ta' Lulju 2023.

Oliver RÖPKE  
Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

---

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "It-tisħiħ tas-setgħa tan-negozjar kollettiv madwar l-Unjoni Ewropea"****(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)**

(2023/C 349/02)

Relatur: **Philip VON BROCKDORFF**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	25.1.2023
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizzjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adozzjoni fis-sezzjoni	21.6.2023
Adozzjoni fil-plenarja	12.7.2023
Sessjoni plenarja Nru	580
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	152/4/9

**1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jinnota li n-negozjar kollettiv huwa strument essenzjali fir-relazzjonijiet industrijali (naturalment jekk wieħed jassumi li min iħaddem u t-trade unions huma lesti jinnegozjaw) u jirreferi għal riċerka reċenti li tissuġġerixxi li s-sħubija fit-trade unions lil hinn minn livell speċifikat tikkontribwixxi lejn it-tnaqqis tal-inugwaljanzi fil-pajjiżi, u b'hekk ittaffi d-disparitajiet stabbiliti fost l-istrati differenti tas-soċjetà.

1.2. Il-KESE jenfasizza s-sejba importanti ta' rapport tal-OECD li l-koordinazzjoni tal-pagi għandha rwol ewlieni biex tgħin lill-imsieħba soċjali jqisu l-effetti makroekonomiċi tal-ftehimiet dwar il-pagi fuq il-kompetittività. Il-KESE jinnota wkoll li l-istess rapport tal-OECD jenfasizza r-rwol ta' negozjar kollettiv dinamiku u b'saħħtu fil-promozzjoni tal-produttività, il-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku.

1.3. Il-KESE huwa tal-fehma li t-trade unions, flimkien mal-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, għad għandhom rwol importanti fit-tfassil tal-politika ekonomika, tal-impjieg u soċjali. Madankollu, l-għadd ta' ħaddiema koperti jew minn ftehimiet fil-livell tal-kumpanija jew minn ftehimiet settorjali qed ikompli jonqos, u b'hekk qed idgħajf is-setgħa tan-negozjar tat-trade unions.

1.4. Għalhekk, jeħtieġ li jinstabu modi biex it-trade unions, dawk li jħaddmu u l-gvernijiet ikollhom iżjed importanza f'suq tax-xogħol dinamiku u biex jiġu identifikati opportunitajiet biex tiġi żgurata l-vijabbiltà ta' strutturi sodi u solidi għad-djalogu soċjali, inkluża s-setgħa tan-negozjar kollettiv, u jiġu rrispettati l-awtonomija tal-imsieħba soċjali kif ukoll ir-relazzjonijiet industrijali nazzjonali.

1.5. Il-KESE huwa tal-fehma li huwa fidejn l-imsieħba soċjali li jiddeterminaw strutturi adatti għan-negozjar kollettiv u, fejn meħtieġ, għal djalogu soċjali tripartitiku u bipartitiku. Il-KESE jirrikonoxxi wkoll li l-gvernijiet jaqdu rwol ewlieni fir-rikonoxximent tal-importanza tan-negozjar kollettiv billi jipprovdu l-kundizzjonijiet abilitanti biex jiffaċilitaw l-impriża tagħha, jipproteġu kontra prattiki diskriminatorji u jipprevjenu tentattivi ta' restrizzjoni tal-ħaddiema milli jeżerċitaw id-dritt legali tagħhom għall-parteċipazzjoni fit-trade unions.

1.6. Il-KESE jinnota li l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali iħeġġeġ lill-imsieħba soċjali jinnegozjaw ftehimiet kollettivi fi kwistjonijiet rilevanti għalihom filwaqt li jirrispettaw l-awtonomija tagħhom u d-dritt għal azzjoni kollettiva<sup>(1)</sup>.

(<sup>1</sup>) Prinċipju 8.

1.7. Il-KESE jinnota wkoll li forom ġodda ta' xogħol bħall-ekonomija tal-pjattaformi joħlqu sfidi ġodda għar-relazzjonijiet industrijali. Din ir-realtà l-għdida dgħajfet ir-rwol "tradizzjonali" tat-trade unions bħala istituzzjonijiet li jirrappreżentaw ix-xogħol organizzat, kif ukoll dak tal-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem bħala partijiet interessati ewlenin fis-suq tax-xogħol.

1.8. Il-KESE jinnota li l-innovazzjoni fuq il-post tax-xogħol hija kruċjali għas-suċċess ta' kwalunkwe negozju u għalhekk jirrakkomanda li, bħala parti mill-proċess ta' negozjar kollettiv, il-proċessi ta' innovazzjoni fuq il-post tax-xogħol jiġu indirizzati bħala parti min-negozjar kollettiv u d-djalogu soċjali b'mod ġenerali.

1.9. Il-KESE huwa tal-fehma li fid-dawl tal-kompetizzjoni globali intensa u ż-żieda fl-ispejjeż tal-enerġija, jista' jkun meħtieġ li jinstab bilanċ li jqis l-interessi reċiproċi, bħal għoli tal-ħajja oġhla għall-ħaddiema, waqt li jiġi rikonoxxut li d-djalogu soċjali, inkluż in-negozjar kollettiv, jista' jgħin biex tingħata spinta lill-produttività fuq il-post tax-xogħol.

1.10. Il-KESE jemmen ukoll li n-negozjar kollettiv u d-djalogu soċjali jistgħu jappoġġjaw l-istrateġija industrijali f'kundizzjonijiet ekonomiċi li qed jinbidlu, f'konformità mar-relazzjonijiet industrijali nazzjonali. Filwaqt li jista' jkun meħtieġ ċertu livell ta' flessibilità, dan għandu jkun soġġett għal ftehim bejn l-imsieħba soċjali u mingħajr ma jiġu kompromessi d-drittijiet kollettivi jew il-kundizzjonijiet tax-xogħol.

1.11. Il-KESE jinnota li l-aktar kopertura estensiva u stabbli ta' negozjar kollettiv fl-Ewropa teżisti f'dawk il-pajjiżi li s-sistemi ta' negozjar tagħhom huma kkaratterizzati minn negozjar bejn għadd ta' impjegaturi, fl-istess waqt in-negozjati jsiru prinċipalment fil-livell settorjali jew, f'xi każijiet bħal fil-Belġju, anke fil-livell transsettorjali.

1.12. Fl-aħħar nett, il-KESE jappella lill-gvernijiet biex jużaw l-akkwist pubbliku f'każijiet adatti bħala mezz komplementari biex jippromovu u jirrikonoxxu n-negozjar kollettiv.

## 2. Kummenti ġenerali

2.1. In-negozjar kollettiv huwa proċess ewlieni fir-relazzjonijiet industrijali li jistabbilixxi pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti fis-setturi ekonomiċi kollha. Dan jinvolve lil min iħaddem, minn naħa waħda, u lit-trade unions, min-naħa l-oħra. Filwaqt li n-negozjar kollettiv ilu fis-seħħ għal ħafna snin, is-sħubija fi trade union naqset b'mod konsistenti matul is-snin. Ir-riċerka turi li hekk kif qed tonqos is-sħubija fi trade unions, is-saħħa ta' negozjar tal-unions tiddgħajef, b'implikazzjonijiet għad-drittijiet miksuba tal-ħaddiema u n-negozjar kollettiv<sup>(2)</sup>. Bl-istess mod, huwa importanti li n-negozji jipparteċipaw fl-assoċjazzjonijiet rilevanti ta' min iħaddem sabiex jissaħħaħ il-proċess tan-negozjar kollettiv; ir-riċerka li tindika li tali organizzazzjonijiet għandhom rwol ewlieni fil-promozzjoni tal-konformità mal-istandards legali, tax-xogħol u tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, b'mod partikolari fi ħdan l-ekonomija informali<sup>(3)</sup>.

2.2. Riċerka ulterjuri titfa' dawl fuq ir-relevanza tat-trade unions fil-kisba ta' bilanċ tal-poter li jappoġġja l-ġustizzja soċjali u l-prosperità ekonomika. Ir-riżultati empiriċi juru li l-inugwaljanza fl-introjtu ssegwi trajettorja invertita f'forma ta' U ħdejn ir-rata ta' densità tat-trade unions. Inizjalment, l-inugwaljanza fl-introjtu tiżdied hekk kif aktar individwi li għandhom impjeg jissieħbu f'unione, tilħaq il-quċċata tat-trajettorja invertita f'forma ta' U meta d-densità tat-trade unions tkun fil-medda ta' 35 sa 39 fil-mija, u hija segwita minn tnaqqis fl-inugwaljanza fl-introjtu hekk kif id-densità tal-unjoni tkompli tiżdied. Għalhekk, din ir-riċerka tissuġġerixxi li hekk kif is-sħubija tiżdied lil hinn minn firxa speċifikata, tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi fl-introjtu fil-pajjiż<sup>(4)</sup>.

2.3. Filwaqt li l-innovazzjoni fl-intrapriża, il-kompetittività u l-produttività huma rikonoxxuti bħala xpruni ewlenin tat-tkabbir ekonomiku f'ambjent globali kompetittiv ħafna, it-tlieta li huma jiddependu ħafna mill-kontribut tax-xogħol u l-valur miżjud li l-ħaddiema jipprovdu fil-kisba tal-innovazzjoni, il-kompetittività u l-produttività. Dan kollu huwa l-bażi tal-involvement attiv u l-kontribut tal-imsieħba soċjali.

<sup>(2)</sup> Schnabel, C. (2020). *Union membership and collective bargaining: trends and determinants* (pp. 1-37). Springer International Publishing.

<sup>(3)</sup> ILO (2013). *The informal economy and decent work: A policy resource guide supporting transitions to formality*. L-Uffiċċju Internazzjonali tax-Xogħol.

<sup>(4)</sup> Montebello, R., Spiteri, J., & Von Brockdorff, P. (2022). Trade unions and income inequality: Evidence from a panel of European countries. *International Labour Review*.

2.4. Kif qal il-KESE fl-Opinjoni preċedenti tiegħu <sup>(5)</sup>, il-ħolqien ta' valur fit-tul għadu d-dmir tad-diretturi eżekuttivi permezz tal-insewiment ta' interessi fit-tul u, għalhekk, għandu jittejjeg it-titjib tar-responsabbiltà min-naħa tad-diretturi eżekuttivi lejn is-sostenibbiltà tan-negozju. Fil-fatt, dan għe rikonoxxut b'mod espliċitu mill-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG) bħala parti mir-reqwiziti ta' rappurtar tal-ESG proposti tiegħu skont id-Direttiva dwar ir-Rappurtar Soċjali Korporattiv (CSRD), li skonthom il-kumpaniji eliġibbli huma meħtieġa jddivulgaw il-firxa tal-kopertura tan-negozjar kollettiv u tad-djalogu soċjali fost il-forza tax-xogħol tagħhom, peress li forza tax-xogħol responsabilizzata, impenjata u apprezzata titqies bħala wieħed mill-prinċipji ewlenin tas-sostenibbiltà fit-tul ta' negozju <sup>(6)</sup>.

2.5. Ir-reżiljenza ekonomika u s-sostenibbiltà jappoġġjaw indirettament il-koeżjoni soċjali peress li r-reżiljenza u s-sostenibbiltà jistgħu jinkisbu biss billi tingħata prijorità lill-valur miżjud li x-xogħol jipprovdi lill-ekonomija. Din il-prijorità hija prevalenti fejn in-negozjar kollettiv u d-djalogu soċjali b'mod ġenerali jirnexxu u joħlqu bilanċ ta' poter ekonomiku li jippromovi l-innovazzjoni fl-intrapriża, il-kompetittività u l-produttività, abbażi tat-teknoloġija u l-forza tax-xogħol.

2.6. Minkejja t-tnaqqis fid-densità tat-trade unions madwar l-UE, il-KESE huwa tal-fehma li t-trade unions għad għandhom rwol importanti, għalkemm f'xi Stati Membri, qed jonqos fit-tfassil tal-politika ekonomika, tal-impjeg u soċjali. Madankollu, l-għadd ta' ħaddiema koperti minn ftehimiet kollettivi qed jonqos. Ir-rappreżentattività tal-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem hija wkoll ta' tħassib f'ċerti Stati Membri. Għalhekk huwa importanti li l-imsieħba soċjali, bl-appoġġ ta' qafas ta' abilitazzjoni, isibu modi biex jiżguraw li n-negozjar kollettiv u d-djalogu soċjali jkunu jistgħu jservu l-iskop tagħhom bħala strumenti rilevanti u sinifikanti, skont iċ-ċirkostanzi u l-prattiki nazzjonali. Il-KESE jinnota li n-negozjar kollettiv huwa dritt fundamentali, li għandu l-għerq tiegħu fil-Kostituzzjoni tal-ILO <sup>(7)</sup>. In-negozjar kollettiv huwa wkoll mezz li permezz tiegħu daww li jħaddmu, u l-organizzazzjonijiet tagħhom u t-trade unions jistgħu jstabbilixxu pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, u fl-istess ħin iqisu wkoll l-interessi ekonomiċi u soċjali nazzjonali. F'dan il-kuntest, il-KESE jirreferi għall-Konvenzjoni 87 tal-ILO dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt għall-Organizzazzjoni, li hija wkoll dritt fundamentali kemm tal-ħaddiema kif ukoll ta' min iħaddem, kif inhu d-dritt ta' nonassoċjazzjoni. Relazzjonijiet tax-xogħol sodi jassumu wkoll li min iħaddem u t-trade unions huma lesti jinnegozjaw. L-evidenza turi li dan mhux dejjem ikun il-każ <sup>(8)</sup>.

2.7. Għalhekk, l-għan ta' din l-Opinjoni huwa li jiġu esplorati r-raġunijiet u l-implikazzjonijiet ta' modi kif jitwaqqaf dan it-tnaqqis, jiġu enfasizzati r-rwoli tat-trade unions, ta' min iħaddem u tal-gvernijiet f'suq tax-xogħol dinamiku u jiġu identifikati opportunitajiet biex tiġi żgurata l-vijabbiltà ta' strutturi sodi u solidi għal negozjar kollettiv, filwaqt li jiġu rrispettati l-awtonomija tal-imsieħba soċjali kif ukoll ir-relazzjonijiet industrijali nazzjonali.

### 3. Kummenti speċifiċi

3.1. Kif għe nnotat f'SOC/764 dwar *It-tisħiħ tad-djalogu soċjali* <sup>(9)</sup>, il-livell ta' impenn u effettività tad-djalogu soċjali (u b'mod impliċitu n-negozjar kollettiv) ivarja minn pajjiż għal ieħor. Madankollu, il-KESE huwa tal-fehma li huwa f'idejn l-imsieħba soċjali nazzjonali li jaqblu dwar it-tfassil tal-iżjed negozjar kollettiv adatt għall-kuntest tal-pajjiż ikkonċernat.

3.2. Il-KESE jirrikonoxxi li l-gvernijiet jaqdu rwol ewleni fir-rikonoxximent tal-importanza tan-negozjar kollettiv billi jipprovdu l-kundizzjonijiet abilitanti biex jiffaċilitaw, jiproteġu kontra Prattiki diskriminatorji u jipprevjenu tentattivi ta' restrizzjoni tal-ħaddiema milli jeżerċitaw id-dritt legali tagħhom għall-parteċipazzjoni fit-trade unions. Dan il-qafas tripartitiku għandu jirrifletti l-punti ewlenin li joħlqu mir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali, b'enfasi fuq l-iżgurar tal-ġustizzja soċjali, filwaqt li tingħata spinta lill-prosperità u r-reżiljenza tal-Ewropa.

3.3. Il-KESE jinnota li l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali <sup>(10)</sup> iħeġġeġ lill-imsieħba soċjali jinnegozjaw ftehimiet kollettivi, filwaqt li jirrispettaw l-awtonomija tagħhom u d-dritt għal azzjoni kollettiva. Barra minn hekk, il-KESE jitlob li l-imsieħba soċjali jiġu kkonsultati dwar it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki ekonomiċi, tal-impjeg u daww soċjali.

<sup>(5)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-ebda Patt Ekoloġiku mingħajr patt soċjali" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 341, 24.8.2021, p. 23).

<sup>(6)</sup> <https://www.efrag.org/?AspxAutoDetectCookieSupport=1>.

<sup>(7)</sup> Huwa affermat mill-ġdid ukoll bħala tali fid-Dikjarazzjoni tal-ILO tal-1998 dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol.

<sup>(8)</sup> Pisarczyk, Ł. (2023). Towards rebuilding collective bargaining? Poland in the face of contemporary challenges and changing European social policy. *Industrial Relations Journal*.

<sup>(9)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea" (COM(2023) 38 final — 2023/0012 (NLE)) u dwar il-"Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Insaħħu d-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea: nisfruttaw il-potenzjal kollu tiegħu biex niksbru tranżizzjonijiet ġusti" (COM(2023) 40 final) (ĠU C 228, 29.6.2023, p. 87).

<sup>(10)</sup> Prinċipju 8.



Madankollu, jiddispija li l-konsultazzjonijiet mhumiex qed jiġu applikati bl-istess konvinzjoni u impenn madwar l-UE. Il-KESE jinnota wkoll li, f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u fejn meħtieġ, il-ftehimiet konklużi bejn l-imsieħba soċjali għandhom jiġu implimentati fil-livell tal-UE u dak tal-Istati Membri tagħha. Dan il-prinċipju jassumi li jiġi pprovdut livell minimu ta' protezzjoni.

3.4. Id-dinja tax-xogħol qed tkompli tinbidel bi Prattiki tax-xogħol ġodda li jsawru l-ħajja tax-xogħol ta' miljuni ta' Ewropej. Forom ġodda ta' xogħol bħala parti mill-ekonomija tal-pjattaformi jippreżentaw sfidi formidabbli għar-relazzjonijiet tax-xogħol. Il-KESE huwa tal-fehma li din ir-realtà ġdida kellha impatt kemm fuq it-trade unions kif ukoll fuq l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, u t-tnejn li huma jeħtieġ li jadattaw malajr għal din ir-realtà filwaqt li jissalvagwardjaw id-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema, fl-ispiritu tal-Proposta għal Direttiva tal-Kummissjoni dwar il-ħaddiema tal-pjattaformi.

3.5. In-negozjar kollettiv huwa kruċjali għall-eżistenza u r-rilevanza proprja tat-trade unions u l-iżgurar ta' bilanċ tal-poter bejn dawk li jħaddmu u l-ħaddiema. Il-KESE jemmen li n-negozjar kollettiv, kif ukoll id-djalogu soċjali b'mod ġenerali, għandhom ikopru wkoll l-innovazzjoni fuq il-post tax-xogħol bil-għan li tingħata spinta lill-produttività u jiġu indirizzati l-bidliet potenzjali fil-prattiki tax-xogħol li għandhom impatt fuq il-benesseri u l-ħajja tax-xogħol tal-ħaddiema. Il-KESE jirrikonoxxi li dan johlq sfida addizzjonali għat-trade unions. Madankollu, dawk li jħaddmu għandhom naturalment jibqgħu responsabbli għad-deċiżjonijiet meħuda fil-livell tal-intrapriżi. Dak li qed nirrakkomandaw huwa li, waqt li jiġu rispettati s-sistemi nazzjonali tar-relazzjonijiet industrijali, ir-rwol tat-trade unions fil-proċessi ta' innovazzjoni tal-post tax-xogħol għandu jiġi rikonoxxut bħala parti mir-rwol rilevanti tad-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv.

3.6. Huwa rilevanti li jiġu enfazzzati s-sejbiet ta' rapport tal-OECD <sup>(11)</sup> li jtenni li n-negozjar kollettiv huwa dritt ewlieni tax-xogħol li jista' jtejjeb ukoll il-prestazzjoni fuq il-post tax-xogħol. L-istess rapport jikkonkludi b'mod inkwetanti li dan id-dritt huwa taħt pressjoni mid-dgħufija ġenerali tar-relazzjonijiet tax-xogħol, u ż-żieda ta' forom ġodda u ta' spiss prekarji ta' impjeg. Ir-rapport jikkonferma li n-negozjar kollettiv madwar l-UE jinsab taħt pressjoni, u kemm hija kbira l-ħtieġa politika għal azzjoni. Ir-rapport jipprovi l-evidenza kollha meħtieġa biex jissaħħaħ in-negozjar kollettiv b'mod li jsir aktar flessibbli u aktar reattiv għad-dinja tax-xogħol li qed tinbidel. F'dan il-kuntest, il-KESE jemmen li jeħtieġ li jinstab bilanċ li jqis l-interessi reċiproċi, bħaż-żieda fl-għoli tal-ħajja għall-ħaddiema u kompetizzjoni globali intensifikata, u jirrikonoxxi li n-negozjar kollettiv u d-djalogu soċjali jistgħu jagħtu spinta lill-produttività permezz tal-innovazzjoni fuq il-post tax-xogħol u jrawmu l-iżvilupp tal-ħiliet. Barra minn hekk, in-negozjar kollettiv u d-djalogu soċjali jistgħu jappoġġjaw l-istrateġija industrijali f'kundizzjonijiet ekonomiċi li qed jinbidlu, abbażi tar-relazzjonijiet industrijali nazzjonali. Għalkemm il-flessibbiltà kif maqbula mill-imsieħba soċjali jeħtieġ li sservi bħala mezz ta' adattament għal ċirkostanzi li qed jinbidlu u biex jiġu bilanċjati l-ħtiġijiet tal-kumpaniji u l-ħaddiema, din m'għandhiex tkun friskju li tikkomprometti d-drittijiet kollettivi, jew għad-detriment tal-kundizzjonijiet tax-xogħol. Barra minn hekk, il-flessibbiltà tax-xogħol, irregolata b'mod adegwat mil-leġiżlazzjoni jew min-negozjar kollettiv, tfisser benefiċċji kemm għall-ħaddiema kif ukoll għal min iħaddem.

3.7. Fir-rigward tal-ftehimiet fil-livell tal-kumpanija u dawk settorjali fil-proċess ta' negozjar kollettiv, ma hemm l-ebda formula biex jiġi determinat jekk waħda hijiex applikabbli aktar mill-oħra. Minkejja dan, biex tiżdied il-kopertura tan-negozjar kollettiv, kif iddikjarat fid-Direttiva dwar Pagi Minimi Adegwati <sup>(12)</sup>, hija r-responsabbiltà tal-imsieħba soċjali fl-Istati Membri individwali li jwettqu analiżi tal-punti b'saħħithom u d-dgħufijiet taż-żewġ forom ta' ftehim u jiddeterminaw jekk il-ftehimiet settorjali fil-livell tal-kumpaniji, jew taħlita tat-tnejn li huma, jirrappreżentaw l-aħjar triq 'il quddiem biex tiżdied il-kopertura tan-negozjar kollettiv. Pereżempju, ir-riċerka tindika li l-ogħla u l-aktar kopertura stabbli ta' negozjar kollettiv fl-Ewropa teżisti f'dawk il-pajjiżi li s-sistemi ta' negozjar tagħhom huma kkaratterizzati minn negozjar bejn għadd ta' impjegaturi, f'liema każ in-negozjati jsiru prinċipalment fil-livell settorjali jew, f'xi każijiet bħal fil-Belġju, anke fil-livell transsettorjali <sup>(13)</sup>. Naturalment, l-isforzi biex tiżdied il-kopertura jridu jqisu ċ-ċirkostanzi prevalenti f'kull pajjiż.

3.8. Il-KESE jirrikonoxxi li żieda fis-sħubija fit-trade unions u f'organizzazzjonijiet ta' min iħaddem ser tibqa' sfida formidabbli, u filwaqt li d-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv huma u għandhom ikunu ta' natura volontarja, aħna nirrakkomandaw li l-imsieħba soċjali fl-Istati Membri individwali jindirizzaw din l-isfida billi jesploraw metodi adatti biex jżguraw sħubija vijabbli fl-organizzazzjonijiet tagħhom.

<sup>(11)</sup> <https://www.oecd.org/employment/negotiating-our-way-up-1fd2da34-en.htm>.

<sup>(12)</sup> Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 275, 25.10.2022, p. 33).

<sup>(13)</sup> <https://www.etui.org/services/facts-figures/benchmarks/what-s-happening-to-collective-bargaining-in-europe>.



3.9. Il-KESE jirrikonoxxi li hemm diversità kbira ta' sistemi nazzjonali ta' relazzjonijiet industrijali li jirriflettu s-sitwazzjonijiet ekonomiċi u politiċi differenti tal-Istati Membri. Skont nota tal-Kummissjoni <sup>(14)</sup>, in-negozjar kollettiv qed ikun ikkaratterizzat minn bidla lejn negozjar deċentralizzat fil-livell tal-kumpaniji. L-evidenza turi li l-kopertura tan-negozjar kollettiv għandha t-tendenza li tkun ogħla meta n-negozjar ikun ċentralizzat; fejn ir-rati tal-organizzazzjoni tal-impjegaturi huma ogħla; u fejn tiġi pprattikata l-estensjoni tal-ftehimiet għal partijiet mhux firmatarji.

3.10. Il-KESE jenfasizza wkoll is-sejba importanti ta' rapport tal-OECD li l-koordinazzjoni tal-pagi għandha rwol ewlieni biex tgħin lill-imsieħba soċjali jqisu s-sitwazzjoni taċ-ċiklu tan-negozju u l-effetti makroekonomiċi tal-ftehimiet dwar il-pagi fuq il-kompetittività <sup>(15)</sup>. Barra minn hekk, il-KESE huwa tal-fehma li l-proċess ta' negozjar se jiddependi miċ-ċirkostanzi prevalenti fil-livell tal-intrapriża, sew jekk żgħira sew jekk kbira.

3.11. Il-KESE jhegġegħ lill-imsieħba soċjali biex isaħħu r-rilevanza tas-sistemi tan-negozjar kollettiv billi jevalwaw kif in-negozjar kollettiv fil-livelli kollha jista', b'mod bilanċjat, jiżgura valur miżjud kemm għall-ħaddiema kif ukoll għal min iħaddem fis-setturi kollha tal-ekonomija u tas-soċjetà. F'dan il-kuntest, huwa pertinenti li jkun innotat l-aktar rapport reċenti tal-OECD dwar il-Prospettiva tal-Impjiegi li jenfasizza r-rwol ta' negozjar kollettiv dinamiku u b'saħħtu fil-promozzjoni tal-produttività, il-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku.

3.12. Il-KESE jinnota r-rwol importanti li l-gvernijiet jaqdu jew jista' jkollhom fl-involvement ma' min iħaddem u mat-trade unions għal kooperazzjoni aktar mill-qrib, u b'apport għall-politiki makroekonomiċi. Naturalment, il-gvernijiet huma entitajiet li jħaddmu ewlenin huma stess u spiss jinnegozjaw ma' unions li jirrappreżentaw il-ħaddiema, li f'ċerti Stati Membri jistgħu jstabilixxu xejra għall-ekonomija kollha. Barra minn hekk, il-gvernijiet għandhom rwol ewlieni biex jipprovdu l-kundizzjonijiet tajba għall-paċi industrijali, l-istabbiltà tal-prezzijiet, iż-żieda fil-produttività u xejriet ta' impjeg mhux diskriminatorji. Sabiex jintlaħqu dawn l-oġġettivi, u filwaqt li tiġi rrispettata l-awtonomija tal-imsieħba soċjali, il-KESE jitlob li jissaħħaħ in-negozjar kollettiv sabiex jinkisbu riżultati aħjar għan-negozji u l-ħaddiema. Bħala waħda mill-miżuri, nirrakkomandaw li l-gvernijiet jużaw l-akkwist pubbliku f'każijiet adegwati bħala mezz komplementari biex jippromovu u jappoġġjaw in-negozjar kollettiv, kif deskritt f'żewġ Opinjonijiet preċedenti maħruġa mill-KESE <sup>(16)</sup>.

3.13. Kif intqal qabel, tista' tkun meħtieġa flessibbiltà li jsir qbil dwarha fin-negozjar kollettiv. Madankollu, il-KESE huwa tal-fehma li kwalunkwe modifika għall-ftehimiet kollettivi – li jintlaħaq qbil dwarhom – teħtieġ tibbilanċja l-interessi taż-żewġ partijiet u tippreżenta benefiċċji għalihom. Għalkemm għandhom jiġu promossi ftehimiet fil-livell nazzjonali u settorjali, il-KESE jirrikonoxxi li, fir-rigward tan-negozjati fil-livell tal-kumpaniji, il-flessibbiltà tax-xogħol, regolata b'mod adegwat mil-leġiżlazzjoni jew min-negozjar kollettiv, tista' tkun ta' benefiċċju kemm għal min iħaddem kif ukoll għall-ħaddiema. Negozjati bħal dawn għandhom ikunu sostnuti minn fiduċja reċiproka u strutturi ta' negozjar effettivi, waqt li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet tax-xogħol ma jitħallewx imorru għall-agħar. Minkejja dan u kull fejn ikun possibbli, jeħtieġ li jinstab kompromess b'mod li s-sistemi deċentralizzati jsiru aktar organizzati u jippermettu li l-ftehimiet settorjali jstabilixxu kundizzjonijiet ta' qafas wiesgħa li jħallu dispożizzjonijiet dettaljati għal negozjati fil-livell tal-kumpaniji. Fil-fatt, ir-riċerka tissuġġerixxi li sistemi ibridi ta' negozjar kollettiv, li jinvolvu sistemi settorjali u f'diversi livelli kkoordinati, jirriżultaw feżiti mtejba kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-intrapriżi <sup>(17)</sup>.

Brussell, it-12 ta' Lulju 2023.

Oliver RÖPKE  
Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

<sup>(14)</sup> [https://commission.europa.eu/system/files/2016-03/social-dialogue-involvement-of-workers\\_en.pdf](https://commission.europa.eu/system/files/2016-03/social-dialogue-involvement-of-workers_en.pdf).

<sup>(15)</sup> <https://www.oecd.org/employment/negotiating-our-way-up-1fd2da34-en.htm>.

<sup>(16)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Pagi minimi deċenti fl-Ewropa kollha" (opinjoni esploratorja mitluba mill-Parlament Ewropew/Kunsill) (ĠU C 429, 11.12.2020, p. 159); u l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-akkwist pubbliku bħala għodda biex jinħolqu l-valur u d-dinjità fix-xogħol fis-servizzi tat-tindif u tal-faċilitajiet" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 429, 11.12.2020, p. 30).

<sup>(17)</sup> Braakmann, N., & Brandl, B. (2016). The efficacy of hybrid collective bargaining systems: An analysis of the impact of collective bargaining on company performance in Europe [L-effettività ta' sistemi ibridi ta' negozjar kollettiv: Analiżi tal-impatt tan-negozjar kollettiv fuq il-prestazzjoni tal-kumpaniji fl-Ewropa.]

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Segwitu għall-inflazzjoni u l-miżuri tal-enerġija u r-reżiljenza enerġetika tal-UE għas-setturi ekonomiċi essenzjali”****(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)**

(2023/C 349/03)

Relatur: **Felipe MEDINA MARTÍN**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	25.1.2023
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizzjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni
Adozzjoni fis-sezzjoni	26.6.2023
Adozzjoni fil-plenarja	12.7.2023
Sessjoni plenarja Nru	580
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	151/1/2

**1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. L-għan ta' din l-Opinjoni tal-KESE huwa li tivvaluta l-impatt tal-kriżi tal-enerġija wara l-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq il-kumpaniji Ewropej, il-ħaddiema tagħhom u ċ-ċittadini Ewropej kollha. Il-KESE jinnotta li fl-ekonomija kollha tfaċċaw problemi ta' firxa wiesgħa, bħal: żidiet sproporzjonati fl-ispejjeż tal-produzzjoni, ir-riorganizzazzjoni tal-katini tal-provvista, diffikultajiet fil-provvista tal-ikel u prodotti oħra, żieda fl-ispejjeż tal-investiment jew it-telf tal-kapaċità tal-akkwist għall-unitajiet domestiċi Ewropej.

1.2. Il-KESE jinsab imħasseb dwar il-livelli għoljin ta' inflazzjoni fl-Ewropa minħabba l-ispejjeż tal-enerġija, l-ispejjeż tal-materja prima, segwiti mill-prezzijiet għas-servizzi u l-prodotti industrijali. L-inflazzjoni fl-Ewropa tinsab fl-ogħla livell tagħha mill-ħolqien tal-euro. Il-KESE jħeġġeġ lill-istituzzjonijiet Ewropej biex jistabbilixxu mekkaniżmi ta' kontroll bħal dawk stabbiliti fid-dokument imfassal mill-Uffiċċju Ewropew tal-Għaqdiet tal-Konsumaturi (BEUC). Dan għandu jinkludi, pereżempju, l-implimentazzjoni sħiħa tal-miżuri stabbiliti fl-abbozz ta' regolament tal-Kunsill, li jipprevedi riforma importanti u t-tfassil mill-ġdid tas-suq tal-elettriku. Il-KESE jistieden lill-Istati Membri tal-UE jimplementaw l-atti tal-UE diġà adottati, bħall-pakkett dwar l-Enerġija Nadifa, li jgħin biex titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika u biex jiġi approfondit is-suq intern.

1.3. Il-KESE jemmen li l-Qafas Temporanju ta' Kriżi rivedut tal-UE jeħtieġ li jiġi riformat b'mod urġenti fid-dawl taż-żidiet enormi fl-ispejjeż li jirriżultaw mill-gwerra fl-Ukrajna u l-kriżi tal-enerġija. Barra minn hekk, huwa jirakkomanda li l-Qafas Temporanju għall-Għajjnuna mill-Istat jiġi applikat b'tali mod li l-għajjnuna prevista fir-Regolament dwar l-Emerġenzi tal-Enerġija u fil-kuntest tal-Qafas għall-Irkupru u r-Reżiljenza tapplika għas-setturi kollha affettwati mill-kriżi tal-enerġija, b'enfasi partikolari fuq is-setturi essenzjali, sabiex ma tiġix imminata l-kapaċità ta' ħafna kumpaniji li jkempaw, jiġi evitat impatt negattiv fuq l-għoli tal-ħajja għall-konsumaturi u ma tiġix affettwata b'mod negattiv il-kapaċità tagħhom li jsibu prodotti bażiċi ta' kuljum. Barra minn hekk, il-KESE għal darb'oħra jappella biex tiġi introdotta “regola tad-deheb” li tippermetti li jitwettqu l-investimenti pubbliċi meħtieġa.

1.4. Il-KESE jqis li l-unitajiet domestiċi u s-setturi ewlenin għandhom jibbenefikaw mill-pjani biex jitnaqqas l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija. Minkejja li fxi setturi ġew irreġistrati profitti għoljin ħafna, b'żieda sostanzjali ta' 26,8 % meta mqabbla mat-trimestru preċedenti, id-dikjarazzjonijiet ta' falliment fl-UE laħqu l-113,1, l-ogħla livell li qatt ġie rreġistrat, skont indiċi użat mill-Eurostat biex jitkejjel il-livell ta' falliment fl-UE meta mqabbel mal-punt ta' riferiment ta' 100 fl-2015. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu biex jiżguraw li l-unitajiet domestiċi u s-setturi

ewlenin ikunu jistgħu jakkwistaw l-enerġija b'mod kostanti meta jiġu implimentati miżuri biex titnaqqas id-domanda fil-ħinjiet ta' domanda massima. Fl-istess ħin, xi kumpaniji, prinċipalment fis-settur tal-enerġija, żiedu l-profitti tagħhom fix-xifer tal-inflazzjoni eżistenti, kif jindika l-BĊE <sup>(1)</sup>. Il-profitti f'dan is-settur komplew jixprunaw l-inflazzjoni fl-UE u jridu jiġu indirizzati.

1.5. Il-kriżi tal-enerġija kellha impatt fuq l-ekonomija mil-lat ta' inflazzjoni għolja, tkabbir ekonomiku dgħajjef, pressjoni qawwija fuq il-finanzi pubbliċi, u l-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi u tan-negozji, kif ukoll it-telf tal-kompetittività ekonomika esterna. Huwa u jibni fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-BĊE, il-KESE jissuġġerixxi l-istabbiliment tal-kriterju "Green triple-T" (tailored, targeted and transition-proof) sabiex l-interventi futuri jkunu mfassla apposta, immirati u reżistenti għat-tranżizzjoni. Il-miżuri ta' prezzijiet mhux selettivi, bħal-limitu massimu tal-prezz ta' ċertu ikel, ma jagħmlu xejn hliief itawlu l-perjodu ta' inflazzjoni elevata fuq perjodu twil ta' żmien.

1.6. L-inflazzjoni għolja persistenti, b'mod partikolari minħabba l-prezzijiet tal-enerġija, toħloq telf ġenerali tal-kapaċità tal-akkwist tal-ħaddiema, il-konsumaturi u l-kumpaniji Ewropej, li jaffettwa l-kundizzjonijiet tal-għajxien ta' ħafna familji, id-domanda interna u t-tkabbir. Dan, flimkien maż-żamma tal-politika monetarja ta' żieda fir-rati tal-imgħax, jaffettwa wkoll b'mod negattiv ħafna kumpaniji. Il-KESE jemmaen li d-djalogu soċjali fis-settur tal-enerġija huwa importanti biex jinstabu d-deċizzjonijiet adatti fil-livell nazzjonali.

1.7. Il-KESE jhegġegħ lill-gvernijiet biex jinkoraġġixxu l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' ffrankar u effiċjenza tal-enerġija fin-negozji u fl-unitajiet domestiċi li jippermettu li titnaqqas b'mod permanenti d-domanda għall-enerġija. F'dan ir-rigward, l-espansjoni tal-enerġija rinnovabbli għandha tiġi mħeġġa (billi jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet legali u fiskali meħtieġa, inkluża l-introduzzjoni ta' "regola tad-deheb tal-investment") biex titnaqqas id-dipendenza tagħna mill-fjuwils fossili. Is-sitwazzjoni attwali għandha tintuża bħala lieva biex titħaffef id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-UE. Dawn il-miżuri għandhom ikunu akkumpanjati minn garanziji ta' nonrilokazzjoni marbuta ma' għajjnuna finanzjarja. Wasal iż-żmien li jsiru l-investimenti meħtieġa (u jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet ta' qafas fiskali meħtieġa) fit-trasformazzjoni tal-enerġija tal-Ewropa biex titnaqqas id-dipendenza mill-fjuwils fossili. Barra minn hekk, il-KESE jqis li għandhom jitkomplew il-bidliet proposti fir-REPowerEU biex jiġi ssemplifikat u aċċelerat l-għoti ta' permessi għall-installazzjoni ta' infrastrutturi tal-enerġija rinnovabbli. F'dan il-kuntest, il-KESE jhegġegħ lill-UE u lill-Istati Membri jistudjaw x'għandu jsir biex il-prezz imħallas għall-enerġija eċċessiva fornuta fil-grilja jippermetti investimenti vijabbli biex tiġi massimizzata l-kapaċità li tiġi ġġenerata enerġija rinnovabbli u tiġi kondiviża meta taqbeż il-ħtiġijiet għall-użu proprju. It-tiġdid tad-disinn tas-suq tal-enerġija għandu jiġi inkluż fl-aġenda fit-tul tal-Kummissjoni Ewropea sabiex jiġu evitati interruzzjonijiet futuri fil-provvista tal-enerġija u prezzijiet eżorbitanti.

## 2. Kummenti ġenerali

2.1. Il-mewġa tal-inflazzjoni fl-Ewropa hija mifruxa u tista' ssir distinzjoni b'mod ċar bejn żewġ fażijiet. L-ewwel waħda ġiet mill-perjodu ta' rkupru wara l-lockdown tal-popolazzjoni minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Il-qawmien mill-ġdid tas-setturi kollha f'daqqa waħda kkawża konġestjonijiet fil-ktajjen tal-provvista li żiedu l-kostijiet tal-materja prima u tat-trasport tal-merkanzija. Il-materja prima żdiedet b'101 % bejn Jannar 2020 u Marzu 2022 <sup>(2)</sup> u l-merkanzija b'545 % fl-istess perjodu <sup>(3)</sup>.

2.2. It-tieni fażi inflazzjonarja ġiet skattata mill-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u l-gwerra sussegwenti minn Frar 2022. F'din l-okkażjoni, ix-xokk kien jirrigwarda l-enerġija u xi prodotti li l-fornituri ewlenin tagħhom għall-UE kienu kemm ir-Russja kif ukoll l-Ukrajna: il-gass naturali, il-qamħ, iż-żejt tal-ġirasol u l-fertilizzanti. Bejn Frar u April 2022 il-prezzijiet ta' dawn il-prodotti żdiedu bi 18,6 %, 16,8 %, 38,6 % u 16,7 % rispettivament <sup>(4)</sup>. Sussegwentement, dawn l-ispejjeż ġew ikkontrollati, għalkemm f'Marzu 2023 l-indiċi tal-prezzijiet tal-prodotti bażiċi tal-FMI kien 40,9 % ogħla mil-livelli ta' Jannar 2020; u r-rati tal-merkanzija kienu 3,6 % ogħla.

2.3. Dawn l-iżviluppi ġew riflessi fl-ekonomija globali u Ewropea fil-forma ta' inflazzjoni. Ir-rata annwali ta' bidla fl-HICP <sup>(5)</sup> taż-żona tal-euro laħqet il-11,5 % (Eurostat) f'Ottubru. Valuri li kien ilhom ma jintlaħqu sa mis-seklu li għadda u li, minkejja li mmoderaw f'dawn l-aħħar xhur (f'Marzu 2023 ir-rata kienet ta' 8,3 %), jidher li huma diffiċli ħafna biex

(1) Studju tal-BĊE dwar l-inflazzjoni, 2023.

(2) Indiċi tal-prezz primarju tal-prodotti tal-FMI, disponibbli fuq <https://www.imf.org/en/Research/commodity-prices>.

(3) Indiċi ta' Freightos Baltic, disponibbli fuq <https://fbx.freightos.com/>.

(4) Indiċi tal-prezz primarju tal-prodotti tal-FMI, disponibbli fuq <https://www.imf.org/en/Research/commodity-prices>.

(5) Eurostat, disponibbli fuq <https://ec.europa.eu/eurostat>.

jitrażżnu. L-evidenza li x-xokk fil-prezzijiet mhuwiex temporanju, kif kien maħsub oriġinarjament, hija li l-inflazzjoni sottostanti (eskluzja l-enerġija) qed tkompli tiżdied fil-biċċa l-kbira tal-Ewropa. Dan jista' jfisser li l-politika monetarja mnedija mill-BĊE mhijiex qed tagħti r-riżultati mistennija.

### 3. L-impatt tal-inflazzjoni fuq l-ekonomija Ewropea

3.1. Il-KESE jinnota li l-perspettiva ekonomika marret għall-agħar wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fi Frar 2022. Ix-xenarju ekonomiku previst għas-snin li ġejjin huwa mistenni<sup>(6)</sup> li jbatti meta mqabbel mal-2022, għalkemm dawn il-projezzjonijiet qed jitjebu matul ix-xhur. Għalkemm fix-xitwa l-Kummissjoni Ewropea stmat żieda fil-PDG għall-UE kollha ta' 0,8 % fl-2023 u żieda modesta ta' 1,6 % fl-2024, fit-tbassir reċenti tar-rebbiegħa dawn il-perċentwali żdiedu għal 1,0 % u 1,7 % rispettivament. B'mod parallel, l-inflazzjoni hija mistennija li tonqos gradwalment, għalkemm b'pass aktar bil-mod milli kien previst fil-bidu (9,2 % fl-2022, 6,7 % fl-2023, 3,1 % fl-2024). Is-suq tax-xogħol ser ikun taħt piż minħabba r-rata baxxa tat-tkabbir u d-dejn tal-gvern qed jikber minħabba, fost l-oħrajn, iż-żieda rapida fir-rati tal-imgħax tal-BĊE, li ser titfa' pressjoni fiskali fuq il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri.

3.2. Is-96,5 miljun Ewropew li jgħixu f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali huma l-aktar milquta mill-inflazzjoni għolja. 41 % tar-rispondenti tal-Ewrobarometru jsemmu l-prezzijiet, l-inflazzjoni u l-għoli tal-ħajja bħala waħda mill-aktar problemi importanti li qed jiffaċċja pajjiżhom, qabel is-saħħa (32 %) u s-sitwazzjoni ekonomika (19 %).

3.3. L-UE esperjenzat qtugħ kważi totali fil-provvisti tal-gass mir-Russja minħabba d-deċiżjonijiet politiċi adottati, u kważi nofs l-Istati Membri ġew affettwati mit-tnaqis fil-kunsinni b'xi mod jew ieħor. Iż-żieda fl-inflazzjoni u l-prezzijiet tal-prodotti bażiċi, in-nuqqas ta' ħaddiema u t-tfixkil fil-ktajjen tal-provvista globali qed jaffettwaw b'mod negattiv il-ktajjen tal-provvista fl-Ewropa, kemm dawk tal-prodotti tal-ikel kif ukoll oħrajn. Skont il-perspettiva ekonomika tal-OECD, it-tkabbir globali huwa mistenni li jonqos drastikament għal madwar 2,2 % fl-2023.

3.4. Skont il-BĊE, iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija din kienet responsabbli għal żewġ terzi tad-divenzjali tal-inflazzjoni fiż-żona tal-euro. Skont il-Kummissjoni, bejn l-2019 u l-2022, iż-żieda fil-marġini tal-profitti kienet ta' 54 % fis-settur tal-enerġija, fejn il-pagi żdiedu biss b'6 %. It-telfien ġenerali tal-kapaċità tal-akkwist tal-ħaddiema, il-konsumaturi u l-kumpaniji Ewropej mhux biss qed jaffettwa l-kundizzjonijiet tal-għajxien ta' ħafna familji, iżda jekk din, is-sitwazzjoni ma tiġix rettifikata, tista' taffettwa wkoll id-domanda domestika u t-tkabbir u b'hekk setturi tan-negozju oħrajn; dan kollu minħabba wkoll il-kontinwità tal-politika monetarja taż-żieda fir-rati tal-imgħax. Il-KESE jemmen li d-djalogu soċjali fis-settur tal-enerġija huwa importanti biex jinstabu d-deċiżjonijiet adatti fil-livell nazzjonali.

3.5. Fl-istess ħin li l-prezzijiet tal-konsumatur għolew b'mod ġenerali fl-Ewropa, il-pagi kienu inqas volatili, u naqru mill-kapaċità tal-akkwist taċ-ċittadini Ewropej, speċjalment dawk l-aktar vulnerabbli, li m'għandhomx l-għodod biex jiproteġu lilhom infushom kontra l-inflazzjoni. Fil-fatt, il-bidliet fl-imġiba tal-konsumaturi diġà huma osservati minħabba t-telf tal-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi li qed jiffaċċjaw kriżi kbira fl-għoli tal-ħajja marbuta maż-żieda fil-kontijiet tal-enerġija u l-impatt tal-inflazzjoni. L-istrumenti applikati mill-Istati Membri biex jiproteġu lill-konsumaturi domestiċi vulnerabbli huma varjabbli ħafna u, f'xi każijiet, l-effettività tagħhom tista' tkun limitata. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tqis il-possibiltà li tesplora standards minimi li għandhom jiġu applikati mir-regolaturi u minn dawk li jfasslu l-politika biex jiproteġu u jappoġġjaw lill-konsumaturi domestiċi vulnerabbli.

3.6. Wieħed mis-setturi li qiegħed ibati minn impatt prinċipali tal-effett ikkombinat tal-pandemija u tal-gwerra kien dak tal-produzzjoni tal-ikel — l-agrikoltura, it-trobbija tal-bhejjem u l-industrija tal-ikel — u d-distribuzzjoni tal-ikel lill-konsumatur finali. Il-prossimità tal-gwerra u l-impatt tagħha fuq is-swieq tal-enerġija u tal-materja prima qed jikkawżaw distakk fil-prezzijiet tal-prodotti agricoli bejn l-Ewropa u s-swieq internazzjonali, meta wieħed iqis li l-prezzijiet Ewropej għolew l-aktar. Għalhekk, skont il-Commodity price dashboard (id-dashbord tal-prezzijiet tal-prodotti bażiċi) ta' April 2023, ir-rata ta' żieda fil-prezzijiet għall-biċċa l-kbira tal-prodotti agricoli Ewropej hija aktar minn dik tad-dinja, speċjalment għall-prodotti tal-laħam. Din l-imġiba tiġġenera tliet effetti importanti. L-ewwel wieħed huwa li l-popolazzjoni Ewropea qed tesperjenza inflazzjoni b'mod aktar intensiv bil-firxa ta' prodotti bażiċi. It-tieni huwa li l-prodotti tal-ikel Ewropej qed jitilfu l-kompetittività fuq livell internazzjonali. It-tielet huwa li l-prezzijiet imħallsa lill-bdiewa għolew minħabba spejjeż tal-produzzjoni ogħla.

<sup>(6)</sup> [https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-forecast-and-surveys/economic-forecasts/spring-2023-economic-forecast-improved-outlook-amid-persistent-challenges\\_en](https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-forecast-and-surveys/economic-forecasts/spring-2023-economic-forecast-improved-outlook-amid-persistent-challenges_en).

3.7. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna wasslet għal sfidi enormi fil-katina tal-provvista tal-ikel, lil hinn mill-inspirall tal-ispejjeż tal-enerġija: iż-żieda fil-prezzijiet ta' inputs ewlenin (għalf, fertilizzant) u n-nuqqas ta' ċerti prodotti bażiċi (eż. żjut veġetali u qamħ) meħtieġa biex tinżamm katina tal-provvista li tiffunzjona bis-sħiħ. L-effett domino taż-żieda fl-ispejjeż qed iwassal għal deċiżjonijiet biex titnaqqas il-produzzjoni tal-fertilizzanti, li se tkompli tixpruna żieda fil-prezzijiet. In-nixfiet esperjenzati matul is-sajf tal-2022 u x-xhur li għaddew fl-2023 fl-Ewropa kollha qed jifgħu pressjonijiet akbar fuq il-prezzijiet billi jnaqqsu l-provvista disponibbli.

3.8. Xi setturi ewlenin, inklużi n-negozji u l-ħaddiema, li ma jistgħux iwaqqfu l-attività tagħhom tkun xi tkun is-sitwazzjoni, qed iġarrbu piż doppju: inqas konsumaturi lesti jħallsu u spejjeż li qed jiżdiedu, b'mod partikolari l-kontijiet tal-enerġija għoljin m'għola s-sema. In-negozji tas-settur tal-ikel ippruvaw jillimitaw iż-żieda fl-ispejjeż biex jiżguraw prezzijiet kompetittivi għall-konsumaturi u issa qed jibzġu minn kriżi tal-konsum (Hidalgo, M., 2023<sup>(7)</sup>; Eurocommerce, 2023). Dan l-aħħar, il-gvern ta' Spanja ppubblika<sup>(8)</sup> fl-ewwel rapport tiegħu tal-osservatorju tal-marġnijiet li l-marġnijiet fost il-katina alimentari naqsu b'25 % mill-2021, u b'hekk huwa ċar li l-evoluzzjoni tal-marġnijiet tal-profit li hija eteroġenja ħafna.

Fl-istess ħin, xi kumpaniji, prinċipalment fis-settur tal-enerġija, żiedu l-profitti tagħhom fix-xifer tal-inflazzjoni eżistenti, kif jindika l-BĊE<sup>(9)</sup>. Il-profitti f'dan is-settur komplew jixprunaw l-inflazzjoni fl-UE u jridu jiġu indirizzati.

3.9. Il-Bank ta' Spanja<sup>(10)</sup> jirreferi għall-effetti pożittivi ħafna li l-hekk imsejħa "eċċezzjoni Iberika" jew "mekkaniżmu Iberiku" kellhom fuq is-sistema tal-ipprezzar tas-suq tal-elettriku. Huwa jitkellem ukoll dwar l-impatt pożittiv, għalkemm aktar limitat, tat-tnaqqis tal-VAT fuq il-prezzijiet tal-ikel u tal-fjuwil, għalkemm iżid li l-miżura kien ikollha kost aktar baxx kieku ffukat fuq l-għajjuna għall-familji b'introjtu aktar baxx. Il-Bank ta' Spanja jirreferi wkoll għall-impatt pożittiv li ż-żidiet li għamel il-Gvern ta' Spanja fil-paga interprofessjonali minima, il-pensjonijiet u l-introjtu vitali minimu kellhom itaffu l-effetti tal-inflazzjoni fuq l-unitajiet domestiċi b'introjtu aktar baxx.

#### 4. L-impatt taż-żidiet fl-ispejjeż tal-enerġija fuq il-profittabbiltà tal-kumpaniji Ewropej

4.1. Il-prezzijiet bl-ingrossa tal-elettriku u l-gass żiedu sa bi 15-il darba mill-bidu tal-2021, b'effetti serji fuq il-konsumaturi u n-negozji. Il-gvernijiet Ewropej bdew jimplementaw sett ta' politiki b'risposta għal dan. Tip wieħed ta' politika għandu l-għan li jtaffi l-impatt taż-żieda fl-ispejjeż fuq il-konsumaturi u n-negozji. Tip ieħor ta' miżura jfittex li jstabilizza u jnaqqas il-prezzijiet bl-ingrossa u jiżgura s-sigurtà tal-enerġija. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jwettqu riforma komprensiva tad-disinn tas-suq tal-elettriku u tas-sistema li tikkalkula l-prezz tal-elettriku f'konformità mal-Opinjoni TEN/793<sup>(11)</sup>.

4.2. Il-mod li bih il-prezzijiet tal-enerġija jaffettwaw l-ispejjeż tan-negozji huwa varjat ħafna: l-ewwel nett, permezz tal-ispiża tal-provvista tal-elettriku nnifisha, it-tieni nett, indirettament permezz tal-impatti fuq il-bqija tal-katina tal-provvista u, it-tielet nett, permezz tal-konsegwenzi finanzjarji li jistgħu jirriżultaw minn dan. Bħala eżempju, studju mill-Bank ta' Spanja ppubblikat ex ante fir-rebbiegħa tal-2022<sup>(12)</sup> stima li żieda kumulattiva ta' 25 % fl-ispiża tal-enerġija għan-negozji jkollha effett fuq it-tnaqqis tal-valur miżjud gross tagħhom b'1,6 % fl-2023. Madankollu, dan huwa l-impatt medju. L-istudju sab li xi setturi qed ibatu aktar minn oħrajn. Is-settur tal-estrazzjoni taż-żejt u l-gass naturali qed jibbenefika l-aktar. Is-setturi li jsofru l-aktar ħsara huma: is-sajd u l-akkwakultura, it-trasport fuq l-art, it-trasport fuq l-ilma, il-kummerċ u t-tiswija tal-vetturi bil-mutur, l-agrikoltura u t-trobbija tal-bhejjem, l-edukazzjoni, it-trasport bl-ajru, l-attivitajiet tal-proprjetà immobbli, il-manifattura tal-kokk u tal-prodotti taż-żejt raffinat, is-servizzi tas-saħħa u soċjali, u s-servizzi tal-ospitalità. Xi wħud minn dawn is-setturi wrew l-importanza tagħhom għall-funzjonament bla xkiel tal-ekonomija tal-UE matul il-pandemija. Jafna mis-setturi l-aktar affettwati mhumiex intensivi fl-użu tal-elettriku fl-attività tal-produzzjoni tagħhom, iżda huma konsumaturi kbar.

<sup>(7)</sup> Margins and profits of Spanish food retailers in 2022 (Il-marġnijiet u l-profitti tal-bejjiegħa bl-imnut tal-ikel Spanjoli fl-2022 — mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(8)</sup> OME Informe Trimestral 2023/T3 (bde.es) (Rapport Trimestrali 2023/T3 tal-OME — mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(9)</sup> Studju tal-BĊE dwar l-inflazzjoni, 2023.

<sup>(10)</sup> [https://www.bde.es/f/webbe/SES/Secciones/Publicaciones/PublicacionesAnuales/InformesAnuales/22/Files/InfAnual\\_2022\\_En.pdf](https://www.bde.es/f/webbe/SES/Secciones/Publicaciones/PublicacionesAnuales/InformesAnuales/22/Files/InfAnual_2022_En.pdf).

<sup>(11)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda r-Regolamenti (UE) 2019/943 u (UE) 2019/942 kif ukoll id-Direttivi (UE) 2018/2001 u (UE) 2019/944 biex jittejjeb id-disinn tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni" (COM(2023) 148 final — 2023/0077 (COD)) (ĠU C 293, 18.8.2023, p. 112).

<sup>(12)</sup> Disponibbli fuq: [https://www.bde.es/f/webbde/Secciones/Publicaciones/InformesBoletinesRevistas/InformesEstabilidadFinancera/22/IEF\\_2022\\_1\\_Rec1\\_4.pdf](https://www.bde.es/f/webbde/Secciones/Publicaciones/InformesBoletinesRevistas/InformesEstabilidadFinancera/22/IEF_2022_1_Rec1_4.pdf)



4.3. Minbarra l-impatt dirett u indirett fuq il-valur miżjud gross tal-kumpaniji (il-marġnijiet), hemm mod ieħor kif wieħed jiġi affettwat fil-forma ta' vulnerabbiltà finanzjarja akbar. Ir-rapport tal-Bank ta' Spanja jidentifika l-aktar setturi milquta. Hemm grupp ta' setturi partikolarment vulnerabbli, li mhux biss ikollhom dejn eċċessiv, iżda jkollhom ukoll rendiment negattiv fl-2023: il-kummerċ u t-tiswija ta' vetturi bil-mutur; it-trasport bl-art u bil-pipelines; is-sajd u l-akkwakultura; l-agrikoltura u t-trobbija tal-bhejjem; u l-industrija tat-tessuti, il-manifattura tat-tessuti, tal-ħwejjeġ, tal-ġilda u taż-żraben.

4.4. Peress li l-istokkijiet kumulattivi tal-gass naturali fl-Ewropa qed jonqsu — il-volum maħżun f'Mejju 2023 kien ta' 68 %<sup>(13)</sup> — se niffaċċjaw sfidi addizzjonali fil-ġestjoni tal-politika tagħna dwar l-enerġija. Id-differenza bejn il-kwantitajiet fornuti preċedentement mir-Russja u l-fornituri alternattivi għadha ma ġietx eliminata, u għalhekk il-prezzijiet x'aktarx li mhux ser jitbaxxew fl-immedjat. Dak li ġara, min-naħa l-oħra, huwa tnaqqis sinifikanti fid-domanda. Il-prezzijiet għoljin tal-enerġija jwasslu għal tnaqqis fil-kompetittività tal-industrija u l-ktajjen tal-provvista tagħna, li min-naħa tiegħu jiffavorixxi l-esternalizzazzjoni ta' attivitajiet barra mill-UE u b'hekk inaqqas l-indipendenza strateġika tal-Unjoni. L-impatt fuq l-unitajiet domestiċi, b'mod partikolari dawk l-aktar vulnerabbli, huwa partikolarment sinifikanti, b'perċentwal dejjem akbar ta' persuni friskju ta' faqar jew f'sitwazzjoni ta' faqar. Dan ser ikun il-każ mill-inqas sal-2024<sup>(14)</sup>. Sabiex jiġu miġġielda dawn il-kwistjonijiet, il-KESE jirrakkomanda għadd ta' miżuri li jinkludu garanziji ta' lokalizzazzjoni marbuta ma' appoġġ finanzjarju, aktar miżuri meħtieġa għall-iffrankar tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika għall-kumpaniji biex inaqqsu d-domanda, investimenti massivi u l-kundizzjonijiet ta' qafas fiskali meħtieġa fl-espansjoni tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili.

4.5. B'riżultat ta' dan, minħabba l-isplużjoni fl-ispejjeż tal-enerġija, ħafna kumpaniji u unitajiet domestiċi qeġhdin dejjem aktar f'sitwazzjoni li potenzjalment thedded l-eżistenza tagħhom. Minkejja li x-xitwa kienet relattivament sħuna, ma nistgħux nistennew li l-kundizzjonijiet ambjentali dejjem ikunu favorevoli għalina. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li jiġu adottati miżuri li jipproteġu lill-unitajiet domestiċi partikolarment vulnerabbli b'miżuri speċifiċi għalihom f'dan il-qasam.

4.6. Fil-każ tal-kumpaniji, iż-żidiet massivi fl-ispejjeż tan-negożju, flimkien mal-fatt li l-konsumaturi qed joqogħdu lura milli jonfqu, jistgħu jwasslu għar-rilokazzjoni obbligatorja fxi każijiet. Iżda dan ma jistax isir minn kumpaniji li jipprovdu servizz essenzjali għall-klijenti u għall-bqija tal-katina tal-provvista u ma jistgħux sempliċiment iwaqqfu l-operat tagħhom minħabba iżidiet fil-prezzijiet tal-enerġija.

4.7. Għalkemm għadd kbir ta' setturi u l-ħaddiema tagħhom tqiesu bħala essenzjali matul il-pandemija tal-COVID-19, jispikka l-fatt li dan ir-rikonoxximent ma ngħatax ukoll fil-kriżi tal-enerġija attwali. S'issa, l-Istati Membri ma pprovdewx appoġġ speċifiku lil ħafna minn dawn is-setturi. Il-kumpaniji li jappartjenu għal dawn is-setturi u l-ħaddiema tagħhom għamtu sforzi biex jipproteġu lill-konsumaturi mill-marġni tagħhom stess u huwa diffiċli għalihom li jgħaddu lill-klijenti l-ispiża totali taż-żieda eżorbitanti fil-kontijiet tal-enerġija. Din mhijiex sitwazzjoni li tista' tinżamm fit-tul. Bl-istess mod, il-KESE jqis li l-protezzjoni tan-nies mill-gvernijiet mhijiex qed isseħħ bl-istess intensità bħal fiż-żmien tal-pandemija.

4.8. Ħafna kumpaniji qed jagħmlu bosta investimenti biex inaqqsu l-konsum tal-enerġija u jkollhom kapaċità akbar biex iżidu l-aċċess għall-enerġija rinnovabbli. Il-KESE jemmen li l-kumpaniji jistgħu jaġixxu wkoll bħala aċċeleraturi għall-eletrifikazzjoni tat-trasport u jissostitwixxu l-gass għat-tisħin, u jaqdu rwol ewlieni fit-tranżizzjoni tal-enerġija u fil-miri tal-enerġija rinnovabbli tal-UE għall-2030. Madankollu, dan ser jirrikjedi qafas regolatorju favorevoli, bħall-għoti ta' permessi u l-ġlieda kontra d-diżincenċjati tal-prezzijiet għall-produzzjoni ta' aktar enerġija.

4.9. Il-KESE jenfasizza l-importanza li l-obbligi tar-REPowerEU u r-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija jiġu allinjati mal-appoġġ u l-kapaċità tal-operaturi li jġarrbu l-kost tal-investimenti konsiderevoli li jinvolvu. Dawn il-miżuri ser ikunu importanti biex titnaqqas id-dipendenza mill-fjuwils fossili, iżda l-obbligi għandhom ikunu marbuta mad-disponibbiltà tal-finanzjament, kemm pubbliku kif ukoll privat. It-tiġdid tad-disinn tas-suq tal-enerġija għandu jiġi inkluż fl-aġenda fit-tul tal-Kummissjoni Ewropea sabiex jiġu evitati interruzzjonijiet futuri fil-provvista tal-enerġija u prezzijiet eżorbitanti. Dan it-tiġdid għandu jikkunsidra t-taħriġ għall-forza tax-xoġhol li se tkun involuta fis-settur.

<sup>(13)</sup> Informazzjoni disponibbli fuq <https://agsi.gie.eu/data-overview/eu>

<sup>(14)</sup> EIU (2023): *Energy crisis will erode Europe's competitiveness in 2023* (Il-kriżi tal-enerġija ser tnaqqar il-kompetittività tal-Ewropa fl-2023 — mhux disponibbli bil-Malti), disponibbli fuq: <https://www.eiu.com/n/energy-crisis-will-erode-europe-competitiveness-in-2023/>.



Bl-istess mod, il-KESE jemmen li ż-żewġ programmi għandhom jirriflettu wkoll l-aspetti prattiċi relatati mad-disponibbiltà ta' tagħmir u ħaddiema tas-sengħa fl-obbligi li jiġu installati stazzjonijiet tal-iċċarġjar veloċi għall-vetturi jew għal infrastruttura għall-fjuwils alternattivi. Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-fondi żborżati permezz tal-proposti l-ġodda jkunu jistgħu jintużaw biex jiġi żgurat li din it-tranżizzjoni tkun tista' titwettaq fil-ħin.

Brussell, it-12 ta' Lulju 2023.

Oliver RÖPKE  
Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

---

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-konsum effiċjenti tal-ilma u s-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi dwar l-impronta tagħhom fuq l-ilma”****(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)**

(2023/C 349/04)

Relatur: **Milena ANGELOVA**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	25.1.2023
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizzjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adozzjoni fis-sezzjoni	29.6.2023
Adozzjoni fil-plenarja	12.7.2023
Sessjoni plenarja Nru	580
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	190/2/6

**1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. L-ilma huwa essenzjali għall-ħajja, għall-ambjent u għall-ekonomija, u għaldaqstant, huwa ġid komuni li mhux biss għandu jkun aċċessibbli u affordabbli għal kulħadd, iżda, l-aktar importanti, għandu jiġi rispettata u protetta. Minħabba l-impatt tal-bniedem u t-tibdil fil-klima, l-iskarsezza tal-ilma qed tiżdied — globalment, kif ukoll fl-Ewropa, fejn l-istress idriku jaffettwa madwar 20 % tat-territorju u 30 % tal-popolazzjoni<sup>(1)</sup>. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa' l-leġiżlazzjoni komprensiva tal-UE li ġiet introdotta f'dan il-qasam<sup>(2)</sup> u jitlob l-implimentazzjoni rapida u effiċjenti tagħha, sabiex jiġi żgurat konsum effiċjenti tal-ilma, u li kull ċittadin tal-UE jkollu aċċess għall-ilma.

1.2. Il-KESE jitlob li jitfasslu u jiġu implimentati fil-pront miżuri speċifiċi biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar il-konsum effiċjenti fl-użu tal-ilma u biex jiġu promossi innovazzjonijiet teknoloġiċi biex tiżdied l-effiċjenza fl-użu tal-ilma fis-sistemi tal-produzzjoni, kif ukoll għall-minimizzazzjoni tal-iskart u strateġiji għar-riċiklaġġ. F'konformità mal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas", huwa jħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri biex jieħdu azzjoni deċiżiva biex jiżguraw il-konformità mill-partijiet ikkonċernati kollha<sup>(3)</sup>.

1.3. Il-KESE jenfasizza l-importanza vitali li l-konsumaturi jiġu infurmati, sensibilizzati, imħeġġa fir-rigward tal-konsum effiċjenti fl-użu tal-ilma u ggwidati biex jagħmlu dan. Dawk li jfasslu l-politika, l-imsieħba soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-partijiet ikkonċernati kollha għandhom responsabbiltà kondiviża biex jikkomunikaw b'mod ċar dwar il-valur tal-ilma u l-impronta tiegħu, jippromovu l-użu ta' apparati effiċjenti fl-użu tal-ilma u jipprovdu inċentivi biex il-konsumaturi jimpjenjaw ruħhom għal xejriet ta' ffrankar tal-ilma u biex jistinkaw għal eċċellenza kostanti.

1.4. Il-KESE jistieden lill-UE, lill-Istati Membri, lill-awtoritajiet kompetenti, lill-operaturi tal-ilma, u lill-partijiet kollha involuti fil-proċess biex jagħmlu hilitom, fi ħdan il-kompetenzi tagħhom, biex itejbu kontinwament id-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-effiċjenza tal-ilma. Il-protezzjoni aħjar tar-riżorsi tal-ilma tax-xorb, it-tranżizzjoni lejn ilma ċirkolari, l-iżguraw tal-provvista pubblika tal-ilma bi prezz ġust għas-servizzi, u l-prevenzjoni tal-faqar tal-ilma huma elementi essenzjali ta' dan il-proċess.

(1) Ir-Rapport tal-EEA Nru 12/2021 dwar *Water resources across Europe — confronting water stress: an updated assessment* (Ir-Riżorsi tal-ilma fl-Ewropa — il-ġlieda kontra l-istress fuq l-ilma: valutazzjoni aġġornata), 2021 (mhux disponibbli bil-Malti).

(2) Pakkett “Lesti għall-Mira ta’ 55 %”, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, id-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb, ir-Regolament dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Ilma, eċċ.

(3) Pereżempju, [https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP\\_14\\_1151](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_14_1151) u <https://www.politico.eu/article/italy-biggest-steel-mill-mockery-eu-environmental-rules/>

1.5. Il-KESE jissuġġerixxi li l-miżuri li ġejjin jiġu implimentati malajr sabiex itejbu l-konsum effiċjenti fl-użu tal-ilma u l-għarfien tal-konsumaturi dwar l-impronta fuq l-ilma tagħhom u biex jikkontribwixxu għal Soċjetà intelliġenti fir-rigward tal-ilma <sup>(4)</sup>:

#### 1.5.1. Miżuri ffukati biex iħeġġu u jiggwidaw lill-konsumaturi lejn konsum effiċjenti fl-użu tal-ilma

1.5.1.1. Komunikazzjoni ċara dwar il-valur tal-ilma (*implimentata mill-awtoritajiet kompetenti, mill-operaturi tal-ilma*). Għandhom isiru kampanji ta' komunikazzjoni biex tinbidel l-imġiba fit-tul biex il-konsumaturi jiġu edukati dwar il-valur tal-ilma u s-servizzi tal-ilma kif ukoll biex jiġu indirizzati b'mod speċifiku miżuri ta' emerġenza għal żmien qasir b'reazzjoni għal sitwazzjonijiet ta' kriżi kkawżati mit-tibdil fil-klima (nixfa, għargħar). Grupp fil-mira importanti huwa t-tfal. Is-sostituzzjoni tal-użu tal-ilma tax-xorb b'sorsi tal-ilma mhux konvenzjonali għandha ssir in-norma (eż., kull meta jkun possibbli, jintuża l-ilma tax-xita miġbur għat-tisqija tal-ġonna, il-ħasil tal-karozzi, eċċ.).

1.5.1.2. Il-promozzjoni ta' taġġmir domestiku/apparati effiċjenti fl-użu tal-ilma (*implimentata mill-UE u mill-Istati Membri*). Illum il-ġurnata, l-unitajiet domestiċi privati jużaw diversi taġġmir domestiku/apparati li jikkunsmaw l-ilma. Wara l-avanz fit-teknoloġija, ħafna minnhom naqqsu b'mod konsiderevoli l-użu tal-ilma tagħhom matul dawn l-aħħar snin, u b'hekk appoġġjaw xejra ġenerali ta' tnaqqis fl-użu tal-ilma per capita. Huma meħtieġa aktar inċentivi biex il-produtturi jiġu mmotivati jkomplu jinnovaw biex itejbu l-effiċjenza fl-użu tal-ilma, u biex il-klijenti jixruhom u jużawhom. Kull taġġmir domestiku/apparat bħal dan għandu jinkludi tikketta dwar il-konsum tal-ilma.

1.5.1.3. *Il-konsumaturi jiġu infurmati dwar l-impronta fuq l-ilma tagħhom (implimentata mill-UE u mill-Istati Membri)*. Il-konsum reali tal-ilma tal-unitajiet domestiċi privati jmur ferm lil hinn mill-użu tal-ilma tax-xorb. Kull prodott u servizz ikkonsmat fih ċertu ammont ta' ilma <sup>(5)</sup>, u spiss parti sostanzjali mill-impronta fuq l-ilma tal-konsumaturi tinsab barra mir-reġjun/pajjiż ta' oriġini tagħhom, jew saħansitra barra mill-UE. Għalhekk, l-għażliet tal-konsumaturi għandhom impatt fuq l-użu reġjonali, nazżjonali u globali tal-ilma. L-impronta fuq l-ilma hija parametru effettiv minn perspettiva edukattiva — li dan l-aħħar għet inkluża wkoll fil-programmi żviluppati minn ħafna kumpaniji tal-utilitajiet għall-iskejjel. Hemm ħafna kalkolaturi tal-impronta disponibbli online, fejn il-konsumatur jista' jdaħħal id-data tiegħu u jkseb iċ-ċifra tal-impronta tiegħu. Il-konsumaturi għandhom isiru jafu bihom permezz ta' kampanji ta' informazzjoni.

#### 1.5.2. Miżuri ffukati biex itejbu d-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-effiċjenza tal-ilma

1.5.2.1. *L-iżgurar tal-provvista pubblika tal-ilma (implimentata mill-Istati Membri u mill-operaturi tal-ilma)*. Bħala parti minn approċċ olistiku, għandhom jittieħdu miżuri biex jittejjbu l-effiċjenza u r-reżiljenza tas-sistema tal-provvista u d-distribuzzjoni tal-ilma tax-xorb permezz ta' kontroll aħjar tat-tnixxija, fejn meħtieġ, l-iżvilupp ta' sorsi alternattivi tal-ilma tax-xorb u miżuri oħra adegwati. Dan jinvolvi wkoll, bil-għan li jiġu protetti s-saħħa u l-benesseri tal-pubbliku, li l-Istati Membri jikkunsidraw miżuri biex jiżguraw li l-provvista pubblika tal-ilma jkollha prijorità fuq użi oħra tal-ilma f'perjodi ta' skarsezza akuta tal-ilma.

1.5.2.2. *L-iżgurar ta' prezz ġust għas-servizzi tal-ilma bbażat fuq irkupru sħiħ tal-ispejjeż filwaqt li tiġi ggarantita l-affordabbiltà għall-gruppi vulnerabbli (implimentati mill-awtoritajiet kompetenti)*. Id-Direttiva 2000/60/KE tirrikjedi li l-Istati Membri jqisu l-prinċipju tal-irkupru tal-ispejjeż tas-servizzi tal-ilma, tal-anqas fir-rigward tal-industrija, tal-unitajiet domestiċi u tal-agrikoltura. Skont id-data tal-Kummissjoni u tal-OECD, l-irkupru sħiħ tal-ispejjeż tas-servizzi tal-ilma qed jinkiseb biss f'disa' Stati Membri <sup>(6)</sup>. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, huwa limitat għal unitajiet domestiċi privati. Għalkemm l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà tas-servizzi tal-ilma għall-aktar gruppi vulnerabbli <sup>(7)</sup>, huwa importanti li t-tariffa tal-ilma tirrifletti l-kost reali tas-servizzi tal-ilma. Dan, flimkien mal-kejl preċiż tal-konsum, se jiżgura li l-konsumaturi jkunu aktar konxji tal-kost tas-servizzi tal-ilma. L-Istati Membri għandhom jiddiskutu l-possibbiltà ta' tariffi bbażati fuq il-"valur tal-ilma", li jiżguraw li din ir-riżorsa skarsa tiġi ppreservata wkoll

<sup>(4)</sup> [https://watereurope.eu/wp-content/uploads/WE-Water-Vision-2023\\_online.pdf](https://watereurope.eu/wp-content/uploads/WE-Water-Vision-2023_online.pdf)

<sup>(5)</sup> Water Footprint Network, Water Footprint Assessment (Network tal-Impronta fuq l-Ilma, Valutazzjoni tal-Impronta fuq l-Ilma) (mhux disponibbli bil-Malti), ikkonsultat fit-22 ta' Mejju 2023.

<sup>(6)</sup> OECD, Background note: Cost recovery April 2022 (Nota ta' sfond: Irkupru tal-Kost) (mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(7)</sup> Id-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 435, 23.12.2020, p. 1).

għall-ġenerazzjonijiet futuri. It-tariffi tal-ilma jista' jkun fihom sinjali tal-prezzijiet biex tiżdied l-effiċjenza fl-użu tal-ilma. Pereżempju, it-tariffi jistgħu jiżdiedu meta ċertu ammont ta' konsum per capita jinqabeż f'unità domestika, jew meta l-provvista tal-ilma tkun mhedda minn skarsezza temporanja tal-ilma.

1.5.2.3. Kejl effiċjenti tal-konsum tal-ilma billi tiżdied l-akkuratezza tal-kejl (*implimentata mill-Istati Membri, mill-muniċipalitajiet, u mill-fornituri tal-ilma*):

- jiġi żgurat kejl effiċjenti tal-konsum tal-ilma permezz ta' arloġġi tal-ilma preċiżi u politika ta' tiġdid tal-arloġġi tal-ilma biex l-utenti finali jkunu konxji mill-konsum reali tagħhom;
- jiġi kkontrollat il-konsum minn bjar privati biex jiġi llimitat l-użu tal-ilma direttament mill-ilma ta' taħt l-art;
- jintuża kejl intelliġenti biex jingħataw twissijiet lill-utenti finali dwar konsum għoli jew anormali, u konsum bi fluss baxx, li jistgħu jkunu minħabba tnixxija interna.

1.5.2.4. *Protezzjoni aħjar tar-riżorsi tal-ilma tax-xorb (implimentata mill-UE u mill-Istati Membri)*. Ir-riżorsi tal-ilma tax-xorb għandhom jiġu protetti minn kontaminazzjoni antropoloġika. Sabiex jinkiseb dan, il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għal Tniġġis Zero għandu jiġi implimentat b'mod rigoruż billi jiġu applikati l-prinċipji ta' prekawzjoni u kontroll fis-sors, konsistenti mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, għas-sustanzi kollha ta' tħassib li jistgħu jidħlu fl-ilma tax-xorb. Il-kontaminanti jistgħu joriġinaw minn sorsi industrijali (PFAS, farmaċewtiċi, diżinfettanti, eċċ.) jew minn sorsi agricoli (pestiċidi, nitrati). L-UE qed tirrevedi l-atti leġiżlattivi rilevanti li jistgħu jipprevjenu t-tniġġis fis-sors, fosthom id-Direttiva 2010/75/UE<sup>(8)</sup>, ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006<sup>(9)</sup>, id-Direttiva 2009/128/KE<sup>(10)</sup>, ir-Regolament 726/2004<sup>(11)</sup> u d-Direttiva 2001/83/KE<sup>(12)</sup>. Irid jiġi żgurat li dawn ir-regoli futuri jipproteġu b'mod effettiv ir-riżorsi tal-ilma tagħna.

1.5.2.5. *Nimxu lejn ġestjoni ċirkolari tal-ilma (implimentata mill-UE, mill-Istati Membri u mill-operaturi tal-ilma)*. L-effiċjenza fl-użu tal-ilma tista' tiżdied bl-użu mill-ġdid tal-ilma. Minn naħa, l-unitajiet domestiċi privati għandhom jiġu mħeġġa jiġbru l-ilma tax-xita kull meta jkun possibbli u jużawh għal skopijiet adatti, inkluż it-tisqija tal-ġonna u t-tindif. Min-naħa l-oħra, għandhom jittieħdu miżuri effettivi ta' kontroll fis-sors biex jiġi żgurat li l-ilma mormi prodott mill-unitajiet domestiċi ma jkunx fih kontaminanti li jistgħu jipperikolaw l-użu mill-ġdid tal-ilma mormi ttrattat għat-tisqija u għal skopijiet oħra.

1.5.2.6. *Adattament għat-tibdil fil-klima (implimentat mill-Istati Membri, mill-muniċipalitajiet u mill-operaturi tal-ilma mormi)*. Ir-reġjuni huma affettwati b'mod differenti mit-tibdil fil-klima. Huwa importanti li l-miżuri jiġu aġġustati għall-kundizzjonijiet lokali. B'mod ġenerali, l-ippjanar urban se jkollu bżonn jerġa' jiġi maħsub billi l-bliet jiġu ttrasformati fi "bliet sponża"<sup>(13)</sup>. Dan se jtejjeb il-klima urbana, jippermetti lill-ilma tax-xita jiskula u jnaqqas in-numru ta' avvenimenti ta' fluss eċċessiv tad-drenaġġ ikkombinat.

1.5.2.7. *L-iżgurar ta' governanza tajba (implimentata mill-Istati Membri, mir-reġjuni u mill-muniċipalitajiet)*. Hemm bżonn ta' strutturi ta' governanza ċari u effiċjenti biex ikun hemm bidla. Dan għandu jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-atturi kollha u jiddetermina r-responsabbiltajiet. L-azzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq previżjonijiet preċiżi tal-impatti reġjonali tat-tibdil fil-klima u l-iżvilupp ta' xejriet tad-domanda għall-ilma (l-agrikoltura, l-industrija, l-iżvilupp fil-popolazzjoni eċċ.) għad-deċennji li ġejjin.

<sup>(8)</sup> Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

<sup>(9)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

<sup>(10)</sup> Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71).

<sup>(11)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1).

<sup>(12)</sup> Id-Direttiva 2001/83/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

<sup>(13)</sup> "Bliet sponża" huma żoni urbani b'żoni naturali abbondanti bħal siġar, lagi u parks — jew disinji tajbin oħra maħsuba biex jassorbju x-xita u jipprevjenu l-għarġar. <https://climatechampions.unfccc.int/what-are-sponge-cities-and-how-can-they-prevent-floods/> (mhux disponibbli bil-Malti), ikkonsultat fis-7 ta' Ġunju 2023.

1.5.2.8. *L-awtoritajiet pubbliċi bħala pijunieri (implimentati mill-Istati Membri u mill-muniċipalitajiet).* Peress li huma responsabbli għat-tfassil u l-implimentazzjoni kemm tal-miżuri ta' politika kif ukoll tal-arranġamenti prattiċi, l-awtoritajiet pubbliċi, inklużi l-istituzzjonijiet Ewropej, għandhom jassumu rwol minn ta' quddiem nett fit-tnaqqis tal-impronta fuq l-ilma tagħhom.

## 2. Premessa

2.1. Bħala parti mill-inizjattiva ewlenija tal-KESE għall-2023 biex l-ilma jiġi indirzzat bħala prijorità importanti fil-livell Ewropew u globali, din l-Opinjoni fuq inizjattiva proprja tesplora l-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat konsum aktar effiċjenti tal-ilma fl-UE mill-konsumaturi, billi jitqiesu l-kwistjonijiet ambjentali, lakuni fl-għarfien u s-sitwazzjoni attwali fit-teknoloġiji relatati. Hija tippreżenta ideat dwar kif għandhom jiġu ottimizzati l-konsum u r-rilaxx tal-ilma domestiku, abbażi ta' viżjoni komprensiva tar-rwol tal-konsumaturi u l-ħtiġijiet tagħhom f'termini ta' kwantità u kwalità tal-ilma u tagħmel proposti speċifiċi għal dak il-għan.

2.2. L-ilma huwa essenzjali għall-ħajja, għall-ambjent u għall-ekonomija, u, għaldaqstant, huwa ġid komuni li għandu jiġi rrispettat u protett. Madankollu, ir-riżorsi tal-ilma tal-Ewropa huma mhedda minħabba t-tibdil fil-klima — peress li f'ħafna baċiri tal-ilma (u b'mod partikolari l-Mediterran<sup>(14)</sup>) qed jiġi osservat tnaqqis ġenerali fil-preċipitazzjoni u perjodi itwal ta' nixfa, mentri fil-biċċa l-kbira tar-reġjuni hemm avvenimenti ta' xita aktar qawwija b'għargħar katastrofiku. Barra minn hekk, iż-żieda fil-livelli tal-baħar tfisser li l-ilma mielaħ jista' jippenetra akwiferi tal-ilma ħelu.

2.3. Hemm żbilanċ dejjem akbar bejn id-disponibbiltà tar-riżorsa lokali u d-domanda għall-ilma mill-utenti finali, li joħloq theddida sinifikanti ta' nuqqas ta' ilma fil-futur. Għalkemm id-disponibbiltà tal-ilma hija ddeterminata minn fatturi essenzjali bħall-preċipitazzjoni, il-ġeografija, ix-xejriet klimatiċi u l-kontaminazzjoni, il-konsum u d-domanda tal-ilma huma ddeterminati prinċipalment mill-imġiba tal-bniedem. Barra minn hekk, l-attivitajiet tal-bniedem, inklużi dawk ta' unitajiet domestiċi privati, jaffettwaw il-kwalità tar-riżorsi tal-ilma disponibbli. It-tniġġis tal-ambjent akkwatiku kkawżat mill-bniedem inaqqas id-disponibbiltà ta' riżorsi tal-ilma li jistgħu jintużaw u jżid il-kost u l-impatti ambjentali tat-ttrattament tal-ilma għal-livelli ta' kwalità meħtieġa għal ċerti attivitajiet (ilma tax-xorb, użu industrijali, tisqija, eċċ.). L-istudji<sup>(15)</sup> jidentifikaw in-nuqqas ta' monitoraġġ avvanzat tal-kwalità tal-ilma fil-korpi tal-ilma tal-UE bħala waħda mill-kawżi ewlenin tad-diżastri ekoloġiċi minħabba t-tniġġis tal-ilma.

2.4. Skont l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), bħala medja, l-istress fuq l-ilma jaffettwa madwar 20 % tat-territorju Ewropew kull sena u 30 % tal-popolazzjoni totali<sup>(16)</sup>. L-EEA tiddikjara li l-istress fuq l-ilma jseħħ meta ma jkunx hemm biżżejjed ilma disponibbli biex jiġu ssodisfati d-domandi tal-ambjent u tas-soċjetà u tal-ekonomija tagħna, f'termini ta' kwantità jew kwalità. L-istress fuq l-ilma huwa terminu ġenerali li jgħaqqad in-nixfa, l-iskarsezza kwantitattiva, il-kwalità tal-ilma u l-aċċessibbiltà għall-ilma<sup>(17)</sup>.

2.5. L-ilma għax-xorb jirrappreżenta madwar 10 % tal-użu totali tal-ilma. L-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd jammontaw għal 58 %, u l-provvista tal-elettriku, il-gass, il-fwar u l-arja kkundizzjonata jammontaw għal 18 %<sup>(18)</sup>.

2.6. L-ilma għax-xorb jirrappreżenta madwar 20 % tal-ammont totali tal-astrazzjoni tal-ilma. L-astrazzjoni għat-tkessiħ għall-ġenerazzjoni tal-elettriku<sup>(19)</sup> (32 %) u l-astrazzjoni għall-agrikoltura (28 %) huma l-akbar kontributori għall-astrazzjoni annwali totali<sup>(20)</sup>.

2.7. Minħabba li l-kontaminazzjoni tar-riżorsi tal-ilma b'nutrijenti (nitroġenu u fosforu) u b'ħafna sustanzi perikolużi (bħal dawk bi proprjetajiet karċinoġeniċi jew mutaġeni kumulattivi) toħloq riskju serju għas-saħħa u għall-ambjent, u minħabba li t-ttrattament meħtieġ għall-purifikazzjoni tal-ilma jiswa l-flus u huwa intensiv fir-riżorsi, il-KESE jitlob implimentazzjoni rapida tal-leġiżlazzjoni komprensiva tal-UE attwalment fis-seħħ. Huwa jtenni li l-politiki industrijali

<sup>(14)</sup> Ir-Rapport tal-IPCC (Cross-Chapter Paper 4: Mediterranean Region. In: Climate Change 2022: Impacts, Adaptation and Vulnerability) (Dokument ta' Kapitoli Trasversali 4: Ir-Reġjun tal-Mediterran: It-Tibdil fil-Klima 2022: Impatti, Adattament u Vulnerabbiltà) (mhux disponibbli bil-Malti) jgħid li r-reġjun tal-Mediterran huwa hotspot għal riskji klimatiċi interkonnessi ħafna.

<sup>(15)</sup> EEA, Pollution in Europe's rivers (Tniġġis fix-xmajjar tal-Ewropa).

<sup>(16)</sup> Ir-Rapport tal-EEA Nru 12/2021 dwar *Water resources across Europe — confronting water stress: an updated assessment* (Ir-Riżorsi tal-ilma fl-Ewropa — il-ġlieda kontra l-istress fuq l-ilma: valutazzjoni aġġornata), 2021 (mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(17)</sup> Idem.

<sup>(18)</sup> QEA, Special Report 12/2021, *The Polluter Pays Principle: Inconsistent application across EU environmental policies and actions* (Rapport Speċjali 12/2021 — Il-Prinċipju ta' Min Iniġġes Iħallas: Applikazzjoni inkonsistenti fil-politiki u fl-azzjonijiet ambjentali tal-UE, mhux disponibbli bil-Malti) (abbażi taċ-ċifri tal-EEA).

<sup>(19)</sup> Madankollu, l-impatt fuq id-disponibbiltà tar-riżorsi tal-użu tal-ilma għall-impjanti tat-tkessiħ mhuwiex partikolarment ċar. Normalment, l-ilma jittieħed minn korpi tal-ilma tal-wiċċ jew mill-baħar, u normalment jiġi rritornat kollu (jew kważi kollu) f'dawn il-korpi tal-ilma.

<sup>(20)</sup> EEA, *Water abstraction by source and economic sector* (L-astrazzjoni tal-ilma skont is-settur tas-sors u dak ekonomiku) (mhux disponibbli bil-Malti), 1 ta' Ġunju 2022.

u agrikoli tal-UE għandhom inaqqsu l-emissjonijiet li jniġġsu u jappoġġjaw it-tkabbir u l-kompetittività. Peress li l-ilma huwa ben komuni, il-KESE jitlob li l-ilma tax-xorb ikun disponibbli liberament għaċ-ċittadini kollha tal-UE permezz ta' funtani u sorsi tal-ilma aċċessibbli f'postijiet pubbliċi f'konformità mad-Direttiva (UE) 2020/2184. Fil-każ ta' konċessjonijiet tal-ilma minerali, għandu jsir sforz biex jiġi pprovdut sors tal-ilma tal-vit disponibbli għall-pubbliku.

2.8. Għalkemm l-enfasi ta' din l-Opinjoni hija prinċipalment fuq il-konsum u d-disponibbiltà tar-riżorsi tal-ilma, hija għandha wkoll l-għan li tindirizza problemi relatati mal-kwalità, peress li dawn jinfluwenzaw kemm verament tista' tintuża din ir-riżorsa. Għalhekk, l-objettiv ta' politika huwa li jiġi evitat aktar deterjorament, u li jiġi protett u msaħħaħ l-istatus tal-ekosistemi akkwatiċi, li jiġi żgurat it-tnaqqis progressiv tat-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art u li jiġi evitat tniġġis ulterjuri tiegħu.

2.9. Sabiex jiġi garantit ilma ta' kwalità u kwantità suffiċjenti għall-ġenerazzjonijiet attwali u futuri, hemm bżonn ta' għarfien ġenerali tal-problemi kollha u tal-kawżi ewlenin tagħhom. Kull ċittadin/konsumatur għandu jkun konxju tal-importanza tal-ilma u tal-valur tiegħu bħala riżorsa finita, u jeħtieġ li tiġi kkultivata sensibilizzazzjoni mifruxa dwar il-kwistjonijiet relatati mar-riżorsi tal-ilma, b'miżuri adottati kif xieraq, li jibdeu mill-isfera privata. Għal dan il-għan, id-Direttiva reċenti (UE) 2020/2184 tirrakkomanda miżuri lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu sensibilizzazzjoni dejjem akbar dwar il-kwalità u l-konsum tal-ilma tax-xorb.

2.10. Hemm diversi fatturi u aspetti li għandhom jiġu kkunsidrati, li jaffettwaw, direttament u indirettament, is-sinifikat u l-impatt tal-konsum tal-ilma domestiku, inklużi:

- id-diversi skopijiet tal-konsum dirett tal-ilma: eż., xorb, ħasil, tisqija, eċċ.;
- il-post tal-konsum dirett tal-ilma: eż., fid-dar, fuq ix-xogħol, fid-delizzji, eċċ.;
- it-tipi ta' ilma kkunsmat: eż., ilma ta' taħt l-art, ilma tal-wiċċ, ilma użat mill-ġdid eċċ.;
- konsum indirett tal-ilma: ilma użat għall-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi;
- ilma mormi dirett: kwantità u kwalità (nutrijenti, materja organika, sustanzi kimiċi, eċċ.);
- ilma mormi indirett: ilma mormi ġġenerat mill-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi;
- ukoll ma' dak indirett (li jvarjaw minn dak lokali għal dak globali).

### 3. Indikaturi tal-użu tal-ilma

3.1. Filwaqt li l-approċċ ġenerali lejn l-ottimizzazzjoni tal-konsum tal-ilma għandu jkun komprensiv, l-indikaturi użati għandhom ikunu ftit u sempliċi kemm jista' jkun. Il-valur miżjud taż-żieda fl-għadd ta' indikaturi jew tal-użu ta' indikaturi aggregati kkumplikati (bħall-impronti u l-indiċijiet) jista' ma jkunx għoli fir-rigward tar-riżorsi meħtieġa għall-monitoraġġ, l-analiżi u l-ipproċessar tagħhom. Għalhekk huwa kruċjali li jinstabu l-aktar indikaturi rilevanti u influwenti, filwaqt li jitqies l-għan tal-informazzjoni meħtieġa. Għandha ssir distinzjoni bejn l-indikaturi użati mill-ekonomisti/xjenzati/dawk li jfasslu l-politika biex jiddefinixxu l-problemi, jiżviluppaw strateġiji u jkejlu l-progress lejn għanijiet definiti, u l-indikaturi użati għal skopijiet ta' komunikazzjoni mal-konsumaturi. Għall-finijiet ta' politika, huwa importanti li tiġi evalwata serje ta' indikaturi direttament jew indirettament marbuta mal-konsum tal-ilma li se jippermettu li tiġi vvalutata l-effettività tal-politika, b'attenzjoni partikolari għall-konsistenza u l-kontinwità tal-monitoraġġ tal-parametri. L-indikaturi użati mill-EEA jipprovdu referenza hawnhekk.

3.2. L-iżvilupp tal-indikaturi tal-EEA ġie ggwidat mill-ħtieġa li jiġu identifikati għadd żgħir ta' indikaturi rilevanti għall-politika li huma stabbli (iżda mhux statiċi) fiż-żmien u li jistgħu jipprovdu tweġibiet għal mistoqsijiet ta' prijorità magħżula (ambjentali, soċjali, ekonomiċi, eċċ.).

3.3. L-aktar indikatur rilevanti biex jitkejjel l-użu tal-ilma mill-konsumaturi (unitajiet domestiċi privati) huwa l-konsum tal-ilma flitri per capita għal kull jum (l/cap/d). Id-data disponibbli turi varjazzjonijiet kbar li jvarjaw minn 77 għal 220 l/cap/d<sup>(21)</sup>.

(21) Eureau, The governance of water services in Europe, 2020 (Il-governanza tas-servizzi tal-ilma fl-Ewropa, 2020, mhux disponibbli bil-Malti).



3.4. Il-miżuri biex jiġi stimulat il-konsum effiċjenti fl-użu tal-ilma għandhom iħarsu lejn iċ-ċiklu sħiħ tal-ilma u jkopru kemm l-aspetti kwalitattivi kif ukoll dawk kwantitattivi. Dawn m'għandhomx iħarsu biss lejn l-astrazzjoni/il-konsum tal-ilma tax-xorb, iżda għandhom jinkludu wkoll il-benefiċċji tal-ilma ċirkolari (l-użu mill-ġdid tal-ilma) u jiżviluppaw il-fehim li l-ilma huwa inkorporat ukoll fi prodotti u f'servizzi kkonsmati. Dan se jgħin lill-unitajiet domestiċi privati jifhemu aħjar l-impatt tal-għażliet tal-konsum tagħhom fuq il-kwalità u l-kwantità tar-riżorsi tal-ilma fir-reġjun, fil-pajjiż u madwar id-dinja tagħhom. Se jgħin ukoll liċ-ċittadini jiżviluppaw kultura ta' sensibbilizzazzjoni dwar l-aspetti kollha tax-xejriet individwali tagħhom tal-konsum tal-ilma — kemm domestiku kif ukoll mhux domestiku — u biex ikunu konxji ta' kif jagħmlu l-konsum tagħhom effiċjenti. Ir-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huwa vitali biex jgħinhom jagħżlu u jimplementaw strateġiji biex iżidu l-effettività u l-effiċjenza tal-konsum tagħhom.

3.5. Filwaqt li l-konsum effiċjenti fl-użu tal-ilma huwa hteġa fil-partijiet kollha tal-Ewropa, l-urġenza hija akbar f'żoni li jbatu minn skarsezza tal-ilma jew minn avvenimenti aktar frekwenti ta' nixfa. L-effiċjenza tas-sistema tal-provvista tal-ilma għandha tiġi inkluża fl-istrateġija ġenerali bil-għan li jiġi żgurat approċċ olistiku. Għandhom jinstabu wkoll soluzzjonijiet possibbli fi strateġiji li jħarsu aktar 'il quddiem tal-fornituri tal-ilma, inklużi l-valutazzjoni tar-riskju tas-sistema tal-provvista u l-ġestjoni tar-riskju, il-ġestjoni tat-tnixxija, sorsi alternattivi tal-ilma, eċċ

3.6. Għalkemm it-teorija tissuġġerixxi l-użu ta' għadd kbir ta' parametri indikaturi oħra, (it-tema tal-ilma hija adatta ħafna għal dan); għandu jitqies li mhux biss it-tfittxija għal data addizzjonali, iżda wkoll il-validazzjoni tagħhom u t-tixrid tagħhom jinvolvu xogħol sinifikanti. Dawn l-attivitajiet ulterjuri jaqgħu taħt il-kompetenza tal-istrutturi ċentrali Ewropej, iżda wkoll tal-Istati Membri u tal-aġenziji rispettivi tagħhom jew tal-kumpaniji operattivi li jfittxu u jipproduċu tali data. Mhux dejjem ikun il-każ li ż-żieda ta' vjolin żejjed f'orkestra diġà kbira neċessarjament ittejjeb il-kwalità tal-mużika. Għalhekk, aktar milli jiżdiedu indikaturi ġodda, ikun aħjar li jsir l-aħjar użu possibbli minn dawk eżistenti.

Brussell, it-12 ta' Lulju 2023.

Oliver RÖPKE  
Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Reviżjoni tar-Regolament dwar it-tikkettar tat-tessuti”****(opinjoni esploratorja)**

(2023/C 349/05)

Relatur: **Antje Sabine GERSTEIN**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 20.1.2023
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adozzjoni fis-sezzjoni	29.6.2023
Adozzjoni fil-plenarja	12.7.2023
Sessjoni plenarja Nru	580
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	196/1/4

**1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jappoġġja l-approċċ tal-Kummissjoni Ewropea li, bħala l-punt tat-tluq għar-reviżjoni tar-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tessuti, tibbaża prinċipalment fuq il-possibbiltà ta' teknoloġiji ġodda ta' tikkettar diġitali, teknoloġiji ġodda tal-fibri u l-klassifikazzjoni tagħhom u teknoloġiji ġodda ta' riċiklaġġ, u b'hekk tirrikonoxxi l-kuntest regolatorju għdid u estensiv tal-UE għat-tessuti b'mod ġenerali.

1.2. Il-konsumaturi għandhom aspettattivi differenti tal-livell ta' dettall li jingħata fit-tikketti tat-tessuti. Ir-reviżjoni tar-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tessuti trid tissodisfa dawn il-livelli differenti ta' aspettattivi billi l-ewwel nett toffri informazzjoni bażika u li tinftiehem faċilment, u fl-istess ħin tagħti aktar aċċess għal informazzjoni aktar dettaljata.

1.3. Billi jqis li s-settur tat-tessuti huwa wieħed mill-aktar setturi globalizzati, il-KESE jemmen li huwa tal-akbar importanza li l-Kummissjoni Ewropea tistinka għal allinjament globali u mifruż mal-UE kollha tar-rekwiżiti tat-tikkettar fir-rigward tal-indikazzjonijiet tal-orijini, l-istruzzjonijiet tal-kura, id-daqs u l-kompożizzjoni tal-fibri.

1.4. Il-KESE jstieden lill-Kummissjoni Ewropea żżomm f'moħħha l-ħtiġijiet speċjali tal-SMEs f'dan is-settur. Sabiex tiġi evitata aktar delokalizzazzjoni, u minħabba l-fatt li s-settur jimpjega 1,3 miljun impjegat fl-UE kollha, ir-rekwiżiti l-ġodda tar-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tessuti jridu jipprovdur biżżejjed flessibbiltà biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tal-SMEs sabiex l-impjegji u l-ħiliet f'dan is-settur tal-ekonomija mhux biss jinżammu iżda jkunu jistgħu jevolvu aktar.

**2. Kummenti ġenerali**

2.1. L-Istrateġija tal-UE għal Tessuti Sostenibbli u Ċirkolari ħabbret ir-rieżami tar-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tessuti (Regolament (UE) Nru 1007/2011<sup>(1)</sup>), li jitlob li t-tessuti mibjugħa fis-suq tal-UE jkollhom tikketta li tidentifika b'mod ċar il-kompożizzjoni tal-fibri u tindika kwalunkwe parti mhux magħmula minn tessuti li toriġina mill-annimali. Bħala parti minn dan ir-rieżami, l-Istrateġija ssemmi l-possibbiltà li tiġi introdotta divulgazzjoni obbligatorja ta' tipi oħra ta' informazzjoni, bħall-parametri tas-sostenibbiltà u taċ-ċirkolarità, id-daqs tal-prodotti u, fejn applikabbli, il-pajjiż fejn iseħħu l-proċessi tal-manifattura (“magħmul fi”).

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1007/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 27 ta' Settembru 2011 dwar l-ismijiet ta' fibri ta' tessuti u t-tikkettar u l-immarkar relatati tal-kompożizzjoni tal-fibri ta' prodotti tat-tessut u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 73/44/KEE u d-Direttivi 96/73/KE u 2008/121/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 272, 18.10.2011, p. 1).

2.2. Fdin l-Opinjoni, il-KESE jespjora l-għażliet biex jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament attwali billi jitqiesu ċerti elementi diġà elenkati fl-Artikolu 24 tar-Regolament biex isir ilhom rieżami, u jitqiesu parametri oħra dwar is-sostenibbiltà u ċ-ċirkolarità b'koerenza mal-proposti leġiżlattivi attwali bħall-proposta leġiżlattiva dwar ir-rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti sostenibbli. L-Opinjoni ser tqis il-perspettiva industrijali, inklużi l-kostijiet u l-iskambju mtejjeb tal-informazzjoni tul il-katina tal-valur, u l-perspettiva tal-konsumatur, sabiex tiġi żgurata informazzjoni korretta, preċiża u ċara.

2.3. Il-KESE jappoġġja l-approċċ tal-Kummissjoni Ewropea li, bħala l-punt tat-tluq, tibbaża prinċipalment fuq il-possibbiltà ta' teknoloġiji ġodda ta' tikkettar diġitali, teknoloġiji ġodda tal-fibri u l-klassifikazzjoni tagħhom u teknoloġiji ġodda ta' riċiklaġġ, u b'hekk tirrikonoxxi l-kuntest regolatorju ġdid u estensiv tal-UE għat-tessuti b'mod ġenerali inkluża l-inizjattiva dwar Asserzjonijiet Ekoloġiċi min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea <sup>(2)</sup>.

2.4. F'dan il-kuntest, il-KESE jenfasizza li ħafna aspetti fis-settur tat-tessuti diġà huma indirizzati fi proposti regolatorji orizzontali kumplessi ħafna li fil-biċċa l-kbira tagħhom diġà jinsabu fil-proċess leġiżlattiv. Ir-responsabbiltà soċjali korporattiva u kwistjonijiet relatati max-xogħol huma indirizzati fid-Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva u fir-Regolament dwar ix-Xogħol Furzat. Id-Direttiva dwar l-Għoti tas-Setgħa lill-Konsumaturi u d-Direttiva dwar l-Asserzjonijiet Ekoloġiċi dalwaqt ser jirregolaw il-komunikazzjoni tal-asserzjonijiet dwar is-sostenibbiltà, waqt li d-Direttiva Qafas riveduta dwar l-Iskart ser tindirizza l-kunċetti bażiċi relatati mal-ġestjoni ta' tmiem il-ħajja.

2.5. Il-konsumaturi għandhom aspettattivi differenti tal-livell ta' dettall li jingħata fit-tikketti tat-tessuti. Ir-reviżjoni tar-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tessuti għandha tissodisfa dawn il-livelli differenti ta' aspettattivi billi l-ewwel nett toffri informazzjoni bażika u li tinftiehem faċilment, u fl-istess ħin tagħti aktar aċċess għal informazzjoni aktar dettaljata, pereżempju permezz tal-forniment volontarju ta' informazzjoni standardizzata dwar il-proċess tal-produzzjoni.

2.6. Il-KESE jirrimarka li r-reviżjoni tar-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tessuti huwa inizjattiva REFIT bl-għan ċar li l-liġi tal-UE ssir aktar sempliċi, adatta għall-iskop tagħha u inqas għalja għan-negozji u l-konsumaturi. Għall-kumpaniji dan irid jinkludi t-tnaqqis tal-kostijiet ta' konformità kif ukoll iċ-ċarezza u konsistenza regolatorja. Il-konsumaturi għandhom bżonn informazzjoni preċiża, komprensiva u komparabbli dwar il-prodotti tat-tessuti. Il-KESE jenfasizza l-importanza ta' armonizzazzjoni massima sabiex is-settur jiġi meġġun fit-tranżizzjoni lejn ċirkolarità komprensiva li tirnexxi.

2.7. Il-KESE jappella għal azzjoni urġenti dwar is-sistema ta' klassifikazzjoni tal-fibri, peress li s-sistema attwali mhijiex flessibbli biżżejjed biex tindirizza l-iżvilupp ta' fibri innovattivi, li spiss ikollhom impatt ambjentali aktar baxx mill-fibri konvenzjonali. Għal ħafna produttori ta' fibri ġodda, dan l-istatus quo huwa sitwazzjoni frustranti minħabba li ma jistgħux jittikkettaw il-fibri tagħhom b'mod preċiż. Barra minn hekk, dawn il-fibri ġodda għadhom ma jistgħux jiġu indikati fuq it-tikketti tat-tessuti u, għalhekk, l-identifikazzjoni tagħhom għadha sfida kbira għar-riċiklaturi, li bħalissa qed ixxekkel iċ-ċirkolarità fis-settur. Il-KESE jirrimarka li dan id-distakk regolatorju jaffettwa wkoll b'mod negattiv il-perċezzjonijiet tal-konsumaturi, peress li xi prodotti jistgħu fir-realtà jkunu ħafna aktar sostenibbli minn kif indikat fuq it-tikketti attwali.

2.8. Il-KESE jemmen li huwa tal-akbar importanza li l-Kummissjoni Ewropea tistinka għal allinjament globali u mifrux mal-UE kollha tar-rekwiżiti tat-tikkettar fir-rigward tal-indikazzjonijiet tal-oriġini, l-istruzzjonijiet tal-kura, id-daqs u l-kompożizzjoni tal-fibri. Is-settur tat-tessuti huwa wieħed mill-aktar setturi globalizzati. Il-ħwejjeġ li jsiru f'kull post huma destinati għal diversi żoni ġeografiċi madwar id-dinja (l-UE, l-Istati Uniti, eċċ.), b'ħafna rekwiżiti differenti ta' tikkettar <sup>(3)</sup>. Ir-rekwiżiti globali tat-tikkettar u l-istandards armonizzati globali jeħtieġ li jiġu kkunsidrati fejn applikabbli.

2.9. Ir-rekwiżit għal armonizzazzjoni massima huwa marbut ma' talba ċara ta' politika mill-KESE biex ma jkomplix jiġi pperikolat aktar is-suq intern, peress li jidher li qed ifiġġu dejjem aktar rekwiżiti differenti dwar it-tikkettar fid-diversi Stati Membri. Għalhekk, il-KESE jqis li huwa essenzjali u f'waqtu li l-Kummissjoni Ewropea tipproponi r-reviżjoni tar-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tessuti fl-2023, li taħbat it-30 anniversarju tas-suq uniku.

<sup>(2)</sup> COM(2023) 166 final – 2023/0085(COD).

<sup>(3)</sup> Eżempji ta' rekwiżiti bħal dawn huma r-Regolamenti tal-Kanada dwar it-Tikkettar u r-Reklamar tat-Tessuti u l-Att tal-Istati Uniti dwar l-Identifikazzjoni tal-Prodotti tal-Fibri tat-Tessuti.

2.10. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex iżżomm f'moħħha l-ħtiġijiet speċjali tal-SMEs f'dan is-settur. Sabiex tiġi evitata aktar delokalizzazzjoni, u minħabba l-fatt li s-settur jimpjega 1,3 miljun impjegat fl-UE kollha (\*), ir-rekwiżiti l-ġodda tar-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tessuti jridu jipprovdur biżżejjed flessibilità biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tal-SMEs sabiex l-impjegati u l-ħiliet f'dan is-settur tal-ekonomija mhux biss jinżammu iżda jkunu jistgħu jevolvu aktar. Pereżempju, kontroll tal-konformità ġeneralizzat imwettaq minn korps ta' ċertifikazzjoni mhux fattibbli għall-SMEs, li huma s-sinsla tal-produzzjoni tat-tessuti industrijali fl-UE. Approċċ raġonevoli jkun li jiġu previsti proċeduri ta' "awtoċertifikazzjoni", bħall-kontrolli interni tal-produzzjoni stabbiliti fl-Anness II tad-Deċiżjoni 768/2008/KE (\*), fejn l-SMEs jinfurmaw u jipprovdur garanziji lill-konsumaturi.

### 3. Kummenti speċifiċi

#### 3.1. Klassifikazzjoni tal-fibri

3.1.1. F'dawn l-aħħar snin, l-industrija tat-tessuti żviluppata għadd ta' fibri ġodda li taw prova li għandhom impronti ambjentali aktar baxxi meta mqabbla mal-għażliet ta' fibri aktar tradizzjonali. Għalkemm dawn il-materjali jistgħu jkunu bbażati fuq materja prima simili, it-teknoloġija u l-proprietajiet tal-manifattura tagħhom spiss iwarjaw b'mod sinifikanti minn dawk użati fil-fibri konvenzjonali. Il-fibri ġodda bħalissa mhumiex rikonossuti mill-klassifikazzjonijiet eżistenti tal-fibri ġeneriċi fl-Anness I. Konsegwentement, it-tipi ta' fibri innovattivi huma kklassifikati taħt ismijiet ta' fibri differenti, jew bħala fibra "oħra". Fid-dawl tat-tranżizzjoni ekoloġika u ċirkolari, ir-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tessuti rivedut għandu jippermetti li fibri b'karatteristiċi distintivi jiġu rikonossuti bħala tali fl-Anness I. Ir-reviżjoni antiċipata tar-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tessuti għandha tiġi adattata aħjar biex tirrifletti l-progress dinamiku rigward il-fibri innovattivi.

3.1.2. Firxa wiesgħa ta' tipi ġodda ta' fibri b'karatteristiċi distintivi diġà waslet biex tiġi kummerċjalizzata jew ser issir disponibbli fis-suq fil-futur. Madankollu, il-proċess attwali tal-aġġornar tal-Anness I mhux trasparenti u ma fiħx ċertezza għall-applikanti. Għalhekk, il-KESE jirrakkomanda li l-awtoritajiet tal-UE jivvalutaw u jirrevedu kif il-proċess ta' aġġornar jista' jsir aktar trasparenti u teknikament preċiż.

#### 3.2. Marġni ta' tolleranza tal-kompożizzjoni tal-fibri

3.2.1. Fid-dawl tat-tranżizzjoni lejn l-ekonomija ċirkolari, l-industrija tat-tessuti qed tuża dejjem aktar fibri u materjali riċiklati fil-produzzjoni tal-ħwejjeġ. Ir-Regolament attwali mhux adatt għal kollox biex tiġi tikkettata b'mod preċiż il-kompożizzjoni tal-fibri li jkun fiha kontenut riċiklat, u dan ixejkel it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari. L-Artikolu 20(3) jippermetti devjazzjoni massima ta' 3% bejn il-kontenut tal-fibri ddikjarat fuq it-tikketta u l-kompożizzjoni tal-fibri stabbilita abbażi tal-ittejtjar mill-awtorità. Madankollu, l-istat attwali tal-iżvilupp tekniku fit-teknoloġija tas-separazzjoni u r-riċiklaġġ tat-tessuti jiġġenera varjanza fil-kompożizzjoni tal-fibri li xi drabi taqbeż il-livell ta' tolleranza ta' 3%. Dan għaliex, b'mod partikolari fir-riċiklaġġ mekkaniku, mhux possibbli li jiġi żgurat bis-sħiħ li l-materja prima għar-riċiklaġġ tkun ħielsa minn impuritatiet ta' materjali ta' tessuti oħra. Dan iwassal għall-ħtieġa li jiġi esplorat marġni ta' tolleranza ta' kompożizzjoni oġhla fir-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tessuti rivedut. Abbażi tal-kontribut tal-esperti, il-KESE jirrakkomanda li l-livell aġġornat ikun ta' 3-5%. Livell oġhla ta' tolleranza għandu jkollu biss il-limitazzjonijiet eżistenti fit-teknoloġija tar-riċiklaġġ, u ma għandux jiġġustifika Prattika inferjuri tal-manifattura. Żieda żgħira fil-livelli ta' tolleranza hija pass pożittiv biex jitneħħew l-ostakli għall-użu ta' materjali riċiklati fil-produzzjoni tal-ħwejjeġ.

#### 3.3. Armonizzazzjoni mal-istandards u l-proċessi globali

##### 3.3.1. Armonizzazzjoni tal-istandards tal-ittejtjar

3.3.1.1. L-industrija tat-tessuti hija industrija globali ħafna li spiss tapplika standards internazzjonali. Ir-reviżjoni tar-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tessuti hija opportunità biex il-metodi tal-ittejtjar tal-kompożizzjoni tal-fibri jiġu allinjati mal-istandards globali. Bħalissa, skont l-Artikolu 19, l-istandards tal-UE (EN) biss huma permessi għall-ittejtjar tal-kompożizzjonijiet tal-fibri. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-istandards tal-EN huma simili ħafna għall-istandards internazzjonali tal-ISO, iżda differenzi żgħar eżistenti fil-parametri tal-metodu jwasslu għal diskrepanzi bejn ir-riżultati tat-testijiet ISO u EN. Minħabba l-ktajjen tal-valur globali tal-industrija, l-istandards tal-ISO huma applikati u ppreferuti ħafna mis-settur. B'riżultat ta' dan, in-negozji qed jiffaċċjaw żieda fl-ittejtjar għal prodotti destinati għas-suq Ewropew, li jżid b'mod sinifikanti l-kostijiet. Għalhekk, il-KESE jirrakkomanda li r-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tessuti rivedut jirrikonossu l-istandards ISO bħala standards tal-ittejtjar aċċettati. Barra minn hekk, il-KESE jirrikonossu passi kbar li qed iseħħu fl-innovazzjoni rigward metodi ġodda ta' detezzjoni tal-kompożizzjoni tal-fibri. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tqis dan il-progress meta tirrevedi r-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tessuti.

(\*) [https://euratex.eu/wp-content/uploads/EURATEX\\_FactsKey\\_Figures\\_2022rev-1.pdf](https://euratex.eu/wp-content/uploads/EURATEX_FactsKey_Figures_2022rev-1.pdf)

(\*) Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li tħassar id-Deċiżjoni 93/465/KEE (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82).

### 3.3.2. Armonizzazzjoni mal-istandards internazzjonali u r-regoli kummerċjali

3.3.2.1. Il-KESE jappoġġja l-idea li r-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tessuti jiġi ttrasformat f'ġabra ta' regoli dwar standards armonizzati għal għadd ta' rekwiżiti (klassifikazzjoni ta' fibri ġodda, ittestjar tal-kompożizzjoni tal-fibri, kejl tad-daqs, struzzjonijiet ta' kura). Kemm jista' jkun, dawn l-istandards għandu jkollhom firxa globali. Dan iwassal għal armonizzazzjoni akbar tar-rekwiżiti tat-tikkettar kemm fis-suq uniku kif ukoll mal-bqija tad-dinja.

3.3.2.2. Minħabba l-ambitu globali tas-settur tat-tessuti, huwa kruċjali li fir-reviżjoni tar-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tessuti jitqiesu l-allinjament u l-kollaborazzjoni internazzjonali. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tiżgura koerenza mal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali u mar-reviżjoni attwali tal-kodiċijiet tas-sistema armonizzata, kif ukoll mal-impenji fil-Ftehim dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ tad-WTO dwar l-użu ta' standards internazzjonali.

### 3.4. Tikkettar diġitali

3.4.1. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon kbir l-intenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tiddiġitalizza t-tikkettar tal-kompożizzjoni fir-Regolament rivedut dwar it-Tikkettar tat-Tessuti. Barra minn hekk, fil-kuntest tar-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli, il-KESE jilqa' l-inizjattivi ta' tikkettar diġitali u ta' komunikazzjoni tal-konsumatur bħall-Passaport Diġitali tal-Prodotti. Madankollu, huwa kruċjali li l-Kummissjoni Ewropea tallinja dawn l-inizjattivi diġitali biex toħloq qafas ta' politika koerenti u effettiv.

3.4.2. Bħalissa t-tikketti fiżiċi, għal diversi raġunijiet, mhumiex effettivi daqs kemm mixtieq. It-tikketti spiss jinqatgħu wara li l-prodott ikun inxtara. It-test fuq it-tikketti jista' jitleq wara diversi ċikli tal-ħasil tal-ħwejjeġ. Barra minn hekk, il-fatt li t-tikketti fiżiċi kbar isiru f'diversi lingwi differenti jiswa ħafna flus u jikkontribwixxi għall-iskart tal-plastik. It-test huwa żgħir u jinkludi diversi traduzzjonijiet, li jagħmilha wkoll diffiċli għall-konsumaturi biex jifhmuh.

3.4.3. It-tikketti diġitali jagħmlu l-affarijiet aktar faċli għall-kumpaniji, kif ukoll itejbu l-għoti ta' informazzjoni lill-konsumaturi billi joffrullhom test ċar fil-verżjonijiet lingwistiċi adatti. Għad hemm il-ħtieġa li tiġi pprovduta informazzjoni lil konsumaturi b'livell ta' teknoloġija inqas avvanzat, iżda jeżistu għażliet oħra, pereżempju billi tiġi pprovduta informazzjoni wara li tintalab fil-punt tal-bejgħ. Biex ikun durabbli, l-immarkar b'tip ta' "trasportatur tad-data" li ma jitħassarx fuq il-prodott jista' jiggarrantixxi aċċess faċli għall-informazzjoni diġitali.

3.4.4. Anke jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tħalli xi informazzjoni fuq it-tikketti fiżiċi, dan l-approċċ għandu madankollu jwassal għal tnaqqis ġenerali sinifikanti fid-daqs tat-tikketta. Il-KESE jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni li għandu jsir aktar diffiċli biex jitneħħew it-tikketti fiżiċi jew il-portaturi fiżiċi tal-informazzjoni diġitali. Diġà huma disponibbli metodi ta' tikkettar li ma jirritawx il-ġisem. Il-metodi biex it-tikketti jsiru aktar diffiċli li jinqatgħu għandhom jiżguraw id-durabbiltà tal-informazzjoni (eż. l-informazzjoni stampata direttament fuq il-materjal tista' titlaq mal-ħasil) u ma għandhomx inaqqsu l-funzjonalità tal-prodott (eż. tikketta meħjuta sħiħa fuq l-ilbies tista' tnaqqas il-funzjonalità tiegħu).

3.4.5. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tivvaluta kif il-Passaport Diġitali tal-Prodotti jista' jiġi applikat fil-kuntest ta' tikketta diġitali skont ir-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tessuti rivedut. Sabiex tippermetti l-konsistenza u tiffaċilita l-implimentazzjoni, tikketta diġitali tista' titqiegħed ukoll fuq l-istess portatur tad-data bħall-Passaport Diġitali tal-Prodotti.

### 3.5. Eżenzjoni tat-tikkettar għal ċerti tipi ta' prodotti

3.5.1. L-Anness V fir-Regolament attwali dwar it-Tikkettar tat-Tessuti jeżenta 42 tip ta' prodott tat-tessuti mill-obbligu tat-tikkettar. Dawn huma oġġetti żgħar (bħal ċineġ tal-arloġġi) fejn iż-żieda ta' tikketta tnaqqas il-funzjonalità tal-prodott. Madankollu, l-approċċ tal-lista ma jipprovdix gwida ċara dwar kif l-operaturi għandhom jittikkettaw prodotti li mhumiex elenkati fl-Anness V, iżda li għandhom ukoll funzjonalità mnaqqsa minħabba tikketta. Il-KESE jirrakkomanda li r-Regolament rivedut jipprovdri ċarezza dwar kif għandhom jiġu tikkettati b'mod korrett il-prodotti (bħal tights u kalzetti) fejn it-tikkettar obbligatorju jxekkel il-funzjonalità tal-prodott. Pereżempju, l-approċċ tal-lista attwali jista' jiġi sostitwit b'definizzjoni ta' prodotti eżentati mit-tikkettar obbligatorju.

Brussell, 12 ta' Lulju 2023.

Oliver RÖPKE  
Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Strateġija Ewropea għall-Anzjani”****(opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Spanjola)**

(2023/C 349/06)

Relatur: **Miguel Ángel CABRA DE LUNA**

Talba għall-konsultazzjoni mill-Presidenza Spanjola tal-Kunsill	Ittra, 8.12.2022
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea Opinjoni esploratorja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adozzjoni fis-sezzjoni	21.6.2023
Adozzjoni fil-plenarja	12.7.2023
Sessjoni plenarja Nru	580
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	189/01/02

**1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. L-isfida demografika li qed tiffaċċja s-soċjetà Ewropea jeħtieġ li tiġi indirizzata permezz ta' politiki li jgħibu bidla fil-paradigma, li jagħtu aktar viżibbiltà lill-anzjani u li jitbiegħdu mill-approċċ ibbażat fuq il-kura biex jiffokaw fuq l-awtonomizzazzjoni tagħhom u jkissru l-approċċi diskriminatorji bbażati fuq l-età. L-isfida demografika attwali teħtieġ li jitneħħew l-ostakli u li jinħatfu l-opportunitajiet inerenti għat-tixjiħ tal-popolazzjoni.

1.2. L-anzjani għadhom jiffaċċjaw rati għolja ta' qgħad, riskji akbar ta' diskriminazzjoni u iżolament u inugwaljanza fl-aċċess għal introjtu deċenti, li jagħmel it-tixjiħ attiv iktar diffiċli. Peress li r-rata ta' impjieg fost il-ħaddiema akbar fl-età fl-UE għadha taħt il-medja, huma meħtieġa miżuri biex l-impjieg jiġi adattat, jiġi pprovdut taħriġ u jiġi promoss l-impjieg sal-età uffiċjali tal-irtirar.

1.3. Is-sistemi tas-saħħa, tal-prevenzjoni u tal-edukazzjoni dwar is-saħħa huma fatturi ewlenin biex tittawwal il-lonġevità f'kundizzjoni psikofizika tajba. F'dan ir-rigward, l-aċċessibbiltà – speċjalment tad-dar proprja u tal-madwar – hija fattur kritiku fil-prevenzjoni ta' korrimenti li jwasslu għal dipendenza, indeboliment fiżiku u mentali, u li jxekklu haġja attiva u b'saħħitha <sup>(1)</sup>.

1.4. L-investiment fir-riċerka, fl-iżvilupp u fl-innovazzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' teknoloġiji, prodotti u servizzi li huma aċċessibbli għal kulħadd u li jissodisfaw il-varjetà wiesgħa ta' ħtiġijiet ta' persuni anzjani, huwa meħtieġ biex jappoġġja t-tixjiħ b'saħħtu u attiv.

1.5. Fis-27 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-Green Paper tagħha dwar it-Tixjiħ. Wieħed mill-akbar nuqqasijiet tal-Green Paper tal-Kummissjoni huwa l-enfasi fuq l-età u l-anzjani bħala spiża għas-soċjetà, filwaqt li jiġu injorati l-benefiċċji soċjali u ekonomiċi li ser jinkisbu permezz ta' inklużjoni attiva akbar tal-anzjani, kif ukoll id-dimensjoni emozzjonali tat-tixjiħ.

1.6. Peress li sal-lum ma għet proposta l-ebda politika komprensiva dwar it-tixjiħ jew iffokata esklużivament fuq l-anzjani, jeħtieġ li l-UE tadotta Strateġija Ewropea ġdida għall-Anzjani, bl-oġġettivi fundamentali jkunu l-protezzjoni tad-drittijiet kollha tagħhom, kif ukoll il-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fis-soċjetà u l-ekonomija. Strateġija Ewropea ġdida għall-Anzjani se tikkontribwixxi għall-bidla meħtieġa fl-enfasi tal-politiki attwali u futuri dwar l-età u l-anzjani.

<sup>(1)</sup> Pereżempju, Il-pjan kontra l-waqgħat imniedi fi Franza: “Plan antichute des personnes âgées”.



1.7. L-Istrateġija għandha tiżviluppa proposti u miżuri fl-oqsma tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, id-dimensjoni tal-ġeneru, id-drittijiet u l-aċċess għalihom, il-parteciċipazzjoni fis-soċjetà, l-impjieg, l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-introjtu deċenti u l-inklużjoni soċjali. Barra minn hekk, din għandha twassal ukoll biex l-Istati Membri jfasslu pjani nazzjonali, li jinkludu miri u indikaturi speċifiċi.

1.8. Il-KESE jstieden lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta l-Istrateġija l-ġdida mill-aktar fis, qabel tmiem il-mandat attwali, appoġġjata minn Garanzija għall-Anzjani – simili għall-Garanzija għaż-Żgħażaġħ jew il-Garanzija għat-Tfal – biex isservi bħala għodda għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija l-ġdida.

1.9. Il-KESE jstieden lill-Istati Membri biex jadottaw Garanzija ġdida, li tippermetti lill-Istati Membri jużaw oqfsa differenti ta' finanzjament tal-UE, bħall-Fond Soċjali Ewropew Plus, għal programmi li jappoġġjaw lill-anzjani, kif ukoll biex jintegraw id-demografija bħala element ewlieni fil-proċess tas-Semestru Ewropew u fil-formulazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.

1.10. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jfasslu, jiżviluppaw, jiffirmaw, jimplementaw u jimmonitorjaw mill-aktar fis Dikjarazzjoni Ewropea dwar l-Anzjani biex tirrifletti l-impenn li titfassal Strateġija Ewropea għall-Anzjani matul il-mandat attwali (2019-2024).

1.11. Kif stabbilit fl-Opinjoni tal-KESE *Lejn mudell ġdid ta' kura għall-anzjani: Nitgħallmu mill-pandemija tal-COVID-19* <sup>(2)</sup>, il-KESE jitlob lill-Kummissjoni Ewropea torganizza Sena Ewropea tal-Anzjani bħala rikonoxximent tad-drittijiet fundamentali tal-anzjani – u l-aċċess għalihom – u bħala espressjoni tal-kontribut tagħhom għas-soċjetà.

1.12. Il-KESE jenfasizza r-rwol tal-imsieħba soċjali u tad-djalogu soċjali, f'konformità mal-*Ftehim Qafas Awtonomu tal-Imsieħba Soċjali Ewropej dwar it-Tixjijih Attiv u Approċċ Interġenerazzjonali* <sup>(3)</sup>.

1.13. Il-KESE jħeġġeġ biex jinfetħu konsultazzjonijiet mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-anzjani, qrabathom u l-organizzazzjonijiet professjonali li jappoġġjawhom, kif ukoll mal-organizzazzjonijiet tal-ugwaljanza, ir-rappreżentanti tal-persuni b'diżabilità, il-fornituri tas-servizzi, l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali, eċċ.

1.14. Il-KESE jitlob li s-sħubijiet pubbliċi-privati jintużaw bħala mezz komplementari biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-parteciċipazzjoni attiva tal-anzjani f'oqsma bħall-kultura, l-edukazzjoni, l-isport, it-turiżmu, eċċ.

1.15. Sabiex jitħeġġu l-iskambju ta' prattiki tajbin, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tekniċi u azzjonijiet konkreti rigward l-oqsma ta' azzjoni tal-Istrateġija, il-KESE jappella biex tinħoloq Aġenzija Ewropea għall-Anzjani, it-Tixjijih u l-Isfida Demografika <sup>(4)</sup>.

1.16. Il-KESE jħeġġeġ il-koordinazzjoni tal-ombudsmen għall-anzjani bejn l-Istati Membri u bejn l-amministrazzjoni u s-settur privat. Dawn jstgħu jgħinu lill-anzjani fir-relazzjonijiet tagħhom mal-awtoritajiet pubbliċi, jirċievu lmenti dwar diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, jiffaċilitaw l-aċċess għal servizzi bażiċi jew jiżguraw introjtu minimu għall-anzjani <sup>(5)</sup>.

1.17. Fil-livell internazzjonali, il-KESE jħeġġeġ l-adozzjoni ta' Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Anzjani għat-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem ugwali fl-anzjanità, abbażi tal-eżempju tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta-Tfal jew il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità <sup>(6)</sup>, li tiżgura l-parteciċipazzjoni attiva tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jirrappreżentaw lill-anzjani u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti.

<sup>(2)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Lejn mudell ġdid ta' kura għall-anzjani: Nitgħallmu mill-pandemija tal-COVID-19" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 194, 12.5.2022, p. 19).

<sup>(3)</sup> European social partners' autonomous framework agreement on active ageing and an inter-generational approach (2017), (Ftehim Qafas Awtonomu tal-Imsieħba Soċjali Ewropej dwar it-Tixjijih Attiv u Approċċ Interġenerazzjonali, mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(4)</sup> Friends of Europe.

<sup>(5)</sup> *Current and future challenges for ombudsman institutions* (Sfidi attwali u futuri għall-istituzzjonijiet tal-ombudsman, mhux disponibbli bil-Malti) – Network in Focus 2019 (europa.eu)

<sup>(6)</sup> Kif inkluż fir-Rapport tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-anzjani ta' Marzu 2022 (mhux disponibbli bil-Malti).

1.18. Il-KESE jilqa' l-ħolqien ta' unità fi ħdan id-DĠ Ġustizzja tal-Kummissjoni Ewropea ddedikata għall-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni abbażi tal-età; il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex toħloq servizz iddedikat għal kwistjonijiet relatati mat-tixjiħ u mal-isfida demografika, li jippermetti l-koordinazzjoni tal-politiki għall-anzjani.

1.19. Biex jiġu appoġġjati dawn il-miżuri kollha u sabiex jiġi rifless l-appoġġ tal-KESE għall-progress tal-politiki għall-anzjani, il-Kumitat jagħraf li jkun utli li jiġi kkunsidrat li jinħoloq grupp ad hoc biex iwettaq inizjattivi relatati mat-tixjiħ u l-isfidi u l-opportunitajiet demografiċi, b'konformità mal-Opinjoni tal-KESE dwar "Lejn mudell ġdid ta' kura għall-anzjani: Nitgħallmu mill-pandemija tal-COVID-19" <sup>(7)</sup>.

## 2. Kummenti ġenerali

2.1. L-isfida demografika (iż-żieda fil-lonġevità u tnaqqis fil-fertilità f'dawn l-aħħar deċennji) hija kwistjoni ċentrali fir-rikonfigurazzjoni tal-futur tas-soċjetà, flimkien mat-tibdil fil-klima u r-rivoluzzjoni teknoloġika marbuta mal-intelliġenza artifiċjali.

2.2. Huwa stmat li l-popolazzjoni tal-pajjiżi tal-UE li għandha aktar minn 65 sena ser tiżdied minn 90,5 miljun fil-bidu tal-2019 għal 129,8 miljun fl-2050. Matul dan il-perjodu, l-għadd ta' persuni fl-UE ta' bejn il-75 u l-84 sena ser jiżdied b'56,1 %, filwaqt li l-għadd ta' persuni ta' bejn il-65 u l-74 sena ser jiżdied b'16,6 %. B'kuntrast ma' dan, huwa stmat li fl-2050 l-għadd ta' persuni ta' inqas minn 55 sena li jgħixu fl-UE ser jonqos bi 13,5 %.

2.3. Madankollu, ir-rata ta' impjeg fost il-ħaddiema akbar fl-età fl-UE għadha taħt il-medja. 59,1 % biss ta' dawk li għandhom bejn il-55 u l-64 sena kienu impjegati fl-2019 meta mqabbel mat-73,1 % ta' dawk li għandhom bejn l-20 u l-64 sena. Ir-rata ta' faqar u esklużjoni soċjali fost il-persuni qabel l-età tal-irtirar (55-64 sena) hija waħda mill-ogħla rati fl-UE.

2.4. L-età medja tal-irtirar fl-UE hija ta' madwar 65 sena, u l-istennija tal-għomor medja hija ta' madwar 84 sena, li jimplika li l-biċċa l-kbira tal-individwi jgħixu madwar għoxrin sena irtirati. Huwa għalhekk meħtieġ li tiġi promossa l-lonġevità fi stat tajjeb ta' saħħa.

2.5. Skont ir-rapport tal-Ewrobarometru tal-2019 dwar id-diskriminazzjoni fl-UE, id-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, flimkien mad-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru, hija l-aktar forma prevalenti ta' diskriminazzjoni fl-UE.

2.6. L-anzjani huma grupp ta' persuni friskju akbar li jiżviluppaw diżabilità, peress li t-tixjiħ iżid ir-riskju għad-diżabilità. 48,5 % tal-persuni b'diżabilità għandhom aktar minn 65 sena.

2.7. Għalkemm ir-rati aggregati ta' sostituzzjoni tal-pensjonijiet fl-UE huma ta' 58 % <sup>(8)</sup>, huwa stmat li f'ħafna pajjiżi 40 % tal-ġid u sehem tal-kapaċità tal-akkwist huma f'idejn l-anzjani, imqassam b'mod mhux uniformi bejn in-nisa u l-irġiel u bejn il-gruppi ta' introjtu. Dan jirrappreżenta potenzjal sinifikanti tal-anzjani bħala konsumaturi kbar.

2.8. Il-konsumaturi anzjani jiffurmaw parti kbira mill-ekonomija u s-sehem tagħhom fil-konsum ser ikompli jikber. L-ekonomija tal-anzjani hija mistennija li tikber fl-UE kollha b'madwar 5 % fis-sena biex tilħaq EUR 5,7 triljun fl-2025 <sup>(9)</sup>.

2.9. Jeħtieġ li l-UE tkun attrezzata bi strateġiji effettivi li għandhom jintegraw id-dinamika demografika u l-iżvilupp ekonomiku ta' kull reġjun, u jindirizzaw ukoll l-opportunitajiet li jistgħu joħorġu mill-ekonomija tal-anzjani <sup>(10)</sup>.

<sup>(7)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Lejn mudell ġdid ta' kura għall-anzjani: Nitgħallmu mill-pandemija tal-COVID-19" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 194, 12.5.2022, p. 19).

<sup>(8)</sup> Eurostat.

<sup>(9)</sup> Silver Economy Study: How to stimulate the economy by hundreds of millions of Euros per year | Shaping Europe's digital future (europa.eu) (Studju dwar l-ekonomija tal-anzjani: kif nistimolaw l-ekonomija b'mijiet ta' miljuni ta' euro fis-sena | It-tiswir tal-futur diġitali tal-Ewropa, mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(10)</sup> L-Atlas tad-Demografija tal-Kummissjoni Ewropea.

### 3. Politika ġdida tal-UE dwar id-drittijiet tal-anzjani

3.1. Fl-aħħar Assemblée Dinjija dwar it-Tixjiħ li saret f'Madrid fl-2002, in-NU ppreżentat il-Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali dwar it-Tixjiħ, l-ewwel ftehim internazzjonali li jqis lill-anzjani bħala kontributori għall-iżvilupp tas-soċjetà u ħolqot il-Grupp ta' Ħidma b'kompożizzjoni miftuħa dwar it-Tixjiħ.

3.2. Fis-27 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat *Green Paper dwar it-tixjiħ: Inrawmu solidarjetà u responsabbiltà bejn il-ġenerazzjonijiet* <sup>(1)</sup>, li fiha ħejjiet il-pedamenti għall-politiki futuri ta' appoġġ għall-anzjani.

3.3. Il-Green Paper tikkonkludi li t-tixjiħ b'saħħtu u attiv għandu impatt pożittiv fuq is-suq tax-xogħol, ir-rata tal-impjeg u s-sistemi ta' protezzjoni soċjali, u għalhekk fuq it-tkabbir u l-produttività tal-ekonomija.

3.4. Il-Green Paper tikkonferma l-ħtieġa għal azzjoni konkreta u deċiżiva biex l-anzjani jiġu appoġġjati fl-oqsma kollha ta' politika, iżda madankollu ma tfassalx programm konkret ta' inizjattivi li għandhom jiġu żviluppati mill-UE u l-Istati Membri.

3.5. Il-politiki l-ġodda tal-UE għandhom iwasslu għal bidla fil-paradigma, jagħtu aktar viżibbiltà lill-anzjani u jitbiegħdu mill-approċċ ibbażat fuq il-kura biex jiffokaw fuq l-awtonomizzazzjoni tagħhom u jkissru l-approċċi diskriminatorji bbażati fuq l-età.

### 4. Lejn Strateġija Ewropea

4.1. Għalkemm il-Green Paper kienet pass ieħor lejn l-implimentazzjoni tal-impenji li saru fil-Pjan ta' Madrid għoxrin sena ilu, hija għandha għadd ta' nuqqasijiet li jeħtieġ li jimtlew, peress li s'issa għadha ma ġiet proposta l-ebda politika komprensiva dwar it-tixjiħ jew li tiffoka esklużivament fuq l-anzjani.

4.2. Wieħed mill-akbar nuqqasijiet tal-Green Paper tal-Kummissjoni huwa l-enfasi fuq l-età u l-anzjani bħala spiża għas-soċjetà, u li jiġu injorati l-benefiċċji soċjali u ekonomiċi li ser jinkisbu permezz ta' inklużjoni attiva akbar tal-anzjani. Il-Green Paper tkompli torbot l-età mad-deterjorament, il-passività u l-vulnerabilità. Sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal tat-tixjiħ, hija kruċjali viżjoni bbażata fuq id-drittijiet tal-bniedem, il-benesseri, il-kontribut tal-anzjani għas-soċjetà u l-ekonomija u l-għodod li jippermettu l-kontribut tagħhom.

4.3. Matul dawn l-aħħar snin, ġew ippreżentati u diskussi għadd ta' inizjattivi marbuta mill-qrib mal-età, bħall-Istrateġija Ewropea għall-Kura, il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024, il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-impenji li saru mill-Istati Membri dwar l-inizjattiva tan-NU dwar l-impatt tal-COVID fuq l-anzjani, u d-diversi konklużjonijiet tal-Kunsill tal-UE dwar *id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Parteċipazzjoni u l-Benesseri ta' Persuni Akbar fl-Età fl-Era tad-Digitalizzazzjon* <sup>(2)</sup>, dwar *l-Integrazzjoni tat-Tixjiħ fil-Politiki Pubbliċi* <sup>(3)</sup> jew dwar *irkupru wara l-COVID-19 ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem* <sup>(4)</sup>.

4.4. Strateġija Ewropea ġdida għall-Anzjani se tikkontribwixxi għall-bidla meħtieġa fl-enfasi tal-politiki attwali u futuri dwar l-età u l-anzjani, u se tenfasizza l-opportunitajiet mil-lat uman, soċjali u ekonomiku u ttejjeb il-perspettivi taċ-ċittadini u għall-parteċipazzjoni, peress li l-anzjani spiss ikollhom kapital intellettuali, ekonomiku u soċjali mhux sfruttat. L-Istrateġija ser tappoġġja s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u approċċ ibbażat fuq iċ-ċiklu tal-ħajja sabiex jiġu pprevenuti u jitnaqqsu l-isfidi relatati mal-età, billi tikkoreġi l-approċċ attwali li jqis it-tixjiħ bħala kost.

4.5. Ser tagħmilha possibbli wkoll li jiġu kkonsolidati l-prinċipji fundamentali tal-inizjattivi mfassla mill-UE u mill-organizzazzjonijiet internazzjonali minn meta ġie ffirmat il-Pjan ta' Madrid fl-2002, u fl-istess ħin ser tipproponi azzjonijiet u pjani konkreti biex jtfasslu politiki fil-qasam tal-anzjani.

<sup>(1)</sup> COM(2021) 50 final.

<sup>(2)</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Parteċipazzjoni u l-Benesseri ta' Persuni Akbar fl-Età fl-Era tad-Diġitalizzazzjoni (2020).

<sup>(3)</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Integrazzjoni tat-Tixjiħ fil-Politiki Pubbliċi (2021).

<sup>(4)</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar irkupru wara l-COVID-19 ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem (2021).

4.6. L-Istrateġija Ewropea għall-Anzjani ser twassal biex jimmaterializza patt interġenerazzjonali bbażat fuq ir-rispett u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet, li l-għanijiet fundamentali tiegħu huma l-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità tajba u tul il-ħajja, l-impjeg deċenti u sistemi ta' protezzjoni soċjali żviluppatti ta' natura universali<sup>(15)</sup>.

4.7. Barra minn hekk, l-Istrateġija se sservi mhux biss għall-anzjani iżda għall-popolazzjoni kollha, inklużi l-ħaddiema li jindukraw lill-anzjani, u se tħejji wkoll lil ġenerazzjonijiet iżgħar għat-tixjiħ tagħhom stess.

## 5. Pilastri tal-Istrateġija Ewropea l-ġdida għall-Anzjani

5.1. L-Istrateġija Ewropea l-ġdida għandha tindirizza l-isfidi li jiffaċċjaw l-anzjani bħala grupp eteroġenu u, fl-istess ħin, tippromovi l-azzjoni politika meħtieġa biex jinħatfu l-opportunitajiet kollha offruti mit-tixjiħ attiv u b'saħħtu.

5.2. L-Istrateġija Ewropea għandha tinbena fuq politiki għat-tħejji, il-prevenzjoni u l-antiċipazzjoni tal-konsegwenzi tal-età avvanzata, kif ukoll fuq politiki li jiżguraw il-parteċipazzjoni u ċ-ċittadinanza attiva, bħat-tagħlim tul il-ħajja, it-tixjiħ b'saħħtu u l-parteċipazzjoni attiva. Dawn huma l-aħjar oqsma ta' investiment biex jiġu minimizzati l-inugwaljanzi relatati mal-età u l-piżijiet soċjali u ekonomiċi li jirriżultaw mit-tixjiħ<sup>(16)</sup>. L-Istrateġija se tħeġġeġ lin-nies biex jieħdu azzjoni adatta biex jindirizzaw il-konsegwenzi tat-tixjiħ tagħhom.

5.3. Bħala parti mill-Istrateġija, l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw il-pjani nazzjonali tagħhom dwar it-tixjiħ b'għanijiet u indikaturi speċifiċi biex ikejlu l-effettività tal-politiki li jappoġġjaw lill-anzjani. Għandhom jipproponu wkoll miżuri konkreti li jappoġġjaw l-għanijiet u l-pilastri tal-Istrateġija Ewropea.

### 5.4. L-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni

5.4.1. L-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni bbażati fuq l-età huma prinċipji fundamentali stabbiliti sew fit-Trattati u fil-leġislazzjoni Ewropea. Madankollu, id-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età tippersisti f'wisq oqsma ta' ħajjtna, u dan johlq ostakli għall-parteċipazzjoni sħiħa tal-anzjani fis-soċjetà tagħna.

5.4.2. L-Istrateġija futura għall-Anzjani għandha għalhekk tintuża biex:

5.4.2.1. issaħħaħ l-ugwaljanza irrispettivament mill-età bħala prinċipju fundamentali u bħala dimensjoni li għandha tiġi inkluża fil-politiki kollha tal-UE, u tappoġġja l-adozzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twenmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali<sup>(17)</sup>;

5.4.2.2. tippromovi azzjonijiet konkreti biex iżżid l-għarfien dwar id-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, l-anzjani u d-drittijiet tagħhom u l-opportunitajiet biex jiġu inklużi, kif ukoll tippromovi immaġni pożittiva tal-età;

5.4.2.3. tiżgura li l-Istati Membri u l-qrati nazzjonali u Ewropej jimplimentaw id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjegji b'mod rigoruż u imparzjali u tippromovi linji gwida biex jiġi definit aħjar il-prinċipju tal-ugwaljanza irrispettivament mill-età fi kwistjonijiet ta' impjeg;

5.4.2.4. tagħti attenzjoni speċjali lin-nisa anzjani, peress li jgawdu minn stennija tal-għomor itwal mill-irġiel, jistgħu jibqgħu attivi għal aktar żmien u min-naħa tagħhom huma aktar esposti għal diskriminazzjoni jew solitudni;

5.4.2.5. tippromovi miżuri biex jiġu indirizzati l-forom multipli u intersezzjonali ta' diskriminazzjoni fix-xjuħija, inklużi, iżda mhux biss, il-problemi li jiffaċċjaw l-anzjani b'diżabilità, l-anzjani LGBTI+, l-anzjani minn minoranzi etniċi jew l-anzjani migranti;

<sup>(15)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Lejn mudell ġdid ta' kura għall-anzjani: Nitgħallmu mill-pandemija tal-COVID-19" (opinjoni fuq inizzjattiva proprja) (ĠU C 194, 12.5.2022, p. 19).

<sup>(16)</sup> UN report on the Decade of Healthy Ageing, 2021-2030 (Rapport tad-WHO dwar Deċennju għat-Tixjiħ b'Saħħtu, 2021-2030, mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(17)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Intejbu l-ugwaljanza fl-UE" (opinjoni fuq inizzjattiva proprja) (ĠU C 75, 28.2.2023, p. 56), u l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twenmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008) 426 finali) (Opinjoni addizzjonali) (ĠU C 182, 4.8.2009, p. 19).

5.4.2.6. tirrettifika l-esklużjoni attwali tal-anzjani mid-data, l-istatistika u l-istħarriġ tal-opinjoni pubblika mfassla minn korpi pubbliċi, inkluż l-Eurostat jew l-Ewrobarometru, fejn jiġu indirizzati l-limitazzjonijiet tal-età fis-sondaġġi, is-segmentazzjoni skont l-età fil-kategorija tal-“anzjani” jew in-nuqqas ta’ informazzjoni dwar l-anzjani li jgħixu fid-djar tax-xjuħ; tiżgura li d-data tingħabar, tiġi diżaggregata, analizzata, użata u mxerrda għall-etajiet kollha u karatteristiċi oħra u li l-Istati Membri jiġbru data adegwata, komparabbli u affidabbli;

5.4.2.7. tiżgura li l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali tintegra aħjar l-aspetti tad-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età u d-drittijiet tal-bniedem tal-anzjani fil-ħidma tagħha.

## 5.5. Il-parteċipazzjoni fis-soċjetà

5.5.1. Li l-anzjani jiġheggu jipparteċipaw, speċjalment fil-ħajja ekonomika, se jkun strumentali biex jinħatfu l-opportunitajiet li l-inklużjoni akbar tagħhom toffri f’termini soċjali u ekonomiċi.

5.5.2. Biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni attiva sħiħa tal-anzjani, l-Istrateġija l-għdida għandha tipproponi inizjattivi speċifiċi, fil-livell ta’ kompetenzi adegwat, biex:

5.5.2.1. tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tal-ambjent mibni — inkluża l-aċċessibbiltà tad-dar proprja — u tas-servizzi u l-oġġetti diġitali billi jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta’ strumenti legali bħall-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà, id-Direttiva dwar l-Aċċessibbiltà għall-Web, il-leġiżlazzjoni dwar l-aċċessibbiltà għat-trasport jew id-diversi obbligi inklużi fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta’ Persuni b’Diżabilità (CRPD) f’termini ta’ aċċessibbiltà;

5.5.2.2. jiġu promossi inizjattivi u politiki li jikkonformaw mal-Artikolu 19 tas-CRPD, billi jiġi żgurat l-għajxien indipendenti u l-inklużjoni fil-komunità għall-etajiet kollha;

5.5.2.3. jiġi appoġġjat il-kunċett ta’ “Bliet għal Kulħadd”, mudelli ta’ ppjanar urban intelliġenti, ekoloġiku u inklużiv, bħala rispons għar-riskji ta’ iżolament u solitudni mhux mixtieqa kemm fiż-żoni urbani kif ukoll f’dawk rurali. Id-disinn għal kulħadd, il-mobbiltà u r-relazzjonijiet interpersonali huma kruċjali għal ħajja soċjali;

5.5.2.4. fejn meħtieġ, jitneħħew l-ostakli li jeskludu lill-anzjani mill-proċessi demokratiċi jew kostitwenti, bħall-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, peress li huma forza elettoralni sinifikanti bi drittijiet sħaħ;

5.5.2.5. jingħeleb id-“distakk diġitali u l-faqar diġitali” billi jiġi allokat appoġġ finanzjarju u jitnedew inizjattivi biex jittejjbu l-infrastruttura, it-tagħmir ta’ appoġġ u t-taħriġ biex jikkontribwixxu għal-litteriżmu diġitali fl-etajiet kollha, u fl-istess ħin jinżamm l-obbligu li l-oġġetti u s-servizzi essenzjali jibqgħu aċċessibbli wkoll barra mill-isfera diġitali;

5.5.2.6. jiġu żgurati servizzi essenzjali oħra minbarra t-trasport pubbliku, bħall-kura, is-saħħa, l-akkomodazzjoni, il-kultura, id-divertiment, il-parteċipazzjoni attiva fil-ħajja soċjali, eċċ.;

5.5.2.7. jiġu appoġġjati r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea biex tiġi miġġielda s-solitudni, bil-għan li jiġi żgurat li fil-kuntest tal-bidliet demografiċi attwali, is-servizzi tas-saħħa mentali, soċjali u tal-kura fit-tul ikunu aċċessibbli, affordabbli, integrati, ibbażati fil-komunità u faċli li jintużaw. Barra minn hekk, l-Istati Membri jiġu appoġġjati permezz tal-ġbir u t-tixrid ta’ prattiki tajbin bis-saħħa tal-Aġenzija Ewropea l-għdida għall-Anzjani, it-Tixriġ u l-Isfida Demografika <sup>(18)</sup>;

5.5.2.8. jiġu proposti miżuri għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-konsumaturi anzjani minħabba li huma meqjusa bħala konsumaturi vulnerabbli mill-*acquis* Ewropew;

5.5.2.9. jiġu proposti miżuri li jippromovu l-volontarjat b’valur miżjud għall-anzjani, u jiġu offruti programmi ta’ mentoraġġ lill-anzjani interessati li jgħaddu l-esperjenzi tax-xogħol tagħhom lill-ġenerazzjonijiet iżgħar;

<sup>(18)</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali, COM (2023) 298 final.



5.5.2.10. isir investiment fir-Riċerka u l-Iżvilupp sabiex jiġi appoġġjat tixjiħ b'saħħtu u attiv, inkluż l-iżvilupp ta' teknoloġiji, prodotti u servizzi aċċessibbli għal kulħadd u bil-parteciġazzjoni diretta tal-anzjani biex iwiegħbu għad-diversità wiesgħa tal-ħtiġijiet tal-anzjani, kif ukoll il-promozzjoni tal-innovazzjoni soċjali;

5.5.2.11. ikompli jiġi implimentat il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali biex jappoġġja lill-Istati Membri fil-ħolqien tal-kundizzjonijiet adatti għall-iżvilupp ta' ħilet diġitali avvanzati u speċjalizzati fit-tagħlim tul il-ħajja <sup>(19)</sup>, aktar milli marbuta biss mal-parteciġazzjoni fis-suq tax-xogħol, u biex jistabbilixxu l-pedamenti għal miżuri speċifiċi li jimmiraw lill-anzjani u l-ambjent tagħhom.

## 5.6. L-impjeg, l-edukazzjoni u t-taħriġ

5.6.1. L-isfida demografika attwali teħtieġ li jitneħħew l-ostakli u jinħatfu l-opportunitajiet għall-inklużjoni tal-anzjani fis-suq tax-xogħol, u ta' dawk li jixtiequ jagħmlu dan wara li jirtiraw. L-Istrateġija għandha tinkludi miżuri speċifiċi ta' prattiki tajba bejn l-Istati Membri biex jittejjeb l-impjeg tal-anzjani.

5.6.2. L-Istrateġija għandha tinbena fuq mudell flessibbli fejn hemm diversi perjodi ta' tranżizzjoni bejn it-tagħlim, ix-xogħol, il-kura tal-familja, l-inattività/l-irtirar fi stadji differenti fil-ħajja ta' persuna, anke wara l-età statutorja tal-irtirar. Is-servizzi ta' kura għall-ġenerazzjonijiet kollha, inklużi l-indukrar tat-tfal u l-kura fit-tul, għandhom jippermettu lill-persuni ta' kull età, kemm nisa kif ukoll irġiel, jipparteciġaw b'mod attiv fis-soċjetà. L-Istrateġija għandha tinkludi miżuri speċifiċi biex jiġu appoġġjati l-persuni li jindukraw b'mod informali minħabba r-rwol kruċjali li għandhom għall-anzjani li jirċievu kura. F'dan ir-rigward, jistgħu jifasslu rakkomandazzjonijiet speċifiċi fl-oqsma tar-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol u l-ħajja tal-familja, il-kumpens tal-pagi jew l-appoġġ finanzjarju, diversi alternattivi ta' arranġamenti ta' kura ta' sollied għal dawk li jieħdu ħsieb qraba anzjani, l-aċċessibbiltà għal konsulenza u servizzi ta' taħriġ, eċċ.

5.6.3. Għal dan l-għan, l-Istrateġija Ewropea għandha, f'konformità mal-kompetenzi tal-Istati Membri:

5.6.3.1. tivvaluta l-impatt tad-derogi bbażati fuq l-età inklużi fid-Direttiva dwar l-impjeg u dwar il-Pagi Minimi, tipproponi linji gwida biex jiġu implimentati l-prinċipji ta' ugwaljanza abbażi tal-età fl-impjegi, u fejn meħtieġ, tidentifika modi oħra biex ittejjeb l-implimentazzjoni tad-direttivi jew bidliet speċifiċi għal dan il-għan u tevita d-diskriminazzjoni kontra l-anzjani li jixtiequ jibqgħu fis-suq tax-xogħol;

5.6.3.2. thegħġeg il-mentoraġġ interġenerazzjonali permezz ta' programmi speċifiċi;

5.6.3.3. f'konformità mal-politiki attwali, tiġġieled kontra u tipprevjeni r-riskji fiżiċi u psikosoċjali, bħall-istress u l-eżawriment fil-qafas li jmiss tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol;

5.6.3.4. tippromovi l-ispirtu intraprenditorjali tal-anzjani billi jiġu vvalutati l-ostakli eżistenti, bħat-telf tad-drittijiet tal-pensjoni, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjament u l-promozzjoni tal-inkubaturi għall-kointraprenditorja interġenerazzjonali jew it-trasferiment ta' kumpaniji minn intraprendituri jew negozjanti aktar anzjani lil intraprendituri aktar żgħażaġh <sup>(20)</sup> jew l-inkoraġġiment ta' inizjattivi fi ħdan l-ekonomija soċjali;

5.6.3.5. tippromovi l-ekonomija soċjali bħala settur iċċentrat fuq il-bniedem u fuq il-benefiċċji għas-soċjetà, peress li tista' toffri opportunitajiet ġodda ta' impjeg u intraprenditorja għall-anzjani <sup>(21)</sup>;

5.6.3.6. tippromovi u ttejjeb l-aċċessibbiltà għall-programmi Erasmus+ u l-programmi tat-teknoloġija edukattiva għall-anzjani, billi jsir użu sħiħ mis-sensibilizzazzjoni interġenerazzjonali tagħhom, u jiġu offruti opportunitajiet ta' tagħlim u mobbiltà akkademika għall-anzjani, inkluż fpostijiet fejn l-aċċess għall-edukazzjoni huwa diffiċli, bħall-postijiet ta' kura fit-tul. Għandhom jiġu sfruttati bis-sħiħ ukoll l-opportunitajiet offruti mill-mikrokredenzjali u mill-għodod ta' apprendiment diġitali, bħall-Korsijiet Online Miftuħa;

<sup>(19)</sup> Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-titjib tal-forniment tal-ħilet diġitali fl-edukazzjoni u t-taħriġ, COM(2023) 206 final.

<sup>(20)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Trasferimenti ta' negozji bħala promoturi tat-tkabbir tal-irkupru sostenibbli fis-settur tal-SMEs" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 486, 21.12.2022, p. 9).

<sup>(21)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Lejn mudell ġdid ta' kura għall-anzjani: Nitgħallmu mill-pandemija tal-COVID-19" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 194, 12.5.2022, p. 19).



5.6.3.7. tipproponi miżuri li jtejbu l-edukazzjoni finanzjarja tal-anzjani, li jistgħu jwasslu għall-użu ta' riżorsi inattivi u t-titjib tal-kompetittività. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-iżvilupp tal-ħiliet tal-anzjani biex ikunu jistgħu jaġixxu bħala investituri infurmati u biex jiġu evitati investimenti finanzjarji jew konsum mhux adatt;

5.6.3.8. tiżviluppa proposti biex jiġi evitat l-eżodu ta' mħuħ mill-ġenerazzjonijiet kollha, kemm bejn l-Istati Membri kif ukoll barra mill-UE, li jibnu fuq l-Aġenda għall-ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza <sup>(22)</sup>.

#### 5.7. Introjtu li jiggarantixxi l-għajxien u inklużjoni soċjali

5.7.1. Fl-2019, il-proporzjon ta' persuni rtirati ta' aktar minn 65 sena f'riskju ta' faqar fl-UE kien ta' 15,1 %. Fl-UE, bejn l-2010 u l-2019, il-proporzjon ta' nisa anzjani ta' aktar minn 65 sena li rċevew pensjoni u li kienu f'riskju ta' faqar kien bejn 3 u 4 punti perċentwali ogħla minn dak tal-irġiel.

5.7.2. Sabiex tissolva din is-sitwazzjoni u jitnaqqsu kemm jista' jkun ir-riskji tal-faqar u l-esklużjoni soċjali tal-anzjani, f'konformità mal-kompetenzi esklużivi tal-Istati Membri u b'kont meħud tar-rwol tal-imsieħba soċjali, l-Istrateġija għandha tippromovi introjtu deċenti għall-anzjani billi tipproponi inizjattivi biex:

5.7.2.1. jiġu żviluppati sistemi tal-pensjonijiet biex jiġu pprovduti pensjonijiet adegwati sabiex il-pensjonanti ma jkollhomx għalfejn jiddependu mill-appoġġ għall-introjtu minimu, kif iddikjarat fl-Opinjoni tal-KESE dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura l-inklużjoni attiva <sup>(23)</sup>; f'konformità ma' dan, tevalwa flimkien mal-Istati Membri l-possibbiltà għal miżuri konverġenti biex jiġi żgurat introjtu minimu għall-anzjani kollha u tgħinhom jibqgħu impjegati jekk jixtiequ;

5.7.2.2. tiġi żviluppata Garanzija għall-anzjani li tipproteġihom mill-faqar u tippermettilhom jgħixu ħajja deċenti u parteċipattiva mill-età ta' 65 sena 'il quddiem, inkluż appoġġ speċifiku għal dawk li għandhom aktar minn 75/80 sena, skont il-karatteristiċi tal-Istati Membri;

5.7.2.3. jiġi żgurat li l-pensjonijiet jibqgħu adegwati matul iż-żmien, billi fejn meħtieġ, jiġi żgurat li jiġu indiċjati f'konformità mal-għoli tal-ħajja, u li jitqiesu l-ispejjeż speċifiċi tal-anzjani (bħas-saħħa, il-kura fit-tul, eċċ.);

5.7.2.4. titnaqqas id-differenza bejn il-pensjonijiet tal-irġiel u n-nisa u, fejn meħtieġ, tiġi promossa l-introduzzjoni ta' krediti ta' kura fil-protezzjoni soċjali u/jew fis-sistemi tat-taxxa;

5.7.2.5. jinħoloq qafas għall-aċċess universali għad-drittijiet tal-pensjoni, inkluż għall-irġiel u n-nisa, għal dawk li jaħdmu għal rashom, u għall-persuni f'forom ġodda ta' impjieg bħall-ekonomija soċjali, il-persuni b'diżabilità (inklużi dawk f'impjieg protett) u l-persuni esklużi mis-suq tax-xogħol;

5.7.2.6. jiġu proposti miżuri biex ikun hemm għarfien u għieda kontra l-vjolenza u t-trattament ħażin tal-anzjani, speċjalment in-nisa anzjani.

Brussell, it-12 ta' Lulju 2023.

Oliver RÖPKE  
Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

<sup>(22)</sup> COM(2020) 274 final.

<sup>(23)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura l-inklużjoni attiva”(COM(2022) 490 final — 2022/0299 (NLE)) (ĠU C 184, 25.5.2023, p. 64) u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura l-inklużjoni attiva (ĠU C 41, 3.2.2023, p. 1).

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija Ewropea u r-rwol tal-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni biex jixprunawha”**

**(opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Spanjola)**

(2023/C 349/07)

Relatur: **Andrés BARCELÓ DELGADO**

Korelatur: **Monika SITÁROVÁ**

Konsultazzjoni mitluba mill-Presidenza Spanjola tal-Kunsill

Bażi legali

Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

Opinjoni esploratorja

Deċizzjoni tal-Bureau

13.12.2022

Sezzjoni kompetenti

Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali

Adozzjoni fis-sezzjoni

22.6.2023

Adozzjoni fil-plenarja

12.7.2023

Sessjoni plenarja Nru

580

Riżultat tal-votazzjoni

(favur/kontra/astensjonijiet)

185/3/7

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija tal-UE trid tkun akkumpanjata minn diġitalizzazzjoni msaħħa.

1.2. L-innovazzjoni hija essenzjali jekk l-industrija trid tiġi dekarbonizzata għalkollox, peress li ħafna teknoloġiji għadhom qed jiġu żviluppati.

1.3. L-UE ma tistax tikseb dekarbonizzazzjoni mingħajr involviment qawwi tal-ħaddiema u d-djalogu soċjali, u l-programmi ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet iridu jkunu prijorità ewlenija bil-ħsieb li jintlaħqu l-miri. Id-djalogu soċjali u l-involviment tar-rappreżentanti tal-ħaddiema jridu jaqdu rwol fil-programmi ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet li se jkunu prerekwiżit għas-suċċess ta' teknoloġiji u metodi ta' ħidma ġodda.

1.4. Jeħtieġ li l-UE tidentifika t-teknoloġiji li jirrikjedu appoġġ speċifiku biex jiġu żviluppati attivitajiet ta' manifattura, kif ukoll tipproponi miżuri addizzjonali.

1.5. Għandhom jiġu żviluppati tekniki għall-qbid, l-użu u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju biex jitnaqqsu l-emissjonijiet diffiċli sabiex jitrażżnu f'industriji bħas-siment u r-raffineriji; il-karbonju stess jista' jintuża bħala materja prima għall-e-Fjuwils.

1.6. L-Att dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni tal-Amerka huwa sfida serja għall-UE u l-industrija tagħha. Il-Proposta tal-Kummissjoni dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Zero Netti tista' tkun tweġiba effettiva għat-theddida ta' rilokazzjoni massiva ta' attivitajiet industrijali mill-UE lejn pajjiżi terzi. Il-proposti tal-UE m'għandhomx jinjoraw il-kundizzjonalità soċjali tal-Att dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni.

1.7. Il-kumpaniji industrijali jeħtieġu appoġġ pubbliku matul il-proċess ta' dekarbonizzazzjoni (eż. iż-żieda tal-livell limitu de minimis, ir-rieżami tal-politiki tat-taxxa), iżda jridu jirrispettaw ukoll il-prinċipji tas-suq uniku.

1.8. Il-KESE jinnota li l-eżempji attwali ta' tewmin diġitali fl-industrija, kif indikat fl-Opinjoni CCMI/206, huma inkoraġġanti f'termini ta' titjib fil-prestazzjoni industrijali.

1.9. Il-KESE jħeġġeġ lill-awtoritajiet Ewropej u lill-Istati Membri biex jaċċelleraw il-proċessi tal-ġhoti ta' permessi għall-enerġija rinnovabbli u l-attivitajiet industrijali. Il-proċedura twila attwali involuta biex jingħataw il-permessi kif ukoll il-burokrazija eċċessiva jiskoraġġixxu investimenti ġodda.

1.10. Il-KESE jilqa' l-inizjattiva tal-Bank tal-Idroġenu, u jittama li din tgħin biex tiġi skjerata t-teknoloġija tal-idroġenu, b'mod partikolari fl-industriji li huma diffiċli sabiex jittrażżnu.

1.11. L-infrastruttura attwali għandha tiġi mantnuta b'mod adatt sabiex jiġu żviluppati proċessi industrijali ġodda. Iridu jiġu żviluppati programmi infrastrutturali speċifiċi biex jakkumpanjaw id-dekarbonizzazzjoni industrijali.

## 2. Kummenti ġenerali

2.1. Il-Presidenza Spanjola futura tal-Kunsill tal-UE talbet lill-KESE jfassal Opinjoni esploratorja dwar id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija Ewropea u r-rwol tad-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni f'dal-proċess.

2.2. Il-KESE diġà ħareġ Opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar it-teknoloġiji tad-dekarbonizzazzjoni b'enfasi fuq l-industriji fl-ambitu tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) <sup>(1)</sup>.

2.3. Is-soċjetà Ewropea ħadet id-deċiżjoni radikali meħtieġa biex tkun għalkollox dekarbonizzata sal-2050. L-industrija se tiġi affettwata l-aktar minn dan, u xi attivitajiet industrijali se jsibuha diffiċli ħafna biex jadattaw.

2.4. Xi industriji għamlu investimenti kbar f'dawn l-aħħar snin u se jkun mġiegħla jagħmlu bidliet aktar radikali biex jilhqqu l-mira ta' emissjonijiet zero netti. Għalhekk, is-soċjetà Ewropea trid tappoġġjahom fit-trażizzjoni tagħhom mill-fjuwils fossili għal produzzjoni newtrali għall-klima.

2.5. Ċerti attivitajiet industrijali li huma diffiċli biex jittrażżnu għandhom jadottaw teknoloġiji għall-qbid u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju (CCS). Fil-futur, l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> jistgħu jintużaw biex jipproduċu oġġetti ta' valur miżjud għoli.

2.6. Il-livell tad-dipendenza tal-UE minn pajjiżi terzi għall-provvista ta' xi teknoloġiji nodfa tagħmilha estremament diffiċli għall-UE biex tilħaq il-mira tagħha li, sal-2030, 40 % tal-enerġija tkun minn sorsi rinnovabbli. L-Ewropa tiddependi ħafna mill-importazzjonijiet fir-rigward tat-teknoloġija nadifa; fl-istess ħin, l-UE se jkollha taċċellara b'mod drammatiku l-iskjerament tat-teknoloġija nadifa biex jintlaħqu l-oġġettivi "lesti għall-mira ta' 55 %". Jeħtieġ li l-UE tidentifika t-teknoloġiji li jeħtieġu appoġġ speċifiku biex jiġu żviluppati attivitajiet ta' manifattura, kif ukoll tipproponi miżuri addizzjonali.

2.7. L-industrija Ewropea tinsab taħt pressjoni kostanti mill-kompetizzjoni internazzjonali, u teħtieġ rispons rapidu u żvilupp u adattament kontinwi tan-negozju sabiex il-produzzjoni fl-UE tibqa' profittabbli. Dan diġà huwa fattur importanti fil-produzzjoni moderna, iżda b'teknoloġiji diġitali ġodda, il-kumpaniji tal-manifattura jistgħu jwasslu għal titjib kbir fl-effiċjenza u jisfruttaw opportunitajiet kompletament ġodda għall-iżvilupp ta' prodotti, servizzi u mudelli ta' negozju.

2.8. It-tranżizzjoni diġitali prevista mill-Patt Ekoloġiku tal-UE hija prerekwiżit biex tintlaħaq il-mira tad-dekarbonizzazzjoni.

2.9. Xejn ma jista' jinkiseb mingħajr in-nies. Il-forza tax-xogħol Ewropea hija kkwalifikata ħafna f'termini tat-teknoloġija attwali, iżda trid tiġi mħarrġa mill-ġdid biex taħtaf l-oportunità offruta mit-teknoloġiji l-ġodda li se jiġu żviluppati u implimentati fil-futur qrib.

2.10. Skont il-prinċipju ġeneralment aċċettat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura, trid tingħata attenzjoni speċjali lill-komunitajiet lokali fejn huma stabbiliti l-faċilitajiet industrijali, minħabba l-bidliet li se jseħħu fis-snin li ġejjin u l-impatt li dawn il-bidliet se jkollhom, fi żmien qasir, fuq l-impjegji fiż-żoni kkonċernati.

<sup>(1)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Ir-rwol tat-teknoloġiji tal-assorbiment tal-karbonju għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija Ewropea" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 486, 21.12.2022, p.53).

### 3. Xenarju ġdid fl-UE u bnadi oħra

3.1. Sadanittant, l-Unjoni Ewropea jeħtiġilha tiffaċċja l-isfidi l-ġodda maħluqa mill-implimentazzjoni tal-Att il-ġdid dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni tal-Amerka <sup>(2)</sup>, li jista' jipprovdi inċentiv għar-rilokazzjoni ta' parti kbira mill-katina tal-valur industrijali Ewropea lejn l-Istati Uniti, b'mod partikolari dawk relatati mat-teknoloġiji rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. L-Att dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni jikkonsisti f'taħlita ta' għotjiet, inċentivi fiskali u garanziji ta' self, akkumpanjati minn diversi kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi. Fil-biċċa l-kbira tagħha l-leġiżlazzjoni tikkonċerna krediti tat-taxxa korporattiva li jammontaw għal madwar USD 216-il biljun.

3.2. Krediti tat-taxxa għall-produzzjoni huma disponibbli wkoll għal proġetti eoliċi u solari. Il-kumpaniji li jridu jaċċessaw dawn il-krediti tal-produzzjoni jkollhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-kontenut domestiku: il-ħadid, l-azzar u l-prodotti manifatturati tal-faċilitajiet li jiġġeneraw l-enerġija jridu jiġu prodotti domestikament. Il-proċessi kollha tal-manifattura tal-ħadid u tal-azzar iridu jsiru fl-Istati Uniti, u l-prodotti manifatturati jitqiesu prodotti domestikament jekk perċentwal limitu tal-kostijiet totali tal-manifattura tal-prodotti jiġu minn proċessi ta' estrazzjoni, produzzjoni jew manifattura bbażati fl-Istati Uniti. Dan il-limitu huwa ta' 40 % u se jiġdied għal 55 % fl-2026.

3.3. Il-Kummissjoni pproponiet leġiżlazzjoni ġdida biex tlaħħaq mal-isfida li tirrappreżenta l-kompetizzjoni mill-Amerka u ċ-Ċina għall-Unjoni Ewropea. Il-KESE qed ifassal Opinjoni dwar dan is-suġġett.

3.4. Il-KESE jirrikonoxxi li l-proposta miexja fid-direzzjoni t-tajba; madankollu, f'it li xejn hija adegwata biex tintlaħaq il-mira ambizzjuża u hemm bżonn ta' titjib fil-proċess leġiżlattiv.

3.5. Id-distakk bejn il-prezzijiet tal-gass fl-Ewropa u fl-Istati Uniti huwa enormi, anke meta jitqies it-tnaqqis reċenti fil-prezzijiet Ewropej. Xi fornituri tal-istess fehma qed jużaw l-approċċ tal-kost tal-opportunità fir-rigward tal-provvista u l-prezzijiet tal-gass naturali, u l-UE, ladarba tkun kważi ħielsa mid-dipendenza tagħha mill-gass Russu, se tkun maqbuda f'qafas saħansitra aktar għali tal-prezzijiet tal-gass u tal-elettriku. Dan qed idgħajef kemm il-kompetittività tal-industrija tal-UE kif ukoll l-eletrifikazzjoni.

3.6. Il-proċess ta' dekarbonizzazzjoni se jżid id-domanda għall-elettriku; il-KESE jappella għal teknoloġija newtrali għall-klima li tagħti prijorità lil provvista tal-enerġija affordabbli mingħajr karbonju u s-sigurtà tal-enerġija.

3.7. Il-kumpaniji Ewropej jeħtiġilhom jixtru ċertifikati tal-karbonju skont il-qafas tal-ETS. Iċ-ċertifikati tal-karbonju jiswew aktar minn EUR 80, u l-primjum tal-prezz fuq il-prezzijiet spot tal-elettriku minħabba l-ispejjeż dejjem jiżdiedu taċ-ċertifikati tal-karbonju huwa ta' aktar minn EUR 40. Bi f'tit eċċezzjonijiet, l-imsieħba kummerċjali ewlenin l-oħra tal-UE ma għandhomx dan it-tip ta' prezz tal-karbonju, u għalhekk fil-futur se jkun diffiċli għall-industrija tal-UE biex tikkompeti fis-swieq internazzjonali, anke bit-tarka tal-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (CBAM) għas-suq uniku.

3.8. Il-provvista ta' enerġija dekarbonizzata affordabbli hija kruċjali għall-iżvilupp ta' attivitajiet industrijali ġodda fl-Ewropa. L-impatt tal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Zero Netti fuq il-prezzijiet tal-enerġija se jkun limitat fil-perjodu qasir, u l-impatt fit-tul tiegħu jibqa' inċert. L-ambizzjoni li l-Ewropa ssir inqas dipendenti mill-enerġija importata u inqas esposta għall-volatilità tas-suq globali mhux se timmaterjalizza mil-lum għal għada. Madankollu, l-industrija teħtieġ soluzzjonijiet immedjati biex tlaħħaq mal-prezzijiet tal-enerġija li għadhom ogħla fl-Ewropa milli f'haqna partijiet oħra tad-dinja. Il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku tal-UE jirnexxi biss jekk l-UE tirrifirma wkoll il-politika tal-enerġija tagħha, b'mod partikolari b'Direttiva riveduta dwar id-Disinn tas-Suq tal-Elettriku li tħaffef biex tiżgura provvista ta' elettriku affordabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju li tikkorrispondi għall-ħtieġa dejjem akbar għall-eletrifikazzjoni.

3.9. L-UE tidher li tinsab maqbuda bejn żewġ approċċi: qed tirsisti għal konverġenza mal-Istati Uniti u biex iżżomm impronta industrijali fl-Ewropa, u fl-istess ħin qed tipprova iżżomm mar-regoli tad-WTO li xi kultant imorru kontra l-approċċ Amerikan.

3.10. Li s-suq uniku tal-UE jinżamm ħaj hija sfida oħra li qed tiffaċċja l-UE. Kif indikat il-Kummissjoni, il-flessibbiltà fir-rigward tal-ghajjnuna mill-Istat ġiet ikkonċentrata f'żewġ Stati Membri li jirrappreżentaw aktar minn 70 % tal-approvazzjoni totali pprovduta mill-Kummissjoni permezz tal-eċċezzjoni tranżizzjonali (fil-kuntest tal-COVID-19 u l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna).

<sup>(2)</sup> L-Att dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni tal-2022.

3.11. L-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri jeħtiġilhom jevitaw li jipprovdu lill-kumpaniji b'għajnuna mill-Istat eċċessiva sabiex jissalvagwardjaw is-suq uniku, il-pedament tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, sabiex l-SMEs ikunu jistgħu jsiru diġitalizzati u tiġi promossa l-innovazzjoni, il-livell limitu de minimis jista' jiżjed peress li rarament ifixkel il-kompetizzjoni. L-esperjenza taċ-Ċentru ta' Innovazzjoni Diġitali<sup>(3)</sup> trid tinfirx fl-UE.

#### 4. Ir-rwol tal-innovazzjoni

4.1. L-innovazzjoni hija essenzjali biex l-UE tkun tista' tilħaq il-miri ta' emissjonijiet zero netti, u jeħtieġ li fis-suq jitqiegħdu teknoloġiji aktar kummerċjalment disponibbli. Ir-rwol tal-innovazzjoni fi ħdan il-kumpaniji huwa għodda ewlenija għall-iskjerament ta' teknoloġiji ġodda u ekoloġiċi li huma kemm teknikament kif ukoll ekonomikament vijabbli.

4.2. Min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li jitħeġġeġ suq ġust għal prodotti ekoloġiċi reali u affidabbli, u li fi ħdanu l-akkwist pubbliku jintuża bħala l-mutur ewlieni, trid tikkontribwixxi għall-espansjoni tal-użu ta' teknoloġiji ekoloġiċi ġodda.

4.3. L-Ewropa m'għandhiex materja prima, iżda l-Att propost dwar il-Materja Prima Kritika se jipromovi materja prima riċiklata prodotta domestikament għall-industrija. Il-vantaġġ kompetittiv ewlieni tal-industrija tal-UE huwa l-kapaċità teknoloġika u l-forza tax-xogħol b'ħiliet għolja tagħha, li jippermettulha tkun minn ta' quddiem fis-swieq globali.

4.4. Dan il-vantaġġ kompetittiv issa qed jiġi sfidat minn pajjiżi terzi, peress li l-unika għodda biex tinżamm it-tmexxija hija li titħares l-innovazzjoni, jinstab il-bilanċ it-tajeb bejn il-ħarsien tal-ambjent, in-nies u l-innovazzjoni u t-tħaffif tal-awtorizzazzjonijiet regolatorji, mhux biss foqsmha speċjali bħal fil-Proposta tal-Kummissjoni, iżda bnadi oħra wkoll. Hemm eżempji flagranti ta' dewmien mhux ġustifikabbli fl-għoti tal-approvazzjoni għall-iżvilupp ta' faċilitajiet industrijali ġodda.

4.5. L-SMEs huma s-sinġla tal-manifattura Ewropea u, sabiex jixprunaw id-dekarbonizzazzjoni, iridu jingħataw attenzjoni speċjali, bi programmi speċifiċi għall-promozzjoni ta' innovazzjoni u diġitalizzazzjoni effettivi.

4.6. Peress li d-dekarbonizzazzjoni se tirrikjedi investimenti kbar, il-KESE jissuġġerixxi li l-istituzzjonijiet tal-UE jużaw kemm il-fondi tat-Tranżizzjoni Ġusta kif ukoll dawk tan-NextGenerationEU biex jipprovdu appoġġ adatt għall-proċess ta' dekarbonizzazzjoni.

4.7. L-infrastruttura attwali mhijiex adegwata għall-bidliet meħtieġa fl-industrija u s-soċjetà, u l-KESE jħeġġeġ bil-qawwa lill-awtoritajiet pubbliċi biex iniedu programm għall-manutenzjoni u t-titjib tal-infrastruttura meħtieġa biex jiġu skjerati mingħajr xkiel it-teknoloġiji l-ġodda.

4.8. L-idroġenu jidher li huwa l-aħjar għażla għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija diffiċli sabiex jitrażżnu li mhumiex eliġibbli għal elettrifikazzjoni sħiħa. L-inizjattiva reċenti tal-UE dwar il-Bank tal-Idroġenu tgħin biex din it-teknoloġija tintuża b'mod adatt, f'termini ta' kwantità u prezz Xi esperjenzi reġjonali ta' innovazzjoni bl-idroġenu huma utli ħafna, peress li jlaqqgħu flimkien kumpaniji kbar, ċentri ta' riċerka, universitajiet u SMEs.

#### 5. Ir-rwol tad-diġitalizzazzjoni

5.1. Id-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija Ewropea. Fil-fatt, l-industrija, li fi ħdanha jikkonverġu t-teknoloġija diġitali u l-produzzjoni fiżika tal-oġġetti, tista' titqies bħala attur ewlieni fit-trasformazzjoni diġitali u d-dekarbonizzazzjoni industrijali, peress li tiffavorixxi l-modernizzazzjoni tal-proċessi, il-prodotti u l-mudelli tan-negozju industrijali, b'effett pożittiv fuq il-produttività.

5.2. Teknoloġiji bħas-sensuri, il-komunikazzjoni bejn magna u oħra, l-analiżi tad-data u r-robotika joħlqu opportunitajiet għall-kumpaniji tal-manifattura. Permezz tal-ottimizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni tal-produzzjoni, it-teknoloġiji l-ġodda jistgħu jagħmluha possibbli għall-kumpaniji Ewropej biex jikkompetu ma' pajjiżi bi spejjeż tal-produzzjoni tradizzjonalment aktar baxxi.

<sup>(3)</sup> <https://european-digital-innovation-hubs.ec.europa.eu/>

5.3. Ħafna setturi diġà ġew awtomatizzati ħafna u huma affettwati ulterjorment mit-teknoloġiji diġitali, pereżempju r-robotika intelliġenti għall-assemblaġġ, il-kompjuters għall-kontroll tal-proċessi fis-settur tas-sustanzi kimiċi, u l-istampar 3D għall-produzzjoni ta' komponenti u spare parts. It-tieni mewġa ta' trasformazzjoni diġitali xprunata mill-intelliġenza artifiċjali, l-Internet industrijali tal-oġġetti u l-big data x'aktarx li tkun aktar ta' tfixkil u tista' tikkawża inugwaljanzi bejn il-kumpaniji u bejn ir-reġjuni tal-UE.

5.4. Bis-saħħa tat-teknoloġija tas-sensuri, il-produzzjoni tista' tiġi mmonitorjata u ottimizzata, pereżempju billi jiġu mmonitorjati kontinwament l-użu tat-tagħmir tal-produzzjoni, l-input tal-enerġija, il-ħtieġa għall-materja prima u l-ispare parts, il-kwalità u l-emissjonijiet tal-prodott. L-analiżi tad-data miġbura tista' tagħti lill-kumpanija għarfien dwar liema proċessi jaħdmu bl-aħjar mod u liema jistgħu jittejjbu, kif ukoll dwar l-impronta klimatika.

5.5. Id-diġitalizzazzjoni għandha potenzjal kbir biex tnaqqas l-impatt tal-industrija fuq il-klima, iżda d-diġitalizzazzjoni u l-ġestjoni tad-data jridu jqisu l-perspettiva klimatika.

## 6. Taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet

6.1. It-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali trid titqies bħala opportunità biex jinħolqu u jiġu promossi impjiegi ta' kwalità għolja, u fl-istess ħin biex tiġi attirata d-diversità lejn l-industrija, u b'mod partikolari t-talent femminili, jiġi promoss il-ftuħ għal ħaddiema tas-sengħa minn pajjiżi terzi u jsir sforz intensiv biex l-industrija ssir attraenti għaż-żgħażgħ.

6.2. Il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat katalogu wiesa' ta' inizzjattivi żviluppanti fil-qafas tal-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa, inklużi l-Patt Ewropew għall-Ħiliet u s-Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023. Se jinħolqu jew jiġu estenzi sħubijiet għall-ħiliet. Se jiġu stabbiliti Akkademji tal-Industrija b'Emissjonijiet Zero Netti biex jappoġġjaw programmi ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid fl-industrija strateġiċi għat-tranżizzjoni ekoloġika. L-ghajjnuna mill-Istat u l-proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni (IPCEIs) għandhom jipprovdu wkoll riżorsi finanzjarji addizzjonali biex jappoġġjaw l-oġġettivi fir-rigward tal-ħiliet, u l-baġit tal-UE u n-NextGenerationEU diġà qed jipprovdu EUR 64,8 biljun biex jappoġġjaw l-Aġenda għall-Ħiliet tal-UE. Ċerti proġetti attwali, taħt l-umbrella tal-Erasmus +, bħall-ESSA <sup>(4)</sup>, huma promettenti ħafna.

6.3. Id-djalogu soċjali huwa kruċjali sabiex jiġu skjerati sew it-teknoloġiji l-ġodda u tiġi ffaċilitata l-aċċettazzjoni soċjali u tal-ħaddiema fir-rigward tal-bidliet futuri fil-proċessi tax-xogħol.

6.4. Madankollu, sabiex jittieħed vantaġġ sħiħ mit-teknoloġiji diġitali fil-produzzjoni, huwa importanti li ma ssirx enfasi biss fuq it-teknoloġija, iżda pjuttost li naħsbu dwar in-negozju u l-organizzazzjoni b'mod globali. Hemm bżonn ta' strateġija diġitali u pjani ta' azzjoni biex id-diġitalizzazzjoni tkun tista' tiġi ġestita.

6.5. L-isfida hija li jiġi żgurati li it-trasformazzjoni diġitali twassal għal aktar progress soċjali u ma tħalli lil ħadd jibqa' lura. Il-ħaddiema għandhom ikunu kapaċi jantiċipaw il-konsegwenzi ta' żviluppi teknoloġiċi ġodda u jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet ta' min iħaddem permezz ta' dritt imtejjeb ta' parteċipazzjoni. Il-konsegwenzi tat-teknoloġiji diġitali jridu jiġu diskussi u jridu jwasslu għal soluzzjonijiet negozjati fil-livelli kollha: il-livell tal-kumpanija, tas-settur, dak nazzjonali u dak Ewropew.

6.6. Il-forza tax-xogħol tal-UE jeħtiġilha tkun imħarrġa mill-ġdid u b'ħiliet imtejjba sabiex ikollha l-ħiliet ġodda meħtieġa biex tikseb ir-rekwiżiti l-ġodda tal-impjiegi. Il-ħiliet attwali għandhom jiġu vvalutati, fil-qafas tad-djalogu soċjali, fir-rigward ta' jekk humiex ta' valur jew le għal żviluppi futuri.

6.7. Iż-żamma ta' djalogu soċjali mqanqal u effettiv żgur li se tikkontribwixxi għal użu u aċċettazzjoni aħjar ta' teknoloġiji ġodda, u timminimizza l-ispejjeż soċjali.

Brussell, it-12 ta' Lulju 2023.

Oliver RÖPKE  
Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

(4) <https://www.estep.eu/essa/>



**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Dekarbonizzazzjoni tal-flotta tas-sajd”****(opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Spanjola)**

(2023/C 349/08)

Relatur: **Javier GARAT PÉREZ**

Konsultazzjoni	Ittra mill-Presidenza Spanjola tal-Kunsill, 30.1.2023
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adozzjoni fis-sezzjoni	28/06/2023
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	38/6/1
Adozzjoni fil-plenarja	12.7.2023
Sessjoni plenarja Nru	580
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	155/0/0

**1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jilqa' l-istrateġija dwar it-tranżizzjoni tal-enerġija tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura tal-UE <sup>(1)</sup>. Il-KESE jagħraf il-ħtieġa li jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>, u jappoġġja bis-sħiħ li jinstabu alternattivi ta' enerġija sostenibbli, rinnovabbli u kummerċjalment vijabbli, kif ukoll li titnaqqas id-dipendenza enerġetika minn pajjiżi terzi. Il-KESE jappella lis-soċjetà, lin-negozji u, b'mod partikolari, lis-settur tas-sajd biex jikkontribwixxu għall-kisba tan-newtralità klimatika sal-2050.

1.2. Il-KESE jfakkar li l-industrija tas-sajd hija parti mis-soluzzjoni biex jittaffew l-effetti tat-tibdil fil-klima: is-sajjieda jipprovdu waħda mill-aktar proteini tal-annimali tajbin għas-saħħa b'waħda mill-aktar impronti tal-karbonju baxxi. Fil-fatt, skont id-data tal-UNCTAD, l-emissjonijiet fis-settur jirrappreżentaw bejn 0,1 % u 0,5 % tat-total globali fl-2023. Il-flotta Ewropea b'mod partikolari naqqset l-emissjonijiet tagħha b'50 % mill-1990 'il hawn <sup>(2)</sup>. Għalhekk, huwa settur strateġiku ewlieni għas-soċjetà tagħna u essenzjali għall-provvista lill-popolazzjoni u biex jippromovi dieta tajba għas-saħħa. Madankollu, il-KESE jappella għal aktar sforzi biex tiżdied l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u jitnaqqsu l-emissjonijiet.

1.3. Il-KESE jappella għal skeda ta' dekarbonizzazzjoni adegwata u realistika li fiha l-avvanzi teknoloġiċi, loġistiċi u leġiżlattivi jimxu id f'id. Jekk dan ma jseħħ, se jkun hemm żieda sproporzjonata fl-ispejjeż (li ma tistax tiġi assorbita mill-prezz tal-ħut, inkella l-ħut isir oġġett ta' lussu), telf tan-negozju, xogħol prekarju u qgħad. L-ispiża tat-tranżizzjoni m'għandhiex tkun intollerabbli għal min iħaddem u għall-ħaddiema fis-setturi marittimi differenti u ħadd m'għandu jitħalla jibqa' lura.

1.4. Il-KESE jirrikonoxxi li l-iżvilupp u d-disponibbiltà globali ta' teknoloġiji ekoloġiċi alternattivi u innovattivi, karburanti ġodda u sorsi ta' enerġija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju huma l-akbar sfida li qed jiffaċċja s-settur tas-sajd. L-iżvilupp ta' karburanti bħal dawn u l-infrastruttura meħtieġa huma essenzjali biex id-dekarbonizzazzjoni ssir realtà. Il-KESE jqis l-ibridizzazzjoni bħala soluzzjoni intermedja, għalkemm ma ssarrafx fl-abbandun immedjat tal-fjuwils fossili.

1.5. Il-KESE jenfasizza li l-amministrazzjonijiet Ewropej u nazzjonali għandhom diversi soluzzjonijiet tal-enerġija disponibbli għalihom biex jindirizzaw l-isfida klimatika. Illum il-ġurnata, 100 % tal-bastimenti tas-sajd jaħdmu bid-diżil. Skont l-ispeċjalisti, fjuwils rinnovabbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju li mhumiex ibbażati fuq il-pjanti huma

<sup>(1)</sup> COM(2023) 100 final.

<sup>(2)</sup> Ara d-data annwali dwar l-emissjonijiet mibgħuta kull sena mill-Kummissjoni Ewropea lill-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (Protokoll ta' Kjoto) skont il-linji gwida definiti mill-IPCC, li jidentifikaw l-evoluzzjoni tal-emissjonijiet bejn l-1990 u l-2020 f'tunnellati ta' CO<sub>2</sub>, CH<sub>4</sub> u N<sub>2</sub>O għas-settur tas-sajd tal-UE (ara t-Tabelli 1.A(a)s4, 3s1 u 3s2, 1.A(a)s3, 1.D)

l-aktar alternattiva vijabbli fi żmien qasir sabiex is-settur tas-sajd ikun jista' jimxi lil hinn mill-fjuwils fossili, għalkemm il-prezz tal-ekofjuwils bħalissa huwa kważi d-doppju ta' dak tad-diżil, u d-disponibbiltà għadha baxxa ħafna. Filwaqt li l-avjazzjoni qed issegwi perkors separat bl-iżvilupp ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli (SAF), u peress li teknoloġiji oħrajn bħall-idroġenu u l-elettriku huma aktar adatti għal setturi bħat-trasport marittimu u bit-triq rispettivament milli għall-bastimenti tas-sajd, il-KESE jappella għal sinjal politiku ċar li jagħti prijorità lil dawn il-fjuwils ta' sostituzzjoni fuq dawk tal-ewwel. Il-KESE jenfasizza li, sakemm dawn il-karburanti alternattivi ma jiġux żviluppanti, il-miri ambizzjużi stabbiliti kemm fil-Patt Ekoloġiku Ewropew kif ukoll fil-pakkett ta' miżuri "leste għall-mira ta' 55%" ma jistgħux jintlaħqu<sup>(3)</sup>.

1.6. Il-KESE jqis li l-ispiża enormi għad-dekarbonizzazzjoni ta' settur li huwa diffiċli biex jiġi elettrizzat bħas-settur tas-sajd tmur ferm lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-finanzjament Ewropew. L-isfida se tkun kif ser jinżammu haġġin is-settur tas-sajd u l-kontribut tiegħu għas-sigurtà tal-ikel. Huwa essenzjali li jkun hemm appoġġ istituzzjonali u miżuri speċifiċi ta' finanzjament u kreditu li jilhqgħu l-Istati Membri kollha u l-flotot tagħhom. F'dan ir-rigward, il-KESE jinsab imħasseb dwar il-limitazzjonijiet attwali tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) li, kif irrikonoxxiet il-Kummissjoni stess, mhux utli biex titwettaq din it-tranżizzjoni. Barra minn hekk, sabiex jiġu indirizzati dawn il-kostijiet, il-KESE jitlob li jiġu eżaminati sorsi oħra ta' finanzjament bħall-Bank Ċentrali Ewropew, li jintużaw it-tariffi għall-aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri li jinġabru, u li jiġu mobilizzati riżorsi relatati mat-tassazzjoni tal-enerġija billi jiġu riallokati lis-settur tas-sajd. Il-KESE jfakkar li, fl-Ewropa, il-flotta għandha età medja ta' 31,5 sena<sup>(4)</sup> u jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tipproponi l-ħolqien ta' fond ta' emerġenza biex jithaffet il-pass tad-dekarbonizzazzjoni. Il-Kumitat jappella wkoll għal komplementarjetà akbar bejn il-politiki eżistenti u l-fondi ta' koeżjoni u ta' żvilupp reġjonali sabiex tidderieġi l-fondi u tiġi evitata l-kompetizzjoni bejn ir-reġjuni.

1.7. Il-KESE jinnota li kwalunkwe bidla fis-sors tal-enerġija se teħtieġ bastimenti ġodda iddisinjati b'mod kompletament ġdid u b'kapaċità akbar abbord ("tunnellaġġ gross") biex jakkomodaw il-makkinarju l-ġdid. Madankollu, id-definizzjoni u l-limiti tal-kapaċità tas-sajd stabbiliti fil-Politika Komuni tas-Sajd jagħmlu dan il-progress diffiċli. Għalhekk, il-KESE jstieden lill-Kummissjoni Ewropea tirrevedi d-definizzjoni tal-kapaċità tas-sajd sabiex timplimenta teknoloġiji ġodda relatati mat-tranżizzjoni tal-enerġija.

1.8. Il-KESE jitlob li, sakemm it-teknoloġiji l-ġodda ta' propulsjoni jsiru disponibbli kummerċjalment u l-qafas leġiżlattiv jippermetti l-modernizzazzjoni, l-installazzjoni u l-użu ta' teknoloġiji bħal dawn, l-UE m'għandhiex tintroduċi taxxi fuq il-fjuwil (diżil) użat għall-operazzjonijiet tas-sajd.

1.9. Il-KESE jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni dwar il-ħolqien ta' sħubija multilaterali ġdida għat-Tranżizzjoni tal-Enerġija. Il-KESE jqis li huwa essenzjali li jiġu kkonsultati mhux biss is-settur tas-sajd iżda wkoll il-unions tal-ħaddiema, l-ispeċjalisti tekniċi, it-tarzni, l-inġiniera u l-portijiet biex jinstabu soluzzjonijiet konkreti, prattiċi u sostenibbli. Il-KESE jappella għal pjan komprensiv biex tissaħħa il-kapaċità Ewropea biex jimbnew bastimenti tas-sajd li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, u li fih jiġi previst trattament fiskali partikolarment favorevoli għat-tarzni.

1.10. B'mod partikolari, il-KESE jappella għall-promozzjoni ta' proġetti pilota dwar sorsi ġodda tal-enerġija, il-ħolqien ta' ktajjen ta' valur innovattivi tal-industrija tal-baħar, il-provvista għall-utenti ta' teknoloġiji ġodda mhux magħrufa, il-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli bis-saħħa tal-iżvilupp ta' attività industrijali ġdida u l-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari. Il-KESE jitlob ukoll li jiġu allokati riżorsi għat-taħriġ tal-ekwipaġġi sabiex ikunu jistgħu jħaddmu t-teknoloġiji l-ġodda abbord b'mod sikur u effettiv. L-uniku mod biex l-impatti tat-tranżizzjoni jiġġarrbu b'mod ġust huwa li jiġi evitat piż sproporzjonat fuq il-ħaddiema jew il-kumpaniji.

1.11. Il-KESE jixtieq jieħu l-opportunità biex, permezz ta' din l-Opinjoni esploratorja, il-problema tad-dekarbonizzazzjoni titqiegħed f'qafas strateġiku usa'. L-aħħar taqsima tal-Opinjoni tiddekrivi viżjoni għall-futur ta' settur tas-sajd sostenibbli fl-UE li għandha tiggwida l-ħidma futura tal-Kumitat.

## 2. Sfond

2.1. Fil-21 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat l-istrateġija dwar it-tranżizzjoni tal-enerġija tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura tal-UE. L-istrateġija tenfasizza l-hteġa li titnaqqas id-dipendenza mill-fjuwils fossili u li nimxu mill-aktar fis possibbli lejn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u b'livell baxx ta' karbonju, f'konformità mal-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew biex tinkiseb in-newtralità klimatika fl-UE sal-2050.

(3) L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE"(COM(2021) 562 final — 2021/0210 (COD)) (ĠU C 152, 6.4.2022, p. 145).

(4) [https://oceans-and-fisheries.ec.europa.eu/facts-and-figures/facts-and-figures-common-fisheries-policy/fishing-fleet\\_en](https://oceans-and-fisheries.ec.europa.eu/facts-and-figures/facts-and-figures-common-fisheries-policy/fishing-fleet_en)

2.2. Il-Kummissjoni tinnotta li l-enerġija hija waħda mill-komponenti ewlenin tal-ispejjeż operatorji tas-settur tas-sajd u l-akkwakultura tal-UE. Iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija wasslet biex il-prezz tad-diżil marittimu jiżdied b'aktar mid-doppju fl-2022 meta mqabbel mal-prezz medju tal-2021, u dan poġġa l-vijabbiltà ekonomika tal-flotta u l-attivitajiet tal-akkwakultura tal-UE taħt pressjoni enormi. F'dan il-kuntest, madwar 40 % tal-flotta kostali, 66 % tal-flotta tal-baħar fond u 87 % tal-flotta ta' distanzi twal ma kinux profitabbli bil-prezzijiet tal-enerġija fl-2022. Għalhekk, sabiex ikompli jopera, il-biċċa l-kbira tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura kellu jiddependi mill-appoġġ finanzjarju mill-Istati Membri u mill-istrumenti finanzjarji disponibbli tal-UE.

2.3. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni Ewropea tenfasizza l-vulnerabbiltà strutturali tas-settur tas-sajd u l-akkwakultura tal-UE. Biex tbiddel din is-sitwazzjoni, il-Komunikazzjoni tipproponi diversi linji ta' azzjoni:

- teknoloġiji u prattiki innovattivi għat-tranżizzjoni tal-enerġija;
- qafas regolatorju u finanzjarju dwar is-sajd adatt għat-tranżizzjoni tal-enerġija;
- l-identifikazzjoni u s-soluzzjoni tal-isfidi u l-ostakli tat-tranżizzjoni tal-enerġija;
- l-iffaċilitar tat-tranżizzjoni tal-enerġija fis-settur tas-sajd: il-ħolqien ta' pjattaformi u studji.

### 3. Kummenti ġenerali

#### Emissjonijiet

3.1. Il-KESE jappoġġja l-impenn li sal-2050 tinkiseb in-newtralità karbomika u jenfasizza l-ħtieġa li titħaffef it-tranżizzjoni tal-enerġija u d-dekarbonizzazzjoni tas-settur tas-sajd. Din it-tranżizzjoni għandha tkun ibbilanċjata b'tali mod li l-piżijiet ta' adattament jitqassmu fost l-operatori kollha b'mod li ma jtellifx l-operabilità. Barra minn hekk, għandha tkun fattibbli u tissodisfa l-ispeċifitajiet tal-flotta (speċjalment id-daqs u t-tħaddim tal-bastimenti), sabiex l-istruttura produttiva tkun tista' tadotta teknoloġiji ġodda biex timplimenta metodi ġodda ta' propulsjoni.

3.2. Għalkemm l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mis-settur tat-trasport marittimu żdiedu globalment f'dawn l-aħħar snin, l-emissjonijiet mill-flotta tas-sajd tal-UE naqsu sa 50 %<sup>(5)</sup> bis-saħħa ta' effiċjenza mtejba fl-enerġija (ara pereżempju l-punti 4.11 u 4.12) u tnaqqis fid-daqs tal-flotta. Fir-rigward tal-punt tal-aħħar, minkejja t-tkabbir tal-UE, l-għadd ta' bastimenti tal-UE fl-2020 kien ta' 73 716<sup>(6)</sup> meta mqabbel mal-103 834 fl-1996, li jfisser 30 000 bastiment tas-sajd inqas f'25 sena, b'56 111-il bastiment biss attivi (75 % taħt it-12-il metru). Iċ-ċifri Ewropej jidhru saħansitra iċken meta mqabbla maċ-ċifri globali, peress li l-flotta dinjija kienet smata li tammonta għal 4,1 miljun bastiment tas-sajd fl-2020<sup>(7)</sup>. Huwa smat li, b'564 000 bastiment, iċ-Ċina għandha l-akbar flotta tas-sajd fid-dinja. F'termini ta' produzzjoni tal-ħut, iċ-Ċina kienet responsabbli għal kważi 15 % tal-qabdiet globali fl-2020, mentri l-UE kienet responsabbli għal 4 % tal-qabdiet globali. Għalhekk, huwa vitali li tinżamm flotta Ewropea tas-sajd moderna u kompetittiva.

3.3. Sabiex jiġi vvalutat il-progress fit-tnaqqis tas-CO<sub>2</sub> tal-flotta, il-KESE jemmen li huwa essenzjali li tiġi definita sena bażi ta' referenza li ma tippenalizzax lis-settur, li tirrikonoxxi l-isforzi tiegħu u tkompli timbuttah lejn in-newtralità. Il-KESE jirrikonoxxi l-progress tal-flotta tal-UE mill-1990 'l hawn fit-triq lejn in-newtralità klimatika. Għalhekk, iqis li l-istabbiliment tal-2005 jew l-2008 bħala s-sena bażi ta' referenza għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mis-settur tas-sajd sempliċiment ma jirrikonoxxi il-progress li sar u jippenalizza lill-industrija minħabba l-ispeċifitajiet u l-limitazzjonijiet assoċjati mal-industrija tas-sajd.

#### Bidla għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli b'emissjonijiet baxxi jew zero tal-karbonju

3.4. Is-settur tas-sajd huwa totalment dipendenti mill-fjuwils fossili, li jfisser li kwalunkwe soluzzjoni għandha titqies fuq perjodu ta' żmien medju sa twil. Madankollu, minħabba l-ħtieġa li jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima u li jittieħed vantaġġ mill-progress teknoloġiku f'setturi oħra, it-tfittxija għal soluzzjonijiet għas-settur tas-sajd għandha tibda mingħajr dewmien u għandha tkun appoġġjata minn fond ta' emerġenza bil-għan li jitħaffef il-pass tad-dekarbonizzazzjoni.

3.5. Il-KESE jenfasizza, bħala miżuri aktar realistiki fil-perjodu qasir, soluzzjonijiet imħallta bħall-introduzzjoni ta' magni ibridi, teknoloġiji rinnovabbli eżistenti b'mod komplementari jew awżiljarju (solari, mir-riħ, elettriku), kif ukoll l-użu ta' karburanti alternattivi avvanzati (mhux prodotti minn għejejjel tal-ikel u tal-ġħalf).

<sup>(5)</sup> <https://ebcd.org/wp-content/uploads/2021/11/Je%CC%81ro%CC%82me-UAPF.pptx>

<sup>(6)</sup> <https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/bba413d1-484c-11ed-92ed-01aa75ed71a1>

<sup>(7)</sup> <https://www.fao.org/3/cc0461en/online/sofia/2022/capture-fisheries-production.html>

3.6. Il-KESE jenfasizza b'mod partikolari fjuwils rinnovabbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju minħabba l-kompatibbiltà tagħhom mal-magni ta' kombustjoni konvenzjonali u mas-sistemi ta' provvista attwali u l-produzzjoni tagħhom. Barra minn hekk, id-distribuzzjoni tagħhom tista' ssir bl-użu ta' faċilitajiet industrijali eżistenti bħar-raffineriji. Bl-istess mod, huma jżidu l-indipendenza enerġetika tal-Ewropa peress li biex jiġu prodotti tintuża materja prima indiġena, għall-kuntrarju taż-żejt jew il-minerali li huma meħtieġa għall-manifattura tal-batteriji. Dawn il-fjuwils joħlqu wkoll opportunitajiet kbar għall-ħolqien tal-impjiegi u għall-ġid industrijali u r-rwol tagħhom jista' jkun kruċjali għall-momentum ekonomiku tal-Ewropa. Madankollu, għandu jiġi kkunsidrat li fjuwils rinnovabbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju illum jiswew aktar mid-diżil, u d-disponibbiltà tagħhom għadha baxxa ħafna.

3.7. Il-KESE jenfasizza li wħud mis-sorsi alternattivi l-ġodda ta' propulsjoni, bħall-elettriku, saru aktar għaljin qabel l-invażjoni mhux provokata tal-Ukrajna mir-Russja. Għalhekk, l-UE għandha żżomm f'moħħha li l-bidla minn fjuwils fossili għal sorsi oħra ta' enerġija rinnovabbli mhux dejjem se twassal għal tnaqqis fl-ispejjeż.

#### *Il-ħtieġa għat-tiġdid tal-flotta u mekkaniżmi ta' finanzjament adegwati*

3.8. Minbarra l-ħtieġa li jingħalqu l-lakuni fl-għarfien teknoloġiku u l-innovazzjoni, jeżisti fattur limitanti intrinsiku għall-flotta tas-sajd Ewropea attwali: bħala medja, il-bastimenti għandhom iktar minn tletin sena. Dan iżomm lill-kumpaniji sidien tal-bastimenti milli jikkunsidraw ħafna mill-investimenti possibbli ta' modernizzazzjoni. Il-KESE jqis li s-sempliċi bidla fil-magna mhijiex biżżejjed jew fattibbli fil-każ ta' bastimenti tant qodma. Dan jagħmilha essenzjali li jiġi stabbilit pjan ta' tiġdid tal-flotta tal-Unjoni, li jippermetti t-tlestija tal-proċess ta' bidla għal sajd sostenibbli b'bastimenti moderni tas-seklu 21. Din l-istrateġija tgħin ukoll biex jitjiebu l-prospetti soċjoekonomiċi tal-flotta.

3.9. Il-KESE jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tiġi żviluppata gwida u bażi tad-data speċifika dwar l-istrumenti ta' finanzjament u finanzjament tal-UE għat-tranżizzjoni tal-enerġija. Madankollu, bħalissa l-programm tal-UE Orizzont Ewropa m'għandux sejħa speċifika għas-sajd. Barra minn hekk, il-finanzjament fil-qafas tal-FEMSA l-ġdid huwa limitat ħafna, peress li jipprovi biss perċentwali baxxi ta' għajjnuna għall-investimenti u s-sussidji tal-flotta huma kkundizzjonati mid-daqs tal-bastimenti (eż. il-miżuri ta' finanzjament ta' sostituzzjoni tal-magni huma limitati għal bastimenti ta' inqas minn 24 metru). Barra minn hekk, il-finanzjament jiddependi ħafna minn fatturi bħall-bilanċ tal-flotta, in-nuqqas ta' ksur serju u l-kapaċità tas-sajd, li sfortunatament għadha ma titkejjilx tajjeb. Għalhekk, il-KESE jqis li huwa essenzjali li jiġu stabbiliti fond speċifiku u linji ta' kreditu għall-modernizzazzjoni u t-tiġdid tal-flotta.

#### *Ostakli għat-tranżizzjoni tal-enerġija*

3.10. Bħala regola ġenerali, is-sorsi alternattivi ta' enerġija jeħtieġu aktar spazju u joħlqu periklu addizzjonali għas-sikurezza abbord. Madankollu, għall-kuntrarju tal-industrija tal-bastimenti, is-settur tas-sajd huwa soġġett għal restrizzjonijiet ta' kapaċità fl-UE f'termini ta' tunnellaġġ gross (spazju), u dan jagħmilha aktar diffiċli għall-bastimenti biex jinstallaw teknoloġiji ġodda u jagħmlu investimenti. F'dan ir-rigward, ta' min jinnotta li l-applikazzjoni ta' ċerti teknoloġiji ta' dekarbonizzazzjoni għal bastimenti tas-sajd artiġjanali hija aktar diffiċli.

3.11. Il-KESE jenfasizza li d-definizzjoni inadegwata tal-kapaċità tas-sajd fil-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) mhux biss jagħmilha ġeneralment diffiċli biex tiġi modernizzata l-flotta biex jiġu installati teknoloġiji ġodda, iżda wkoll biex isir titjib soċjali u titjib fis-sikurezza. L-ispażju abbord intiż għall-kċina, il-kabini, il-faċilitajiet sanitarji jew iż-żoni ta' rikreazzjoni, li m'għandu x'jaqsam xejn mal-kapaċità li jinqabad jew jinħażen il-ħut, fil-preżent jingħadd għall-iskop tal-kapaċità tas-sajd. Il-PKS tikkontradixxi b'mod ċar ir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni soċjali<sup>(8)</sup>, bħall-Konvenzjoni Nru 188 dwar ix-Xogħol fis-Sajd tal-ILO.

3.12. Il-KESE jemmen li l-istrateġija tat-tranżizzjoni tal-enerġija għandha tqis dawn il-fatturi u, għalhekk, jipproponi revizzjoni tal-miżuri ta' kapaċità sabiex ikunu jistgħu jiġu introdotti teknoloġiji ġodda u l-flotta tiġi modernizzata. Il-miżuri l-ġodda li jistgħu jintużaw huma t-"tunnellaġġ nett" jew il-formuli użati fin-Norveġja u l-Iżlanda, li jeskludu mill-kalkolu iż-żoni destinati għall-ħin liberu u l-mistrieħ tal-ħaddiema abbażi ta' fatturi bħall-kwota allokata jew id-daqs tal-bastiment. Din ir-reviżjoni tagħmilha aktar faċli wkoll li jiġi inkluż titjib fl-abitabilità meħtieġa biex is-settur isir aktar attraenti għall-ħaddiema żgħażaġh, biex jiġi indirizzat id-distakk ġenerazzjonali u biex tiġi ffaċilitata l-inkorporazzjoni tan-nisa fis-settur tas-sajd.

<sup>(8)</sup> Studju dwar l-impatt soċjali tal-livelli limiti tat-tunnellaġġ gross u l-qawwa tal-propulsjoni u l-alternattivi possibbli, imwettaq fil-qafas ta' proġett ta' djalogo soċjali.

### Tassazzjoni fuq il-fjuwils tradizzjonali

3.13. Peress li struttura ġdida tfisser li s-sidien tal-bastimenti tal-UE ikollhom jagħmlu eżerċizzju tar-riskju ekonomiku, il-KESE jitlob li l-politiki jipprovdu ċertezza legali għas-sidien tal-bastimenti. Għalhekk huwa importanti li tiġi ffriżata l-introduzzjoni ta' taxxi ġodda fuq il-fjuwil tas-sajd tradizzjonali (diżil) sakemm teknoloġiji ġodda ta' propulsjoni u tal-fjuwil ma jkunux disponibbli kummerċjalment u l-oqfsa leġiżlattivi biex jindirizzaw ir-rinnovazzjonijiet meħtieġa jkunu stabbiliti perfettament; inkella ma jagħmlu xejn ħlief jippenalizzaw is-settur.

### Is-Sħubija għat-Tranżizzjoni tal-Enerġija għas-Sajd u għall-Akkwakultura tal-UE

3.14. Is-settur m'għandu l-ebda linji gwida, la mill-fornituri tat-teknoloġija u lanqas minn dawk li jfasslu l-politika, dwar liema direzzjoni għandu jieħu għad-dekarbonizzazzjoni. Għalhekk, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Kummissjoni li twaqqaf grupp ta' esperti biex jipprovdi pariri dwar l-alternattivi differenti disponibbli, l-iżviluppi futuri, is-suq, eċċ. Partikolarment rilevanti jkun li jiġu identifikati t-teknoloġiji li jaħdmu l-aħjar għal kull segment u reġjun tal-flotta, u jista' jkun meħtieġ li jiġu kkombinati sorsi differenti ta' enerġija. Barra minn hekk, se jkun utli li jitwettqu kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni dwar il-katina tal-industrija tal-baħar biex titħeġġeġ id-dekarbonizzazzjoni.

### Ekonomija blu

3.15. L-ekonomija blu tinkludi l-attivitajiet ekonomiċi kollha li jiddependu mill-baħar. Is-setturi differenti li jiffurmaw l-ekonomija blu huma interdipendenti (is-sajd, il-bijoteknoloġija, in-navigazzjoni, it-trasport marittimu, l-akkwakultura, it-tarzni, il-katina tal-provvista, il-loġistika u t-trasport) peress li huma bbażati fuq ħiliet komuni u infrastrutturi kondiviżi (portijiet, networks tal-loġistika u d-distribuzzjoni tal-elettriku) u fuq l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li tiġi applikata strateġija olistika tad-dekarbonizzazzjoni li tftitex li ssib sinerġiji bejn il-ħoloq differenti fil-katina. Barra minn hekk, il-KESE jappella għal riżorsi umani u kwalifiki adegwati biex jifasslu, jinbnew u jitħaddmu bastimenti moderni. Huwa indispensabbli li jiġu attirati ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati.

## 4. Kummenti speċifiċi

### Fjuwils avvanzati

4.1. Il-KESE jenfasizza l-potenzjal li għandhom il-fjuwils avvanzati mhux prodotti minn għejejel tal-ikel u tal-għalf fil-qasam tal-ekonomija ċirkolari, il-ġlieda kontra d-depopolazzjoni rurali kostali u, naturalment, it-tisħiħ tal-indipendenza enerġetika tal-UE. Fil-fatt, b'konformità mal-miri tan-newtralità karbonika tal-UE, l-emissjonijiet netti ta' CO<sub>2</sub> ta' tali fjuwils alternattivi meta jinħarqu fil-magni jistgħu jinżlu għal zero jekk huma prodotti b'elettriku rinnovabbli.

4.2. Għal diversi raġunijiet, il-Kummissjoni tillimita l-użu tal-bijokarburanti bbażati fuq il-pjanti, li l-KESE laqa' tajjeb f'diversi Opinjonijiet. Madankollu, m'hemm l-ebda strateġija ċara għall-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' fjuwils alternattivi, li tkun importanti mhux biss għas-settur tas-sajd iżda wkoll għal industriji oħra. Hemm ukoll nuqqas ta' prijoritizzazzjoni dwar liema setturi li huma diffiċli li jiġu dekarbonizzati (li minnhom is-sajd huwa wieħed) għandu jkollhom prijorità biex jaċċessaw dawn il-fjuwils. Dan jikkomplicha l-isforzi tas-settur tas-sajd biex javvanza d-dekarbonizzazzjoni malajr kemm jista' jkun. Il-KESE jinnota li fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju huma għażla ta' sens komun fit-triq lejn id-dekarbonizzazzjoni tas-setturi li huma diffiċli biex jiġu elettrifikati, bħas-sajd. Il-fjuwils alternattivi avvanzati li mhumiex prodotti minn għejejel tal-ikel u tal-għalf se jkunu aktar għaljin, minħabba l-iskarsezza u minħabba teknoloġija aktar eżiġenti. Għalhekk, kif enfasizza l-KESE fil-passat<sup>(9)</sup>, id-distakk fil-prezz bejn il-fjuwils fossili u dawk alternattivi jeħtieġ li jitnaqqas, u l-fjuwils aktar nodfa jeħtieġ li jsiru aktar affordabbli u disponibbli b'mod usa'.

4.3. Il-KESE jenfasizza li l-bijodiżil li jeżisti bħalissa geġ mill-uċuh tar-raba' (iż-żejt tal-palm, iż-żerriegħa tal-kolza, is-sojja u l-ġirasol) u ma jiżgurax dekarbonizzazzjoni sħiħa; barra minn hekk, ma hemmx biżżejjed materja prima. Is-soluzzjoni (li għadha mhix disponibbli) tkun li d-diżil attwali jitħallat ma' ammonti dejjem jiżdedu ta' elettrodizil, li huwa fjuwil sintetiku magħmul minn idroġenu elettrolitiku u CO<sub>2</sub> maqbud. Dawn l-ekokarburanti huma prodotti mid-dijossidu tal-karbonju li jkun inqabad mill-atmosfera jew minn proċessi industrijali li jipproduċu s-CO<sub>2</sub>, qabel ma jiġi rilaxxat.

<sup>(9)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE"(COM(2021) 562 final — 2021/0210 (COD)) (ĠU C 152, 6.4.2022, p. 145).



4.4. Għall-ewwel mhux se jiġu prodotti fjuwils avvanzati sostenibbli fi kwantitajiet suffiċjenti biex tiġi sodisfata d-domanda tas-settur tas-sajd, li hija stmata għal madwar 50 miljun tunnellata globalment fl-2050 (Fjuwils avvanzati bil-baħar illum jikkonsma madwar 300 miljun tunnellata u t-trasport bit-triq b'vetturi tqal madwar 900 miljun tunnellata). Madankollu, sa dak iż-żmien, it-trakkijiet huma mistennija li jkunu elettriċizzati, u għalhekk wieħed jista' jistenna li l-bijodiżil kollu jkun destinat għall-użu marittimu. Fl-2020, is-settur Ewropew tas-sajd ikkonsma madwar 1 900 miljun litru ta' diżil marittimu. Jeħtieġ li jittieħdu deċiżjonijiet politiċi biex jiġi żgurat li tali prijorizzazzjoni sseħħ.

4.5. Għalhekk, il-KESE jitlob għall-iżvilupp u l-produzzjoni aċċellerati ta' fjuwils avvanzati li mhumix ibbażati fuq għelejjel tal-ikel u tal-għalf<sup>(10)</sup> u għal deċiżjoni politika ċara li tagħti lill-bastimenti tas-sajd aċċess prijoritarju għal dawn il-fjuwils avvanzati bi prezz raġonevoli.

#### *Alternattivi għad-dekarbonizzazzjoni: sistemi ta' propulsjoni alternattivi*

4.6. Ġew żviluppanti inizjattivi differenti tal-enerġija fid-dinja kollha; madankollu, ħafna minnhom huma proġetti pilota li jiġu b'serje ta' sfidi għall-installazzjoni u l-użu tagħhom fis-settur tas-sajd. Sfida oħra li trid tingħeleb hija l-ħtieġa li tiġi żviluppata l-infrastruttura fl-Ewropa u fil-portijiet tas-sajd f'pajjiżi terzi għall-iċċarġjar ta' bastimenti tas-sajd, bħal fil-każ tal-vevuri tal-art. F'dan ir-rigward, il-KESE jilqa' l-proġetti pilota mnedija għall-iċċarġjar fil-baħar permezz tal-użu ta' baġi jew parks eoliċi lil hinn mill-kosta<sup>(11)</sup>. B'dan il-mod bastimet elettriku jew ibridu jista' jiċċarġja l-batteriji tiegħu mingħajr ma jkollu jidħol f'port.

4.7. Il-gass naturali likwifikat (LNG) bħala fjuwil tal-baħar diġà huwa realtà, peress li huwa prodott u għandu infrastruttura, speċjalment fl-Ewropa. Madankollu, studju reċenti<sup>(12)</sup> juri li għalkemm il-magni tal-LNG jarmu 25 % anqas ta' CO<sub>2</sub> mid-diżil għal kull unità ta' potenza tal-magna, dan il-gass huwa magħmul prinċipalment mill-metan, li l-effett serra tiegħu huwa ħafna akbar minn dak tas-CO<sub>2</sub>. L-istudju jistma li, fuq perjodu ta' mitt sena, il-benefiċċji tal-użu tal-LNG f'termini ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra jkunu biss ta' 15 %. Għalhekk, l-LNG huwa pass importanti 'l quddiem, iżda ma jistax jitqies bħala soluzzjoni definittiva fuq perjodu twil. Barra minn hekk, ikun jeħtieġ li jitħallat mal-bijometan u l-metan elettroniku, li huma fjuwils skarsi u għaljin. It-tankijiet huma tliet darbiet akbar min-normal u huma installati fuq il-gverta, li joħloq problemi ta' kapaċità u tas-sikurezza.

4.8. Għalkemm mhijix alternattiva vijabbli bħala mezz ta' propulsjoni, il-KESE jirrikonoxxi l-importanza tal-ammonijaka fil-proċess ta' dekarbonizzazzjoni. Ir-refriġerazzjoni permezz tal-ammonijaka tintuża ħafna f'bastimenti tas-sajd kbar, b'mod partikolari dawk li jiffriżaw jew jipproċessaw il-qabda tagħhom abbord. Dan is-sors ta' enerġija ma jagħmilx ħsara lill-ambjent għaliex m'għandu l-ebda effett magħruf fuq is-saff tal-ożonu. Madankollu, huwa gass, għalhekk huwa essenzjali li tissaħħaħ is-sikurezza tal-bastimenti tas-sajd u li jiġu evitati t-tnixxijiet.

4.9. L-idroġenu (H<sub>2</sub>) ukoll ma jidherx vijabbli fis-settur tas-sajd u saħansitra huwa diffiċli għall-bastimenti kummerċjali. Ir-raġuni ewlenija hija li dan ikun jeħtieġ tankijiet tal-ħżin erba' darbiet akbar milli għall-fjuwils fossili. Madankollu, ta' minn jirreferi b'mod partikolari għall-magni b'ċelloli tal-fjuwil tal-idroġenu. Dawn huma apparati elettrokimiċi li jitransformaw direttament l-enerġija kimika f'enerġija elettrika. Il-proċess elettrokimiku li jseħħ huwa ta' effiċjenza għolja u impatt ambjentali minimu, speċjalment jekk l-elettroliżi (li teħtieġ l-enerġija) hija prodotta minn sorsi solari jew mir-riħ. Il-KESE jqis li huwa interessanti li jiġu analizzati l-possibiltajiet li tiġi żviluppata din it-teknoloġija għall-bastimenti tas-sajd, inkluż l-użu tagħha bħala enerġija awżiljari abbord.

4.10. Fir-rigward tal-bastimenti li għadhom kemm inbnew, il-KESE jħeġġeġ l-esplorazzjoni u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi applikabbli għall-bastimenti tal-merkanzija. Pereżempju, jidher li jista' jintuża l-metanol f'magni li jużaw żewġ tipi ta' fjuwil, billi jintuża d-diżil u miegħu tiżdied taħlita tal-metanol, hekk kif isir disponibbli l-metanol ekoloġiku. Teknoloġiji u oqsma oħra ta' titjib li jistgħu jirnexxu jinkludu bastimenti tas-sajd assistiti mill-qluġh, idrodinamika mtejba, sistemi tal-enerġija mtejba, bħal bidla minn mekkaniżmi mekkaniċi u idrawliċi għal mekkaniżmi elettriċi, u materjali u kostruzzjoni ħfief (eż. dirigiġenti mhux metalliċi).

<sup>(10)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Lejn Settur tal-Algi tal-UE B'Saħħtu u Sostenibbli" (COM(2022) 592 final) (ĠU C 228, 29.6.2023, p. 126).

<sup>(11)</sup> <https://www.maersksupplyservice.com/2022/01/25/maersk-supply-service-launches-venture-company-stillstrom/>

<sup>(12)</sup> [https://theicct.org/sites/default/files/publications/LNG%20as%20marine%20fuel%2C%20working%20paper-02\\_FINAL\\_20200416.pdf](https://theicct.org/sites/default/files/publications/LNG%20as%20marine%20fuel%2C%20working%20paper-02_FINAL_20200416.pdf)



4.1.1. Ta' min jinnota wkoll li l-industrija tas-sajd ilha taħdem flimkien mal-komunità xjentifika għal għexieren ta' snin biex ittejjeb id-disinn u l-effiċjenza tal-irkaptu tas-sajd. Diġà sar progress tekniku kbir b'ħafna tekniki tas-sajd innovattivi bħala riżultat ta' selettività dejjem akbar, tnaqqis tal-kuntatt ma' qiegħ il-baħar u/jew ir-reżistenza tan-navigazzjoni, kif ukoll tnaqqis fl-użu tal-fjuwil<sup>(13)</sup>. Eżempju ta' rkaptu innovattiv huwa diriġenti semipelagiċi li jistgħu jeliminaw il-kuntatt ma' qiegħ il-baħar u li joperaw 2-5 metri mill-qiegħ. Din it-teknika għandha impatt ferm aktar baxx fuq l-ekosistemi ta' qiegħ il-baħar u tirriżulta f'qabdiet aċċessorji aktar baxxi. Din it-teknoloġija l-għdida tnaqqas ukoll il-konsum tal-fjuwil, u għalhekk it-tniġġis u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

4.1.2. Il-KESE jfakkar li t-tnaqqis tal-impronta ekoloġika tas-sajd mhux ser jiddependi biss minn azzjonijiet relatati mal-propulsjoni. Għal dan l-għan, l-UE għandha tinvesti f'użi kummerċjali ġodda tal-prodotti tal-baħar (farmaċewtiċi, kożmetiċi, eċċ.) biex tagħmel użu massimu mill-ħut maqbud. B'mod parallel, l-UE għandha tħeġġeġ ukoll lill-kumpaniji biex jixtru materjali li jistgħu jiġu riċiklati, tippromovi inizjattivi ta' ekonomija ċirkolari abbord il-bastimenti biex dawn jergħu jużaw l-iskart u tiffinanzja programmi ta' għbir tal-iskart marittimu bħall-iskema "Sajd għall-Iskart"<sup>(14)</sup>. It-titjib fl-istat tal-istokkijiet tal-ħut wassal ukoll għal tnaqqis fl-isforz tas-sajd u, għalhekk, fil-ħin tas-sajd, kif ukoll fil-konsum tal-fjuwil. Bl-istess mod, it-tnaqqis tal-emissjonijiet jista' jinkiseb billi jiġu ottimizzati l-ġestjoni u l-loġistika tal-flotta (tnaqqis ta' 5-50 % tal-gassijiet serra) u l-ottimizzazzjoni tal-ivvjaġġar (tnaqqis ta' 1-10 % tal-gassijiet serra)<sup>(15)</sup>.

4.1.3. Il-KESE jinnota li xi teknoloġiji ġodda joffru awtonomija limitata għall-bastimenti tas-sajd. Pereżempju, il-prototipi attwali li jaħdmu bl-enerġija elettrika joffru firxa ta' bejn ħames u sitt sigħat li mhijiex biżżejjed għal ġurnata sħiħa ta' sajd (li tista' dhum bejn tmax sa erbatax-il siegħa), biex ma nsemmux il-vjaġġi tas-sajd ta' diversi ġimgħat. It-titjib tad-disinn u l-effiċjenza tal-bastiment huma daqstant ieħor importanti.

## 5. "Ħbieb tal-ħut u tas-sajjeda": viżjoni għall-futur ta' settur tas-sajd sostenibbli fl-UE

5.1. F'dawn l-aħħar snin, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew żviluppa viżjonijiet strateġiċi f'diversi oqsma: il-politika komprensiva dwar l-ikel<sup>(16)</sup>, l-iżvilupp rurali-urban sostenibbli<sup>(17)</sup> u l-ekonomija tal-benesseri<sup>(18)</sup>. Wasal iż-żmien li l-KESE jżviluppa wkoll viżjoni globali fit-tul għal settur tas-sajd sostenibbli fl-UE. Flimkien mal-isforzi kollha fl-oqsma tal-bijodiversità, il-politika dwar ikel sostenibbli, is-saħħa u l-benesseri, il-kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin, l-iżvilupp rurali u urban sostenibbli u l-awtonomija strateġika, din il-viżjoni għandha timpenja lill-UE jaħdem favur id-dekarbonizzazzjoni tas-settur sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà ekonomika meħtieġa biex jitwettaq il-Patt Ekoloġiku Ewropew u tiġi implimentata l-Aġenda 2030. F'konformità mal-istrateġija tat-Trasformazzjoni Blu tal-FAO u fil-kuntest tas-sejħa usa' tal-KESE għal Ftehim Blu tal-UE, il-Kumitat jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat u jżied b'mod sostenibbli l-kontribut tas-sistemi tal-ikel akkwatiku għal dieti tajbin għas-saħħa, nutrittivi u affordabbli għal kulħadd, bil-għan aħħari li tinnaqqas id-dipendenza tas-suq tal-UE mill-importazzjonijiet tal-ħut.

5.2. Il-KESE jixtieq jieħu l-opportunità biex, permezz ta' din l-Opinjoni esploratorja, il-problema tad-dekarbonizzazzjoni titqiegħed f'qafas strateġiku usa'. Approċċ komprensiv għal settur tas-sajd sostenibbli għandu jiġi implimentat fis-sitt oqsma li ġejjin:

### 5.2.1. Bijodiversità

F'konformità mal-14-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli dwar "Ħajja taħt l-ilma" u b'rabta mal-ftehim storiku tal-COP15 dwar il-bijodiversità<sup>(19)</sup>, il-KESE jafferma mill-għdid l-impenn sod tiegħu li jżomm stokkijiet b'saħħithom u produttivi ta' ħut, kif ukoll li jippromovi aspetti oħra relatati mal-bijodiversità fis-settur tas-sajd. L-istokkijiet kollha sfruttati kummerċjalment għandhom jiksbu rendiment massimu sostenibbli (MSY) jew livelli oġhla fl-iqsar żmien possibbli kompatibbli maż-żamma tal-vijabbiltà ekonomika fit-tul tal-flotot tas-sajd differenti. F'dan ir-rigward, ix-xjenzjati li jwettqu l-valutazzjonijiet tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) u tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) jeħtieġ li jkun mgħammra bir-riżorsi meħtieġa biex ikunu jistgħu jikkompletaw id-data nieqsa. Fin-nuqqas ta' data

<sup>(13)</sup> <https://www.ices.dk/news-and-events/news-archive/news/Pages/InnovativeFishingGear.aspx>

<sup>(14)</sup> <https://fishingforlitter.org/>

<sup>(15)</sup> Parir tal-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar tat-Tramuntana, Ref. 17-2122 NSAC Advice on decarbonisation of fishing fleet (Parir tal-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar tat-Tramuntana dwar id-dekarbonizzazzjoni tal-flotta tas-sajd, mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(16)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-kontribut tas-soċjetà ċivili għall-iżvilupp ta' politika komprensiva dwar l-ikel fl-UE" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 129, 11.4.2018, p. 18).

<sup>(17)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew "Lejn strateġija olistika dwar l-iżvilupp rurali/urban sostenibbli" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 105, 4.3.2022, p. 49).

<sup>(18)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-ekonomija sostenibbli li neħtieġu" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 106, 31.3.2020, p. 1).

<sup>(19)</sup> Deċiżjoni 15/4 Kunming-Montreal Global Biodiversity Framework (Qafas Globali għall-Bijodiversità ta' Kunmin-Montreal, mhux disponibbli bil-Malti).

xjentifika suffiċjenti, il-prinċipju ta' prekawżjoni għandu jiġi applikat b'mod sistematiku għall-ġestjoni tal-istokkijiet tal-ħut, inkluż it-tnaqqis tal-qabdiet meta jkun rakkomandat mix-xjenzjati. Fejn ikun hemm bżonn, l-iskemi għall-iskrappjar, li għandhom ikunu mgħammra b'riżorsi baġitarji adegwati biex id-daqs tal-flotta jiġi aġġustat għall-opportunitajiet tas-sajd disponibbli, se jipprovdu possibbiltajiet ta' taħriġ mill-ġdid vokazzjonali għall-membri tal-ekwipaġġ.

### 5.2.2. Id-dekarbonizzazzjoni

Is-settur tas-sajd tal-UE għandu jimpenja ruħu li jikseb bilanċ newtrali fir-rigward tas-CO<sub>2</sub> sal-2050 billi jilħaq il-miri tat-tranżizzjoni tal-enerġija stabbiliti mill-Unjoni Ewropea u appoġġjati mill-innovazzjoni u t-teknoloġija. Studju komprensiv dwar il-livell tat-teknika u t-teknoloġiji disponibbli huwa l-ewwel pass biex tinstab soluzzjoni mfassla apposta (minflok soluzzjoni unika) għal kull segment tal-flotta.

### 5.2.3. Paga ġusta, sikurezza u kundizzjonijiet tax-xogħol

Is-sajjeda se jirċievu l-għodod u l-gwida meħtieġa biex jiffukaw fuq it-tranżizzjoni li dalwaqt isseħħ u li hija meħtieġa, iżda jenħtieġ li jiġu appoġġjati kemm matul il-proċessi ta' dekarbonizzazzjoni kif ukoll matul il-proċessi ta' trasformazzjoni strutturali usa'. Hija prijorità li jiġġeddu l-bastimenti tas-sajd sabiex jittejbu l-abitabbiltà, il-kundizzjonijiet tal-għajxien u s-sikurezza abbord, u b'hekk is-settur isir aktar attraenti u jkun jista' jsir tiġdid ġenerazzjonali. Titjib ieħor meħtieġ relatat mad-dekarbonizzazzjoni jinkludi l-bidla minn sistemi ta' propulsjoni u sistemi awżiljarji għal dawk aktar avvanzati u effiċjenti u l-użu ta' rkaptu tas-sajd modern, effiċjenti fl-użu tal-enerġija, selettiv u li ma jkollux impatt negattiv – jew jekk ikollu, ikun negliġibbli – fuq is-saħħa u l-bijodiversità tal-ekosistema b'mod ġenerali. Dan jeħtieġ studju komprensiv fil-livell tal-UE dwar it-teknoloġiji disponibbli għat-tranżizzjoni tal-enerġija fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura u l-kostijiet u l-benefiċċji rispettivi tagħhom għal kull segment tal-flotta u l-ispeċifità nazzjonali. It-taħriġ mill-ġdid vokazzjonali u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol huma daqstant importanti biex il-ħaddiema fl-industrija marittima jitħarrġu u jitħejjew għat-tranżizzjoni tal-enerġija (f'konformità mal-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza). Minħabba s-sitwazzjoni ekonomika prekarja tal-industrija tas-sajd f'ħafna partijiet tal-Ewropa u t-tnaqqis kontinwu tal-flotta, għandhom jiġu żviluppati pjani u strumenti strateġiċi biex itejbu l-kompetittività tas-settur, billi jappoġġjaw l-iżvilupp u l-innovazzjoni tiegħu biex jikkontribwixxu għal standard tal-għajxien ġust għal dawk li jiddependu mill-attivitajiet tas-sajd.

### 5.2.4. Żoni kostali rurali u remoti

Għalkemm setturi oħra ta' attività, bħas-sajd rikreattiv jew setturi oħra tat-turiżmu sostenibbli, jistgħu jiġu diversifikati jew konvertiti parzjalment ladarba jippermetti l-ippjanar spazjali, huwa inkontestabbli li s-settur tas-sajd għadu s-sors ewlieni ta' impjieġ u introjtu f'ħafna reġjuni u lokalitajiet kostali, mhux biss għall-persunal abbord iżda għall-ħaddiema fl-industrija u s-servizzi relatati kollha. L-abbandun tas-sajd ikun ifisser mhux biss it-tnaqqis u d-depopolazzjoni gradwali ta' dawn ir-reġjuni, iżda wkoll telf irreparabbli tal-wirt kulturali li jiddefinixxi u jiddetermina l-essenza proprja tas-soċjetajiet Ewropej tagħna. L-atturi kollha involuti għandhom jaħdmu b'mod li jsarraf f'narrattiva aktar pożittiva għas-settur tas-sajd. Barra minn hekk, l-akkwakultura interna tista' toffri opportunitajiet ekonomiċi ġodda għaż-żoni rurali.

### 5.2.5. Dieti tajbin għas-saħħa u sostenibbli

Is-sajd sostenibbli jipprovdi proteini tal-annimali mhux biss bl-inqas impronta tal-karbonju, iżda wkoll bi kwalitajiet nutrittivi eċċellenti. Għalkemm ix-xejriet attwali tal-konsum tal-laħam tal-Ewropej għandhom jagħtu prijorità lill-kwalità fuq il-kwantità, dan mhuwiex il-każ fir-rigward tal-konsum tal-ħut li, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, huwa flivell iktar baxx mir-rakkomandazzjonijiet djetetiċi. L-awtoritajiet pubbliċi għandhom jagħtu prijorità lill-promozzjoni tal-konsum tal-ħut bi prezzijiet affordabbli għall-popolazzjoni kollha kemm hi, pereżempju billi jippromovu l-apprezzament ta' speċijiet inqas magħrufa. Bħala l-pedament ta' dieta tajba għas-saħħa u bbilanjata<sup>(20)</sup>, il-ħut għandu jkun soġġett għal tnaqqis tal-VAT.

### 5.2.6. Awtonomija strateġika u r-rwol tal-akkwakultura

L-Unjoni Ewropea timporta tliet kwarti tal-ħut li tikkonsma. Apparti l-iżbilanċ kummerċjali, hemm ukoll il-problema tal-garanziji inugwali fir-rigward tas-sigurtà tas-saħħa ta' dawn l-importazzjonijiet, li mhumiex soġġetti għat-traċċabbiltà "mix-xibka sal-platt". Biex tindirizza dan in-nuqqas, l-UE għandha tuża strumenti kummerċjali bilaterali u multilaterali biex timporta biss prodotti tal-baħar sostenibbli prodotti f'pajjiżi terzi li l-istandards tagħhom huma ekwivalenti għal dawk tal-UE, u b'hekk tiżgura kompetizzjoni ġusta b'kundizzjonijiet ekwivalenti. Bl-istess mod, is-settur tal-akkwakultura għandu potenzjal inkontestabbli li jiissodisfa d-domandi tas-suq tal-ħut tal-UE. It-tkabbir sostenibbli jista' jinkiseb billi jiġi pprovdut

<sup>(20)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Il-promozzjoni ta' dieti tajbin għas-saħħa u sostenibbli fl-UE" (Opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 190, 5.6.2019, p. 9).

lok għal operazzjonijiet ġodda permezz ta' ppjanar spazjali adegwat u billi jiġi ssemplifikat il-proċess ta' liċenzjar, li spiss jiddependi minn diversi dipartimenti jew saħansitra minn livelli differenti (nazzjonali, reġjonali, lokali) tal-amministrazzjonijiet pubbliċi. Biex l-UE tiżgura s-sovranità tal-ikel tagħha, trid taħtaf kull opportunità biex iżżid b'mod sostenibbli l-produzzjoni tal-ħut u tal-frott tal-baħar bil-qoxra.

Brussell, it-12 ta' Lulju 2023.

Oliver RÖPKE  
Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

---

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-ekonomija ta’ ‘Patt Blu tal-UE’ —  
ħtiġijiet ta’ investiment relatat mal-ilma fl-UE”**

**(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)**

(2023/C 349/09)

Relatur: **Florian MARIN**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	25.1.2023
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta’ Proċedura Opinjoni fuq inizzjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adozzjoni fis-sezzjoni	27.6.2023
Adozzjoni fil-plenarja	13.7.2023
Sessjoni plenarja Nru	580
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	181/6/5

**1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-Kumitat iqis l-aċċess għal ilma sikur, nadif u ta’ kwalità tajba bħala dritt fundamentali, u jqis li huwa totalment inaċċettabbli li għad hemm persuni li m’għandhomx aċċess għall-ilma fl-UE.

1.2. L-iżvilupp tal-ekonomija tal-ilma fl-UE għandu jkun inklużiv, regolat tajjeb, trasparenti, diġitalizzat ħafna, reżiljenti, sostenibbli, prevedibbli u sigur, ipoġġi lin-nies l-ewwel u jiġġenera valur miżjud. Huwa essenzjali għall-industriji kollha li jġarrbu l-kost soċjetali tal-konsum tal-ilma tagħhom b’mod ġust.

1.3. Il-Kumitat iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE jagħtu sinifikat u enfasi ugwali lill-Patt Blu tal-UE bħalma għamlu fil-każ tal-Patt Ekoloġiku tal-UE, peress li t-tnejn huma kompletament komplementari.

1.4. Il-qafas regolatorju futur tal-Ekonomija Blu tal-UE għandu:

- ikun bbażat fuq il-prinċipju ta’ ekonomija tal-benesseri;
- jintegra b’mod trasversali l-kundizzjonalitajiet soċjali u s-solidarjetà territorjali;
- isib bilanċ bejn it-tassib ambjentali, soċjali u ekonomiku;
- jibbenefika minn mudelli ta’ governanza innovattivi transnazzjonali li jinkoraġġixxu l-finanzjament, jirregolaw l-involvement tas-settur privat, itejbu l-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma, u jstimulaw il-kompetittività tal-UE;
- jadotta mudelli ta’ negozju kollaborattivi u prinċipji tal-ekonomija kondiviża;
- jadotta qafas istituzzjonali li ma jkunx ta’ piż għall-kompetittività tal-attivitajiet ekonomiċi tal-UE fis-suq globali;
- joffri aktar trasparenza fir-rigward tal-inizzjattivi ta’ sostenibbiltà.

1.5. Il-KESE jappella għal:

- bidla fil-mudell ekonomiku attwali lejn wieħed aktar sostenibbli li jintaxxa l-konsum żejjed u li jkun konsistenti bis-sħiħ mal-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli (SDGs);

- evalwazzjoni tal-prezzijiet tal-ilma fl-Istati Membri kollha skont il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas";
- adattament ta' kunċetti ekonomiċi bażiċi bħar-regoli tas-suq, il-vijabbiltà ekonomika jew il-produttività biex jitqiesu l-valuri multilaterali tal-ilma.
- leġiżlazzjoni koerenti fl-Istati Membri kollha dwar mekkaniżmu tal-UE għall-ħżin tal-ilma matul il-perjodi tax-xita;
- strateġija fit-tul biex tiżdied ir-reżiljenza kontra l-iskarsezza tal-ilma;
- estensjoni tar-responsabbiltà estiża tal-produttur għall-ġestjoni tal-ilma residwu;
- indirizzar tal-kwistjoni tal-ilma li jintilef (NRW) <sup>(1)</sup> billi tingħata prijorità lill-manutenzjoni kontinwa; inizzjattivi li jkollhom l-għan li jnaqqsu b'mod sinifikanti t-tnixxijiet tal-ilma u riċerka għal teknoloġiji ġodda għad-detezzjoni ta' tnixxijiet;
- evalwazzjoni bir-reqqa u immedjata tas-sistemi tad-drenaġġ taħt l-art fl-Istati Membri kollha, inkluża ċ-ċentralizzazzjoni tad-data fil-livell tal-UE;
- adattament tar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat għall-karatteristiċi tal-investment fl-ilma;
- prezzijiet li jqisu s-sigurtà tal-ilma fit-tul;
- investimenti fil-kundizzjonijiet tax-xogħol, impjiegi u taħriġ ta' kwalità tajba u attivitajiet speċifiċi f'dan il-qasam, speċjalment immirati lejn il-ġenerazzjoni żagħżuġha.

1.6. Huwa u jirrikonoxxi li sabiex jinkiseb progress lejn industriji newtrali għall-klima, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll l-emissjonijiet industrijali fl-ilma, l-impatti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem, u l-kostijiet soċjali li jirriżultaw għas-soċjetà, il-KESE jappella biex jiġu żviluppati standards speċifiċi dwar l-użu tal-ilma f'setturi ekonomiċi differenti, bħall-agrikoltura jew l-industrija. Dan jista' jsir billi jiġi stabbilit grupp ta' esperti li jkun inkarigat biex ifassal linji gwida speċifiċi għas-settur għall-użu tal-ilma.

1.7. Il-KESE jipproponi li:

- jiġu żviluppati Patt Blu tal-UE u Aġenda tal-UE għall-Ilma f'sinerġija mill-qrib mal-Aġenda Urbana tal-UE <sup>(2)</sup>, il-Ftehim ta' Ljubljana <sup>(3)</sup> u l-Viżjoni fit-Tul għaż-Żoni Rurali <sup>(4)</sup>;
- razzjonalizzazzjoni tal-konsum tal-ilma permezz tal-implimentazzjoni tal-miżuri li ġejjin:
- differenzjazzjoni fil-prezzijiet bejn il-konsum għall-użu domestiku u għas-servizzi pubbliċi essenzjali, u l-konsum għall-finijiet ta' produzzjoni;
- sistema ta' pprezzar li tiskoraġixxi b'mod effettiv il-konsum mhux sostenibbli filwaqt li tinċentiva l-konsum għall-finijiet ta' produzzjoni;
- it-tfassil tal-prezz jinkludi rekwiżit minimu ta' ilma b'xejn biex jiġu żgurati d-drittijiet tal-bniedem;
- tiġi żgurata trasparenza sħiħa tal-ispejjeż u tal-prezz tal-ilma fir-rigward tal-partijiet ikkonċernati kollha;
- jiġi adottat ippanar pubbliku esklużivament fil-livell tal-baċir tax-xmara (inkluż l-ilma ta' taħt l-art) b'tali mod li l-interess ġenerali tal-UE jiġi protett, u billi jiġi żgurat li l-fluss tal-ilma ekoloġiku meħtieġ jinżamm fil-korp tal-ilma minn fejn joriġina;

<sup>(1)</sup> Ilma li jintilef (non-revenue water – NRW) huwa ilma li jintilef fis-sistema tad-distribuzzjoni tal-ilma, li qatt ma jasal fid-destinazzjoni finali tiegħu. Dan ifisser ilma mhux użat jew mhux imħallas, li jaffettwa l-ekonomiji lokali kif ukoll ir-riżorsi lokali disponibbli.

<sup>(2)</sup> Aġenda Urbana tal-UE

<sup>(3)</sup> Ljubljana Agreement and Multiannual Working Programme – Renewing the Urban Aġenda for the EU (Il-Ftehim ta' Ljubljana u l-Programm ta' Ħidma Pluriennali – It-tiġdid tal-Aġenda Urbana tal-UE (mhux disponibbli bil-Malti)).

<sup>(4)</sup> Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali: għal żoni rurali tal-UE aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi

- jiġu adottati u jissaħħu l-oqfsa regolatorji dwar il-ftehimiet ta' konċessjoni tal-ilma sabiex l-ilma jiġi mmaniġġjat bħala ben pubbliku, aktar milli bħala komodità li tista' tiġi kummerċjalizzata. Il-prezzijiet għall-popolazzjoni għandhom jirriflettu l-fatt li l-ilma huwa ben pubbliku;
- jingħataw attenzjoni u finanzjament speċifiċi għal proġetti transfruntiera dwar l-ilma;
- ikun hemm skambju ta' innovazzjonijiet sinifikanti relatati mal-ilma fost l-Istati Membri u titħeġġeġ l-esperimentazzjoni minn isfel għal fuq fid-dawl tal-ispeċifità u l-kumplessità tal-ilma.

1.8. Il-Kumitat iqis li l-fondi tal-UE huma essenzjali għat-tranżizzjoni sostenibbli tal-ilma, u jitolb:

- li l-Istati Membri jittrattaw l-investiment fl-ilma bħala prijorità għolja fir-riallokazzjonijiet fi ħdan id-diversi programmi;
- aktar komplementarjetà bejn il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) <sup>(5)</sup>, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, InvestEU, Interreg Europe u fondi oħra;
- sejħa għal proposti speċifika u linji gwida li jqisu l-kumplessità u l-ispeċifità tal-ilma;
- programm operazzjonali ddedikat għall-ilma u għall-investimenti territorjali integrati (ITI) għall-ekonomija blu;
- li s-setturi tal-ilma jiġu rikonnoxxuti bħala prijorità strateġika fil-perjodu ta' programmazzjoni 2028-2034 u, fejn rilevanti, għal programm operazzjonali ddedikat għall-ilma;
- Fond għal Tranżizzjoni Blu;
- li tiġi żgurata l-assistenza teknika għall-Istati Membri biex jimplementaw proġetti dwar l-ilma.

1.9. Il-Kumitat iqis li huwa kruċjali li r-reżiljenza tiġi inkorporata fil-kriterji ta' evalwazzjoni tal-investiment relatat mal-ilma, peress li din tista' tnaqqas l-ispejjeż assoċjati mal-irkupru minn avvenimenti imprevedibbli, flimkien ma' investimenti ottimali f'miżuri għat-tnaqqis tar-riskju.

1.10. Għandu jkun hemm koordinazzjoni u komplementarjetà effiċjenti bejn il-Kummissjoni Ewropea, il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) f'termini ta' finanzjament tal-investimenti fl-ilma, flimkien mal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni komuni fil-qafas strateġiku tal-UE.

## 2. Politika u qafas strateġiku

2.1. L-iżvilupp tal-ekonomija tal-ilma għandu jkun inklużiv, regolat tajjeb u trasparenti, u jqis il-bosta differenzi bejn ir-reġjuni u l-komunitajiet. L-ekonomija tal-ilma għandha tkun ukoll diġitalizzata ħafna, reżiljenti, sostenibbli, prevedibbli u sigura, tiżgura l-komplementarjetà bejn is-setturi u l-atturi industrijali, tqiegħed lin-nies l-ewwel, tiproteġi l-ħajja u tiġġenera valur miżjud permezz ta' approċċ imfassal apposta f'ekosistema sostenibbli u ġusta.

2.2. Il-KESE jenfasizza l-importanza ta' prospettivi ġodda dwar l-oqfsa ta' politika, l-arranġamenti istituzzjonali u l-ippjanar tal-investiment, inkluża trasparenza akbar fir-rigward tal-inizjattivi ta' sostenibbiltà u l-ħolqien ta' linji gwida u klassifikazzjonijiet preċiżi għal investimenti sostenibbli u innovattivi. Peress li l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar huma fost is-sitt objettivi ambjentali stabbiliti fir-Regolament tat-Tassonomija <sup>(6)</sup>, huma meħtieġa atti delegati speċifiċi għall-użu sostenibbli tal-ilma (tikketi ekoloġiċi, restawr tal-ekosistema). Il-KESE jenfasizza l-valuri komuni tal-Unjoni dwar is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, kif definiti mill-Artikolu 14 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u deskritti fil-Protokoll Nru 26 dwar is-servizzi ta' interess ġenerali anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mat-TFUE <sup>(7)</sup>.

<sup>(5)</sup> Il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020

<sup>(6)</sup> Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

<sup>(7)</sup> ĠU C 202, 7.6.2016, p. 307



2.3. L-ispeċifità tal-ilma tirrikjedi li l-ekonomija tal-ilma tiġi rregolata b'rispett sħiħ għad-dinjità u d-drittijiet tal-bniedem, tintegra b'mod trasversali l-kundizzjonalitajiet soċjali, l-ekwitabbiltà u l-ħtiġijiet bażiċi tal-bniedem u tas-soċjetà. Il-KESE jappella għal sistema ġudizzjarja adattata għas-settur tal-ilma, mibnija f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, bi proċeduri rapidi biex jiġi indirizzat tilwim relatat mal-ilma. Għandhom jiġu stabbiliti strutturi ta' monitoraġġ u korpi ta' governanza sovrannazzjonali u multisettorjali ddedikati għal kontroll aktar effiċjenti u adegwat tan-negozji fis-settur tal-ilma u l-użu tal-ilma b'mod ġenerali. Ir-rwol tas-settur pubbliku fil-ġestjoni tal-ilma għandu jiżdied, meta s-suq ma jkunx kapaċi jiggarrantixxi aċċess ġust għall-ilma għal kulħadd.

2.4. Il-KESE jikkonkludi li għandhom jiġu stabbiliti istituzzjonijiet speċifiċi fl-Istati Membri kollha bl-għan li jiġi żgurat li jittieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar l-użu tal-ilma u li l-ilma jintuża b'mod responsabbli u effiċjenti. Sabiex iċ-ċittadini jeżerċitaw bis-sħiħ il-kontroll demokratiku, jeħtieġ li jiġi żgurat li ċ-ċittadini jkun u jafu ċ-ċiklu tal-ilma u l-prezz tiegħu. Il-Kumitat jitolb li l-Patt Blu tal-UE jkollu l-istess livell ta' importanza u attenzjoni bħall-Patt Ekoloġiku tal-UE.

### 3. L-Ekonomija Blu

3.1. Il-KESE jemmen li l-futur tal-ekonomija tal-ilma għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipju ta' ekonomija tal-benesseri, u jappella sabiex il-kunċetti ekonomiċi bażiċi bħar-regoli tas-suq, il-vijabbiltà ekonomika jew il-produttività jqisu d-diversi valuri tal-ilma. Il-kompetittività għandha tiġi definita mill-ġdid sabiex tiġġenera prosperità, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-bniedem u l-aċċess ġust għall-ilma għan-nies, il-komunitajiet u l-industriji. L-aspetti soċjali għandhom jiġu integrati b'mod trasversali fl-ekonomija tal-ilma.

3.2. Hemm ħtieġa ċara għal bidla fundamentali fil-governanza biex tiġi kkonsolidata l-ekonomija tal-ilma, inkluż li jinstab bilanċ bejn it-tħassib ambjentali, soċjali u ekonomiku. Huma meħtieġa mudelli ta' governanza innovattivi transnazzjonali li jinkoraġġixxu l-finanzjament u jirregolaw l-involviment etiku tas-settur privat, itejbu l-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma, u jstimulaw il-kompetittività tal-UE.

3.3. Il-perssjoni fuq il-mudelli tan-negozju tal-ekonomija tal-ilma hija xprunata mill-effetti tat-tibdil fil-klima, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-urbanizzazzjoni rapida, il-migrazzjoni, it-tkabbir tal-popolazzjoni f'żoni urbani industrijalizzati u l-attivitajiet industrijali, iżda wkoll setturi innovattivi bħall-bijoeconomija blu, il-bijoteknoloġija u d-desalinizzazzjoni. In-negozji għandhom jintegraw mudelli ta' negozju kollaborattiv u prinċipji ta' ekonomija kondiviża biex jirrispondu aħjar għall-isfidi soċjetali u ambjentali attwali relatati mal-ilma. L-interazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet lokali, reġjonali, nazzjonali u internazzjonali, huma u jitqiesu l-ħafna tipi ta' partijiet ikkonċernati preżenti fis-settur tal-ilma u d-djalogu transsettorjali, għandhom jiġu intensifikati.

3.4. Il-Kumitat iħeġġeġ lill-Kummissjoni tistabbilixxi qafas ta' kompetizzjoni ġusta għall-kumpaniji bbażati fl-UE fir-rigward tal-kontropartijiet globali tagħhom, u jħeġġiġha wkoll issaħħaħ l-implimentazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali dwar il-kollaborazzjoni ekonomika, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-protezzjoni ambjentali.

### 4. L-Ekonomija tal-Ilma

4.1. Il-KESE jemmen li l-mudell ekonomiku attwali li jinkoraġġixxi l-konsum tal-ilma permezz tat-taxxi u l-inċentivi għandu jitreġġa' lura biex isir wieħed aktar sostenibbli li jkun kompletament konsistenti mal-SDGs. L-użu tal-ilma mhux biss għandu jkun sostenibbli, iżda għandu jikkontribwixxi wkoll għar-restawr tan-natura fuq medda qasira u twila ta' żmien. Il-KESE jappella għal ftehim fiskali globali għall-finanzjament tal-isforzi klimatiċi u l-investimenti fl-ilma.

4.2. Għandha tiġi ffaċilitata l-koerenza ċara u effiċjenti bejn id-diversi taxxi imposti fuq l-ilma fil-livell lokali, nazzjonali u Ewropew. Il-KESE jappella għal:

- l-iżvilupp ta' sistema ta' taxxa fuq l-ilma għall-ilma ta' taħt l-art u għall-ilma tal-wiċċ ibbażata fuq tnaqqis biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-ilma għal kull persuna u attur industrijali;
- evalwazzjoni tal-prezzijiet tal-ilma fl-Istati Membri kollha skont il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas";
- l-impożizzjoni ta' taxxi u ħlasijiet addizzjonali għall-użu mhux sostenibbli tal-ilma, filwaqt li jiġi inċentivat l-użu sostenibbli tal-ilma;

— reviżjoni tad-Direttiva tal-UE dwar l-Emissjonijiet Industrijali <sup>(8)</sup> fir-rigward tal-impatt fuq l-ekosistema tal-ilma tal-UE.

4.3. L-UE qed tiffaċċja domanda akbar għall-ilma, sitwazzjoni li se ssir aktar prominenti fil-futur. Id-differenzi bejn il-provvista tal-ilma u d-domanda għall-ilma jistgħu jkunu jew minħabba l-iskarsezza tal-ilma jew minħabba l-għargħar, li jista' jkollhom konsegwenzi devastanti. L-iżbilanċi bejn il-provvista tal-ilma u d-domanda għall-ilma jaffettwaw b'mod negattiv lill-industriji, lill-konsumaturi u liċ-ċittadini. Il-progress lejn il-kisba ta' industriji newtrali għall-klima għandu jqis l-emissjonijiet industrijali fl-ilma <sup>(9)</sup>, kif ukoll l-effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem u l-kostijiet soċjali li jirriżultaw għas-soċjetà. Huwa essenzjali għall-industriji kollha li jġarrbu l-kost soċjetali tal-emissjonijiet fl-ilma tagħhom.

4.4. Il-KESE jitlob leġiżlazzjoni koerenti fl-Istati Membri kollha dwar mekkaniżmu tal-UE għall-ħżin tal-ilma matul il-perjodi tax-xita, jiġifieri permezz tal-kostruzzjoni ta' tankijiet tal-ħżin u sistemi għall-mili mill-ġdid tal-akwifer taħt l-art. Il-KESE jappella għal strateġija fit-tul biex tiżdied ir-reżiljenza kontra l-iskarsezza tal-ilma, fid-dawl tal-ispeċifità tal-klimatiċi reġjonali u l-karatteristiċi industrijali.

4.5. Ir-ristrutturar tat-tfassil tal-prezzijiet tal-ilma fl-Ewropa jeħtieġ li jqis il-kondiviżjoni tal-piż għas-servizzi tal-ekosistema fost il-partijiet ikkonċernati u approċċ differenzjat fl-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-ipprezzar tal-kost sħiħ. Wieheh mill-approċċi huwa li l-ilma għall-użu domestiku u għas-servizzi pubbliċi essenzjali għandu jkollu prezz ferm aktar baxx mill-ilma użat għal attivitajiet ta' produzzjoni. L-inċentivi fil-livell tal-prezzijiet għandhom iqisu r-rabta bejn l-ipprezzar tal-ispejjeż marġinali u l-effiċjenza ekonomika, l-ekwitabbiltà u s-sostenibbiltà, u jkunu parti minn pakkett akbar li jinkoraġġixxi l-konsum sostenibbli tal-ilma.

4.6. Il-Kumitat jitlob trasparenza sħiħa tal-ispejjeż u tal-prezz tal-ilma fil-konfront tal-partijiet ikkonċernati kollha. Il-KESE jappella għal prezzijiet amministrati f'ċerti sitwazzjonijiet definiti sew u jeħtieġ monitoraġġ bir-reqqa biex jiġi żgurat li l-konsumaturi domestiċi jirċievu s-servizzi li qed iħallsu għalihom. L-ispekulazzjoni kummerċjali tal-ilma għandha tiġi evitata.

4.7. Il-KESE jinnota li l-impatt tat-tniġġis u l-isfruttament żejjed tal-akwiferi ta' taħt l-art ipoġġi piż kbir b'mod sprooorzonat uq il-persuni foqra u soċjalment vulnerabbli. It-tariffi tal-ilma jridu jiġu evalwati b'attenzjoni kbira, peress li jista' jkollhom effetti distorsivi, jiġġeneraw il-faqar tal-ilma u joħolqu diffikultà soċjali fost il-popolazzjoni. Il-KESE jitlob li tinbada diskussjoni kostruttiva fil-livell tal-UE dwar tfassil ġust tal-prezzijiet tal-ilma. It-tfassil tal-prezz għandu jinkludi rekwiżit minimu ta' ilma b'xejn biex jiġu żgurati d-drittijiet tal-bniedem. L-istruttura tal-prezzijiet għandha tqis l-isfidi attwali u futuri tas-soċjetà, tal-klima u tal-industrija. Il-KESE issuġġerixxi li t-tfassil tal-prezzijiet iqis b'mod trasversali s-sigurtà tal-ilma fit-tul.

4.8. Il-KESE jemmen li r-responsabbiltà estiża tal-produttur għandha tiġi estiża għall-ġestjoni tal-ilma residwu, u jappoġġja r-reviżjoni attwali tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi <sup>(10)</sup> <sup>(11)</sup>. Għandha tiġi introdotta sinerġija bejn l-iskemi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur, l-ekodisinn u r-rekwiżiti ta' informazzjoni. Għandhom jiġu stabbiliti kampanji ta' sensibilizzazzjoni apposta, li jgħaqqu flimkien partijiet ikkonċernati distinti u diversi għall-konsumaturi sabiex dawn jifhmu u jirrikonossu l-użu sostenibbli tal-ilma.

4.9. Sabiex tiġi żgurata manutenzjoni adegwata tas-sistemi tal-ilma u titħeġġeġ provvista akbar tal-ilma, huwa kruċjali li tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-ilma li jintilef billi tingħata prijorità lill-inizjattivi ta' manutenzjoni li għaddejjin, bil-għan li jnaqqsu b'mod sinifikanti t-tnixxijiet tal-ilma. Sabiex inizjattivi bħal dawn jiġu ffinanzjati b'mod adegwat, hija meħtieġa l-introduzzjoni ta' "regola tad-deheb" għall-investimenti pubbliċi. Il-KESE jenfasizza li l-manutenzjoni ġestita ħażin u mhux ifffinanzjata biżżejjed, flimkien ma' ġestjoni inadegwata tal-assi, qed jikkawżaw telf ekonomiku sinifikanti. Teknoloġiji ġodda għad-detezzjoni ta' ttnixxijiet għandhom jiġu żviluppatti immedjatament u għandu jiġi żviluppatt appoġġ speċifiku f'dan ir-rigward.

<sup>(8)</sup> Id-Direttiva 2010/75/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17)

<sup>(9)</sup> Industrial pollutant releases to water in Europe (Rilaxxi industrijali li jniġġsu fl-ilma fl-Ewropa), Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

<sup>(10)</sup> Proposta għal reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi

<sup>(11)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40).

4.10. Il-Kumitat jinsab imħasseb dwar valutazzjonijiet insuffiċjenti tal-kundizzjoni tas-sistemi tad-drenaġġ taħt l-art f'ħafna Stati Membri, u jitlob evalwazzjoni bir-reqqa u immedjata, inkluża ċ-ċentralizzazzjoni tad-data fil-livell tal-UE. L-ispiża tan-nuqqas ta' intervent hija ħafna akbar mill-ispiża tat-tiswijiet fin-networks tad-drenaġġ.

## 5. Implikazzjonijiet reġjonali tal-ilma

5.1. L-aċċess għal ilma sikur, nadif u ta' kwalità tajba huwa dritt fundamentali u vitali għas-saħħa, id-dinjità u l-prosperità ta' kulħadd. Il-Kumitat iqis li huwa totalment inaċċettabbli li għad hemm persuni li m'għandhomx aċċess għall-ilma fl-UE.

5.2. Il-KESE jqis li huwa essenzjali li l-ilma jiġi integrat fil-politiki relatati kollha (l-enerġija, il-kummerċ, l-industrija, l-agrikoltura, eċċ.), u li l-Istati Membri jiżguraw sinerġiji bejn l-investimenti f'diversi setturi marbuta mar-riżorsi tal-ilma, bħall-iżvilupp urban, l-ikel, l-agrikoltura u l-enerġija. L-ilma huwa ta' importanza kruċjali għall-iżvilupp urban u rurali.

5.3. Il-KESE jipproponi li jiġu żviluppatti Patt Blu tal-UE u Aġenda tal-UE dwar l-Ilma bbażati fuq sħubija għall-investiment fl-ilma, f'sinerġija mill-qrib mal-Aġenda Urbana tal-UE, flimkien ma' sħubija tematika dwar l-ilma f'konformità mal-Ftehim ta' Ljubljana u f'komplementarjetà sħiħa mal-Viżjoni fit-Tul għaż-Żoni Rurali. L-iżgurar tas-solidarjetà territorjali, l-istrutturi ta' governanza multilaterali adattati biex jiġu indirizzati d-differenzi bejn iż-żoni rurali u urbani u l-konsolidazzjoni tal-operaturi reġjonali tal-ilma huma importanti.

5.4. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-gżejjer fiż-żona tal-Mediterran u għar-reġjuni ultraperiferiċi li qed jaffaċċjaw skarsezzi fil-provvista tal-ilma matul perjodi speċifiċi ta' nixfa minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom. Għal dawn iż-żoni, il-provvista tal-ilma neċessarja trid tiġi żgurata permezz ta' sistema li tiggarantixxi l-provvista lill-familji u lill-operaturi ekonomiċi.

5.5. Il-KESE jipproponi li jiġi adottat ipplanar pubbliku esklużivament fil-livell tal-baċin tax-xmara (inkluż l-ilma ta' taħt l-art) b'tali mod li l-interess ġenerali tal-UE jiġi protett, u billi jiġi żgurat li l-fluss tal-ilma ekoloġiku meħtieġ jinżamm fil-korp tal-ilma minn fejn joriġina. Il-miżuri u l-investimenti fl-ilma biex jipproteġu ż-żoni mill-għargħar jew, jantiċipaw in-nixfiet u jipproteġu n-navigabbiltà, jimmiraw li jżommu aktar ilma, għandhom jimmiraw fl-istess ħin li jtejbu l-bijodiversità u jirrispettaw il-karatteristiċi ġeomorfoloġiċi tal-baċin tax-xmara.

5.6. Meta titqies in-natura pubblika tiegħu, il-KESE jissuġġerixxi li d-dritt tal-użu tal-ilma għandu jiġi definit, imkejjejjel u mmonitorjat sew, u li jitqiesu l-forom legali kollha bħall-konċessjonijiet, il-permessi, il-liċenzji, id-drittijiet kuntrattwali u s-sjeda totali, flimkien mar-rispett tal-ilma bħala ġid komuni. Id-drittijiet tal-użu għandhom ikunu jistgħu jitkejju faċilment permezz ta' termini definiti sew.

5.7. Il-KESE jirrakkomanda li l-UE tadotta u ssaħħaħ l-oqfsa regolatorji dwar il-ftehimiet ta' konċessjoni tal-ilma sabiex l-ilma jiġi mmaniġġjat bħala ben pubbliku, aktar milli bħala komodità li tista' tiġi kummerċjalizzata. Il-prezzijiet għall-popolazzjoni għandhom jirriflettu wkoll il-fatt li l-ilma huwa ben pubbliku b'rispett sħiħ għall-Artikolu 14 tat-TFUE u l-Protokoll 26 anness mat-TUE u mat-TFUE. Il-KESE jappella għal regoli restrittivi sabiex ir-riżorsi tal-ilma tal-UE jiġu protetti milli jintużaw fl-interess ta' partijiet ikkonċernati mhux tal-UE.

## 6. Fondi tal-UE

6.1. Il-KESE jitlob għal aktar sinerġija fil-livell tas-sejħa għal proposti u l-programmi operazzjonali biex jiġu indirizzati l-ispeċifiċitajiet tal-investimenti fil-qasam tal-ilma u jiġi massimizzat l-assorbiment tal-kwalità tal-fondi tal-UE ddedikati għall-ilma u l-ekonomija blu. Għandhom jitqiesu l-karatteristiċi staġjonali u ċikliċi tal-attivitajiet tal-ilma fis-sejħiet għall-proposti u fil-programmazzjoni. Il-Kumitat jistieden lill-Istati Membri jitrattaw l-investiment fl-ilma bħala prijorità għolja fir-riallokazzjonijiet fi ħdan id-diversi programmi, u li jadattaw ir-regoli dwar l-ġhajjnuna mill-Istat għall-karatteristiċi tal-investiment fl-ilma.

6.2. Il-KESE jqis li l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura<sup>(12)</sup> mhuwiex biżżejjed biex jappoġġja l-iżvilupp u t-tranżizzjoni tal-ekonomija blu. Huwa urġenti li jiġu diversifikati l-attivitàjiet eliġibbli, tiżdied il-komplementarjetà bejn il-FSIE<sup>(13)</sup>, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, InvestEU, Interreg Europe u fondi oħra. Barra minn hekk, il-prinċipju tal-kompetizzjoni tal-proġetti tal-ilma tal-FSIE għandu jqis il-ħtiġijiet bażiċi li l-ilma qed jissodisfa.

6.3. Il-KESE jinnota li l-Iżviluppi Lokali Mmexxi mill-Komunità, il-Gruppi ta' Azzjoni Lokali tas-Sajd u l-Investimenti Territorjali Integrati (ITI) huma strumenti li jkopru biss parzjalment il-ħtiġijiet ta' investiment fis-settur tal-ilma. Il-KESE jappella għal programm operazzjonali ddedikat għall-ilma u għal ITI għall-ekonomija blu, korrelazzjoni bejn sejħiet differenti għal proposti u valutazzjoni tal-impatt tal-investiment iffinanzjat mill-fondi tal-UE li huma mmirati lejn l-infrastruttura tal-ilma. Il-KESE jissuġġerixxi li għandu jiġi stabbilit Fond għal Tranżizzjoni Blu billi jew tiġi żgurata konċentrazzjoni tematika tal-fondi eżistenti, jew jiġu miżjuda fondi ġodda. Dan il-fond għandu jkun iddedikat għar-reġjuni li huma fqar fir-riżorsi tal-ilma, u għandu jkopri t-tranżizzjoni lejn ġestjoni tal-ilma sostenibbli, jevita l-inugwaljanzi fl-aċċess għall-ilma, u jappoġġja l-miri tal-UE għall-2050 f'konformità sħiħa mal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.

6.4. Il-KESE jikkonkludi li s-setturi tal-ilma għandhom jiġu rikonoxxuti bħala strateġiċi fil-perjodu ta' programmazzjoni 2028-2034 tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, u, minħabba r-rwol rikonoxxut tiegħu bħala l-voċi tas-soċjetà ċivili organizzata tal-UE, il-KESE għandu jkun involut fil-Pjattaforma ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti għal Ekonomija Blu Sostenibbli<sup>(14)</sup>. Il-KESE jipproponi li tiżdied kundizzjonalità *ex ante* obbligatorja għall-perjodu ta' programmazzjoni 2028-2034.

## 7. Il-finanzjament tat-tranżizzjoni lejn mudelli ġodda ta' negozju sostenibbli

7.1. Il-KESE jagħti parir lill-Istati Membri biex jinvestigaw kif il-baġits pubbliċi u l-għodod ta' mitigazzjoni tar-riskju, bħall-garanziji u l-istrumenti għat-titjib tal-kreditu, jistgħu jintużaw b'mod strateġiku biex iġibu l-profil tar-riskju/redditu tal-investimenti u jattiraw finanzjament kummerċjali, finanzjament kollettiv, u investimenti ta' ekwità. Il-Kumitat jinsab imħasseb li l-allokkazzjoni tal-fondi pubbliċi se tkun problematika f'ċerti Stati Membri minħabba l-livell attwali ta' dejn pubbliku, iż-żieda fir-rati tal-imgħax u d-deterjorament tal-klassifikazzjoni sovrana tal-kreditu. Il-KESE jinnota li l-finanzjament ta' investimenti privati fil-konstruzzjoni tan-networks tal-ilma jista' jiġi skoraġġut minħabba r-riskju ta' korruzzjoni u nuqqas ta' ċarezza regolatorja, kif ukoll, min-naħa l-oħra, mill-fatt li tali investimenti għandhom medda ta' żmien medju u twil.

7.2. Il-KESE jemmen li l-investimenti sostenibbli relatati mal-ilma għandhom jissaħħu bl-użu ta' strumenti ta' finanzjament sostenibbli bħall-bonds ekoloġiċi, il-bonds soċjali u s-self ekoloġiku, akkumpanjati minn definizzjonijiet konsistenti ta' sostenibbiltà f'diversi ġurisdizzjonijiet, u livell akbar ta' standardizzazzjoni u trasparenza fid-data. Il-KESE jipproponi r-regolamentazzjoni tal-bonds blu għall-investimenti fl-ilma fil-livell tal-UE, flimkien ma' strumenti ta' investiment imfassla apposta għall-ilma ddedikat għall-SMEs (eż. permezz ta' krediti staġjonali). Il-KESE jappella ukoll lill-Eurostat biex iħejji kapitolu u statistika apposta għad-data dwar l-ekonomija tal-ilma.

7.3. L-inkorporazzjoni tal-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza<sup>(15)</sup> fil-proċess tat-teħid tad-deċizzjonijiet dwar l-investiment tippermetti firxa usa' ta' opportunitajiet ta' investiment u tippromovi l-istabbiltà finanzjarja. Il-KESE jitlob investimenti fl-infrastruttura, fil-kundizzjonijiet tax-xogħol, fl-impjiegi u fit-taħriġ ta' kwalità tajba, u jappella għal attivitàjiet u kampanji speċifiċi għall-għarfien dwar l-ilma, speċjalment immirati lejn il-ġenerazzjoni żagħżuġha. L-iżgurar ta' karriera prevedibbli u fit-tul u pagi adegwati huwa kruċjali biex jinżammu r-riżorsi umani fis-settur tal-ilma.

7.4. L-Istati Membri jeħtiġilhom jifhmu, jippromovu u jappoġġjaw l-investimenti fil-qasam tal-ilma, inkluż bl-użu ta' fondi ta' assistenza teknika, u għandu jingħata appoġġ apposta mill-Kummissjoni f'dan ir-rigward, speċjalment fir-rigward tal-possibbiltajiet għall-użu mill-ġdid tal-ilma. Il-KESE jqis li huwa kruċjali li r-riżorsi finanzjarji jiġu diretti lejn proġetti li jnaqqsu l-konsum tal-ilma u jiġġeneraw l-użu mill-ġdid tal-ilma fl-Istati Membri kollha, f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma<sup>(16)</sup>.

<sup>(12)</sup> Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura

<sup>(13)</sup> Il-fondi strutturali u ta' investiment Ewropej tal-2014-2020

<sup>(14)</sup> <https://s3platform.jrc.ec.europa.eu/blue-growth>.

<sup>(15)</sup> ESG – kriterji ambjentali, soċjali u ta' governanza.

<sup>(16)</sup> Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1)

7.5. Koordinazzjoni u komplementarjetà effiċjenti bejn il-Kummissjoni Ewropea, il-BEI u l-BERŻ f'termini ta' finanzjament tal-investimenti fl-ilma. Dan jinkludi l-iżvilupp ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni komuni fil-qafas strateġiku tal-UE, kif ukoll il-monitoraġġ ċikliku fis-Semestru Ewropew. Il-banek pubbliċi madwar l-UE għandhom ukoll rwol importanti fir-rigward tal-investimenti fl-ilma, u għandha tiġi kkonsolidata l-kollaborazzjoni tal-partijiet ikkonċernati mal-banek privati.

## 8. Investimenti

8.1. Id-deċiżjonijiet ta' investiment fl-UE jridu jsegwu evalwazzjoni bir-reqqa tad-domanda għall-ilma fit-tul, id-disponibbiltà tar-riżorsi tal-ilma u l-għażliet ta' finanzjament, filwaqt li jitqiesu wkoll l-isfidi li jirriżultaw mill-adattament għat-tibdil fil-klima. Il-Kumitat jemmen li l-ippjanar tal-investiment fit-tul għandu jikkwantifika wkoll xejriet demografiki speċifiċi u għandu jkun allinjat ma' inizjattivi f'setturi oħra, bħall-ippjanar urban, l-użu tal-art jew l-agrikoltura. It-titjib fil-faċilitajiet tal-ilma għandu jqis ukoll il-massimizzazzjoni tal-ħżin tal-karbonju blu. Il-KESE jhegġegħ lill-Istati Membri jimplimentaw inizjattivi sinkronizzati marbutin mal-ġestjoni tat-territorju u sistemi analitiċi tal-big data. L-investiment u l-finanzjament fis-settur tal-ilma għandhom iqisu l-ispejjeż operattivi b'mod integrat.

8.2. Il-KESE jitlob standards apposta dwar l-użu tal-ilma f'diversi setturi ekonomiċi, pereżempju l-agrikoltura u l-industrija, billi jitwaqqaf grupp ta' esperti biex jiġu żviluppati linji gwida settorjali dwar l-użu tal-ilma, li jkun jinkludi l-KESE.

8.3. L-innovazzjoni u t-teknoloġija huma kruċjali biex tiġi xprunata l-effiċjenza fil-ġestjoni tal-ilma. L-iskambju ta' innovazzjonijiet sinifikanti relatati mal-ilma fost l-Istati Membri u l-inkoraġġiment ta' esperimentazzjoni minn isfel għal fuq huma kruċjali. Huma meħtieġa sforzi addizzjonali biex jiġu evalwati l-ispejjeż u l-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali ta' diversi perkorsi ta' investiment, li jvarjaw mil-livell lokali sal-livell tal-baċiri, u l-livell nazjonali, transfruntier u anke globali. L-implimentazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi, bħal sistemi ta' monitoraġġ bis-satellita bi prezz baxx li jirreġistraw parametri kritiċi tal-ilma, tista' ttejjeb il-ġbir u l-analiżi tad-data dwar l-ilma. L-involvement tal-Istati Membri għandu jitqies f'dan ir-rigward.

8.4. Sabiex jinġabar kapital adegwat fit-tul allinjat mal-SDGs, il-proġetti ta' kapital naturali relatati mal-ilma li jiffaċċjaw riskji strutturali ogħla spiss jeħtieġu t-tnaqqis tar-riskji. Spejjeż ogħla, qligħ aktar baxx u telf finanzjarju relatat mar-riskji tal-ilma jeħtieġ li jiġu kkunsidrati bir-reqqa. Għandhom jintużaw ukoll is-self u l-għotjiet tradizzjonali, il-kapital ta' riskju, l-ekwità privata u pubblika, u l-fondi tal-pensjonijiet u tal-investiment. Il-possibbiltà ta' greenwashing tippersisti bħala riżultat ta' nuqqas ta' standards konsistenti għall-bonds ekoloġiċi u l-fondi ta' investiment ambjentali, soċjali u ta' governanza.

8.5. Il-Kummissjoni għandha thegġegħ l-użu tal-fondi rilevanti kollha tal-UE u l-opportunitajiet ta' sħubija permezz tal-imsieħba soċjali u n-networks tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jilħqu lill-partijiet ikkonċernati kollha, b'enfasi partikolari fuq l-SMEs. Il-finanzjament imħallat jista' jkollu rwol importanti minħabba r-redditu baxx tal-proġetti tal-infrastruttura tal-ilma; madankollu, il-kumpaniji tas-servizzi tal-ilma għadhom mezz tajjeb ta' investiment.

8.6. Il-KESE jqis li huwa kruċjali li r-reżiljenza tiġi inkorporata fil-kriterji ta' evalwazzjoni tal-investiment relatat mal-ilma. Ir-reżiljenza tista' tnaqqas l-ispejjeż assoċjati mal-irkupru minn avvenimenti imprevedibbli bħal maltempati, għarġar, nirien fil-foresti, nixfiet, attakki ċibernetiċi jew pandemiji meta mqabbla ma' investimenti ottimali f'miżuri tat-tnaqqis tar-riskji. Il-proġetti transfruntiera dwar l-ilma għandhom jibbenefikaw minn atenzjoni u finanzjament speċifiċi.

8.7. L-investiment insuffiċjenti u n-nuqqas ta' nefqa effiċjenti fi proġetti relatati mal-ilma huma r-raġuni ewlenija għaliex l-UE u l-bqija tad-dinja mhumiex qed jagħmlu progress sinifikanti fil-kisba tal-SDG 6 dwar l-ilma u s-sanità. Il-KESE jenfasizza li l-Ewropa għandha l-opportunità li tittrasforma l-isfidi relatati mal-ilma fi prospetti ġodda għall-iżvilupp tat-teknoloġija, l-avvanz tas-soċjetà u t-tkabbir tan-negozju, bl-għan aħħari li tinkiseb ekonomija li tiġgarantixxi s-sigurtà tal-ilma u li tkun reżiljenti, b'opportunitajiet ta' impjeg sħiħ u produttivi, u impjegji ta' kwalità tajba għal kulħadd. L-UE tista' tkun minn ta' quddiem nett fid-dinja fil-qasam tal-użu mill-ġdid tal-ilma.

Brussell, it-13 ta' Lulju 2023.

Oliver RÖPKE  
President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew



## ANNEX

L-emendi li ġejjin inċaħdu waqt id-diskussjoni iżda rċevew aktar minn kwart tal-voti (Artikolu 74(3) tar-Regoli ta' Proċedura):

**Emenda 8**

## Punt 1.4

**Ibdel it-test kif ġej:**

Opinjoni tas-Sezzjoni	Emenda
<p>Il-qafas regolatorju futur tal-Ekonomija Blu tal-UE għandu:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— ikun bbażat fuq il-prinċipju ta' ekonomija tal-benesseri;</li> <li>— jintegra b'mod trasversali l-kundizzjonalitajiet soċjali u s-solidarjetà territorjali;</li> <li>— isib bilanċ bejn it-tħassib ambjentali, soċjali u ekonomiku;</li> <li>— jibbenefika minn mudelli ta' governanza innovattivi transnazzjonali li jinkoraġġixxu l-finanzjament, jirregolaw l-involviment tas-settur privat, itejbu l-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma, u jstimulaw il-kompetittività tal-UE;</li> <li>— jadotta mudelli ta' negozju kollaborattivi u prinċipji tal-ekonomija kondiviża;</li> <li>— jadotta qafas istituzzjonali li ma jkunx ta' piż għall-kompetittività tal-attivitajiet ekonomiċi tal-UE fis-suq globali;</li> <li>— joffri aktar trasparenza fir-rigward tal-inizjattivi ta' sostenibbiltà.</li> </ul>	<p>Il-qafas regolatorju futur tal-Ekonomija Blu tal-UE għandu:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— ikun bbażat fuq il-prinċipju ta' ekonomija tal-benesseri;</li> <li>— jintegra b'mod trasversali l-kundizzjonalitajiet soċjali u s-solidarjetà territorjali;</li> <li>— isib bilanċ bejn it-tħassib ambjentali, soċjali u ekonomiku;</li> <li>— jibbenefika minn mudelli ta' governanza innovattivi transnazzjonali li jinkoraġġixxu l-finanzjament, jirregolaw l-involviment tas-settur privat, itejbu l-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma, u jstimulaw il-kompetittività tal-UE;</li> <li>— <b>jintroduċi “regola tad-deheb” għall-investimenti fl-infrastruttura pubblika;</b></li> <li>— jadotta mudelli ta' negozju kollaborattivi u prinċipji tal-ekonomija kondiviża;</li> <li>— jadotta qafas istituzzjonali li ma jkunx ta' piż għall-kompetittività tal-attivitajiet ekonomiċi tal-UE fis-suq globali;</li> <li>— joffri aktar trasparenza fir-rigward tal-inizjattivi ta' sostenibbiltà.</li> </ul>

**Raġuni**

Din l-emenda hija konformi mal-modifika diġà proposta u spjegata għall-punt 4.9. L-introduzzjoni ta' “regola tad-deheb” għall-investimenti pubbliċi hija meħtieġa għall-konsolidazzjoni tal-pożizzjoni tal-ilma bħala ġid komuni, kif diġà jissemma fil-leġislazzjoni tal-UE.

**Riżultat tal-votazzjoni**

Favur: 84

Kontra: 93

Astensjonijiet: 17

Il-punt li ġej tal-Opinjoni tas-Sezzjoni ġie modifikat biex jirrifletti l-emenda adottata mill-assemblea, iżda rċieva aktar minn kwart tal-voti (Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura):

**Emenda 6**

## Punt 4.9

**Ibdel it-test kif ġej:**

Opinjoni tas-Sezzjoni	Emenda
<p>Sabiex tiġi żgurata manutenzjoni adegwata tas-sistemi tal-ilma u titħeġġeġ provvista akbar tal-ilma, huwa kruċjali li tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-ilma li jintilef billi tingħata prijorità lill-inizjattivi ta' manutenzjoni li għaddejjin, bil-għan li jnaqqsu b'mod sinifikanti t-tnixxijiet tal-ilma. Il-KESE jenfasizza li l-manutenzjoni ġestita ħażin u mhux iffinanzjata biżżejjed, flimkien ma' ġestjoni inadegwata tal-assi, qed jikkawżaw telf ekonomiku sinifikanti. Teknoloġiji ġodda għad-detezzjoni ta' tnixxijiet għandhom jiġu żviluppati immedjatament u għandu jiġi żviluppat appoġġ speċifiku f'dan ir-rigward.</p>	<p>Sabiex tiġi żgurata manutenzjoni adegwata tas-sistemi tal-ilma u titħeġġeġ provvista akbar tal-ilma, huwa kruċjali li tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-ilma li jintilef billi tingħata prijorità lill-inizjattivi ta' manutenzjoni li għaddejjin, bil-għan li jnaqqsu b'mod sinifikanti t-tnixxijiet tal-ilma. <b>Sabiex inizjattivi bħal dawn jiġu ffinanzjati b'mod adegwat, hija meħtieġa l-introduzzjoni ta' "regola tad-deheb" għall-investimenti pubbliċi.</b> Il-KESE jenfasizza li l-manutenzjoni ġestita ħażin u mhux iffinanzjata biżżejjed, flimkien ma' ġestjoni inadegwata tal-assi, qed jikkawżaw telf ekonomiku sinifikanti. Teknoloġiji ġodda għad-detezzjoni ta' tnixxijiet għandhom jiġu żviluppati immedjatament u għandu jiġi żviluppat appoġġ speċifiku f'dan ir-rigward.</p>

**Riżultat tal-votazzjoni**

Favur: 93

Kontra: 76

Astensjonijiet: 12

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-aċċess għall-ilma: nindirizzaw il-faqar tal-ilma u l-implikazzjonijiet tiegħu għall-politika soċjali”****(opinjoni fuq inizjattiva proprja)**

(2023/C 349/10)

Relaturi: **Kinga JOÓ u Carlos Manuel TRINDADE**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	25.1.2023
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adozzjoni fis-sezzjoni	21.6.2023
Adozzjoni fil-plenarja	13.7.2023
Sessjoni plenarja Nru	580
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	171/19/22

**1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE japprova bis-sħiħ ir-riżoluzzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti li jafferma li l-ilma huwa dritt tal-bniedem <sup>(1)</sup> u li huwa fundamentali għat-tgawdija sħiħa tal-ħajja u għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem <sup>(2)</sup>. L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU, fl-Għan 6, u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tal-Unjoni Ewropea, fil-Prinċipju 20, jistabbilixxu l-prinċipji ġenerali tad-dritt għall-aċċess għall-ilma. F'xenarju ta' tibdil fil-klima, il-faqar tal-ilma jieħu importanza akbar u jeħtieġ politiki pubbliċi biex jindirizzawh. F'sitwazzjoni ta' skarsezza tal-ilma, hija l-popolazzjoni vulnerabbli li tiġi affettwata aktar.

1.2. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri japplikaw approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-politiki kollha dwar l-ilma u jindirizzaw in-nuqqas tal-ilma, u b'hekk jallinjaw ruħhom ukoll mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Is-servizzi tal-provvista tal-ilma u tas-sanità għandhom ikunu sostenibbli, ekwi, effettivi, ta' kwalità għolja u affordabbli għal kulħadd, u għandhom jagħtu attenzjoni speċjali lill-gruppi soċjali vulnerabbli.

1.3. Il-KESE jemmen li l-aċċess universali għall-ilma tax-xorb u għas-sanità ta' kwalità għolja bi prezzijiet ġusti għall-popolazzjoni għandu jiġu ttrattat bħala ben pubbliku u mhux biss bħala komodità, u għalhekk ma għandux jiġi mmaniġġjat skont ir-regoli tas-suq uniku.

1.4. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tippromovi approċċ komuni għall-fehim tal-faqar tal-ilma fil-livell tal-UE u tiżviluppa definizzjoni komprensiva tal-faqar tal-ilma li tippermetti fehim tanġibbli u kondiviż tal-faqar tal-ilma <sup>(3)</sup>, u li abbażi tagħha kull Stat Membru jista' jiżviluppa d-definizzjoni tiegħu li tiddependi mill-kuntest, f'konformità ma' dik Ewropea.

<sup>(1)</sup> <https://www.ohchr.org/en/water-and-sanitation>

<sup>(2)</sup> <https://digitallibrary.un.org/record/687002>

<sup>(3)</sup> Ara wkoll l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-indirizzar tal-faqar enerġetiku u r-reżiljenza tal-UE: l-isfidi minn perspettiva ekonomika u soċjali” (opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Ċeka) (ĠU C 486, 21.12.2022, p. 88).

1.5. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa linji gwida komuni biex timmonitorja l-aċċess għal servizzi tal-provvista tal-ilma u tas-sanità ta' kwalità tajba u affordabbli (\*), u d-disparitajiet spazjali, soċjali u bejn il-ġeneri tagħhom fil-livell tal-Istati Membri u tal-UE, u timmappja s-sitwazzjoni attwali u timmonitorja regolarment l-iżviluppi. Id-data għandha tkun affidabbli, valida u disponibbli għall-pubbliku. Dan huwa meħtieġ ukoll għall-konformità mal-Artikolu 16(a) tad-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (5) (minn hawn 'il quddiem id-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb), u l-KESE jistenna li tiġi adottata l-Proposta tal-Kummissjoni Ewropea għar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi (6), li tintroduċi l-Artikolu 19 dwar l-aċċess għas-sanità.

1.6. Il-KESE jipproponi lill-Kummissjoni li r-reviżjoni li jmiss tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb għandha tinkludi l-garanzija ta' aċċess universali għas-servizzi tal-provvista tal-ilma u tas-sanità, kif stabbilit fl-SDG 6 tan-NU. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tadotta linji gwida komuni għall-ipprezzar tas-servizzi tal-provvista tal-ilma u tas-sanità, li permezz tagħhom l-Istati Membri jistgħu jiżviluppaw l-oqfsa regolatorji tagħhom skont il-kuntest. Il-linji gwida għandhom jirrispettaw id-dritt tal-bniedem għall-ilma u l-prinċipju tan-nuqqas ta' degradazzjoni simili għal dak rakkomandat min-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-aċċess għall-ilma tax-xorb u s-sanità.

1.7. Il-KESE jenfasizza li l-ħlas għas-servizzi tal-provvista tal-ilma u tas-sanità ma għandux jikkomprometti l-issodisfar ta' ħtiġijiet soċjali oħra. Għalhekk, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-miżuri applikati fl-Istati Membri kollha fir-rigward tal-affordabbiltà u b'mod speċifiku dwar il-konsumaturi vulnerabbli. Abbażi ta' din il-ħarsa ġenerali, nistiednu lill-Kummissjoni tiżviluppa linji gwida komuni għall-Istati Membri biex jidentifikaw unitajiet domestiċi bi problemi ta' affordabbiltà, u b'mod aktar speċifiku konsumaturi vulnerabbli, kif ukoll miżuri biex jindirizzawhom. Il-linji gwida għandhom jiżguraw li l-ebda utent f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà ma jkollu l-provvista tal-ilma tiegħu maqtugħa (7). Il-miżuri għandhom ikunu bbażati fuq perspettiva olistika tas-sitwazzjonijiet tal-unitajiet domestiċi affettwati u għandhom japplikaw strumenti ta' politika soċjali, miżuri ta' politika tal-akkomodazzjoni, u miżuri speċifiċi li jikkonċernaw is-servizzi tal-provvista tal-ilma u tas-sanità b'mod speċifiku għall-kuntest. Il-prinċipju tas-solidarjetà għandu jitqies fil-finanzjament ta' tali miżuri; flimkien mal-finanzjament pubbliku, għandhom jiġu esplorati forom innovattivi ta' finanzjament, eż. l-istabbiliment ta' fondi ddedikati inkorporati fil-kontijiet tal-ilma.

1.8. Il-KESE jirrakkomanda li l-UE tadotta u ssahħha l-oqfsa regolatorji dwar il-ftehimiet ta' konċessjoni tal-ilma sabiex l-ilma jiġi mmaniġġjat bħala ben pubbliku, aktar milli bħala komodità li tista' tiġi kummerċjalizzata. Oqfsa regolatorji bħal dawn għandhom:

- (a) ikunu allinjati mad-drittijiet tal-bniedem;
- (b) jippromovu s-sostenibbiltà tal-ekosistemi akkwatiċi;
- (c) jiġu stabbiliti u implimentati b'mod trasparenti bil-parteċipazzjoni tal-pubbliku;
- (d) jikkomplementaw il-qafas tad-drittijiet ta' konċessjoni ma' istituzzjonijiet pubbliċi biex jirkupraw id-drittijiet tal-użu tal-ilma bi skambju għal kumpens ġust u tallokahom mill-ġdid matul kriżijiet ta' nixfa lill-utenti f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

1.9. Il-KESE jinnota li hemm differenza fundamentali bejn il-ġestjoni pubblika u privata tal-ilma u eżempji tajbin u hżina jistgħu jinstabu fiż-żewġ tipi ta' ġestjoni. Madankollu, il-ġestjoni privata, minħabba l-enfasi tagħha fuq il-profit, jista' jkollha diffikultà biex tissodisfa r-rekwiżit fundamentali tal-universalità tas-servizz, jiġifieri li taqdi 100 % tal-popolazzjoni. Il-KESE jemmen li l-ġestjoni pubblika tal-ilma tinsab f'pożizzjoni aħjar biex tigarantixxi aċċess universali għas-sistemi tal-ilma u tad-drenaġġ bi prezz ġust u bi standards ta' kwalità adegwati u r-restawr u l-protezzjoni tal-ekosistemi.

(\*) Li jikkomplementaw il-monitoraġġ stabbilit fid-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb (id-Direttiva (UE) 2020/2184).

(5) ĠU L 435, 23.12.2020, p. 1. "Jidentifikaw persuni mingħajr aċċess, jew b'aċċess limitat, għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, inkluż gruppi vulnerabbli u emarġinati, u r-raġunijiet għal tali nuqqas ta' aċċess" <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32020L2184>

(6) Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trattament tal-ilma mormi urban COM(2022) 541 final, 2022/0345 (COD).

(7) Ara wkoll: <https://www.aquapublica.eu/article/news/access-water-and-sanitation-must-be-priority-commission-action-plan-implementation-pillar>

1.10. Il-KESE jemmen li l-UE u l-Istati Membri kollha għandhom jadottaw viżjoni ambjentali u jiżviluppaw programmi li jiffinanzjaw lid-distributori tal-ilma biex jiksbu tnaqqis fit-tnixxijiet u t-telf, wieħed mill-akbar flaġelli tal-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw u jappoġġjaw soluzzjonijiet tekniċi ġodda u innovattivi biex jindirizzaw l-iskarsezza tal-ilma, bħal żieda fl-użu tal-ilma griż u tal-ilma mormi trattat, u faċilitajiet deċentralizzati għat-trattament tal-ilma mormi fuq skala żgħira.

1.11. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu finanzjament pubbliku għall-iżvilupp tal-infrastruttura, b'attenzjoni speċifika għas-sidien ta' proprjetà b'nuqqas ta' riżorsi u l-viċinati urbani u rurali soċjalment żvantaġġati bi ħtiġijiet estiżi ta' rinnovazzjoni tal-infrastruttura. Għandu jiġi kkunsidrat l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-ilma u tas-sanità relatata mal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni. Barra minn hekk, fil-ġestjoni tat-territorju, għandu jiġi kkunsidrat il-forniment sostenibbli mil-lat ambjentali, ekonomiku u soċjali tas-servizzi tal-provvista tal-ilma u s-sanità.

1.12. Fid-dawl tal-fatt li fl-Ewropa hemm bosta baċiri idrografiċi li jinvolvu diversi Stati Membri, il-KESE jirrakkomanda l-adozzjoni ta' qafas ta' governanza politika u teknika u l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili għal kull wieħed mill-baċiri eżistenti fl-UE (ara l-punti 6.4 u 6.5). Il-KESE jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tivvaluta l-prestazzjoni tal-ġestjoni tal-baċiri idrografiċi u tintroduċi mekkaniżmi politiċi, tekniċi u parteċipattivi li jtejbuha. Il-Kummissjoni għandha tintroduċi Kunsill tal-Baċiri Idrografiċi li jirrappreżenta lill-partijiet interessati kollha bħala korp biex jassisti lill-Awtorità tal-Baċiri Idrografiċi u jkollu rwol ta' medjatur f'kunflitti transkonfinali.

1.13. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni għandha:

- tirregola proġetti agrikoli u industrijali b'intensità għolja ta' ilma fir-rigward tal-problemi ambjentali u soċjali downstream u, f'xi każijiet, tiżviluppa stadju ta' eliminazzjoni gradwali għal dawn il-proġetti, u ssib soluzzjonijiet għan-negozji, il-ħaddiema u t-territorji involuti u talloka l-fondi meħtieġa biex jinkiseb bilanċ armonjuż fis-soluzzjoni li tinstab;
- tiżviluppa wkoll leġiżlazzjoni biex tiżgura fluss minimu li jasal sal-baħar;
- tiżgura li l-UE tadotta pjani ta' emerġenza li jipprioritizzaw l-aċċess għall-ilma għall-konsum mill-bniedem fi kriżi ta' skarsezza.

1.14. Il-KESE jissuġġerixxi li l-UE tfassal politiki biex tiproteġi lill-konsumaturi, u tiżgura li kulħadd ikollu aċċess għal ilma tajjeb għax-xorb bi prezz ġust u għal sistemi adegwati tad-drenaġġ. Dawn il-politiki għandhom jinkludu l-parteċipazzjoni tad-diversi partijiet interessati kkonċernati (konsumaturi, ħaddiema, negozji) fil-korpi ta' konsultazzjoni.

1.15. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri biex itejbu l-għarfien tar-residenti tal-UE dwar il-valur tal-ilma, l-importanza tal-aċċess għall-ilma u s-sanità għal kulħadd. Il-potenzjal tal-komunikazzjoni u l-edukazzjoni biex jiżied l-għarfien għandu jintuża għall-promozzjoni ta' użu aktar sostenibbli tas-servizzi tal-provvista tal-ilma u tas-sanità<sup>(8)</sup>. It-tfal u ż-żgħażaġh għandhom jitqiesu atturi ewlenin fl-użu sostenibbli tas-servizzi ta' provvista tal-ilma u tas-sanità fil-futur, madankollu, iż-żieda tal-għarfien għandha tinkludi l-gruppi ta' età kollha. Fil-każ ta' unitajiet domestiċi fil-faqar tal-ilma, iż-żieda fl-għarfien għandha tiġi integrata ma' miżuri oħra biex jittejjeb l-aċċess tal-unitajiet domestiċi għal provvista tal-ilma u sanità ta' kwalità tajba u affordabbli.

1.16. Il-KESE jenfasizza li l-politiki tal-UE u tal-Istati Membri dwar l-ilma għandhom jiġu akkumpanjati minn stħarriġ sistematiku tar-rekwiżiti tal-persunal fis-settur tal-ilma inklużi l-kwalifiki meħtieġa, l-iżvilupp tal-forza tax-xogħol u l-ġestjoni tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali. Dawn għandhom jitwettqu flimkien mal-imsieħba soċjali fis-settur.

<sup>(8)</sup> Kif enfasizzat ukoll, fost l-oħrajn, fil-messaġġi u r-rakkomandazzjonijiet tal-politika tas-Summit ta' Budapest dwar l-Ilma tal-2016 ([https://www.budapestwatersummit.hu/hu/Vilagtalalkozo/Letoltheto\\_dokumentumok](https://www.budapestwatersummit.hu/hu/Vilagtalalkozo/Letoltheto_dokumentumok)), u l-Appell ta' Budapest għas-Summit dwar l-Ilma tal-2019 ([https://www.budapestwatersummit.hu/en/Summit/Budapest\\_Appeal](https://www.budapestwatersummit.hu/en/Summit/Budapest_Appeal)).

## 2. Introduzzjoni u kamp ta' applikazzjoni tal-Opinjoni

2.1. L-ilma huwa fundamentali għall-aspetti kollha tal-ħajja. Huwa wkoll parti ewlenija tal-iżvilupp sostenibbli u huwa essenzjali għall-paċi taċ-ċivilizzazzjoni tagħna. It-tibdil fil-klima diġà aggrava l-problemi relatati mal-ilma, u se jkompli jagħmel dan fuq skala saħansitra akbar fil-futur. Il-provvisti inadegwati tal-ilma ħelu qed ipoġġu pressjoni dejjem akbar fuq il-komunitajiet tal-bniedem, speċjalment il-gruppi vulnerabbli.

2.2. Fl-2010<sup>(9)</sup>, l-Assemblea Ġenerali tan-NU rrikonoxxiet b'mod espliċitu d-dritt tal-bniedem għall-ilma u s-sanità, imsaħħaħ mill-Konferenza tan-NU dwar l-ilma 2023<sup>(10)</sup>. In-NU tirrikonoxxi wkoll li l-ilma tax-xorb nadif u s-sanità huma essenzjali għat-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem kollha. Is-17-il SDG tan-NU maqbula internazzjonalment jinkludu l-Għan 6 — L-iżgurar tad-disponibbiltà u l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u s-sanità għal kulħadd. Flimkien ma' dawn l-impenji globali, il-Prinċipju 20 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jgħid li "kulħadd għandu d-dritt li jkollu aċċess għal servizzi essenzjali ta' kwalità tajba, inklużi l-ilma u l-faċilitajiet sanitarji".

2.3. L-UE stabbiliet qafas legali u ta' governanza komprensiv biex tiżgura l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma tagħha, u għamlet progress fl-implimentazzjoni tiegħu<sup>(11)</sup>,<sup>(12)</sup>. Opinjonijiet preċedenti tal-KESE jippromovu r-rabta tal-isfidi assoċjati mal-ilma ma' miżuri biex jiġi indirizzat il-faqar u l-għan li dan jinqered<sup>(13)</sup>, il-promozzjoni tal-provvista tal-ilma u s-sanità bħala servizzi pubbliċi vitali għal kulħadd<sup>(14)</sup>, u l-iffaċilitar tal-aċċess għall-ilma tax-xorb għal gruppi vulnerabbli u persuni li jgħixu f'postijiet iżolati u f'żoni rurali żvantaġġati jew periferiċi<sup>(15)</sup>.

2.4. Din l-Opinjoni fuq inizjattiva proprja tiġbed l-attenzjoni għall-isfidi attwali li jikkonċernaw l-aċċess għall-ilma nadif u għas-sanità. Din tesplora wkoll miżuri li għandhom jittieħdu fil-livell Ewropew, nazzjonali u lokali u r-rwol tas-soċjetà ċivili organizzata fil-ġlieda kontra l-faqar tal-ilma u l-effetti tiegħu, b'mod partikolari fuq dawk l-aktar vulnerabbli. Fl-aħħar nett, din teżamina modi kif jittaffew l-effetti soċjali, politiċi u ekonomiċi tal-faqar tal-ilma u l-impatt tiegħu fuq is-saħħa tal-bniedem.

2.5. Il-faqar tal-ilma huwa preżenti fl-UE, minkejja l-pożizzjoni relattivament favorevoli tal-UE f'termini globali. In-nuqqas ta' aċċess għall-ilma u s-sanità ta' kwalità tajba u affordabbli, sitwazzjoni li tista' tiġi deskritta bħala faqar tal-ilma, hija esperjenza ta' kuljum għal miljuni ta' ċittadini tal-UE. Fi kliem ieħor, miljuni ta' Ewropej huma mċaħħda mid-dritt li jaċċessaw ilma u sanità affordabbli u ta' kwalità tajba.

2.6. Madankollu, il-faqar tal-ilma għandu konsegwenzi soċjali, ekonomiċi u ambjentali estensivi, inklużi riskji għas-saħħa fil-livell individwali u komunitarju, nuqqas fil-livell tal-impjegabbiltà, u d-deterjorament tal-ekonomija lokali, l-esklużjoni soċjali, it-tniġġis ambjentali, il-movimenti/migrazzjoni tal-popolazzjoni, u l-instabbiltà politika. Konsegwenzi bħal dawn huma ferm sproorzjonati għas-sehem tal-unitajiet domestiċi fl-użu tal-ilma u l-produzzjoni tal-ilma mormi meta mqabbla mal-industrija u l-agrikoltura. Dan huwa rifless fil-fatt li l-ewwel Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej ta' suċċess tikkonċerna l-aċċess għall-ilma u għas-sanità, li titlob servizzi tal-provvista tal-ilma u tas-sanità garantiti għal kulħadd fl-UE, li d-drittijiet tal-bniedem jingħataw aktar importanza mill-interessi tas-suq fil-provvista tal-ilma, u li jiżiedu l-isforzi tal-UE biex jiġi żgurat aċċess universali għall-ilma u għas-sanità<sup>(16)</sup>. L-indirizzar tal-faqar tal-ilma huwa meħtieġ sabiex jinkisbu l-prijoritajiet politiċi tal-KE, speċifikament fir-rigward tal-Patt Ekoloġiku u l-wegħda tiegħu li ħadd ma jitħalla jibqa' lura.

2.7. Id-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb tistabilixxi obbligu għall-Istati Membri li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi żgurat l-aċċess għall-ilma tax-xorb għall-gruppi vulnerabbli u emarġinati. Madankollu, tonqos milli tirrikonoxxi d-dritt universali għall-aċċess għall-ilma tax-xorb sikur u s-sanità, kif inkluż fl-SDGs. Il-KESE jstieden lill-KE tinkludi dan ir-rikonoxximent fir-reviżjoni li jmiss tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb.

<sup>(9)</sup> Riżoluzzjoni 64/292: The human right to water and sanitation (Id-dritt tal-bniedem għall-ilma u s-sanità) (2010), [https://www.un.org/waterforlifedecade/human\\_right\\_to\\_water.shtml](https://www.un.org/waterforlifedecade/human_right_to_water.shtml) (mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(10)</sup> [https://sdgs.un.org/sites/default/files/2023-03/Closing%20press%20release\\_waterconference\\_FINAL\\_24Mar.pdf](https://sdgs.un.org/sites/default/files/2023-03/Closing%20press%20release_waterconference_FINAL_24Mar.pdf).

<sup>(11)</sup> Riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb (2018).

<sup>(12)</sup> Proposta għal reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi (2022).

<sup>(13)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-integrazzjoni tal-politika tal-ilma fil-politiki Ewropej l-oħra" (opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Ungeriża) (ĠU C 248, 25.8.2011, p. 43).

<sup>(14)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Inizjattiva Ewropea taċ-Ċittadini "L-ilma u s-sanità huma dritt tal-bniedem! L-ilma huwa ġid pubbliku, mhux komodità!" (COM(2014) 177 final) (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 12, 15.1.2015, p. 33).

<sup>(15)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni) (COM(2017) 753 final — 2017/0332(COD)) (ĠU C 367, 10.10.2018, p. 107).

<sup>(16)</sup> <https://right2water.eu/>



2.8. Il-KESE jinnota b'dispaċir li d-data disponibbli hija limitata u frammentata, u dan jagħmilha diffiċli li tinkiseb ħarsa ġenerali komprensiva tal-iskala u l-karatteristiċi tal-fenomeni.

### 3. Aċċess għal ilma u sanità ta' kwalità tajba

3.1. 2,2 % tal-popolazzjoni tal-UE, madwar 9,8 miljun persuna, ma jużawx ilma tax-xorb immaniġġjat b'mod sikur minn sors imtejjeb, aċċessibbli fil-bini tagħhom<sup>(17)</sup>. 2 % oħra, madwar 9,4 miljun persuna, jistgħu jaċċessaw biss servizzi bażiċi tal-ilma tax-xorb barra mill-bini tagħhom<sup>(18)</sup>. Madwar 450 000 persuna residenti fl-UE<sup>(19)</sup> ma għandhomx aċċess għal servizzi bażiċi tal-ilma tax-xorb. 6,7 miljun persuna fl-UE, 1,5 % tal-popolazzjoni, jgħixu mingħajr faċilitajiet sanitarji, jiġifieri mingħajr banju, doċċa jew tojlit li jiffilaxxa fl-unità domestika, u 84,5 miljun persuna, 19 % tal-popolazzjoni, jgħixu mingħajr aċċess għal mill-inqas trattament sekondarju tal-ilma mormi<sup>(20)</sup>.

3.2. Il-faqar tal-ilma jaffettwa b'mod partikolari lill-individwi u lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli.

- L-unitajiet domestiċi fil-faqar huma aktar minn tliet darbiet probabbli li jgħixu mingħajr faċilitajiet sanitarji<sup>(21)</sup>.
- In-nuqqas ta' aċċess għall-ilma, is-sanità u l-iġjene (WASH) għandu impatt sproporzjonat fuq in-nisa b'diversi modi, pereżempju minħabba r-rwol sproporzjonat tagħhom fit-tweqqif tax-xogħol tad-dar, u minħabba kwistjonijiet assoċjati mal-ġestjoni tal-iġjene mestrwali.
- It-tfal huma affettwati b'mod sproporzjonat, peress li huma aktar suxxettibbli għall-konsegwenzi ta' iġjene ħażina.
- Il-persuni li jgħixu b'diżabilità jew bi bżonnijiet speċifiċi jesperjenzaw ukoll żieda fl-esponiment għall-konsegwenzi tal-faqar tal-ilma.
- Il-persuni mingħajr dar, speċjalment dawk li jorqdu barra, jintlaqtu ħażin ħażna min-nuqqas ta' WASH, minħabba l-faqar estrem tagħhom fl-akkomodazzjoni.
- L-akbar minoranza etnika tal-Ewropa, il-persuni Rom, huma affettwati ħażna minn nuqqas ta' aċċess għal ilma tax-xorb u sanità sikuri u affordabbli. Persuna Rom minn kull tlieta tgħix f'akkomodazzjoni mingħajr ilma tal-vit<sup>(22)</sup>, u ftit aktar minn nofs għandhom tojlit li jiffilaxxa jew doċċa fl-akkomodazzjoni fejn jgħixu<sup>(23)</sup>. Hemm eżempji ta' komunitajiet emarġinati, li fosthom ir-Rom huma maġġoranza sproporzjonata, li qed jiġu mċaħħda anke minn servizzi bażiċi tax-xorb, minħabba li jingħalqu l-viti pubbliċi<sup>(24)</sup>, u jgħixu f'żoni milquta mill-kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art minħabba attivitajiet ekonomiċi<sup>(25)</sup>.
- Il-migranti, speċjalment migranti mingħajr dokumenti f'akkomodazzjoni ta' emerġenza u akkomodazzjoni informali jistgħu jkunu esposti b'mod speċjali għal aċċess fqir għall-provvista tal-ilma u sanità.
- In-nuqqas ta' aċċess għal ilma u sanità affordabbli jista' jkollu impatt fuq in-negozji tal-familja tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli, u joħloq problemi soċjali u ekonomiċi.

<sup>(17)</sup> <https://data.worldbank.org/indicator/SH.H2O.SMDW.ZS?locations=EU> (sena ta' referenza: 2020). Il-perċentwal ta' persuni li ma jużawx l-ilma tax-xorb minn sors imtejjeb li huwa aċċessibbli fuq il-post, disponibbli meta meħtieġ u ħieles mill-kontaminazzjoni fekali u kimika ta' prijorità. Sorsi tal-ilma mtejba jinkludu ilma bil-pajpijiet, spieri jew tubewells, bjar imħaffra protetti, għejun protetti, u ilma ppakkjat jew ikkonsenjat.

<sup>(18)</sup> <https://data.worldbank.org/indicator/SH.H2O.BASW.ZS?locations=EU> (sena ta' referenza: 2020). Dan l-indikatur jinkludi kemm persuni li jużaw servizzi bażiċi tal-ilma kif ukoll dawk li jużaw servizzi tal-ilma ġestiti b'mod sikur. Is-servizzi bażiċi tal-ilma tax-xorb huma definiti bħala ilma tax-xorb minn sors imtejjeb, sakemm il-ħin tal-għbir ma jkunx aktar minn 30 minuta għal vjaġġ bir-ritorn. Sorsi tal-ilma mtejba jinkludu ilma bil-pajpijiet, spieri jew tubewells, bjar imħaffra protetti, għejun protetti, u ilma ppakkjat jew ikkonsenjat.

<sup>(19)</sup> Eurostat, [https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/sgd\\_06\\_10/default/table?lang=mt](https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/sgd_06_10/default/table?lang=mt) [https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/demo\\_pjan/default/table?lang=en](https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/demo_pjan/default/table?lang=en)

<sup>(20)</sup> Eurostat, [https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/sgd\\_06\\_20/default/table?lang=mt](https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/sgd_06_20/default/table?lang=mt) [https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/demo\\_pjan/default/table?lang=en](https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/demo_pjan/default/table?lang=en)

<sup>(21)</sup> [https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/ilc\\_mdho05/default/table?lang=mt](https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/ilc_mdho05/default/table?lang=mt)

<sup>(22)</sup> <https://fra.europa.eu/mt/content/fra-opinions-eu-midis-ii-roma>

<sup>(23)</sup> <https://www.europarl.europa.eu/news/en/headlines/society/20200918STO87401/roma-what-discrimination-do-they-face-and-what-does-eu-do>

<sup>(24)</sup> [http://www.errc.org/uploads/upload\\_en/file/thirsting-for-justice-march-2017.pdf](http://www.errc.org/uploads/upload_en/file/thirsting-for-justice-march-2017.pdf)

<sup>(25)</sup> <https://eeb.org/wp-content/uploads/2020/04/Pushed-to-the-Wastelands.pdf>

3.3. Id-disparitajiet spazjali fl-infrastruttura tal-ilma u s-sanità huma fattur importanti — għalkemm mhux l-uniku wiċċed — fl-aċċess soċjalment inugwali. F'ħafna oqsma, hemm intersezzjoni ta' problemi infrastrutturali u problemi soċjali. Il-komunitajiet rurali emarġinati jistgħu jkunu f'sitwazzjoni partikolarment żvantaġġata. Barra minn hekk, f'viċinati foqra fir-riżorsi bi ħtiġijiet ta' rinnovazzjoni fit-tul, infrastruttura ta' kwalità baxxa tikkontribwixxi għall-faqar tal-ilma u l-problemi ambjentali.

3.4. Sadanittant, il-bidliet demografiċi jaffettwaw id-distribuzzjoni spazjali tad-domanda għas-servizzi tal-provvista tal-ilma u tas-sanità. L-urbanizzazzjoni żżid il-pessjoni fuq is-servizzi tal-provvista tal-ilma u tas-sanità f'ħafna żoni urbani b'densità għolja ta' popolazzjoni. F'partijiet oħra tal-UE, speċjalment — iżda mhux esklużivament — iż-żoni rurali, it-tnaqqis fil-popolazzjoni jgħaliq sfidi għat-tħaddim tan-networks.

3.5. Filwaqt li l-problemi msemmija hawn fuq dwar in-nuqqas ta' aċċess għas-servizzi tal-provvista tal-ilma u tas-sanità jaffettwaw primarjament lill-gruppi soċjali, proporzjon ferm ogħla tal-popolazzjoni tal-UE — medja ta' 30 % — huwa affettwat minn xi forma ta' stress idriku, jiġifieri diskrepanza bejn id-domanda u l-provvista tal-ilma<sup>(26)</sup>. In-nies fin-Nofsinhar tal-Ewropa jħabbtu wiċċhom ma' problemi serji ta' stress idriku matul is-sena. F'partijiet oħra tal-Ewropa, l-iskarsezzi tal-ilma jseħħu okkażjonalment u f'hotspots speċifiċi. B'kollox, 8 miljun persuna fl-Ewropa jgħixu f'żoni ta' frekwenza għolja ta' nixfa jew ta' stress idriku<sup>(27)</sup>. It-tibdil fil-klima huwa mistenni li jikkawża tnaqqis staġjonali ulterjuri fid-disponibbiltà tal-ilma fil-biċċa l-kbira tal-Ewropa.

3.6. Barra minn hekk, billi jbidel iċ-ċikli idroloġiċi, ibiddel ix-xejriet tax-xita, u jżid it-temperaturi, it-tibdil fil-klima huwa fattur ewlieni li jaffettwa l-stress idriku, u għandu impatt dirett fuq il-WASH b'diversi modi. In-nixfiet, iż-żieda fit-temperatura u saħansitra x-xita estrema jnaqqsu d-disponibbiltà u l-kwalità tal-ilma, u jagħmlu ħsara lill-infrastruttura, u dan iwassal għal diffikultajiet fiż-żamma tal-imġiba tal-iġjene u tas-sanità. Iż-żieda fil-livell tal-baħar tista' tnaqqas id-disponibbiltà tal-ilma tax-xorb minħabba l-għargħar u l-intrużjoni tal-melħ. L-evidenza speċifika għall-Ewropa hija skarsa; madankollu, abbażi tax-xejriet globali, jista' jiġi preżunt b'mod raġonevoli li t-tibdil fil-klima għandu effetti sproporzjonati fuq individwi, unitajiet domestiċi u komunitajiet vulnerabbli<sup>(28)</sup>.

3.7. L-ammont ta' ilma użat mill-unitajiet domestiċi jvarja b'mod konsiderevoli minn Stat Membru għal ieħor — bejn 77 litru għal 220 litru kuljum per capita<sup>(29)</sup>. Fl-Istati Membri tal-Lvant, il-konsum għandu tendenza li jkun inqas minn dak fl-Istati Membri tal-Punent, u ċerti Stati Membri tan-Nofsinhar huma l-akbar konsumaturi; madankollu, hemm eċċezzjonijiet<sup>(30)</sup>.

3.8. Għalkemm il-kwalità tal-ilma fl-UE hija ġeneralment tajba, għad hemm problemi ta' kwalità f'xi oqsma, kif muri mill-każijiet ta' nuqqas ta' konformità mnedija kontra xi Stati Membri abbażi tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' aċċess għall-ilma tax-xorb immaniġġjat b'mod sikur, speċjalment is-servizzi bażiċi tal-ilma, iġib miegħu riskju għoli ta' użu mhux sikur tal-ilma tax-xorb.

3.9. Is-sodisfazzjon bil-kwalità tal-ilma tax-xorb huwa ġeneralment għoli, għalkemm mhux universali. Id-data tal-istħarriġ min-nofs is-snin 2010 turi li 82 % tar-residenti tal-UE qiesu l-kwalità tal-ilma tax-xorb fiż-żona fejn jgħixu bħala tajba<sup>(31)</sup>, u madwar 7 % ma jaqblux. Il-valutazzjoni ġenerali tal-ilma tax-xorb fl-UE kienet ferm inqas favorevoli, b' 27 % biss jaqblu mad-dikjarazzjoni li hemm aċċess tajjeb għal ilma nadif u tajjeb għas-saħħa fl-UE b'mod ġenerali.

<sup>(26)</sup> <https://www.eea.europa.eu/publications/water-resources-across-europe-confronting>

<sup>(27)</sup> L-ewwel seduta dwar "Wasal iż-żmien għal Patt Blu", 27 ta' Frar 2023.

<sup>(28)</sup> <https://www.preventionweb.net/understanding-disaster-risk/risk-drivers/poverty-inequality>

<sup>(29)</sup> Eureau, The governance of water services in Europe (Il-governanza tas-servizzi tal-ilma fl-Ewropa), 2020 (mhux disponibbli bil-Malti) <https://www.eureau.org/resources/publications/5268-the-governance-of-water-services-in-europe-2020-edition-2/file>.

<sup>(30)</sup> <https://smartwatermagazine.com/news/locken/water-ranking-europe-2020>

<sup>(31)</sup> <https://circabc.europa.eu/sd/a/0070b535-5a6c-4ee4-84ba-6f6eb1682556/Public%20Consultation%20Report.pdf>

3.10. Filwaqt li l-maġġoranza kbira tar-residenti tal-UE jużaw l-ilma tal-vit għall-ħasil, l-iġjene personali u t-tisjir, il-proporzjon ta' nies li jużaw l-ilma tal-vit għax-xorb huwa kemxejn aktar baxx. F'nofs is-snin 2010, aktar minn 90 % rrapportaw li jużaw l-ilma tal-vit għat-tisjir, filwaqt li 55 % biss qalu li dejjem jużaw l-ilma tal-vit għax-xorb direttament, u 10 % oħra dejjem jixorbu l-ilma tal-vit wara li jiffiltrawh.

3.11. Matul dawn l-aħħar deċennji, l-ilma għadda minn proċess ta' kommodifikazzjoni, u s-servizzi tal-provvista tal-ilma u tas-sanità għaddew minn proċess ta' privatizzazzjoni u finanzjalizzazzjoni. F'dawn l-aħħar snin, tqajjem dubju dwar dawn il-proċessi, u diġà hemm eżempji ta' muniċipalitajiet li ħadu lura fidejhom il-ġestjoni tas-servizzi tal-ilma. L-ilma huwa essenzjali għall-ħajja, u huwa ben komuni, u dritt tal-bniedem. F'dan il-kuntest, il-KESE jemmen li, bħala servizzi ta' interess pubbliku, is-servizzi tal-provvista tal-ilma u tas-sanità għandhom ikunu soġġetti għal regolament ċar li jggarantixxi l-obbligi ta' servizz, sabiex jiġi żgurati li l-ġestjoni tal-ilma u tal-ilma mormi tinkiseb b'mod universali bi prezz affordabbli u bi kwalità suffiċjenti ta' servizz. Il-Kummissjoni għandha żżomm eżenzjonijiet għall-ilma u l-ilma mormi fid-Direttiva dwar il-Konċessjonijiet (2014/23/UE)<sup>(32)</sup> mogħtija bħala riżultat tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej ta' suċċess "Right2Water". Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni teżenta s-servizzi tal-ilma mir-regoli tas-suq uniku.

#### 4. Affordabbiltà

4.1. L-affordabbiltà tas-servizzi tal-provvista tal-ilma u tas-sanità hija ta' tħassib dejjem akbar għar-residenti tal-UE — fost raġunijiet oħra, minħabba ż-żieda reċenti fil-prezz tal-enerġija — u n-nefqa għal dawn is-servizzi hija mistennija li tizzied. Għalkemm b'mod ġenerali, il-kostijiet tas-servizzi tal-provvista tal-ilma u tas-sanità ma joħolqux piż eċċessiv fuq l-unitajiet domestiċi, spiss huma ta' piż eċċessiv għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx, u l-għadd ta' unitajiet domestiċi affettwati x'aktarx li jiżzied. Bl-użu ta' limitu ta' 3 %, fi 13-il pajjiż tal-UE, l-ifqar 5 % tal-popolazzjoni jiffaċċjaw problemi ta' affordabbiltà għall-provvista tal-ilma u s-sanità, u f'ċerti pajjiżi huma affettwati saħansitra l-ifqar 10 % tal-popolazzjoni<sup>(33)</sup>. Sadanittant, tali approċċ għall-kejl tal-problemi ta' affordabbiltà jista' jiġi diskuss, jista' jkun diffiċli li jitkejjel, u jista' ma jindikax l-iskala sħiħa tal-problema jekk ma jqisx l-unitajiet domestiċi li ma jikkonsmawx biżżejjed, id-differenzi fl-ipprezzar tal-ilma<sup>(34)</sup> u s-sitwazzjoni relattiva tal-introjtu tal-unitajiet domestiċi.

4.2. Il-prezz tas-servizzi tal-provvista tal-ilma u tas-sanità juri grad għoli ta' disparità spazjali bejn u fi ħdan il-pajjiżi<sup>(35)</sup> u, minħabba n-nuqqas ta' statistika dettaljata, ma tista' ssir l-ebda ħarsa ġenerali komprensiva. Madankollu, is-sistemi ta' distribuzzjoni fiż-żoni rurali huma kkaratterizzati minn networks itwal u kostijiet operattivi ogħla, li jwasslu għal tariffi ogħla.

4.3. Minbarra introjtu aktar baxx, l-unitajiet domestiċi vulnerabbli jistgħu jkunu aktar suxxettibbli għal kwistjonijiet ta' affordabbiltà minħabba tagħmir ta' kwalità inferjuri, inqas effiċjenti, u aktar ħin imqatta' d-dar. In-nisa, it-tfal u ż-żgħażaġħ emarġinati, kif ukoll il-persuni qiegħda, huma affettwati b'mod sproporzjonat.

4.4. Filwaqt li l-problemi prevalenti ta' affordabbiltà jirrikjedu miżuri soċjali mmirati u effettivi, bħalissa ma tista' tinkiseb l-ebda idea komprensiva dwar il-miżuri tal-Istati Membri tal-UE biex jindirizzaw problemi ta' affordabbiltà, inklużi miżuri li jikkonċernaw konsumaturi vulnerabbli. Barra minn hekk, mhi disponibbli l-ebda idea komprensiva dwar il-possibbiltà — jew in-nuqqas tagħha — ta' twaqqif tas-servizz, u dwar servizz minimu. Madankollu, hemm informazzjoni parzjali disponibbli għal ċerti pajjiżi<sup>(36)</sup>, li turi varjetà ta' miżuri bħal dawn biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' affordabbiltà.

4.5. Id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma appfondiet il-kunċett tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas permezz tal-objettiv tal-irkupru sħiħ tal-ispejjeż biex tiġi ggarantita s-saħħa tal-ekosistemi. Madankollu, l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju tikser b'mod sfaċċat il-prinċipju ta' aċċess universali għal ilma tax-xorb ta' kwalità għolja bi prezzijiet affordabbli u fil-prattika

<sup>(32)</sup> Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).

<sup>(33)</sup> [https://www.eesc.europa.eu/sites/default/files/files/blue\\_deal\\_fiasconaro.pdf](https://www.eesc.europa.eu/sites/default/files/files/blue_deal_fiasconaro.pdf)

<sup>(34)</sup> <https://www.oecd-ilibrary.org/sites/e1b8a4b6-en/index.html?itemId=/content/component/e1b8a4b6-en>

<sup>(35)</sup> <https://www.eureau.org/resources/publications/eureau-publications/5824-europe-s-water-in-figures-2021/file>

<sup>(36)</sup> <https://www.wareg.org/documents/affordability-in-european-water-systems/>, <https://www.oecd.org/env/resources/15425332.pdf>

tipproduċi konsegwenzi soċjali serji, b'mod partikolari żieda fl-inugwaljanzi, peress li l-ifqar popolazzjonijiet jew jiffaċċjaw tariffi proporzjonalment ogħla jew mhumiex soġġetti għall-prinċipju stabbilit hawn fuq. Il-KESE jemmen li l-prinċipju ta' aċċess universali għal ilma tax-xorb ta' kwalità għolja bi prezzijiet affordabbli għandu jkun fundamentali u jingħata l-istess importanza daqs il-preokkupazzjonijiet ambjentali, li jinsabu wara l-prinċipji ta' min iniġġes iħallas u tal-irkupru sħiħ tal-ispejjeż.

4.6. Sabiex tkun konformi mad-dritt tal-bniedem għall-ilma, il-protezzjoni tal-ekosistemi, u t-tħassib soċjali, l-istruttura tariffarja tal-ilma hija lieva importanti għall-affordabbiltà, l-effiċjenza, l-ekwiżità u l-konservazzjoni tal-ilma. Għal dawn id-diversi għanijiet, jeżistu diversi strutturi tariffarji, inkluża dik proposta mir-Rapporteur Speċjali<sup>(37)</sup> dwar id-drittijiet tal-bniedem għall-ilma tax-xorb sikur u s-sanità fis-76 Assemblea Ġenerali tan-NU<sup>(38)</sup>.

## 5. Sostenibbiltà

5.1. F'din l-Opinjoni, mhux qed inħarsu lejn il-problemi ambjentali, bħall-intrużjoni tal-melħ jew it-tniġġis, li fl-aħħar mill-aħħar jistgħu jkunu responsabbli għall-problemi soċjali. L-enfasi hija fuq l-attivitajiet tal-bniedem li jwasslu għal sfruttament żejjed u jikkawżaw kunflitti ta' użu. L-aktar problema simili maġħrufa hija meta l-użu tal-ilma proprju tiegħu jipprevjeni l-użu ta' parti oħra. Il-leġislazzjoni tal-UE u dik nazzjonali jippruvaw jitrattaw dan permezz tal-ġestjoni tal-baċiri idrografiċi<sup>(39)</sup>, li kellha livelli differenti ta' implimentazzjoni u kisba madwar l-Ewropa.

5.2. L-isfruttament żejjed iwassal għal żieda fl-iskarsezza u d-degradazzjoni tal-kwalità tal-ilma u l-kwalità tas-servizz. Madankollu, id-degradazzjoni tal-kwalità tal-ilma żżid ukoll l-iskarsezza, mhux bħala nuqqas tal-ammont tal-ilma nnifsu, iżda billi jitnaqqas l-ammont ta' ilma adattat għal kwalunkwe skop jew tal-anqas jiżdiedu l-fondi meħtieġa biex dak l-ilma jinġieb lura għal standards aċċettabbli. Biex nindirizzaw il-problema tal-isfruttament żejjed, għandna niffukaw fuq il-kawżi minflok il-konsegwenzi, li ġew diskussi fil-punt preċedenti. L-isfruttament żejjed jikkawża problemi ambjentali, li huma responsabbli għal problemi soċjali, peress li l-attivitajiet tal-bniedem jiddependu mill-ekosistemi, b'mod partikolari dawk b'saħħithom.

5.3. Qed tfeġġ problema partikolari, jiġifieri l-iżvilupp ta' proġetti agrikoli u industrijali b'intensità għolja ħafna f'żoni li huma fqar fl-ilma; dawn il-proġetti huma possibbli biss bit-trasferiment tal-ilma minn baċiri oħra u mill-isfruttament żejjed tal-ilmijiet tal-wiċċ, li jwassal għal problemi ambjentali u soċjali downstream. Pereżempju, l-isfruttament żejjed ta' xmara jwassal għal tnaqqis fis-sedimenti u n-nutrijenti li jilhqgħu l-baħar, iżid id-degradazzjoni taż-żoni kostali u jnaqqas l-istokkijiet tal-ħut. B'mod ġenerali, l-isfruttament żejjed iwassal għall-eżawriment tal-ekosistemi, li jaffettwa l-aktar lill-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli.

5.4. Il-problemi soċjali jirriżultaw mit-tnaqqis fis-sajd u, potenzjalment, minn tnaqqis fit-turiżmu max-xatt tal-baħar. Filwaqt li nistgħu ntaffu l-problemi ta' degradazzjoni kostali biex insostnu t-turiżmu permezz ta' investimenti kbar, ma jistax jingħad l-istess għall-istokkijiet tal-ħut. Min-naħa l-oħra, jekk l-UE tilleġiżla sabiex ittemm il-proġetti responsabbli għall-isfruttament żejjed, ikollha tiffaċċja l-qgħad tal-ħaddiema involuti.

5.5. It-tnixxijiet u t-telf<sup>(40)</sup> ma jinvolvu sfruttament żejjed, iżda jikkostitwixxu użu ineffiċjenti u inaċċettabbli tal-ilma. Madankollu, din hija kwistjoni li teħtieġ viżjoni unika. F'dak li għandu x'jaqsam ma' tnixxijiet u telf, il-viżjoni ewlenija tad-distributuri tal-ilma għall-konsum mill-bniedem hija waħda ekonomika<sup>(41)</sup>. It-tnixxijiet u t-telf huma indirizzati sal-punt fejn huwa aktar għali li nkomplu nindirizzawhom milli ngħixu bihom. Tipikament, dan il-punt huwa madwar 15 % tat-tnixxijiet u tat-telf<sup>(42)</sup>. Viżjoni oħra hija possibbli u, illum il-ġurnata, b'żieda fl-iskarsezza, viżjoni bħal din hija wkoll meħtieġa ħafna biex tmur lil hinn minn 15 %.

<sup>(37)</sup> Ir-Rapporteur Speċjali ppropona tariffa b'diversi stadji: l-ewwel stadju għandu jkun affordabbli, u saħansitra b'xejn f'ċerti ċirkostanzi, b'konformità mad-dritt tal-bniedem għall-ilma; it-tieni stadju għandu jkun tariffa għall-irkupru tal-kost; u t-tielet stadju bi prezzijiet ħafna ogħla, li jiġġenera sussidju trażversali minn lussu għal użi bażiċi u jipprevjeni l-isfruttament żejjed ta' din ir-riżorsa. Il-KESE jqis li d-definizzjoni tal-valuri ta' kull stadju għandha tiġi stabbilita minn kull Stat Membru jew saħansitra minn kull servizz tal-ilma u tas-sanità.

<sup>(38)</sup> "Risks and impacts of the commodification and financialisation of water on the human rights to safe drinking water and sanitation" (Ir-riskji u l-impatti tal-kommodifikazzjoni u l-finanzjalizzazzjoni tal-ilma fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-ilma tax-xorb sikur u s-sanità), Rapport imressaq quddiem is-76 Assemblea Ġenerali tan-NU mir-Rapporteur Speċjali dwar id-dritt tal-bniedem għall-ilma tax-xorb u s-sanità, Pedro Arrojo Agudo, A/76/159 (mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(39)</sup> Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1) (Direttiva Qafas dwar l-Ilma).

<sup>(40)</sup> B'mod ġenerali, it-tnixxijiet u t-telf jirreferu għal ilma fiżikament mitluf u ilma mhux iffatturat, u wieħed dejjem għandu jżomm f'moħħu li xi ftit mill-ilma mhux iffatturat huwa madankollu awtorizzat. Għal aktar dettalji, jekk jogħġbok ikkonsulta bilanċ idriku.

<sup>(41)</sup> Hawnhekk, fil-każ ta' telf, ma aħniex qed nirreferu għall-konsum awtorizzat mhux iffatturat.

<sup>(42)</sup> Dan huwa l-valur ta' mira tipiku li jintuża fil-Portugall. Pajjiżi oħra tal-UE jista' jkollhom valuri fil-mira differenti, iżda l-valur innifsu ma għandu l-ebda rilevanza għall-iżvilupp tal-idea tagħna.

## 6. Governanza

6.1. Il-KESE jinnota li d-distribuzzjoni tal-ilma u s-sanità madwar id-dinja huma kompetenza muniċipali, b'tipi differenti ta' distributuri (kumpaniji jew servizzi muniċipali) li jaqdu muniċipalità waħda jew aktar, kif ukoll il-fatt li fl-Unjoni Ewropea u madwar id-dinja l-biċċa l-kbira tan-nies jingħataw is-servizz minn kumpaniji pubbliki tal-ilma. Flimkien mal-forom differenti tad-distributuri tal-ilma, hemm distinzjoni waħda ewlenija: il-ġestjoni pubblika u privata. Taħt kull wieħed minnhom, nistgħu nsibu tipi differenti ta' ġestjoni. Nistgħu nsibu wkoll eżempji tajbin u ħżiena ta' ġestjoni kemm pubblika kif ukoll privata. Madankollu, il-ġestjoni privata, bl-enfasi tagħha fuq il-profitt, jista' jkollha diffikultajiet biex tissodisfa r-rekwiżiti tal-universalità tas-servizz, dimensjoni li s-servizz pubbliku jinsab f'pożizzjoni aħjar biex jikseb b'mod effiċjenti bi prezz affordabbli u bi kwalità suffiċjenti ta' servizz. Il-KESE jinnota li din il-konklużjoni hija appoġġjata mill-eżempji ta' rimunicipalizzazzjoni tas-servizzi tal-provvista tal-ilma u tas-sanità f'dawn l-aħħar għoxrin sena.

6.2. Sabiex jiġu żgurati l-kwalità tas-servizz, l-affordabbiltà u s-servizzi universali, il-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati kollha, fil-livell maniġerjali u fil-korpi regolatorji, hija l-aħjar mezz biex id-distribuzzjoni tal-ilma u s-sanità jinżammu fit-triq it-tajba biex jikkonformaw mal-SDG 6 f'xenarju ta' skarsezza dejjem tikber u żieda fil-prezzijiet. Fil-livell tad-distributuri tal-ilma, hemm storja ta' suċċess f' Córdoba, fejn il-kumpanija muniċipali EMACSA għandha bord kondiviż li jinvolti l-partijiet interessati, li huwa eżempju ta' ġestjoni parteċipattiva<sup>(43)</sup>. Il-korpi regolatorji, minflok ma jkunu mmexxija minn persuna waħda, għandu jkollhom bord li jinvolti lill-partijiet ikkonċernati, sabiex tiġi żgurata regolamentazzjoni aktar effettiva.

6.3. Ix-xmajjar u l-korpi tal-ilma internazzjonali jistgħu jkunu sors ta' tensjonijiet u fl-aħħar mill-aħħar kunflitti bejn l-Istati, anke ġewwa l-UE. Il-KESE jqis u jipproponi li l-UE għandha tkun involuta fis-segment tal-governanza tal-baċiri idrografiċi li fih huma involuti diversi Stati Membri, filwaqt li tiddefinixxi prinċipji ġenerali, objettivi tanġibbli u monitoraġġ kwalifikat, bħala l-aħjar mod biex tikkontribwixxi għall-ġestjoni tal-ilma fi żminijiet ta' skarsezza, li tipprovoka kriżijiet ta' diversi tipi.

6.4. Bħalissa, il-mudell ta' governanza tal-ilma (it-tixrid u n-nuqqas ta' korpi superviżorji ġerarkiċi u l-opaċità burokratika) huwa ineffiċjenti. Hemm hteġa urġenti li jinstab mudell ġdid ta' governanza għall-ekosistemi idrawliċi, b'mod partikolari dawk li jinvolu diversi Stati Membri. Hemm bosta awtoritajiet fis-settur tal-ilma b'responsabbiltajiet fi stadji differenti taċ-ċiklu tal-ilma, b'viżjonijiet u objettivi konfliġġenti u, xi drabi, b'responsabbiltajiet li jikkoinċidu. Il-KESE jipproponi lill-Kummissjoni li għandu jkun hemm qafas ta' governanza tal-baċiri tax-xmajjar b'korpi politiċi u tekniċi fil-livell tal-baċiri tax-xmajjar biex jiġu żgurati, bl-akbar effiċjenza, gwida politika ġenerali u ġestjoni teknika, kif ukoll l-involviment tal-partijiet interessati kollha permezz ta' mekkaniżmi effettivi ta' parteċipazzjoni.

6.5. B'mod partikolari, il-KESE jipproponi mudell ta' governanza li huwa kemm politiku kif ukoll tekniku, demokratiku u miftuħ, immirat lejn l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' aċċess universali għall-ilma tax-xorb ta' kwalità tajba bi prezzijiet affordabbli għall-pubbliku. Il-KESE jipproponi li għandu jkun hemm "kumitati ta' governanza" magħmula minn membri mill-pajjiżi kollha kkonċernati, bil-kompitu ta' ġestjoni politika u r-riżoluzzjoni ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess bejn il-pajjiżi. Dawn il-kumitati ta' governanza tal-baċiri idrografiċi għandhom jiġu assistiti minn kumitat tekniku ta' esperti u jipprovdu l-ġestjoni teknika tal-baċiri idrografiċi. Il-"kumitat ta' governanza" għandu jstabbilixxi pubblikament u b'mod rigoruż il-ġerarkija tar-responsabbiltajiet bejnu u l-entitajiet differenti li jeżistu fil-pajjiżi involuti fil-baċir idrografiku sabiex ma jkunx hemm inkompatibiltajiet u l-ebda konfużjoni rigward ir-responsabbiltajiet. Flimkien mal-kumitat ta' governanza tal-baċiri idrografiċi għandu jopera "kunsill konsultattiv". Dan il-kunsill ikun magħmul minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari organizzazzjonijiet ambjentali, klimatiċi u tal-konsumatur u l-imsieħba soċjali, u jkollu r-rwol li jkollu djalogu ċivili strutturat mal-"kumitat ta' governanza" u jgħin biex jiġu solvuti kunflitti potenzjali ta' interess.

Brussell, it-13 ta' Lulju 2023.

Oliver RÖPKE  
Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

<sup>(43)</sup> Enrique Ortega de Miguel u Andrés Sanz Mulas, "Water Management in Córdoba (Spain): A Participative, efficient and Effective Public Model in Reclaiming Public Water" (Il-Ġestjoni tal-ilma f' Córdoba (Spanja): Mudell Pubbliku Parteċipattiv, Effiċjenti u Effettiv fir-Reklamazzjoni tal-ilma Pubbliku), TNI ed., 2005 (mhux disponibbli bil-Malti).



**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Kif nistgħu nidħlu f’kuntatt mal-pubbliku destinatariju u nużaw b’mod effettiv ir-riżultati tal-ħidma tal-panels taċ-ċittadini?”****(opinjoni fuq inizjattiva proprja)**

(2023/C 349/11)

Relatur: **Christophe QUAREZ**

Konsultazzjoni	Opinjoni fuq inizjattiva proprja, 23.1.2023
Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	25.1.2023
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta’ Proċedura Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adozzjoni fis-sezzjoni	21.6.2023
Adozzjoni fil-plenarja	13.7.2023
Sessjoni plenarja Nru	780
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	163/4/8

**1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jfakkar li d-demokrazija parteċipattiva tista’ biss tikkomplementa d-demokrazija rappreżentattiva, li tibqa’ l-pilastru fundamentali tas-sistemi politiċi tagħna. Fil-fehma tal-KESE, it-tisħiħ mill-ġdid tal-fiduċja fil-politika jirrikjedi li jittejjeb kontinwament il-mod li bih taħdem id-demokrazija fl-UE, b’mod partikolari billi jiġu żviluppatti mekkaniżmi parteċipattivi u deliberattivi miftuħin għaċ-ċittadini, li jibnu fuq is-sett eżistenti ta’ strumenti tal-UE. F’dan ir-rigward, huwa jtenni li l-fehma ta’ assoċjazzjoni li tirrappreżenta eluf ta’ membri għandha tgħodd ħafna aktar minn dik ta’ ċittadin individwali.

1.2. Fl-Istati Membri kollha, inkisbet esperjenza tad-demokrazija parteċipattiva bis-saħħa tal-panels taċ-ċittadini, b’mod partikolari permezz tal-iżvilupp ta’ għodod diġitali. Inizjalment limitati għal kwistjonijiet lokali jew reġjonali, il-kontributi mill-panels taċ-ċittadini għad-dibattiti pubbliċi koprew gradwalment l-oqsma kollha ta’ politika, bħal fl-Irlanda (iż-żwieġ għal kulħadd u l-abortion) u fi Franza (il-konvenzjoni taċ-ċittadini dwar il-klima), jew pereżempju bil-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa.

1.3. Bħala d-dar tas-soċjetà ċivili organizzata u rappreżentattiva, il-KESE għandu għarfien espert speċifiku u jipprovdi forum uniku u permanenti għad-djalogu ċivili, li fih jiġu proposti soluzzjonijiet abbażi ta’ kunsens fost il-partijiet interessati differenti. Bħala tali, għandu jkollu rwol ewlieni fl-iżvilupp ta’ strumenti parteċipattivi.

1.4. Il-KESE, bħala l-vuċi istituzzjonali stabbilita tas-soċjetà ċivili organizzata u rappreżentattiva, għandu jkun fil-qalba tal-proċess tat-tisħiħ tad-demokrazija parteċipattiva fl-istituzzjonijiet Ewropej. Għalhekk, qed jiġi propost li permezz tal-esperimentazzjoni tiġi kkunsidrata l-firxa ta’ strumenti parteċipattivi li l-KESE jista’ jagħmel użu minnhom, bħall-panels taċ-ċittadini, fil-ħidma konsultattiva tiegħu. F’dan il-każ, jeħtieġ li r-Regoli ta’ Proċedura tal-KESE jiġu adattati biex jinkorporaw dan l-approċċ.

1.5. Bħala parti minn din ir-riflessjoni, il-KESE jista’ janalizza r-rwol il-ġdid tiegħu fl-iżvilupp tal-għarfien espert dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u d-demokrazija parteċipattiva. B’mod partikolari, il-Bureau tal-KESE jista’ jieħu deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet bħall-kamp ta’ applikazzjoni u l-metodoloġija tal-parteċipazzjoni tal-gruppi taċ-ċittadini fil-ħidma tal-KESE, kif ukoll is-suġġetti li dwarhom għandhom jiġu kkonsultati l-panels taċ-ċittadini. Il-KESE jqis li huwa utli li jiġi kkunsidrat it-twaqqif ta’ grupp ta’ ħidma apposta bil-għan li jiddetermina kwalunkwe arranġament meħtieġ, soġġett għad-disponibbiltà tar-riżorsi baġitarji u wara li ssir deliberazzjoni u tittieħed deċiżjoni mill-Bureau tal-KESE<sup>(1)</sup>. Dan il-grupp ta’ ħidma jista’ jaħdem, fost l-oħrajn, fuq kwistjonijiet, bħal dawn li ġejjin:

— il-proċedura għall-integrazzjoni ta’ dawn il-panels fil-ħidma tal-KESE;

(1) Kif ġie nmutat fl-istudju tal-KESE, “Nagħmlu lill-KESE faċilatur u garanti tal-attivajiet tad-demokrazija parteċipattiva, inkluż djalogu strutturat mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-panels taċ-ċittadini” (2023), kwalunkwe forma ġdida ta’ attività tal-KESE fir-rigward tad-demokrazija parteċipattiva għandha tingħata ż-żmien, ir-riżorsi u l-attenzjoni li teħtieġ biex tkun effettiva.



- id-determinazzjoni tal-kriterji għas-suġġetti ta' konsultazzjoni tal-panels taċ-ċittadini li jiżguraw l-inklużjoni ta' kwistjonijiet orizzontali ta' interess soċjetali usa';
- it-tfittxija għal baġit u r-riżorsi umani meħtieġa;
- l-ispeċifikazzjonijiet għat-tluġ bil-polza u l-pjattaforma diġitali;
- il-metodu u l-organizzazzjoni tad-dibattiti b'mod li tiġi żgurata deliberazzjoni finali bejn il-panels taċ-ċittadini u l-membri tal-KESE;
- it-termini ta' referenza li jiddeterminaw kif ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet ser jiġu kkunsidrati fl-Opinjonijiet tal-KESE;
- il-kundizzjonijiet u l-iskeda għall-fażi sperimentali.

1.6. Il-KESE jimpenja ruħu favur id-dimensjoni deliberattiva tal-panels taċ-ċittadini, li jkunu involutu fil-ħidma tiegħu b'mod komplementari, u b'hekk jiġi arrikkit is-sett ta' għodod parteċipattivi eżistenti tal-UE.

## 2. It-tiġdid demokratiku indispensabbli

2.1. Is-soċjetajiet Ewropej huma kważi kollha sistemi demokratiċi rappreżentattivi. Huma rappreżentattivi għaliex il-metodu tal-għażla ta' min jiggverna huwa bbażat prinċipalment fuq l-elezzjonijiet b'vot dirett universali, inklużi l-elezzjonijiet parlamentari iżda wkoll l-elezzjonijiet presidenzjali.

2.2. Is-seklu 21 huwa kkaratterizzat fl-Ewropa minn nuqqas dejjem jikber ta' fiduċja fil-politiċi u fl-azzjoni tagħhom, bi gradi differenti ta' intensità skont il-pajjiż. Id-demokraziji qodma u ġodda jidhru li qed jonqsu, kif muri mill-Brexit, mid-diffikultajiet iffaċċjati mid-demokraziji Ewropej biex ilaħħqu mal-pandemija tal-COVID-19, mill-movimenti ta' protesta tal-Indignatos u tal-gilets jaunes, li nqatgħu mill-mezzi istituzzjonali ta' espressjoni demokratika, u miż-żieda ta' populiżmu awtoritarju. Barra minn hekk, ir-rivoluzzjoni ta' teknoloġiji ġodda inkoraġġixxiet id-diżintermedjazzjoni u d-deregolamentazzjoni tar-relazzjonijiet politiċi.

2.3. Tliet indikaturi oġġettivi jkejlu r-reċessjoni demokratika prevista mill-perspettiva tal-kriżi tal-leġittimità demokratika li qed nosservaw fl-Ewropa: żieda fl-astensjoni; żieda fil-volatilità elettorali; u tnaqqis fin-numru tal-membri fil-partiti politiċi. Dawn l-indikaturi oġġettivi huma kkomplementati minn indikaturi suġġettivi bħat-tnaqqis tal-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi.

2.4. Fil-fehma tal-KESE, biex terġa'tissaħħaħ il-fiduċja fil-politika jenħtieġ titjib fil-mekkaniżmi demokratiċi. Dan ifisser l-ewwel nett li d-demokrazija rappreżentattiva, li hija l-bażi tas-sistema politika tagħna, trid issib nifs ġdid.

2.5. Barra minn hekk, l-arranġamenti parteċipattivi jew deliberattivi jstgħu jgħinu biex tissaħħaħ ir-rabta bejn iċ-ċittadini u r-rappreżentanti tagħhom, u biex ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom ikunu effettivi.

2.6. Il-KESE jirrimarka li f'demokrazija rappreżentattiva, iċ-ċittadini kollha huma fil-libertà li jinvolvu ruħhom billi jingħaqdu mal-partit politiku, it-trade union jew l-assoċjazzjoni tal-għażla tagħhom. Għalhekk, din il-libertà hija l-ewwel garanti ta' sistema demokratika.

## 3. Hemm bżonn li l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini tiġi istituzzjonalizzata?

3.1. L-għadd ta' skemi parteċipattivi żdied b'mod esponenzjali fl-Ewropa, fejn twettqu eluf ta' esperimenti, l-ewwel fil-livell lokali jew reġjonali, b'mod partikolari b'baġits parteċipattivi, u mbagħad dwar suġġetti ambjentali, soċjetali jew istituzzjonali fil-livell reġjonali jew nazzjonali.

3.2. M'għadhomx ikunu l-istrutturi lokali biss li jiġu istituzzjonalizzati fil-liġijiet u r-regolamenti ta' ħafna pajjiżi, qed jiġu istituzzjonalizzati wkoll l-iżjed skemi innovattivi.

3.3. Dan huwa l-każ fil-Belġju, fejn il-kunsilli permanenti ta' ċittadini magħżula b'mod aleatorju għadhom kif inħolqu bil-liġi fi Brussell. Bl-istess mod, fl-Irlanda, fejn l-assembleji taċ-ċittadini, xi drabi flimkien ma' referenda, illegalizzaw iż-żwieġ għal kulħadd u l-abortion, jew fi Franza bl-organizzazzjoni tal-konvenzjonijiet taċ-ċittadini dwar il-klima u t-tmiem tal-ħajja.

3.4. Fil-livell Ewropew, l-akbar eżerċizzju ta' demokrazija parteċipattiva u deliberattiva sal-lum kien il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, li fi ħdanha ġew organizzati erba' panels taċ-ċittadini Ewropej biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jirriflettu flimkien dwar il-futur li jridu għall-Unjoni Ewropea. Il-KESE kien involut formalment f'din l-inizjattiva. Huwa jilqa' l-fatt li dan il-proġett pilota qed jiġi evalwat bir-reqqa sabiex ikunu jistgħu jittieħdu tagħlimiet dwar kif jistgħu jittejjbu inizjattivi futuri possibbli.

3.5. B'mod partikolari, il-KESE jiddispijaċih dwar in-nuqqas ta' viżibbiltà u interess f'din il-konferenza fl-Istati Membri, kif ukoll dwar il-konfużjoni dwar l-oġettivi tagħha.

3.6. Fir-rapport finali <sup>(2)</sup> tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, il-proposta 36 dwar l-informazzjoni u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, u l-proposta 39 dwar il-proċess tat-tehdid tad-deċiżjonijiet tal-UE, jagħtu lill-KESE mandat ċar biex isaħħaħ ir-rwol istituzzjonali tiegħu bħala garanti u faċilitatur tal-attivitajiet tad-demokrazija parteċipattiva, bħad-djalogu strutturat mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-panels taċ-ċittadini. Mil-lat istituzzjonali, il-KESE jinsab f'pożizzjoni ideali biex jaqdi rwol fit-tisħiħ tad-demokrazija parteċipattiva, billi jaġixxi b'mod koerenti u komprensiv.

3.7. L-UE diġà għandha sett elaborat ta' strumenti ta' parteċipazzjoni tal-UE, li jinkludu, pereżempju, l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, id-Djalogi taċ-Ċittadini u l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, il-Petizzjonijiet lill-Parlament Ewropew, u l-Ombudsman Ewropew. Barra minn hekk, fit-tnejn ta' inizjattivi leġislattivi, il-Kummissjoni torganizza konsultazzjonijiet pubbliċi bl-għan li tagħti lill-partijiet ikkonċernati – inklużi ċ-ċittadini – l-oportunità li jsemmgħu leħinhom dwar suġġett partikolari. Il-konsultazzjonijiet pubbliċi huma ankrati fil-Linji Gwida tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar u jsiru permezz tal-portal Semma' Leħnek tal-Kummissjoni.

3.8. **L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (ICE)**, li nħolqot fl-2012, hija waħda mill-innovazzjonijiet ewlenin tad-demokrazija parteċipattiva fil-livell tal-UE. Din tippermetti li grupp ta' ċittadini jpoġġu kwistjoni fuq l-aġenda tal-korpi leġislattivi Ewropej.

3.9. Iżda l-erba' ICE li rnexxielhom jiġbru l-miljun firma meħtieġa biex il-Kummissjoni Ewropea twieġeb kellhom impatt relativament żgħir s'issa, bi proposti leġislattivi adottati bħala segwitu għall-inizjattivi "Id-dritt għall-ilma" u "Projbizzjoni tal-glifosat", u proposta mħabbra għall-2023 biex jiġu pprobiti l-gaġeġ għall-annimali kollha. Fil-fehma tal-KESE, l-ICE ma tissodisfax bis-sħiħ l-aspettattivi u għalhekk bla dubju trid tiġi riformata, u l-KESE għandu jkun involut fir-riforma.

3.10. Il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini ġiet iffaċilitata minn pjattaformi diġitali. L-Internet għamilha possibbli li s-soċjetà ċivili tiġi involuta fuq skala kbira u li jiġu involuti gruppi pubbliċi li kienu 'l bogħod minn dan it-tip ta' approċċ, b'mod partikolari ż-żgħażaġh.

3.11. Madankollu, filwaqt li l-qasam diġitali jgħin biex jiffaċilita u jwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-parteċipazzjoni, għandu wkoll il-limitazzjonijiet tiegħu. Il-konsultazzjonijiet online jippermettu l-ġbir ta' fehmiet iżda mhux dejjem għal deliberazzjoni reali.

3.12. Il-ħolqien ta' panels taċ-ċittadini futuri sostenibbli jeħtieġ komponent online b'saħħtu – element ewleni għal diskussjonijiet transnazzjonali li jinvolvu l-akbar għadd possibbli ta' ċittadini. Abbażi tal-esperjenza u t-tagħlimiet miksuba mill-pjattaforma multilingwi tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, il-KESE jipproponi li tinholq pjattaforma online/app mobbli multilingwi mtejjba. Dan jippermetti parteċipazzjoni ferm akbar milli huwa possibbli f'avvenimenti wiċċ imb wiċċ, dment li l-għodda online tkun imfassla biex tkun aċċessibbli għall-akbar numru possibbli ta' ċittadini. L-avvenimenti fiżiċi jibqgħu għodda komplementari importanti għall-konsultazzjonijiet online, iżda għandhom ikunu limitati għal għadd raġonevoli u mmirati ħafna lejn suġġetti attwali ta' interess orizzontali. Għandhom jiġu allokati riżorsi adegwati għall-ħolqien ta' tali pjattaforma diġitali bl-ogħla livell ta' żvilupp tekniku <sup>(3)</sup>.

3.13. Fil-fehma tal-KESE, għandha titqajjem il-kwistjoni tar-rappreżentattività u l-għarfien espert tal-kontributi taċ-ċittadini għad-dibattitu pubbliku. Il-fehma ta' assoċjazzjoni li tirrappreżenta eluf ta' membri tgħodd daqs l-espressjoni ta' ċittadini iżolati?

3.14. Il-KESE jfakkar li l-valur miżjud tal-Opinjoni u r-Rakkomandazzjonijiet tiegħu jirriżulta mill-bini ta' kunsens fost l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili organizzata, u l-bini ta' pontijiet bejn l-interessi diverġenti tad-diversi organizzazzjonijiet tas-soċjetà.

<sup>(2)</sup> Ara r-Rapport dwar l-eżitu finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa.

<sup>(3)</sup> Kif ġie nnutat fl-istudju tal-KESE, "Nagħmlu lill-KESE faċilitatur u garanti tal-attivitajiet tad-demokrazija parteċipattiva, inkluż djalogu strutturat mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-panels taċ-ċittadini" (2023), id-domanda għad-diġitalizzazzjoni hija ovvja, madankollu għandhom jiġu allokati riżorsi li jippermettu l-parteċipazzjoni fiżika.

3.15. It-termini ta' referenza għall-konsultazzjoni taċ-ċittadini għandu jkun ċar. Għall-KESE, huwa essenzjali li jiġi ċċarat, fi stadju bikri, kif il-kontributi mitlubin se jiġu integrati fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

3.16. Kwalunkwe proċess ta' involviment ġenwin maċ-ċittadini jeħtieġ mekkaniżmu ta' feedback biex tiġi żgurata l-leġittimità tiegħu. Għalhekk huwa tant importanti li l-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi mekkaniżmu għall-monitoraġġ tar-rakkomandazzjonijiet magħmula miċ-ċittadini. Dan għandu jsir billi tinħoloq tabella ta' valutazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet ta' politika u mbagħad tintuża biex jiġi ddeterminat is-segwitu għall-proposti, kif mitlub mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fil-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa.

3.17. Il-KESE għandu jitqies bħala strument importanti biex jitnaqqas id-defiċit demokratiku tal-UE, titnaqqas id-distanza u tiġi promossa identità politika Ewropea fost iċ-ċittadini tagħha.

#### **4. Ir-rwol tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fl-organizzazzjoni tal-konsultazzjoni taċ-ċittadini**

4.1. Id-dispożizzjoni fl-Artikolu 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea għal "djalogu miftuħ, trasparenti u regolari mal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u mas-soċjetà ċivili" għandha tiġi implimentata bis-sħiħ fl-oqsma kollha ta' azzjoni tal-Unjoni.

4.2. Matul is-snin, il-KESE saħħaħ il-pożizzjoni tal-inizjattivi taċ-ċittadini u l-viżibbiltà tagħhom fil-ħidma ta' kuljum tal-istituzzjonijiet. Mit-tneċċija tal-IĊE 'l hawn, il-KESE organizza konferenza annwali ta' livell għoli fl-okkażjoni tal-Jum I-ĊE. Il-Grupp Ad Hoc dwar l-IĊE tal-KESE twaqqaf biex jipprovdi gwida politika dwar l-inizjattivi taċ-ċittadini u jimmonitorja l-iżviluppi f'dan il-qasam.

4.3. Il-KESE jipprovdi wkoll informazzjoni dwar id-drittijiet taċ-ċittadini. Il-pubblikazzjoni l-aktar mifruxa tiegħu, il-"Passaport Demokratiku Ewropew", saret sors popolari ta' informazzjoni għall-pubbliku ġenerali u hija ppreżentata u użata f'diversi avvenimenti organizzati mill-istituzzjonijiet tal-UE u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

4.4. Ir-rwol istituzzjonali tal-KESE għandu jissaħħaħ u l-korp innifsu jkollu l-kompetenza ta' rappreżentant stabbilit tas-soċjetà ċivili organizzata biex jipprovdi pariri għat-tfassil ta' politiki tal-UE, iżda wkoll bħala faċilitatur u garanti ta' attivitajiet ta' demokrazija parteċipattiva bħal djalogu strutturat ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u panels taċ-ċittadini. Soċjetà ċivili mimlija haġja hija kruċjali għall-ħajja demokratika tal-Unjoni Ewropea.

4.5. Bħala d-dar tas-soċjetà ċivili organizzata, il-KESE għandu għarfien espert speċifiku u jipprovdi forum uniku u permanenti għad-djalogu ċivili, li fih jiġu proposti soluzzjonijiet abbażi ta' kunsens fost il-partijiet interessati differenti. Il-membri tiegħu għandhom mandat mill-organizzazzjonijiet rispettivi tagħhom.

4.6. L-esperjenza tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa ġġenerat aspettattivi u titlob li l-istituzzjonijiet Ewropej jipprovdu segwitu adatt għal din il-konsultazzjoni.

4.7. Il-KESE jimpenja ruħu favur id-dimensjoni deliberattiva tal-panel taċ-ċittadini, li jkunu involuti fil-ħidma tiegħu, b'mod komplementari għall-konsultazzjonijiet online imwettqa mill-Kummissjoni Ewropea, li huma strument siewi imma ma jippermettux dibattitu dirett bejn il-partijiet interessati li jikkontribwixxu.

4.8. Fil-manifest tal-President tal-KESE, ser jiġu stabbiliti panels taċ-ċittadini qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-2024, li jikkontribwixxu għal riżoluzzjoni trasversali tas-sezzjonijiet kollha tal-KESE li tinkludi t-talbiet ewlenin tal-KESE għall-PE l-ġdid u l-Kummissjoni l-ġdida.

4.9. Barra minn hekk, bħala parti miċ-Ċiklu ta' Djalogu tal-Grupp ta' Kuntatt tal-KESE għall-2023, ġie stabbilit grupp ta' ħidma dwar il-"Panels taċ-ċittadini" bħala parti minn djalogi tematiċi regolari bejn il-membri tal-KESE u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rilevanti tal-Grupp ta' Kuntatt, kif previst fl-istrategġija ta' komunikazzjoni tal-KESE 2022-2027. Ir-riżultat ta' dan id-djalogu ser ikun dokument ta' riflessjoni li jista' jikkontribwixxi għall-inizjattivi tal-KESE mmirati lejn il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini.

4.10. Bħala parti minn din ir-riflessjoni, il-KESE jista' jistudja r-rwol il-ġdid tiegħu fl-iżvilupp ulterjuri tal-għarfien espert tiegħu dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u d-demokrazija parteċipattiva. B'mod partikolari, il-Bureau tal-KESE huwa l-korp li jista' jieħu deċiżjonijiet rigward kwistjonijiet bħall-kamp ta' applikazzjoni u l-metodoloġija għall-involviment tal-panels taċ-ċittadini fil-ħidma tal-KESE, kif ukoll is-suġġetti li dwarhom se jiġu kkonsultati l-panels taċ-ċittadini.

4.11. Ser ikollhom jiġu allokati fondi speċifiċi, riżorsi umani u għodda diġitali għal din ir-responsabbiltà ġdida tal-KESE.

4.12. Għandha tiġi speċifikata firxa ta' regola applikabbli għall-kampjun tal-pubbliku mtella' bil-polza: il-*modus operandi*, il-komunikazzjoni u r-relazzjonijiet mal-media, ir-relazzjoni bejn il-KESE jew il-grupp ta' ħidma rilevanti tiegħu u l-kampjun tal-pubbliku.

4.13. Il-KESE jqis li huwa utli li jiġi kkunsidrat it-twaqqif ta' grupp ta' ħidma apposta bil-għan li jiddetermina kwalunkwe arranġament meħtieġ, soġġett għad-disponibbiltà tar-riżorsi baġitarji u wara li ssir deliberazzjoni u tittieħed deċiżjoni mill-Bureau tal-KESE<sup>(4)</sup>. Dan il-grupp ta' ħidma jista' jaħdem, fost l-oħrajn, fuq kwistjonijiet, bħal dawn li ġejjin:

- il-proċedura għall-integrazzjoni ta' dawn il-panels fil-ħidma tal-KESE;
- id-determinazzjoni tal-kriterji għas-suġġetti ta' konsultazzjoni tal-panels taċ-ċittadini li jiżguraw l-inklużjoni ta' kwistjonijiet orizzontali ta' interess soċjetali usa';
- l-ispeċifikazzjonijiet għat-tluġ bil-polza u l-pjattaforma diġitali;
- it-tfittxija għal fondi u riżorsi umani u tekniċi speċifiċi;
- il-metodu u l-organizzazzjoni tad-dibattiti b'mod li tiġi żgurata deliberazzjoni finali bejn il-panels taċ-ċittadini u l-membri tal-KESE;
- it-termini ta' referenza li jiddeterminaw kif ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet ser jiġu kkunsidrati fl-Opinjoni tal-KESE;
- l-għażla tal-operatur li se jorganizza t-tluġ bil-polza tal-persuni, bil-kunsens tagħhom;
- il-kundizzjonijiet u l-iskeda għall-fażi sperimentali.

Brussell, it-13 ta' Lulju 2023.

Oliver RÖPKE  
President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

---

<sup>(4)</sup> Kif ġie nmutat fl-istudju tal-KESE, "Nagħmlu lill-KESE faċilatur u garanti tal-attivitatijiet tad-demokrazija parteċipattiva, inkluż djalogu strutturat mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-panels taċ-ċittadini" (2023), kwalunkwe forma ġdida ta' attività tal-KESE fir-rigward tad-demokrazija parteċipattiva għandha tingħata ż-żmien, ir-riżorsi u l-attenzjoni li teħtieġ biex tkun effettiva.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Industriji intensivi fl-użu tal-ilma u teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-ilma”****(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)**

(2023/C 349/12)

Relatur: **Paul RÜBIG**Korelatur: **John BRYAN**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	25.1.2023
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizzjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali
Adozzjoni fis-sezzjoni	22.6.2023
Adozzjoni fil-plenarja	13.7.2023
Sessjoni plenarja Nru	580
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	200/0/3

**1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Bħala parti mill-Patt Blu tal-UE, hemm bżonn urġenti li l-UE tiżviluppa politika ġdida tal-UE dwar l-ilma, li tinkludi politika komprensiva ta' ġestjoni sostenibbli tal-ilma għall-industrija u tibbaża fuq it-tnaqqis, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-ilma, it-tnaqqis tat-tniġġis tal-ilma, u tinkludi enfasi fuq l-industriji intensivi fl-użu tal-ilma u fuq l-introduzzjoni u l-użu inkrementali ta' teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-ilma. Minħabba r-rabta bejn l-enerġija, l-ilma u l-materja prima kritika, il-politika dwar l-ilma għandha ssir wieħed mill-pilastru tal-istrateġija industrijali tal-UE.

1.2. L-UE għalhekk teħtieġ pjan direzzjonali li jappoġġja lill-industriji biex isiru effiċjenti fl-użu tal-ilma b'mod inkrementali, bi stadji intermedji u approċċ settorjali, waqt li titqies b'mod sħiħ ir-rabta bejn l-enerġija, l-ilma u l-materja prima kritika. Dan jirrikjedi reviżjoni tal-Istrateġija Industrijali tal-UE u tad-dokumenti tal-perkors għat-tranżizzjoni tagħha fis-sentejn li ġejjin. Dan l-approċċ settorjali għandu jinkorpora l-karatteristiċi tal-effiċjenza fl-użu tal-ilma u l-isfidi tal-ilma speċifiċi għal kull settur u jkun ibbażat fuq approċċ ta' prospettiva b'għażliet, valutazzjoni tal-impatt u tar-riskju b'analiżi tal-ispejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja.

1.3. Fid-dawl tal-iżvilupp tas-settur emerġenti tat-teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-ilma, qasam li fih l-UE jista' jkollha rwol prominenti, politika komprensiva tal-UE dwar l-ilma għandha tkun akkumpanjata minn pjan ambizzjuż ta' finanzjament tal-UE biex l-industrija tkun tista' tagħmel l-investimenti essenzjali f'teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-ilma. Għandhom jiġu adottati inkentivi pożittivi ta' finanzjament bħal krediti tat-taxxa, rati ogħla ta' deprezzament u mekkaniżmi oħra. Jistgħu jiġu kkunsidrati mezzi innovattivi ta' finanzjament, bħall-finanzjament kollettiv, biex jikkomplementaw l-appoġġ pubbliku.

1.4. Jeħtieġ li l-UE tkun minn ta' quddiem nett fid-dinja fl-iżvilupp, il-manifattura u l-użu ta' teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-ilma, u jeħtieġ ukoll tistabbilixxi reputazzjoni globali bħala żona ta' produzzjoni b'impronta tal-ilma żgħira. It-teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-ilma jikkostitwixxu settur industrijali li huwa parti mit-teknoloġiji nodfa. Bħala tali, it-teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-ilma għandhom ikunu wkoll effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Peress li t-teknoloġija nadifa bħala tali tikkostitwixxi ekosistema industrijali, il-KESE jissuġġerixxi li fis-sentejn li ġejjin jinħoloq perkors għat-tranżizzjoni lejn din l-ekosistema, b'miri ambizzjużi iżda realistiki, inkluż pjan għall-ġestjoni u l-ħiliet.

1.5. Hemm bżonn ta' enfasi akbar fuq il-konsum tal-ilma, ir-riċiklaġġ u l-isforzi ta' ġbir tal-ilma fil-proċessi ta' approvazzjoni għal installazzjonijiet industrijali ġodda, u enfasi fuq sistemi ta' inkentivi għal proġetti ta' ffrankar tal-ilma f'impjanti eżistenti. Madankollu, industriji differenti għandhom ħtiġijiet differenti tal-użu tal-ilma, u għandhom anke opportunitajiet differenti biex isiru effiċjenti fl-użu tal-ilma. Il-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara" għandu jiġi kkombinat ma' dritt għal attivitajiet ekonomiċi li jikkunsmaw l-ilma, u anke jiġi akkoppat ma' impenn min-naħa tal-industrija biex l-effiċjenza fl-użu tal-ilma tittejjeb b'mod inkrementali permezz ta' pjan direzzjonali għall-effiċjenza fl-użu tal-ilma.

1.6. Id-domanda, il-konsum u l-ħżin tal-ilma jeħtieġ li jingħataw prijorità ħafna akbar fl-istrateġiji tal-UE għall-iżvilupp ekonomiku tas-setturi industrijali. Il-KESE jenfasizza r-rwol ewlieni tal-ilma fl-ekonomija ċirkolari.

1.7. Peress li l-użu tal-ilma jvarja madwar l-UE u minn settur għal ieħor, hemm bżonn li tiġi rreġistrata u rrapportata d-data dwar l-użu tal-ilma fl-industrija fl-Istati Membri kollha, u li jiġu mmappjati t-teknoloġiji eżistenti. Hemm ukoll il-ħtieġa li tinġabar din id-data fil-livell tal-impjanti, peress li dan huwa l-ewwel pass fl-implimentazzjoni ta' proċessi effiċjenti fl-użu tal-ilma. Id-drittijiet tal-proprjetà industrijali jeħtieġ li jiġu allinjati mar-rekwiżiti applikabbli tat-trasparenza tad-data.

1.8. L-UE għandha tikkunsidra li tistabbilixxi Pjattaforma tal-Patt Blu għar-rappreżentanti tal-industrija u tal-agrikoltura u għaċ-ċittadini sabiex timmassimizza l-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni fir-rigward tal-proċess tal-iżvilupp ta' politika ġdida dwar l-ilma. Din il-konsultazzjoni permanenti għandha b'mod partikolari tiffaċilita t-tneħħija tal-ostakli leġiżlattivi għall-adozzjoni ta' teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-ilma fil-proċessi industrijali u agrikoli u mill-unitajiet domestiċi, u tikkontribwixxi għal aġġornament regolari tal-pjani ta' azzjoni li għandhom jiġu stabbiliti — bħall-perkorsi għat-tranżizzjoni għall-industrija.

## 2. Introduzzjoni u kummenti ġenerali

2.1. B'mod ġenerali, ir-riżorsi tal-ilma għal kull abitant huma relattivament kbar fl-Ewropa, iżda b'differenzi sinifikanti bejn it-Tramuntana tal-Ewropa/l-Ewropa Ċentrali u r-reġjuni tan-Nofsinhar. Xi wħud mill-isfidi ewlenin li jikkonċernaw iċ-ċikli tal-ilma jinkludu: 1) perjodi itwal ta' nixfa segwiti minn xita qawwija u għargħar, li t-tnejn jillimitaw l-aċċess għal ilma nadif u li jista' jintuża; 2) żieda fil-konsum tal-ilma bħala konsegwenza ta' popolazzjoni li qed tikber jew li hija aktar ikkonċentrata u żvilupp ekonomiku, kif ukoll żieda fid-domanda għall-ilma għall-użu industrijali, agrikolu u privat; u 3) żieda fit-tniġġis tas-sorsi tal-ilma minħabba nuqqas ta' trattament tal-effluwenti. Firxa wiesgħa ta' sustanzi niġġiesa ġodda bħall-mikroplastiki, is-sustanzi farmaċewtiċi, eċċ. qed jsibu ruħhom fis-sorsi tal-ilma, u, sa ċertu punt, huma identifikati biss ladarba jkun akkumulaw f'livelli dannużi. Iridu jiġu identifikati, indirizzati u implimentati miżuri biex jiġu indirizzati dawn it-tliet oqsma ewlenin ta' sfidi.

2.2. L-istress idriku huwa ta' tħassib ewlieni li kulma jmur qed jiżdied fl-Ewropa. Skont l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), medja ta' madwar 20 % tat-territorju Ewropa u 30 % tal-Ewropej jintlaqtu minn stress idriku <sup>(1)</sup> kull sena. L-użu mhux sostenibbli tal-ilma huwa t-teħid tal-ilma mir-riżorsi naturali b'rata aktar mgħaġġla minn kif jista' jinradd lura min-natura. Madwar 60 % tal-bliet Ewropej kbar (b'aktar minn 100 000 abitant) għandhom 140 miljun ruħ li jgħixu f'żoni ta' tali sfruttar żejjed tal-ilma ta' taħt l-art jew fiż-żoni tal-madwar tagħhom <sup>(2)</sup>. Fattur essenzjali huwa l-impatt negattiv fuq il-provvista tal-ilma minn episodji ta' għargħar ikkawżati minn xita qawwija relatata mal-klima (bliet kbar spiss jiddependu mis-sorsi tal-ilma ta' taħt l-art alimentati mix-xmajjar).

2.3. F'ħafna reġjuni tan-Nofsinhar tal-Ewropa, matul perjodi ta' nixfa jeħtieġ li jsiru għażliet bejn iż-żamma tal-użu tal-ilma għall-industrija, l-agrikoltura u l-użu tal-ilma għall-unitajiet domestiċi. F'ċerti żoni hemm riskju li l-industriji jiġu spustati lil hinn miż-żoni milqutin mill-istress idriku, u dan iwassal għal telf ta' impjeg u ekonomiji destabilizzanti u bidliet industrijali.

2.4. Il-politika tal-UE dwar l-ilma għandha t-tendenza li tikkonċentra fuq il-qafas legali għall-protezzjoni u l-ġestjoni tal-ilma, b'enfasi fuq it-tniġġis u l-prevenzjoni. Il-politiki eżistenti ewlenin tal-UE dwar l-ilma li għandhom impatt fuq l-industrija jinkludu d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi, id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero bħala parti mill-Patt Ekoloġiku tal-UE. Madankollu, id-dimensjoni tal-ilma bilkemm tisemma fil-perkorsi tranżitorji industrijali tal-UE jew fir-Rapport ta' Prospettiva Strateġika tal-Kummissjoni Ewropea għall-2022.

2.5. Il-viżjoni tal-UE għal tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali tal-industrija u l-ekosistemi tagħha ma tagħmel l-ebda referenza għall-ilma. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku <sup>(3)</sup> ssemmi l-provvista tal-ilma u s-sistema tad-drenaġġ bħala setturi ewlenin għat-tranżizzjoni ekoloġika f'nota f'qiegħ il-paġna, iżda d-dokument ma fih l-ebda referenza ulterjuri għall-ilma. Jeħtieġ li l-UE tindirizza l-politika dwar l-ilma bl-istess determinazzjoni li biha indirizzat il-kriżi klimatika.

<sup>(1)</sup> <https://www.eea.europa.eu/highlights/water-stress-is-a-major>

<sup>(2)</sup> <https://www.eea.europa.eu/publications/92-9167-025-1/page003.html>

<sup>(3)</sup> COM/2023/62 final.



### 3. Il-ħtieġa li l-ilma jiġi integrat fil-politika industrijali tal-UE waqt li jiġi adottat approċċ settorjali

3.1. Il-politika dwar l-ilma u l-ġestjoni tal-ilma jiġu applikati b'mod differenti ħafna f'bosta Stati Membri tal-UE, u dan jgħid li diffikultajiet sinifikanti għaċ-ċittadini u l-industriji. Peress li 60 % tal-ilma tal-wiċċ tal-UE huwa transfruntiera, għandha tiġi kkunsidrata politika komuni tal-UE għall-ilma.

3.2. F'Marzu 2023, il-Kunsill Ewropew adotta l-konklużjoni li ġejja: "Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-Konferenza tan-NU tal-2023 dwar l-ilma u l-Aġenda ta' Azzjoni tagħha dwar l-ilma. Huwa jirrikonoxxi l-ħtieġa għal azzjoni msaħħa tal-UE u dinjija dwar l-ilma u jissottolinja l-importanza ta' approċċ strateġiku tal-UE għas-sigurtà tal-ilma" <sup>(4)</sup>.

3.3. Jeħtieġ li l-UE tippreżenta politika komprensiva għall-ġestjoni sostenibbli tal-ilma għall-industrija u li tkun ibbażata fuq it-tnaqqis, l-irkupru, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, b'enfasi fuq l-industriji intensivi fl-użu tal-ilma u l-użu ta' teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-ilma. Il-ġerarkija kaskata tal-ilma jrid ikollha prijorità.

3.4. L-industriji kollha jiddependu mill-ilma. L-industrija tirrappreżenta madwar 40 % tal-estrazzjoni totali tal-ilma fl-Ewropa <sup>(5)</sup>. L-industriji ewlenin intensivi fl-użu tal-ilma fl-UE jinkludu l-estrazzjoni mill-minjieri u l-barrieri, il-manifattura, il-produzzjoni tal-elettriku, il-konstruzzjoni, il-kimiki, l-agrikoltura, il-produzzjoni tal-ikel u x-xorb, it-tessuti, il-karta u l-polpa, il-farmaċewtika, it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni inklużi ċ-ċentri tad-data, l-industrija tal-karozzi, l-azzar, il-fertilizzanti, u t-trasport. Madankollu, id-data dwar l-estrazzjonijiet u l-użu tal-ilma fl-UE hija antika u fqira. Strateġija tal-UE għall-ilma fl-industrija jeħtieġ li tkun ibbażata fuq data miġbura fil-livell tal-UE, bl-involvement tal-Eurostat, biex tippermetti ħarsa ġenerali wiesgħa u komprensiva. Hemm ukoll il-ħtieġa li tinġabar din id-data fil-livell tal-impjanti, peress li dan huwa l-ewwel pass fl-implimentazzjoni ta' proċessi effiċjenti fl-użu tal-ilma. Barra minn hekk, l-Organizzazzjoni Meteoroloġika Dinjija qed taħdem fuq pjattaforma ta' interoperabbiltà għal maħżen tad-data globali.

3.5. Hemm ħtieġa ċara għal approċċ integrat tal-UE għall-politiki dwar l-ilma li jinkludi koordinazzjoni aħjar tal-ħafna rekwiżiti leġiżlattivi li jirriżultaw minn diversi setturi u użi, inklużi s-setturi industrijali. Barra minn hekk, hija meħtieġa ħafna aktar ambizzjoni politika biex tittejjeb l-effiċjenza fl-użu tal-ilma u jitnaqqas t-tniġġis u l-konsum tal-ilma fl-industriji Ewropej, b'mod partikolari permezz tal-introduzzjoni inkrementali ta' teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-ilma. Madankollu, huwa meħtieġ approċċ settorjali, peress li l-possibbiltà għal effiċjenza akbar fl-użu tal-ilma tvarja ħafna bejn is-setturi, skont id-disponibbiltà ta' teknoloġiji adattati għall-effiċjenza fl-użu tal-ilma.

3.6. Fir-rigward tas-setturi industrijali differenti, jeħtieġ li titwettaq analiżi bir-reqqa fil-livell Ewropew biex jiġu stabbiliti parametri referenzjali, linji gwida u sistemi ta' rappurtar għall-iżvilupp sostenibbli futur taċ-ċikli tal-ilma. Għandu jiġi rikonoxxut li fl-Unjoni Ewropea diġà jeżistu ċerti riżorsi li jindirizzaw iċ-ċikli tal-ilma fl-industrija direttament jew indirettament, bħall-istudju tal-2021 dwar il-Perspettivi tal-Ekonomija Ċirkolari fis-Settur tat-Tessuti tal-UE <sup>(6)</sup>, iżda huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġu koperti s-setturi industrijali differenti kkonċernati. Il-KESE jappella għal revizzjoni tal-perkorsi tranżitorji industrijali fis-sentejn li ġejjin biex tiġi inkluża d-dimensjoni tal-effiċjenza fl-użu tal-ilma u pjan direzzjonali ambizzjuż iżda realistiku biex l-effiċjenza fl-użu tal-ilma tiżdied b'mod inkrementali.

3.7. Hemm bżonn ta' enfasi akbar fuq il-konsum tal-ilma u fuq l-isforzi ta' riċiklaġġ tal-ilma fil-proċessi ta' approvazzjoni għal installazzjonijiet industrijali ġodda, u enfasi fuq sistemi ta' inċentivi għal proġetti ta' ffrankar tal-ilma f'impjanti eżistenti. Madankollu, industriji differenti għandhom ħtiġijiet differenti fir-rigward tal-użu tal-ilma u opportunitajiet/possibbiltajiet differenti biex isiru effiċjenti fl-użu tal-ilma. Il-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara" għandu jiġi kkombinat ma' dritt għal attivitajiet ekonomiċi jikkunsmaw l-ilma. Dan id-dritt għandu jiġi rikonoxxut bil-kundizzjoni li l-installazzjoni industrijali timpenja ruħha li ttejjeb b'mod inkrementali l-effiċjenza fl-użu tal-ilma tagħha permezz ta' pjan direzzjonali għall-effiċjenza fl-użu tal-ilma, imkejje mill-parametru referenzjarju industrijali.

<sup>(4)</sup> Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (23 ta' Marzu 2023) — Konklużjonijiet.

<sup>(5)</sup> [https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Archive:Water\\_use\\_in\\_industry&oldid=196132](https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Archive:Water_use_in_industry&oldid=196132)

<sup>(6)</sup> Repożitorju tal-pubblikazzjonijiet tal-JRC — Circular Economy Perspectives in the EU Textile sector (europa.eu) (Perspettivi tal-Ekonomija Ċirkolari fis-Settur tat-Tessuti tal-UE (mhux disponibbli bil-Malti)).

3.8. L-industriji se jkunu qed jiffaċċjaw pressjoni dejjem akbar biex inaqqsu l-impatt ambjentali tagħhom u jtejbu l-effiċjenza tar-riżorsi tal-ilma, inkluż kemm l-użu dirett kif ukoll indirett tal-ilma. Bħal fil-każ tad-dekarbonizzazzjoni u l-enerġija, ħafna industriji jiffaċċjaw il-ħtieġa għal investimenti fuq skala kbira biex jagħmlu l-proċessi ta' produzzjoni u l-ktajjen tal-valur tagħhom aktar effiċjenti fl-użu tal-ilma u biex inaqqsu l-impatt tagħhom fuq il-kwalità tal-ilma.

3.9. Fil-proċess ta' tranżizzjoni lejn soċjetà newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju u effiċjenti fl-użu tal-enerġija u tal-ilma, huwa essenzjali li l-industriji li joperaw fl-UE jibqgħu kompetittivi u ma jkollhomx żvantaġġ fil-konfront ta' nħawi oħra tad-dinja fejn jiġu adottati politiki inqas responsabbli u inqas restrittivi, li jnaqqsu l-produzzjoni, l-output u l-impjeg fl-UE mingħajr ma jsir progress fir-rigward tal-ilma fl-ivell globali. Jeħtieġ li niproteġu l-prodotti u s-servizzi futuri li jsiru fl-UE u li jikkunsidraw l-aspetti tal-ilma minn importazzjonijiet inqas effiċjenti fl-użu tal-ilma.

#### 4. Teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-ilma li jippermettu ġestjoni sostenibbli tal-ilma

4.1. L-adozzjoni b'suċċess ta' teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-ilma fl-industrija u f'oqsma oħra hija essenzjali biex il-politika sostenibbli tal-UE dwar l-ilma tirnexxi. Dawn it-teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-ilma għandhom il-potenzjal li jnaqqsu b'mod sinifikanti l-użu tal-ilma u jipromovu l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, kif ukoll itejbu l-kwalità tal-ilma u jimminimizzaw l-iskariku tal-ilma mormi. Is-sigurtà tal-provvista volatili tal-ilma għandha tiżdied permezz ta' sistemi mfassla tajjeb għaż-żamma tal-ilma (tax-xita u l-għargħar).

4.2. Diġà jeżistu diversi teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-ilma. Xi wħud mit-teknoloġiji ewlenin li huma effiċjenti fl-użu tal-ilma u li qed jintużaw bħalissa fl-industrija jinkludu: ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid tal-ilma — it-trattament u l-użu mill-ġdid tal-ilma mormi f'operazzjonijiet industrijali, li jnaqqsu d-domanda għall-ilma heġu; il-valutazzjoni u l-ottimizzazzjoni tal-proċessi industrijali biex jitnaqqas l-użu tal-ilma u jiġi minimizzat l-iskart; l-applikazzjoni ta' stadju ta' osmosi inversa minflok stadju ta' skambju ta' joni għall-ilma li jintuża biex jalimenta s-sistema tat-tisħin sabiex jitnaqqas il-kontenut ta' melħ fl-iskariku tal-ilma mormi wara r-riġenerazzjoni; filtrazzjoni b'membrana — it-tneħħija tal-impurità mill-ilma biex ikun jista' jerġa' jintuża għal skopijiet industrijali; l-estrazzjoni mid-drenaġġ u mill-ilma mormi; attrezzaturi ta' fluss baxx — it-tnaqqis tal-użu tal-ilma fil-bini permezz tal-installazzjoni ta' viti tal-ilma, showerheads u toilets effiċjenti fl-użu tal-ilma; it-tisqija bid-dripp u l-agrikoltura ta' preċiżjoni — il-minimizzazzjoni tal-użu tal-ilma fl-agrikoltura u l-ottimizzazzjoni tar-rendiment tal-għeġjel; it-trattament anaerobiku tal-ilma mormi (produzzjoni ta' gass bi proċess bijoloġiku fin-nuqqas ta' ossiġnu għall-produzzjoni tal-enerġija — l-użu ta' mikroorganismi biex jiddiżintegraw is-sustanzi niġġiesa fl-ilma mormi li jipproduċi effluwent li jista' jerġa' jintuża); il-ġbir u l-ħżin tal-ilma tax-xita għall-użu fit-tisqija, it-tindif jew użi oħra mhux għax-xorb; sistemi b'ċirkwit magħluq — il-minimizzazzjoni tal-użu tal-ilma u l-iskart permezz tar-riċiklaġġ tal-ilma tal-proċess fi ħdan proċess industrijali; sostituzzjoni tal-materjali — bl-użu ta' materjali alternattivi li jirrikjedu inqas ilma għall-produzzjoni u li għandhom impronta tal-ilma aktar żgħira.

4.3. Ħafna industriji diġà jużaw teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-ilma. Pereżempju, meta wieħed iħares lejn l-industrija tal-ħalib, eżempju tajjeb huwa dak tal-Irlanda, fejn l-esportazzjonijiet tal-prodotti tal-ħalib għandhom valur ta' EUR 6,8 biljun minn 11-il biljun litru ta' ħalib ipproċessati kull sena. Tirlan, l-akbar kooperattiva tal-ħalib tal-bdiewa fl-Irlanda, tiegħu madwar 11 000 m<sup>3</sup> ta' ilma kuljum mix-xmara lokali u mill-ispieri fl-akbar impjant tal-ipproċessar tagħha f'Ballyragget, Co. Kilkenny. Madankollu, minħabba t-teknoloġiji tal-ipproċessar u tat-trattament tal-ilma, l-impjant fil-fatt jirritorna madwar 14 500 m<sup>3</sup> ta' ilma nadif kuljum lejn ix-xmara Nore tal-lokal, li hija Żona Speċjali ta' Konservazzjoni. Dan ifisser li l-impjant tal-ħalib jirriġenera madwar 30 % addizzjonali ta' ilma nadif lura fix-xmara lokali. Dan l-ilma rritornat huwa ta' kwalità tant tajba li maż-żmien għen biex titjeb il-kwalità tax-xmara u għen biex jinżamm l-istatus tax-xmara bħala Żona Speċjali ta' Konservazzjoni u bħala Żona ta' Protezzjoni Speċjali. Kien hemm investiment sinifikanti fl-impjant tat-trattament tal-ilma mormi u f'teknoloġiji adatti.

4.4. L-industrija tat-tessuti, għalkemm iddominata mill-produzzjoni Asjatika, timpjega aktar minn 1,6 miljun ruħ fl-UE. Is-settur għandu impatt kbir fuq ir-riżorsi tal-ilma. It-tessuti fihom ħafna sustanzi niġġiesa potenzjali li jidħlu fiċ-ċiklu tal-ilma fil-fażi tal-użu tat-tessuti, u għalhekk jeħtieġ li jiġu indirizzati b'qafas regolatorju b'saħħtu. Dawn jinkludu mikropartijiet ta' fibri, aġenti/kimika biex irendu prodott reżistenti għall-ilma u kuluri tat-tessuti. Barra minn hekk, jista' jiġi antiċipat li l-iskarsezza tal-ilma fil-pajjiżi tal-produzzjoni se jkollha impatt dejjem akbar fuq l-ispejjeż u l-limitazzjonijiet fuq il-kapaċitajiet. Hemm bżonn li wieħed jifhem il-ktajjen tal-valur u l-flussi tal-materjali fl-Ewropa u madwar id-dinja. Hemm ukoll sfidi u obbligi futuri li jikkonċernaw il-ġbir u l-ipproċessar tat-tessuti wara l-fażi tal-konsum.

4.5. Il-qafas regolatorju tal-aspetti rilevanti għall-ilma tal-ekonomija ċirkolari għandu jibni fuq l-istrateġija tal-UE għal tessuti sostenibbli, u jiġi żviluppata f'aktar dettall fi stadju bikri. L-istrateġija ssemmi l-ħtieġa li tiġi żviluppata ekonomija ċirkolari iżda ma tindirizzax b'mod espliċitu l-ħtieġa għar-riżorsi tal-ilma. Madankollu, ma hemm l-ebda dubju li l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari fl-industrija tat-tessuti se tirrikjedi ammonti kbar ta' ilma. L-identifikazzjoni tal-ħtieġijiet għar-riċerka u l-iżvilupp u għall-edukazzjoni relatati maċ-ċiklu tal-ilma, flimkien mal-finanzjament rispettiv tal-gvern, huma kruċjali. Jeħtieġ li jiġu definiti wkoll miri u limiti għad-domanda għall-ilma

ħelu, li għandha tiġi minimizzata bl-ottimizzazzjoni tal-proċessi (riċiklaġġ). Barra minn hekk, l-UE għandha tikkunsidra li tistabbilixxi pjan direzzjonali biex gradwalment issir it-tranżizzjoni lejn mira ta' skariku żero, li tal-inqas tindirizza l-firxa ta' kontenut potenzjali ta' tniġġis.

4.6. Eżempju ieħor huwa l-industrija tal-karta li wriet potenzjal kbir għal miżuri mmirati biex jimminimizzaw jew saħansitra jevitaw l-impatti negattivi fuq is-sorsi tal-ilma. L-industrija tal-karta fl-Ewropa diġà għandha standard relattivament tajjeb għall-użu tal-ilma<sup>(7)</sup>, iżda hemm lok għal aktar titjib. Dan jista' jintlaħaq billi tiżdied l-implimentazzjoni tal-proċessi tal-użu mill-ġdid tal-ilma, jiġu implimentati l-aktar teknoloġiji ġodda ta' trattament u tiġi stabbilita mira potenzjali ta' skariku qrib iż-żero, fi ħdan skeda ta' żmien ambizzjuża iżda realistika. L-appoġġ tal-gvern għall-iżvilupp u l-innovazzjoni fl-industrija tal-karta fl-Ewropa u miżuri biex jottimizzaw l-użu tal-ilma jistgħu jwasslu għal vantaġġ ekonomiku. Pereżempju, l-għarfien espert fl-ottimizzazzjoni tal-użu tal-ilma fl-industrija tal-karta diġà huwa fattur ekonomiku għall-produzzjoni Ewropea tal-makkinarju, u s-soluzzjonijiet identifikati ġew implimentati f'setturi oħra. Fi nħawi oħra tad-dinja, siti kbar ta' impjanti tal-produzzjoni tal-karta kellhom jagħlqu minħabba l-impatt negattiv għall-aħħar tagħhom fuq l-ilma fiż-żona tal-madwar.

4.7. L-industriji tal-ilma (ix-xogħlijiet relatati mal-ilma u l-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi) għandhom jikkostitwixxu infrastruttura kritika li tkun kemm newtrali (jew saħansitra pożittiva) fir-rigward tal-klima u l-enerġija, kif ukoll ċibersigura. Jeżistu eżempji tajbin fl-Ewropa u madwar id-dinja kollha. Min-naħa l-oħra, ir-reġjuni b'riżorsi tal-ilma limitati ħafna għandhom potenzjal kbir għal titjib (ġestjoni, desalinizzazzjoni, ċirkolarità tal-ilma, effiċjenza).

4.8. Bl-istess mod bħall-isfida tal-klima u l-enerġija li qed tiġi indirizzata fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE permezz tar-rekwiżiti tal-iżolament u l-modifika retroattiva tal-bini, għandha tiġi introdotta politika dwar il-ġbir u l-użu mill-ġdid tal-ilma fil-bini l-ġdid kollu. Għall-industrija, trid tiġi żviluppata politika dwar l-użu tal-ilma griż (ilma domestiku mormi mingħajr drenaġġ) għall-ilma mhux maħsub għax-xorb. Pereżempju, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) żviluppa linji gwida tekniċi għall-applikazzjoni ta' prinċipji ewlenin tal-ġestjoni tar-riskju għall-valutazzjoni u l-ġestjoni tar-riskju għas-saħħa u għall-ambjent marbuta ma' sistema tal-użu mill-ġdid tal-ilma<sup>(8)</sup>. Madankollu, huma meħtieġa applikazzjonijiet aktar sistematiċi ta' teknoloġiji eżistenti u ġodda, u dawn għandhom jiġu implimentati billi jiġi kkunsidrat iċ-ċiklu sħiħ tal-ilma.

4.9. Jeħtieġ li l-UE tkun minn ta' quddiem nett fid-dinja fl-iżvilupp, il-manifattura u l-użu ta' teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-ilma kif ukoll tistabbilixxi reputazzjoni globali bħala żona ta' produzzjoni b'impronta tal-ilma żgħira. L-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp se jkun essenzjali, l-istess bħar-rwol ta' ġestjoni u l-ħiliet tal-industrija tal-ilma. Se jkun meħtieġa professjonijiet ġodda u ħaddiema mħarrġa speċjalizzati fil-qasam tal-ilma biex jappoġġjaw l-għarfien espert u l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji ġodda tal-użu tal-ilma, inkluż l-użu tal-IA f'dan il-qasam. L-UE tista'tkun minn ta' quddiem nett fil-produzzjoni blu u s-suq tat-trattament tal-ilma industrijali, b'enfasi fuq il-ħolqien ta' impjiegi ġodda b'livell għoli ta' ħiliet fl-Ewropa. L-għarfien espert relatat mal-proċessi tal-iffrankar tal-ilma se jkun kompetenza ewlenija u indikatur ewleni tal-prestazzjoni (KPI) għall-industrija fil-futur. It-teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-ilma jikkostitwixxu settur industrijali li huwa parti minn teknoloġiji nodfa. Peress li t-teknoloġija nadifa tikkostitwixxi ekosistema minnha stess, il-KESE jissuġġerixxi l-ħolqien ta' perkors ta' tranżizzjoni lejn din l-ekosistema fis-sentejn li ġejjin, b'miri ambizzjużi iżda realistiki, inkluż pjan għall-ħiliet.

4.10. Il-konsultazzjoni u l-involviment tal-mexxejja u r-rappreżentanti tal-industrija huma essenzjali għall-formulazzjoni ta' politika sostenibbli tal-UE dwar l-ilma. Barra minn hekk, hija meħtieġa wkoll il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini tal-UE fl-implimentazzjoni tal-politika dwar l-ilma. F'ħafna setturi, il-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tippermettix l-użu mill-ġdid tal-ilma, u b'hekk tipprevjeni l-proċess tal-ekonomija ċirkolari. Biex tegħleb dan, jeħtieġ li l-UE tintroduċi rekwiżiti minimi għall-kwalità u l-monitoraġġ tal-ilma. Għal dan l-għan, tista' tiġi stabbilita Pjattaforma tal-Patt Blu għall-industrija tal-UE u għar-rappreżentanti tal-agrikoltura u ċ-ċittadini, li fiha jkun jista' jsir skambju ta' ideat u kwistjonijiet relatati mal-kondiviżjoni tal-ilma, l-użu u l-innovazzjoni tal-proġetti. Il-pjattaforma tkun tista' tinkorpora strutturi mil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE. L-għan ta' din il-Pjattaforma tal-Patt Blu tal-UE jkun li tgħin lill-UE u lill-Istati Membri jieħdu d-deċizzjonijiet politiki meħtieġa dwar il-politika tal-ilma malajr kemm jista' jkun. Huwa importanti wkoll li jiżdied id-djalogu dwar l-ilma mal-istituzzjonijiet lokali u nazzjonali sabiex jitħeġġu l-għarfien, l-informazzjoni u l-edukazzjoni strutturati u ffokati fuq l-azzjoni dwar l-importanza strateġika tal-ilma bħala riżorsa skarsa. Din il-konsultazzjoni permanenti tista' tiffaċilita wkoll it-tneħħija ta' ostakli leġiżlattivi għall-adozzjoni ta' teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-ilma fil-proċessi industrijali u agrikoli u mill-unitajiet domestiċi.

(7) <https://www.africapulpaper.com/en/articles/water-usage-in-paper-mills>

(8) <https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC129596>

4.11. Politika komprensiva tal-UE dwar l-ilma għandha tkun akkumpanjata minn pjan ta' finanzjament tal-UE daqstant ieħor ambizzjuż sabiex l-industrija u l-awtoritajiet muniċipali jkunu jistgħu jagħmlu l-investiment essenzjali f'teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-ilma. Għandhom jiġu introdotti inċentivi pożittivi ta' finanzjament bħal krediti tat-taxxa, rati oġhla ta' deprezzament u mekkaniżmi oħra. L-għodod u l-mekkaniżmu ta' finanzjament ekoloġiku (eż. il-kriterji ambjentali, soċjali u ta' governanza, u t-Tassonomija) jeħtieġ li jiġu kkomplementati b'dimensjonijiet akbar u aktar profondi tal-użu tal-ilma.

Brussell, it-13 ta' Lulju 2023.

Oliver RÖPKE  
Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

---

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-ġestjoni tal-ilma sostenibbli u l-emerġenza klimatika: iċ-ċirkolarità u soluzzjonijiet oħra għas-sistema agroalimentari tal-UE fil-‘Patt Blu’ futur”**

**(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)**

(2023/C 349/13)

Relatur: **Josep PUXEU ROCAMORA**

Korelatur: **John COMER**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	23.1.2023
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizzjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adozzjoni fis-sezzjoni	28.6.2023
Adozzjoni fil-plenarja	13.7.2023
Sessjoni plenarja Nru	580
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	181/0/0

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. It-tibdil fil-klima qed ibiddel ix-xejriet tax-xita fl-Unjoni Ewropea, b'impatt konsegwenti fuq l-ammont ta' ilma disponibbli għall-agrikoltura. Dan iwassal mhux biss għal tnaqqis fil-produzzjoni tal-għeġjel, iżda wkoll għal żieda fil-kompetizzjoni bejn l-użi konsumattivi differenti (il-popolazzjoni, l-industrija u l-agrikoltura). Barra minn hekk, l-attivitajiet tal-bniedem qed jaffettwaw ukoll il-kwalità tal-ilma, u qed jikkawżaw żieda fil-preżenza ta' nutrijenti u sustanzi niġġiesa.

1.2. Il-politika Agrikola Komuni, l-Istrateġija “Mill-Għalqa sal-Platt” u l-Istrateġija għall-Bijodiversità kollha stabbilew objettivi għall-ksib ta' produzzjoni sostenibbli tal-ikel u għall-protezzjoni tal-ekosistemi. Biex jintlaħqu dawn l-objettivi, is-settur agroalimentari jeħtieġ iż-żamma taż-żoni rurali u l-istrutturi tal-produzzjoni, l-appoġġ għall-produtturi fil-livell lokali, il-ġestjoni sostenibbli tal-art u tal-ilma kif ukoll l-awtonomija strateġika miftuħa. L-ilma huwa riżorsa fundamentali għall-produzzjoni tal-ikel u għalhekk l-iżgurar tal-aċċess għal ilma ta' kwalità suffiċjenti u l-ġestjoni sostenibbli tiegħu huma essenzjali biex tiġi garantita produzzjoni tal-ikel adegwata u sostenibbli fl-Unjoni Ewropea. L-iskemi kollha tal-PAK għandhom jinkoraġġixxu ġestjoni sostenibbli u effiċjenti tal-ilma, billi jinkorporaw indikaturi f'kull Stat Membru sabiex jiġi mmonitorjat il-progress fil-ġestjoni tal-ilma.

1.3. Il-ġestjoni sostenibbli tal-ilma trid tiffoka fuq il-ġestjoni tal-provvista, filwaqt li tiegħu miżuri biex tiżgura d-disponibbiltà tal-ilma għall-utenti kollha. Il-ġestjoni tal-provvista trid neċessarjament tinvolvi l-ottimizzazzjoni tal-effiċjenza, it-tnaqqis tat-telf, il-prijoritizzazzjoni tal-użi, l-eliminazzjoni tal-użi illegali, l-adozzjoni ta' miżuri biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-sistema kollha u, fl-aħħar nett, l-adozzjoni ta' sett ta' approċċi f'konformità mal-istrateġiji biex tiġi kkonsolidata biżżejjed produzzjoni tal-ikel fl-UE.

1.4. Il-KESE jitlob standards apposta dwar l-użu tal-ilma f'diversi setturi ekonomiċi, pereżempju l-agrikoltura u l-industrija, billi tinbena struttura ta' governanza biex jiġu żviluppati linji gwida settorjali dwar l-użu tal-ilma, li għandha tinkludi lill-KESE.

1.5. It-teknoloġiji għandhom rwol deċiżiv fl-iżgurar tal-ilma għall-produzzjoni agrikola. Iridu jiġu pprovduti riżorsi baġitarji adegwati u suffiċjenti għar-riċerka u l-adattament tal-għarfien fil-ġenomika, immirati lejn l-iżvilupp ta' għeġjel li huma aktar reżistenti u adattati għall-kundizzjonijiet klimatiċi. Se jkun meħtieġa wkoll riżorsi għall-promozzjoni ta' tekniki ġodda ta' trasformazzjoni tal-ilma, bħall-użu mill-ġdid u d-desalinizzazzjoni. F'dan ir-rigward, il-KESE jipproponi li jiġu promossi l-miżuri meħtieġa biex jiġu żviluppati teknoloġiji ġodda, mentri jiġu rispettati l-ekosistemi li jinsabu fihom u tingħata prijorità lill-kunsiderazzjonijiet ambjentali.



1.6. Il-prezzijiet tal-enerġija jikkundizzjonaw l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda, li t-tħaddim tagħhom huwa marbut mill-qrib mal-użu tal-fjuwils fossili. Il-KESE jappella għad-dekarbonizzazzjoni tal-agrikoltura, l-aġġustament tal-prezzijiet agrikoli fis-settur primarju, u l-użu intensiv ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli sabiex tissaħħaħ ir-rabta bejn l-enerġija u l-ilma u l-ikel.

1.7. It-tibdil fil-klima jimplika temperaturi oġhla, żieda fl-evapotraspirazzjoni, u żieda konsiderevoli f'avvenimenti estremi tat-temp, li jikkawżaw nixfiet, għargħar, maltempati u niriien. Dawn il-problemi huma distruttivi ħafna għall-produzzjoni tal-għelejjel u tal-bhejjem. Huwa meħtieġ pjan strateġiku li juża l-għarfien espert xjentifiku u teknoloġiku biex jiżgura li l-ilma sikur ikun disponibbli għall-agrikoltura fl-UE kollha. Iridu jitħejjew pjani speċifiċi għaż-żoni lokali u r-reġjuni li jsofru minn nixfa u għargħar persistenti. Se jkunu meħtieġa baġit speċjali awtonomu u linji baġitarji ta' appoġġ, kif ukoll Regolament tal-UE li jidderieġi r-riżorsi biex jippermettu u jiffaċilitaw pjani ċentrali, regionali u lokali għall-provvista ta' ilma adegwat. Pjani bħal dawn għandhom jiżguraw il-kostruzzjoni u l-manutenzjoni ta' infrastruttura tal-ilma adattata għall-iskop tagħha fil-partijiet kollha tal-UE.

## 2. Il-kuntest tal-agrikoltura Ewropea

2.1. L-għan ta' din l-Opinjoni fuq inizjattiva proprja huwa li tanalizza l-interazzjonijiet bejn l-ilma u l-agrikoltura fil-livell tal-UE fir-rigward tal-emerġenza klimatika u l-impatt fuq is-sigurtà u s-sostenibbiltà tal-ikel fil-futur. L-Opinjoni tqajjem punti għal riflessjoni dwar l-impatt ta' avvenimenti estremi tat-temp u l-effetti tad-diversi politiki u regoli tal-UE. Din tiddekrivi l-urġenza tal-ġestjoni sostenibbli tal-ilma kif ukoll il-problemi speċifiċi li jaffettwaw l-ilma fl-agrikoltura tal-UE u tressaq proposti biex tissaħħaħ l-awtonomija tal-ikel tal-UE kif ukoll il-kwalità u l-kwantità tal-provvisti tal-ilma tagħha sabiex jintlaħaq dan l-oġettiv.

2.2. L-agrikoltura hija settur strateġiku fl-Unjoni Ewropea, lil hinn mill-importanza soċjoekonomika tagħha. Huwa stmat li 30 % taż-żona agrikola produttiva tal-UE tissaqqa, għalkemm dan il-perċentwal huwa oġhla fl-Istati Membri tan-Nofsinar minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi partikolari tagħhom, u jilħaq 70 % f'xi reġjuni <sup>(1)</sup>.

## 3. L-iskarsezza tal-ilma u l-isfidi ewlenin għas-sistema agroalimentari tal-UE

3.1. Il-produzzjoni agrikola tiddependi mid-disponibbiltà tal-ilma. L-agrikoltura, min-naħa tagħha, għandha impatt kemm fuq il-kwantità kif ukoll fuq il-kwalità tal-ilma, kemm permezz ta' tniġġis diffuż permezz tal-użu ta' fertilizzanti u pestiċidi, kif ukoll billi tikkawża intrużjoni tal-melħ f'akwiferi kostali sfruttati żżejjed. Huwa stmat li 20 % tal-art tal-Ewropa u 30 % tal-popolazzjoni tagħha huma affettwati mill-iskarsezza tal-ilma kull sena <sup>(2)</sup>, u l-istress fuq l-ilma mistenni jiżdied b'mod sinifikanti fil-livell tal-UE matul l-għaxar snin li ġejjin <sup>(3)</sup>.

3.2. Skont data mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, ir-riżorsi tal-ilma rinnovabbli fil-livell tal-UE naqsu minn 3 219 km<sup>3</sup> fl-2010 għal 2 833 km<sup>3</sup> fl-2020 <sup>(4)</sup>. Din is-sitwazzjoni se tiġi affettwata b'mod negattiv miż-żieda mistennija fit-temperaturi u minn evapotraspirazzjoni oġhla, li se taggrava d-domanda għall-ilma għall-agrikoltura u l-kompetizzjoni bejn l-użi differenti.

3.3. Matul dawn l-aħħar 55 sena, l-UE kollha rat tnaqqis ta' 17 % fir-riżorsi tal-ilma rinnovabbli tagħha per capita <sup>(5)</sup>. Filwaqt li dan jista' jiġi spjegat parzjalment mit-tkabbir tal-popolazzjoni, huwa minnu wkoll li l-pressjoni mill-attività ekonomika – inkluża l-agrikoltura – u t-tibdil fil-klima qed taggrava l-iskarsezza tal-ilma staġunali u annwali f'ħafna reġjuni tal-UE.

<sup>(1)</sup> Eurostat, Kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura mir-reġjuni NUTS 2 u Eurostat, Agriculture, forestry and fishery statistics (Statistika dwar l-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd, mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(2)</sup> EEA, Water stress is a major and growing concern in Europe (L-istress idriku huwa ta' tħassib ewleni li kulma jmur qed jiżdied fl-Ewropa, mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(3)</sup> QEA, Rapport Speċjali 20/2021: L-użu sostenibbli tal-ilma fl-agrikoltura:

<sup>(4)</sup> EEA, Waterbase – Water Quantity (Waterbase – Il-kwantità tal-ilma, mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(5)</sup> Bank Dinji, Renewable internal freshwater resources per capita (cubic meters) (Riżorsi interni rinnovabbli tal-ilma ħelu per capita (metri kubi)) – Unjoni Ewropea, mhux disponibbli bil-Malti).

3.4. Bejn l-2010 u l-2016, l-ilma tal-wiċċ kien jammonta għal 54 % tal-ilma użat għall-agrikoltura fl-UE, filwaqt li l-ilma ta' taħt l-art kien jammonta għal 39 %. L-ilma riċiklat ammonta għal 4 % u d-desalinizzazzjoni għal 3 %<sup>(6)</sup>. Dawn il-perċentwali jistgħu jvarjaw b'mod sinifikanti minn Stat Membru għal ieħor, skont il-kundizzjonijiet klimatiċi tagħhom. L-impenn għall-użu mill-ġdid tal-ilma mormi ppurifikat huwa element tal-ekonomija ċirkolari, speċjalment peress li 1 100 hm<sup>3</sup> biss ta' ilma mormi jerġgħu jintużaw fl-UE kull sena (madwar 0,4 % tat-total tal-ilma heġu maqbud fl-UE)<sup>(7)</sup>.

3.5. L-agrikoltura hija kemm kawża ewlenija kif ukoll vittma tal-iskarsezza tal-ilma. Skont l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO), il-biedja tammonta għal kważi 70 % tal-irtirar kollu tal-ilma, u din iċ-ċifra tista' titla' sa 95 % fxi pajjiżi li qed jiżviluppaw<sup>(8)</sup>. Madankollu, f'ħafna pajjiżi, l-effiċjenza tal-irrigazzjoni hija baxxa.

3.6. Għalkemm l-impronta tal-ilma tal-produzzjoni agrikola tal-UE qed tonqos, din għadha sinifikanti f'żoni b'intensifikazzjoni agrikola u fejn hemm pressjoni akbar fuq ir-riżorsi tal-ilma. Dan jista' jżomm lura wkoll l-emerġenza ta' attivitajiet ta' diversifikazzjoni bħall-akkwakultura interna u l-algakultura, li jistgħu jipprovdu sorsi ta' dħul addizzjonali f'ċerti żoni rurali tal-UE, iżda huma soġġetti għad-disponibbiltà ta' mill-inqas ammont minimu ta' ilma.

3.7. L-iskarsezza tal-ilma qed tbiddel il-kunċett tal-ilma bħala riżorsa, kif ukoll il-mudelli ta' ġestjoni eżistenti. L-ilma jrid jinftiehem li huwa riżorsa bażika għall-ħajja u għalhekk għandu jiġi ġestit bħala oġġett ekonomiku skars u ta' valur għoli. Fil-preżent, il-paradigmi ta' ġestjoni bbażati fuq id-domanda huma diffiċli biex jiġu applikati u jridu jevolvu lejn il-ġestjoni tal-provvista, skont kriterji ta' sigurtà u sostenibbiltà.

3.8. Il-problemi fil-ġestjoni tar-riżorsi mhumiex biss minħabba nuqqas ta' għodod ta' ppjanar jew ta' ġestjoni, jew minħabba interessi konfliġġenti bejn atturi differenti, iżda ħafna drabi huma kkawżati mill-kundizzjoni fqira tal-infrastruttura tal-irrigazzjoni u tas-sistemi tad-drenaġġ, li jwasslu għat-telf tal-ilma u l-użu ineffiċjenti tal-ilma.

3.9. L-agrikoltura fl-Istati Membri tan-Nofsinhar tal-UE qed tiffaċċja għadd ta' sfidi relatati direttament mal-iskarsezza tal-ilma, b'mod partikolari n-nixfiet fit-tul, li huma aktar intensi fir-reġjun tal-Mediterran; disponibbiltà u distribuzzjoni inugwali tal-ilma; kompetizzjoni għall-ilma, speċjalment għall-użu urban u bħala riżultat tal-intensità tat-turiżmu. Fl-Istati Membri tat-Tramuntana tal-UE, il-problema marbuta mat-tniġġis tal-ilma kkawżat mill-agrikoltura intensiva u l-użu ta' nutrijenti u pestiċidi hija predominanti. Barra minn hekk, l-eżistenza ta' passaġġi fuq l-ilma u rotot tat-trasport li jeħtieġu flussi minimi biex tinżamm l-effettività tagħhom tintroduċi kompetizzjoni akbar bejn użi alternattivi possibbli ta' riżorsa dejjem aktar skarsa.

3.10. L-awtonomija strateġika miftuħa fis-settur agroalimentari, kif definit preċedentement mill-KESE<sup>(9)</sup>, hija kunsiderazzjoni rilevanti ħafna. Jistgħu jintużaw indikaturi differenti biex tiġi kkwantifikata l-awtonomija alimentari tal-UE. Madankollu, għalkemm ir-rata tal-awtonomija tal-ikel tal-UE hija għolja, id-determinazzjoni tagħha hija ġeneralizzata żżejjed, peress li tvarja ħafna skont it-tipi differenti ta' ikel u reġjuni, b'defiċits sinifikanti fil-produzzjoni taċ-ċereali, il-fażola tas-sojja u ż-żjut veġetali.

3.11. Fir-rapport ta' Prospettiva Strateġika tagħha tal-2021, il-Kummissjoni Ewropea tindika li "l-iżgurar ta' sistemi tal-ikel sostenibbli u reżiljenti" huwa wieħed mill-oqsma strateġiċi ewlenin biex tissaħħaħ it-tmexxija tal-UE, billi ssemmi l-ħtieġa li jsir investment fl-innovazzjoni biex jiġu ssalvagwardjati sistemi tal-ikel reżiljenti u sostenibbli.

3.12. L-użu effiċjenti tal-ilma aħdar, mifhum bħala l-parti tax-xita li tinħass u tinfiltra fl-art, għandu jiġi żgurat. Ir-rwol ewleni tal-ħamrija fil-filtrazzjoni u l-assorbiment tal-ilma jrid jissaħħaħ billi jiġu appoġġjati l-politiki ta' riġenerazzjoni tal-ħamrija.

<sup>(6)</sup> Eurostat, Annual freshwater abstraction by source and sector (Astrazzjoni annwali tal-ilma heġu skont is-sors u s-settur, mhux disponibbli bil-Malti) u EEA, European waters – Assessment of status and pressures 2018 (Ilmijiet Ewropej – Valutazzjoni tal-istatus u l-pressjonijiet 2018, mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(7)</sup> BIO by Deloitte, Optimising water reuse in the EU (L-ottimizzazzjoni tal-użu mill-ġdid tal-ilma fl-UE, mhux disponibbli bil-Malti), Parti I.

<sup>(8)</sup> FAO, Water Scarcity – One of the greatest challenges of our time (Skarsezza tal-Ilma – Waħda mill-akbar sfidi ta' żmienna, mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(9)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew "L-awtonomija strateġika u s-sigurtà u s-sostenibbiltà tal-ikel" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 105, 4.3.2022, p. 56).

3.13. Id-deċiżjoni li tintgħażel ekonomija ċirkolari fir-rigward tal-użu tal-ilma (ir-riċiklaġġ tal-ilma iswed jew l-ilma mormi urban għat-tisqija) u għal sistemi aktar teknoloġiċi (desalinizzazzjoni) hija l-mudell favorit fxi Stati Membri produttori fin-Nofsinhar tal-Ewropa. Madankollu, iż-żewġ soluzzjonijiet huma intensivi ħafna f'termini ta' konsum tal-elettriku u huma potenzjalment ta' ħsara għall-ħamrija u għall-għelejjel. L-ilma riċiklat għandu jiġi ttrattat kif support u l-iżgurar ta' ilma sikur għall-agrikoltura għandu jkun il-prijorità. Barra minn hekk, l-enerġija meħtieġa għerja minn sistemi differenti, li mhux dejjem ikunu rinnovabbli. Il-KESE jappella għad-dekarbonizzazzjoni tal-ġestjoni ċirkolari tal-ilma, u l-ġeneralizzazzjoni tal-użu ta' sorsi alternattivi tal-enerġija sabiex tissaħħaħ ir-rabta bejn l-enerġija u l-ilma u l-ikel.

3.14. Din id-dipendenza fuq l-elettriku ġiet ippenalizzata fl-2022 miż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, li kellha influwenza deċiżiva fuq il-kost tal-produzzjoni, b'mod partikolari fir-reġjuni kostali tal-Mediterran fejn id-defiċit strutturali tal-ilma jagħmel l-użu ta' dawn is-soluzzjonijiet teknoloġiċi neċessità.

3.15. Il-ġestjoni tal-ilmijiet tal-wiċċ transkonfinali taffettwa mhux biss il-kwantità tar-riżorsa downstream, iżda wkoll il-kwalità tagħha. Irrispettivament mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma<sup>(10)</sup> u l-obbligu eżistenti li jiġi stabbilit ippjanar integrat fil-livell tal-baċini tax-xmajjar, huwa ċar li hemm lok għal titjib fil-mekkaniżmi ta' ġestjoni għal dan it-tip ta' ilma, jew permezz ta' korpi speċjalizzati għodda jew billi tiġi żviluppata aktar il-leġiżlazzjoni regolatorja.

3.16. L-emissjonijiet mhux ikkontrollati fil-korpi tal-ilma bħala riżultat ta' ċerti attivitajiet industrijali għandhom effetti negattivi fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-ikel, kif ukoll huma spiża għas-soċjetà kollha kemm hi. Il-KESE jibqa' impenjat favur l-iżvilupp ta' industrijew newtrali għall-klima, b'emissjonijiet ikkontrollati, li jġarrbu l-ispejjeż ambjentali tal-produzzjoni tagħhom.

#### 4. Politiki eżistenti tal-UE u nazzjonali

4.1. Il-qafas regolatorju ewlieni tal-UE għall-aspetti kwantitattivi u kwalitattivi tal-ilma u l-agrikoltura jinkludi d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u l-Politika Agrikola Komuni (PAK)<sup>(11)</sup>. L-oġettivi speċifiċi proposti mill-PAK il-ġdida jinkludu l-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli u l-ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi naturali bħall-ħamrija, l-arja u, naturalment, l-ilma. Barra minn hekk, l-ilma huwa s-suġġett tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 6 tan-Nazzjonijiet Uniti, li l-miri tiegħu huma relatati mal-effiċjenza fl-użu tal-ilma u l-ġestjoni integrata tal-ilma.

4.2. Id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma tistabbilixxi li l-ilma huwa riżorsa naturali li trid tiġi protetta, ikkonservata u ġestita b'mod sostenibbli. Għal dan l-għan, jiġi stabbilit qafas ta' ġestjoni, direttament jew taħt konċessjoni, skont it-territorji differenti; dan il-qafas ta' ġestjoni għandu l-għan li jiżgura ġestjoni tal-ilma integrata u sostenibbli fil-livell tal-UE.

4.3. Il-qafas finanzjarju pluriennali għall-2021-2027 jalloka total ta' EUR 386,6 biljun għall-PAK, li għandhom jitqasmu fost l-Istati Membri differenti u jiġu applikati għal diversi politiki tal-ewwel u t-tieni pilastru. Il-KESE jappella għall-ħolqien ta' baġit u fondi speċifiċi għall-ilma, kif żviluppata mill-Opinjoni *L-ekonomija ta' "Patt Blu tal-UE"*<sup>(12)</sup>.

4.4. Il-biċċa l-kbira tal-pagamenti diretti tal-PAK, kif ukoll xi pagamenti tal-Pilastru 2, huma soġġetti għal regoli ta' kundizzjonalità li jkopru r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni, u għal standards ta' kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin (KAAT) li jimponu prattiki agrikoli sostenibbli, inklużi proċeduri ta' ġestjoni tal-ilma integrati għall-irrigazzjoni. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-pagamenti nstabu li kienu newtrali fir-rigward tal-irrigazzjoni<sup>(13)</sup>. L-iskemi kollha tal-PAK għandhom jinkoraġġixxu ġestjoni sostenibbli u effiċjenti tal-ilma, billi jinkorporaw indikaturi f'kull Stat Membru sabiex jiġi mmonitorjat il-progress fil-ġestjoni tal-ilma.

4.5. Xi Stati Membri jużaw il-finanzjament tal-UE biex jappoġġjaw għelejjel intensivi fl-użu tal-ilma f'żoni taħt stress tal-ilma, mingħajr ma jintroduċu salvagwardji, billi jużaw appoġġ akkoppjat volontarju biex iżommu jew iżidu l-produzzjoni tal-għelejjel f'setturi intensivi fl-użu tal-ilma bħar-ross li huma kkonċentriati ħafna fl-Istati Membri tan-Nofsinhar. Il-KESE jemmen li huwa meħtieġ li jiġu rispettati l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u l-analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji biex tiġi żgurata mhux biss is-sostenibbiltà iżda wkoll l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi tal-ilma.

<sup>(10)</sup> Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

<sup>(11)</sup> Il-Politika Agrikola Komuni: 2023-2027.

<sup>(12)</sup> Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-ekonomija ta' 'Patt Blu tal-UE' — ħtiġijiet ta' investiment relatat mal-ilma fl-UE" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ara l-paġna 50 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(13)</sup> QEA, Rapport Speċjali 20/2021: L-użu sostenibbli tal-ilma fl-agrikoltura:

4.6. L-Istati Membri kollha għandhom iżommu reġistru tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art astratt kif ukoll tal-ħżin tal-ilma tal-wiċċ; bl-istess mod, l-utenti tal-ilma jenħtieġ li jkunu meħtieġa jfittxu awtorizzazzjoni qabel l-estrazzjoni jew il-ħżin tal-ilma. L-Istati Membri kollha għandhom isaħħu u jifforzaw is-sistemi ta' monitoraġġ fis-seħħ biex jidentifikaw u jippenalizzaw l-użu illegali tal-ilma.

4.7. Il-Qorti tal-Awdituri tal-UE tqis li l-ispejjeż tas-servizzi tal-ilma fl-agrikoltura mhumiex irkuprati kompletament, prinċipalment minħabba li l-ispejjeż ambjentali u tar-riżorsi mhumiex riflessi b'mod adegwat fil-prezzijiet tal-ilma. Skont il-Kummissjoni, dan jimplika spiża moħbija għas-soċjetà u jillimita d-dħul potenzjali li jista' jintuża biex jiffinanzja miżuri mmirati biex jiżguraw l-implimentazzjoni effiċjenti tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma.

4.8. Il-prinċipju tal-unità tas-suq Ewropew mhuwiex issodisfat fil-każ tal-ilma. L-utenti jħallsu prezzijiet differenti ħafna għal servizzi simili, skont l-Istat Membru u anke skont il-post speċifiku tal-operazzjoni fi Stat Membru. Fid-dawl ta' din il-kwistjoni, ikun ta' benefiċċju li tiġi promossa metodoloġija tal-UE għar-razzjonalizzazzjoni u l-istandardizzazzjoni tas-sistemi tal-ipprezzar tal-ilma <sup>(14)</sup>.

4.9. B'mod partikolari, il-KESE jappella għal standards dedikati dwar l-użu tal-ilma f'diversi setturi ekonomiċi, bħall-agrikoltura u l-industrija, billi tinbena struttura ta' governanza biex jiġu żviluppati linji gwida settorjali dwar l-użu tal-ilma, li għandhom jinkludu l-KESE <sup>(15)</sup>.

4.10. Iż-żieda medja fil-prezzijiet tal-ikel u tal-input tista' tiġi attribwita għal diversi ċirkostanzi <sup>(16)</sup>. Madankollu, is-sitwazzjoni inflazzjonarja attwali timplika li l-kontribuzzjonijiet tal-PAK tnaqqsu f'termini reali, b'mod sinifikanti ħafna. Għandhom jittieħdu azzjonijiet baġitarji adegwati biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni u jitreġġa' lura l-kamp ta' applikazzjoni ekonomiku tal-oġettivi tal-UE.

## 5. Proposti, soluzzjonijiet u tweġibiet fit-tul

5.1. L-iskarsezza tal-ilma u l-emerġenza klimatika huma tnejn mill-akbar sfidi li qed tiffaċċja s-sistema agroalimentari tal-UE llum. Biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi u tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-produzzjoni tal-ikel fl-Ewropa, huma meħtieġa soluzzjonijiet ċirkolari u soluzzjonijiet innovattivi oħra. Il-kunċett tal-Patt Blu ġie propost bħala qafas biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, li jibni fuq l-esperjenza u l-prinċipji tal-Patt Ekoloġiku tal-UE.

5.2. L-iżgurar ta' awtonomija strateġika miftuħa fis-settur agroalimentari fil-livell tal-UE għandu jkun oġettiv prijoritarju. Għalhekk jeħtieġ li ssir enfasi fuq iż-żamma tal-produzzjoni agrikola tal-UE, li jiġu żviluppati politiki li jippromovu t-tipi ta' għelejjet fejn ġew identifikati defiċits, u li tiġi bbilanċjata l-produzzjoni żejda.

5.3. Din il-garanzija tal-produzzjoni agrikola neċessarjament tinvolvi l-iżgurar tal-kwantità u l-kwalità tal-ilma, mingħajr ma jiġu abbandunati politiki li jippromovu t-tnaqqis tal-impronta tal-ilma. Il-politiki li jippromovu l-iffrankar tal-ilma fil-produzzjoni se jippermettu li jsiru disponibbli aktar riżorsi, mingħajr ma tiġi affettwata s-sostenibbiltà taċ-ċiklu idroloġiku.

5.4. It-tnaqqis tal-impronta fuq l-ilma tal-agrikoltura fl-UE jeħtieġ taħlita ta' teknoloġiji, prattiki tal-biedja sostenibbli, ġestjoni sostenibbli u effiċjenti tal-ilma, u politiki pubbliċi effettivi li jippromovu s-sostenibbiltà fis-settur agroalimentari.

5.5. F'dan il-kuntest, huwa meqjus neċessarju li jiġu promossi aktar politiki li jinċentivaw l-effiċjenza fl-irrigazzjoni u fl-użu tal-ilma b'mod ġenerali, kemm fl-isfera tal-PAK kif ukoll ffondi oħra tal-UE. Għandu jsir progress fl-implimentazzjoni ta' prattiki tal-biedja sostenibbli, fl-użu ta' teknoloġiji li jippermettu użu aktar effiċjenti tal-ilma, u fl-iżvilupp ta' għelejjet li huma aktar reżistenti għan-nixfa. Mingħajr ir-riżorsi baġitarji meħtieġa, mhux se jkun possibbli li jinbnew sistemi agroalimentari reżiljenti u sostenibbli fl-Ewropa.

<sup>(14)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-aċċess għall-ilma: nindirizzaw il-faqar tal-ilma u l-implikazzjoni tiegħu għall-politika soċjali" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ara l-paġna 60x ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali) u l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-ekonomija ta' 'Patt Blu tal-UE' — ħtiġijiet ta' investment relatat mal-ilma fl-UE" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ara l-paġna 50 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(15)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Industriji intensivi fl-użu tal-ilma u teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-ilma" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ara l-paġna 74 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali) u l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-ekonomija ta' 'Patt Blu tal-UE' — ħtiġijiet ta' investment relatat mal-ilma fl-UE" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ara l-paġna 50 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(16)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-kriżi tal-prezzijiet tal-ikel: ir-rwol tal-ispekulazzjoni u proposti konkreti għal azzjoni minħabba l-konsegwenzi tal-gwerra fl-Ukraina" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 100, 16.3.2023, p. 51).

5.6. Il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma fiż-żoni rurali, permezz tal-implimentazzjoni ta' miżuri bħar-restawr tal-artijiet mistagħdra, il-ħolqien ta' żoni ta' lqugħ u t-titjib tal-kwalità tal-ilma tax-xmajjar u l-lagi, tista' tgħin biex titnaqqas l-impronta tal-ilma tal-agrikoltura fl-UE. Dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu indirizzati fil-pjani ta' ġestjoni tal-baċin tax-xmara għad-diversi baċini tax-xmajjar, u l-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw il-konformità ma' dawn l-obbligi.

5.7. L-innovazzjoni u r-riċerka, iffokati fuq l-iżvilupp ta' teknoloġiji u prattiki tal-biedja li huma aktar effiċjenti u sostenibbli f'dak li għandu x'jaqsam mal-użu tal-ilma, għandhom jiġu bbaġitjati b'mod adegwat. Huwa importanti wkoll li jiġu żviluppati politiki u prattiki li jippromovu l-agrikoltura ta' preċiżjoni, il-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija u l-kapaċità tal-ħamrija li żżomm l-ilma, u l-adattament tal-għarfien ġenomiku tal-pjanti u ż-żrieragħ.

5.8. It-tnaqqis tal-ħela tal-ikel jista' jnaqqas l-ammont ta' ilma meħtieġ għall-produzzjoni tal-ikel. Dan jista' jinkiseb permezz ta' kampanji li jinkoraġġixxu l-edukazzjoni tal-konsumatur, ġestjoni mtejba tal-katina tal-provvista, u l-promozzjoni ta' teknoloġiji innovattivi għall-preservazzjoni tal-ikel.

5.9. L-Istati Membri jenħtieġ li jimplementaw politiki trasparenti tal-ipprezzar tal-ilma li jinċentivaw l-effiċjenza u l-iffrankar u jiżguraw li l-kategoriji kollha tal-utenti tal-ilma jikkontribwixxu b'mod adegwat għall-irkupru tal-kostijiet, f'konformità mal-prinċipji tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma.

5.10. Huwa mifhum li l-ipprezzar volumetrik fuq livell adegwat jista' jinċentiva bidla lejn prattiki u teknoloġiji tal-irrigazzjoni effiċjenti fl-użu tal-ilma jew għejejjel li jeħtieġu inqas ilma. Għalhekk, l-Istati Membri li għandhom iżommu l-prattika li jiffatturaw l-ilma għat-tisqija abbażi taż-żona msaqqija jenħtieġ li jabbandunawh gradwalment.

5.11. Il-Qorti tal-Awdituri tal-UE sabet li l-ispejjeż tas-servizzi tal-ilma fl-agrikoltura mhumiex irkuprati kompletament. Raġuni waħda għal dan hija li l-ispejjeż ambjentali u tar-riżorsi (għadhom) mhumiex riflessi fl-ipprezzar tal-ilma. Dan ifisser li hemm għadd kbir ta' eżenzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw il-prezzijiet tal-ilma tat-tisqija, li jagħmlu l-ilma għall-agrikoltura irħas milli għal użi oħra. Mingħajr ma neċessarjament ikollhom għalfejn jabbandunaw dan l-approċċ, huwa mifhum li dawn il-politiki ġenerali għandhom jiġu vvalutati mill-ġdid, billi l-eżenzjonijiet jiġu diretti mill-ġdid lejn inċentivi u premijiet għall-iffrankar tal-ilma.

5.12. Id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma għandha 23 sena u tfasslet f'kontest ekonomiku, soċjali u klimatologiku li kien differenti ħafna minn dak attwali. Għandha tiġi kkunsidrata kunsiderazzjoni mill-ġdid ta' xi wħud mill-kontenut tagħha, sabiex id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma tkun tista' ssir strument effettiv li jappoġġja s-sigurtà tal-ikel.

5.13. Meta jitqies li, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-Istati Membri huma liberi li jimplementaw u jinfurzaw l-obbligi li jfittxu awtorizzazzjoni għall-estrazzjoni tal-ilma skont kriterji individwali (fil-livell statali jew reġjonali), instab li din l-eteroġeneità twassal għal nuqqas ta' kontroll fuq l-aċċess għal ċerti korpi tal-ilma ta' taħt l-art. Għal din ir-raġuni, kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-Istati Membri għandhom jaqblu dwar kriterju aktar selettiv u japplikaw rekwiżiti regolatorji u ta' kundizzjonalità stretti kemm għall-astrazzjoni tal-ilma tal-wiċċ kif ukoll għall-ilma ta' taħt l-art.

5.14. Il-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' irrigazzjoni jeħtieġ li tissaħħaħ u titħeġġeġ, b'mod partikolari biex jitnaqqas it-telf minħabba tnixxijiet fin-networks u l-evaporazzjoni f'kanali miftuħa u fpixxini. Il-PAK u l-fondi l-oħra tal-UE għandhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' strutturi ġodda ta' irrigazzjoni, u jevitaw li jappoġġjaw sitwazzjonijiet li jmorru kontra l-oġettivi tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma.

5.15. F'konformità mal-punt 3.4, ir-Regolament dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma ġie adottat f'Mejju 2020<sup>(17)</sup>. Dan ir-Regolament il-ġdid dwar l-użu mill-ġdid tal-ilma mormi għat-tisqija agrikola jstabbilixxi rekwiżiti minimi għall-kwalità u l-monitoraġġ tal-ilma, il-ġestjoni tar-riskju u t-trasparenza, u se japplika mill-2023. Skont l-analiżi mwettqa, dan se jippermetti li aktar minn 50 % tal-volum totali ta' ilma teoretikament disponibbli għat-tisqija minn impjanti tat-trattament tal-ilma mormi fl-UE jerġa' jintuża, filwaqt li jiġu evitati aktar minn 5 % tal-astrazzjoni diretta mill-korpi tal-ilma u mill-ilma ta' taħt l-art. Dan se jirriżulta fi tnaqqis ġenerali tal-istress tal-ilma ta' aktar minn 5 %. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi mħeġġeġ il-finanzjament ta' tali faċilitajiet ta' użu mill-ġdid, kif ukoll miżuri ta' prekawzjoni biex jiġi evitat it-tniġġis tal-ħamrija u jiġi żgurat ilma sikur għall-agrikoltura.

(17) Ir-Regolament (UE) 2020/741 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma (ĠU L 177, 5.6.2020, p. 32).



5.16. Il-promozzjoni tal-agrikoltura urbana u periurbana tista' tnaqqas il-ħtieġa li l-ikel jiġi ttrasportat minn żoni rurali, li titnaqqas il-marka tal-karbonju (proċess ta' dekarbonizzazzjoni tal-agrikoltura) kif ukoll l-użu tal-ilma fl-agrikoltura. Barra minn hekk, is-sistemi ta' irrigazzjoni urbana jistgħu jieħdu vantaġġ mill-ilma tax-xita u l-ilma minn sistemi ta' riċiklaġġ tal-irrigazzjoni.

5.17. L-użu tal-enerġija rinnovabbli, bħall-enerġija solari u mir-riħ, jista' jipprovdi sors ta' enerġija sostenibbli għas-sistemi tal-użu mill-ġdid tal-ilma, sistemi ta' desalinizzazzjoni, u irrigazzjoni u taġmir agrikolu ieħor, u b'hekk titnaqqas il-marka tal-karbonju (proċess ta' dekarbonizzazzjoni tal-agrikoltura) u l-konsum tal-ilma.

5.18. Dawn is-soluzzjonijiet ċirkolari u oħrajn jistgħu jikkontribwixxu għal Patt Blu futur għall-UE, li jindirizzaw l-iskarsezza tal-ilma u l-emerġenza klimatika fis-sistema agroalimentari tal-UE. Huwa importanti li jkomplu jiġu esplorati teknoloġiji ġodda u prattiki innovattivi sabiex tittejjeb l-effiċjenza fl-użu tal-ilma u jiġu żgurati s-sostenibbiltà u r-reżiljenza fit-tul tal-produzzjoni tal-ikel fl-Ewropa.

5.19. Huwa meqjus essenzjali li tiġi żgurata l-infrastruttura li tippermetti l-ħżin, id-distribuzzjoni u l-purifikazzjoni tal-ilma, kif ukoll li jiġu evitati l-konsegwenzi ta' fenomeni estremi tat-temp. Il-mudell ta' ġestjoni għall-infrastruttura msemmija hawn fuq għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji tal-integrità u s-sostenibbiltà, u li tiġi żgurata l-vijabbiltà ambjentali taġħhom. Fid-dawl tad-diffikultajiet baġitarji possibbli tal-amministrazzjonijiet pubbliċi, jistgħu jiġu analizzati formuli finanzjarji u ta' kollaborazzjoni alternattivi.

5.20. Id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma tobbliga lill-Istati Membri jfasslu u jġeddu pjani ta' ġestjoni tal-baċin tax-xmara. Il-KESE jqis li l-implimentazzjoni, il-kamp ta' applikazzjoni u l-livell ta' konformità ma' dawn il-pjani ma kinux uniformi. Għalhekk, il-KESE jqis li l-Istati Membri għandhom iżidu l-pjani strateġiċi li għandhom l-għan li jggarantixxu s-sigurtà tal-ilma u qafas għall-agrikoltura li jista' jiżgura r-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel tal-UE. Il-pjani strateġiċi għandhom ikunu mogħnija b'riżorsi baġitarji Ewropej suffiċjenti, skont il-linji stabbiliti fil-punt 4.3. Għandhom jiġu stabbiliti wkoll skedi ta' żmien speċifiċi u għandhom jiġu stabbiliti objettivi u prijoritajiet b'konsens, f'konformità mal-kunsiderazzjonijiet u l-proposti stabbiliti f'din l-Opinjoni.

Brussell, it-13 ta' Lulju 2023.

Oliver RÖPKE  
Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Infrastrutturi u networks ta’ distribuzzjoni tal-ilma sostenibbli u reżiljenti”**

**(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)**

(2023/C 349/14)

Relatur: **Thomas KATTNIG**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	25.1.2023
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta’ Proċedura Opinjoni fuq inizzjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni
Adozzjoni fis-sezzjoni	26.6.2023
Adozzjoni fil-plenarja	13.7.2023
Sessjoni plenarja Nru	580
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	199/10/17

### 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE huwa konvint, li minħabba l-kriżi klimatika u l-iskarsezza tar-riżorsi tal-ilma li għib magħha, iridu jiġu implimentati l-miżuri kollha meħtieġa biex jitnaqqas it-telf tal-ilma, tiġi żgurata distribuzzjoni ġusta tar-riżorsi tal-ilma u tiġi ffaċilitata l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma. Il-provvista ta’ ilma tax-xorb nadif u affordabbli lill-membri tal-pubbliku trid dejjem tkun l-ewwel prijorità fil-kuntest tad-distribuzzjoni u tal-użu tal-ilma, speċjalment fil-każ ta’ skarsezza tal-ilma, u trid tieħu preċedenza fuq l-użu tal-ilma mill-industrija, it-turiżmu u l-agrikoltura. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri japplikaw approċċ ibbażat fuq id-drittijiet għall-politiki kollha dwar l-ilma u jindirizzaw in-nuqqas tal-ilma, u b’hekk jallinjaw ruħhom ukoll mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-KESE jipproponi li jiġi promoss approċċ komuni għall-fehim dwar il-faqar tal-ilma fil-livell tal-UE u li tiġi żviluppata definizzjoni komprensiva tal-faqar tal-ilma, fejn kull Stat Membru jkun jista’ jżviluppa d-definizzjoni kuntestwali tiegħu stess b’konformità mad-definizzjoni Ewropea.

1.2. Il-KESE jemmen li l-provvista tal-ilma hija ben pubbliku, peress li tiffoka fuq l-interessi ta’ servizzi tajbin, ta’ kwalità għolja u affordabbli. L-isfidi ppreżentati mill-kriżi klimatika, kif ukoll l-investimenti meħtieġa fl-infrastrutturi tal-ilma, jinvolvu spejjeż sinifikanti. Il-KESE jinnota li hemm differenza bejn il-ġestjoni pubblika u privata tal-ilma u fiż-żewġ tipi hemm eżempji tajbin u ħżiena. Il-ġestjoni privata, minħabba l-enfasi tagħha fuq il-profitt, tista’ ssibha diffiċli tissodisfa r-rekwiżit fundamentali tal-universalità tas-servizz, jiġifieri li taqdi 100 % tal-popolazzjoni. Il-KESE jemmen li, minkejja l-limiti finanzjarji stretti u l-limiti burokratiċi, il-ġestjoni pubblika tal-ilma tinsab f’pożizzjoni aħjar biex tiggarantixxi aċċess universali għas-sistemi tal-ilma u tad-drenaġġ bi prezz affordabbli u bi standards ta’ kwalità adegwati, tiggarantixxi r-restawr u l-protezzjoni tal-ekosistemi, u sabiex jiġu żgurati l-investimenti meħtieġa fl-infrastruttura. Il-KESE jirrakkomanda għal darb’oħra <sup>(1)</sup> li tiġi introdotta r-“regola tad-deheb” għall-investimenti fl-infrastruttura pubblika, sabiex jiġu ssalvagwardjati l-produttività u l-bażi soċjali u ekoloġika għall-benesseri tal-ġenerazzjonijiet futuri.

<sup>(1)</sup> Ara, pereżempju, l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Il-Pjan REPowerEU” [COM(2022) 230 final] u “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-Kapitolu tar-REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060, ir-Regolament (UE) 2021/2115, id-Direttiva 2003/87/KE u d-Deċiżjoni (UE) 231– 2015/1814” [COM(2022) 231 final – 2022/0164(COD)] (ĠU C 486, 21.12.2022, p. 185), l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-investiment pubbliku fl-infrastruttura tal-enerġija bħala parti mis-soluzzjoni għal kwistjonijiet klimatiċi” (opinjoni fuq inizzjattiva proprja) (ĠU C 486, 21.12.2022, p. 67) u l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Viżjoni strateġika dwar it-tranżizzjoni tal-enerġija li tippermetti l-awtonomija strateġika tal-UE” (opinjoni fuq inizzjattiva proprja) (ĠU C 75, 28.2.2023, p. 102), eċċ.

1.3. L-ilma huwa essenzjali għall-ħajja, huwa ben komuni u dritt tal-bniedem, kif rikonoxxut mill-ewwel Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej ta' suċċess "Right2Water" li wasslet għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb li ġiet adottata mill-UE fl-2020, inkluż artikolu speċifiku dwar l-aċċess għall-ilma. F'dan il-kuntest, il-KESE jirrakkomanda li l-UE tadotta u ssaħħa l-oqfsa regolatorji dwar il-ftehimiet ta' konċessjoni tal-ilma, biex tiggarantixxi l-aċċess għas-sistemi tal-ilma u tad-drenaġġ bi prezz affordabbli u bi standards ta' kwalità adegwati, tiggarantixxi r-restawr u l-protezzjoni tal-ekosistemi, u sabiex jiġu żgurati l-investimenti meħtieġa fl-infrastruttura. L-eżenzjonijiet għall-ilma u l-ilma mormi stabbiliti fid-Direttiva 2014/23/UE<sup>(?)</sup>, mogħtija bħala riżultat tas-suċċess tal-IĊE dwar "Right2Water", għandhom jinżammu fil-futur. Il-KESE jopponi wkoll kwalunkwe obbligu ta' liberalizzazzjoni fis-settur tal-ilma u tal-ilma mormi, speċjalment fil-kuntest tal-kriżi klimatika.

1.4. Fost distribuzzjoni li qed tmur għall-aġġar tar-riżorsi tal-ilma, il-KESE jirrimarka li l-ekonomija, b'mod partikolari l-agrikoltura u l-industrija li jużaw ħafna ilma, għandhom jiġu organizzati b'mod li jnaqqsu l-konsum tal-ilma tagħhom u jtejbu l-użu mill-ġdid tiegħu. Dan se jirrikjedi wkoll rekwiżiti u rakkomandazzjonijiet nazzjonali u tal-UE sabiex il-konsum tal-ilma jiġi rregolat aħjar u jkun jista' jingħata appoġġ finanzjarju aktar effettiv għall-infrastruttura tal-ilma. Il-KESE jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jibdeu jagħtu prijorità lill-kwistjoni tal-ilma u jiżviluppaw "Patt Blu" tal-UE.

1.5. Il-KESE huwa impenjat li jsahha il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas", waqt li jindirizza s-sustanza niġġiesa fis-sors minflok ineħħihom mill-ilma mormi bl-użu ta' soluzzjonijiet "fil-punt tar-rimi". L-iskariku ta' sustanzi niġġiesa fil-korpi tal-ilma u fl-ilma ta' taħt l-art irid jitnaqqas b'mod permanenti biex jiġi żgurat li l-provvista tal-ilma tax-xorb kif ukoll ir-rimi tal-ilma mormi u s-servizzi ta' purifikazzjoni jibqgħu affordabbli. It-titjib immirat tat-trattament tal-ilma mormi fil-waqt li jintrabat mill-qrib ma' skema bbażata fuq ir-responsabbiltà tal-produttur, kif ġie propost mill-Kummissjoni fid-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi, huwa pass importanti u huwa appoġġjat mill-KESE, għalkemm huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produttori jkunu kkontrollati pubblikament u li l-investimenti kollha fl-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi jsiru b'mod indipendenti u mhux influwenzati mill-organizzazzjonijiet tal-produttori.

1.6. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-isfidi ewlenin li jiffaċċjaw il-muniċipalitajiet fir-rigward tal-iżvilupp u taż-żamma tal-korpi tal-ilma. Sabiex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet, il-kooperazzjoni bejn il-muniċipalitajiet għandha tiġi żviluppata aktar u ffaċilitata b'mod sostanzjali. Għalhekk, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex twessa' l-ispazju legali għall-immanuvrar, speċjalment fir-rigward tal-liġi dwar l-akkwist pubbliku.

1.7. L-investiment fil-ġestjoni tal-ilma u tal-ilma mormi meħtieġ biex tinholq "tranżizzjoni blu" sostenibbli, kompetittiva u ġusta jrid ikun immirat lejn l-iżgurar ta' proporzjonijiet kostijiet-benefiċċji ambjentali u ekonomiċi ottimali, b'enfasi partikolari fuq gruppi vulnerabbli fil-popolazzjoni. Ir-riċerka u l-innovazzjoni kif ukoll il-kampanji ta' informazzjoni għall-industrija, għall-agrikoltura u għall-unitajiet domestiċi huma essenzjali wkoll sabiex jiġu promossi l-ekonomiji u l-imġiba għall-iffrankar tal-ilma.

1.8. Il-KESE jenfasizza t-telf tal-bijodiversità b'konsegwenza tal-kriżi klimatika, li qed ikompli jiġi aggravat minn miżuri bħar-riċirkolazzjoni tal-ilma sħun wisq fix-xmajjar. Dawn il-fallimenti jridu jitqiesu fit-tfassil futur tal-infrastruttura tal-ilma tagħna sabiex jiġi żgurat li dawn il-kwistjonijiet jiġu indirizzati kemm jista' jkun, minflok ma jkomplu jiġu ffaċilitati. Fl-istess ħin, jeħtieġ li jittieħdu miżuri komprensivi biex jintlaħaq l-għan ta' 1,5 °C sal-2050.

1.9. Il-KESE jipproponi li l-Kummissjoni Ewropea tniedi proċess ta' konsultazzjoni pubblika madwar l-Ewropa kollha, li, billi jivvaluta l-ħtiġijiet Ewropej tal-ilma, se jservi bħala l-pedament għall-interventi futuri tal-"Patt Blu tal-UE".

(?) Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).

## 2. Sfond

2.1. L-ilma huwa assi vitali u huwa essenzjali għan-nies, għan-natura u għall-funzjonament tal-ekonomija u tas-soċjetà. Il-biċċa l-kbira tal-proporzjon tal-ilma jintuża fl-agrikoltura (70 %), segwit mill-industrija (22 %) u mill-unitajiet domestiċi (8 %). Fl-istess ħin, in-nefqa annwali medja fuq l-ilma u s-sanità madwar l-UE tammonta għal EUR 100 biljun. Din mistennija tiżdied għal madwar EUR 250 biljun sabiex ikun hemm konformità mar-regoli tal-UE dwar it-trattament tal-ilma mormi u l-provvista tal-ilma tax-xorb<sup>(3)</sup>.

2.2. Sabiex ikun hemm biżżejjed ilma fil-futur, se jkun meħtieġ li tittejjeb l-infrastruttura tal-ilma u tiżdied il-kapaċità tal-ħżin. Dan jirrikjedi firxa wiesgħa ta' miżuri, li jvarjaw mill-ġbir tal-ilma tax-xita fiċ-ċisterni u l-kostruzzjoni ta' ġibjuni u pajpijiet ċirkolari magħluqa biex jitnaqqas l-issiġillar tal-ħamrija sabiex tiżdied il-kapaċità tal-ħżin tal-ħamrija. F'każ ta' għargħar ta' tipi differenti ta' flussi tal-ilma, jeħtieġ li l-ilma żejjed jiġi dirett u maħżun f'ġibjuni kkontrollati. Il-kapaċità mewwieta għandha tiġi pprovduta b'mod intermittenti tul il-flussi tal-ilma biex l-ilma żejjed ikun jista' jiskula maż-żmien u biex jittaffew il-livelli massimi żejda tal-ilma. It-tnejn għal tali sitwazzjonijiet jeħtieġ li ssir minn qabel permezz ta' investimenti infrastrutturali.

2.3. L-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti rrikonoxxiet b'mod espliċitu d-dritt tal-bniedem għall-ilma u għas-sanità bħala dritt separat fl-2010<sup>(4)</sup>. L-ewwel passi lejn it-traspożizzjoni ta' dan id-dritt, stabbilit fid-Direttiva (UE) 2020/2184<sup>(5)</sup> u bħala proposta tal-Kummissjoni fil-kuntest tar-riformulazzjoni tad-Direttiva 91/271/KEE<sup>(6)</sup>, huma meħtieġa b'mod urġenti. L-Istati Membri b'hekk jimpenjaw ruħhom li jtejjbu l-aċċess għal ilma tax-xorb nadif u affordabbli u għas-servizzi tas-sanità għal kulħadd fl-UE sal-2030. Skont id-data tal-Kummissjoni<sup>(7)</sup>, madwar 10 miljun persuna fl-UE bħalissa ma għandhomx aċċess għall-faċilitajiet sanitarji. Jeħtieġ li l-Istati Membri jieħdu kont biżżejjed ta' dan fil-proċess ta' implimentazzjoni. L-inizjattiva tal-Patt Blu għandha l-għan li tapprofondixxi aktar dawn l-isforzi.

2.4. Il-kriżi klimatika diġà qed ikollha impatt konsiderevoli fuq il-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma globali. Wieħed mill-effetti huwa ż-żieda fil-livelli tal-baħar, li qed iżid id-dħul tal-ilma fiż-żoni kostali. Fl-istess ħin, dan iwassal għal tnaqqis fil-livelli tax-xmajjar u tal-ilma ta' taħt l-art f'ħafna reġjuni. Dan qed jaggrava l-iskarsezza tal-ikel, peress li ma hemm l-ebda alternattiva ħlief li jintuża l-ilma ħelu meta tiġi kkultivata firxa ta' prodotti tal-ikel<sup>(8)</sup>.

2.5. Il-kriżi klimatika qed tnaqqas ir-riżorsi tal-ilma eżistenti u qed twassal għal nixfa, evaporazzjoni<sup>(9)</sup>, tisħin tal-oċeani u l-qerda tal-habitats, li jaffettwaw l-ekosistema kollha.

2.6. Il-provvista tal-ilma hija vitali għaċ-ċittadini u hija parti mill-infrastruttura kritika tagħna. Sabiex l-ilma tax-xorb jiġi trasportat liċ-ċittadini, normalment hija meħtieġa l-enerġija biex jitħaddmu l-pompi tal-ilma. Il-fornituri tal-ilma tax-xorb diġà qed jużaw sistemi li m'għadhomx rilevanti u ċ-ċikli tal-enerġija tagħhom stess sabiex ikomplu jipprovdu lin-nies bl-ilma tax-xorb f'każ ta' qtugħ tal-provvista.

2.7. F'dawn l-aħħar snin, ħafna pajjiżi tal-UE għaddew minn proċess ta' municipalizzazzjoni mill-ġdid fis-servizzi tal-ilma u tal-ilma mormi. B'mod partikolari, esperjenzi negattivi fil-privatizzazzjoni tas-servizzi wasslu biex il-bliet u l-muniċipalitajiet jerġgħu jgħibu lura s-servizzi pubbliċi fis-sjieda pubblika. L-effetti sekondarji li deheru spiss inkludew

<sup>(3)</sup> [https://www.aquapublica.eu/sites/default/files/article/file/20230310\\_Joint%20statement\\_EPR%20scheme.pdf](https://www.aquapublica.eu/sites/default/files/article/file/20230310_Joint%20statement_EPR%20scheme.pdf)

<sup>(4)</sup> <https://www.un.org/Depts/german/gv-64/band3/ar64292.pdf>

<sup>(5)</sup> Id-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 435, 23.12.2020, p. 1).

<sup>(6)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40).

<sup>(7)</sup> [https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/qanda\\_22\\_6281](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/qanda_22_6281)

<sup>(8)</sup> <https://wires.onlinelibrary.wiley.com/doi/epdf/10.1002/wat2.1633>

<sup>(9)</sup> Europe's next crisis: Water – POLITICO (Il-kriżi li jmiss tal-Ewropa: l-ilma – POLITICO (mhux disponibbli bil-Malti).

investiment aktar baxx fl-infrastruttura, kundizzjonijiet tax-xogħol ifqar, spejjeż ogħla għall-konsumaturi, u telf ta' kontroll u għarfien Prattiku<sup>(10)</sup>. Bis-saħħa tal-municipalizzazzjoni mill-ġdid, il-bliet u l-muniċipalitajiet jistgħu jerġgħu jiksbu l-kompetenza biex jieħdu azzjoni politika kif ukoll il-kontroll demokratiku u l-influenza fuq il-provvista tal-ilma<sup>(11)</sup>.

2.8. L-ilma huwa kwistjoni politika u soċjali ħafna li teħtieġ approċċ fit-tul li huwa inkompatibbli maċ-ċikli elettorali u jitolb sforz kbir minn dawk li jieħdu d-deċizzjonijiet pubbliċi f'termini ta' investiment u spejjeż operattivi u ta' manutenzjoni. Sabiex iċ-ċittadini jeżerċitaw bis-sħiħ il-kontroll demokratiku, jeħtieġ li jiġi żgurati li jkun jafu ċ-ċiklu tal-ilma u l-prezz tiegħu.

### 3. Kummenti ġenerali

#### *Id-dimensjoni soċjetali tal-ilma*

3.1. L-ilma huwa riżorsa vitali iżda dejjem aktar skarsa minħabba l-effetti tal-kriżi klimatika. Għalhekk, il-KESE jappella għal Patt Blu tal-UE biex titqajjem kuxjenza dwar din ir-riżorsa vitali. Il-KESE jirrakkomanda l-immappjar tas-sitwazzjoni attwali tal-infrastruttura tal-ilma u d-disponibbiltà tal-ilma f'kull Stat Membru sabiex tinkiseb informazzjoni aġġornata dwar l-istat tal-infrastruttura tal-ilma eżistenti u jiġu identifikati ħtiġijiet urġenti tal-investiment.

3.2. Il-KESE jisħaq li l-ilma mhuwiex komodità bħal kwalunkwe prodott ieħor iżda, pjuttost, wirt li għandu jiġi protett u difiż<sup>(12)</sup>. Il-KESE jemmen li l-aċċess universali għall-ilma tax-xorb u s-sanità ta' kwalità għolja bi prezzijiet affordabbli għall-popolazzjoni għandhom jiġu ttrattati bħala ben pubbliku u mhux biss bħala komodità, b'rispett sħiħ tal-Artikolu 14 tat-TFUE u l-Protokoll 26 anness mat-TUE u t-TFUE. F'dan il-kuntest, il-KESE jirrakkomanda li l-UE tadotta u ssaħħaħ l-oqfsa regolatorji dwar il-ftehimiet ta' konċessjoni tal-ilma, biex tiggarantixxi aċċess universali għas-sistemi tal-ilma u tad-drenaġġ bi prezz affordabbli u bi standards ta' kwalità adegwati, tiggarantixxi r-restawr u l-protezzjoni tal-ekosistemi, u sabiex jiġu żgurati l-investimenti meħtieġa fl-infrastruttura. L-eżenzjonijiet għall-ilma u l-ilma mormi stabbiliti fid-Direttiva 2014/23/UE dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni, mogħtija bħala riżultat tas-suċċess tal-IĊE dwar "Right2Water"<sup>(13)</sup>, iridu jinżammu fil-futur, b'rispett sħiħ tal-Artikolu 14 tat-TFUE u l-Protokoll 26 anness mat-TUE u t-TFUE. Fid-dawl tal-kriżi klimatika, il-KESE jopponi b'mod partikolari kwalunkwe obbligu ta' liberalizzazzjoni fis-setturi sensitivi tal-ilma u tal-ilma mormi, u minflok jappella li jissaħħu s-servizzi pubbliċi ta' interess ġenerali fis-settur tal-ilma u lil hinn minnu.

3.3. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri japplikaw approċċ ibbażat fuq id-drittijiet għall-politiki kollha dwar l-ilma u jindirizzaw in-nuqqas tal-ilma, u b'hekk jallinjaw ruħhom ukoll mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-KESE jipproponi li jiġi promoss approċċ komuni għall-fehim dwar il-faqar tal-ilma fil-livell tal-UE u li tiġi żviluppata definizzjoni komprensiva tal-faqar tal-ilma, fejn kull Stat Membru jkun jista' jżviluppa d-definizzjoni kumentwali tiegħu stess b'konformità mad-definizzjoni Ewropea. Il-fondi pubbliċi għandhom ikunu disponibbli għall-iżvilupp tal-infrastruttura biex jindirizzaw b'mod partikolari s-sidien ta' proprjetà b'nuqqas ta' riżorsi u ż-żoni urbani u rurali soċjalment żvantaġġati li jeħtieġu rinnovazzjoni tal-infrastruttura.

3.4. Il-KESE jenfasizza li t-"tranżizzjoni ġusta" mhijiex biss kwistjoni ta' finanzjament; din tinkludi wkoll l-għan li jinħoloq xogħol deċenti, impjiegi ta' kwalità u sigurtà soċjali, kif ukoll li tinżamm il-kompetittività tan-negozji Ewropej, u tirrikjedi azzjoni speċifika fil-livelli kollha, b'mod partikolari dak reġjonali.

3.5. Aktar u aktar reġjuni tal-UE qed jiffaċċjaw nuqqas ta' ilma<sup>(14)</sup>. Dan jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żviluppata infrastruttura tal-ilma reżiljenti, b'mod partikolari dik tal-kapaċità tal-ħżin. F'każ ta' nuqqas possibbli ta' ilma, il-provvista tal-ilma għall-bnedmin u l-ħtiġijiet bażiċi umani tagħhom iridu jiġu żgurati u jingħataw prijorità fuq l-użu tal-ilma għall-industrija,

<sup>(10)</sup> Getzner, Köhler, Krisch, Plank (2018) – Rapport finali (verżjoni twila): Vergleich europäischer Systeme der Wasserversorgung und Abwasserentsorgung [Tqabbil tas-sistemi Ewropej tal-provvista tal-ilma u tas-sanità]. F'Informationen zur Umweltpolitik, 197. <https://emedien.arbeiterkammer.at/viewer/ppnresolver?id=AC15177626>

<sup>(11)</sup> <https://www.epsu.org/search?f%5B0%5D=policies%3A56>

<sup>(12)</sup> Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1), premessa 1.

<sup>(13)</sup> <https://right2water.eu/>

<sup>(14)</sup> <https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC133025>



għat-turiżmu u għall-agrikoltura. Hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jggarantixxu dan. Dan huwa meħtieġ biex jiġu evitati kunflitti dwar l-ilma, li diġà naraw f'żoni oħra tad-dinja. Minn hawn tinbet l-urġenza tal-Patt Blu tal-UE, anke sabiex tingħata aktar attenzjoni lid-disponibbiltà u d-distribuzzjoni tal-ilma fil-futur, kif ukoll biex jissaħħu r-riċerka u l-innovazzjoni.

#### *Il-kwalità u l-purifikazzjoni tal-ilma*

3.6. Il-KESE jappella għal implimentazzjoni aħjar tal-prinċipji ta' prekawzjoni u ta' "min iniġġes iħallas" sabiex tittejjeb il-kwalità tal-ilma u l-ispejjeż jiġu mgħoddija lil min iniġġes aktar milli lill-konsumaturi. L-ilma ta' taħt l-art għandu jkun tal-istess kwalità tal-ilma tax-xorb biex tiġi evitata l-ħtieġa ta' trattament tal-ilma tax-xorb li jiswa ħafna flus u li juża ħafna enerġija.

3.7. B'mod partikolari, l-inputs mill-agrikoltura, mis-settur tal-ikel u mill-industrija jikkontribwixxu għat-tixrid tat-tniġġis min-nitrati u mill-pestiċidi, bir-riżultat li l-ilma ta' taħt l-art spiss jonqos milli jikseb status kimiku tajjeb. Il-leġiżlazzjoni fl-oqsma tal-agrikoltura (eż. il-PAK), l-industrija u l-kimika (eż. ir-Regolament dwar il-Pestiċidi) trid għalhekk tiffassal b'tali mod li l-ekosistemi tal-ilma ma jiġux affettwati b'mod negattiv.

#### *L-użu tal-ilma u l-iskart*

3.8. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-isfidi ewlenin li jiffaċċjaw il-muniċipalitajiet fir-rigward tal-iżvilupp u ż-żamma tal-korpi tal-ilma. Sabiex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet, il-kooperazzjoni bejn il-muniċipalitajiet għandha tiġi żviluppata aktar u ffaċilitata b'mod sostanzjali biex tittejjeb il-prestazzjoni tal-provvista tal-ilma u s-servizzi ta' rimi u trattament tal-ilma mormi u l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-korpi tal-ilma u biex tiġi żgurata l-vijabbiltà fit-tul ta' dawn is-servizzi ta' interess ġenerali fiż-żoni rurali. Għalhekk, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi spazju legali akbar għall-immanuvrar, b'mod partikolari fir-rigward tal-liġi dwar l-akkwist pubbliku.

3.9. Il-Kummissjoni tistma l-ispiża totali tar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi għal aktar minn EUR 3,8 biljuni fis-sena. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-ispejjeż ikollhom jitħallsu mill-unitajiet domestiċi<sup>(15)</sup>, u dan ikompli jżid l-ispiża tas-sanità, li min-naħa tagħha tkun partikolarment severa fuq l-aktar gruppi finanzjarjament vulnerabbli fis-soċjetà. Għalhekk, il-KESE jappella li l-ispejjeż u l-benefiċċji li jirriżultaw jiġu kondiviżi b'tali mod li ma jpoġġux piż sproporzjonat fuq l-unitajiet domestiċi.

3.10. Il-KESE jemmen li t-telf tal-ilma minħabba tnixxijiet min-networks, li f'xi pajjiżi tal-UE jammontaw għal aktar minn 20 %<sup>(16)</sup>, kif ukoll l-ħela tal-ilma fl-agrikoltura, fl-industrija, fil-kostruzzjoni u fit-turiżmu, jeħtieġ li jitnaqqsu b'mod sinifikanti. Dawn is-setturi jistgħu jikkontribwixxu għas-soluzzjoni billi jżidu r-riċerka u l-innovazzjoni relatati ma' prattiki effiċjenti fl-użu tal-ilma u billi jimplementaw aħjar l-għarfien eżistenti (eż. bl-użu ta' tisqija bil-qatra, il-kultivazzjoni ta' għelejjel li ma jeħtiġux ħafna ilma għat-tisqija, it-tiħiħ tal-ekonomija ċirkolari, l-adattament tal-produzzjoni tal-ikel għall-kundizzjonijiet lokali, eċċ.).

3.11. Iċ-ċittadini infurmati jużaw l-ilma mingħajr ħela fi djarhom. Għalhekk, il-KESE jilqa' r-rekwiżiti estenzi għall-fornituri tal-ilma tax-xorb u l-operaturi tal-ilma mormi biex jipprovdu lill-unitajiet domestiċi informazzjoni skont il-leġiżlazzjoni tal-UE.

#### *Passaġġi fuq l-ilma*

3.12. Il-kriżi klimatika qed ikollha impatt sinifikanti fuq ir-rotot tat-trasport fuq l-ilma madwar id-dinja. B'mod partikolari, il-livelli baxxi tal-ilma fix-xmajjar, il-bidliet fix-xejriet tax-xita, iż-żieda fl-avvenimenti estremi tat-temp u ż-żieda fil-livelli tal-baħar qed ikollhom impatt fuq it-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri.

3.13. Il-fond fil-kanal navigabbli qed jonqos u l-infrastruttura tal-portijiet u tal-magħlaq jeħtieġ li tiġi adattata għaċ-ċirkostanzi l-ġodda. Dan ifisser spejjeż ogħla u ħinijiet ta' stennija itwal għall-vapuri, li jnaqqsu r-ritmu tat-trasport tal-merkanzija.

<sup>(15)</sup> Distribuzzjoni skont il-valutazzjoni tal-impatt: 51 % l-unitajiet domestiċi, 22 % in-nefqa pubblika u 27 % l-industrija.

<sup>(16)</sup> <https://emedien.arbeiterkammer.at/viewer/ppnresolver?id=AC15249737>

3.14. Jeħtieġ li jittieħdu miżuri biex l-infrastruttura tal-portijiet u tal-magħlaq tiġi adattata u biex jitjieb l-ippjanar tal-kanali u tar-rotot tat-tbaħħir sabiex it-trasport fuq l-ilma jkun jista' jseħħ b'mod sikur u effiċjenti fil-futur.

3.15. Il-KESE jqis li l-iżvilupp u l-interkonnnessjoni aħjar tal-passaġġi fuq l-ilma fl-UE huma kruċjali. Kif imsemmi fl-Opinjoni TEN/764 <sup>(17)</sup>, l-intermodalità għandha titqies ukoll f'dan ir-rigward.

#### Enerġija

3.16. Is-sitwazzjoni fis-swieq tal-enerġija f'Awwissu 2022 uriet li, minħabba l-kriżi klimatika, ma hemm l-ebda sors ta' enerġija affidabbli 100 %. Pereżempju, nistgħu nosservaw l-impatt tan-nixfa fuq il-produzzjoni tal-enerġija idroelettrika u l-enerġija nukleari.

3.17. Il-KESE jilqa' l-isforzi biex tintuża l-enerġija idroelettrika biex tiġi ġġenerata u tinħażen l-enerġija rinnovabbli, iżda jinnota li n-nuqqas ta' ilma li jirriżulta mill-kriżi klimatika se jaffettwa b'mod negattiv il-produzzjoni u l-ħżin tal-elettriku fit-tul. Dan inaqqas il-produzzjoni, li tista' wkoll tagħmel ħsara lill-grilja elettrika. L-espansjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli għandha tkompli tiġi promossa malajr, speċjalment fis-setturi solari u tar-riħ, biex tikkumpensa għal nuqqasijiet potenzjali minn impjanti idroelettriċi.

3.18. Il-KESE jinnota li l-elettrifikazzjoni tat-trasport tista' żżid ukoll l-użu tal-ilma, peress li l-elettroliti użati fil-produzzjoni tal-batteriji jirrikjedu ammont sinifikanti ta' ilma. Għalhekk, il-lokalizzazzjoni tal-fabbriki tal-batteriji teħtieġ ippjanar bir-reqqa.

3.19. Il-KESE jinnota li s-sorsi tal-enerġija rinnovabbli ġeneralment jeħtieġu inqas ilma mill-estrazzjoni u l-ipproċessar tal-fjuwils fossili tradizzjonali, madankollu, il-bijokarburanti, li huma sors ta' enerġija rinnovabbli, jinvolvu konsum sinifikanti tal-ilma. L-irrigazzjoni u l-ipproċessar tal-għeġjel imkabbra għall-produzzjoni tal-bijokarburanti jeħtieġu ammont kbir ta' ilma, li jrid jiġi pprovdut bl-għajnuma tal-infrastruttura tal-ilma u n-networks tad-distribuzzjoni.

3.20. Il-KESE jirrimarka li l-ġenerazzjoni tal-enerġija nukleari teħtieġ kwantitajiet kbar ta' ilma għal skopijiet ta' tkessiħ. Il-kriżi klimatika qed iżżid it-temperaturi u fl-istess ħin qed tnaqqas il-livell tax-xmajjar. Hekk kif it-temperaturi jogħlew, l-impjanti tal-enerġija nukleari jkollhom inaqqas il-produzzjoni tagħhom minħabba l-iskarsezza tal-ilma. Barra minn hekk, l-iskariku ta' ilma tat-tberrid li jkun sħun wisq iżid il-kontenut tal-ossiġenu tax-xmajjar, li għandu impatt negattiv fuq l-ekoloġija tal-ilma u l-bijodiversità <sup>(18)</sup>.

#### 4. Kummenti speċifiċi

4.1. Il-KESE jikkritika n-nuqqas ta' konsistenza bejn il-politika tal-UE dwar l-ilma u politiki oħra tal-UE, u jistieden lill-Kummissjoni tagħmel titjib sabiex jiġu evitati politiki u objettivi konfliġġenti.

4.2. Il-KESE jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni fir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb biex jitnaqqas kemm jista' jkun it-telf tal-ilma mill-pajpijiet tal-ilma <sup>(19)</sup>. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa urġenti ta' miżuri rapidi u investiment pubbliku u privat fl-infrastrutturi tal-ilma biex jiġi evitat it-telf tal-ilma u biex jiġu żgurati r-reżiljenza u s-sostenibbiltà fit-tul tal-infrastruttura ewlenija tal-ilma. Meta jkun hemm tnixxijiet ta' ilma, dawn għandhom jiġu ttrattati bħala emerġenza. Għal każijiet bħal dawn, il-persunal espert u t-tagħmir huma kruċjali biex iwaqqfu t-tnixxijiet fil-pront.

4.3. Ir-regoli baġitarji stretti kemm-il darba wrew li huma l-akbar ostaklu għas-settur pubbliku fil-qasam tal-finanzjament tal-proġetti infrastrutturali. L-għan għalhekk irid ikun li l-proġetti relatati mal-Patt Ekoloġiku tal-UE, l-indipendenza enerġetika u s-settur diġitali jiġu eżentati mir-regoli kollha li jimpedixxu tali investiment pubbliku. F'konformità ma' Opinjonijiet preċedenti <sup>(20)</sup>, il-KESE għalhekk jirrakkomanda l-applikazzjoni tar-"regola tad-deheb" għall-investiment pubbliku.

<sup>(17)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp ta' network tat-trasport trans-Ewropew li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1153 u r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013" (COM(2022) 384 final/2 — 2021/0420 (COD)) (ĠU C 75, 28.02.2023, p. 190).

<sup>(18)</sup> <https://www.dw.com/de/wie-k%C3%BChlen-hei%C3%9Fe-l%C3%A4nder-ihre-kernkraftwerke/a-49758541>

<sup>(19)</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:32020L2184>

<sup>(20)</sup> Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1.

4.4. Il-KESE jappoġġja r-reviżjoni proposta tad-Direttiva 2006/118/KE <sup>(21)</sup> u tad-Direttiva 2008/105/KE <sup>(22)</sup> u l-introduzzjoni ta' valuri ta' limitu għall-komposti perfluworurati u l-mikroplastiċi. Rapport speċjali mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri jenfasizza l-applikazzjoni inkonsistenti tal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" fis-settur tal-ilma, minkejja l-ispejjeż operattivi u ta' investment sinifikanti <sup>(23)</sup>.

4.5. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni li, sabiex jinżammu u jiġu żviluppati infrastrutturi u networks ta' distribuzzjoni tal-ilma sostenibbli u reżiljenti, hemm bżonn ta' ħaddiema tas-sengħa u, fuq kollox, ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati, kif ukoll ġestjoni adatta tal-għarfien, jiġifieri attivitajiet strateġiċi u operattivi li jottimizzaw l-użu tal-għarfien. Il-KESE jappella li jiġu stabbiliti l-istrutturi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol meħtieġa biex jiġu evitati r-restrizzjonijiet f'dan il-qasam u jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed persunal speċjalizzat disponibbli biex jimplimenta l-miżuri meħtieġa.

4.6. Il-KESE jinnota li l-proċess kontinwu tad-diġitalizzazzjoni fis-settur tal-ilma qed iżid ukoll ir-riskji fl-oqsma tas-sigurtà tad-data u l-protezzjoni tad-data. Huwa importanti li jiġi żgurat li d-data miġbura tiġi ttrattata f'konformità mar-regoli l-aktar stretti possibbli dwar il-protezzjoni tad-data. Fl-istess ħin, iċ-ċibersigurtà jrid ikollha wkoll rwol ewlieni fl-infrastrutturi tal-ilma u fin-networks tad-distribuzzjoni, minħabba t-theddid dejjem akbar li joħolqu l-attakki ċibernetiċi fuq l-infrastruttura kritika.

4.7. Ftit li xejn hemm integrazzjoni ta' kumpaniji involuti fil-produzzjoni u fid-distribuzzjoni tal-ilma tax-xorb kif ukoll fil-ġestjoni tal-ilma mormi u fil-purifikazzjoni tal-ilma f'ħafna Stati Membri. Il-KESE jemmen li jekk id-direzzjoni u l-ġestjoni jitqiegħdu f'idejn organizzazzjoni pubblika waħda, dan għandu jgħin biex jiġu ffrankati l-ispejjeż u tizzied l-effiċjenza.

Brussell, it-13 ta' Lulju 2023.

Oliver RÖPKE  
Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

<sup>(21)</sup> Id-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni ta' l-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġiż u d-deterjorament (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19).

<sup>(22)</sup> Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 16 ta' Diċembru 2008 dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84).

<sup>(23)</sup> [https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR21\\_12/SR\\_polluter\\_pays\\_principle\\_MT.pdf](https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR21_12/SR_polluter_pays_principle_MT.pdf)

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Ir-reklamar permezz ta’ influwenzaturi u l-impatt tiegħu fuq il-konsumaturi”**

**(opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Spanjola)**

(2023/C 349/15)

Relatur: **Bernardo HERNÁNDEZ BATALER**

Korelatur: **Stefano PALMIERI**

Konsultazzjoni	Il-Presidenza Spanjola tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 07/02/2023
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Finanzjament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adozzjoni fis-sezzjoni	29.6.2023
Adozzjoni fil-plenarja	13.7.2023
Sessjoni plenarja Nru	580
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	179/0/3

### 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Wieħed mill-aktar fenomeni karatteristiċi tat-trasformazzjoni esperjenzata fis-settur awdjoviżiv u tal-komunikazzjoni elettronika huwa s-suċċess kbir miksub mill-hekk imsejħa “influwenzaturi”, li huma tip ta’ utenti li jiġġeneraw kontenut online, ixeridu l-messaġġi tagħhom b’mod sistematiku u f’formati differenti (filmati, kummenti, ritratti) u jiksbru relevanza sinifikanti fost l-udjenza fil-mira li lejha huma indirizzati.

1.2. Għalkemm fil-livell Ewropew ma hemm l-ebda regolamentazzjoni speċifika għall-attività tal-ħallieqa ta’ kontenut/l-influwenzaturi, il-leġiżlazzjoni eżistenti tipprovdi livell adegwat ta’ protezzjoni għall-attività doppja li l-ħallieqa ta’ kontenut/l-influwenzaturi jistgħu jwettqu fis-suq intern: prinċipalment **bħala reklamaturi (u kummerċjanti)** u bħala **bejjiegħa/produtturi**.

1.3. Abbażi ta’ din il-leġiżlazzjoni, diversi Stati Membri żviluppaw il-leġiżlazzjoni tagħhom stess b’reazzjoni għall-isfida ppreżentata minn dan il-fenomeni, li tippermetti lir-regolaturi nazzjonali jeżerċitaw is-setgħat tagħhom ta’ superviżjoni, kontroll u, fejn xieraq, ta’ sanzjonar.

1.4. Fi kwalunkwe każ, minħabba l-evoluzzjoni kostanti f’dan il-qasam, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) iqis li huwa meħtieġ li tittieħed azzjoni biex jiġi garantit trattament armonizzat għall-attivitajiet illegali “speċifiċi” tal-ħallieqa ta’ kontenut/l-influwenzaturi fl-UE b’obbligi ugwalment speċifiċi **għall-amministraturi tal-pjattaformi u n-networks soċjali** li joperaw fuqhom, u għall-**ħallieqa ta’ kontenut/l-influwenzaturi** (residenti tal-UE u mhux residenti tal-UE).

1.5. Il-KESE jistieden lill-amministraturi tal-pjattaformi u tal-media soċjali biex:

- ikunu responsabbli *in solidum* għall-kontenut illegali ppubblikat mill-ħallieqa ta’ kontenut/l-influwenzaturi;
- ikunu obbligati — fil-każijiet kollha ta’ rapportar ta’ attività illeċita mill-ħallieqa ta’ kontenut/l-influwenzaturi — li jieħdu l-azzjoni meħtieġa biex jinnewtralizzaw il-komunikazzjoni online illegali u jirrapportaw l-attività illeċita mwettqa mill-ħallieqa ta’ kontenut/l-influwenzaturi lill-awtorità kompetenti;
- il-pjattaformi u l-amministraturi tal-media soċjali għandhom jitolbu lill-ħallieqa ta’ kontenut/l-influwenzaturi kollha li joperaw barra mill-UE jidentifikaw responsabbiltà legali ċara fl-UE u jkollhom assigurazzjoni ta’ indennizz professjonali f’każ ta’ dannu kkawżat minn imġiba illegali.

1.6. Il-KESE jemmen li dan it-trattament armonizzat tal-influwenzaturi fil-livell Ewropew għandu tal-anqas iqis kriterji bħal dawn li ġejjin:

- li n-natura pubbliċitarja tal-messaġġi b’intenzjoni kummerċjali tiġi identifikata permezz ta’ indikaturi u twissijiet ċari, u b’hekk jiġi evitat ir-reklamar bil-moħbi;

- li dawn il-messaġġi jkunu soġġetti għar-regoli settorjali bil-għan li tiġi żgurata l-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi u l-utenti, speċjalment fil-każ ta' minorenni u gruppi vulnerabbli oħra;
- li n-nuqqas ta' konformità mar-regoli mill-influwenzaturi jitqies bħala ksur, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà in *solidum* tar-reklamaturi u tal-pjattaformi u n-networks soċjali.

1.7. Għandha tingħata wkoll attenzjoni speċjali għall-użu ta' dark patterns, l-użu ħażin jew dispregattiv mit-trademarks, il-promozzjoni ta' prodotti finanzjarji mhux awtorizzati, is-serq tal-identità jew influwenzaturi foloz li jieħdu vantaġġ mill-immagna ta' persuni magħrufa mingħajr l-għarfien tagħhom, li qed isiru dejjem aktar spissi fil-qasam tal-investimenti finanzjarji u l-kriptovaluti. Din hija mgħiba illeċita li tirriskja li ssir dejjem aktar sofistikata u mifruxa b'tekniki tal-intelliġenza artifiċjali (IA) u trid tiġi miġġielda b'mod effettiv.

1.8. Il-KESE jipproponi li din l-armonizzazzjoni regolatorja tiġi ċċarata u implimentata mingħajr preġudizzju għall-istabbiliment komplementarju ta' oqfsa koregolatorji. Din il-koregolamentazzjoni għandha tinvolvi lill-influwenzaturi, l-aġenti tagħhom u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, l-industrija u r-reklamaturi, l-assoċjazzjonijiet ta' awtoregolamentazzjoni tar-reklamar, l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u tal-utenti, l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u l-awtoritajiet regolatorji.

1.9. Il-KESE għandu għadd ta' mistoqsijiet li jikkonċernaw l-attività tal-ħallieqa ta' kontenut/l-influwenzaturi bħall-post tagħhom fil-liġi tax-xogħol, kwistjonijiet relatati mat-taxxi fuq l-introitu u t-taxxa fuq il-valur miżjud, kif ukoll l-attività speċifika tal-influwenzaturi li huma tfal, li aħna nqisu li għandhom jiġu analizzati bir-reqqa fil-livell tal-UE.

## 2. Kummenti ġenerali

2.1. Wieħed mill-aktar fenomeni tipiċi tat-trasformazzjoni diġitali esperjenzati fil-qasam tal-komunikazzjoni awdjoviżiva u elettronika matul l-aħħar għaxar snin huwa l-proliferazzjoni ta' ċerti ħallieqa ta' kontenut li, apparentement fil-kapaċità personali tagħhom, ixerrdu l-messaġġi tagħhom b'mod sistematiku u f'formati differenti (filmati, kummenti, ritratti) permezz ta' pjattaformi tal-Internet, networks soċjali u messaġġi elettroniċi. Meta dawn il-ħallieqa ta' kontenut ikollhom ammonti kbar ta' segwaċi leali, isiru influwenzaturi, li fil-qasam tar-reklamar jistgħu jiġu definiti bħala ħallieqa ta' kontenut b'intenzjoni kummerċjali, li jibnu relazzjoni bbażata fuq il-fiduċja u l-awtentiċità mal-udjenza tagħhom (prinċipalment fuq pjattaformi tal-media soċjali) u l-involvement online ma' atturi kummerċjali permezz ta' mudelli ta' negozju differenti għal skopijiet ta' monetizzazzjoni <sup>(1)</sup>.

2.2. Ir-relazzjoni bejn l-influwenzaturi u s-segwaċi — ikkaratterizzata mill-perċezzjoni ta' prossimità, awtentiċità u fiduċja — għandha impatt dirett u indirett fuq l-attitudni tas-segwaċi lejn it-trademarks u fuq it-tehdid ta' deċiżjonijiet ta' xiri tagħhom bħala konsumaturi. Dan huwa partikolarment il-każ għat-tfal, iż-żgħażaġh u l-konsumaturi b'livell baxx ta' edukazzjoni u/jew b'introitu baxx u litteriżmu medjatiku u ta' informazzjoni baxx.

2.3. Fil-qasam speċifiku tal-komunikazzjoni kummerċjali, l-użu ta' influwenzaturi bħala promoturi ta' prodotti u trademarks mhux biss jagħmilha possibbli għar-reklamaturi li jibbenefikaw mill-impatt u r-reputazzjoni tagħhom, fil-kuntest tal-hekk imsejħa kummerċjalizzazzjoni mill-influwenzaturi, speċjalment fil-każ taż-żgħażaġh, li huma aktar diffiċli li jintlaħqu permezz ta' media tal-massa aktar tradizzjonali. Iżda jippermetti wkoll lil dawn il-kumpaniji aktar libertà fl-iżvilupp ta' argumenti ta' bejgħ li normalment ma jużawx fir-reklamar konvenzjonali tagħhom, li xi drabi jevitaw il-legalizzazzjoni. Barra minn hekk, ir-reklamaturi stess jenfasizzaw li l-pekularità tal-influwenzaturi tfisser li għandhom grad għoli ta' awtonomija fil-konstruzzjoni tal-messaġġ kummerċjali, li r-reklamatur mhux dejjem jista' jikkontrolla.

2.4. Fi kliem ieħor, għalkemm m'hemm l-ebda regolamentazzjoni speċifika għall-attività tal-influwenzaturi fil-livell Ewropew, il-legalizzazzjoni Ewropea eżistenti, bħalissa, tipprovdi livell adegwat ta' protezzjoni għall-attività doppja li l-influwenzaturi jistgħu jiżviluppaw fis-suq intern: prinċiplament bħala **reklamaturi (u kummerċjanti)** u bħala **bejjiegħa/produtturi**.

<sup>(1)</sup> *The impact of influencers on advertising and consumer protection in the Single Market* (L-impatt tal-influwenzaturi fuq ir-reklamar u l-protezzjoni tal-konsumatur fis-Suq Uniku, mhux disponibbli bil-Malti), Parlament Ewropew, 2022, p. 9.



2.4.1. Il-leġiżlazzjoni fil-livell tal-UE dwar l-influwenzaturi prinċipalment bħala **reklamaturi (u kummerċjanti)** tinkludi:

- **id-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali** <sup>(2)</sup>, li tipprovdi il-qafas legali biex jiġi indirizzat ir-reklamar qarrieqi u l-prattiki kummerċjali mxerrdin mill-influwenzaturi. **Il-gwida Ewropea dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali** <sup>(3)</sup>, li tiċċara l-applikazzjoni tad-Direttiva meta influwenzatur jaġixxi bħala negozjant jew, alternattivament, bħala persuna li taġixxi f'isem jew għan-nom ta' kummerċjant. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni bħalissa qed twettaq il-Kontroll tal-Idoneità fir-rigward tal-Ekwità Diġitali li għandu jkopri wkoll is-suġġett tal-influwenzaturi <sup>(4)</sup>;
- **id-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku** <sup>(5)</sup>, li tipprovdi protezzjoni komplementari lill-konsumaturi meta l-influwenzaturi jagħmlu komunikazzjonijiet kummerċjali fuq l-Internet permezz tal-kontijiet u l-blogs tal-media soċjali tagħhom;
- **id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva** <sup>(6)</sup>, li tintroduċi regoli speċifiċi ġodda għal “servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing” u taffettwa lill-influwenzaturi meta tittratta filmati maħluqa mill-utenti li jinxterdu permezz ta' dawn il-pjattaformi u li jista' jkun fihom komunikazzjonijiet kummerċjali.

2.4.2. Il-leġiżlazzjoni fil-livell tal-UE dwar l-influwenzaturi bħal **bejjiegħa jew produttori** tinkludi:

- **id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur** <sup>(7)</sup>;
- **id-Direttiva dwar il-Kontenut u s-Servizzi Diġitali** <sup>(8)</sup>;
- **id-Direttiva dwar il-Bejgħ ta' Oġġetti** <sup>(9)</sup>.

2.4.3. Dawn iż-żewġ oqsma speċifiċi ta' intervent tal-leġiżlazzjoni tal-UE huma kkomplementati mill-Pakkett dwar is-Servizzi Diġitali li jinkludi:

- **I-Att dwar is-Servizzi Diġitali** <sup>(10)</sup>, għal aktar trasparenza u responsabbiltà akbar għall-kontenut tas-servizzi diġitali u l-protezzjoni tal-konsumatur;
- **I-Att dwar is-Swieq Diġitali** <sup>(11)</sup>, għar-regolamentazzjoni tal-hekk imsejħa “gwardjani tal-aċċess”, li huma pjattaformi b'mill-inqas 45 miljun utent attiv fix-xahar.

<sup>(2)</sup> Id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali) (ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22).

<sup>(3)</sup> L-Avviż tal-Kummissjoni — Gwida dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern (ĠU C 526, 29.12.2021, p. 1), Taqsima 4.2.6.

<sup>(4)</sup> Ara r-Rieżami tal-liġi dwar il-konsumatur – Patt Ġdid għall-Konsumaturi (europa.eu).

<sup>(5)</sup> Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1).

<sup>(6)</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) fid-dawl ta' realtjiet tas-suq li qed jinbiddu (ĠU L 303, 28.11.2018, p. 69).

<sup>(7)</sup> Id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64).

<sup>(8)</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/770 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw il-kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali u ta' servizzi diġitali (ĠU L 136, 22.5.2019, p. 1).

<sup>(9)</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/771 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw kuntratti għall-bejgħ ta' oġġetti, li temenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva 2009/22/KE, u li tħassar id-Direttiva 1999/44/KE (ĠU L 136, 22.5.2019, p. 28).

<sup>(10)</sup> Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (I-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1).

<sup>(11)</sup> Ir-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828 (I-Att dwar is-Swieq Diġitali) (ĠU L 265, 12.10.2022, p. 1).

2.4.3.1. Fl-Att dwar is-Servizzi Diġitali, l-UE tiddefinixxi “kontenut illegali” hekk: “kwalunkwe informazzjoni, li, fiha nnifisha jew frelazzjoni għal attività, inklużi l-bejgħ ta’ prodotti jew il-forniment ta’ servizzi, mhix konformi mal-liġi tal-Unjoni jew mal-liġi ta’ kwalunkwe Stat Membru, irrispettivament mis-suġġett preċiż jew in-natura ta’ dik il-liġi”. Din id-definizzjoni l-għdida tfisser li n-nuqqas ta’ konformità ma’ dawn ir-regoli jagħmel il-kontenut illegali fl-UE.

2.5. Minkejja l-eżistenza ta’ xi regoli Ewropej, li fil-qafas tagħhom l-imġiba mhux legali tal-influwenzaturi (bħala reklamaturi jew bħala bejjieġha/produtturi) tista’ tkun irregolata mid-diversi Stati Membri, hemm bżonn ta’ intervent b’modi differenti:

- tiġi adottata leġislazzjoni speċifika dwar l-influwenzaturi;
- tiġi implimentata l-leġislazzjoni eżistenti dwar il-protezzjoni tal-konsumatur;
- jiġu ppubblikati gwidi u kodiċijiet ta’ kondotta biex jistabbilixxu prattiki tajbin;
- jintużaw għodod diġitali ta’ kontroll u infurzar;
- jiġu offruti taħriġ u ċertifikazzjoni lill-influwenzaturi;
- tinħoloq sensibilizzazzjoni fost il-konsumaturi u jingħatalhom appoġġ;
- tiġi ffaċilitata l-konformità fuq il-pjattaformi permezz ta’ għodod ta’ disseminazzjoni standardizzati.

2.6. Minħabba l-kuntest partikolari li qed jevolvi b’mod kostanti li fih joperaw il-ħallieqa ta’ kontenut/l-influwenzaturi, il-KESE jemmen li, minkejja l-leġislazzjoni Ewropea eżistenti, hija meħtieġa azzjoni biex jiġi żgurat infurzar uniformi tar-regoli ad hoc biex jiġu miġġielda l-attivitàjiet illegali speċifiċi tal-influwenzaturi fl-UE. Din il-pożizzjoni tal-KESE tinbet mill-fatt li l-Kummissjoni qed tivvaluta jekk għandhiex tipproċedi b’leġislazzjoni ad hoc.

2.7. Din il-possibbiltà ilha tiġi analizzata għal diversi snin mill-gvernijiet, l-awtoritajiet regolatorji Ewropej u nazzjonali, l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u tal-utenti u l-korpi tas-soċjetà ċivili<sup>(12)</sup>. Dan wassal għal diversi inizjattivi legali f’diversi pajjiżi<sup>(13)</sup>, bħal fi Franza, il-Belġju (Flanders) u Spanja, kif ukoll fil-qasam tal-awtoregolamentazzjoni u l-koregolamentazzjoni fil-livell Ewropew<sup>(14)</sup> u tal-Istati Membri. Dan jispjega wkoll l-interess muri mill-Gvern Spanjol, fil-kuntest tal-Presidenza tiegħu tal-Unjoni Ewropea, li jitlob lill-KESE għal din l-Opinjoni esploratorja dwar ir-reklamar permezz ta’ influwenzaturi u l-impatt tiegħu fuq il-konsumaturi.

2.8. Fit-talba tiegħu għal Opinjoni, il-Ministeru Spanjol għall-Affarijiet tal-Konsumatur jirreferi għall-perċezzjoni ta’ prossimità, awtentiċità u fiduċja li tikkaratterizza r-relazzjoni bejn l-influwenzaturi u l-konsumaturi, li spiss ma tkunx tal-istess intensità f’modelli oħra ta’ komunikazzjoni soċjali, u jiffoka t-tħassib tiegħu fuq żewġ raġunijiet:

- l-ewwel nett, l-użu kontinwu u fit-tul tan-networks soċjali fost il-minorenni, li huma kkaratterizzati mill-vulnerabbiltà tagħhom bħala konsumaturi peress li jkunu esposti għal komunikazzjonijiet kummerċjali li jista’ jkun fihom elementi detrimentali għall-iżvilupp fiżiku, psikoloġiku, soċjali u emozzjonali tagħhom;
- it-tieni nett, in-nuqqas ta’ trasparenza u identifikabbiltà ta’ tali komunikazzjonijiet kummerċjali, li f’hafta każijiet jikkarakterizza l-attività tal-influwenzaturi, peress li jaħbi, b’mod frawdolenti, in-natura pubbliċitarja tagħhom mill-konsumaturi.

### 3. Proposti

3.1. Fid-dawl tal-problemi eżistenti, il-KESE jqis li hemm il-kundizzjonijiet biex jiġu żgurati kemm it-titjib kif ukoll l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni Ewropea għal dawk l-attivitàjiet illegali speċifiċi li jinvolvu l-influwenzaturi u l-armonizzazzjoni tagħhom fil-livell Ewropew, b’obbligi speċifiċi għall-amministraturi tal-pjattaformi li joperaw fuqhom, u għall-ħallieqa ta’ kontenut u/jew l-influwenzaturi (residenti tal-UE u mhux tal-UE).

<sup>(12)</sup> Ara n-nota 1 f’qiegħ il-paġna.

<sup>(13)</sup> *Mapping report on the rules applicable to video-sharing platforms* (Rapport ta’ mmappjar dwar ir-regoli applikabbli għall-pjattaformi ta’ video-sharing, mhux disponibbli bil-Malti), Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew, 2022.

<sup>(14)</sup> *EASA Best Practice Recommendation on Influencer Marketing 2023* (Rakkomandazzjoni tal-Aħjar Prattika tal-EASA dwar il-Kummerċjalizzazzjoni mill-Influwenzaturi 2023, mhux disponibbli bil-Malti), Alleanza Ewropea għall-Istandards tar-Reklamar, 2023

### 3.2. Pjattaformi ta' video-sharing u media soċjali

3.2.1. Għalkemm il-leġiżlazzjoni Ewropea (id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva u l-Pakkett dwar is-Servizzi Diġitali) teħtieġ li l-amministraturi ta' pjattaformi ta' video-sharing u tal-media soċjali, li fuqhom joperaw il-ħallieqa ta' kontenut u l-influwenzaturi, jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet dwar il-komunikazzjonijiet kummerċjali u l-protezzjoni tal-minorenni, il-KESE jinnota li:

- l-amministraturi tal-pjattaformi ma għandhom l-ebda responsabbiltà editorjali għall-kontenut "illegali" maħluq mill-utenti;
- bl-istess mod, il-ħallieqa ta' kontenut/l-influwenzaturi u l-amministraturi tal-pjattaformi mhumiex mitluba jikkollaboraw biex tiġi żgurata konformità reali mal-leġiżlazzjoni Ewropea.

3.2.2. Għalhekk, il-KESE jistieden lill-amministraturi tal-pjattaformi u tal-media soċjali biex:

- ikunu responsabbli *in solidum* għall-kontenut illegali ppubblikat mill-ħallieqa ta' kontenut/l-influwenzaturi;
- ikunu obbligati — fil-każijiet kollha ta' rapportar ta' attività illeċita mill-ħallieqa ta' kontenut/l-influwenzaturi — li jieħdu l-azzjoni meħtieġa biex jinnewtralizzaw il-komunikazzjoni online illegali u jirrapportaw l-attività illeċita mwettqa mill-ħallieqa ta' kontenut/l-influwenzaturi lill-awtorità kompetenti;
- il-pjattaformi u l-amministraturi tal-media soċjali għandhom jitolbu lill-ħallieqa ta' kontenut/l-influwenzaturi kollha li joperaw barra mill-UE jidentifikaw responsabbiltà legali ċara fl-UE u jkollhom assigurazzjoni ta' indennizz professjonali f'każ ta' dannu kkawżat minn imġiba illegali.

### 3.3. Ħallieqa ta' kontenut/influwenzaturi

3.3.1. Meta jitressqu proposti dwar ir-regolamentazzjoni effettiva tal-forniment ta' kontenut mill-utenti permezz ta' pjattaformi ta' video-sharing u n-networks soċjali, u b'mod aktar speċifiku dwar l-attività ta' reklamar tal-influwenzaturi, jista' jkun ta' interess li jitqiesu r-rapporti ppubblikati fl-2021 u fl-2022 mill-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (ERGA) <sup>(15)</sup>, li jressaq rakkomandazzjonijiet dwar it-trattament tal-hekk imsejħa vloggers.

3.3.2. Essenzjalment, l-ERGA jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, skont it-tifsira tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, l-attività tal-influwenzaturi tista' titqies bħala servizz tal-media awdjoviżiva, dment li tissodisfa simultanjament għadd ta' rekwiżiti:

- irid ikun servizz ekonomiku, kif definit fl-Artikoli 56 u 57 tat-TFUE;
- il-fornitur għandu jkollu responsabbiltà editorjali għall-kontenut li joffri;
- irid ikun servizz immirat lejn il-pubbliku li jagħżel u jitlob, fuq bażi individwali, il-wiri tal-kontenut tiegħu, u jrid ikollu l-għan li jinkiseb impatt ċar fuq sehem sinifikanti ta' din l-udjenza;
- il-funzjoni tal-kontenut imxerred (filmati/programmi) trid tkun primarjament li tinforma, tiddiverti jew teduka;
- il-kontenut irid ikun awdjoviżiv u pprovdut permezz ta' networks ta' komunikazzjoni elettronika.

3.3.3. F'dan il-kuntest, għandha tiġi kkunsidrata armonizzazzjoni fil-livell Ewropew, li tinkludi b'mod espliċitu r-regolamentazzjoni tal-ħallieqa ta' kontenut/l-influwenzaturi u r-responsabbiltà tagħhom meta jiġġeneraw u/jew ixerrdu komunikazzjonijiet kummerċjali, billi tiġi żgurata aktar trasparenza u responsabbiltà akbar fit-tweġġiq tal-attivitàjiet tagħhom.

3.3.3.1. Hemm katina sħiħa ta' atturi involuta fl-attività tal-ħallieqa ta' kontenut/l-influwenzaturi: trademarks, kumpaniji tal-multimedia u dawk li jaħdmu għal rashom, aġenziji u aġenti ta' talent/ġestjoni, pjattaformi analitiċi tal-media soċjali, networks b'ħafna kanali, kumpaniji ta' relazzjonijiet pubbliċi/reklamar li l-kuntratti tagħhom iridu jipprovdut għar-responsabbiltajiet speċifiċi tal-partijiet interessati kollha, inkluża r-responsabbiltà konġunta għall-imġiba illegali tal-ħallieqa ta' kontenut/influwenzaturi.

<sup>(15)</sup> *Analysis and recommendations concerning the regulation of vloggers* (Analiżi u rakkomandazzjonijiet dwar ir-regolamentazzjoni tal-vloggers, mhux disponibbli bil-Malti, ERGA, 2021, u *ERGA Vloggers Report 2* (It-Tieni Rapport tal-ERGA dwar il-Vloggers, mhux disponibbli bil-Malti), ERGA, 2022.

3.4. Il-KESE jħeġġeġ kemm lill-amministraturi tal-pjattaformi kif ukoll tal-media soċjali u lill-ħallieqa ta' kontenut/l-influwenzaturi biex jiżguraw:

- il-possibbiltà teknika li l-utenti tfal tal-pjattaforma u/jew tan-networks soċjali jiġu esklużi milli jaraw il-kontenut sensitiv kollu (alkoħol u xorb enerġetiku, loġhob tal-azzard u mħatri, pornografija, tabakk u prodotti tat-tabakk, inklużi s-sigaretti elettroniċi, il-kirurġija estetika, eċċ.) li fi kwalunkwe każ għandu jinkludi t-tikketta “ipprobit għal tfal taħt it-18-il sena”, kif ukoll li tkun meħtieġa verifika tal-età u jkun permess l-użu tal-kontroll tal-ġenituri;
- l-inklużjoni tal-kliem “reklamar”, “komunikazzjoni kummerċjali” jew “sponsorjat minn” f'messaġġi bħal dawn;
- għal stampi editjati jew modifikati, il-kliem “stampa editjata”;
- “stampi virtwali” għal produzzjonijiet maħluqa b'intelliġenza artifiċjali, kif ukoll l-identifikazzjoni tal-użu ta' influwenzaturi virtwali.

3.5. Għandha tingħata wkoll attenzjoni speċjali għall-użu ta' dark patterns, l-użu ħażin jew dispregattiv mit-trademarks, il-promozzjoni ta' prodotti finanzjarji mhux awtorizzati, is-serq tal-identità jew influwenzaturi foloz li jieħdu vantaġġ mill-immaġni ta' persuni magħrufa mingħajr l-għarfien tagħhom, li qed isiru dejjem aktar spissi fil-qasam tal-investimenti finanzjarji u l-kriptoaluti. Din hija mġiba illeċita li qed issir dejjem aktar sofistikata u mifruxa minħabba l-użu tal-IA u li jeħtieġ li tiġi miġġielda b'mod effettiv.

3.6. L-armonizzazzjoni regolatorja proposta mill-KESE tista' tiġi kkomplementata minn oqfsa koregulatorji, li jinvolvu lill-influwenzaturi, l-aġenti u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, l-industrija u r-reklamaturi, l-assoċjazzjonijiet awtoregulatorji tar-reklamar, l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u tal-utenti, l-imsieħba soċjali u entitajiet oħra tas-soċjetà ċivili, u l-awtoritajiet regolatorji.

3.7. Il-KESE għandu għadd ta' mistoqsijiet pendenti li jikkonċernaw l-attività tal-ħallieqa ta' kontenut/l-influwenzaturi, bħall-post tagħhom fil-liġi tax-xogħol, kwistjonijiet relatati mat-taxxi fuq l-introjt u t-taxxa fuq il-valur miżjud, kif ukoll l-attività speċifika ta' influwenzaturi li huma tfal, li aħna nqisu li għandhom ikunu soġġetti għal analiżi bir-reqqa fil-livell tal-UE.

Brussell, it-13 ta' Lulju 2023.

Oliver RÖPKE  
Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Miżuri għat-titjib tas-saħħa mentali”****(opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Spanjola)**

(2023/C 349/16)

Relatur: **Milena ANGELOVA**Korelatur: **Ivan KOKALOV**Talba għall-konsultazzjoni mill-Pre-  
sidenza Spanjola tal-Kunsill Ittra, 8.12.2022

Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea Opinjoni esploratorja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adozzjoni fis-sezzjoni	21.6.2023
Adozzjoni fil-plenarja	13.7.2023
Sessjoni plenarja Nru	580
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	205/0/2

**1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Is-saħħa mentali għandha natura kumplessa. Hija affettwata minn għadd kbir ta' fatturi: bijoloġiċi, psikoloġiċi, edukattivi, soċjali, ekonomiċi, okkupazzjonali, kulturali u ambjentali. It-titjib u l-promozzjoni b'suċċess tas-saħħa mentali <sup>(1)</sup> u l-prevenzjoni ta' inċidenti tas-saħħa mentali jeħtieġu approċċ kumpless, multidixxiplinari u tul il-ħajja, li għandu jiġi applikat u inkorporat b'mod sod bħala prijorità trasversali ewlenija fit-tfassil tal-politika fil-livell tal-UE u dak nazzjonali (reġjonali u settorjali) sabiex:

1.1.1. Jinkoraġġixxi r-riforma tas-sistemi tas-saħħa madwar l-UE biex jiġi żgurat li dawn iwasslu għal interventi u kura fit-tul integrati u ppjanati, mhux biss għall-kura, iżda biex jiġu evitati kundizzjonijiet mediċi bl-użu ta' timijiet multidixxiplinari, minflok ma jiġu organizzati madwar mudelli episodici ta' kura. L-għan aħħari għandu jkun li d-direzzjoni dominanti tas-sistema tas-saħħa fil-qasam tas-saħħa mentali tiġi allinjata mill-ġdid lejn prattiki bijopsikosojjali kumplessi u msejsa fuq id-drittijiet tal-bniedem, u b'hekk jiġu żgurati l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni bikrija u l-iskrinjar tal-mard mentali u l-ġestjoni effettiva tal-każijiet kif ukoll il-forniment ta' approċċ iċċentrat fuq l-individwu fil-komunità.

1.1.2. Jiffoka fuq il-promozzjoni kostanti tas-saħħa mentali, il-prevenzjoni tal-mard mentali u l-bini ta' reżiljenza li hija integrata fil-politiki kollha tal-UE, nazzjonali, reġjonali u settorjali. B'rabta mal-komunikazzjoni li jmiss tagħha dwar approċċ olistiku għas-saħħa mentali, il-KESE jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar approċċ komprensiv għas-saħħa mentali <sup>(2)</sup>, jappoġġja bil-qawwa l-“għan ewleni tal-politika pubblika li jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla lura, li ċ-ċittadini jkollhom aċċess ugwali għas-servizzi tal-prevenzjoni u tas-saħħa mentali madwar l-UE, u li r-riintegrazzjoni u l-inklużjoni soċjali jiggwidaw l-azzjoni kollettiva li tindirizza l-mard tas-saħħa mentali”, u jappella għat-traspożizzjoni rapidu tieħu fi Strateġija tal-UE dwar is-Saħħa Mentali li jkollha skeda ta' żmien, tkun iffinanzjata biżżejjed, tiddefinixxi r-responsabbiltajiet u tinkludi indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress madwar l-UE u l-Istati Membri – inkluż fil-qafas tal-proċess tas-Semestru Ewropew. Is-Semestru għandu jagħti aktar konsiderazzjoni lill-impatt tal-fatturi soċjoekonomiċi u ambjentali fuq is-saħħa mentali, inklużi l-benefiċċji importanti tat-titjib tal-aċċess għal servizzi ta' interess ġenerali affordabbli u ta' kwalità (akkomodazzjoni, enerġija, skart/ilma, eċċ.). Ideament, dan imexxi l-ħidma fil-livell nazzjonali billi, pereżempju, jirrikjedi li l-Istati Membri jiżviluppaw u jimplementaw pjani ta' azzjoni li l-Kummissjoni tista' perjodikament tirrevedi u tlaqqa' l-pajjiżi

<sup>(1)</sup> C. Winslow (1923) iddefinixxa l-promozzjoni tas-saħħa bħala sforz organizzat mis-soċjetà biex teduka lill-individwu dwar kwistjonijiet ta' saħħa personali u tiżviluppa sistema soċjali li tipprovdi lil kull individwu bi standard ta' għajxien adegwat biex iżomm u jtejjeb is-saħħa tiegħu.

<sup>(2)</sup> COM(2023) 298 final.



flimkien biex jiskambjaw u jispiraw lil xulxin biex jimmiraw għal azzjonijiet ambizzjużi. Il-fatturi ta' riskju ambjentali u soċjali ewlenin għandhom jiġu mmonitorjati b'mod kostanti u l-istrateġiji u l-miżuri rilevanti għandhom jiġu adottati malajr biex jiġu minimizzati u eliminati dawn ir-riskji.

1.1.3. Jiġu pprovduti possibbiltajiet għal dijanjożi bikrija, trattament adegwat, psikoterapija u riabilitazzjoni għal persuni b'kundizzjonijiet ta' saħħa mentali u diżabilitajiet psikoloġiċi u inklużjoni soċjali abbażi tar-rispett tad-dinjità personali, id-drittijiet tal-bniedem, il-libertà u l-ugwaljanza.

1.1.4. Is-saħħa mentali għandha tiġi rikonossuta fl-Istati Membri kollha bħala suġġett serju li jeħtieġ livell adegwat ta' attenzjoni u rispons olistiku, koordinat, strutturat u ċċentrat fuq il-bniedem. Il-koerċizzjoni, l-istigma, is-segregazzjoni u d-diskriminazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali jeħtieġ li jitneħħew. Finanzjament xieraq għas-servizzi tas-saħħa biex jiġu indirizzati l-problemi tas-saħħa mentali huwa essenzjali biex daww is-servizzi jsiru aċċessibbli b'mod universali u affordabbli. Dan jinkludi investimenti f'għadd suffiċjenti ta' persunal tal-kura tas-saħħa mħarreġ kif xieraq. Livelli adegwati ta' paga, titjib kostanti tal-ħiliet u livelli suffiċjenti ta' persunal jiżguraw biżżejjed attenzjoni u ħin iddedikat mhux biss għall-pazjenti, iżda wkoll għal persuni li jfittxu parir mediku, opinjoni jew trattament. L-aspett ta' finanzjament, kemm fl-infrastrutturi fiżiċi kif ukoll f'daww soċjali fis-settur tas-saħħa, għandu jiġi żviluppat aħjar fl-NRRPs fejn ir-rappreżentanza u l-kopertura ta' proġetti relatati mas-saħħa huma neqsin b'mod sinifikanti fil-forma attwali tagħhom. Ħafna NRRPs ma jindirizzawx b'mod adegwat diversi kriżijiet reċenti li jaggravaw ir-riskju ta' kwistjonijiet ta' saħħa mentali b'effett ta' kaskata u għalhekk għandhom jiġu aġġornati minnufih.

1.1.5. Għandu jiġi pprovdut aċċess imtejjeb għal servizzi ta' appoġġ, trattament, psikoterapija, riabilitazzjoni medika u soċjali, kura speċjali u ġenerali u attivitajiet relatati mal-appoġġ psikosoċjali. Dan għandu jsir billi jiġu żviluppati u implimentati interventi innovattivi, personalizzati u bbażati fuq l-evidenza, it-titjib u l-iżguraw ta' aċċess ugwali u soċjalment aċċettabbli għall-medikazzjoni, l-appoġġ għal persuni b'kundizzjonijiet ta' saħħa mentali, it-titjib tal-kapaċità u l-kwalifika ta' daww li jipprovdu kura ġenerali u speċjalizzata u l-bini ta' sistema għal kura integrata, inkluż dik ibbażata fil-komunità, mogħtija minn timijiet multidixiplinari.

1.1.6. Jiżviluppa u jimplimenta approċċi komplementari sabiex jiġi pprovdut appoġġ adatt f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' emerġenza. Huwa neċessarju li tiġi stabbilita "piramida ta' interventi" bbażata fuq l-inkorporazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet soċjali u kulturali f'miżuri ewlenin biex jiġu indirizzati kundizzjonijiet mediċi, it-tisħiħ tar-rabtiet komunitarji u l-appoġġ għall-familja permezz ta' appoġġ iffukat mhux speċifiku u l-għoti ta' servizzi speċjalizzati u assistenza minn diversi professjonisti tas-saħħa għal ċittadini b'kundizzjonijiet aktar severi. Fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, il-kurrikuli tal-promozzjoni tas-saħħa għandhom jiffukaw fuq l-iżvilupp ta' mgħiba adegwata u l-iżguraw ta' kura tas-saħħa bażika, kif ukoll fuq perikli għas-saħħa mentali u kif jiġi evitat jew jitnaqqas l-impatt tagħhom, b'enfasi fuq każijiet speċjali bħal pandemiji jew diżastri naturali.

1.1.7. Jippermetti sistemi tas-saħħa mentali bbażati fuq id-drittijiet, iċċentrati fuq il-persuna, orjentati lejn l-irkupru, ibbażati fil-komunità li jipprioritizzaw ir-realizzazzjoni personali u l-parteċipazzjoni attiva tal-persuna fl-irkupru tagħhom stess bl-għan aħħari li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja ta' persuni b'kundizzjonijiet ta' saħħa mentali. Jippromovi l-isforzi biex jiġu implimentati kura u appoġġ inklużivi fi ħdan is-sistema tas-saħħa mentali biex jiffokaw fuq il-ħtiġijiet ta' gruppi speċifiċi u vulnerabbli, bħat-tfal, l-anzjani, ir-refuġjati u l-migranti, il-LGBTIQ+, kif ukoll persuni f'sitwazzjonijiet soċjoekonomiċi żvantaġġati.

1.1.8. Jipprovdi kooperazzjoni globali, interstatali u intersettorjali fil-qasam tas-saħħa mentali, jibni kapaċitajiet ta' diversi partijiet ikkonċernati u garanzija ta' parteċipazzjoni inklużiva fl-implimentazzjoni tal-inizjattivi. Dan għandu: jinvolti l-koordinazzjoni, l-iskambju ta' informazzjoni, l-esperjenza u l-prattiki tajba, isaħħaħ ir-riċerka xjentifika u l-innovazzjoni; jimmira lejn eżiti pożittivi tas-saħħa u daww soċjali kif ukoll id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi; jippromovi l-ħidma f'networks/pjattaformi tal-imsieħba soċjali, ir-riċerkaturi u x-xjentisti, il-professionisti tas-saħħa, il-ħaddiema soċjali, l-NGOs tal-pazjenti u s-servizzi soċjali.

1.1.9. Il-postijiet tax-xogħol jitqiesu bħala benniena għat-trawwim tas-saħħa mentali u l-appoġġ tas-saħħa mentali. Għalhekk, għandhom jiġu promossi inizjattivi komuni u azzjonijiet konġunti tal-imsieħba soċjali mmirati lejn it-titjib kontinwu tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluż permezz ta' finanzjament suffiċjenti. Ir-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol iridu jiġu vvalutati u eliminati, u jrid isir kull sforz biex jiġu evitati l-vjolenza u l-fastidju mentali<sup>(3)</sup>.

(<sup>3</sup>) Elementi speċifiċi rigward ix-xogħol prekarju u s-saħħa mentali huma indirizzati fid-dettall fl-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar ix-"Xogħol prekarju u saħħa mentali" (opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Spanjola) (ĠU C 228, 29.6.2023, p. 28).

1.2. Minħabba l-importanza dejjem tikber tas-saħħa mentali, u sabiex jintbagħat sinjal qawwi għall-hteġa li tiġi fformata alleanza b'saħħitha biex tittejjeb u tiġi promossa s-saħħa mentali, il-KESE jistieden lill-KE tiddikjara l-2024 bħala s-Sena Ewropea tas-Saħħa Mentali.

1.3. Hemm rabta diretta bejn il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-mard mentali peress li l-persuni b'diżabilitajiet mentali, diżabilitajiet intellettuali u problemi ta' abbuż minn sustanzi sikwit jesperjenzaw trattament ħażin, ksur tad-drittijiet tal-bniedem u diskriminazzjoni f'ambjenti tal-kura tas-saħħa. F'ħafna pajjiżi, il-kwalità tal-kura kemm fil-faċilitajiet tal-kura in-patient kif ukoll f'dawk out-patient hija fqira jew saħansitra ta' ħsara u tista' tfixkel b'mod attiv l-irkupru<sup>(4)</sup>. Huwa meħtieġ li jiġu mmonitorjati s-servizzi tal-kura tas-saħħa soċjali u mentali eżistenti kontra l-istandards tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, jiġu żviluppati prattiki bbażati fuq id-drittijiet u jsir investiment f'servizzi u appoġġ li jirrispettaw il-kunsens liberu u infurmat tal-persuna, u sikuri mill-koerċizzjoni u t-trattament furzat. Jeħtieġ li jiġu adottati linji gwida u protokoll, kif ukoll li jiġi pprovdut taħriġ dwar approċċi bbażati fuq id-drittijiet għall-ħaddiema tas-saħħa u tal-kura soċjali.

## 2. Sfond

2.1. Is-saħħa mentali hija ta' tħassib dejjem jikber madwar l-UE peress li mhijiex biss pedament tal-benesseri u l-istil ta' ħajja Ewropew, iżda tiswa wkoll 4% tal-PDG tal-UE kull sena. Għalhekk, il-KESE ddeċieda li jiddedika Opinjoni fuq inizjattiva proprja għaliha. Fid-diskors tagħha dwar l-Istat tal-UE f'Settembru 2022, il-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursula von der Leyen ħabbret l-intenzjoni tal-KE li tippreżenta approċċ komprensiv ġdid għas-saħħa mentali fl-2023 (inkluż fil-Programm ta' Ħidma tal-KE għall-2023). L-importanza dejjem tikber tas-saħħa mentali ġiet enfasizzata wkoll fil-konklużjonijiet tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, li appellaw – fuq talba speċjali miż-żgħażaġh – għal inizjattivi biex jittejjeb il-fehim ta' kwistjonijiet ta' saħħa mentali u kif għandhom jiġu indirizzati. Ir-rapport rivedut CultureForHealth f'Diċembru 2022<sup>(5)</sup> ukoll jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiffoka fuq is-saħħa mentali bħala prijorità strateġika.

2.2. Fuq talba taċ-ċittadini Ewropej, il-PE<sup>(6)</sup> u l-Kunsill ukoll appellaw għal azzjoni f'dan il-qasam. Reċentement, il-Presidenza Spanjola li jmiss talbet Opinjoni esploratorja mill-KESE, flimkien mal-proposta inizjali għal Opinjoni fuq inizjattiva proprja.

## 3. Determinanti tas-saħħa mentali

3.1. L-aktar fatturi determinanti importanti tas-saħħa mentali huma l-mikroambjent u l-makroambjent, il-fatturi soċjopsikoloġiċi individwali u dawk kulturali-ambjentali, eż. l-istatus tal-familja, il-ġeneru, in-nuqqas ta' relazzjonijiet ta' appoġġ, livell baxx ta' edukazzjoni, introjtu u/jew status soċjoekonomiku baxx, il-problemi okkupazzjonali, il-kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena jew prekarji, il-qgħad, diffikultajiet finanzjarji, l-istigma u d-diskriminazzjoni perċepiti, is-saħħa somatika ħażina, is-solitudni, awtostima baxxa, kundizzjonijiet ħżiena tal-ġhajxien, it-tixjijh, avvenimenti negattivi tal-ħajja, eċċ. Il-vulnerabbiltajiet u l-inċertezza għall-futur, flimkien ma' bidliet fis-sistemi tal-valur u l-aderenza magħhom mill-ġenerazzjonijiet il-ġodda jaggravaw ukoll ir-riskju ta' problemi mentali. Il-valutazzjoni tar-riskji psikosoċjali individwalizzati hija ta' importanza kbira fid-dinja tax-xogħol – speċjalment meta jkun involut xogħol ta' responsabbiltà għolja, b'inċertezza, prekarjetà, f'ambjent perikoluż jew ikun xogħol atipiku. Il-karatteristiċi individwali, eż. it-tolleranza għall-istress, il-mard kroniku, eċċ., iridu jitqiesu wkoll.

3.2. Fil-livell tal-popolazzjoni, il-fatturi ta' riskju huma assoċjati ma' esperjenza negattiva fit-tfulija, faqar, governanza ħażina, diskriminazzjoni, abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, edukazzjoni fqira, qgħad, kura tas-saħħa fqira, nuqqas ta' akkomodazzjoni u servizzi soċjali u tas-saħħa adegwati, il-kwalità tal-politiki ta' protezzjoni soċjali, nuqqas ta' opportunitajiet, eċċ. Hemm interdipendenza bejn il-faqar u l-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali u jseħħ ċirku vizzjuż – il-kundizzjonijiet mentali jwasslu għall-faqar, u l-faqar huwa fattur ta' riskju għad-deterjorament tas-saħħa mentali.

3.3. Il-fatturi ambjentali jaffettwaw ukoll is-saħħa mentali. L-influenza tagħhom hija dejjem kumplessa u tiddependi mill-kuntest jew l-isfond prevalenti li fih iseħħu l-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali. Ħafna minnhom huma relatati mal-klima, fenomeni naturali u diżastri bħal uragani jew terremoti. Oħrajn huma marbuta mad-disponibbiltà u l-kwalità tal-ilma tax-xorb, id-disponibbiltà tar-rimi tad-drenaġġ, il-grad ta' urbanizzazzjoni, eċċ.

<sup>(4)</sup> Sett ta' għodod QualityRights tad-WHO biex jiġu vvalutati u mtejbja l-kwalità u d-drittijiet tal-bniedem fil-faċilitajiet tas-saħħa mentali u tal-kura soċjali. Ġinevra, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, 2012.

<sup>(5)</sup> <https://www.cultureforhealth.eu/knowledge/>.

<sup>(6)</sup> Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2020 dwar l-istrateġija tal-UE dwar is-saħħa pubblika wara l-COVID-19 (2020/2691(RSP) (ĠU C 371, 15.9.2021, p. 102) [https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2020-0205\\_MT.html](https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2020-0205_MT.html)

3.4. Il-fatturi determinanti tas-saħħa mentali jaffettwaw gruppi differenti ta' persuni fi gradi differenti. Normalment, aktar ma l-grupp ikun vulnerabbli, aktar ikunu b'saħħithom l-effetti fuqu. Gruppi aktar vulnerabbli jinkludu ż-żgħażaġh u l-anzjani waħedhom, il-persuni li jħossuhom waħedhom u dawk li jgħixu b'kundizzjonijiet preeżistenti jew b'diżabilitajiet intellettuali jew ta' mobbiltà, u l-migranti.

3.5. Kwalunkwe forma ta' vizzju u dipendenza – kemm jekk relatata ma' sustanzi kif ukoll mal-imġiba, tipperikola saħħa mentali tajba. Flimkien mal-vizzju tal-alkoħol, it-tabakk u d-droga, xi mediċini jistgħu jikkawżaw ukoll dipendenza – inklużi dawk preskritti biex itaffu kundizzjonijiet marbuta mas-saħħa mentali. Għalhekk, huwa importanti għal dawk kollha fil-bżonn li jkollhom aċċess rapidu għal psikjatri u psikoterapisti professjonali li jistgħu jgħinu biex dawn il-problemi jiġu indirizzati fil-fond. Il-mediċini jistgħu jkunu soluzzjoni temporanja waqt li tingħata għajna professjonali. Id-dipendenzi tal-imġiba jeħtieġu attenzjoni speċjali, speċjalment dawk li jirriżultaw mill-użu eċċessiv ta' apparati diġitali ("no mobile phobia" <sup>(7)</sup>), peress li jaffettwaw b'mod speċjali lit-tfal u lill-adoloxxenti. L-algoritmi li jintużaw għall-personalizzazzjoni tal-kontenut fil-media soċjali jistgħu jgħolqu wkoll riskji ta' aggravar ta' kundizzjonijiet tas-saħħa mentali billi jkomplu jissuġġerixxu l-kontenut li jikkawża kwistjonijiet ta' saħħa mentali – ħafna drabi ansjetà u dipressjoni. Fir-rigward tat-terapiji psikedeliċi, li qed jifacċaw bħala klassi ġdida ta' trattamenti rivoluzzjonarji għal kundizzjonijiet bħal dipressjoni severa, PTSD u disturbi fl-użu tal-alkoħol, hija meħtieġa aktar riċerka f'ambjent terapewtiku kkontrollat. Il-KESE jirrikonoxxi l-potenzjal ta' dawn it-trattamenti u jitlob finanzjament iddedikat għall-promozzjoni tar-riċerka, l-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni eventwali tagħhom.

3.6. L-indiċi tas-Saħħa Mentali Headway <sup>(8)</sup> jiddeskrivi l-impatti, inklużi żieda fil-mortalità, imġiba impulsiva u aggressiva u rati oġhla ta' suwiċidju. Żvela wkoll li fatturi li ftit ġew diskussi qabel bħal żieda medja kull xahar fit-temperatura ta' grad wieħed kienu assoċjati ma' żieda ta' 0,48 % fiż-żjarat ta' emerġenza tas-saħħa mentali u żieda ta' 0,35 % fis-suwiċidji.

3.6.1. L-indiċi jżvela li madwar 22,1 % tal-persuni f'ambjent ta' kunflitt jesperjenzaw kundizzjoni ta' saħħa mentali (13 % għandhom forum ħfief ta' dipressjoni, ansjetà u disturb minn stress postrawmatiku, 4 % għandhom forum aktar moderati, 5,1 % għandhom dipressjoni u ansjetà kbira, skizofrenija jew disturb bipolari). Madwar persuna minn kull ħamsa tgħix b'kundizzjoni ta' saħħa mentali marbutin ma' sitwazzjonijiet ta' wara l-kunflitti.

3.6.2. B'27 kunflitt li għaddejjin bħalissa <sup>(9)</sup> madwar id-dinja u 68,6 miljun persuna spostati madwar id-dinja <sup>(10)</sup>, l-indirizzar tal-ħtiġijiet tas-saħħa mentali ta' persuni affettwati minn kunflitt u migrazzjoni huwa prijorità ewlenija u jeħtieġ aktar monitoraġġ tas-saħħa – għal mill-inqas tliet snin wara l-avveniment.

3.6.3. L-indiċi jkompli jiddeskrivi l-opportunitajiet ewlenin għas-sistemi tas-saħħa biex itejbu jew iżommu l-eżiti tas-saħħa mentali fil-futur. Id-data tiżvela lakuna sinifikanti fl-istrategġija, il-politiki u l-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa mentali, u hemm differenzi kbar fl-infiq fil-kura tas-saħħa bejn Stat Membru u ieħor (eż. Franza 14,5 % vs il-Lussemburgu 1 %) <sup>(11)</sup>. Fuq nota pożittiva, qed isiru passi 'l quddiem u l-faċilitajiet tas-saħħa mentali għal kura outpatient żdiedu minn 3,9 għal 9,1 għal kull miljun persuna.

#### 4. L-effett ta' kriżijiet multipli reċenti fuq is-saħħa mentali

4.1. Qabel il-COVID-19, id-data kienet tissuġġerixxi li aktar minn 84 miljun persuna (jew waħda minn kull sitta) fl-UE kienu affettwati minn mard mentali – ċifra li ċertament żdiedet minn dak iż-żmien 'il hawn <sup>(12)</sup>. Madwar 5 % tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol kellha ħtiġijiet għoljin minħabba kundizzjoni ta' saħħa mentali u 15 % oħra kellhom ħtiġijiet moderati ta' saħħa mentali li naqqsu l-prospetti ta' impjieg, il-produttività u l-pagi tagħhom. Is-saħħa mentali u l-kundizzjonijiet tal-imġiba jammontaw għal madwar 4 % tal-imwiet kull sena fl-Ewropa u huma t-tieni l-aktar kawża komuni ta' mewt fost iż-żgħażaġh.

<sup>(7)</sup> Biża' li ma jkunx hemm aċċess għal mowbajl jew apparat ieħor, relatat ukoll mal-media soċjali u d-dipendenza mill-Internet.

<sup>(8)</sup> [https://eventi.ambrosetti.eu/headway/wp-content/uploads/sites/225/2022/09/220927\\_Headway\\_Mental-Health-Index-2.0\\_Report-1.pdf](https://eventi.ambrosetti.eu/headway/wp-content/uploads/sites/225/2022/09/220927_Headway_Mental-Health-Index-2.0_Report-1.pdf).

<sup>(9)</sup> [https://eventi.ambrosetti.eu/headway/wp-content/uploads/sites/225/2022/09/220927\\_Headway\\_Mental-Health-Index-2.0\\_Report-1.pdf](https://eventi.ambrosetti.eu/headway/wp-content/uploads/sites/225/2022/09/220927_Headway_Mental-Health-Index-2.0_Report-1.pdf), p. 60.

<sup>(10)</sup> Data tan-NU.

<sup>(11)</sup> <https://www.angelinipharma.com/media/press-releases/new-headway-report-highlights-environmental-determinants-of-mental-health/>.

<sup>(12)</sup> [https://health.ec.europa.eu/system/files/2022-12/2022\\_healthatglance\\_rep\\_en\\_0.pdf](https://health.ec.europa.eu/system/files/2022-12/2022_healthatglance_rep_en_0.pdf).

4.2. Is-saħħa mentali kompliet tiddeterjora mill-bidu tal-pandemija tal-COVID-19 'l hawn b'mod ġenerali, iżda l-impatt jinħass b'mod partikolari fost iż-żgħażaġh, l-anzjani, il-persuni li tilfu lil xi ħadd għażiż minħabba l-COVID-19 u gruppi vulnerabbli oħra. L-iżolament soċjali u l-istress soċjetali jaffettwaw is-saħħa mentali u l-benesseri tan-nies b'mod negattiv. Persuni bi kwistjonijiet sottostanti tas-saħħa huma esposti għal riskju ta' deterjorament tas-saħħa fiżika u mentali. Għall-kuntrarju taż-żieda fid-domanda għas-servizzi tal-kura tas-saħħa mentali, l-aċċess għall-kura tas-saħħa għe mfixxkel ħafna fil-kuntest tal-pandemija, tal-inqas fl-ewwel fażi tagħha. Iż-żieda fid-domanda għall-kura tas-saħħa mentali tenfasizza l-importanza dejjem tikber tat-telemediċina u tas-soluzzjonijiet diġitali fil-prevenzjoni, id-dijanjożi, it-trattament u l-monitoraġġ tal-problemi tas-saħħa mentali.

4.3. L-avvenimenti stressanti li jakkumpanjaw il-pandemija tal-COVID-19 jinkludu: ir-riskju ta' infezzjoni u trażmissjoni tal-virus lil persuni oħra, il-biża' mill-konsegwenzi fit-tul tal-pandemija (inklużi dawk ekonomiċi), sintomi ta' mard ieħor (speċjalment respiratorju) li qed jiġu interpretati b'mod skorrett bħala sintomi tal-COVID-19, l-għeluq tal-iskejjel u l-kindergartens li jżid l-istress tal-ġenituri u tal-persuni li jindukraw, is-sentimenti ta' rabja u n-nuqqas ta' sodisfazzjon bil-gvern u l-persunal mediku, jew in-nuqqas ta' fiduċja fl-informazzjoni pprovduta mill-gvern u minn korpi uffiċjali oħra.

4.4. Barra minn hekk, il-ħaddiema tal-kura tas-saħħa tal-ewwel linja (inklużi infermiera, tobba, sewwieqa tal-ambulanzi, tekniċi tal-laboratorju u paramediċi) jesperjenzaw stress addizzjonali matul il-pandemija, bħall-istigmatizzazzjoni tax-xogħol ma' pazjenti friskju, tagħmir protettiv personali insuffiċjenti u nuqqas ta' tagħmir għall-kura ta' pazjenti gravi, htiēga għal viġilanza kostanti, żieda fis-siġhat tax-xogħol, żieda fl-għadd ta' pazjenti, htiēga għal titjib tal-ħiliet u taħriġ kostanti, tibdil fil-protokollu għad-dijanjożi u t-trattament tal-pazjenti bil-COVID-19, appoġġ soċjali mnaqqas, kapaċità personali insuffiċjenti għall-awtokura, informazzjoni medika insuffiċjenti dwar l-effetti fit-tul tal-infezzjoni u l-biża' li jiġu infettati l-familji u dawk għeżiē tagħhom.

4.5. Reċentement, l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u l-konsegwenzi tagħha għall-għajxien u l-inċertezza dwar il-futur ħolqu xokkijiet ġodda b'effetti fit-tul fuq is-saħħa mentali. Ċittadini mhux tal-UE bħal dawk li qed jaħarbu mill-Ukrajna jistgħu jiffaċċjaw sfidi partikolari tas-saħħa mentali minħabba esperjenzi trawmatiki fpajjiżhom jew li qed jaħarbu lejn l-UE. Fl-istess ħin, il-gwerra toħloq effetti konsegwenzjali u piż fuq il-popolazzjoni tal-UE soċjoekonomi-kament, u b'hekk tiġġenera riskji addizzjonali fit-tul għas-saħħa mentali madwar l-UE.

## 5. Gruppi vulnerabbli

5.1. **Tfal u adoloxxenti** L-interventi għall-promozzjoni tas-saħħa mentali fit-tfulija bikrija għandhom ikunu parti integrali mill-kura tas-saħħa ġenerali għat-tfal u għall-ġenituri tagħhom u għal dawk li jindukrawhom. Dawn jibdwu matul it-tqala u jkomplu bl-appoġġ għal pariri dwar it-trobbija responsabbli tat-tfal u dwar l-iżvilupp bikri tat-tfal. Is-sistemi edukattivi għandhom jiffukaw fuq l-informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni, il-prevenzjoni u l-iskrinjar għall-vjolenza – kemm fiżika kif ukoll online, l-abbuż mill-alkoħol, it-tabakk jew id-droga, eċċ. L-użu tal-media soċjali jhedded is-saħħa mentali meta jkun eċċessiv, iżda dawn il-media joffru wkoll opportunitajiet għat-trattament ta' kundizzjonijiet mentali. L-influwenza tal-istress fl-iskola u l-prestazzjoni skolastika jistgħu jikkawżaw ukoll pressjoni fuq is-saħħa mentali.

5.1.1. Għandhom jiġu introdotti programmi għall-promozzjoni tal-benesseri mentali fl-iskejjel u għandu jiġi avvanzat l-għarfien dwar is-saħħa mentali. Għandhom jiġu żviluppatti perkorsi effettivi lejn is-settur tal-kura tas-saħħa biex it-tfal jiġu appoġġjati minn età żgħira jirrikonoxxu s-sentimenti tagħhom u dawk ta' oħrajn, u biex jindirizzaw emozzjonijiet u sitwazzjonijiet diffiċli billi jagħżlu strateġiji effettivi biex jindirizzawhom. Il-pjattaformi online għall-promozzjoni tas-saħħa mentali fl-istituzzjonijiet edukattivi u s-siti web interattivi adattati għall-età għaż-żgħażaġh huma essenzjali.

5.1.2. Il-protezzjoni tas-saħħa mentali tat-tfal teħtieġ mhux biss miżuri mediċi biex jiġi żgurat in-nuqqas ta' sintomi kliniċi, iżda wkoll sforzi mmirati għal kwalità tajba tal-ħajja u adattament soċjali sħiħ. Huwa meħtieġ approċċ kollaborattiv (li jgħaqqad il-forzi tas-settur edukattiv, tal-kura tas-saħħa u soċjali) fl-iskejjel biex tiġi promossa s-saħħa mentali, tiġi indirizzata t-trauma, u għall-prevenzjoni u t-trattament ta' problemi tas-saħħa mentali, l-użu u l-abbuż ta' sustanzi, is-suwiċidju, il-vjolenza fost iż-żgħażaġh u diversi forum ta' bullying.

5.2. **Persuni f'età avvanzata.** L-istennija medja tal-ġhomor fl-Istati Membri qed tiżdied b'mod kostanti, u dan jagħti prominenza lill-kwistjoni tax-xjuħija. Il-proċessi tat-tixjiħ spiss jistgħu jikkawżaw bidliet fil-ħajja (inklużi dawk psikosensorji) u l-iżvilupp ta' htiēgijiet relatati ma' kundizzjonijiet mentali. Vjolazzjonijiet fl-isferi psikomotorji u sensorji



u t-telf gradwali tal-akutezza tal-perċezzjoni u d-diffikultajiet fl-adattament għall-ambjent li qed jinbidel iwasslu għal ansjetà u dipressjoni. Disturbi newroloġiċi li jinvolvu l-kortiċi, taħlita ta' bidliet fil-moħħ relatati mal-età, flimkien ma' fatturi ġenetiċi, ambjentali u tal-istil tal-ħajja ukoll qed jikkawżaw effetti. Filwaqt li hemm ħtiġijiet dejjem akbar għal titjib tal-ħiliet biex wieħed jitgħallem juża apparat domestiku dejjem aktar kumpless, b'età avvanzata l-kapaċitajiet ta' taqlim u akkwist ta' ħiliet ġodda jonqsu u dan jista' jikkawża stress fil-ħajja ta' kuljum. Barra minn hekk, l-esperjenza ta' ċerti bidliet fil-ħajja, diffikultajiet, telfien u iżolament iżidu wkoll pressjoni fuq is-saħħa mentali f'età akbar. Biex wieħed jilqa' dawn l-isfidi kollha, jeħtieġ li jiġu żviluppati standards għal kura strutturata li tmur lil hinn mil-livell istituzzjonali u tindirizza l-ħtiġijiet personali tal-anzjani. L-iżvilupp ta' programmi ta' kura ċċentrati fuq l-individwu fil-komunità huwa vitali sabiex is-servizzi ma jiġux limitati biss għal istituzzjonijiet bħad-djar għall-anzjani jew l-ospizji. Għandu jsir aktar sforz biex jiġu mfitxija b'mod attiv persuni li jeħtieġu appoġġ, speċjalment f'sitwazzjonijiet ta' kriżi jew wara avveniment trawmatiku.

**5.3. Perspettivi tal-ġeneru.** L-iżbilanċi bejn il-ġeneri marbuta mas-saħħa mentali wkoll jgħolqu problema. L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) permezz tal-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-2022<sup>(13)</sup> tiegħu sab li n-nisa rrappurtaw livelli aktar baxxi ta' benesseri mentali mill-irġiel f'kull waħda mit-tliet mewġiet tal-pandemija. Kien hemm ukoll żieda sinifikanti fil-vjolenza domestika matul il-pandemija, imsejħa l-"pandemija parallela". Barra minn hekk, in-nisa huma darbtejn aktar probabbli mill-irġiel li jesperjenzaw is-sindrom tal-COVID-19 fit-tul, b'sintomi newroloġiċi u livelli ogħla ta' dipressjoni u ansjetà<sup>(14)</sup>. L-Istrateġija Ewropea għall-Kura<sup>(15)</sup> tindirizza wkoll il-ħtiġijiet relatati mal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata speċjalment fir-rigward tan-nisa<sup>(16)</sup>.

**5.3.1.** Għandu jkun hemm valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tal-ġeneri fil-politiki kollha dwar is-saħħa mentali fil-livell tal-UE u dak nazzjonali biex tiġi żgurata l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri. Hemm differenzi bijoloġiċi, iżda fatturi psikoloġiċi u soċjali għandhom ukoll rwol importanti. Għalkemm diġà magħruf xi ftit dwar id-differenzi fil-prevalenza, ħafna drabi ftit huwa ċar dwar l-influenza li dan jista' jkollu fuq il-prevenzjoni, ir-riskji, id-dijanjożi u t-trattamenti. Għalhekk, hija meħtieġa aktar riċerka. Eżempju importanti huwa x-xejra ta' deterjorament ħafna aktar qawwi tas-saħħa mentali għall-bniet adoloxxenti meta mqabbla mas-subien, u l-prevenzjoni fuq il-bniet huma tliet darbtejn aktar b'saħħithom issa minn 20 sena ilu.

**5.3.2.** Hemm ħtieġa urġenti għal appoġġ u trattament tas-saħħa mentali mfassla skont il-ġeneru. Matul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' mara, hemm ħafna episodji li jistgħu jwasslu għal kwistjonijiet ta' saħħa mentali. Pereżempju, disturb disforiku premestruwali (PMD); l-effett mentali, fiżiku, psikjatriku u farmakokinetiku tal-menopawża jew tal-kontraċeżzjoni orali; in-nuqqas ta' terapija marbuta mal-mediċini għal nisa tqal jew li qed iredgħu; in-nuqqas ta' kura mentali u tas-saħħa mfassla apposta u trattament wara vjolenza domestika u/jew sesswali, żwieġ bikri u esponiment (bikri) għal pornografija (vjolenti), jew traffikar. Dawn il-koll jistgħu jwasslu għad-deterjorament tas-saħħa u l-benesseri mentali.

**5.4. Persuni b'vizzji u dipendenzi.** Għandha ssir enfasi speċjali fuq il-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali relatati mal-alkoħol u/jew id-dipendenza minn drogi illeċiti. Ir-riskji relatati mal-alkoħol huma ta' importanza partikolari minħabba l-użu mifrux tiegħu. Il-preludju għall-alkoħoliżmu huwa xorb eċċessiv u ta' ħsara, li jibda bl-iskuża li jintuża biex inaqqas l-istress u spiss iwassal għal vizzju u dipendenza. Sfortunatament, l-istudju tal-UE ESPAD juri li dan l-użu riskjuż tal-alkoħol huwa viżibbli wkoll fost il-ġenerazzjoni żagħżuġha. L-użu ta' drogi illeċiti oħra sar ukoll problema serja tas-saħħa pubblika f'dawn l-aħħar deċennji, b'aspett ġenerazzjonali partikolarment qawwi.

**5.5. Persuni b'diżabilitajiet intellettuali u psikosoċjali.** Persuni bi ħtiġijiet għoljin ta' kura tas-saħħa mentali jeħtieġu katina ta' servizzi ta' kwalità tajba u aċċessibbli ċċentrata fuq il-persuna u bbażata fuq id-drittijiet fis-servizzi tas-saħħa mentali fil-komunità. Matul il-pandemija tal-COVID-19, il-persuni b'diżabilità li kienu jgħixu f'istituzzjonijiet "inqatgħu mill-bqija tas-soċjetà" u kien hemm rapporti li r-residenti kienu medikati żżejjed, taħt sedazzjoni jew maqfulin u ġew rapportati wkoll inċidenti ta' awtoħsara<sup>(17)</sup>. Matul il-pandemija tal-COVID-19, kien hemm rati ogħla ta' mortalità fost

<sup>(13)</sup> Aqra r-rapport fuq [https://eige.europa.eu/sites/default/files/documents/gender\\_equality\\_index\\_2022\\_corr.pdf](https://eige.europa.eu/sites/default/files/documents/gender_equality_index_2022_corr.pdf) Ara wkoll <https://eige.europa.eu/publications/gender-equality-index-2021-report/women-report-poorer-mental-well-being-men>

<sup>(14)</sup> <https://timesofindia.indiatimes.com/life-style/health-fitness/health-news/females-twice-more-likely-to-suffer-from-long-covid-who-releases-alarms-data-on-sufferers-and-symptoms/photostory/94194227.cms?picid=94194317>.

<sup>(15)</sup> [https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip\\_22\\_5169](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_22_5169)

<sup>(16)</sup> <https://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=mt&catId=89&furtherNews=yes&newsId=10382#navItem-relatedDocuments>

<sup>(17)</sup> Brennan, C.S., Disability Rights During the Pandemic: A Global Report on Findings of the COVID-19 Disability Rights Monitor [Id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità Matul il-Pandemija: Rapport Globali dwar is-Sejbiet tal-Monitoraġġ tad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità tal-COVID-19]. 2020, COVID-19 Disability Rights Monitor.



il-persuni b'diżabilità intellettuali, li huma wkoll inqas probabbli li jirċievu servizzi ta' kura intensiva<sup>(18)</sup>. F'kundizzjonijiet ta' kriżi huwa ferm aktar diffiċli li f'istituzzjonijiet fuq skala kbira jingħataw kura u appoġġ individwalizzati ċċentrati fuq il-persuna, u dan ipoġġi lill-persuni b'diżabilitajiet intellettuali u psikosoċjali f'riskju konsiderevoli ta' inugwaljanzi fil-kura u t-trattament<sup>(19)</sup>. Għalhekk il-prattiki ta' segregazzjoni għandhom jiġu aboliti, u d-deistituzzjonalizzazzjoni għandha tkun fil-qalba tal-politiki soċjali biex il-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jgawdu d-dritt tagħhom li jgħixu fil-komunità.

## 5.6. Esoniment għal stress eċċessiv – eż. pandemija, diżastri naturali, kunflitti

5.6.1. Il-pandemija tal-COVID-19 u s-sindromu tal-COVID-19 fit-tul aggrawaw ħafna fatturi ta' riskju li jaffettwaw lill-individwi, u dan wassal għal deterjorament tas-saħħa mentali, kif ukoll dgħajfu ħafna mekkaniżmi protettivi, li wassal għal prevalenza bla preċedent ta' ansjetà u dipressjoni. F'ċerti Stati Membri, din il-prevalenza rduppjat<sup>(20)</sup>. Is-saħħa mentali kellha t-tendenza li tkun fl-aġġar livell tagħha madwar l-ogħla livelli tal-pandemija, b'sintomi ta' dipressjoni normalment l-ogħla matul iż-żmien ta' miżuri stretti ta' konteniment.

5.6.2. Il-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat il-perkorsi possibbli għal interazzjoni pożittiva bejn kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u tajbin għas-saħħa u s-saħħa pubblika<sup>(21)</sup>. Irriżulta wkoll li xi okkupazzjonijiet kienu espsti għal fatturi psikosoċjali li jistgħu jżidu l-esponiment għall-istress<sup>(22)</sup> u jipproduċu impatti negattivi. Pereżempju, l-eżawriment tal-persunal u l-bidliet demografiċi jheddu tnaqqis permanenti fil-forza tax-xogħol Ewropea fil-qasam tas-saħħa<sup>(23)</sup>. Xi professjonijiet huma aktar espsti minn oħrajn għall-prekarjat<sup>(24)</sup> u għar-riskju ta' fastidju fiżiku – eż. il-ħaddiema f'dawn l-oqsma: il-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni (14,6 %), it-trasport u l-komunikazzjoni (9,8 %), l-ospitalità (9,3 %), u l-bejgħ bl-innut (9,2 %). Dawk is-setturi jirrapportaw ukoll attenzjoni sesswali mhux mixtieqa: l-ospitalità (3,9 %), il-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni (2,7 %) u t-trasport u l-komunikazzjoni (2,6 %) (25). Tali avvenimenti stressanti jistgħu jikkawżaw kwistjonijiet u kundizzjonijiet mentali u jridu jiġu evitati.

5.6.3. **Persuni li esperjenzaw l-ambjent perikoluż ta' diżastri naturali li ma jistgħux jiġu kkontrollati, eż., terremoti, uragani, nirien u għarġar, vittmi tat-traffikar tal-bnedmin kif ukoll persuni li jfittxu protezzjoni internazzjonali.** Hemm ukoll tipi differenti ta' reazzjonijiet<sup>(26)</sup> wara avveniment ta' trawma potenzjali:

- Stress: jingħeleb kważi immedjatament,
- Stress akut: tnaqqis fl-attenzjoni, il-konnoxxenza hija mċajpra, amnesija momentarja, jidhru d-diżorjentazzjoni, it-tremuri, l-aggressività u l-ansjetà, li jistgħu jdumu minn diversi sigħat sa erba' ġimgħat,
- Disturb minn stress posttraumatiku: l-istess sintomi jidhru sa xahar wara l-avveniment (pereżempju, it-terremot).

## 6. Eżempji ta' Prattiki tajbin

6.1. Matul il-pandemija, ħafna Stati Membri ħadu passi biex iżidu l-appoġġ għas-saħħa mentali. Il-biċċa l-kbira minnhom żviluppaw informazzjoni għida dwar is-saħħa mentali u/jew linji telefoniċi għall-għajnuna li jaġtu pariri dwar miżuri ta' rkupru matul il-kriżi tal-COVID-19, u ħafna pajjiżi żiedu wkoll l-isforzi ta' prevenzjoni u promozzjoni u żiedu l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa mentali u l-finanzjament għal dawn is-servizzi<sup>(27)</sup>. Xi eżempji jinkludu:

- Ċipru – l-estensjoni tal-mandat tal-kumitati epidemjoloġiċi mill-indirizzar tar-riskji għas-saħħa fiżika biex jiġu inkorporati wkoll kwistjonijiet ta' saħħa mentali f'sottokumitati speċjalizzati<sup>(28)</sup>,

<sup>(18)</sup> <https://www.who.int/news-room/fact-sheets/detail/disability-and-health>.

<sup>(19)</sup> <https://apps.who.int/iris/bitstream/handle/10665/333964/WHO-EURO-2020-40745-54930-eng.pdf>.

<sup>(20)</sup> Health at a Glance: Ewropa 2022 © OECD/Unjoni Ewropea, 2022.

<sup>(21)</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52021DC0323>

<sup>(22)</sup> <https://osha.europa.eu/mt/themes/health-and-social-care-sector-osh>

<sup>(23)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Strateġija dwar il-forza tax-xogħol u l-kura fil-qasam tas-saħħa għall-futur tal-Ewropa" (opinjoni fuq inizzjattiva proprja) (ĠU C 486, 21.12.2022, p. 37).

<sup>(24)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar ix-"Xogħol prekarju u saħħa mentali" (opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidentza Spanjola) (ĠU C 228, 29.6.2023, p. 28).

<sup>(25)</sup> <https://osha.europa.eu/mt/themes/health-and-social-care-sector-osh>

<sup>(26)</sup> Flore Gil Bernal, Università Iberoamericana fil-Messiku, [www.fearof.net](http://www.fearof.net)

<sup>(27)</sup> Uffiċċju għall-Istatistika Nazzjonali (2021), *Coronavirus and depression in adults* (Il-coronavirus u d-dipressjoni fl-adulti), il-Gran Brittanja: minn Lulju sa Awwissu 2021.

<sup>(28)</sup> Sindromu tal-COVID fit-tul – <https://www.oeb.org.cy/egcheiridia-long-covid-cyprus>

- Il-Finlandja – bħala pajjiż b'distanzi twal u użu mifrux ta' teknoloġiji diġitali – l-użu ta' għodod diġitali jista' jipprovdi aċċess aktar faċli, kosteffiċjenti u bi kriterji inqas stretti għas-servizzi tas-saħħa mentali (prevenzjoni, dijanjożi, trattament, monitoraġġ). Pereżempju, Mielenterveystalo.fi huwa servizz online li jipprovdi informazzjoni u servizzi dwar is-saħħa mentali għaċ-ċittadini u għall-professionisti soċjali u tal-kura tas-saħħa fil-Finlandja. Speċjalment f'oqsma li m'għandhomx preżenza fiżika għall-għoti ta' servizzi tal-kura tas-saħħa mentali u fost gruppi vulnerabbli bħaż-żgħażaġh li qed jużaw għodod u apparati diġitali b'mod attiv jew persuni b'diżabilità fiżika, is-soluzzjonijiet diġitali jistgħu jżidu l-użu tas-servizzi tas-saħħa mentali u jipprevjenu l-problemi tas-saħħa mentali.
- Il-Portugall – linja tat-telefont bla ħlas 24 siegħa kuljum għal appoġġ psikoloġiku,
- Franza – introduċiet konsultazzjonijiet b'xejn ma' psikologu jew psikjatra għall-istudenti,
- L-Irlanda – ipprovdiet finanzjament addizzjonali ta' EUR 50 miljun fl-2021 biex jinħolqu servizzi tas-saħħa mentali ġodda b'reazzjoni għal kriżi, kif ukoll appoġġ addizzjonali għall-ħtiġijiet eżistenti tas-saħħa mentali,
- Il-Latvja – żieda fil-finanzjament għall-professionisti tas-saħħa mentali u t-tobba tal-familja li jipprovdu appoġġ għas-saħħa mentali,
- Il-Litwanja – pjattaforma nazzjonali tas-saħħa mentali b'informazzjoni dwar kif għandha tinżamm is-saħħa mentali u riżorsi għall-appoġġ,
- Iċ-Ċekja – il-biċċa l-kbira tal-fondi tal-assigurazzjoni tas-saħħa obligatorji introduċew rimborż parzjali ta' psikoterapija miftuħa għall-benefiċjarji kollha tagħhom.

6.2. Stati Membri oħra introduċew ukoll strateġiji nazzjonali biex jindirizzaw l-isfidi tas-saħħa mentali. Pereżempju, Spanja ddedikat kapitolu sħiħ tal-istrateġija nazzjonali tagħha għall-perjodu 2022-2026 għall-isfidi tas-saħħa mentali bħala riżultat tal-pandemija tal-COVID-19, u introduċiet sett ta' linji gwida dwar l-indirizzar ta' tali sfidi matul u wara l-kriżi. Fil-Litwanja, fl-2020, ġie żviluppat pjan ta' azzjoni b'rispons għall-COVID-19 biex jissaħħaħ il-forniment tal-kura tas-saħħa mentali u jittaffew il-konsegwenzi negattivi potenzjali tal-pandemija<sup>(29)</sup>. Il-pjan ta' azzjoni fil-Litwanja jistabbilixxi wkoll sensiela ta' miżuri biex jespandu u jadattaw is-servizzi eżistenti, jintroduċu servizzi ġodda bħal timijiet ta' kriżi psikoloġika tal-komunità, id-disponibbiltà ta' konsulenza psikoloġika b'limitu baxx fil-livell muniċipali u għamlu s-servizzi għall-promozzjoni tas-saħħa mentali aktar aċċessibbli.

6.3. Il-psikoterapija, il-konsulenza psikoloġika, diversi tipi ta' terapiji permezz tat-taħdit u fi gruppi huma trattamenti bbażati fuq l-evidenza, li jridu jitjiebu sabiex ikunu affordabbli, aċċessibbli u disponibbli għal persuni li jeħtiġuhom sabiex jibbilanċjaw il-metodi tradizzjonali prevalenti ta' trattament.

6.4. L-impatti fuq terminu medju sa twil tal-pandemija fuq il-ħtieġa għal servizzi tas-saħħa mentali għad iridu jiġu osservati. Hemm xi indikazzjonijiet li s-saħħa mentali u l-benesseri tjiebu fl-ewwel ftit xhur tal-2022, iżda sinjali ta' deterjorament tas-saħħa mentali għadhom għoljin. Id-data nazzjonali limitata disponibbli turi sintomi ogħla ta' dipressjoni u ansjetà fost l-adulti minn dawk ta' qabel il-pandemija<sup>(30)</sup>.

Brussell, it-13 ta' Lulju 2023.

Oliver RÖPKE  
Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

<sup>(29)</sup> Wijker, Sillitti u Hewlett (2022), *The provision of community-based mental health care in Lithuania* (Il-forniment ta' kura tas-saħħa mentali bbażata fil-komunità fil-Litwanja), <https://doi.org/10.1787/18de24d5-en>

<sup>(30)</sup> Sciensano, 2022; Santé publique Franza, 2022.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Miżuri biex titnaqqas l-obeżità tat-tfal”****(Opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Spanjola)**

(2023/C 349/17)

Relatur: **Josep PUXEU ROCAMORA**Korelatur: **Isabel CAÑO AGUILAR**

Konsultazzjoni	Ittra mill-Presidenza Spanjola tal-Kunsill, 8.12.2022
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adozzjoni fis-sezzjoni	1.6.2023
Adozzjoni fil-plenarja	13.7.2023
Sessjoni plenarja Nru	580
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	197/0/0

**1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Is-saħħa hija dritt fundamentali. Barra minn hekk, li t-tfal jitrabbew f'saħħithom u ferħanin, u li jkunu jistgħu jżviluppaw il-potenzjal sħiħ tagħhom, huwa dritt indikat mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

1.2. Bħalissa, il-piż żejjed u l-obeżità fit-tfal għadhom waħda mill-isfidi ewlenin tas-saħħa pubblika fil-pajjiżi tal-UE fejn jikkonverġu numru kbir ta' fatturi: ambjentali, soċjali u ekonomiċi. L-obeżità fit-tfal hija assoċjata ma' problemi ta' saħħa fiżika, mentali u soċjali fit-tfulija u fl-età adulta.

1.3. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jitnaqqsu l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi fit-tfulija, minħabba li huma relatati direttament mal-piż żejjed fost it-tfal. F'xi każijiet, il-perċentwal ta' tfal u adolexxenti obeżi huwa d-doppju f'unitajiet domestiċi b'introjt aktar baxx.

1.4. Il-KESE jinnota li l-Istati Membri għandhom kriterji differenti dwar kif jindirizzaw l-obeżità fit-tfal (b'rabta ma' diversi aspetti bħall-komunikazzjoni, it-tikkettar dwar in-nutrizzjoni, il-promozzjoni tal-attività fiżika u dieti sostenibbli, jew l-inklużjoni ta' aspetti aktar ġodda bħall-użu san tal-iskrins jew il-promozzjoni tas-saħħa psikoemozzjonali). Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Parlament Ewropew jaqdu rwol aktar proattiv f'dan il-qasam u jaħdmu għal aktar standardizzazzjoni u qafas aktar effettiv.

1.5. Il-KESE jinnota bi tħassib li l-biċċa l-kbira tar-restrizzjonijiet nazzjonali dwar il-promozzjoni u r-reklamar tal-ikel u x-xorb mhux alkoħoliku intiżi għat-tfal huma dgħajfa wisq u l-approċċi volontarji eżistenti mhumiex biżżejjed biex jipproteġu lit-tfal u lill-adoloxxenti; Iqis li l-profil nutrizzjonali tad-WHO jista' jintuża bħala bażi biex jillimita r-reklamar ta' prodotti b'livell għoli ta' zokkor, xaħam jew melħ. Iqis li huwa importanti li nitgħallmu mill-miżuri u l-prattiki tajbin f'pajjiżi li fihom intweriet l-effettività ta' politiki differenti, inklużi regolamenti, biex jiġi ristrett l-esponiment tat-tfal għal komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi dwar ikel u xorb b'livell għoli ta' melħ, zokkor, xaħam, xaħam saturat jew aċidi xaħmin trans. Huwa wkoll essenzjali li jiġi żgurat li l-ħinijiet tax-xandir għat-tfal jiġu dejjem rispettati, u li kwalunkwe reklamar jikkonforma mal-prinċipju tal-akkuratezza tar-reklamar. Ta' min ifakkar li d-WHO hija favur ir-restrizzjoni tal-forom rilevanti kollha ta' reklamar tal-ikel immirati lejn it-tfal.

1.6. Il-KESE jappella wkoll għat-tiġdid tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Obeżità fit-Tfal 2014-2020, billi jitqiesu l-proposti ta' din l-Opinjoni.

1.7. Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, il-KESE jqis li l-istituzzjonijiet għandhom jagħtu spinta lill-konsum ta' ikel li huwa meqjus bħala parti essenzjali minn dieti sani u sostenibbli (frott u ħxejjex friski, staġjonali u lokali, legumi, qmuħ šħah u proteini tal-annimali bħall-ħut). Dan jista' jinkiseb pereżempju billi jiġu enfasizzati l-politiki għall-promozzjoni tal-prodotti agrikoli tal-UE, jiġu żviluppati offerti pubbliċi li jippromovu dieti sani u sostenibbli, jew billi jintużaw l-inċentivi fiskali (bħal tnaqqis tal-VAT) bħala strument li jappoġġja x-xiri u l-konsum ta' ikel bħal dan. Barra minn hekk, f'kuntest ta' inflazzjoni u prezzijiet li qed jiżdiedu, iż-żewġ miżuri jistgħu jgħinu biex jagħmluha aktar faċli għal ħafna aktar familji, speċjalment dawk l-aktar żvantaġġati, li jkollhom aċċess għal ikel nutrittiv u ta' kwalità tajba. Bl-istess mod, il-KESE jħeġġeġ biex titkompla l-ħidma għar-riformulazzjoni u t-titjib tal-kompożizzjoni tal-ikel u x-xorb fis-suq Ewropew.

1.8. Il-KESE jitlob li l-familji jingħataw għodod sempliċi biex ikollhom l-għarfien meħtieġ biex jifhmu l-oriġini b'diversi fatturi tal-obeżità fit-tfal u l-konsegwenzi tagħha fuq is-saħħa fit-tfulija u fl-età adulta. Il-KESE jqis ukoll li huwa essenzjali li s-soċjetà kollha kemm hi tippromovi l-użu tajjeb tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) u r-rakkomandazzjonijiet diġà fis-seħħ f'dan ir-rigward. L-użu eċċessiv tal-iskrins iwassal għal stil ta' ħajja sedentarja, żieda fl-esponiment għar-reklamar ta' ikel u xorb b'livell għoli ta' zokkor, xaħam u melħ, kif ukoll għal riskji għas-saħħa mentali tat-tfal u l-adolesxenti.

1.9. Il-KESE jitlob li l-ambjent edukattiv ikun ċentru li jippromovi l-attività fiżika, in-nutrizzjoni sana u s-saħħa psikoemozzjonali. Iċ-ċentri edukattivi huma spazju ideali għall-promozzjoni ta' stili ta' ħajja sani u biex l-obeżità fit-tfal tiġi miġġielda b'mod pożittiv, mingħajr ma tinħoloq stigma soċjali jew is-sens li ċerti aspetti fiżiċi ma jkunux aċċettati mis-soċjetà minħabba ċerti sterjotipi tal-ġisem ikkunsidrati bħala ideali. Għal dan il-għan, il-KESE jqis li waħda mill-miżuri hija t-trasformazzjoni tal-kurrikuli attwali, billi jiżdied il-ħin previst għall-attività fiżika, kif ukoll permezz ta' investiment fl-edukazzjoni dwar l-ikel u l-gastronomija. Il-kantins tal-iskejjel huma element ewlieni fil-promozzjoni ta' drawwiet tal-ikel sani għat-tfal u l-adolesxenti, u għalhekk il-KESE jqis li huwa importanti ħafna li jkunu disponibbli fl-istadji kollha tal-edukazzjoni u li jiġi żgurati li l-ikel offrut ikun san, ibbilanċjat u ta' kwalità tajba. Ifakkar ukoll li tista' tingħata spinta akbar lill-implimentazzjoni tal-iskema tal-UE għall-provvista ta' frott, ħaxix u ħalib fl-iskejjel (l-iskema tal-iskejjel), u li jistgħu jiġu promossi għotjiet ta' ikel fl-iskejjel lil tfal f'sitwazzjoni ta' inugwaljanza.

1.10. Il-KESE jħeġġeġ lill-Istati Membri jespandu u jtejbu l-ispaceji u l-infrastrutturi pubbliċi b'modi li jinkoraġġixxu u jiffaċilitaw il-mobbiltà attiva, speċjalment f'żoni viċin l-iskejjel jew fit-toroq li jwasslu għall-iskejjel. Jemmen ukoll li huwa neċessarju li jinħolqu spaceji urbani li jkollhom żoni sportivi, żoni tal-logħob u spaceji ħodor li jkunu aċċessibbli, sikuri u intiżi għat-tfal u l-adolesxenti.

1.11. Il-KESE jipproponi li l-ambjent diġitali jintuża bħala faċilitatur ta' stili ta' ħajja, relazzjonijiet u mgħiba sani. F'dan ir-rigward, il-KESE jerġa' jitlob li jsiru kampanji ta' reklamar viżwali, ispirati minn kampanji pożittivi ta' reklamar soċjali mmirati lejn it-tfal, favur ikel u dieti aktar sani, ħajja attiva u użu san tal-iskrins.

1.12. Il-KESE jfakkar fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu inklużi fir-rapport ta' evalwazzjoni dwar Evalwazzjoni tal-iskema tal-UE għall-iskejjel<sup>(1)</sup>, l-Opinjoni dwar Il-promozzjoni ta' dieti tajbin għas-saħħa u sostenibbli fl-UE u l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, u jistieden lill-Kummissjoni biex, fil-Qafas li jmiss dwar Sistemi tal-Ikel Sostenibbli, tinkludi miżuri tiġi miġġielda l-obeżità fit-tfal, pereżempju fir-rigward tat-tikkettar u l-akkwist pubbliku.

1.13. Il-KESE huwa konvint ukoll, kif irrimarka f'Opinjoni oħra, li l-innovazzjonijiet demokratiċi bħall-kunsilli għall-politika tal-ikel u l-promozzjoni ta' approċċi parteċipattivi, jgħinu biex jippromovu l-kwalità tajba u l-leġittimità tat-tfassil tal-politiki dwar l-ikel. Huwa jinkoraġġixxi l-istabiliment ta' strument fil-livell Ewropew bħall-Kunsill Ewropew għall-Politika l-ikel.

1.14. Fil-qosor, il-KESE jimpenja ruħu li jindirizza l-obeżità b'mod globali, billi jqis it-trasformazzjoni sana tal-istili ta' ħajja, iżda wkoll il-kundizzjonijiet soċjali kollha relatati magħha, u jirrakkomanda li jiġu promossi strateġiji pubbliċi li jiggwarantixxu aċċess universali għal ikel san, attività fiżika u sport, mistrieħ tajjeb, u benesseri psikoemozzjonali, mingħajr l-ebda diskriminazzjoni.

<sup>(1)</sup> Rapport ta' evalwazzjoni tal-KESE: *Evalwazzjoni tal-iskema tal-UE għall-iskejjel*

## 2. Is-saħħa bħala l-assi ċentrali tal-politiki kollha

2.1. Is-saħħa hija dritt fundamentali<sup>(2)</sup> u prekundizzjoni għall-funzjonament tas-soċjetà u l-ekonomija tagħna. B'mod partikolari, li t-tfal jitrabbew f'saħħithom u ferħanin, u li jkunu jistgħu jiżviluppaw il-potenzjal sħiħ tagħhom, huwa dritt rikonoxxut mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal<sup>(3)</sup>. Il-KESE jappoġġja l-approċċ "Saħħa Waħda" promoss mill-Kummissjoni Ewropea bħala approċċ integrat li jfittex li jbbilancja u jtejjeb b'mod sostenibbli s-saħħa tan-nies.

2.2. L-indirizzar tal-obeżità fit-tfal huwa vitali biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), speċjalment l-SDG 3 biex tiġi żgurata ħaġġa f'kundizzjoni tajba ta' saħħa u jiġi promoss il-benesseri f'kull età, u jittejjeb l-istatus tas-saħħa tal-Ewropej kollha fil-futur. Ix-xjenza turina li l-prevenzjoni tal-obeżità fi stadji kritiċi matul il-ħajja, bħas-snin bikrin tal-ħajja u l-adolessenza, x'aktarx li għandha l-akbar benefiċċji għas-saħħa, tnaqqas l-ispejjeż assoċjati u hija l-aktar mod promettenti biex jtkisser iċ-ċiklu interġenerazzjonali tal-obeżità u l-inugwaljanzi fid-dieta.

2.3. B'konformità ma' dan, il-KESE jilqa' t-talba tal-Presidenza Spanjola futura għal Opinjoni esploratorja tal-KESE dwar miżuri possibbli biex titnaqqas l-obeżità fit-tfal. Din hija konformi mat-tendenza tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-gvernijiet tal-pajjiżi tal-UE li jfasslu u jiżviluppaw strateġiji mmirati biex irażżnu u jipprevjenu l-obeżità u l-piż żejjed fit-tfal:

- (i) L-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal<sup>(4)</sup> tirrikonoxxi li ikel san, flimkien mal-attività fiżika, huwa essenzjali għall-iżvilupp fiżiku u mentali sħiħ tat-tfal.
- (ii) Fl-inizjattiva tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal, li għandha tikkontribwixxi biex id-drittijiet tat-tfal u l-adolessenti jitqiegħdu fil-qalba tat-tfassil tal-politika tal-UE, l-obeżità fit-tfal hija waħda mill-aspetti li l-pjani nazzjonali għandhom jinkludu.
- (iii) Din l-Opinjoni tagħti segwitu wkoll għall-Istrateġija għall-Ewropa dwar kwistjonijiet ta' saħħa marbuta man-Nutrimint, il-Piż Żejjed u l-Obeżità (2007), il-White Paper tal-2017 dwar l-Obeżità, u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Obeżità fit-Tfal 2014-2020<sup>(5)</sup>. Dawn huma inizjattivi li, bħal din l-Opinjoni, kellhom l-għan li jwaqqfu ż-żieda fil-piż żejjed u l-obeżità fit-tfal u l-adolessenti (0-18-il sena). F'dan ir-rigward, il-KESE jappella għat-tiġdid tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Obeżità fit-Tfal 2014-2020.

## 3. L-obeżità fit-tfal fl-Ewropa: is-sitwazzjoni attwali

3.1. Skont l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO)<sup>(6)</sup>, l-obeżità hija marda kumplessa, b'diversi fatturi u mhux komunikabbli, definita minn adiposità eċċessiva li tista' tagħmel ħsara lis-saħħa. L-obeżità hija wkoll fattur ta' riskju fl-iżvilupp ta' mard mhux komunikabbli ieħor, bħall-mard kardjovaskulari, metaboliku, osteoartikulari jew il-kanċer<sup>(7)</sup>, l-indeboliment mentali u kwalità tal-ħajja mnaqqsa, li jnaqqas l-istennija tal-għomor u jżid ir-riskju ta' mewta prematura. Dawn il-konsegwenzi fl-aħħar mill-aħħar iwasslu għal żieda sinifikanti fin-nefqa tas-saħħa tal-pajjiżi, kif ukoll infiq individwali, soċjali u ekonomiku ieħor.

<sup>(2)</sup> Id-dritt għas-saħħa ġie artikolat għall-ewwel darba fil-Konstituzzjoni tad-WHO (1946), li tgħid li t-għawdija tal-ogħla standard ta' saħħa li jista' jintlaħaq hija wieħed mid-drittijiet fundamentali ta' kull bniedem. Il-preambolu tal-Konstituzzjoni jiddefinixxi s-saħħa bħala stat ta' bennesseri fiżiku, mentali u soċjali sħiħ u mhux sempliċement in-nuqqas ta' kundizzjonijiet jew mard. Id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948 semmiet is-saħħa bħala parti mid-dritt għal livell ta' għajxien adegwat (Artikolu 25). Dan reġa' ġie rikonoxxut bħala dritt tal-bniedem fl-1966 fl-Artikolu 12 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali.

<sup>(3)</sup> Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, 1989.

<sup>(4)</sup> Kummissjoni Ewropea, 2021, Strateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal. COM(2021) 142 final: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52021DC0142>

<sup>(5)</sup> [https://health.ec.europa.eu/system/files/2016-11/childhoodobesity\\_actionplan\\_2014\\_2020\\_en\\_0.pdf](https://health.ec.europa.eu/system/files/2016-11/childhoodobesity_actionplan_2014_2020_en_0.pdf).

<sup>(6)</sup> *Draft recommendations for the prevention and management of obesity over the life course, including potential targets* (Abbozz ta' rakkomandazzjonijiet għall-prevenzjoni u t-trattament tal-obeżità tul il-ħajja kollha, inklużi miri possibbli, mhux disponibbli bil-Malti). Dokument ta' diskussjoni tad-WHO, 2021. Disponibbli hawnhekk: [https://cdn.who.int/media/docs/default-source/obesity/who-discussion-paper-on-obesity-final190821.pdf?sfvrsn=4cd6710a\\_24&download=true](https://cdn.who.int/media/docs/default-source/obesity/who-discussion-paper-on-obesity-final190821.pdf?sfvrsn=4cd6710a_24&download=true).

<sup>(7)</sup> Weihrauch-Blüher, S., Wiegand, S., "Risk Factors and Implications of Childhood Obesity", *Curr Obes Rep*, 2018 Dec; 7(4):254-259.



3.2. Illum, il-piż żejjed u l-obeżità fit-tfal għadhom waħda mill-isfidi ewlenin tas-saħħa pubblika fil-pajjiżi tal-UE. Fil-ħames edizzjoni tal-istudju tal-Inizjattiva ta' Sorveljanza tal-Obeżità fit-Tfulija tad-WHO (li saret bejn l-2018 u l-2020) <sup>(8)</sup>, 29 % tat-tfal ta' bejn 7 u 9 snin fit-33 pajjiż parteċipanti kellhom piż eċċessiv <sup>(9)</sup> u 12 % kienu obeżi. Mil-lat tal-ġeneru, is-subien kellhom rati kemxejn ogħla mill-bniet (31 % vs 28 % fil-każ ta' piż żejjed; u 14 % vs 10 % fil-każ ta' obeżità).

3.3. Il-KESE jinnota li l-pandemija tal-COVID-19 setgħet aggravat il-problema tal-obeżità fit-tfal. Kulma jmur hemm dejjem iktar indikazzjonijiet li l-pandemija tal-COVID-19 setgħet aggravat iċ-ċifri tal-obeżità fit-tfal, speċjalment f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà akbar <sup>(10)</sup>.

3.4. Il-KESE jinnota li hemm kriterji differenti dwar kif għandha tiġi indirizzata l-obeżità fit-tfal fl-Istati Membri differenti (b'rabta ma' aspetti differenti bħall-komunikazzjoni, it-tikkettar dwar in-nutrizzjoni, il-promozzjoni tal-attività fiżika u dieti sostenibbli, jew l-inklużjoni ta' aspetti aktar ġodda bħall-użu san tal-iskrins jew il-promozzjoni tas-saħħa psikoemozzjonali) u jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Parlament Ewropew jaqdu rwol aktar proattiv f'dan il-qasam u jaħdmu għal aktar standardizzazzjoni u qafas aktar effettiv.

#### 4. Il-fatturi determinanti tal-obeżità fit-tfal

L-oriġini tal-obeżità ma tistax tiġi attribwita għal kawża waħda, iżda tirriżulta minn interazzjoni kumplessa bejn diversi fatturi <sup>(11)</sup>. Dawn jinkludu fatturi individwali (bijoloġiċi/ġenetiċi, fiżjoloġiċi u stil ta' ħajja), fatturi ambjentali (influenza tal-ambjenti differenti li fihom il-persuna tiżviluppa: familja, skola, komunità), fatturi psikosoċjali (livell edukattiv jew klassi soċjali) u fatturi ekonomiċi (livell ta' dħul tal-familji <sup>(12)</sup>).

4.1. Il-fatturi psikosoċjali u r-riżorsi ekonomiċi jsegu l-mudelli soċjali, jistgħu jagħmlu lil familji b'introjtu baxx aktar vulnerabbli għal esponiment ambjentali ta' ħsara fl-istadji kollha tal-ħajja, u għandhom effett kumulattiv matul il-ħajja.

4.2. Hemm biżżejjed provi u evidenza li juru li l-esponiment għal nutrizzjoni u piż tal-ġisem ħżiena għas-saħħa qabel il-konċepiment u waqt it-tqala għandu rwol importanti fl-iżvilupp tal-kompożizzjoni tal-ġisem fl-ewwel snin tal-ħajja u fis-suxxettibilità għall-obeżità.

4.3. Bl-istess mod, **l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi** fit-tfulija, li ġew aggravati minħabba l-pandemija, iż-żieda fl-inflazzjoni u l-kriżi ekonomika, huma direttament relatati mal-piż eċċessiv fit-tfal, fejn fxi każijiet il-perċentwal ta' tfal obeżi huwa d-doppju f'unitajiet domestiċi bi dħul baxx, minħabba li dawn għandhom drawwiet tal-għajxien differenti meta mqabbla ma' unitajiet domestiċi b'introjti ogħla.

4.4. **L-attività fiżika** hija pilastru tas-saħħa tul il-ħajja. L-attività fiżika hija wkoll fattur determinanti importanti fil-prevenzjoni u t-trattament tal-obeżità fit-tfal u l-fatturi ta' riskju metaboliku bikri <sup>(13)</sup>, kif ukoll komponent essenzjali għall-iżvilupp ta' ħiliet konoxxittivi, motorji u soċjali bażiċi. Madankollu, 81 % tal-minorenni ta' bejn 11 u 17-il sena mhumiex fiżikament attivi biżżejjed <sup>(14)</sup>. Qabel il-pandemija, wieħed biss minn kull seba' adolexxenti ta' 15-il sena fir-Reġjun Ewropew tad-WHO (14 %) irrapporta li ddedika mill-inqas siegħa għal attività fiżika minn moderata sa vigoruża kuljum <sup>(15)</sup>. Bl-istess mod, 25 % biss tas-subien ta' 15-il sena u 15 % tal-bniet tal-istess età kisbu l-livelli rakkomandati ta' attività fiżika fl-2014 <sup>(16)</sup>.

<sup>(8)</sup> Report on the fifth round of data collection, 2018–2020: WHO European Childhood Obesity Surveillance Initiative (COSI), Copenhagen, WHO Regional Office for Europe, 2022.

<sup>(9)</sup> Piż eċċessiv = piż żejjed + obeżità.

<sup>(10)</sup> WHO European Regional Obesity Report 2022 u <https://www.who.int/europe/news/item/11-05-2021-high-rates-of-childhood-obesity-alarming-given-anticipated-impact-of-covid-19-pandemic>.

<sup>(11)</sup> World Health Organization (2012), *Population-based approaches to childhood obesity prevention*, Geneva, WHO.

<sup>(12)</sup> Kansra, A.R., Lakkunarajah, S., Jay, M.S., *Childhood and Adolescent Obesity: A Review*, 2021; 8:581461.

<sup>(13)</sup> Whiting, S., et. al., "Physical Activity, Screen Time, and Sleep Duration of Children Aged 6-9 Years in 25 Countries: An Analysis within the WHO European Childhood Obesity Surveillance Initiative (COSI) 2015-2017", *Obes Facts*, 2021; 14(1):32-44.

<sup>(14)</sup> Guthold R., Stevens G.A., Riley L.M., Bull F.C., "Global trends in insufficient physical activity among adolescents: a pooled analysis of 298 population-based surveys with 1·6 million participants", *Lancet Child Adolesc Heal*, 2020; 4(1):23-35.

<sup>(15)</sup> OECD/European Union (2022), *Health at a Glance: Europe 2022: State of Health in the EU Cycle*, OECD Publishing, Paris.

<sup>(16)</sup> *Adolescent obesity and related behaviours: trends and inequalities in the WHO European Region, 2002–2014*, Copenhagen, WHO Regional Office for Europe, 2017.

4.5. **Id-dieti żbilanċjati**, ikkaratterizzati minn konsum għoli ta' ikel u xorb b'livell għoli ta' xaħam, zokkor u melħ, huma assoċjati ma' livelli ogħla ta' obeżità u ma' saħħa ġenerali aktar fqira. Min-naħa l-oħra, id-drawwiet li jxeqilbu lejn mudelli bħad-dieta Mediterranja, Atlantika jew Nordika, jew sempliċement lejn dieti bi predominanza ta' ikel frisk u li joriġina mill-pjanti huma assoċjati ma' riżultati aħjar tas-saħħa <sup>(17)</sup> <sup>(18)</sup>. Skont l-aħħar edizzjoni tal-istudju tal-Inizjattiva ta' Sorveljanza tal-Obeżità fit-Tfulija <sup>(19)</sup>, inqas minn nofs (43 %) it-tfal ta' bejn 6 u 9 snin fir-Reġjun Ewropew jikkunsmaw frott frisk kuljum. Barra minn hekk, 7 % minnhom qatt ma jikkunsmaw frott, jew jikkunsmawh inqas minn darba fil-ġimgħa Fir-rigward tal-konsum tal-ħaxix, terz biss (34 %) tat-tfal ta' bejn 6 u 9 snin jieklu l-ħaxix kuljum.

4.6. Minn perspettiva ekonomika u soċjali, il-KESE jinnota wkoll li **ż-żieda globali fil-prezzijiet tal-prodotti tal-ikel** qed ikollha impatt fuq il-prezzijiet tal-konsumatur fl-UE u b'hekk qed tikkundizzjona x-xejriet tax-xiri u d-drawwiet tal-ikel tal-familji u tat-tfal u l-adolessenti Ewropej, speċjalment daww l-aktar vulnerabbli.

4.7. **Il-benesseri emozzjonali** u l-obeżità huma marbuta mill-qrib ma' xulxin. Minn naħa, minħabba li l-benesseri emozzjonali huwa essenzjali għall-prevenzjoni tal-obeżità fit-tfal. Min-naħa l-oħra, minħabba li l-obeżità fit-tfal iżżid il-possibbiltà li jsufri diskriminazzjoni, stigmatizzazzjoni u bullying fl-iskola, u, għalhekk, taffettwa l-benesseri emozzjonali tagħhom.

4.8. Intwera li **l-moġhdija ta' ħin eċċessiv quddiem l-iskrins** huwa wieħed mill-fatturi determinanti fil-ħolqien ta' piż żejjed/obeżità, u ż-żewġ fenomeni huma korrelatati <sup>(20)</sup> <sup>(21)</sup>. Għalkemm l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji pubbliċi jirrakkomandaw li l-ħin quddiem l-iskrins għandu jiġi limitat għal massimu ta' 120 minuta kuljum, it-tfal u l-adolessenti Ewropej jidhru li ma jikkonformawx ma' din ir-rakkomandazzjoni <sup>(22)</sup>.

## 5. Miżuri li għandhom jittieħdu

5.1. L-indirizzar tal-obeżità fit-tfal jirrikjedi approċċ li jħaddan iċ-ċiklu kollu tal-ħajja u, fl-istess ħin, li tingħata risposta għall-kawżi multipli tiegħu. Il-KESE jipproponi approċċ olistiku u parteċipattiv. L-ilħuq u l-ksib tat-tnaqqis taċ-ċifri tal-obeżità u l-piż żejjed fit-tfal u l-adolessenti Ewropej jeħtieġu l-kollaborazzjoni u l-impenn ta' kulħadd <sup>(23)</sup>: l-amministrazzjonijiet pubbliċi, is-settur privat/tan-negozju, il-media, iċ-ċentri edukattivi u tas-saħħa u l-familji. Barra minn hekk, dan ir-rispons komprensiv għandu jinbena fuq approċċ pożittiv u li ma jistigmatizzax.

5.2. Il-KESE jappella għat-tiġdid tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Obeżità fit-Tfal 2014-2020, li għandu jkollu l-għan li: jippromovi nutrizzjoni adegwata, l-attività fiżika, u ambjenti edukattivi u soċjali sani, jiżgura l-kura tas-saħħa, jipproteġi lill-aktar gruppi vulnerabbli, irawwem u jippromovi r-responsabbiltà soċjali fir-rigward tas-saħħa fi ħdan il-kumpaniji u l-qasam tar-reklamar, iħeġġeġ lid-diversi amministrazzjonijiet pubbliċi jaħdmu fsinergija, u jirrakkomanda l-implimentazzjoni ta' miżuri li, b'mod globali u intersettorjali, iħeġġu t-trasformazzjoni sana tal-ambjenti li fihom jgħixu u jikbru t-tfal u l-adolessenti.

5.3. Il-KESE jfakkar fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu inklużi fir-rapport ta' evalwazzjoni dwar Evalwazzjoni tal-iskema tal-UE għall-iskejjel <sup>(24)</sup>, l-Opinjoni dwar Il-promozzjoni ta' dieti tajbin għas-saħħa u sostenibbli fl-UE u l-Istrategġija mill-Għalqa sal-Platt, u jistieden lill-Kummissjoni biex, fil-Qafas li jmiss dwar Sistemi tal-Ikel Sostenibbli, tinkludi miżuri tiġi miġġielda l-obeżità fit-tfal, pereżempju fir-rigward tat-tikkettar u l-akkwist pubbliku.

<sup>(17)</sup> Willett, W. et al., "Food in the Anthropocene: the EAT-Lancet Commission on healthy diets from sustainable food systems", 2019, the Lancet, vol. 393, pp. 447-492.

<sup>(18)</sup> Afshin, Ashkan et al., "Health effects of dietary risks in 195 countries, 1990–2017: a systematic analysis for the Global Burden of Disease Study 2017", the Lancet, Volume 393, Issue 10184, 1958-1972.

<sup>(19)</sup> Report on the fifth round of data collection, 2018–2020: WHO European Childhood Obesity Surveillance Initiative (COSI), Copenhagen, WHO Regional Office for Europe, 2022.

<sup>(20)</sup> Fang, K., Mu, M., Liu, K., He, Y., "Screen time and childhood overweight/obesity: A systematic review and meta-analysis", Child Care Health Dev, 2019 Sep; 45(5):744-753.

<sup>(21)</sup> Haghjoo, P., Siri, G., Soleimani, E., Farhangi, M.A., Alesaeidi, S., "Screen time increases overweight and obesity risk among adolescents: a systematic review and dose-response meta-analysis", BMC Primary Care, 2022; 23(1):161.

<sup>(22)</sup> Report on the fifth round of data collection, 2018–2020: WHO European Childhood Obesity Surveillance Initiative (COSI), Copenhagen, WHO Regional Office for Europe, 2022.

<sup>(23)</sup> Dobbs, R., Sawers, C., Thompson, F., Manyika, J., Woetzel, J.R., Child, P. et al., Overcoming obesity: An initial economic analysis, McKinsey Global Institute, 2014.

<sup>(24)</sup> Rapport ta' evalwazzjoni tal-KESE: Evalwazzjoni tal-iskema tal-UE għall-iskejjel

5.4. Il-KESE jtenni wkoll l-importanza tat-tisħiħ tad-demokrazija tal-ikel u huwa konvint, kif indikat f'Opinjonnijiet oħra, li l-innovazzjonijiet demokratiċi bħall-kunsilli għall-politika tal-ikel u l-promozzjoni ta' approċċi parteċipattivi jgħinu fil-promozzjoni tal-kwalità tajba u l-leġittimità tat-tfassil tal-politiki dwar l-ikel. Huwa jinkoraġġixxi l-istabbiliment ta' strument fil-livell Ewropew bħall-Kunsill Ewropew għall-Politika l-ikel.

### 5.5. L-ambjent makrosoċjali

5.5.1. F'dan l-ambjent, il-KESE jirrakkomanda li l-azzjonijiet ta' kulħadd jiġu allinjati sabiex tinħoloq ekosistema soċjali li tippromovi bidla kulturali li tikkontribwixxi biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi, u ssaħħaħ stili ta' ħajja aktar sani.

5.5.2. Il-KESE jtenni t-talba tiegħu li jiġu żviluppati miżuri li jżidu l-kapaċità tas-sistemi pubbliċi għall-prevenzjoni u l-indirizzar ta' sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà partikolari li jxekklu l-adozzjoni ta' stili ta' ħajja sani.

5.5.3. Il-KESE jenfasizza l-hteġa li jitressqu miżuri soċjali li jiffaċilitaw ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja u l-koresponsabbiltà fi ħdan il-familji u li jippermettu lill-familji jaċċessaw u jiddedikaw aktar ħin għal attivitajiet sani.

5.5.4. Il-KESE jirrakkomanda li jiġu promossi strateġiji pubbliċi li jiggarrantixxu l-aċċess għall-faċilitajiet sportivi mingħajr ebda diskriminazzjoni, u li tiġi ffaċilitata l-prattika tajba tal-eżerċizzju fiżiku. Il-KESE jirrakkomanda li titnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri u dik soċjali fil-prattika tal-attività u l-eżerċizzju fiżiku, billi jiġu żgurati spazji inklużivi u tiġi promossa d-diversità tal-provvista.

5.5.5. Il-KESE jqis li l-amministrazzjonijiet pubbliċi għandhom jiffokaw aktar fuq il-ġlieda kontra l-obeżità fil-fażijiet tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tad-dispożizzjonijiet regolatorji u l-politiki, fl-oqsma kollha ta' azzjoni, billi jqisu l-fatturi determinanti li jgħolqu predispożizzjoni għall-piż żejjed u l-obeżità.

5.5.6. Il-KESE jinnotta bi tħassib li l-biċċa l-kbira tar-restrizzjonijiet nazzjonali dwar il-promozzjoni u r-reklamar tal-ikel u x-xorb mhux alkoħoliku intiżi għat-tfal huma dgħajfa wisq u l-approċċi volontarji eżistenti mhumiex biżżejjed biex jipproteġu lit-tfal u lill-adoxxenti. Iqis li l-profil nutrizzjonali tad-WHO jista' jintuża bħala bażi biex jiġi llimitat ir-reklamar ta' prodotti b'livell għoli ta' zokkor, xaħam jew melħ. Iqis li huwa importanti li nitgħallmu mill-miżuri u l-prattiki tajbin f'pajjiżi li fihom intweriet l-effettività ta' politiki differenti, inklużi regolamenti, biex jiġi ristrett l-esponiment tat-tfal għal komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi dwar ikel u xorb b'livell għoli ta' melħ, zokkor, xaħam, xaħam saturat jew aċidi xaħmin trans. dejjem billi jiġu rispettati l-ħinjiet tax-xandir għat-tfal u billi jiġi żgurat li kwalunkwe reklamar jikkonforma mal-prinċipju tal-akkuratezza tar-reklamar. Ta' min ifakkar li d-WHO hija favur ir-restrizzjoni tal-forom rilevanti kollha ta' reklamar tal-ikel immirati lejn it-tfal.

5.5.7. Il-KESE jqis essenzjali li l-istituzzjonijiet isaħħu l-konsum ta' ikel li huwa meqjus bħala parti essenzjali minn dieti sani u sostenibbli (frott u ħxejjex friski, staġjonali u lokali, legumi, qmuħ sħaħ u proteini tal-annimali bħall-ħut). Dan jista' jinkiseb pereżempju billi jiġu enfasizzati l-politiki għall-promozzjoni tal-prodotti agrikoli tal-UE, jiġu żviluppati offerti pubbliċi li jippromovu dieti sani u sostenibbli, jew billi jintużaw l-inċentivi fiskali (bħal tnaqqis tal-VAT) bħala strument li jappoġġja x-xiri u l-konsum ta' ikel bħal dan.

5.5.8. Il-KESE jħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri u lill-operaturi tan-negozji tal-ikel biex jinkoraġġixxu titjib fil-kompożizzjoni tal-prodotti bħala mezz għall-promozzjoni ta' dieti aktar sani. Fin-nuqqas ta' tnaqqis f'ċerti nutrijenti kritiċi fuq bażi volontarja, il-gvernijiet għandhom jikkunsidraw inċentivi u miżuri addizzjonali, inklużi miżuri fiskali progressivi skont il-kontenut tan-nutrijenti inkwistjoni.

5.5.9. Il-KESE jqis li huwa meħtieġ li l-amministrazzjonijiet pubbliċi, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, jiżguraw li l-ilma tax-xorb ikun disponibbli mingħajr ħlas, billi jinstallaw funtani tal-ilma li jkunu indikati sew fl-ispazji pubbliċi, iċ-ċentri edukattivi, u l-postijiet ta' rilassament, divertiment, sports u rikreazzjoni.

5.5.10. Il-KESE jemmen li għandha tiġi promossa r-riċerka dwar il-fatturi determinanti tal-piż żejjed u l-obeżità, kif ukoll il-ġenerazzjoni u t-tixrid tal-għarfien miksub dwarhom, bħala element strateġiku għal azzjoni koordinata fis-saħħa.

5.5.11. Fir-rigward tad-domanda, il-KESE jerġa' jenfazizza li l-politiki pubbliċi għandhom jawtonomizzaw lill-konsumaturi biex jagħżlu dieti aktar sani, permezz ta' taħriġ u informazzjoni mgħoddija bis-saħħa ta' kampanji sempliċi u diretti ta' sensibilizzazzjoni, jew it-tixrid ta' linji gwida djetetiċi ta' natura pedagoġika.

5.5.12. Il-KESE jirrakkomanda approċċ mifrux mas-soċjetà kollha, u għalhekk jippromovi t-twaqqif ta' strument bħall-Kunsill Ewropew għall-Politika tal-Ikel, kif ġie indika f'diversi Opinjonijiet tiegħu, u li dan il-korp jindirizza l-obeżità fit-tfal.

## 5.6. L-ambjent familjari

5.6.1. Billi jaf li l-familja hija aġent li jittrażmetti l-għarfien u d-drawwiet, kif ukoll l-ewwel mudell li fi ħdanu hija perċepita r-realtà tal-ħajja ta' kuljum, u jiġu mgħallma l-ewwel xejriet ta' mgħiba<sup>(25)</sup>, il-KESE jitlob li l-popolazzjoni tingħata informazzjoni preċiża u utli dwar l-importanza li titnaqqas is-sedentarjetà diġitali, dwar ir-rutini ta' rqaq tajbin u l-ħtiġijiet nutrittivi għal kull età, u tiġi promossa l-attività fiżika.

5.6.2. B'mod speċifiku, il-KESE jqis li għandhom jiġu implimentati programmi u azzjonijiet biex jiżiedu l-kapaċitajiet u l-għarfien għall-ġestjoni tal-piż eċċessiv fost it-tfal, biex tiġi evitata l-istigmatizzazzjoni u tiġi evitata dinamika negattiva dwar il-ġisem. Bl-istess mod, iqis li huwa essenzjali li l-familji jitħarrġu dwar l-użu tajjeb tal-ICT<sup>(26)</sup>, speċjalment fir-rigward tat-tul tal-ħin ta' użu u l-kontenut.

5.6.3. Huwa importanti wkoll li jitħeġġu miżuri bħall-promozzjoni tat-treddiġh, l-iżvilupp ta' linji gwida dwar dieti komplementari għat-trabi li jkun qed jitreddgħu, it-titjib tal-ħiliet tal-ġenituri, jew l-organizzazzjoni u t-tixrid ta' korsijiet tat-tisjir ta' ikel san u aċċessibbli, speċjalment għal familji b'introjtu baxx.

## 5.7. L-ambjent edukattiv

5.7.1. L-ambjent edukattiv huwa post fejn it-tfal iqqattgħu ħafna mill-ħin tagħhom. Mhux biss fil-qafas purament edukattiv, iżda wkoll fil-ħin ta' divertiment jew wara l-iskola.

5.7.2. F'dan ir-rigward, huwa essenzjali li sa mill-ambjent edukattiv jiġi adottat approċċ biex l-obeżità fit-tfal tiġi miġġielda b'mod pożittiv, mingħajr ma tinħoloq stigma soċjali jew is-sens li ċerti aspetti fiżiċi ma jkunux aċċettati mis-soċjetà minħabba ċerti sterjotipi tal-ġisem ikkunsidrati bħala ideali. Għall-KESE, huwa essenzjali li tiġi promossa perċezzjoni pożittiva tal-ġisem, u li tingħata attenzjoni speċjali lil kwalunkwe mgħiba diskriminatorja jew li tindika l-bidu ta' kwalunkwe disturb fil-konsum tal-ikel.

5.7.3. Il-KESE għandu wkoll l-għan li jiżgura li l-ambjent tal-iskola jkun promotur tal-attività fiżika u tal-ikel san. Għal dan il-għan, huwa jqis li waħda mill-miżuri essenzjali hija t-trasformazzjoni tal-kurrikuli attwali, permezz taż-żieda fil-ħin previst għall-attività fiżika, il-promozzjoni tad-diversità tal-attivitajiet sportivi, kif ukoll l-investment fl-edukazzjoni dwar l-ikel u l-gastronomija.

5.7.4. Il-KESE jqis li l-kantins tal-iskejjel huma element ewlieni fil-promozzjoni ta' drawwiet nutrittivi sani għat-tfal u l-adoxxenti, u għalhekk iqis li huwa importanti ħafna li jkun disponibbli fl-istadji kollha tal-edukazzjoni u li jiġi żgurat li l-ikel offrut ikun san, ibbilanċjat u ta' kwalità tajba.

## 5.8. Spazji għar-rikreazzjoni. Id-disinn ta' ambjenti urbani sani

5.8.1. Għall-KESE, id-disinn u l-użu tal-ambjent fiżiku (inklużi l-iskejjel, is-sistemi tat-trasport, il-viċinati, jew iċ-ċentri sportivi) għandhom jipprovdu opportunitajiet adegwati u sikuri għar-rikreazzjoni u l-logħob attiv, kif ukoll għat-twettiq ta' eżerċizzju fiżiku<sup>(27)</sup>.

<sup>(25)</sup> Hebestreit, A., Intemann, T., Siani, A., et al., "Dietary Patterns of European Children and Their Parents in Association with Family Food Environment: Results from the I.Family Study", *Nutrients*, 2017; 9(2):126.

<sup>(26)</sup> Teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

<sup>(27)</sup> Tackling obesity by creating healthy residential environments, WHO, 2007.

5.8.2. Fid-dawl ta' dan kollu, il-KESE jhegġegħ lill-Istati Membri jespandu u jtejbu l-ispażji u l-infrastrutturi pubbliċi b'mod li jinkoraġġixxu u jiffaċilitaw il-mobbiltà attiva, b'aktar spażji pedonali u l-faċilità tal-użu tar-roti, speċjalment f'żoni viċin l-iskejjel jew fit-toroq li jwasslu għal ċentri edukattivi. Jemmen ukoll li huwa neċessarju li jinħolqu spażji urbani li jkollhom żoni sportivi, żoni tal-logħob u spażji ħodor li jkunu aċċessibbli, sikuri u intiżi għat-tfal u l-adolexxenti.

5.8.3. Il-KESE jqis li huwa essenzjali li ż-żoni ħodor, il-parks u ż-żoni rikreattivi jiġu estiżi biex jinkludu attivitajiet fiżiċi u li jiġi promoss l-użu tat-turġien bħala alternattiva għal-liftijiet jew l-iskali mobbli fi spażji ta' rikreazzjoni, kif ukoll li jiġi ffaċilitat l-aċċess bla hłas għall-ilma tax-xorb.

### 5.9. L-ambjent diġitali u awdjoviżiv

5.9.1. Il-KESE jfakkar fl-importanza tat-traspożizzjoni korretta tad-Direttiva tal-UE dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva u jipproponi li l-ambjent diġitali, li jinkludi xandiriet tar-radju u tat-televiżjoni u forom aktar ġodda ta' media, bħan-networks soċjali, Instagram u TikTok, jintuża bħala faċilitatur ta' stili ta' ħajja, relazzjonijiet u mġiba sani. F'dan ir-rigward, il-KESE qed jerġa' jitlob, kif għamel f'okkażjonijiet preċedenti<sup>(28)</sup>, li jitwettqu kampanji ta' reklamar viżwali ispirati minn kampanji ta' reklamar li jippromovu ikel u dieti sani, ħajja attiva u użu san tal-iskrins.

### 5.10. L-ambjent tal-kura tas-saħħa

5.10.1. Għall-KESE, huwa essenzjali li l-amministrazzjonijiet kompetenti tas-saħħa jżommu aġġornati r-rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq evidenza xjentifika dwar attivitajiet u interventi li wrew li huma effettivi għall-prevenzjoni, l-indirizzar u l-monitoraġġ tal-persuni b'piż żejjed u obeżi.

5.10.2. Barra minn hekk, għandu jiġi żgurat aċċess ġust għal servizzi tas-saħħa komprensivi, għal konsulenza u għoti ta' pariri sistematizzati u personalizzati għall-promozzjoni tal-attività fiżika u n-nutrizzjoni bilanċjata mill-persunal tas-saħħa lil persuni f'sitwazzjonijiet ta' piż żejjed u obeżi jew fir-riskju li jsofru minnha, bħala parti mill-kopertura universali tas-saħħa. F'dan ir-rigward, se jiġi promoss il-monitoraġġ tal-istat tas-saħħa tat-tfal mit-twelid sal-adolexxenza, inkluż il-monitoraġġ tal-piż żejjed u l-obeżi, u se jiġu promossi l-edukazzjoni dwar is-saħħa u s-sensibilizzazzjoni dwar stili ta' ħajja sani fost it-tfal u l-adolexxenti u l-familji tagħhom.

5.10.3. Huwa essenzjali li l-familji soċjoekonomikament vulnerabbli jingħataw appoġġ immirat mill-professionisti tas-saħħa li jkun kulturalment adatt, Prattiku u ta' responsabilizzazzjoni, u li jippromovi trobbija pożittiva fir-rigward tal-obeżi u l-piż żejjed u l-istili ta' ħajja assoċjati.

5.10.4. Barra minn hekk, fuq il-bażi tal-letteratura eżistenti, il-KESE jqis li huwa meħtieġ li jkun hemm impenn proattiv fil-konfront tan-nisa u l-koppji li jkunu qed jippjanaw it-tqala, u li jingħatalhom appoġġ f'waqtu u kulturalment sensitiv għall-promozzjoni ta' stili ta' ħajja sani matul it-tqala u t-treddiġh, billi tiġi żgurata komunikazzjoni pubblika li tippromovi nutrizzjoni aħjar u attività fiżika qabel il-konċepiment u billi jiġu organizzati faċilitajiet u appoġġ għat-treddiġh.

Brussell, it-13 ta' Lulju 2023.

Oliver RÖPKE  
Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

<sup>(28)</sup> Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Il-promozzjoni ta' dieti tajbin għas-saħħa u sostenibbli fl-UE" (Opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 190, 5.6.2019, p. 9).



## III

(Atti preparatorji)

## IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

IL-580 SESSJONI PLENARJA TAL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, 12.7.2023–  
13.7.2023

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri biex jonqos il-kost tal-introduzzjoni tan-networks tal-komunikazzjoni elettronika tal-gigabits u li jħassar id-Direttiva 2014/61/UE (l-Att dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits)”

(COM(2023) 94 final — 2023/0046 (COD))

(2023/C 349/18)

Relatur: **Maurizio MENSI**

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 3.4.2023 Parlament Ewropew, 29.3.2023
Bażi legali	Artikoli 114 u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għat-Trasport, Enerġija, Infrastruttura u Soċjetà tal-Informazzjoni
Adozzjoni fis-sezzjoni	26.6.2023
Adozzjoni fil-plenarja	12.7.2023
Sessjoni plenarja Nru	580
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	173/1/1

**1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament (l-Att dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits) u japprova l-oġġettivi u l-kontenut tagħha.

1.2. Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti fl-Att dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits, il-KESE jenfasizza l-importanza ta' proċeduri rapidi, effettivi u semplifikati, flimkien ma' termini, kundizzjonijiet u prezzijiet adatti, li jistgħu jiġu applikati kullimkien b'mod konsistenti, fl-UE kollha. F'dan ir-rigward, linji gwida tal-Kummissjoni huma partikolarment utli.

1.3. Il-KESE jirrikonoxxi li l-kondiviżjoni tal-infrastruttura eżistenti hija kruċjali biex jintlaħqu l-għanijiet tad-Deċennju Diġitali tal-UE 2030, u jenfasizza wkoll l-importanza li jiġu żgurati s-sigurtà u r-robustezza tan-networks u l-protezzjoni tagħhom. L-illuq tal-miri tal-konnettività tal-UE jirrikjedi strateġija komprensiva li tikkombina l-aħħar teknoloġiji ma' ktajjen tal-provvista reżiljenti, awtonomi u siguri. Għal dan l-għan, l-Att dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits għandu jħeġġeġ lill-fornituri tan-network biex jagħżlu komponenti teknoloġiċi li jggarantixxu livell għoli ta' sigurtà diġitali, inaqqsu r-riskju ta' interruzzjonijiet tan-network u jindirizzaw b'mod adegwat din l-eventwalità.

1.4. Il-KESE jqis li huwa importanti li l-Istati Membri jkollhom l-għażla li jżommu jew jintroduċu miżuri konformi mal-liġi tal-UE li jmorru lil hinn mir-reqwiziti minimi stabbiliti mill-Att dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits, kif iddikjarat b'mod espliċitu fil-Premessa 11 tal-Att dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits.

1.5. Il-KESE jemmen li l-implimentazzjoni ta' networks b'kapaċità għolja ħafna u konnettività tal-gigabits hija kruċjali għall-iżvilupp u l-koeżjoni soċjoekonomika, peress li hija fattur essenzjali għall-iżvilupp ekonomiku ugwali tal-SMEs u s-servizzi professjonali, tal-postijiet tax-xogħol diġitali u tal-forniment ta' servizzi elettroniċi f'żoni remoti.

1.6. Il-KESE jemmen li l-punti uniċi ta' informazzjoni dwar informazzjoni minima dwar l-infrastruttura fiżika, li s-sidien tal-infrastruttura pubblika jeħtieġ li jipprovd, għandhom jiġu integrati u konnessi ma' bażijiet tad-data oħra li diġà huma disponibbli fil-livell nazzjonali, sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni u jiġu ffrankati l-ispejjeż.

1.7. Il-KESE jemmen li s-semplifikazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-proċess ta' liċenzjar huma element importanti fl-introduzzjoni tan-networks tal-komunikazzjoni elettronika; madankollu, li jsir obbligatorju li tiġi prevista approvazzjoni taċita għad-drittijiet ta' passaġġ jista' ma jkunx konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità u jista' jkun ta' detriment għad-dritt għall-proprietà, kif stabbilit fl-Artikoli 17 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

1.8. Il-KESE jemmen li l-bini rapidu tal-infrastruttura, il-koordinazzjoni tax-xogħlijiet ċivili, il-ħolqien ta' sinerġiji bejn id-diversi operatori tan-network u l-użu konġunt tal-infrastruttura fiżika eżistenti jgħinu biex jiġi ffrankat l-investment permezz tat-tnaqqis tal-piż ambjentali bl-evitar ta' aktar xogħlijiet ta' inġinerija u b'hekk jgħinu biex jintlaħqu l-oġġettivi ambjentali.

1.9. Il-KESE jqis li l-proposta għandha tispeċifika miżuri u azzjonijiet verifikabbli li jiżguraw żvilupp ibbilanċjat u aċċess ugwali għan-networks b'kapaċità għolja ħafna, biex jiġi evitat li jitwessa' d-distakk bejn il-pajjiżi u r-reġjuni b'veloċitajiet u kapaċitajiet ta' żvilupp differenti, f'konformità mad-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali, u sabiex kull persuna fl-UE jkollha aċċess għal konnettività ta' kwalità għolja, b'aċċess għall-Internet disponibbli, inklużi l-persuni b'introjtu baxx.

## 2. Sfond

2.1. L-implimentazzjoni ta' networks b'kapaċità għolja ħafna, inklużi l-fibra ottika u l-5G, hija prijorità strateġika fil-livell tal-UE, bħala parti mill-isforzi biex jintlaħqu l-oġġettivi strateġiċi u l-miri diġitali tal-UE sal-2030. L-aċċess għal networks b'kapaċità għolja ħafna huwa essenzjali għal firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet innovattivi, li għandhom il-potenzjal li jittrasformaw u jgħinu biex ħafna setturi tal-ekonomija tal-UE bħall-industrija tal-karozzi, il-kura tas-saħħa, it-trasport u l-utilitajiet jibqgħu validi fil-futur.

2.2. Fost l-inizjattivi mnedija biex jitneħħew l-ostakli u tingħata spinta lill-introduzzjoni ta' networks b'kapaċità għolja ħafna, fl-2014, il-Kummissjoni Ewropea introduċiet id-Direttiva dwar it-Tnaqqis tal-Ispiża tal-Broadband<sup>(1)</sup> biex tiffaċilita u tinċentiva l-introduzzjoni tan-network billi tnaqqas il-kostijiet tal-introduzzjoni permezz ta' miżuri armonizzati fil-livell tal-UE. Madankollu, tmien snin wara d-dħul fis-seħħ tagħha, id-Direttiva dwar it-Tnaqqis tal-Ispiża tal-Broadband għadha 'l bogħod milli tilħaq l-oġġettivi tagħha. Il-ħtieġa li tiġi riveduta id-Direttiva dwar it-Tnaqqis tal-Ispiża tal-Broadband hija riflessa sew fir-rapport tal-Kummissjoni tal-2018 dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, kif ukoll fil-kontributi tal-partijiet ikkonċernati ewlenin għall-konsultazzjoni pubblika dwar id-Direttiva, immedija mill-Kummissjoni f'Diċembru 2020. Minn din il-konsultazzjoni ħareġ li 20 % biss ta' dawk li wiegħu jqisu li d-Direttiva dwar it-Tnaqqis tal-Ispiża tal-Broadband hija effettiva biex tiffaċilita l-introduzzjoni ta' networks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja bi spiża aktar baxxa, u 11 % biss qiesu li d-Direttiva naqqset il-ħin involut fl-għoti tal-permessi u l-kost tiegħu.

2.3. Id-Direttiva dwar it-Tnaqqis tal-Ispiża tal-Broadband laqget biss parzjalment l-oġġettivi tagħha li żżid il-kopertura tal-broadband. Fil-fatt, għalkemm il-perċentwal ta' unitajiet domestiċi koperti minn veloċità tal-Internet ta' 30 Mbps żdied minn 58,1 % fl-2013 għal 90 % fl-2022 skont l-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (DESI), id-Direttiva għet implimentata b'mod mhux uniformi fi Stati Membri differenti, b'interpretazzjonijiet xi kultant diverġenti.

<sup>(1)</sup> Direttiva 2014/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar miżuri biex tonqos l-ispiża għall-installazzjoni ta' networks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja (ĠU L 155, 23.5.2014, p. 1).

2.4. Konxja mill-ħtieġa li tittgħejb l-effettività tad-Direttiva dwar it-Tnaqqis tal-Ispiża tal-Broadband, il-Kummissjoni bdiet proċess ta' revizzjoni u pproponiet regolament (Att dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits). L-Att dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits għandu l-għan li jindirizza n-nuqqasijiet tal-Direttiva dwar it-Tnaqqis tal-Ispiża tal-Broadband u jikkontribwixxi għall-introduzzjoni kosteffiċjenti u f'waqtha ta' networks b'kapaċità għolja ħafna, li huma meħtieġa biex jiġi żgurat li l-UE tilħaq l-oġġettivi u l-miri diġitali tagħha sal-2030.

2.5. Il-proposta hija bbażata fuq ir-rakkomandazzjoni tas-Sett ta' Għodod għall-Konnettività adottata f'Settembru 2020 biex twieġeb għall-ħtiġijiet dejjem jikbru tal-konnettività li rriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19, bil-għan li jitnaqqsu l-kostijiet tal-introduzzjoni tan-networks tal-gigabits u tiġi żgurata l-introduzzjoni rapida tal-ispettru tar-radju għall-5G. Għal dan l-għan, f'Marzu 2021, l-Istati Membri identifikaw 39 Prattika Tajba (li 22 minnhom kienu jikkonċernaw it-tnaqqis tal-kostijiet tal-introduzzjoni) li għandhom jiġu inklużi fis-Sett ta' Għodod għall-Konnettività.

2.6. Skont il-Kummissjoni, l-Att dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits tfassal biex itejjeb il-konnettività fl-UE, iħeġġeġ l-innovazzjoni, u jinċentiva l-investimenti. Se jgħin biex titħaffef l-introduzzjoni tal-infrastruttura fiżika użata għan-networks tal-gigabits permezz tat-tisħiħ tal-koordinazzjoni tax-xogħlijiet ċivili bejn l-operaturi tan-network, li tirrappreżenta sa 70 % tal-kostijiet tal-introduzzjoni tan-network. L-Att għandu wkoll l-għan li jissemplifika l-proċeduri amministrattivi għall-introduzzjoni ta' networks ġodda, billi jtejjeb l-aċċess għall-infrastruttura fiżika u t-trasparenza dwar ix-xogħlijiet ċivili ppjanati, jiżgura kundizzjonijiet aktar ċari għall-aċċess għall-infrastruttura fiżika (inkluża l-infrastruttura fil-bini), u billi jħaffef u jiddiġitalizza l-proċeduri għall-għoti tal-permessi, li t-talbiet għalihom għandhom jirċievu tweġiba fi żmien 15-il jum, u għandhom jitqiesu approvati b'mod taċitu fi żmien erba' xhur mill-wasla tagħhom.

### 3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-KESE jilqa' l-oġġettiv tal-Kummissjoni li tadatta d-Direttiva dwar it-Tnaqqis tal-Ispiża tal-Broadband għall-iżvilupp teknoloġiċi, tas-suq u regolatorji reċenti u attwali u li trawwem introduzzjoni aktar effiċjenti u rapida ta' networks aktar sostenibbli, u li tiżgura allinjament mal-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (KEKE) <sup>(2)</sup>, u tikkontribwixxi għall-ekoloġizzazzjoni tas-settur tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew.

3.2. Il-KESE japprezza d-deċizzjoni li jintuża regolament bħala l-istrument legali, aktar milli direttiva, minħabba r-riskji ta' dewmien u inkonsistenzi fil-proċessi ta' traspożizzjoni nazzjonali fil-każ ta' direttiva. Regolament jiżgura l-uniformità u jillimita l-frammentazzjoni tal-liġijiet nazzjonali, li hija kruċjali biex jintlaħqu l-miri ambizzjużi ta' konnettività tal-Kummissjoni sal-2030. Direttiva probabbilment ma tkunx applikabbli qabel l-iskadenza, u għalhekk ma tilħaqx l-oġġettiv tal-Kummissjoni li toħloq qafas legali favorevoli b'mod rapidu. Dewmien fis-semplifikazzjoni tal-proċess ta' awtorizzazzjoni għat-tneġja jista' jipperikola wkoll l-iżvilupp tas-suq uniku diġitali. L-aħħar żviluppi fis-settur diġitali għandhom il-potenzjal li jieħdu l-integrazzjoni tas-suq intern flivell ġdid permezz tal-ħolqien ta' atturi li joperaw bejn il-fruntieri, li se jstimula l-investimenti.

3.3. L-użu limitat u inkonsistenti tad-Direttiva dwar it-Tnaqqis tal-Ispiża tal-Broadband, kif ukoll in-nuqqas ta' gwida f'din il-materja, wasslu għal liġijiet nazzjonali frammentati u inċertezza regolatorja. Dan ħoloq ostakli għall-investiment u l-operat transfruntier, u ħoloq ostakli għall-kumpaniji li jfittxu li jilħqu ekonomiji ta' skala fil-livell tal-UE u b'hekk jibbenefikaw mill-benefiċċji tas-suq uniku tal-UE. B'konsegwenza ta' dan, hemm b'żonn ta' aktar armonizzazzjoni, sabiex jiġi promoss l-iżvilupp ta' attivajiet transfruntiera f'dan is-settur u tiġi evitata Ewropa b'żewġ veloċitajiet.

3.4. Essenzjalment, il-miżuri fil-proposta għandhom l-għan li: itejbu l-koordinazzjoni bejn is-setturi; jissemplifikaw u jħaffu l-proċeduri għall-għoti tal-permessi; jagħmlu l-proċedura għall-aċċess għall-informazzjoni dwar l-infrastruttura eżistenti u x-xogħlijiet ċivili ppjanati, kif ukoll għas-sottomissjoni ta' talbiet għal permessi, kompletament diġitali; jissemplifikaw l-użu mill-ġdid tal-infrastruttura pubblika u l-installazzjoni tal-infrastruttura tan-network għall-operaturi; iħejju għall-innovazzjoni sabiex il-binjiet ġodda kollha u l-binjiet li jiġu rinnovati bil-kbir jiġu mgħammra b'infrastruttura tal-fibra u lesta għall-fibra; u jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà billi jnaqqsu l-impatt ambjentali tan-networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi permezz tal-promozzjoni tal-kondiviżjoni tal-infrastruttura u tal-użu ta' teknoloġiji aktar effiċjenti, l-użu mill-ġdid ta' infrastruttura eżistenti u koordinazzjoni aħjar tax-xogħlijiet ċivili.

3.5. L-operaturi se jkunu jistgħu jissottomettu talbiet għal permessi u jaċċessaw l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar l-infrastruttura eżistenti u x-xogħlijiet ċivili ppjanati b'mod diġitali. L-UE tqis li dan se jippermetti lill-operaturi jintroduċu networks bi spejjeż aktar baxxi; skont il-valutazzjoni tal-impatt, dan jirriżulta fi frankar ta' EUR 4,5 biljun, bi tnaqqis fis-sussidji pubbliċi ta' EUR 2,4 biljun.

<sup>(2)</sup> Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (riformulazzjoni) (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36).

3.6. Id-definizzjonijiet fi ħdan il-proposta twessgħu wkoll meta mqabbla mal-Direttiva dwar it-Tnaqqis tal-Ispiża tal-Broadband. Il-proposta tapplika għall-operaturi tan-network li jagħtu aċċess biex jinkludu wkoll fornituri ta' faċilitajiet assoċjati bħal pajpijiet, arbli u infrastruttura fiżika biex jinkludu infrastruttura li tkun proprjetà ta' istituzzjonijiet pubbliċi bħall-awtoritajiet lokali, u jinkludu bini u daħliet għall-bini, u kwalunkwe assi oħra, inkluż għamara tat-toroq bħall-arbli tad-dawl, sinjali tat-toroq, dawl tat-traffiku, billboards, waqfiet tal-karozzi tal-linja u tat-tramm u stazzjonijiet tal-metro.

3.7. Il-proposta tintroduċi miżuri ġodda biex tiżdied it-trasparenza tal-infrastruttura fiżika eżistenti. Pereżempju, hija tirrikjedi li s-sidien tal-infrastruttura pubblika jagħmlu disponibbli informazzjoni minima dwar l-infrastruttura fiżika permezz tal-hekk imsejħa punti uniċi ta' informazzjoni. Barra minn hekk, hija tistabbilixxi regoli aktar stretti dwar il-koordinazzjoni tax-xogħlijiet ċivili ppjanati, kif diġà previst mid-Direttiva dwar it-Tnaqqis tal-Ispiża tal-Broadband, iżda fil-proposta hija estiża b'mod konsiderevoli f'termini ta' kamp ta' applikazzjoni u applikazzjoni. Pereżempju, l-informazzjoni dwar ix-xogħlijiet ċivili meħtieġa skont il-proposta trid tkun disponibbli f'format diġitali mill-fornitur tan-network permezz ta' punti uniċi ta' informazzjoni mill-inqas tliet xhur qabel l-ewwel talba għal permess. F'dan ir-rigward, peress li l-bażijiet tad-data li fihom din l-informazzjoni diġà huma disponibbli f'ħafna pajjiżi tal-UE, il-KESE jemmen li l-punt uniku ta' informazzjoni għandu jiġi integrat u marbut ma' bażijiet tad-data oħra, sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni u jiġu ffrankati l-ispejjeż.

3.8. Il-proposta tinkludi wkoll miżuri li jikkonċernaw il-proċeduri tal-permessi, li jridu jiġu standardizzati fil-livell nazzjonali u jsiru kompletament aċċessibbli permezz tal-introduzzjoni ta' approvazzjoni taċita, li titqies li sseħħ erba' xhur wara li titressaq talba. Barra minn hekk, tikketta ta' "lest għall-fibra" hija prevista sabiex jiġi vverifikat jekk bini jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-installazzjoni faċli ta' network b'kapasità għolja ħafna bħall-fibra ottika, li għandha tkun kundizzjoni għall-għoti ta' permessi tal-bini għal binjiet ġodda. Madankollu, il-KESE jenfasizza li jkun importanti li n-network b'kapasità għolja ħafna jinġieb f'dak il-bini, sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tagħhom u jsir l-aħjar użu mill-investimenti li saru.

3.9. Il-KESE jqis li huwa importanti li l-Istati Membri jkollhom l-għażla li jżommu jew jintroduċu miżuri konformi mal-liġi tal-UE li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi stabbiliti mill-Att dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits, kif iddikjarat b'mod espliċitu fil-Premessa 11, li għustament tiddikjara li dan ir-Regolament ma għandux jipprjeveni l-adozzjoni ta' miżuri nazzjonali b'konformità mad-dritt tal-UE mmirati biex jippromovu l-użu konġunt tal-infrastruttura fiżika eżistenti jew biex jippermettu l-introduzzjoni aktar effiċjenti ta' infrastruttura fiżika ġdida, li jikkomplementaw id-drittijiet u l-obbligi skont l-Att dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits.

#### 4. Kummenti speċifiċi

4.1. Il-proposta hija konformi mal-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi li daħal fis-seħħ f'Diċembru 2020, li aġġorna l-qafas regolatorju tal-UE dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi, u tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri tiegħu biex jiġi inċentivat l-investiment f'networks avvanzati ta' konnettività. Il-Kodiċi jiffoka prinċipalment fuq it-titjib tal-kompetizzjoni, jinkludi rekwiżiti għan-negozji b'saħħa sinifikanti fis-suq u jikkonċerna mhux biss l-infrastruttura fiżika iżda wkoll in-networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi bħall-kejbils tal-fibra, min-naħa l-oħra, l-għan ewlieni tal-Att dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits huwa li jitneħħew l-ostrukli għall-introduzzjoni tan-network, billi jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi, regolatorji u tas-suq attwali.

4.2. Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti fl-Att dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits, il-KESE jilqa' l-allinjament tat-test mad-definizzjonijiet tal-Kodiċi, u jenfasizza li d-disponibbiltà ta' proċeduri rapidi, effettivi u semplifikati hija fundamentali, flimkien ma' termini, kundizzjonijiet u prezzijiet adatti li jistgħu jiġu applikati kullimkien b'mod konsistenti madwar l-UE. Il-KESE jqis li f'dan ir-rigward linji gwida tal-Kummissjoni huma partikolarment utli.

4.3. F'konformità mal-għan stabbilit mid-Deċennju Diġitali tal-UE 2030, li jiddikjara li, sal-2030, l-unitajiet domestiċi Ewropej kollha għandhom ikunu koperti minn networks mobbli b'gigabits u veloċi, u għall-kuntrarju tad-Direttiva dwar it-Tnaqqis tal-Ispiża tal-Broadband, il-proposta għal Regolament tippromovi l-introduzzjoni ta' networks b'kapasità għolja ħafna b'obbligi ta' aċċess għas-sidien ta' infrastruttura fiżika, irrispettivament mill-pożizzjoni tagħhom fis-suq. Il-KESE jappoġġja l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni, li jippermetti lill-entitajiet kollha li jipprovdu l-infrastruttura jibbenefikaw mill-proċeduri rapidi tal-permessi li jirriżultaw mill-Att dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits. Madankollu, huwa jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-qafas regolatorju jkun komprensiv biżżejjed biex jaqdi l-ħtiġijiet differenti tal-partijiet ikkonċernati kollha involuti fl-iskjerament tal-networks b'kapasità għolja ħafna madwar l-UE.

4.4. Il-KESE jirrikonoxxi li l-kondiviżjoni tal-infrastruttura eżistenti hija kruċjali biex jintlaħqu l-għanijiet tad-Deċennju Diġitali tal-UE 2030, u jenfasizza wkoll l-importanza li jiġu żgurati s-sigurtà u r-robustezza tan-networks u l-protezzjoni tagħhom. L-ilħuq tal-miri tal-konnettività tal-UE jirrikjedi strateġija komprensiva li tikkombina l-aħħar teknoloġiji ma' ktajjen tal-provvista reżiljenti, awtonomi u siguri. Dan biex jiġu evitati interruzzjonijiet fis-servizz li jirriżultaw minn fallimenti jew attacchi ċibernetiċi. Għal dan l-għan, l-Att dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits għandu jħeġġeġ lill-fornituri tan-network biex jagħżlu komponenti teknoloġiċi li jggarantixxu livell għoli ta' sigurtà diġitali, inaqqsu r-riskju ta'

interruzzjonijiet tan-network u jindirizzaw b'mod adegwat din l-eventwalità. Ir-robustezza, ir-reżiljenza u ċ-ċibersigurtà tan-network huma kruċjali għall-effettività tal-oġġettivi segwiti mill-Att dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits, f'konformità mal-qafas regolatorju attwali tal-UE u l-aspetti rilevanti, anke fil-perspettiva ta' kwalunkwe azzjoni futura tal-UE dwar is-suġġett, li għandhom jiġu inklużi fil-mandat il-ġdid tal-Kummissjoni mill-2024.

4.5. Il-KESE jenfasizza li, flimkien ma' proċeduri rapidi, effettivi u semplifikati, termini, kundizzjonijiet u prezzijiet adatti huma elementi importanti tal-aċċess għall-infrastruttura. F'dan ir-rigward, peress li huwa meħtieġ li tiġi żgurata l-effiċjenza fis-sistema, pereżempju billi jiġu evitati prezzijiet eċċessivament għoljin li jkollhom l-effett li jiskoraġġixxu l-użu ta' network b'kapaċità għolja ħafna, il-KESE jemmen li l-Kummissjoni għandha tadotta linji gwida speċifiċi.

4.6. Il-KESE jemmen li s-semplifikazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-proċess ta' liċenzjar huma element importanti fl-introduzzjoni tan-networks tal-komunikazzjoni elettronika. Madankollu, il-KESE jqis li jekk isir obligatorju li tiġi prevista approvazzjoni taċita għad-drittijiet ta' passaġġ dan jista' ma jkunx konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità u jista' jkun ta' detriment għad-dritt għall-proprjetà, kif stabbilit fl-Artikoli 17 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

4.7. Il-KESE jemmen li l-bini rapidu tal-infrastruttura, il-koordinazzjoni tax-xogħlijiet ċivili, il-ħolqien ta' sinerġiji bejn id-diversi operatori tan-network u l-użu konġunt tal-infrastruttura fiżika eżistenti jgħinu biex jiġi ffrankat l-investment permezz tat-tnaqqis tal-piż ambjentali billi jiġu evitati aktar xogħlijiet ta' inġinerija u b'hekk jgħinu biex jintlaħqu l-oġġettivi ambjentali.

4.8. Il-KESE jemmen li l-introduzzjoni ta' networks b'veloċità għolja huwa kruċjali għall-iżvilupp u l-koeżjoni soċjoekonomika. F'dan ir-rigward, huwa jqis li l-proposta għandha tispeċifika miżuri u azzjonijiet verifikabbli li jiżguraw żvilupp bilanċjat u aċċess ugwali għan-network b'kapaċità għolja ħafna, biex jiġi evitat li jikber id-distakk bejn il-pajjiżi u r-reġjuni b'veloċitajiet u kapaċitajiet ta' żvilupp differenti, f'konformità mad-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali<sup>(3)</sup>, li skontha l-atturi kollha tas-suq li jibbenefikaw mit-trasformazzjoni diġitali għandhom jassumu r-responsabbiltajiet soċjali tagħhom u jagħtu kontribut ġust u proporzjonat għall-ispejjeż tal-infrastruttura, tal-beni u tas-servizzi pubbliċi, u li kull persuna fl-UE jkollha aċċess għal konnettività ta' kwalità għolja, b'aċċess għall-Internet disponibbli, inklużi l-persuni b'introjtu baxx<sup>(4)</sup>.

Brussell, it-12 ta' Lulju 2023.

Oliver RÖPKE  
Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

<sup>(3)</sup> Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali (ĠU C 23, 23.01.2023, p. 1).

<sup>(4)</sup> Kapitolu II, punt 3 dwar il-"Konnettività", Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali.



**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar deterġenti u aġenti tensjoattivi, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 648/2004”**

[COM(2023) 217 final – 2023/0124 (COD)]

(2023/C 349/19)

Relatur: **Violeta JELIĆ**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 1.6.2023 Kunsill, 7.6.2023
Bażi legali	Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adozzjoni fis-sezzjoni	29.6.2023
Adozzjoni fil-plenarja	12.7.2023
Sessjoni plenarja Nru	580
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	193/1/2

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa' l-aġġornament u s-semplifikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 648/2004<sup>(1)</sup> dwar id-deterġenti, it-tneħħija ta' elementi superfluwi jew obsoleti, u ż-żamma ta' dawk li jiffunzjonaw tajjeb. Madankollu, il-KESE jqis li l-oportunitajiet għas-semplifikazzjoni huma kkompensati jew issuperati minn piż amministrattiv akbar li jirriżulta minn aspetti oħra tal-proposta ta' reviżjoni.

1.2. Il-KESE jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati l-koerenza u l-konsistenza bejn ir-reviżjoni tar-Regolament dwar id-deterġenti u żviluppi leġislattivi u tekniċi oħra, bħal dawk marbuta mar-Regolament ((KE) Nru 1272/2008)<sup>(2)</sup> dwar il-klassifikazzjoni, l-itikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi kimiċi (ir-Regolament CLP) u r-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli.

1.3. Il-KESE jimpenja ruħu bis-sħiħ li jiżgura s-sikurezza tal-konsumaturi u tal-utenti professjonali, iżda jqis li r-rekwiżiti l-ġodda dwar id-deterġenti li jkun fihom il-mikroorganiżmi huma prudenti żżejjed, huma inflessibbli u huma kontradittorji. Il-KESE jirrakkomanda li dawn ir-regoli jiġu adattati biex ikunu aktar konsistenti, kemm bejniethom kif ukoll ma' politiki oħra, u biex jappoġġjaw aktar milli jipprevjenu l-innovazzjoni f'din il-kategorija ta' prodotti emerġenti.

1.4. Il-KESE jilqa' l-kundizzjonijiet ekwivalenti stabbiliti għas-sorveljanza tas-suq ta' deterġenti u aġenti tensjoattivi manifatturati fl-UE u dawk importati. Madankollu, il-KESE jqis li l-obbligu li jinholq u jiġi nnotifikat passaport tal-prodotti għal kull lott ta' deterġent/aġent tensjoattiv huwa eċċessivament oneruż, u jirrakkomanda li jiġi stabbilit mekkaniżmu aktar adegwat għall-aġġornament tal-passaport tal-prodotti.

1.5. Il-KESE jitlob kjarifika ulterjuri dwar il-valur miżjud tal-passaport tal-prodotti u l-markatura CE għas-sorveljanza tas-suq, peress li din l-informazzjoni mhijiex inkluża fil-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni. Il-KESE jinnota li l-markatura CE frodulenti tista' tipperikola s-sikurezza tal-konsumaturi u tal-utenti u tikkomprometti l-kundizzjonijiet ekwivalenti għall-operaturi ekonomiċi li jikkonformaw.

(<sup>1</sup>) Ir-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar diterġenti (ĠU L 104, 8.4.2004, p. 1).

(<sup>2</sup>) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-itikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

1.6. Il-KESE jenfasizza l-importanza li rekwiżiti speċifiċi u tekniċi jkunu fis-seħħ fi żmien tajjeb biex jippermettu l-implimentazzjoni, u għalhekk jirrakkomanda li l-perjodi tranżitorji jibdwu biss wara l-adozzjoni tal-leġislazzjoni addizzjonali rilevanti.

1.7. Il-KESE jappoġġja t-titjib taċ-ċarezza u l-leġġibbiltà tat-tikketti tal-prodotti bit-tneħħija ta' duplikazzjonijiet bejn leġislazzjonijiet, semplifikazzjoni tal-kontenut tat-tikketti u jsir użu effettiv tat-tikkettar diġitali. Il-KESE jirrakkomanda li jiġu applikati l-istess possibiltajiet għad-diġitalizzazzjoni tat-tikkettar għal prodotti b'imballaġġ preparat minn qabel bħal fil-każ tal-bejgħ ta' prodotti li jinbiegħu f'imballaġġ li jista' jerġa' jimtela, u li d-deterġenti jistgħu jiġu ttikkettati b'mod aktar ċar bl-użu ta' pittogrammi/ikoni minflok test.

## 2. Kuntest tal-Opinjoni

2.1. Il-Proposta taġġorna r-regoli eżistenti dwar id-deterġenti b'referenza għall-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni adottata reċentement dwar il-kompetittività fit-tul tal-UE. Il-Proposta għandha l-għan li tissemplifika r-regoli tas-suq billi tneħħi r-rekwiżiti li huma meqjusa mhux meħtieġa jew superfluwi, tintroduċi tikkettar diġitali volontarju billi tagħmel distinzjoni bejn prodotti b'imballaġġ preparat minn qabel u prodotti li jinbiegħu f'imballaġġ li jista' jerġa' jimtela, tiffaċilita l-bejgħ ta' prodotti sikuri innovattivi billi tintroduċi rekwiżiti ta' sikurezza għall-mikroorganiziżmi, u ssaħħaħ l-infurzar permezz tal-introduzzjoni ta' passaport tal-prodotti.

2.2. Id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Proposta jinkludu definizzjonijiet għal "deterġenti", "aġenti tensjoattivi" u kunċetti oħra msemmija fit-test tal-Proposta għal Regolament, li wħud minnhom ġew aġġornati u ċċarati.

2.3. Il-Proposta tistabbilixxi r-rekwiżiti tal-prodotti għad-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi, fir-rigward tal-moviment liberu, il-bijodegradabbiltà, l-użu ta' mikroorganiziżmi fid-deterġenti u l-limitazzjonijiet fuq il-kontenut tal-fosfati u komposti oħra tal-foftru. L-aħħar tliet aspetti huma elaborati aktar fl-Annessi tal-Proposta għal Regolament.

2.4. L-Anness I jinkludi kriterji finali ta' bijodegradabbiltà u metodi ta' ttestjar għall-aġenti tensjoattivi, bħala tali u li jinsabu fid-deterġenti. Dawn essenzjalment ma jinbidlux mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 648/2004, peress li dawn il-kriterji u l-metodi ta' ttestjar għadhom adattati għall-iskop tagħhom u huma tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku. Tneħħew il-kriterji ta' bijodegradabbiltà primarja obsoleti, kif ukoll il-proċedura ta' deroga għal aġenti tensjoattivi li ma jissodisfawx il-kriterji ta' bijodegradabbiltà finali, li ntużat darba biss, b'entrata fl-Anness V preċedenti, li skada fl-2019, u għalhekk titqies li ma għadhiex meħtieġa.

2.5. L-Anness II tal-Proposta jintroduċi rekwiżiti għad-deterġenti li jkun fihom il-mikroorganiziżmi, bil-għan li jiġu stabbiliti regoli armonizzati li jirregolaw is-sikurezza ta' tali prodotti u l-metodi ta' ttestjar rilevanti biex tintwera l-konformità ma' dawn ir-regoli. Ir-rekwiżiti jippreskrivu l-(varjanti ta') mikroorganiziżmi li jstgħu jintużaw, abbażi tal-identifikazzjoni formali tagħhom, kif ukoll rekwiżiti li huma jappartjenu kemm għall-Grupp ta' Riskju I kif definit mid-Direttiva 2000/54/KE<sup>(3)</sup> (aġenti bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol) kif ukoll għal-lista ta' Preżunzjoni ta' Sikurezza Kwalifikata (QPS) tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA). L-Anness jipprojbixxi wkoll l-użu ta' organiziżmi patoġeniċi speċifiċi jew mikroorganiziżmi ġenetikament modifikati, dikjarazzjonijiet ta' effett antimikrobiku jew diżinfettanti dment li d-deterġenti ma jikkonformawx mar-Regolament (UE) Nru 528/2012<sup>(4)</sup> dwar il-Prodotti Bijoċidali, u t-tqegħid fis-suq ta' deterġenti li jinbiegħu f'imballaġġ li jista' jerġa' jimtela li fihom il-mikroorganiziżmi. Barra minn hekk, l-Anness jistabbilixxi rekwiżiti obbligatorji ta' ttestjar għal deterġenti li fihom mikroorganiziżmi, inkluż l-ittestjar minn partijiet terzi biex tiġi appoġġjata kwalunkwe dikjarazzjoni magħmula dwar l-azzjoni tal-mikroorganiziżmi u test *in vivo* tat-tossiċità akuta mill-inalazzjoni (Test B.2 skont ir-Regolament (KE) Nru 440/2008<sup>(5)</sup>), jiġifieri l-linja gwida tal-OECD TG 403).

2.6. Il-Proposta ma tbidilx il-limitazzjonijiet dettaljati dwar il-kontenut tal-fosfati u komposti oħra tal-foftru previsti mir-Regolament (KE) Nru 648/2004.

<sup>(3)</sup> Id-Direttiva 2000/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati ma' l-espożizzjoni għal aġenti bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol (is-seba' direttiva individwali fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 262, 17.10.2000, p. 21).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1).

<sup>(5)</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KE) nru 440/2008 tat- 30 ta' Mejju 2008 li jistabbilixxi metodi ta' ttestjar skond ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 142, 31.5.2008, p. 1).

2.7. Il-Proposta tiddeskrivi l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi, jiġifieri l-manifatturi, l-importaturi, id-distributuri, u r-rwol li għadu kif ġie introdott ta' rappreżentant awtorizzat. Tneħħa l-obbligu li l-manifattur ikun stabbilit fl-Unjoni, iżda l-manifatturi stabbiliti barra mill-Unjoni huma meħtieġa jaħtru rappreżentant awtorizzat permezz ta' mandat bil-miktub biex iwettaq ċerti kompiti (mentri dan ir-rekwiżit huwa sempliċement fakultattiv għall-manifatturi stabbiliti fl-Unjoni).

2.8. Il-Proposta tintroduċi proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità ġdida li għandha titwettaq mill-manifatturi tad-deterġenti jew tal-aġenti tensjoattivi, li hija bbażata fuq il-Modulu A tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE (proċedura ta' kontroll intern). Il-proċedura tinvolvi awtodikjarazzjoni tal-konformità u tirrikjedi li tiġi stabbilita dokumentazzjoni teknika li jkun fiha deskrizzjoni tad-deterġent u l-użu tiegħu, rapporti tat-testijiet imwettqa biex tintwera l-konformità u skeda bit-tagħrif dwar l-ingredjenti.

2.9. Huma stabbiliti rekwiżiti għall-markatura CE u għat-tikkettar ta' deterġenti u ta' aġenti tensjoattivi, inklużi regoli għall-implimentazzjoni ta' tikkettar diġitali f'każ li l-operatur ekonomiku jagħżel li jużah. Ir-rekwiżiti tat-tikkettar huma deskritti f'aktar dettall fl-Anness V, bi speċifikazzjonijiet għat-tikkettar tal-kontenut, informazzjoni dwar id-dożaġġ li tista' titħalla barra mit-tikketta fiżika meta tingħata permezz ta' tikketta diġitali, u tabella tad-dożaġġ semplifikata għad-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumatur. Il-Proposta tintroduċi wkoll il-kunċett ta'mezz ta' data, li jintuża biex tiġi aċċessata t-tikketta diġitali, li jrid ikun preżenti fuq id-deterġent jew fuq l-aġent tensjoattiv, fuq l-imballaġġ tiegħu jew fuq id-dokumentazzjoni li takkumpanjah.

2.10. Il-Proposta tistabbilixxi r-rekwiżiti u l-kontenut tal-passaport tal-prodotti, introdott bħala mezz biex jiffaċilita d-dikjarazzjoni tal-konformità (permezz ta' reġistru ċentrali) u s-sorveljanza tas-suq għal deterġenti jew aġenti tensjoattivi mqieġhda fis-suq. Il-passaport tal-prodotti għandu jiġi aċċessat permezz tal-istess mezz ta' data dwar il-prodott kif imsemmi hawn fuq, u huwa maħsub li jkun interoperabbli ma' kwalunkwe passaport tal-prodotti introdott, pereżempju, skont il-leġiżlazzjoni dwar l-Ekodiġinn għal Prodotti Sostenibbli. Il-Kummissjoni hija mitluba tadotta att ta' implimentazzjoni li jippreskrivi r-rekwiżiti tekniċi għall-passaport tal-prodotti u l-mezz ta' data.

2.11. Il-Proposta tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati futuri biex tadatta r-rekwiżiti deskritti fil-kapitoli preċedenti fid-dawl tal-iżviluppi tekniċi, xjentifiċi u tas-suq.

2.12. Id-dispożizzjonijiet tranżitorji u finali jinkludu klawżola ta' rieżami speċifika fl-Artikolu 32 dwar ir-rekwiżiti għal deterġenti li jkun fihom mikroorganiżmi, li tirrikjedi li l-Kummissjoni tivvaluta r-rilevanza u l-effettività ta' dawn ir-regoli mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

### 3. Kummenti ġenerali u speċifiċi

3.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iqis li r-Regolament (KE) Nru 648/2004 dwar id-deterġenti (minn hawn 'il quddiem ir-Regolament dwar id-deterġenti) huwa rilevanti fl-għanijiet tiegħu, jiffunzjona tajjeb u fil-biċċa l-kbira laħaq l-għanijiet tiegħu.

3.2. Il-KESE jaqbel mal-għan tal-Kummissjoni li taġġorna r-Regolament dwar id-deterġenti biex jirrifletti l-iżviluppi teknoloġiċi, kummerċjali u ta' politika li saru minn meta r-Regolament ġie adottat fl-2004, u jappoġġja l-objettiv tagħha li tissemplifika r-rekwiżiti għall-operaturi ekonomiċi – b'mod partikolari l-SMEs – u li jitneħħew is-sovrappożizzjonijiet u d-duplikazzjoni ma' liġijiet oħra tal-UE. Il-KESE jilqa' s-semplifikazzjonijiet introdotti fil-Proposta, iżda jqis li l-firxa tat-tnaqqis fil-piż amministrattiv hija aktar limitata minn dik implikata mill-Kummissjoni, u fil-prattika l-piż jiżdied b'mod sinifikanti f'oqsma oħra<sup>(6)</sup>.

3.3. Ir-reviżjoni tar-Regolament dwar id-deterġenti qed isseħħ b'mod parallel ma' diversi proposti oħra għal leġiżlazzjoni riveduta jew ġdida li taffettwa wkoll lid-deterġenti, inkluż ir-Regolament CLP ((KE) Nru 1272/2008) u r-Regolament il-ġdid dwar l-Ekodiġinn għal Prodotti Sostenibbli (ESPR). Il-KESE jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati koerenza u konsistenza sħiħa bejn dawn il-leġiżlazzjonijiet differenti u li jiġu evitati diverġenzi u duplikazzjonijiet fid-dispożizzjonijiet tagħhom.

<sup>(6)</sup> Għal aktar informazzjoni dwar il-piż amministrattiv għall-industrija tad-deterġenti, ara l-iskeda informattiva tal-AISE dwar il-Valutazzjoni tal-Ispejjeż Kumulattivi.

3.4. Il-KESE jappoġġja d-definizzjoni semplifikata ta' "deterġent" inkluża fil-Proposta tal-Kummissjoni, li ser tintfieh u tiġi applikata aktar faċilment mill-operaturi ekonomiċi kif ukoll mill-awtoritajiet pubbliċi. It-tneħħija tar-referenza għal kategoriji speċifiċi ta' ingredjenti (sapun u/jew aġenti tensjoattivi) fid-definizzjoni ta' deterġent tagħmel id-definizzjoni aktar inklużiva u ttejjeb iċ-ċarezza tal-kamp ta' applikazzjoni għall-innovazzjoni futura fil-kategorija tal-prodott.

3.5. Il-KESE jilqa' ż-żamma tar-rekwiżiti tal-bijodegradabbiltà għall-aġent tensjoattivi u t-tneħħija tal-proċedura ta' deroga, li ma għadhiex tintuża. Dan jgħin biex jiġi ssemplifikati u ttejjeb iċ-ċarezza tad-dispożizzjonijiet għall-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet.

3.6. Il-KESE jqis li r-rekwiżiti proposti għad-deterġenti li fihom il-mikroorganiżmi huma preskrittivi żżejjed u mhumiex adattati sew għad-deterġenti. Ir-rekwiżiti tal-ittestjar speċifikati fl-Anness II huma kkunsidrati wisq onerużi, b'mod partikolari għall-SMEs. Fir-rigward tal-mikroorganiżmi użati fid-deterġenti b'format ta' sprej, hemm rekwiżit li jridu jgħaddu minn test fuq l-animali vertebrati għat-tossiċità akuta mill-inalazzjoni, li jinvolvi li jiġu ssagrifikati tipikament 30 animal għal kull test. Dan jimmina l-impenn li sar fid-Direttiva 2010/63/UE (7) dwar il-protezzjoni tal-animali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi, u mhuwiex meħtieġ peress li jeżistu metodi alternattivi għad-determinazzjoni tas-sikurezza (eż. read-across minn data storika, testijiet *in vitro* permezz ta' linji ta' ċelloli umani jew il-piż tal-evidenza, b'mod partikolari meta jitqies l-istatus obbligatorju tal-Grupp ta' Riskju 1/QPS).

3.7. Il-KESE jqis li mhuwiex xieraq li jintalab li l-mikroorganiżmi użati fid-deterġenti jridu jkunu fil-lista tal-preżunzjoni ta' sikurezza kwalifikata (QPS) tal-EFSA. Dan lanqas biss huwa rekwiżit obbligatorju biex mikroorganiżmu jintuża fl-industrija tal-ikel u tal-ġhalf, iżda pjuttost huwa biss punt tat-tluq għal evalwazzjoni ulterjuri mill-EFSA. Il-mikroorganiżmi li mhumiex fil-lista tal-QPS xorta jistgħu jiġu vvalutati għas-sikurezza u jintużaw fl-ikel jew fl-ġhalf, iżda fil-każ tad-deterġenti ma teżisti l-ebda possibbiltà bħal din sakemm sussegwentement il-Kummissjoni twettaq rieżami/reviżjoni formali tar-rekwiżiti. Mhuwiex meqjus proporzjonat li jkun hemm regoli aktar restrittivi għad-deterġenti milli għall-ikel, li jiġi iġestit direttament. Min-naħa l-oħra, jekk l-elekar tal-QPS ikun obbligatorju tal-EFSA, il-KESE ma jqisx li huwa ġustifikat li d-deterġenti li fihom il-mikroorganiżmi jkunu meħtieġa li jiġu ttikkettati bi twissija li l-prodott ma għandux jintuża fuq kwalunkwe superfiċe li tiġi f'kontatt mal-ikel.

3.8. Il-limitazzjoni tal-mikroorganiżmi li jistgħu jintużaw bil-mod deskritt fl-Anness II il-ġdid għandha r-riskju li xxekkel jew tiblokka l-innovazzjoni, u tinjora kemm il-fatt li d-deterġenti li fihom il-mikroorganiżmi huma diġà koperti mir-Regolament dwar id-deterġenti u leġiżlazzjoni oħra, bħad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti, kif ukoll mill-qafas żviluppat mill-industrija biex tippermetti l-ġestjoni tajba tar-riskju tal-ingredjenti mikrobiċi. Il-Proposta teżenta lid-deterġenti mqiegħda fis-suq għal skopijiet ta' riċerka u żvilupp mill-kundizzjonijiet preskritti fl-Anness II punt 1, iżda l-uniku mekkaniżmu disponibbli biex jippermetti l-użu kummerċjali ta' (razz ta') mikroorganiżmi ġodda huwa permezz tal-klawżola ta' rieżami fl-Artikolu 32 u/jew ta' atti delegati. Il-KESE jirrakkomanda l-adozzjoni ta' proċess inqas restrittiv sabiex jippermetti u jrawwem l-innovazzjoni f'dan is-settur ta' prodotti li qed jikber.

3.9. Il-KESE jappoġġja l-fatt li l-Kummissjoni żammet il-limitazzjonijiet eżistenti fuq il-kontenut tal-fosfati u komposti oħra tal-fosfru, li wrew li rnexxielhom inaqqsu l-użu tal-fosforu mill-2014 'l hawn u jillimitaw l-użu tiegħu biss għal applikazzjonijiet fejn jirriżulta li huwa kritiku, jew meta restrizzjoni twassal għal impatti negattivi saħansitra akbar fuq l-ambjent, is-sikurezza u/jew il-prestazzjoni tat-tindif (8).

3.10. Il-KESE jqis li hija meħtieġa aktar ċarezza dwar ir-rwoli u l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi identifikati fil-Proposta, b'mod partikolari r-rappreżentant awtorizzat kif deskritt fl-Artikolu 8. Fil-każ fejn ikun obbligatorju għal manifattur stabbilit barra mill-Unjoni li jaħtar tali rappreżentant awtorizzat, mhuwiex ċar jekk il-mandat mogħti lil dan tal-aħħar mill-manifattur mhux mill-UE għandux jinkludi, pereżempju, l-obbligu li tiġi pprovduta skeda bit-tagħrif dwar l-ingredjenti lill-korpi maħtura tal-Istati Membri, kif deskritt fl-Artikolu 7(6). Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti, huwa importanti li l-istess obbligi japplikaw għall-manifatturi kemm fl-Unjoni kif ukoll barra minnha, u li jkun ċar kif dawn l-obbligi għandhom jiġu ssodisfati.

(7) Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-animali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 33).

(8) Relevance of professional laundry and machine dishwashing on the entry of phosphate and other phosphorus compounds (P) into wastewater (Ir-rilevanza tal-ħasil tal-platti u tal-hwejġ b'mod professjonali permezz tal-magni fuq il-preżenza tal-fosfat u ta' komposti oħra tal-fosfru (P) fl-ilma mormi), Umweltbundesamt 98/2021.

3.11. Il-KESE jitlob kjarifika ulterjuri dwar il-valur miżjud tal-passaport tal-prodotti u l-markatura CE bħala mezz biex tintwera u/jew tiġi vverifikata l-konformità tal-prodotti soġġetti għar-Regolament dwar id-deterġenti. Ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni ma jidentifika l-ebda problema speċifika b'riskji ta' konformità jew ta' sikurezza għall-konsumaturi bħala ġustifikazzjoni għall-introduzzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti, u ma jidhrux fl-għażliet ta' politika indirizzati, u għalhekk l-informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-impatti tagħhom hija nieqsa. Madankollu, il-KESE jappoġġja l-obbligu li l-passaport tal-prodotti jiġi applikat bl-istess mod għall-manifatturi kollha ta' deterġenti jew aġenti tensjoattivi, kemm jekk stabbiliti fl-Unjoni kif ukoll jekk huma stabbiliti mhux fl-Unjoni, biex jiġi evitat li l-kompetittività tal-prodotti Ewropej tiġi kompromessa mill-importazzjonijiet.

3.12. It-twaħħil tal-markatura CE ma jikkostitwixx prova li l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità twettqu f'konformità mar-Regolament, u dan xorta jrid jiġi vverifikat mill-awtoritajiet ta' sorveljanza kif inhu l-każ skont ir-Regolament attwali. Huwa magħruf li l-markatura CE frawdolenti sseħħ f'kategoriji oħra ta' prodotti soġġetti għal leġiżlazzjoni simili u tista' tesponi lill-konsumaturi għal riskji għas-saħħa u s-sikurezza.

3.13. Il-KESE jitlob li kwalunkwe passaport tal-prodotti introdott skont ir-Regolament dwar id-deterġenti jiġi integrat bis-siġħ ma' dawk adottati skont leġiżlazzjoni oħra, bħar-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli. Sabiex jiġi minimizzat il-piż amministrattiv għall-operaturi ekonomiċi, b'mod partikolari l-SMEs, u l-awtoritajiet pubbliċi, huwa importanti li tinżamm il-koerenza u li jiġi evitat kwalunkwe rekwiżit duplikat jew diverġenti.

3.14. Il-KESE jqis li r-rekwiżiti ta' informazzjoni għall-passaport tal-prodotti kif propost bħalissa huma inkonsistenti mat-tnaqqis tal-piż amministrattiv. Il-ħolqien ta' passaport tal-prodotti, in-notifika lil reġistru u l-istampar/it-twaħħil ta' mezz ta' data ġdid għal kull lott speċifiku ta' prodott mhuwiex fattibbli jew proporzjonat, u r-rekwiżit li jitlestew dawn il-passi qabel it-tqegħid fis-suq x'aktarx ifixkel u jdedwem il-ktajjen tal-provvista. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tadatta dawn ir-rekwiżiti għal skattar ta' frekwenza jew ta' varjazzjoni aktar fattibbli.

3.15. Il-KESE jinnota li r-rekwiżiti speċifiċi u tekniċi relatati mal-passaport tal-prodotti għandhom jiġu speċifikati aktar tard permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dawn huma elementi kritiċi għall-implimentazzjoni tal-Proposta għal Regolament, u l-KESE jenfasizza l-importanza li dawn ir-rekwiżiti jiġu adottati fi żmien tajjeb qabel ma r-Regolament jidħol fis-seħħ biex tiġi evitata l-inċertezza legali. Sabiex l-operaturi ekonomiċi jkollhom biżżejjed żmien biex jimplementaw id-dispożizzjonijiet, il-KESE jirrakkomanda li l-bidu tal-perjodi tranżitorji għall-implimentazzjoni tar-Regolament rivedut dwar id-deterġenti għandu jibda biss wara li jitlestew l-obbligi leġiżlattivi tal-Kummissjoni.

3.16. Il-KESE jappoġġja t-tneħħija tal-iskeda bit-tagħrif dwar l-ingredjenti għad-deterġenti li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala perikolużi skont ir-Regolament CLP, peress li dan ineħħi duplikazzjoni bla bżonn mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament CLP. Fir-rigward tad-deterġenti mhux perikolużi, il-KESE jissuġġerixxi li l-iskeda bit-tagħrif dwar l-ingredjenti għandha tiġi pprovduta fuq talba motivata mill-korpi maħtura mill-Istati Membri, li tirriżulta minn ħtiġijiet jew tħassib identifikati dwar il-protezzjoni tal-konsumatur; b'dan il-mod, il-formulazzjoni tkun aktar koerenti mal-Artikolu 8(3)(c) tal-Proposta kif ukoll mal-Anness VIII tar-Regolament CLP.

3.17. Il-KESE jilqa' l-bidliet proposti fir-rekwiżiti tat-tikkettar, għalkemm relattivament limitati, biex titneħħa d-duplikazzjoni bejn ir-Regolament CLP u r-Regolament dwar id-deterġenti fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-ingredjenti. Dan se jgħin biex jittejjbu ċ-ċarezza u r-rilevanza tat-tikketti għall-konsumaturi/utenti finali, li skont riċerka indipendenti dawn jippreferu tikketti b'inqas informazzjoni iżda li tkun aktar ċara<sup>(9)</sup>. F'dan il-kuntest, il-KESE jipproponi li t-tikkettar tad-deterġenti jiġi ssemplifikat aktar bl-użu ta' sistema ta' pittogrammi jew ikoni minflok test.

3.18. Il-KESE jappoġġja d-dispożizzjonijiet tal-Proposta li jippermettu t-tikkettar diġitali, li se jgħinu wkoll biex itejbu l-leġibbiltà tat-tikketti fiżiċi filwaqt li joffru aċċess għal esperjenza mtejba għall-konsumaturi/utenti aħħarin f'termini ta' informazzjoni, għażla tal-lingwa u leġġibbiltà. Il-KESE jappoġġja wkoll l-aċċess kemm għat-tikketti diġitali kif ukoll għall-informazzjoni dwar il-passaport tal-prodotti permezz ta' mezz uniku ta' data, sabiex jiġu minimizzati l-konfużjoni u t-tgerfix fuq it-tikketti.

<sup>(9)</sup> Geuens M, Byrne D, Boeije G, Peeters V, Vandecasteele B., Investigating the effectiveness of simplified labels for safe use communication: the case of household detergents (Ninvestigaw l-effettività ta' tikketti semplifikati għall-komunikazzjoni b'użu sikur: il-każ ta' deterġenti li jintużaw fid-djar), Int J Consum Stud. 2021; 45(6):1410–24. <https://doi.org/10.1111/ijcs.12662>.



3.19. Il-KESE jilqa' l-Proposta li l-biċċa l-kbira tat-tikkettar meħtieġ tkun tista' tiġi pprovduta b'mod diġitali għall-prodotti li jinbiegħu f'imballaġġ li jista' jerġa' jimtela, iżda jistaqsi għaliex l-istess regoli m'għandhomx jiġu applikati wkoll għall-prodotti b'imballaġġ preparat minn qabel bħal fil-każ tal-bejgħ ta' prodotti li jinbiegħu f'imballaġġ li jista' jerġa' jimtela. Dan jiżgura aħjar kundizzjonijiet ekwivalenti għad-deterġenti mqiegħda fis-suq.

Brussell, it-12 ta' Lulju 2023.

Oliver RÖPKE  
Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

---

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni Pjan ta’ Azzjoni tal-UE: Niproteġu u nirrestawraw l-ekosistemi tal-baħar għal sajd sostenibbli u reżiljenti”**

**(COM (2023) 102 final)**

(2023/C 349/20)

Relatur: **Javier GARAT PÉREZ**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 27.3.2023
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adozzjoni fis-sezzjoni	28.6.2023
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	41/0/4
Adozzjoni fil-plenarja	12.7.2023
Sessjoni plenarja Nru	580
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	149/0/1

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. L-oċeani tagħna jkopru 70 % tas-superfiċje tal-pjaneta. Huma sors ta’ ikel u bijodiversità, jgħinu biex jirregolaw il-klima u jipprovdu għajxien għal ħafna komunitajiet kostali b’benefiċċji konsiderevoli għas-saħħa, is-soċjetà u l-ekonomija. Għalhekk, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jqis li ekosistemi tal-baħar b’saħħithom huma essenzjali għall-pjaneta u għall-popolazzjonijiet li jiddependu minnhom.

1.2. Is-sajjeda Ewropej jipprovdu prodotti tas-sajd ta’ kwalità għolja b’impronta tal-karbonju relattivament baxxa. Wara snin ta’ ġestjoni tajba u tnaqqis fil-pessjoni tas-sajd, il-KESE jilqa’ l-irkupru spettakolari tal-istokkijiet tas-sajd fl-Unjoni Ewropea. Skont id-data tal-Kummissjoni Ewropea, fl-2009 ħames stokkijiet tal-ħut biss inħasdu b’mod sostenibbli fl-UE. Fl-2022 dak in-numru żdied għal aktar minn 60, u għadu qed isir titjib<sup>(1)</sup>. L-istokkijiet tal-ħut, b’mod partikolari fl-Atlantiku tal-Grigal, qed jżiedu b’mod sinifikanti, u laħqu livelli 50 % oġhla minn dawk tal-2010 f’temp ta’ għaxar snin biss<sup>(2)</sup>. Barra minn hekk, 99 % tal-istokkijiet tal-ħut regolati mill-UE fl-Atlantiku tal-Grigal li jinħattu l-art<sup>(3)</sup>, jiġifieri 82,5 % fuq livell dinji<sup>(4)</sup>, jiġu minn stokkijiet tal-ħut sostenibbli.

1.3. Madankollu, dan l-irkupru sarraff fi spiża soċjoekonomika importanti. It-tnaqqis tal-kwoti, flimkien mal-kriżijiet kontinwi esperjenzati mis-sajjeda, qed ikollhom effett devastanti u jwasslu għall-iskrappjar tal-bastimenti fl-Ewropa kollha. Skont l-FAO, illum il-ġurnata l-flotta tas-sajd Ewropea għandha 28 % inqas bastimenti milli kellha fl-2000. Għalhekk, il-KESE jqis li huwa essenzjali li n-negozji u l-ħaddiema jingħataw prevedibbiltà tal-introjt u qafas ta’ stabbiltà ekonomika.

1.4. Għalkemm is-settur tas-sajd fl-Ewropa għamel sforzi kbar u progress lejn is-sostenibbiltà u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar, l-oċeani għadhom soġġetti għat-tibdil fil-klima, l-aċidifikazzjoni u t-tniġġis minħabba sustanzi niġġiesa bħall-plastik u żibel u skart ieħor minn attivitajiet fuq l-art, li huma ta’ theddida serja għall-ekosistemi tal-baħar u l-komunitajiet li jiddependu minnhom. Biex jiġu indirizzati dawn il-problemi, u f’konformità mal-oġġettivi tal-qafas

<sup>(1)</sup> COM(2023) 103.

<sup>(2)</sup> STECF Adhoc 20-01.

<sup>(3)</sup> COM(2020) 248.

<sup>(4)</sup> *The State of World Fisheries and Aquaculture 2022* (L-Istat tas-Sajd u Akwakultura Dinji) (FAO).

globali l-ġdid tal-bijodiversità għal wara l-2020 u l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, l-UE trid tiproteġi legalment 30 % tal-ibħra tagħha sal-2030. Il-KESE jstieden lill-Istati Membri jilħqu dan l-objettiv fiż-żmien stabbilit u jsibu soluzzjonijiet li jippermettu l-koeżistenza mas-sajd meta x-xjenza tirrakkomanda dan.

1.5. Il-KESE jirrikonoxxi li, minkejja t-titjib, is-sajd għad għandu impatt ambjentali fuq l-oċeani. Għalhekk, huwa ċar li hemm bżonn li jkompli jittaffa l-impatt tal-irkaptu tas-sajd, tiżdied is-selettività tax-xbieki u jiġu protetti l-ispeċijiet u l-ekosistemi marini vulnerabbli. Il-KESE jappella għal strateġija ta' dekarbonizzazzjoni u ta' protezzjoni ambjentali li tiffoka aktar fuq l-innovazzjoni milli fuq l-eliminazzjoni tal-attività u taġti attenzjoni ugwali lit-tliet pilastru tas-sostenibbiltà: ambjentali, soċjali u ekonomika, li jgħinu biex jinżammu impjegi bi kwalifiki għoljin fl-Ewropa. B'mod partikolari, il-KESE jitlob li jinstab bilanċ bejn il-proposta biex jingħalqu aktar żoni tas-sajd tradizzjonali u ż-żamma tal-attività tas-sajd, fid-dawl tat-titjib kontinwu tal-istokkijiet u ż-żieda fir-riskju tat-tnaqqis tal-flotta.

1.6. Għalkemm il-Pjan ta' Azzjoni mhuwiex legalment vinkolanti, il-KESE jinnota li dan ser ikollu spiża soċjoekonomika sinifikanti għall-Istati Membri u l-flotot tagħhom. Għalhekk jiddispaċi li l-Pjan ta' Azzjoni mhuwiex akkumpanjat minn studju soċjoekonomiku u ma jipproponi l-ebda miżura ta' finanzjament addizzjonali għat-tranżizzjoni ekoloġika u tal-enerġija proposta mill-Kummissjoni Ewropea. Għalhekk, il-Kumitat jappella għal studju tal-impatt soċjoekonomiku tal-miżuri proposti, b'mod partikolari fir-rigward tal-projbizzjoni tas-sajd tal-qiegħ fiż-Żoni Marini Protetti (MPAs), u jitlob li jiġu stabbiliti l-mezzi kollha meħtieġa, inklużi inċentivi u mekkaniżmi ta' kumpens, għal tranżizzjoni ġusta u bbilanċjata.

1.7. Il-KESE jemmen li huwa essenzjali li kwalunkwe restrizzjoni fuq l-irkaptu tal-kuntatt mal-qiegħ tiġi riflessa awtomatikament għall-prodotti importati minn pajjiżi terzi, speċjalment minħabba li l-Unjoni Ewropea timporta 70 % tal-ħut li tikkonsma u li eluf ta' tunnelli ta' ħut jiġu minn pajjiżi bħar-Russja u ċ-Ċina, li saħansitra jibbenefikaw minn preferenzi tariffarji. Għalhekk, il-KESE jstieden lill-Kummissjoni biex, fil-Pjan ta' Azzjoni, tinkludi miżuri tas-suq li jiżguraw il-konsistenza u l-koerenza bejn il-politiki interni u esterni u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn l-operaturi tal-UE u dawk mhux tal-UE. 25 % tal-qabdiet totali Ewropej jinqabdu permezz ta' sajd mobbli tal-qiegħ<sup>(5)</sup>. Il-KESE jappella għal pjan ta' azzjoni li ma jżidx id-distakk fis-sigurtà u s-sovranità tal-ikel (fir-rigward tal-prodotti tal-baħar) u jippermetti lis-sajjieda jagħmlu użu sħiħ mill-kwoti tas-sajd allokat li lhom bil-liġi.

1.8. Fir-rigward tas-sallura, il-KESE jappella għal sforzi kontinwi u rapidi biex jiġu restawrati l-habitats tas-sallura, tittejjeb il-konnettività tax-xmajjar u jiġu indirizzati l-ostakli għall-migrazzjoni. Jitlob ukoll li tittejjeb il-kooperazzjoni transfruntiera u li jiġu evitati Prattiki tas-sajd kontroproduttivi. Għall-Kumitat huwa daqstant ieħor importanti jiġi nnotat li l-għeluq reċenti tas-sajd adottat għal attivitajiet kummerċjali u rikreattivi mill-UE għandu impatt negattiv fuq is-sajd kostali fl-Ewropa, u għalhekk jitlob li jiġi analizzat il-progress fl-irkupru tal-ispeċijiet qabel ma jiġu kkunsidrati aktar miżuri restrittivi.

1.9. Il-KESE jenfasizza r-rwol ewlieni tax-xjenza fl-identifikazzjoni, il-ġestjoni u l-mitigazzjoni tat-theddid għall-ekosistemi tal-baħar. Il-KESE jikkonkludi li hemm il-ħtieġa li jissaħħu u jettejbu r-rakkomandazzjonijiet xjentifiċi, li jiġi adottat approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tar-riżorsi tal-baħar u li jintuża mmappjar b'riżoluzzjoni aħjar tal-impronta tas-sajd u tal-bjar tal-karbonju.

1.10. Fir-rigward tal-munizzjon u sustanzi niġġiesa oħra mormija fl-ibħra tagħna fi żminijiet ta' gwerra, speċjalment fil-Baħar Baltiku, il-KESE jstieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha biex jieħdu miżuri operattivi biex inadddu qiegħ il-baħar, kif ukoll miżuri leġiżlattivi biex jiżguraw li l-ilmijiet ikunu sikuri minn dawn il-perikli.

## 2. Sfond

2.1. Skont il-Kummissjoni Ewropea, il-Pjan ta' Azzjoni huwa parti mill-isforzi tagħha biex timplimenta l-politika ambjentali tal-UE u l-politika komuni tas-sajd b'mod aktar konsistenti mat-tliet pilastru tas-sostenibbiltà tagħha: ambjentali, ekonomika u soċjali. Għandu l-għan li jaċċellera t-tranżizzjoni lejn Prattiki tas-sajd aktar sostenibbli permezz ta':

— l-użu ta' rkaptu u Prattiki tas-sajd aktar selettivi fis-sajd kummerċjali biex jitnaqqas il-qbid ta' ħut żgħir u, b'hekk, jiżiedu l-possibilitajiet li l-istokkijiet tal-ħut jirriproduċu u li dawn jibqgħu jgħixu fis-selvaġġ;

<sup>(5)</sup> STECF 21-08.

- l-użu ta' innovazzjonijiet teknoloġiċi u prattiċi mmirati lejn il-prevenzjoni ta' qabdiet inċidentali ta' speċijiet sensitivi;
- l-eliminazzjoni gradwali tas-sajd tal-qieġh fiż-Żoni Marini Protetti (MPAs) kollha sal-2030, fid-dawl tar-rwol ewlieni tagħhom għar-restawr tal-bijodiversità tal-baħar u l-importanza ta' qieġh il-baħar għas-saħħa tal-ekosistemi tal-baħar u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

2.2. Skont il-Kummissjoni Ewropea, din it-tranżizzjoni għandha tiġi appoġġjata minn finanzjament faċilment aċċessibbli, ħidma xjentifika biex jiġu żviluppati u promossi tekniki tas-sajd innovattivi u qafas ta' governanza robust li jippermetti djalogu bejn il-komunitajiet tas-sajd u dawk ambjentali.

### 3. Kummenti ġenerali

#### Aspetti legali

3.1. Il-KESE jinnota li l-Pjan ta' Azzjoni mhuwiex vinkolanti u, bħala tali, huwa prinċipalment sensiela ta' rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri bbażati fuq l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità<sup>(6)</sup>, l-Istrateġija dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima<sup>(7)</sup> u l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt<sup>(8)</sup>. Madankollu, il-programm ta' azzjoni propost se jsarraf fi spiża soċjoekonomika sinifikanti għall-Istati Membri u l-flotot tagħhom. F'dan ir-rigward, il-KESE jqis il-Pjan ta' Azzjoni bħala opportunità unika biex jinfetħu djalogu fil-livell Ewropew u nazzjonali, u għalhekk jappoġġja l-ħolqien ta' task force konġunta għall-Istati Membri, u li fi ħdanha l-partijiet interessati (is-sidien tal-bastimenti, il-ħaddiema u l-partijiet interessati ambjentali) ikunu osservaturi, biex jiġu żgurati proċessi ta' teħid ta' deċizzjonijiet koordinati u inklużivi bil-għan li jiġu adottati u implimentati miżuri ta' ġestjoni koerenti.

3.2. Il-KESE jfakkar li l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sajd u l-ambjent diġà tirrikjedi l-protezzjoni u r-restawr ta' qieġh il-baħar. Pereżempju, is-sajd mobbli tal-qieġh fil-Baħar Mediterran huwa pprojbit f'fond ta' aktar minn 1 000 metru. Fl-Atlantiku, it-tkarkir tal-qieġh huwa pprojbit f'fond ta' aktar minn 800 metru u reċentement ġie sospiż f'16 419 km<sup>2</sup> ta' ekosistemi marini vulnerabbli.

3.3. Madankollu, l-UE trid tippoteġi legalment 30 % tal-ibħra tagħha sal-2030, f'konformità mal-oġġettivi tal-qafas globali l-ġdid tal-bijodiversità u l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità. Il-KESE jistieden lill-Istati Membri jilhqnu dan l-oġġettiv permezz ta' strateġiji nazzjonali li jippromovu approċċ ekosistemiku u jippermettu l-koeżistenza mas-sajd abbażi ta' rakkomandazzjonijiet xjentifiċi.

3.4. Il-Kumitat jenfasizza li l-projbizzjoni mifruxa tas-sajd tal-qieġh fl-MPAs mhija preskritta mill-ebda strument internazzjonali (BBNJ<sup>(9)</sup>, KDB<sup>(10)</sup> jew RFMO<sup>(11)</sup>) u lanqas mill-acquis tal-UE stess. Għalhekk, il-KESE jemmen li huwa adatt li tiġi segwita l-interpretazzjoni mressqa mill-Kummissjoni Ewropea fit-tweġiba tagħha għar-Rapport tal-Qorti tal-Awdituri<sup>(12)</sup>, li jiddikjara li "[i]d-deżinjazzjoni tal-MPAs ma għandhiex twassal għal restrizzjoni totali tal-attivitatiet tal-bniedem, iżda pjuttost l-istabbiliment ta' miżuri ta' ġestjoni effettivi skont l-oġġettivi ta' konservazzjoni taż-żoni u abbażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli. Dan jista' jwassal biex jiġu ristretti l-attivitatiet tas-sajd biss meta jkun meħtieġ li jiġu ssodisfati r-reqwiziti ekoloġiċi tal-karatteristiċi naturali, li huma s-suġġett ta' protezzjoni". L-istess loġika hija riflessa fid-Direttiva dwar il-Habitats<sup>(13)</sup> li tiddikjara li "[i]l-miżuri meħuda skont din id-Direttiva għandhom iqisu l-ħtiġiet ekonomiċi, soċjali u kulturali u l-karatteristiċi reġjonali u lokali", flimkien mar-reqwizit li titwettaq valutazzjoni tal-impatt fuq bażi ta' każ b'każ u li jittieħdu miżuri b'mod ġustifikat (Artikolu 6(3)).

3.5. Sabiex jiġi żgurat li l-prodotti tas-sajd ikunu jistgħu jiġu prodotti bl-aħjar standards soċjali u ambjentali mingħajr ma ssir ħsara lill-kompetittività tal-operaturi fid-diversi pajjiżi tal-UE, il-Pjan ta' Azzjoni għandu jstabbilixxi strateġija li toħloq kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, u li tirrispetta l-istandards ta' pajjiżi terzi. Barra minn hekk, fid-djalogi u l-konsultazzjonijiet dwar kif se jiġi implimentat minn kull Stat Membru, l-isforzi għandhom jiġu kkoordinati u għandu jiġi

<sup>(6)</sup> COM(2020) 380.

<sup>(7)</sup> COM(2021) 82.

<sup>(8)</sup> COM(2020) 381.

<sup>(9)</sup> Ftehim dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika tal-baħar ta' żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali.

<sup>(10)</sup> Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika.

<sup>(11)</sup> Organizazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd.

<sup>(12)</sup> QEA: Rapport Speċjali 26/2020.

<sup>(13)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

żgurat li l-flotot li jkunu rreġistrati taħt bandiera Ewropea ta' Stat Membru partikolari u li joperaw fl-ibħra ta' Stat Membru ieħor ikunu jistgħu jiġu rrappreżentati fil-proċessi nazzjonali tal-ħolqien ta' MPA. Inkella, jista' jkun hemm trattament inugwali u għalhekk mhux se jkun hemm omoġeneità fl-ibħra Ewropej.

3.6. Il-Kumitat jiġbed l-attenzjoni għall-Artikolu 39 tat-TFUE, li jstabilixxi l-ħtieġa li jiġi żgurat livell ta' għajxien ġust għall-komunità agrikola (u tas-sajd), biex tiġi ggarantita s-sigurtà tal-provvisti u biex jiġi żgurat li l-provvisti jaslu għand il-konsumaturi bi prezzijiet raġonevoli. Għalhekk, billi jitqies il-prinċipju tal-proporzjonalità (l-Artikolu 5 tat-TUE), l-Istati Membri għandhom jipproponu l-għażla bl-inqas impatt fuq il-flotta li tiżgura l-konservazzjoni effettiva tan-natura.

3.7. Il-KESE jfakkar li l-Artikolu 2(1)(b) tal-Ftehim ta' Pariġi <sup>(14)</sup>, jenfasizza l-ħtieġa li tiżdied il-kapaċità ta' adattament għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima u li jitrawmu r-reżiljenza għall-klima u l-iżvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra, b'mod li ma jheddidx il-produzzjoni tal-ikel.

#### *Kamp ta' applikazzjoni*

3.8. Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri jieħdu miżuri nazzjonali u, fejn adatt, jissottomettu rakkomandazzjonijiet konġunti lill-Kummissjoni biex jiżguraw l-eliminazzjoni gradwali tas-sajd mobbli tal-qieġh fl-MPAs kollha sal-2030.

3.9. Il-KESE jirrimarka li l-MPAs jistgħu jwasslu għal restrizzjonijiet fuq l-attivitajiet tas-sajd fejn dan ikun meħtieġ biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ekoloġiċi tal-karatteristiċi naturali li huma protetti. F'dan il-kuntest, l-MPAs jistgħu jinkludu ħafna miżuri oħra ta' konservazzjoni li mhumiex marbuta mas-sajd tal-qieġh, bħall-protezzjoni tal-għasafar tal-baħar, taċ-ċetaċċji jew tal-fkieren. Għalhekk, meta tipproponi miżuri għall-irkaptu tal-kuntatt mal-qieġh, il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni tiffoka l-isforzi tagħha fuq l-MPAs li l-kompitu tagħhom huwa li jipproteġu qieġh il-baħar vulnerabbli u mhux ta' natura oħra.

3.10. Il-KESE jfakkar li t-tielet objettiv tal-Konvenzjoni l-ġdida dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB) huwa li jiżgura u jippermetti li mill-inqas 30 % taż-żoni kostali u tal-baħar jiġu ppreservati u ġestiti b'mod effettiv sal-2030 permezz ta' MPAs u miżuri effettivi oħra ta' konservazzjoni bbażati fuq iż-żona (OECM), u li, fl-istess ħin, jiġi żgurat li kwalunkwe użu sostenibbli, fejn adatt f'żoni bħal dawn, ikun konsistenti bis-sħiħ mar-riżultati ta' konservazzjoni, u jirrikonoxxi u jirrispetta d-drittijiet tal-komunitajiet lokali.

3.11. F'dan il-kuntest, il-KESE jiddispijaċi li l-Kummissjoni ma tinkludix fil-Pjan ta' Azzjoni għodod inklużivi u effettivi għall-protezzjoni ambjentali bħall-OECMs. Il-KESE jappella biex jintuża l-Manwal għall-identifikazzjoni, il-valutazzjoni u r-rappurtar ta' miżuri effettivi oħra ta' konservazzjoni bbażati fuq żoni tas-sajd tal-baħar ippubblikat fl-2022 mill-FAO <sup>(15)</sup>.

3.12. Il-KESE jitlob ukoll li l-OECMs jiġu inklużi fil-kalkolu tar-rata ta' protezzjoni statutorja ta' 30 % sabiex ikun jista' jintlaħaq dan l-objettiv b'mod proporzjonat. F'dan ir-rigward, il-KESE jitlob li jiġu kkunsidrati każijiet oħra ta' għeluq tas-sajd tal-qieġh stabbilit mil-leġiżlazzjoni dwar is-sajd, bħal pereżempju s-87 żona li dan l-aħħar ingħalqu għas-sajd tal-qieġh fl-Atlantiku jew l-għeluq fil-Punent tal-Mediterran minħabba l-pjan ta' ġestjoni pluriennali.

#### *Impronta tas-sajd*

3.13. Abbażi ta' kwotazzjoni mill-parir dwar talba speċjali tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) tal-24 ta' Ġunju 2021, il-Pjan ta' Azzjoni jiddikjara li s-sajd mobbli tal-qieġh b'mod ġenerali fl-Atlantiku tal-Grigal jitwettaq fi 80-90 % taż-żoni tas-sajd. Il-KESE jinnota li ċifri għoljin bħal dawn huma prinċipalment minħabba r-riżoluzzjoni baxxa tal-immappjar tal-impronta tas-sajd. F'dan ir-rigward, l-ICES juża grilja biex jistma l-impatt tas-sajd tal-qieġh b'riżoluzzjoni ta' madwar 17 km<sup>2</sup> (latitudnijiet tat-Tramuntana) u 27 km<sup>2</sup> (latitudnijiet tan-Nofsinar). Fi kliem ieħor, jekk bastiment jintraċċa linja tul xi wieħed mill-punti f'din iż-żona, jitqies li qieġhed jistad fiż-żona kollha. Dan iżid b'mod artifiċjali iż-żona mistada u jwassal għal teħid ta' deċiżjonijiet politiċi mingħajr immappjar preċiż. Għalhekk, il-KESE jstieden lill-Kummissjoni biex, fil-Pjan ta' Azzjoni, tinkludi l-ħtieġa għal immappjar aħjar tal-irkapti tal-kuntatt mal-qieġh. Fir-Rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina <sup>(16)</sup>, il-Kummissjoni tinnotta li

<sup>(14)</sup> Ftehim ta' Pariġi tal-2015 (NU) (mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(15)</sup> *A handbook for identifying, evaluating and reporting other effective area-based conservation measures in marine fisheries* (Manwal għall-identifikazzjoni, il-valutazzjoni u r-rappurtar ta' miżuri effettivi oħra ta' konservazzjoni bbażati fuq żoni tas-sajd tal-baħar, mhux disponibbli bil-Malti), (FAO).

<sup>(16)</sup> Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika ta' l-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).



l-attivitajiet ewlenin li jikkawżaw it-telf fiżiku reali tal-ħabitats tal-qiegħ<sup>(17)</sup> huma “t-teħid tal-art u d-difiża kontra l-għargħar, il-kostruzzjoni tal-portijiet, ir-rimi tal-iskart solidu, il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-impatti minn prattiki mhux sostenibbli tal-akkwakultura”<sup>(18)</sup>. Għalhekk, il-KESE jitlob li l-Kummissjoni Ewropea tipproponi miżuri addizzjonali wkoll biex jiġi minimizzat jew eliminat l-impatt ta’ dawn l-elementi, li min-naħa tagħhom għandhom impatt negattiv fuq l-attività tas-sajd.

#### *Ix-xjenza*

3.14. Disturbi bħall-aċidifikazzjoni, il-mewġiet ta’ sħana tal-oċeani, l-iskarsezza tal-ossiġenu, il-proliferazzjoni tal-algi tossiċi, il-parassiti jew il-problemi ta’ riproduzzjoni jistgħu jwasslu biex l-istokkijiet tal-ħut jikkollassaw jew iġegħluhom jiċċaqalqu lejn ibħra aktar fondi u aktar kesħin. Il-plastik, il-mikroplastiks u sustanzi niġġiesa oħra mill-attivitajiet tal-bniedem għandhom ukoll impatt negattiv fuq l-ekosistemi tal-baħar. Minħabba dawn il-fatturi, f’xi każijiet, ix-xjenza tradizzjonali tas-sajd ma tistax tifhem l-istat u l-bidliet fil-kwantitajiet ta’ xi stokkijiet. Il-KESE jikkonkludi li hemm bżonn aktar minn qatt qabel li jintuża approċċ ekosistemiku u li tittejjeb ix-xjenza biex tivvaluta, tifhem u tadatta aħjar għall-bidla.

3.15. Il-Pjan ta’ Azzjoni jħabbar li fl-2024 il-Kummissjoni se tniedi studju li jikkwantifika l-kapaċità tal-ħżin tal-karbonju ta’ qiegħ il-baħar tal-UE u l-impatt potenzjali tal-attivitajiet tas-sajd tal-qiegħ fuq din il-kapaċità. Il-KESE jilqa’ din l-inizjattiva. F’dan il-kuntest, il-KESE jitlob li jiġi studjat jekk il-kontroll tat-tħarbit tas-sediment huwiex effettiv f’termini ta’ mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. L-effett taċ-ċaqliq tal-isforz tas-sajd minħabba l-għeluq ta’ xi żoni lejn żoni ġodda oħrajn li qabel ma kinux sfruttati għandu jiġi studjat ukoll, flimkien mal-effett tal-kawżi naturali, bħall-maltempati, fuq is-sediment u dan għandu jiġi mqabbel mal-impatt tas-sajd tal-qiegħ.

3.16. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tiżviluppa pjattaforma interattiva dwar l-irkaptu tas-sajd selettiv u innovattiv sabiex jiġu skambjati l-għarfien u l-aħjar prattiki. F’dan il-kuntest, ifakkar fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) dwar irkapti tas-sajd innovattivi<sup>(19)</sup>, li jinkludu valutazzjoni mill-esperti tal-benefiċċji u l-impatti tal-irkaptu innovattiv fuq l-ekosistemi tal-baħar, il-ħabitats sensitivi u s-selettività tas-sajd. Il-KESE jilqa’ l-fatt li l-biċċa l-kbira tal-progress sar fis-sajd tal-qiegħ u jħeġġeġ aktar progress f’din id-direzzjoni.

#### *Impatt soċjoekonomiku*

3.17. Għalkemm mhux obligatorju, il-KESE jappella għal studju tal-impatt soċjoekonomiku tal-miżuri proposti, b’mod partikolari fir-rigward tal-projbizzjoni tas-sajd tal-qiegħ fl-MPAs. Peress li s-sajd bit-tkarkir waħdu jirrappreżenta 7 000 bastiment tas-sajd fl-UE, 20 000 sajjied, terz tal-kapaċità totali tas-sajd, 38 % tal-introjt ġġenerat mill-flotta tal-UE u 25 % tal-qabdiet totali, huwa essenzjali li jiġi vvalutat l-impatt tal-miżuri proposti.

3.18. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jistudjaw u jimminimizzaw l-impatt dirett mhux biss tal-miżuri proposti, bħat-telf ta’ aċċess għal żoni tas-sajd tradizzjonali, iżda wkoll taċ-ċaqliq tal-isforz tas-sajd lejn żoni oħra li jista’ jwassal għal kunflitti bejn l-irkaptu tas-sajd, l-inaċċessibbiltà għall-ispeċijiet fil-mira jew żieda fl-użu tal-fjuwil.

#### *Sigurtà tal-ikel*

3.19. Il-konklużjonijiet tal-Pjan ta’ Azzjoni jenfasizzaw il-ħtieġa li tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel, kif ukoll il-benesseri soċjoekonomiku għas-sajjieda, il-komunitajiet kostali u s-soċjetajiet iġenerali. Madankollu, il-projbizzjoni tal-irkaptu tal-kuntatt mal-qiegħ fl-MPAs attwali (10 % tal-ibħra) twassal għal żieda ta’ 2 % fl-importazzjonijiet. Minħabba l-importanza ta’ tranżizzjoni ġusta, il-KESE jappella għal studju dwar iż-żieda stmata fl-importazzjonijiet għall-oġġettivi stabbiliti fil-Pjan (30 % tal-ibħra).

3.20. Il-KESE jfakkar li 70 % tal-ħut ikkunsmat fl-UE diġà jiġi minn pajjiżi terzi u li 25 % tal-qabdiet totali Ewropej jinqabdu permezz ta’ sajd mobbli tal-qiegħ. Il-KESE jappella għal pjan ta’ azzjoni li ma jżidx id-distakk fis-sigurtà u s-sovranià tal-ikel (fir-rigward tal-prodotti tal-baħar) u jippermetti lis-sajjieda jagħmlu użu sħiħ mill-kwoti tas-sajd allokat lihom bil-liġi.

<sup>(17)</sup> Il-ħabitats li jinsabu f’qiegħ il-baħar.

<sup>(18)</sup> COM(2020) 259.

<sup>(19)</sup> ICES sr.2020.12.

### *Interventi fis-suq*

3.21. Il-KESE jqis li huwa essenzjali li r-restrizzjonijiet fuq l-irkaptu tal-kuntatt mal-qiegħ jiġi riflessi awtomatikament għall-prodotti importati minn pajjiżi terzi. Speċjalment minħabba li eluf ta' tunnelli ta' ħut abjad (eż. merluzz tal-Alaska, bakkaljaw, merluzz tal-linja sewda) jiġu mir-Russja u ċ-Ċina, li saħansitra jibbenefikaw minn preferenzi tariffarji. Għalhekk, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex, fil-Pjan ta' Azzjoni, tinkludi miżuri tas-suq li jiżguraw il-konsistenza u l-koerenza bejn il-politiki interni u esterni u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn l-operaturi tal-UE u dawk mhux tal-UE.

### *Finanzjament*

3.22. Il-KESE jiddisputa li l-Pjan ta' Azzjoni ma jipproponi l-ebda miżura ta' finanzjament addizzjonali għat-tranżizzjoni ekoloġika jew tal-enerġija proposta mill-Kummissjoni Ewropea. Inizjattiva bħal din, li taffettwa tant bastimenti tas-sajd tal-qiegħ, trid tkun akkumpanjata mill-inċentivi u l-mekkaniżmi ta' kumpens meħtieġa. Il-KESE jappella biex tiġi allokata għajnuma mill-Istat għar-riċerka u l-innovazzjoni biex jitnaqqas il-kuntatt ma' qiegħ il-baħar aktar milli biex jinbidel l-irkaptu tas-sajd jew ikun hemm l-iskrappjar. Dan tal-aħħar ikun jeħtieġ ammonti kbar ta' flus li mhumiex disponibbli fil-fondi attwali, minbarra li hemm impedimenti tekniċi biex jinbidlu l-metodi tas-sajd. Barra minn hekk, il-KESE jitlob ukoll li jitqiesu l-istaġjonalità u l-ispeċifità tas-settur tas-sajd. Il-KESE jitlob li, minbarra l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA), il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali jadottaw programmi ffukati fuq is-sajd biex itejbu l-allokkazzjoni tal-fondi lejn żoni fejn huma l-aktar meħtieġa. Barra minn hekk, jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tipproduċi rapporti ta' monitoraġġ biex tivverifika jekk il-fondi humiex qed jiġu implimentati u distribwiti kif suppost.

### *Qabdiet incidental*

3.23. Il-KESE jaqbel bis-sħiħ mal-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li jiġu minimizzati u, fejn possibbli, eliminati l-qabdiet aċċessorji ta' speċijiet tal-baħar sensitivi (bħad-denfil komuni tal-Golf tal-Biskalja). Il-KESE huwa mħasseb dwar speċijiet vulnerabbli li huma partikolarment mhedda, bħal xi speċijiet ta' klieb il-baħar, fkieren tal-baħar, mammiferi tal-baħar (id-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali u l-bumerin) u għasafar tal-baħar (il-garnija tal-Baleariku). Il-KESE jistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri nazzjonali jew konġunti biex inaqqsu kemm jista' jkun il-qabdiet aċċessorji.

3.24. F'dan ir-rigward, il-KESE jilqa' l-aħħar miżuri meħuda minn xi Stati Membri li baġtu osservaturi abbord u apparati akustiċi li jużaw l-ultrasound biex jitnaffru d-dniefel. Fl-aħħar nett, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-ghelug taż-żoni tas-sajd għall-protezzjoni ta' speċijiet sensitivi jkun ibbilanċjat u jqis l-impatt soċjoekonomiku kbir li għandu fuq il-flotta.

3.25. Fir-rigward tas-sallura, il-KESE jinsab imħasseb dwar l-istat sensitiv tal-ispeċi u jfakkar fil-miżuri deċiżivi għat-titjib adottati mill-Kunsill f'Diċembru 2022, li rriżultaw f'ghelug ta' sitt xhur tal-qabdiet mill-baħar u projbizzjoni totali tas-sajd rikreattiv. F'dan il-kontest, il-KESE jfakkar li dawn il-miżuri se jkollhom impatt negattiv kbir fuq is-sajd kostali fl-Ewropa, u għalhekk jitlob li ssir analiżi tal-progress fl-irkupru tal-ispeċijiet qabel ma jittieħdu aktar miżuri restrittivi. Madankollu, il-Kumitat jemmen li huwa fundamentali li jiġu indirizzati l-impatti kollha tas-sajd u dawk mhux relatati mas-sajd u li tiġi implimentata aħjar il-leġiżlazzjoni rilevanti bħad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma<sup>(20)</sup>, id-Direttiva dwar il-Habitats u d-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, sabiex tittejjeb is-sitwazzjoni malajr kemm jista' jkun, waqt li tiġi evitata aktar restrizzjoni.

### *Sustanzi oħra li jniġġsu*

3.26. Huwa stmat li fil-qiegħ tal-Baħar Baltiku biss hemm madwar 50 000 tunnelli ta' munizzjon kimiku, 500 000 tunnelli ta' armi konvenzjonali u 10 000 fdalijiet ta' nawfraġġi, minħabba l-gwerer tas-seklu li għadda<sup>(21)</sup>. Dan il-periklu qed jiġi aggravat mill-aggressjoni militari brutali tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-munizzjonijiet mormija huma ta' theddida reali għall-ħajja tal-bniedem u għall-ambjent tal-baħar, u jipperikolaw mhux biss is-sajd u t-baħħir iżda wkoll l-iżvilupp ta' setturi oħra tal-ekonomija blu. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jieħdu passi operattivi biex inadddu qiegħ il-baħar, kif ukoll miżuri leġiżlattivi biex jiżguraw li l-ilmijiet ikunu sikuri minn dawn il-perikli. Il-KESE jfakkar fl-importanza tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u l-programmi nazzjonali tal-Istati Membri skont id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina biex jiġi ssalvagwardjat l-ambjent tal-baħar bħala sors ta' ikel sikur u san għall-bnedmin.

<sup>(20)</sup> Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

<sup>(21)</sup> Clearing chemical and conventional munitions from the sea (Euractiv) (It-tneħħija ta' munizzjon kimiku u konvenzjonali mill-baħar, mhux disponibbli bil-Malti).

*Ekonomija blu*

3.27. Il-KESE jfakkar li d-diversi setturi li jiffurmaw l-ekonomija blu huma interdipendenti (is-sajd, il-bijoteknoloġija, in-navigazzjoni, it-trasport marittimu, it-trasport marittimu, l-akkwakultura, it-tarzni, il-katina tal-provvista, il-loġistika u t-trasport). Għalhekk, it-telf jew l-iskrappjar ta' bastimenti tas-sajd għandu impatt dirett fuq it-tarzni u servizzi loġistiċi Ewropej oħra. F'dan il-kuntest, il-KESE jenfasizza l-hteġa li tiġi implimentata strateġija ta' dekarbonizzazzjoni u protezzjoni ambjentali li tiffoka aktar fuq l-innovazzjoni milli fuq l-eliminazzjoni tal-attività u taġhti attenzjoni ugwali lit-tliet pilastru tas-sostenibbiltà: ambjentali, soċjali u ekonomika, li jgħinu biex jinżammu impjegi bi kwalifiki għoljin fl-Ewropa <sup>(22)</sup>. Barra minn hekk, il-KESE jirrimarka li s-settur tas-sajd jgħin biex tinżamm il-popolazzjoni fil-komunitajiet rurali kostali li huma dipendenti ħafna minn din l-industrija <sup>(23)</sup>. It-tnaqqis jew it-telf tas-settur tas-sajd jirriżulta direttament f'żieda fil-fluss tal-migrazzjoni lejn bliet kbar, u l-problemi kollha assoċjati mal-konċentrazzjoni tal-popolazzjoni.

*L-enerġija tar-riħ*

3.28. F'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-UE stabbiliet mira li żżid il-produzzjoni tal-enerġija tal-baħar tal-UE b'għoxrin darba biex tikseb in-newtralità klimatika sal-2050. Madankollu, din iż-żieda għandha impatt fuq l-ambjent tal-baħar, bħall-installazzjoni ta' parks eoliċi u t-tqegħid ta' kejbils f'ibħra fondi. Diversi Stati Membri saħansitra ħabbru li se jikkollegaw il-grilji tal-elettriku taġghom fil-baħar, prinċipalment permezz ta' gżejjer tal-enerġija artifiċjali fil-Baltiku u fl-Atlantiku. Il-KESE huwa konxju bis-sħiħ tal-hteġa għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli li jeħtieġ li jeżistu flimkien ma' sorsi tal-ikel sostenibbli <sup>(24)</sup>. Jappella, għalhekk, biex l-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta tiġi żviluppata bir-reqqa sabiex ma jsirux l-istess żbalji bħal fil-passat, u b'hekk jiġi minimizzat l-impatt taġgha fuq il-bijodiversità. Barra minn hekk, il-KESE jitlob li l-installazzjoni ta' dawn l-istrutturi ma taffettwax iż-żoni tas-sajd tradizzjonali tas-sajjieda.

Brussell, it-12 ta' Lulju 2023.

Oliver RÖPKE  
Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

<sup>(22)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar approċċ ġdid għal ekonomija blu sostenibbli fl-UE — It-trasformazzjoni tal-Ekonomija Blu tal-UE għal Futur Sostenibbli" (COM(2021) 240 final) (ĠU C 517, 22.12.2021, p. 108).

<sup>(23)</sup> Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar *Il-Politika Komuni tas-Sajd fil-livell lokali: lejn komunitajiet kostali sostenibbli u reżiljenti fl-UE* (NAT-VII/035).

<sup>(24)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija tal-UE biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta għal futur newtrali għall-klima" (COM(2020) 741 final) (ĠU C 286, 16.7.2021, p.152).

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1242 fir-rigward tat-tisħiħ tal-istandards ta’ prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> għal vetturi heavy-duty ġodda u l-integrazzjoni tal-obbligi ta’ rapportar, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/956”**

**(COM(2023) 88 final — 2023/0042 (COD))**

(2023/C 349/21)

Relatur: **Dirk BERGRATH**

Korelatur: **Alessandro BARTELLONI**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew. 29/03/2023 Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 3.4.2023
Bażi legali	Artikoli 192(1) u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali
Adozzjoni fis-sezzjoni	22.6.2023
Adozzjoni fil-plenarja	12.7.2023
Sessjoni plenarja Nru	580
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	182/4/7

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa’ l-oġettiv ta’ dan ir-Regolament li jaċċellera l-pass tad-dekarbonizzazzjoni fis-settur u li jagħti spinta lit-trasformazzjoni strutturali tiegħu. L-UE għandha taħtaf l-oportunità li tkun minn ta’ quddiem nett fl-industrija tat-trasport nadif.

1.2. Il-KESE jinnota li l-proposta tmur lil hinn mill-miri proposti bħalissa fiċ-Ċina, iżda mhix ambizzjuża daqs ir-Regolament adottat dan l-aħħar f’California, li jistabbilixxi mira ta’ bejgħ tal-100 % tat-trakkijiet u l-karozzi tal-linja b’emissjonijiet zero sal-2036. Il-KESE jinnota wkoll li l-Pjan ta’ Azzjoni Nazzjonali għad-Dekarbonizzazzjoni tat-Trasport tal-Istati Uniti<sup>(1)</sup> jassenja rwol komplementari għal elettriku nadif, bijofjuwils/e-fjuwils sostenibbli, u idroġenu nadif għat-trasport b’mod ġenerali u għat-trasport bit-triq ta’ vetturi heavy-duty b’mod partikolari.

1.3. Il-KESE josserva li għadd ta’ Stati Membri, flimkien ma’ pajjiżi oħra (inklużi l-Istati Uniti), diġà wiegħdu li sal-2040 se jbigħu 100 % tal-vetturi heavy-duty (HDVs) b’emissjonijiet zero<sup>(2)</sup>. Barra minn hekk, huma mistennija diversi regolamenti fil-livell lokali u reġjonali (eż. projbizzjonijiet fuq id-dħul).

1.4. Il-KESE jirrikonoxxi l-importanza ta’ stimolu regolatorju biex jitrawwem l-użu ta’ vetturi b’emissjonijiet zero (ZEVs). Madankollu, il-KESE jemmen li għandha tingħata attenzjoni wkoll lin-naħa tad-domanda u lill-kundizzjonijiet abilitanti ewlenin li jagħmlu l-użu tal-vetturi b’emissjonijiet zero għażla vijabbli għall-operaturi loġistiċi.

1.5. Il-KESE jilqa’ l-isforzi minn ċerti Stati Membri biex jappoġġjaw it-tranżizzjoni lejn iż-ZEVs, speċjalment għall-SMEs, u b’mod partikolari permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tal-Unjoni Ewropea u fondi nazzjonali oħra.

<sup>(1)</sup> DOE/EE-2675 | Jannar 2023.

<sup>(2)</sup> COP27: USA, Ukraine, Ireland, Aruba, Belgium, Croatia, Curaçao, Dominican Republic, Liechtenstein, Lithuania sign Global MOU, support path to 100% new truck and bus sales by 2040 (17.11.22) (COP27: l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Ukrajna, l-Irlanda, Aruba, il-Belġju, il-Kroazja, Curaçao, ir-Repubblika Dominicana, il-Liechtenstein, il-Litwanja jiffirmaw memorandum ta’ qbil dinji u jappoġġjaw tranżizzjoni għal bejgħ tal-100 % tat-trakkijiet u l-karozzi tal-linja ġodda b’emissjonijiet zero sal-2040 — mhux disponibbli bil-Malti).

U.S. Secretary of Energy Advances America’s Commitment to Reaching Net Zero Global Emissions and Combatting Climate Change at COP27 (Fil-COP27, is-Segretarju tal-Enerġija tal-Istati Uniti jafferma l-impenn ta’ pajjiżu għal emissjonijiet netti zero u għall-għieda kontra t-tibdil fil-klima — mhux disponibbli bil-Malti).

1.6. Il-KESE jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għar-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi. L-awtoritajiet pubbliċi jridu jiżguraw li l-fjuwils alternattivi u l-istazzjonijiet tal-iċċarġjar ikunu disponibbli fejn meħtieġ<sup>(3)</sup>. Biex tintlaħaq il-mira intermedja sal-2030, jenħteġu 'l fuq minn 50 000 ċarġer aċċessibbli għall-pubbliku, li 35 000 minnhom jeħtieġ li jkunu mudelli ta' ċċarġjar tal-megawatts ta' prestazzjoni għolja. Se jkunu meħtieġa wkoll madwar 700 stazzjon tar-riforniment tal-idroġenu.

1.7. Minħabba l-limitazzjonijiet tal-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni, il-KESE jappella għal monitoraġġ mill-qrib u regolari tal-iżviluppi f'rapport ta' progress, inkluża valutazzjoni fil-fond tal-katina tal-provvista biex jiġi evitat it-tfixkil u biex jiġi rifless aħjar l-impatt tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport fil-livell reġjonali.

1.8. F'konformità mal-Opinjoni<sup>(4)</sup> preċedenti tiegħu, il-KESE jinnota li minkejja l-benefiċċji kollha tas-sistemi tal-motopropulsjoni elettriċi u tal-idroġenu, ir-Regolament propost ibbażat fuq l-approċċ "tal-iżbokk tal-egżost" jeħtieġ li jiġi kkomplementat minn strumenti ta' politika oħra biex jiġi inċentivat l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u mhux fossili għall-parti tal-flotta li topera b'magna tal-kombustjoni interna (ICE). Il-pakkett Lesti għall-Mira ta' 55 % irid jiżgura approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja u jevita d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bit-triq li twassal għal bidla fl-emissjonijiet upstream fil-katina tal-valur.

1.9. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa ta' qafas ta' politika li jixpruna d-dekarbonizzazzjoni b'mod li jkun ġust għall-ħaddiema. Dan jinkludi l-ġħoti ta' finanzjament adegwat biex jiġu appoġġjati r-reġjuni li qed jiffaċċjaw diffikultajiet bħala riżultat tal-aġenda tad-dekarbonizzazzjoni, il-ħtieġa li tiġi antiċipata l-bidla fil-livelli kollha (siti, kumpaniji, reġjuni u setturi) permezz ta' pjani żviluppati mal-imsieħba soċjali, u sforz enormi mill-awtoritajiet pubbliċi u l-kumpaniji biex iħarrġu mill-ġdid u jtejbu l-ħiliet tal-ħaddiema.

1.10. Il-KESE jappella għal trajettorja għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> f'konformità mal-kapaċità tas-settur industrijali li tittrasforma, u tkun kompatibbli mal-operaturi tat-trasport f'termini ta' kostijiet u effiċjenza operattiva. Il-miri proposti jridu jkunu kompatibbli maż-żmien meħtieġ biex jiġu kkonvertiti l-faċilitajiet ta' produzzjoni eżistenti u jinbnew oħrajn ġodda, biex tiġi introdotta infrastruttura tal-iċċarġjar, biex tiġi żgurata l-provvista ta' komponenti ewlenin u materja prima, biex jinħolqu swieq ewlenin u biex titħarreġ il-forza tax-xoġhol.

1.11. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa għad-dekarbonizzazzjoni (tal-flotta) b'pass li jkun konsistenti mal-implimentazzjoni tal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku tal-UE, u mal-proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni (IPCEI), li se jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista ewlenin għas-settur fl-Ewropa, bħall-idroġenu nadif, il-batteriji u l-mikroelettronika.

1.12. Il-KESE jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġi pprovdut il-bini tal-kapaċitajiet u li t-trasportaturi u l-operaturi — speċjalment l-SMEs — jiġu appoġġjati jikkonformaw mal-obbligi ta' rappurtar implimentati mir-Regolament.

## 2. Kuntest ġenerali

2.1. F'Ottubru 2014, il-kapijiet ta' stat u ta' gvern tal-UE<sup>(5)</sup> stabbilixxew mira vinkolanti biex inaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra prodotti fl-ekonomija kollha tal-UE b'mill-anqas 40 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990. Din il-mira kienet ibbażata fuq tbassir globali li jikkonforma ma' medda medja ta' żmien tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima (COP 21)<sup>(6)</sup>.

<sup>(3)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill" (COM(2021) 559 final — 2021/0223 (COD)) "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Pjan ta' introduzzjoni strateġika li jiddeskrivi sett ta' azzjonijiet supplimentari biex jiġi appoġġat il-varar rapidu ta' fjuwils alternattivi" (COM(2021) 560 final) (ĠU C 152, 6.4.2022, p. 138).

<sup>(4)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> minn vetturi ħfief u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 (COM(2017) 676 final — 2017/0293 (COD)) (ĠU C 227, 28.6.2018, p. 52) u l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/631 fir-rigward tat-tisħiħ tal-istandards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda f'konformità mal-ambizzjoni klimatika akbar tal-Unjoni" (COM(2021) 556 final — 2021/0197(COD)) (ĠU C 194, 12.5.2022, p. 81).

<sup>(5)</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2014.

<sup>(6)</sup> <https://unfccc.int/process-and-meetings/the-paris-agreement>.



2.2. F'Diċembru 2020, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat l-Istrateġija Komprensiva għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti. Dan id-dokument jstabbilixxi sensiela ta' miri u stadji importanti ambizzjużi biex is-sistema tat-trasport tal-UE tkun adattata għad-dinja newtrali għall-klima u dik diġitali.

2.3. FLulju 2021, il-Kummissjoni Ewropea intensifikat l-azzjoni billi adottat il-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %" <sup>(7)</sup> — sett ta' proposti ta' politika għal tnaqqis nett ta' 55 % (meta mqabbel mal-livelli tal-1990) fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-UE sal-2030. Dan huwa konsistenti mal-impenn tal-UE li tikseb in-newtralità klimatika sal-2050, stabbilit mil-Liġi Ewropea dwar il-Klima <sup>(8)</sup>.

2.4. L-Istrateġija Ewropea għal mobiltà b'emissjonijiet baxxi <sup>(9)</sup>, ippubblikata f'Lulju 2016, tistabbilixxi l-mira għal tnaqqis ta' mill-inqas 60 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-vetturi sal-2050 meta mqabbla mal-livelli tal-1990 u b'hekk l-UE taqbad it-triq soda lejn emissjonijiet żero. Madankollu, il-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %" <sup>(10)</sup> jstabbilixxi li l-għan tan-newtralità klimatika għall-2050 jirrikjedi tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet globali tat-trasport sal-2050 meta mqabbla mal-livelli tal-1990. L-użu ta' vetturi b'livell baxx ta' emissjonijiet jew mingħajr emissjonijiet ikun irid jiżdied gradwalment sal-2030 sabiex jinkiseb sehem sinifikanti tas-suq u l-UE tidħol fi proċess konsistenti fit-tul lejn mobiltà b'emissjonijiet żero.

2.5. Is-settur tat-trasport bit-triq jirrappreżenta għoxrin fil-mija tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE. L-HDVs, bħat-trakkijiet, ix-xarabanks li jintużaw fil-bliet u dawk għal użu fuq distanzi twal, huma responsabbli għal aktar minn 25 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport bit-triq fl-UE, u jammontaw għal aktar minn 6 % tal-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra tal-UE. Minkejja l-isforzi mill-manifatturi biex inaqqsu l-emissjonijiet għal kull km, l-emissjonijiet totali jkomplu jiżdiedu, speċjalment fit-trasport tal-merkanzija minħabba d-domanda dejjem tikber għat-trasport bit-triq, li hija mistennija li tkompli tiżdied fil-futur. It-trasport bit-triq huwa wkoll sors importanti ta' tniġġis tal-arja, u l-UE tinsab fil-proċess li tirrevedi l-leġiżlazzjoni tagħha dwar il-kwalità tal-arja, b'mod partikolari abbażi tal-proposta dwar l-istandards Euro 7 il-ġodda biex jitnaqqsu s-sustanzi niġġiesa mill-vetturi.

2.6. Il-flotta attwali tal-HDV titħaddem kważi kompletament fuq magni tal-kombustjoni interna, li fil-biċċa l-kbira jaħdmu bil-fjuwils fossili, fil-biċċa l-kbira raffinati fl-UE minn żejt grezz importat, u min-naħa tagħhom jikkontribwixxu għad-dipendenza tal-UE mill-enerġija. Skont il-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni Ewropea, il-proposta ta' standards ġodda għandha tnaqqas id-domanda għall-fjuwils fossili b'madwar 2 biljun barmil żejt bejn l-2031 u l-2050.

2.7. Bħalissa, unità ta' trattur 4×2 tipika Ewropea ta' 40 tunnellata f'ċiklu ta' prova fuq distanzi twal tikkonsma madwar 33,1 litru ta' fjuwil għal kull 100 km fit-toroq u l-awtostradi. Trakk tad-distribuzzjoni 4×2 tipiku Ewropew ta' 12-il tunnellata f'ċiklu ta' prova ta' kunsinna urbana jikkonsma madwar 21,4 litru ta' fjuwil għal kull 100 km <sup>(11)</sup>.

2.8. Ix-xerrejja ta' HDVs huma fil-biċċa l-kbira tagħhom operaturi tat-trasport tal-merkanzija. Dawn jstgħu jesperjenzaw spejjeż tal-fjuwil ogħla iktar minn kwart tal-ispejjeż operazzjonali tagħhom, u jikklassifikaw l-effiċjenza tal-fjuwil bħala l-ogħla kriterju għax-xiri tagħhom. Għall-kuntrarju tas-settur tal-karozzi tal-passiġġieri, il-kost totali tas-sjeda se jkun il-fattur dominanti fl-għażla tat-tip ta' vettura.

2.9. Fl-2021, skont id-data tal-industrija, l-esportazzjonijiet tat-trakkijiet iġġeneraw bilanċ kummerċjali favorevoli ta' EUR 5 biljun. Fl-istess sena, ġew immanifatturati aktar minn 470 000 trakk fit-52 impjant li jinsabu fl-UE <sup>(12)</sup>. Dan is-settur jaġhmel parti minn industrija awtomobilistika li tiġġenera 12,1 miljun impjieġ dirett u indirett fl-Ewropa, ekwivalenti għal 5,6 % tal-impjieġi totali tal-UE.

<sup>(7)</sup> COM(2021) 550 final.

<sup>(8)</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

<sup>(9)</sup> COM(2016) 501 final.

<sup>(10)</sup> COM(2021) 550 final.

<sup>(11)</sup> Delgado, O., Rodríguez, F., Muncrief, R., Fuel efficiency technology in European heavy-duty vehicles: Baseline and potential for the 2020–2030 timeframe, International Council on Clean Transportation (It-teknoloġija tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwils fil-vetturi heavy-duty Ewropej: Il-linja bażi u l-potenzjal għall-perjodu 2020-2030), Whitepaper tal-Kunsill Internazzjonali dwar it-Trasport Nadif, ICCT, Berlin, Lulju 2017 — mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(12)</sup> Fact sheet "Trucks" (Skeda informattiva "Trakkijiet" — mhux disponibbli bil-Malti).

2.10. It-trasport kummerċjali bit-triq huwa s-sistema nervuża tal-katina tal-valur tal-ekonomija tal-UE. It-trasport bit-triq jammonta għal sehem kbir mill-PDG tal-UE (prodott domestiku gross) u jimpjega aktar minn 3,4 miljun persuna fl-UE kollha <sup>(13)</sup>. L-isfidi għas-settur jinkludu li t-trasport isir aktar sikur u aktar sigur filwaqt li tinżamm l-effiċjenza tas-suq uniku, u jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur u l-ambjent tat-trasport kollu kemm hu.

2.11. L-iżviluppi reċenti fix-xenarju ġeopolitiku ffukaw l-attenzjoni fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata r-reżiljenza tal-katina tal-provvista loġistika tal-UE, anke fl-aktar sitwazzjonijiet drammatiċi. Iż-żieda fl-ispejjeż tal-enerġija u d-dipendenzi fuq l-enerġija u l-materja prima — flimkien mal-istrategġiji protezzjonisti aggressivi ta' xi atturi internazzjonali ewlenin — qed jheddu s-sistema ekonomika tal-UE u l-benesseri taċ-ċittadini tagħha. Is-sistema tat-trasport kummerċjali bit-triq tal-UE jeħtieġ li tibqa' kompetittiva, affordabbli, u kompletament operattiva, anke fl-aktar ċirkostanzi kritiċi. Il-qafas regolatorju għandu jiżgura dan.

### 3. Il-Proposta għal Regolament

3.1. Il-Proposta hija maħsuba biex tissostitwixxi r-Regolament (UE) 2019/1242 <sup>(14)</sup> tal-2019 dwar l-Istandards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> għall-vetturi tqal. Minkejja l-fatt li evalwazzjoni tar-riżultati tar-Regolament attwalment fis-seħħ mhijetx possibbli, il-Kummissjoni temmen li huwa meħtieġ li tikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima. Din tistabbilixxi miri vinkolanti ġodda tas-CO<sub>2</sub> applikabbli mill-2025.

3.2. Il-Proposta tkopri t-trakkijiet (aktar minn 5 tunnellati), ix-xarabanks li jintużaw fil-bliet u dawk għal użu fuq distanzi twal (aktar minn 7,5 tunnellati), kif ukoll it-trejlers (vettura mingħajr mutur irmunkata minn vettura bil-mutur). Filwaqt li din hija espansjoni importanti tal-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament, għad hemm lakuna regolatorja fir-rigward tar-regolamentazzjoni tas-CO<sub>2</sub> tal-karozzi u tal-vetturi kummerċjali ħfief (trakkijiet bejn 3,5 u 5 tunnellati).

3.3. Il-Kummissjoni qed tipproponi miri ġodda u aktar ambizzjużi għall-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> għall-HDVs ġodda mill-2030 'il quddiem biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' hawn fuq. Skont il-proposta, bħala medja u meta mqabbla mal-livelli tal-1990, l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> jibdeu jtnaqqsu:

— b'45 % fl-1 ta' Jannar 2030;

— b'65 % fl-1 ta' Jannar 2035; u

— b'90 % fl-1 ta' Jannar 2040.

3.4. Ix-xarabanks il-ġodda li jintużaw fil-bliet fl-UE kollha se jkollhom ikunu mingħajr emissjonijiet (sehem ta' 100 % tal-vetturi b'emissjonijiet zero) mill-2030.

3.5. Se tapplika eżenzjoni għall-miri tat-tnaqqis tas-CO<sub>2</sub> għall-HDVs li ġejjin:

— manifatturi ta' volum żgħir (sa 100 vettura);

— vetturi użati għal skopijiet ta' estrazzjoni, forestrija u agrikoltura;

— vetturi ddisinjati u mibnija għall-użu minn forzi armati u vetturi għat-tqegħid tal-binarji;

— vetturi ddisinjati u mibnija jew adattati għall-użu mis-servizzi tal-protezzjoni ċivili, is-servizzi tat-tifi tan-nar, u l-forzi responsabbli għaż-żamma tal-ordni pubbliku jew il-kura medika urġenti;

— vetturi vokazzjonali, bħal trakkijiet tal-ġbir tal-iskart.

3.6. Għall-kuntrarju tal-istandards tas-CO<sub>2</sub> għall-karozzi tal-passiġġieri u l-vetturi kummerċjali ħfief, il-proposta tal-Kummissjoni għall-vetturi heavy-duty tqis il-vetturi b'kombustjoni interna tal-idroġenu (flimkien ma' teknoloġiji alternattivi oħra disponibbli bħalissa bħall-vetturi elettriċi bil-batterija jew iċ-ċelloli tal-fjuwil tal-idroġenu) bħala għażla b'emissjonijiet zero mill-iżbokk tal-egżost.

<sup>(13)</sup> Eurostat, 2014 Labour Force Survey data (Data dwar l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol — mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(14)</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jstabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 202).

3.7. Hija u tibni fuq il-kamp ta' applikazzjoni tal-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %", li jkopri l-emissjonijiet mis-setturi kollha, il-proposta tal-Kummissjoni għall-vetturi heavy-duty tadotta l-metodoloġija "tank-to-wheel", użata wkoll fir-Regolament dwar il-vetturi ħfief (LDV) <sup>(15)</sup>, biex jiġu stabbiliti l-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Tali metodoloġija tissejjaħ ukoll "l-iżbokk tal-egżost", peress li tqis biss is-CO<sub>2</sub> emess mill-vettura waqt l-użu, filwaqt li l-gassijiet serra emessi matul il-manifattura tal-vetturi jew matul il-produzzjoni tal-fjuwils jew tal-enerġija huma koperti minn leġislazzjonijiet oħra bħas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet. Il-kontribut tal-fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għall-fini tal-konformità mal-miri f'din il-leġislazzjoni speċifika twarrab, peress li l-Kummissjoni ma qisitux kosteffiċjenti u lanqas effettiv.

#### 4. Kummenti ġenerali

4.1. Il-KESE jilqa' l-oġġettiv ta' dan ir-Regolament li jaċċellera l-pass tad-dekarbonizzazzjoni fis-settur u li jagħti spinta lit-trasformazzjoni strutturali tiegħu. L-industrija Ewropea tat-trasport jeħtieġ li għedded il-flotta tagħha tat-trasport bit-triq, permezz tal-adozzjoni gradwali ta' teknoloġiji ġodda tal-motopropulsjoni (ċelloli tal-fjuwil elettriċi/tal-idroġenu u magna tal-kombustjoni interna tal-idroġenu). L-UE għandha taħtaf l-oportunità li tkun minn ta' quddiem nett fl-industrija tat-trasport nadif. L-iżviluppi jindikaw li t-teknoloġiji msemmijin jipprovdur perkors vijabbli u kosteffiċjenti għall-użu standard fit-trasport tal-merkanzija bit-trakkijiet fuq distanzi qosra, medji u (gradwalment) fit-tul.

4.2. Il-KESE jinnota li l-Proposta tmur lil hinn mill-miri proposti bħalissa fiċ-Ċina, iżda mhix ambizzjuża daqs ir-Regolament adottat dan l-aħħar f'California. F'Ġunju 2022, iċ-Ċina ħabbet proposta ("Stadju 4") stmata li tissikka l-istandards tal-konsum tal-fjuwil fis-settur tal-vetturi heavy-duty bi 15 % sal-2026 bħala mira ġenerali fis-segmenti kollha tal-vetturi, biex tissostitwixxi l-"Istadju 3" preċedenti tagħha, implimentat fl-2019. L-istandards tat-"Tieni Fażi" tal-Istati Uniti adottati fl-2016 u applikabbli għall-perjodu 2018-2027 huma stmata li jnaqqsu s-CO<sub>2</sub> u l-konsum tal-fjuwil li jvarjaw skont it-tip ta' vettura u jvarjaw minn 16 % sa 30 % meta mqabbla mal-linja bażi tagħhom tal-2010. California, li l-istandards tal-emissjonijiet tagħha huma ġeneralment segwiti minn Stati oħra tal-Istati Uniti, dan l-aħħar adottat leġislazzjoni għal mira ta' bejgħ tal-100 % tat-trakkijiet u x-xarabanks b'emissjonijiet zero sal-2036, li tippermetti biss vetturi elettriċi bil-batterija u b'ċellola tal-fjuwil tal-idroġenu. Il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għad-Dekarbonizzazzjoni tat-Trasport tal-Istati Uniti <sup>(16)</sup> jassenja wkoll rwol komplementari għal elettriku nadif, bijofjuwils/e-fjuwils sostenibbli, u idroġenu nadif għat-trasport b'mod ġenerali u għat-trasport bit-triq ta' vetturi heavy-duty b'mod partikolari.

4.3. Il-KESE josserva li r-Regolament propost mhux se jkun l-uniku qafas regolatorju li se jiltaqa' miegħu s-settur. Filwaqt li għadd ta' Stati Membri, flimkien ma' pajjiżi oħra (inklużi l-Istati Uniti), diġà wiegħdu li sal-2040 se jbigħu 100 % tal-vetturi heavy-duty (HDVs) b'emissjonijiet zero <sup>(17)</sup>, huma mistennija diversi regolamenti fil-livell lokali u reġjonali (eż. projbizzjonijiet fuq id-dħul). Għalkemm dawn tal-aħħar fil-biċċa l-kbira mhux se jkollhom l-għan li jiksbu azzjoni klimatika, se jkollhom impatt fuq l-operat u l-profittabbiltà ta' dawk li mhumiex ZEVs, u fuq il-funzjonament tas-suq uniku.

4.4. Il-KESE jirrikonoxxi l-importanza ta' stimolu regolatorju bħala miżura ta' politika min-naħa tal-provvista biex jitravmu l-investimenti fit-teknoloġiji tal-vetturi b'emissjonijiet zero u l-użu tal-vetturi b'emissjonijiet zero, li eventwalment jikkontribwixxu, flimkien mal-fjuwils newrali tal-karbonju, għad-dekarbonizzazzjoni sħiħa tal-flotta tal-vetturi heavy-duty. Madankollu, il-KESE jemmen li għandha tingħata attenzjoni wkoll lin-naħa tad-domanda u lill-kundizzjonijiet abilitanti ewlenin li jagħmlu l-użu tal-vetturi b'emissjonijiet zero għażla vijabbli għall-operaturi loġistiċi.

4.4.1. Skont l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Manifatturi tal-Vetturi (ACEA), il-proposta tkun teħtieġ żieda sinifikanti fl-għadd ta' vetturi b'emissjonijiet zero fit-triq mill-inqas sentejn qabel milli mistenni bħalissa. B'mod speċifiku, il-mira proposta għida tkun tirrikjed li aktar minn 400 000 vettura b'emissjonijiet zero jkun qed joperaw f'inqas minn seba' snin, u li qrib il-100 000 jiġu rreġistrati kull sena mill-2030 'il quddiem, li jfisser li aktar minn terz tar-reġistrazzjonijiet il-ġodda

<sup>(15)</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jstabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 (ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13).

<sup>(16)</sup> DOE/EE-2675 | Jannar 2023.

<sup>(17)</sup> COP27: USA, Ukraine, Ireland, Aruba, Belgium, Croatia, Curaçao, Dominican Republic, Liechtenstein, Lithuania sign Global MOU, support path to 100% new truck and bus sales by 2040 (17.11.22) (COP27: l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Ukraina, l-Irlanda, Aruba, il-Belġju, il-Kroazja, Curaçao, ir-Repubblika Dominicana, il-Liechtenstein, il-Litwanja jiffirmaw memorandum ta' qbil dinji u jappoġġjaw tranżizzjoni għal bejgħ tal-100 % tat-trakkijiet u l-karozzi tal-linja ġodda b'emissjonijiet zero sal-2040 — mhux disponibbli bil-Malti).

U.S. Secretary of Energy Advances America's Commitment to Reaching Net Zero Global Emissions and Combatting Climate Change at COP27 (Fil-COP27, is-Segretarju tal-Enerġija tal-Istati Uniti jafferma l-impenn ta' pajjiżu għal emissjonijiet netti zero u għall-għlieda kontra t-tibdil fil-klima — mhux disponibbli bil-Malti).

kollha jeħtieġ li jkunu vetturi b'emissjonijiet żero mill-2030 'il quddiem. Din il-flotta tkun teħtieġ aktar minn 50 000 ċarġer aċċessibbli għall-pubbliku, li 35 000 minnhom jeħtieġ li jkunu mudelli ta' ċċarġjar tal-megawatts ta' prestazzjoni għolja. Se jkunu meħtieġa wkoll madwar 700 stazzjon tar-riforniment tal-idroġenu. Dan jindika l-ambizzjoni għolja kemm għall-atturi pubbliċi kif ukoll għal dawk privati.

4.4.2. Il-KESE jappella wkoll għal kundizzjonijiet abilitanti adegwati biex iħeġġu lit-trasportaturi u lill-operaturi jinvestu f'vetturi ġodda, inkluża l-introduzzjoni aċċellerata b'mod massiv ta' infrastruttura adegwata tal-iċċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil, ipprezzar effettiv tal-karbonju, u miżuri oħra min-naħa tad-domanda li jappoġġjaw lill-operaturi tat-trasport u jiżguraw li jinvestu f'vetturi b'emissjonijiet żero. Wieħed għandu jżomm f'moħħu li t-trasportaturi u l-operaturi se jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment abbażi ta' kunsiderazzjonijiet ta' profittabbiltà.

4.4.3. Il-KESE jilqa' l-isforzi minn xi Stati Membri biex jappoġġjaw it-tranżizzjoni lejn il-vetturi b'emissjonijiet żero, speċjalment għall-SMEs. Fl-Awstrija, il-programm ta' finanzjament dwar vetturi kummerċjali u infrastruttura mingħajr emissjonijiet jappoġġja lill-kumpaniji biex jaqilbu l-flotot tagħhom għal vetturi kummerċjali li ma jaħdmux bil-fjuwils fossili, u biex jistabbilixxu l-infrastruttura tal-iċċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil meħtieġa għal dawn il-vetturi kummerċjali. Permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tal-Unjoni Ewropea u fondi nazzjonali oħra, l-Awstrija għandha total ta' EUR 365 miljun disponibbli biex tippromovi vetturi kummerċjali b'emissjonijiet żero u l-infrastruttura tagħhom<sup>(18)</sup>.

4.5. Minħabba l-limitazzjonijiet tal-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni, b'mod partikolari n-nuqqas ta' evalwazzjoni tar-Regolament attwali, il-KESE jappella għal monitoraġġ mill-qrib u regolari ta' ċerti elementi ewlenin, inklużi l-iżvilupp ta' vetturi b'sistemi ġodda ta' motopropulsjoni, il-varar tal-infrastruttura tal-iċċarġjar/tar-riforniment tal-fjuwil, u tal-prezz tal-vetturi, l-enerġija u l-fjuwils.

4.6. Il-fjuwils sostenibbli u mhux fossili jstgħu jaqdu rwol komplementari għall-elettrifikazzjoni u l-idroġenu għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport, minkejja li l-effiċjenza u l-kostijiet aktar baxxi (li bħalissa huma għoljin) qed jillimitaw dak ir-rwol<sup>(19)</sup>. Filwaqt li huma rikonoxxuti fir-regolamenti għall-avjazzjoni u t-trasport marittimu, dawn mhumiex imsemmija fir-regolamenti dwar id-dekarbonizzazzjoni tat-toroq. Madankollu, metodoloġija li tiddistingwi bejn emissjonijiet lineari ta' CO<sub>2</sub> (minn fjuwils fossili) u emissjonijiet ċirkolari jew żero netti (minn fjuwils elettroniċi u bijofjuwils sostenibbli), f'kuntest ta' ċiklu tal-ħajja, turi li vetturi bil-magna tal-kombustjoni interna u ibridi effiċjenti, li jaħdmu b'bijofjuwils u e-fjuwils sostenibbli, għandhom impronta tal-karbonju komparabbli ma' dik tal-vetturi elettriċi bil-batterija bl-użu tal-elettriku bbażat fuq il-fjuwils fossili. Dan jagħmilha saħansitra aktar importanti li jiġu sostitwiti l-fjuwils fossili fil-flotta eżistenti, kif ukoll f'dawk l-HDVs ġodda li se jkomplu jużaw is-sistemi ta' motopropulsjoni bil-magna tal-kombustjoni interna.

4.7. Il-KESE jappella lil dawk li jfasslu l-politika biex jiżguraw li t-tranżizzjoni lejn fjuwils mhux fossili tipprovdi garanziji ċari għall-investiment u tranżizzjoni ġusta fis-settur tal-fjuwils, tappoġġja t-tkabbir tal-katina tal-valur industrijali relatata tal-UE u tikseb tmexxija globali.

4.8. L-għażla teknoloġikament newtrali tippreżenta bosta vantaġġi. B'mod partikolari, din l-għażla ttaffi r-riskji kemm fl-iżvilupp tat-teknoloġija kif ukoll fis-sigurtà tal-provvista. Ir-reżiljenza tal-ekonomija tal-UE tibbenefika minn strateġija ta' teknoloġija diversifikata, bi fjuwils sostenibbli li jikkomplementaw il-vetturi elettriċi bil-batterija u dawk tal-idroġenu, filwaqt li dawn iż-żewġ teknoloġiji jiżviluppaw u jwessgħu l-bażi domestika tagħhom fl-UE.

4.9. Il-KESE jqis li huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-proposta tikkontribwixxi:

- għat-tisħiħ tat-tmexxija industrijali tal-UE fil-produzzjoni ta' HDVs, karożżi tal-linja u tagħmir relatat permezz tal-investiment u l-innovazzjoni;
- għall-preservazzjoni tal-operazzjonijiet effettivi u kosteffiċjenti tal-katina loġistika tal-UE, li tippermetti l-funzjonament tas-suq intern tal-UE anke fl-aktar ċirkostanzi kritiċi;
- għall-promozzjoni tal-kompetittività u t-tisħiħ tal-impjegi tal-industriji kollha (b'attenzjoni speċjali għall-SMEs) li jappartjenu għall-katina tal-valur tat-trasport kummerċjali bit-triq;

<sup>(18)</sup> [https://www.bmk.gv.at/en/topics/mobility/alternative\\_transport/electromobility.html](https://www.bmk.gv.at/en/topics/mobility/alternative_transport/electromobility.html)

<sup>(19)</sup> Ara r-rapport sħiħ AR6 tal-Grupp ta' Ħidma III tal-IPCC, p. 1068.

- għall-aċċellerazzjoni tal-bidla lejn sistema tat-trasport aktar sostenibbli, ibbażata fuq il-multimodalità u fejn parti sostanzjali mill-75 % tal-merkanzija interna li tinġarr illum bit-triq se tgħaddi għall-ferroviji u l-passaġġi fuq l-ilma interni;
- għat-titjib tar-reżiljenza tal-ekonomija tal-UE għal xokkijiet, interruzzjonijiet fuq skala kbira fil-ktajjen tal-provvista, u restrizzjonijiet fl-aċċess għar-riżorsi. Pereżempju, fejn l-enerġija fossili tintuża bħala arma minn ċerti pajjiżi, u l-fatt li l-materja prima għall-vetturi elettriċi bil-batterija tinkiseb u tiġi pproċessata minn fit pajjiżi li mhumiex fl-UE.

#### 4.10. Dan jeħtieġ dan li ġej:

4.10.1. Trajettorja għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> f'konformità mal-kapaċità tas-settur industrijali li tittrasforma, u tkun kompatibbli mal-operaturi tat-trasport f'termini ta' kostijiet u effiċjenza operattiva. Il-miri proposti jridu jkunu kompatibbli maż-żmien meħtieġ biex jiġu kkonvertiti l-faċilitajiet ta' produzzjoni eżistenti u jinbnew oħrajn ġodda, biex tiġi introdotta infrastruttura tal-iċċarġjar, biex tiġi żgurata l-provvista ta' komponenti ewlenin u materja prima, biex jinħolqu swieq ewlenin u biex titħarreġ il-forza tax-xogħol.

4.10.2. Pass tad-dekarbonizzazzjoni (għall-flotta) li jkun konsistenti mal-implimentazzjoni tal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku tal-UE u l-proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni (IPCEI), u li se jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista ewlenin għas-settur fl-Ewropa, bħall-idroġenu nadif, il-batteriji u l-mikroelektronika. It-trajettorja tal-emissjonijiet trid tkun konformi wkoll mal-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, kif ukoll mal-Istrateġija Komprensiva għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti tal-UE.

4.11. Kif ġie espress f'Opinjonijiet preċedenti, il-KESE jqis li koordinazzjoni msaħħa fost il-leġiżlazzjonijiet ambjentali li jimmiraw it-trasport bit-triq hija kruċjali biex l-industrija tiġi ttrasformata b'suċċess (bħall-Euro 7, ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi u Eurovignette)<sup>(20)</sup> filwaqt li jappella għal approċċ leġiżlattiv koerenti).

4.12. F'konformità mal-Opinjonijiet<sup>(21)</sup> preċedenti tiegħu, il-KESE jinnota li minkejja l-benefiċċji kollha tas-sistemi tal-motopropulsjoni elettriċi u tal-idroġenu, ir-Regolament propost ibbażat fuq l-approċċ "tal-iżbukk tal-egżost" jeħtieġ li jiġi kkomplementat minn strumenti ta' politika oħra biex jiġi inċentivat l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u mhux fossili għall-parti tal-flotta li topera b'magna tal-kombustjoni interna. Il-pakkett Lesti għall-Mira ta' 55 % irid jiżgura approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja u jevita d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bit-triq li twassal għal bidla fl-emissjonijiet upstream fil-katina tal-valur. Ir-reviżjoni tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju tal-Emissjonijiet, kif ukoll id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli<sup>(22)</sup>, iridu jiżguraw li d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bit-triq u tal-produzzjoni tal-elettriku jseħħu b'pass kompatibbli.

4.13. Fit-trasformazzjoni, l-Unjoni Ewropea trid tiżgura kompetizzjoni ġusta għall-fabbrikanti tat-tagħmir oriġinali u l-operaturi tat-trasport Ewropej fis-swieq domestiċi u internazzjonali.

4.14. Il-KESE jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġi pprovdut il-bini tal-kapaċitajiet u li t-trasportaturi u l-operaturi — speċjalment l-SMEs — jiġu appoġġjati jikkonformaw mal-obbligi ta' rappurtar implimentati mir-Regolament, inkluż ir-reġistru ċentrali propost għad-data dwar l-HDVs.

4.15. Fir-rigward tax-xarabanks urbani, il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li x-xarabanks użati wkoll għat-trasport interurban jiġu eżentati mir-rekwiżit speċifiku ta' emissjonijiet zero għax-xarabanks urbani.

<sup>(20)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija tagħhom (Euro 7) u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009" (COM(2022) 586 final — 2022/0365(COD)) (ĠU C 228, 29.6.2023, p. 103); l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-istrateġija tal-UE dwar il-mobilità u l-katina ta' valur industrijali tal-UE: approċċ ekosistemiku fl-industrija tal-karozzi" (opinjoni fuq inizzjattiva proprja) (ĠU C 105, 4.3.2022, p. 26); u l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi"[COM(2017) 275 final — 2017/0114 (COD)] u "Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet dwar taxxi fuq vetturi bil-mutur" (COM(2017) 276 final — 2017/0115 (CNS)) (ĠU C 81, 2.3.2018, p. 188).

<sup>(21)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> minn vetturi ħfief u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 (COM(2017) 676 final — 2017/0293 (COD)) (ĠU C 227, 28.6.2018, p. 52) u l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/631 fir-rigward tat-tisħiħ tal-istandards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda f'konformità mal-ambizzjoni klimatika akbar tal-Unjoni"(COM(2021) 556 final — 2021/0197(COD)) (ĠU C 194, 12.5.2022, p. 81).

<sup>(22)</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).



4.16. Il-KESE jirrikonoxxi bi tħassib li l-bidliet teknoloġiċi mhumiex “newtrali” għall-ħaddiema. Għalkemm huwa mistenni li jinħolqu ħafna impjegi fl-ekosistema tal-mobbiltà fis-snin li ġejjin, huwa mistenni telf enormi ta' impjegi f'ċerti partijiet tal-katina tal-valur, peress li ħafna SMEs f'diversi reġjuni tal-UE se jintlaqtu b'mod negattiv. It-teknoloġiji l-ġodda għandhom ukoll impatt fuq il-profilu tal-ħiliet meħtieġa fis-settur, u l-introduzzjoni rapida tagħhom tista' toħloq sfidi għal xi kategoriji ta' ħaddiema (ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet, ħaddiema akbar fl-età, ħaddiema temporanji). In-nuqqas attwali ta' ħaddiema tas-sengħa f'ħafna setturi jista' wkoll ipoġġi friskju l-pass tat-tranżizzjoni.

4.17. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa ta' qafas ta' politika li jixpruna d-dekarbonizzazzjoni b'mod li jkun ġust għall-ħaddiema. Fir-rigward tal-HDVs, tranżizzjoni ġusta għandha tisser dan li ġej:

4.17.1. Valutazzjonijiet tal-impatt fil-fond tal-katina tal-provvista biex jiġu evitati bidliet ta' tfixkil għall-ħaddiema. Dawn il-valutazzjonijiet tal-impatt iridu jirriflettu aħjar ukoll l-impatt tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport fil-livell reġjonali.

4.17.2. L-ġħoti ta' finanzjament adegwat biex jiġu appoġġjati r-reġjuni li qed jiffaċċjaw diffikultajiet bħala riżultat tal-aġenda tad-dekarbonizzazzjoni, fid-dawl tal-importanza tal-kundizzjonalità soċjali fl-ġħajnuna mill-Istat.

4.17.3. Il-ħtieġa li tiġi antiċipata l-bidla fil-livelli kollha (siti, kumpaniji, reġjuni u setturi) permezz ta' pjani żviluppati mal-imsieħba soċjali.

4.17.4. Sforz enormi mill-awtoritajiet pubbliċi u l-kumpaniji biex iħarrġu mill-ġdid u jtejbu l-ħiliet tal-ħaddiema.

Brussell, it-12 ta' Lulju 2023.

Oliver RÖPKE  
Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, 2018/1724 u (UE) 2019/1020”**

[COM(2023) 160 final — 2023/0079 (COD)]

**u dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Provvista sigura u sostenibbli ta’ materja prima kritika b’appoġġ għat-tranżizzjoni doppja”**

[COM(2023) 165 final]

(2023/C 349/22)

Relatur: **Maurizio MENSI**

Korelatur: **Michal PINTÉR**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew. 8.5.2023 Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 16.5.2023
Bażi legali	Artikolu 114 u Artikolu 304 tat-TFUE
Sezzjoni kompetenti	Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali
Adozzjoni fis-sezzjoni	22.6.2023
Adozzjoni fil-plenarja	12.7.2023
Sessjoni plenarja Nru	580
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	183/1/6

## I. RAKKOMANDAZZJONIJIET <sup>(1)</sup>

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW:

1. jilqa’ l-ambizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li theggi politika koerenti tal-UE dwar il-materja prima kritika u strateġika u dwar l-iżvilupp ta’ ktajjen tal-valur fl-industriji estrattivi, tar-raffinar u tar-riċiklaġġ, f’konformità mal-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku u l-leġiżlazzjoni relatata kollha;
2. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiżgura approċċ komprensiv b’politiki kkoordinati tal-UE biex tipprovdi ċertezza regolatorja għall-investimenti fl-esplorazzjoni, l-estrazzjoni, l-ipproċessar, ir-raffinar u r-riċiklaġġ tal-materja prima, il-prodotti sekondarji tagħha u l-minerali essenzjali, abbażi tal-fattibbiltà ekonomika u teknika, il-koerenza politika u ċ-ċertezza legali għall-operaturi tan-negozju f’dawn is-setturi;
3. jappella għall-koordinazzjoni tal-politika tal-materja prima mal-politiki soċjali tal-UE u għall-appoġġ tal-bini tal-kapaċità fl-UE kollha f’termini ta’ ħiliet għall-industriji estrattivi, immirati lejn it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti, kif ukoll l-iżvilupp tal-kapaċità ta’ governanza fl-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-Istati Membri tal-UE;
4. jirrakkomanda l-inklużjoni ta’ materjali oħra kruċjali għas-setturi tat-teknoloġija ekoloġika/tat-teknoloġija nadifa fil-listi kritiċi u strateġiċi tal-materja prima, filwaqt li jitqies li tali listi għandhom jiġu aġġornati regolarment u bbażati fuq valutazzjoni bir-reqqa, trasparenti u bbażata fuq l-evidenza tal-kritikalità u/jew il-valur strateġiku, imwettqa f’konsultazzjoni mar-rappreżentanti u l-esperti tal-industrija;

<sup>(1)</sup> Dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma s-supplimentati bi proposti ta’ emenda fl-aħħar ta’ dan id-dokument.

5. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea attwali u ġdida biex tiżgura aċċess għal prezzijiet tal-enerġija kompetittivi u finanzjament immirat għall-industriji estrattivi tal-UE u r-riċiklaġġ, filwaqt li tiżgura wkoll li l-proċeduri ta' permessi u liċenzjar għal proġetti ġodda tal-materja prima jiġu ssemplifikati u mqassra u kwalunkwe rekwiżit ġdid ta' rappurtar jew awditjar għan-negozji jinżamm għall-minimu meħtieġ;
6. jappoġġja l-implimentazzjoni effettiva ta' miżuri għad-difiża tal-kummerċ biex jiġu protetti l-proġetti tal-materja prima li għadhom kif ġew żviluppati fl-UE u biex jiġu indirizzati Prattiki u restrizzjonijiet kummerċjali inġusti b'risponsi konformi mad-WTO;
7. jirrakkomanda li tingħata prijorità lill-materja prima kritika u strateġika fil-leġislazzjoni dwar ir-riċiklaġġ u l-iskart u li jiġu appoġġjati s-swieq tal-materja prima sekondarja, speċjalment għall-materjali kruċjali għat-tranżizzjoni ekoloġika;
8. jirrakkomanda li l-proġetti ta' esplorazzjoni u estrazzjoni tal-materja prima kritika fit-territorju tal-UE jiġu appoġġjati bil-finanzjament pubbliku, permezz ta' koordinazzjoni mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat;
9. jirrakkomanda li tiġi żgurata l-koordinazzjoni bejn l-Att dwar il-Materja Prima Kritika propost u l-għodod tal-antitrust tal-UE biex jiġu evitati distorsjonijiet bla bżonn fis-suq intern;
10. jissuġġerixxi li jiġu esplorati toroq għal sħubijiet u ftehimiet ta' kooperazzjoni speċifiċi mal-pajjiżi kandidati wkoll;
11. jirrakkomanda li jinstab il-bilanċ (ambjentali) it-tajjeb fil-valutazzjoni tal-konsistenza ma' politiki oħra tal-UE.

## II. NOTI TA' SPJEGAZZJONI/ELABORAZZJONI

1. Fis-16 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ppreżentat il-Proposta tagħha għal regolament ġdid li għandu l-għan li jiżgura aċċess għal materja prima kritika u strateġika (ir-Regolament dwar is-CRM jew l-Att dwar il-Materja Prima Kritika – Critical Raw Material Act (CRMA)), flimkien ma' komunikazzjoni. Filwaqt li r-Regolament jistabbilixxi qafas regolatorju biex jappoġġja l-iżvilupp tal-kapaċitajiet domestiċi u jsaħħaħ is-sostenibbiltà u ċ-ċirkolarità tal-ktajjen tal-provvista tas-CRM fl-UE, il-Komunikazzjoni tipproponi miżuri li jappoġġjaw id-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-provvista permezz ta' sħubijiet internazzjonali ġodda ta' appoġġ reċiproku.
2. L-objettiv ġenerali tas-CRMA huwa li jindirizza n-nuqqas ta' aċċess sigur u sostenibbli għall-materja prima kritika (CRMs) għall-UE billi jżid is-sensibilizzazzjoni u l-mitigazzjoni tal-industrija tal-UE fir-rigward tar-riskji relatati mas-CRM fil-katina tal-provvista globali, iżid il-kapaċità tal-katina tal-valur tas-CRM tal-UE fis-suq intern u jnaqqas l-impronta ambjentali tal-konsum tas-CRM tal-UE.
3. Billi tipproponi approċċ koerenti tal-UE għat-titjib u l-iżgurar tas-sigurtà tal-provvista tas-CRMs, l-inizjattiva se tgħin biex tipprevjeni d-distorsjoni potenzjali tal-kompetizzjoni u l-frammentazzjoni tas-suq uniku li x'aktarx tirriżulta minn tali azzjonijiet mhux koordinati, u żżomm kundizzjonijiet ekwi għan-negozji fl-UE.

### **L-iżgurar ta' approċċ komprensiv b'politiki koordinati tal-UE biex tiġi pprovduta ċertezza regolatorja għall-investimenti**

4. Bħalissa l-UE tiddependi mill-importazzjonijiet għal ħafna materja prima (75 % sa 100 % tal-provvista) u għalhekk hija esposta għal vulnerabbiltajiet tul il-ktajjen tal-provvista u volatilità sinifikanti tal-prezzijiet. Skont il-Global Material Resources Outlook (il-Prospettiva tar-Riżorsi Materjali Globali) tal-OECD sal-2060, l-użu dinji tal-materja prima huwa pproġettat li kważi jirdoppja sal-2060 u l-użu tal-metalli huwa pproġettat li jikber l-aktar malajr, kemm għall-metalli primarji kif ukoll għal dawk sekondarji. Fl-istess ħin, l-UE tipproduċi inqas minn 5 % tal-produzzjoni dinjija ta' materja prima minerali. Iċ-Ċina waħedha tipprovdi madwar 75 % tal-kapaċità tal-produzzjoni globali taċ-ċelloli tal-batteriji tal-joni tal-litju u tospita l-akbar għaxar fornituri ta' tagħmir fotovoltajku fid-dinja. B'kuntrast ma' dan, madwar 3 % biss tal-kapaċità tal-produzzjoni globali taċ-ċelloli tal-batteriji tal-joni tal-litju tinsab fl-UE.

5. Ir-Regolament dwar is-CRM jipprevedi l-identifikazzjoni u l-appoġġ ta' Proġetti Strateġiċi fil-qasam tal-estrazzjoni, l-ipproċessar jew ir-riċiklaġġ ta' materja prima strateġika. Sabiex jiġu attirati investimenti bħal dawn – b'perjodi ta' żmien relattivament twal – il-Kummissjoni għandha tindirizza l-kwistjoni ta' ċertezza regolatorja. Ambjent regolatorju prevedibbli u stabbli huwa kruċjali biex jiġu attirati l-investimenti mhux biss fl-esplorazzjoni u l-estrazzjoni tal-materja prima, iżda wkoll fl-ipproċessar u r-riċiklaġġ.

6. Oqfsa leġiżlattivi multipli għandhom influwenza fuq l-istabbiltà u l-attrazzjoni tal-ambjent tan-negozju tal-UE, u r-rekwiżiti ta' rapportar li spiss jikkompetu bejniethom u mmultiplikati jikkontribwixxu għall-inċertezza regolatorja (ara, fost l-oħrajn, id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali<sup>(2)</sup>, ir-Regolament dwar il-Batteriji<sup>(3)</sup>, ir-reviżjoni tar-REACH, il-leġiżlazzjoni dwar l-iskart, l-ESPR, l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Zero Netti, il-politika industrijali l-għdida tal-UE, il-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari, id-Direttiva dwar l-Ekedisinn<sup>(4)</sup>, eċċ.). Għalhekk, huwa kruċjali li tiġi evitata r-regolamentazzjoni doppja jew ir-regolamentazzjoni żejda, sabiex jiġu attirati u stimulati l-investimenti fil-kapaċità industrijali domestika għall-esplorazzjoni, l-estrazzjoni, ir-raffinar, l-ipproċessar u r-riċiklaġġ tal-materjali. Is-CRMA għandu jibni fuq il-ħidma tal-Kummissjoni f'oqsma oħra, u għandu jkun allinjat bis-sħiħ mal-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku u jkun konsistenti mal-leġiżlazzjoni relatata. Il-politika tas-CRM għandha tkun ibbażata fuq l-evidenza sa fejn ikun possibbli, filwaqt li titqies id-data disponibbli, (ara l-Istudju ta' Prospettiva tal-JRC tal-2020 "Critical Raw Materials for Strategic Technologies and Sectors in the EU" (Materja Prima Kritika għal Teknoloġiji u Setturi Strateġiċi fl-UE), jew ir-rapport tal-JRC dwar ix-Xjenza għall-Politika "Supply chain analysis and material demand forecast in strategic technologies and sectors in the EU" (Analiżi tal-katina tal-provvista u tbsarr tad-domanda materjali f'teknoloġiji u setturi strateġiċi fl-UE).

7. Kwistjoni oħra hija relatata mal-hteġa li tiġi pprovduta gwida preċiża lill-partijiet ikkonċernati dwar kif il-listi ta' materja prima strateġika u kritika se jiġu implimentati fil-politiki tal-UE u adatti fid-dawl tal-evoluzzjoni futura tas-suq tal-materja prima kritika. Il-lista ta' CRM tista' tgħin biex jiġu enfasizzati l-importanza u r-rwol ta' ċerti sustanzi fl-ekonomija tal-UE lil dawk li jfasslu l-politika, iżda huwa meħtieġ li jsir aktar jekk is-sustanzi elenkati bħala CRM għandhom jiġu appoġġjati kif xieraq fil-leġiżlazzjoni attwali kif ukoll f'dik li jmiss. Hija meħtieġa prijoritizzazzjoni ċara tal-materja prima kritika fit-tfassil tal-politika, speċjalment fl-oqsma tal-politika industrijali, il-politika kummerċjali, l-għajjnuna mill-Istat, ir-riċerka, l-iżvilupp u innovazzjoni, il-klima u l-ambjent, kif ukoll fil-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi. Dawn il-politiki kollha u l-għanijiet tagħhom jenħteġ li jiġu allinjati biex jinħolqu kundizzjonijiet abilitanti u reġim regolatorju favorevoli għas-CRM u għall-iżvilupp tal-ktajjen tal-valur tagħhom. Hija meħtieġa wkoll kjarifika ulterjuri fir-rigward tal-prijoritizzazzjoni ta' proġetti fejn il-materjal estratt ewlieni la huwa strateġiku u lanqas kritiku, iżda l-prodotti sekondarji huma (eż. proġett ta' estrazzjoni ta' mineral tal-ħadid li jwassal għall-estrazzjoni ta' materjali tal-art rari bħala prodotti sekondarji). Barra minn hekk, hija meħtieġa kjarifika tal-istatus ta' "oħrajn", jiġifieri proġetti "mhux strateġiċi", sabiex ikun jista' jinftehem b'mod ċar kif u taħt liema skedi ta' żmien se jiġu vvalutati u appoġġjati finanzjarjament tali proġetti. Fl-aħħar nett, żieda fil-prijoritizzazzjoni ta' proġetti strateġiċi ta' materja prima fl-ebda ċirkostanza ma għandha twassal għad-deprijoritizzazzjoni ta' proġetti importanti oħra ta' materja prima jew proġetti tul il-katina tal-valur tal-materja prima.

8. Minbarra li jipprovdu ċertezza legali lill-partijiet ikkonċernati, l-inizjattivi tal-Kummissjoni relatati mal-materja kritika għandhom ikunu bbażati fuq appoġġ pubbliku usa'. L-espansjoni tal-industriji tal-estrazzjoni, tal-ipproċessar u tar-riċiklaġġ se toħloq impjeggi ġodda u se tikkontribwixxi għall-progress ekonomiku, iżda hemm interess ewlieni li tiġi żgurata l-aċċettazzjoni pubblika. Is-sensibilizzazzjoni fost iċ-ċittadini hija ta' importanza kbira: il-Kummissjoni għandha timplimenta strateġiji ta' komunikazzjoni mmirati biex tinforma liċ-ċittadini tal-UE dwar il-benefiċċji, kif ukoll is-sostenibbiltà u l-impatt ambjentali ta' investimenti industrijali ġodda relatati mal-materja prima kritika u biex tindirizza t-tħassib ta' gruppi ta' partijiet ikkonċernati partikolari, komunitajiet lokali u ċittadini tal-UE relatat mal-espansjoni tal-attivitajiet ta' esplorazzjoni u ta' estrazzjoni minerarja.

### **Koordinazzjoni mal-politiki soċjali tal-UE: appoġġ għall-kapaċità fl-UE kollha f'termini ta' ħiliet għall-industriji estrattivi**

9. Is-settur tal-materja prima jipprovdi madwar 350 000 impjeg fl-UE, kif ukoll aktar minn 30 miljun impjeg fil-manifattura li jiddependu mill-aċċess affidabbli għall-materja prima minerali. L-iżgurar ta' provvista sostenibbli ta' materja prima u avanzata għall-UE se jirrikjedi aktar minn 1,2 miljun impjeg ġdid sal-2030<sup>(5)</sup>. Is-CRMA għandu għalhekk

<sup>(2)</sup> Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (riformulazzjoni) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (UE) 2023/1542 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2023 dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jemenda d-Direttiva 2008/98/KE u r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE (ĠU L 191, 28.7.2023, p. 1).

<sup>(4)</sup> Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (riformulazzjoni) (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10).

<sup>(5)</sup> Stima tal-EIT tal-Materja Prima.

ikun allinjat mal-politiki soċjali tal-UE u jappoġġja l-isforz tal-bini tal-kapaċità fil-livell tal-Istati Membri biex tissaħħaħ il-forza tax-xogħol fil-ktajjen tal-provvista tas-CRM, l-industrija estrattiva, l-ipproċessar u r-riċiklaġġ. Huwa kruċjali li jiġu appoġġjati l-edukazzjoni u l-bini tal-ħiliet fl-akkademja, iżda wkoll li jiġu mmirati l-professjonisti tal-industrija fi hdn is-settur tal-materja prima u l-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-Istati Membri bi sforzi għall-bini tal-kapaċità. Dan jista' jinkiseb permezz tal-istabbiliment ta' istituzzjonijiet dedikati ġodda (u/jew appoġġ għal dawk diġà eżistenti) biex jappoġġjaw l-edukazzjoni għolja u t-taħriġ professjonali għas-settur tal-materja prima, u biex jagħtu ħiliet ġodda u jtejbu l-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti tal-UE. Fl-aħħar nett, għandu jiġi ddedikat sforz imsaħħaħ għall-ħolqien u l-appoġġ tat-tagħlim applikat u t-trasferiment tat-teknoloġija bejn l-akkademja, l-industrija u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka.

### **L-inklużjoni ta' materjali oħra kruċjali għas-setturi tat-teknoloġija ekoloġika/tat-teknoloġija nadifa u l-iżgurar tal-konsistenza ma' politiki oħra**

10. Minbarra dawk il-materjali elenkati bħala strateġiċi jew kritiċi fis-CRMA, hemm materji primi mhux kritiċi li jistgħu jsiru kritiċi fuq terminu medju sa twil. Dan jeħtieġ lista flessibbli li tista' tiġi adattata faċilment u għandha tiġi aġġornata regolarment, mill-inqas kull sentejn u aktar spiss fejn meħtieġ, skont l-iżviluppi futuri fil-qasam. Il-valutazzjoni tal-importanza strateġika ta' materjali differenti għandha tkun ukoll speċifika għas-settur biex tirrifletti d-domanda f'setturi differenti tal-manifattura. Barra minn hekk, għandha titwettaq valutazzjoni tal-aċċess għal materja prima essenzjali, biex tikkomplementa bis-sħiħ l-isforzi tal-Kummissjoni biex tappoġġja l-materji primi kritiċi u strateġiċi.

11. Il-valutazzjoni għandha tirrifletti l-prijoritajiet u l-ħtiġijiet tal-UE għat-tranżizzjoni tal-enerġija, potenzjalment sal-2030, u tinkludi materjali li għalihom ma jeżisti l-ebda riskju apparenti ta' tfixkil fil-provvista llum, iżda li huma f'domanda għolja f'setturi kritiċi għall-għanijiet ta' dekarbonizzazzjoni tal-UE u t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, jew li huma meqjusa bħala minerali essenzjali. L-enfasi fuq dawn l-aġendi ta' prijorità għandha tkopri wkoll b'mod xieraq il-ktajjen tal-valur bażiċi, bħas-sigurtà tal-ikel jew dik medika. L-identifikazzjoni tal-materjali li għandhom jiġu inklużi fil-listi differenti għandha dejjem tkun ibbażata fuq analiżi bir-reqqa, trasparenti u definita b'mod ċar għall-valutazzjoni tal-kritikalità u/jew il-valur strateġiku tagħhom, li tirrifletti l-katina tal-valur kollha tal-materja prima, ir-rekwiżiti tal-ipproċessar u d-disponibbiltà tas-sostituti. Ir-rappreżentanti tal-industrija u l-esperti għandhom jiġu kkonsultati regolarment u għandu jiġi żgurat djalogu miftuħ u li jiffunzjona bejn il-Kummissjoni u l-industrija.

### **L-iżgurar tal-aċċess għal prezzijiet tal-enerġija kompetittivi u finanzjament immirat aħjar għall-industrija tal-UE**

12. Il-kriżi tal-enerġija li għaddeja bhaliessa kellha impatt kritiku fuq in-negozji kollha tal-UE, iżda speċjalment fuq l-industrija intensiva fl-enerġija, inkluż is-settur tal-estrazzjoni u r-riċiklaġġ. Rispons koordinat tal-UE huwa meħtieġ biex jiġi żgurat suq tal-enerġija tal-UE li jiffunzjona tajjeb. Is-suċċess ta' kwalunkwe politika tal-UE dwar is-CRM jiddependi minn aċċess affidabbli għal ammonti suffiċjenti ta' elettriku ħieles mill-fjuwils fossili bi prezzijiet kompetittivi. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon riforma tal-oqfsa ta' finanzjament disponibbli, li tirrifletti l-ambizzjonijiet tal-IRA tal-Istati Uniti – finanzjament immirat b'mod aktar qawwi lejn il-fażi ta' kummerċjalizzazzjoni u li jkopri l-kostijiet tal-OPEX, għall-kuntrarju tal-prijorità attwali ta' finanzjament tal-UE għall-fażi ta' riċerka u żvilupp ta' proġetti strateġiċi ġodda. Filwaqt li l-enfasi fuq it-teknoloġiji innovattivi u r-riċerka hija importanti, il-prodotti li jirriżultaw għandhom jiġu appoġġjati wkoll b'mod xieraq fil-fażi tal-kummerċjalizzazzjoni.

13. L-ambizzjoni tal-Kummissjoni li tħaffef il-proċeduri tal-permessi hija milqugħa tajjeb ħafna u għandha tingħata prijorità, biex jinkiseb it-tul massimu ta' 12-18-il xahar għal tali proċeduri. Proġetti kritiċi ġodda għandhom jiġu vvalutati skont skadenzi aċċellerati u għandhom jiġu stabbiliti skadenzi stretti għat-tul massimu tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi/liċenzji. Kwalunkwe riforma tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi għandu jkollha l-għan li tqassar it-tul ta' żmien tagħhom u tnaqqas il-kumplexità tagħhom, filwaqt li żżomm ukoll rigorożità tal-istandards ambjentali, soċjali u ta' governanza. It-tħaffif tal-proċedura tal-permessi għandu jiġi żgurat ukoll billi jissaħħaħ il-mekkaniżmu ta' punt uniku ta' servizz. Dan tal-aħħar għandu jiġi inkwadrat fi skadenzi definiti minn qabel sabiex il-proċedura ta' awtorizzazzjoni ċentralizzata ssir aktar effettiva u inqas ta' piż. Għandhom japplikaw dispożizzjonijiet riformati għall-għoti ta' permessi għall-faċilitajiet ta' esplorazzjoni, estrazzjoni, raffinari, ipproċessar u riċiklaġġ, u għandhom jipprovdu ċertezza regolatorja suffiċjenti fir-rigward tar-riżultati tagħhom. Barra minn hekk, kwalunkwe rekwiżit ġdid ta' rappurtar jew awditjar fis-CRMA għandu jkun limitat sal-punt meħtieġ, sabiex ma jiġux imposti piżijiet amministrattivi addizzjonali fuq in-negozji tal-UE, irrispettivament mid-daqs tagħhom. Il-Bord tas-CRM previst għandu rwol kruċjali fl-appoġġ tal-implimentazzjoni tas-CRMA, inklużi l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni. Għal dan l-għan, sabiex jiġi żgurat li l-kompiti ta' monitoraġġ tiegħu jkunu effettivi, huwa rakkomandabbli li fil-Bord jiġu inklużi mhux biss rappreżentanti istituzzjonali, iżda wkoll esperti tekniċi indipendenti fil-qasam.



### **L-indirizzar ta' prattiki u restrizzjonijiet kummerċjali inġusti**

14. Minkejja l-għanijiet ambizzjużi tas-CRMA, hemm limitazzjonijiet naturali għad-disponibbiltà ta' ċerta materja prima fl-UE u għalhekk l-importazzjonijiet se jibqgħu kruċjali għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u diġitali.

15. Għandhom jinżammu miżuri effettivi għad-difiża tal-kummerċ biex jipprovdu protezzjoni għal investimenti Ewropej ġodda u jiżguraw kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni ma' pajjiżi terzi. Il-modernizzazzjoni tal-miżuri għad-difiża tal-kummerċ tal-UE hija meħtieġa biex ttiproteġi kontra d-dumping minn pajjiżi terzi. B'mod partikolari, l-UE għandu jkollha l-għan li tiżgura implimentazzjoni aktar rapida tal-miżuri għad-difiża tal-kummerċ biex tiġġieled l-importazzjonijiet inġusti, ikollha investigazzjonijiet aktar rapidi u aktar effiċjenti u tippermetti l-implimentazzjoni wiesgħa tal-miżuri proviżorji minn kmieni.

16. L-azzjoni tal-UE fil-qasam tal-politika kummerċjali għandha tkun komplementari għall-għanijiet tas-CRMA u l-politiki relatati, inklużi d-drittijiet soċjali, u għandha tipprijoritizza l-konklużjoni rapida ta' Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles ma' pajjiżi għonja fir-riżorsi li bħalissa qed jiġu nneozjati jew li qed jistennew ir-ratiffika (l-Awstralja, l-Indoneżja, eċċ.). Fir-rigward tal-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles diġà konklużi, id-dispożizzjonijiet eżistenti rilevanti għall-enerġija u l-materja prima għandhom jiġu vvalutati u jissaħħu, jekk possibbli. Għandha tingħata attenzjoni wkoll għall-koerenza tal-politika kummerċjali u r-regoli doganali/regoli tal-oriġini applikabbli għall-materja prima, kif ukoll għal kwistjonijiet speċifiċi relatati maċ-ċirkonvenzjoni tas-sanzjonijiet applikabbli għall-materja kritika.

### **Il-prijoritizzazzjoni tal-materja prima kritika u strateġika fil-leġiżlazzjoni dwar ir-riċiklaġġ u l-iskart u l-appoġġ għas-swieq tal-materja prima sekondarja**

17. Ir-riċiklaġġ huwa importanti għat-tisħiħ tal-awtonomija strateġika tal-UE. L-UE għandha tappoġġja l-industrija tagħha tat-trattament u l-ipproċessar tal-iskart billi ttejjji materja prima sekondarja għar-riċiklaġġ fil-proċessi tal-produzzjoni, u temenda l-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-iskart sabiex tipprijoritizza r-riċiklaġġ u ċ-ċirkolarità tal-materja prima kritika u strateġika bl-ogħla potenzjal tekniku u ekonomiku għar-riċiklaġġ (fattibbiltà). Għandha tappoġġja wkoll is-swieq sekondarji tal-materja prima. Fir-rigward tal-materja prima sekondarja, il-KESE jissuġġerixxi li għandhom jittieħdu miżuri biex jiġu stabbiliti swieq li jiffunzjonaw tajjeb u tiġi minimizzata t-tnixxija tar-ruttam.

18. Il-materja prima sekondarja tista' tikkontribwixxi biex titnaqqas id-dipendenza minn ċerta materja prima kritika u għalhekk għandha titqies taħt il-kamp ta' applikazzjoni tas-CRMA. Bħala wieħed mill-ħafna eżempji, ir-riċiklaġġ effettiv tar-ruttam ferruż jista' jnaqqas il-ħtiġijiet tal-provvista tal-materja prima għall-manifattura tal-metall. Ir-ruttam tal-ħadid huwa mistenni li jsir skars qabel l-2030, li jirriżulta f'interruzzjoni possibbli fil-provvista, minkejja li huwa ingredjent kritiku għat-tranżizzjoni tal-enerġija.

19. Is-CRMA għandha tiżgura l-aċċess għall-materjali kritiċi kollha għall-industriji u l-vetturi elettriċi. Dan jinkludi mhux biss elementi tal-materjali tal-art rari, manganiż, materjali kruċjali għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż l-azzar, l-aluminju u r-ram, minerali industrijali, grafit jew nikil, iżda wkoll materja prima sekondarja. Il-metalli huma faċilitaturi kruċjali tal-infrastruttura għat-tranżizzjoni ekoloġika, u tali faċilitaturi jenħtieġ li jiġu identifikati kif xieraq u jingħataw kunsiderazzjoni xierqa taħt is-CRMA, tul il-ktajjen tal-valur kollha tagħhom.

### **Studji ekonomiċi u ambjentali dwar l-impatt tas-sustanza niġġiesa tal-estrazzjoni tal-materja prima kritika: koordinazzjoni mad-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat**

20. Meta jitqies il-livell ta' inċertezza dwar il-preżenza effettiva tas-CRMs fl-UE, ir-riskju involut fit-tneđija ta' proġetti ta' esplorazzjoni u estrazzjoni fit-territorju tal-UE se jittieħed b'mod raġonevoli, biss jekk jiġi appoġġjat finanzjarjament minn finanzjament pubbliku. Peress li s-CRMA jirrikjedi wkoll li tali kampanji jkunu konformi mal-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku, il-KESE jissuġġerixxi li l-finanzjament pubbliku għandu jingħata aktar faċilment jekk l-estrazzjonijiet ikunu bbażati fuq studji ekonomiċi u ambjentali preliminari li jivvalutaw l-impatt tas-sustanza niġġiesa tal-estrazzjoni tal-materja prima kritika.

21. F'każ li tali studji preliminari jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Proġetti Strateġiċi previsti skont is-CRMA, il-finanzjament pubbliku tagħhom jenħtieġ li jiġi mħeġġeġ permezz ta' koordinazzjoni mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, u, b'mod aktar speċifiku, mal-emenda, adottata reċentement (2023) f'konformità mal-Patt Ekoloġiku, tar-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija. L-istudji preliminari msemmija għandhom tabilħaqq jiġu kkwalifikati bħala "għajnuna ambjentali" jew "għajnuna għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni", u, meta jinvolvu diversi Stati Membri, bħall-"Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni" (IPCEI).

22. Koordinazzjoni effettiva mal-miżuri ta' għajnuna mill-Istat tal-UE diġà fi stadju preliminari ta' riċerka u żvilupp tista' tabilħaqq tiżgura li l-finanzjament pubbliku li jappoġġa l-implimentazzjoni sussegwenti ta' Proġetti Strateġiċi jiġi indirizzat b'mod effettiv lejn objettivi sostenibbli u jiżgura, fil-każ speċifiku tal-IPCEIs, li dawn isegwu riżultat koordinat. Mekkaniżmi ta' finanzjament pubbliku (eż. aċċess rapidu u aktar faċli għal mekkaniżmi finanzjarji bħal self/garanziji ta' self/għotjiet) jistgħu jiġu wkoll introdotti biss fir-rigward ta' investimenti mwettqa minn kumpaniji tal-UE fi proġetti tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles.

### **Għodod tal-antitrust: ir-Regolament dwar il-fużjonijiet favur promoturi tal-UE fir-riċiklaġġ u l-estrazzjoni ta' materja prima kritika**

23. Filwaqt li jittieħdu, bħala prekundizzjonijiet meħtieġa, kemm id-disponibbiltà li għadha ma ġietx esplorata tas-CRMs fl-UE kif ukoll l-investimenti sostanzjali meħtieġa biex tiġi implimentata katina tal-provvista tas-CRM sigura u sostenibbli, jista' jkun rakkomandabbli li jiġu adattati xi wħud mill-għodod tal-antitrust tal-UE biex jiġu ffaċilitati l-objettivi stabbiliti skont is-CRMA, filwaqt li jiġu evitati distorsjonijiet bla bżonn tal-kompetizzjoni fis-suq intern (eż., jista' jkun ta' għajnuna li l-qafas ta' kontroll tal-fużjonijiet jiġi applikat b'mod aktar flessibbli u orjentat lejn is-sostenibbiltà, filwaqt li jitqiesu mhux biss l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku (kif diġà previst mill-Kummissjoni Ewropea) iżda wkoll l-għanijiet tas-CRMA.

24. Għalhekk, ikun rakkomandabbli li l-fużjonijiet jiġu vvalutati fid-dawl tal-proġetti strateġiċi li għandhom jiġu implimentati taħt is-CRMA, sabiex jinstab il-bilanċ ġust bejn id-diversi interessi involuti.

25. Għalhekk, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni għandhom jintalbu jikkunsidraw tipi ġodda ta' effiċjenzi, jiġifieri jnaqqsu t-tfixkil fil-provvista u jżidu t-tħejjija industrijali f'każ ta' nuqqasijiet esterni ta' CRMs. Tali valutazzjonijiet għandhom iħarsu wkoll lejn l-għan tal-Kummissjoni li taggrega d-domanda ta' xerrejja interessati ta' CRMs, u fl-aħħar mill-aħħar jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-prezzijiet għoljin attwali.

### **Impenn internazzjonali u diversifikazzjoni tar-riżorsi: l-involvement tal-pajjiżi kandidati u l-koordinazzjoni mal-kooperazzjoni bilaterali f'fora internazzjonali**

26. F'konformità mal-objettiv tal-Kummissjoni li tiddiversifika s-sorsi esterni tal-materja prima kritika, il-KESE jirrakkomanda li jiġu esplorati toroq għal sħubijiet u ftehimiet ta' kooperazzjoni speċifiċi, inkluż mal-pajjiżi kandidati. Tali sħubijiet jistgħu jinkludu proġetti ffinanzjati mill-UE biex jiġu żviluppanti kampanji ta' esplorazzjoni f'siti magħżula ġodda u/jew f'siti tal-estrazzjoni mwarra, f'konformità mal-proġetti strateġiċi li se jinedew fl-Istati Membri tal-UE skont il-proposti l-ġodda tal-Kummissjoni.

27. Sħubijiet bħal dawn jistgħu jkunu soġġetti għall-impenji tal-pajjiżi kandidati biex jallinjaw il-politiki ambjentali tagħhom mal-acquis tal-UE b'mod aktar mgħaġġel. L-inklużjoni ta' sħubijiet bħal dawn fil-qafas tan-negozjati tal-adeżjoni li għaddejjin bħalissa jista' jkollha benefiċċju doppju għall-UE kollha kemm hi, billi żżid iċ-ċansijiet li s-sorsi domestiċi tal-materja prima kritika se jżiedu fil-futur u billi tagħmilha aktar faċli għall-pajjiżi kandidati biex jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE (eż. fil-qasam tal-iskart, l-ilma, it-tniġġis industrijali u l-kwalità tal-arja).

28. Is-CRMA għandu jkun ikkoordinat, mhux biss ma' politiki oħra tal-UE u azzjonijiet kummerċjali internazzjonali, iżda wkoll mal-kooperazzjoni bilaterali implimentata mill-UE f'fora internazzjonali (jiġifieri, il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti f'fora bħas-Sħubija għas-Sigurtà tal-Minerali, il-Konferenza dwar Materjali Kritiċi u Minerali u l-Grupp ta' Ħidma dwar il-Minerali Kritiċi tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija li dan l-aħħar issaħħaħ mill-Kunsill tal-Enerġija bejn l-UE u l-Istati Uniti).

29. Is-CRMA għandu jipprovi lill-UE mhux biss b'awtosuffiċjenza domestika fir-rigward tas-CRMs, iżda wkoll bl-awtonomija esterna biex tistabbilixxi standards ġodda fix-xena globali fir-rigward tal-iżgurar tas-sigurtà u s-sostenibbiltà tal-ktajjen tal-provvista relattivi tagħhom. Rwol li jstabbilixxi l-istandards għall-UE fix-xena globali se jkompli jżid l-opportunitajiet li jintlaħqu l-objettivi ġenerali stabbiliti skont il-proposta tal-Kummissjoni biex jiġu indirizzati l-prattiki kummerċjali ta' sustanzi niġġiesa u inġusti tas-CRMs madwar id-dinja.

### Objettivi fit-tul kontra objettivi fuq terminu qasir fil-valutazzjoni tal-konsistenza ma' politiki oħra tal-UE: l-ilhug ta' bilanċ (ambjentali) tajjeb

30. Bħala konklużjoni, ma jistax jiġi eskluż li, fit-tul, l-implimentazzjoni effettiva tas-CRMA tista' tirrikjedi tfassil mill-ġdid tal-objettivi speċifiċi tal-Patt Ekoloġiku marbuta mill-qrib mas-CRMA fuq terminu qasir. Tabilħaqq, il-prospett ta' UE (kważi) awtosuffiċjenti, anki jekk jirrikjedi aktar żmien biex tkun kompletament effettiva, fl-aħħar mill-aħħar jista' jagħmel il-miri tas-sostenibbiltà/tan-newtralità klimatika aktar fattibbli fit-tul (anki meta jitqies it-tniġġis relattivament ogħla kkważat mill-metodi attwali ta' estrazzjoni tal-materjali f'xi pajjiżi li qed jiżviluppaw).

### III. EMENDI PROPOSTI GĦALL-COM(2023) 160 final

#### Emenda 1

Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KESE
<p>(29) L-investment privat mill-kumpaniji, l-investituri finanzjarji u l-akkwirenti hu essenzjali. Meta l-investment privat waħdu ma jkunx biżżejjed, l-implimentazzjoni effettiva tal-proġetti tul il-katina tal-valur tal-materja prima kritika jaf tkun teħtieġ l-appoġġ pubbliku, pereżempju fil-forma ta' garanziji, self jew investimenti tal-ekwiżità u tal-kważi ekwiżità. Dan l-appoġġ pubbliku jista' jikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat. Għajjnuna bħal din irid ikollha effett ta' inċentiv u tkun meħtieġa, xierqa u proporzjonata. Il-linji gwida eżistenti dwar l-għajjnuna mill-Istat, li dan l-aħħar saritilhom reviżjoni dettaljata skont l-objettivi tat-tranżizzjoni doppja, jipprovdu biżżejjed possibbiltajiet ta' appoġġ għall-investimenti tul il-katina tal-valur tal-materja prima kritika soġġett għal ċerti kundizzjonijiet.</p>	<p>(29) L-investment privat mill-kumpaniji, l-investituri finanzjarji u l-akkwirenti hu essenzjali. Meta l-investment privat waħdu ma jkunx biżżejjed, l-implimentazzjoni effettiva tal-proġetti tul il-katina tal-valur tal-materja prima kritika jaf tkun teħtieġ l-appoġġ pubbliku, pereżempju fil-forma ta' garanziji, self jew investimenti tal-ekwiżità u tal-kważi ekwiżità. Dan l-appoġġ pubbliku jista' jikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat. Għajjnuna bħal din irid ikollha effett ta' inċentiv u tkun meħtieġa, xierqa u proporzjonata. Il-linji gwida eżistenti dwar l-għajjnuna mill-Istat, li dan l-aħħar saritilhom reviżjoni dettaljata skont l-objettivi tat-tranżizzjoni doppja, jipprovdu biżżejjed possibbiltajiet ta' appoġġ għall-investimenti tul il-katina tal-valur tal-materja prima kritika soġġett għal ċerti kundizzjonijiet. <b>Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jipprovdu aktar ċarezza dwar kif se jintużaw ir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat u jintroduċu mekkaniżmi ta' għotjiet, self u kreditu tat-taxxa biex jappoġġjaw il-kapaċitajiet industrijali eżistenti tal-UE u l-ħolqien ta' faċilitajiet ġodda fl-UE u f'pajjiżi terzi msieħba affidabbli. Dawn għandhom jiffukaw kemm fuq in-nefqa operattiva kif ukoll fuq dik kapitali.</b></p>

#### Raġuni

Il-miżuri attwali previsti għall-għajjnuna mill-Istat mhumieħ ċari u ma għandhomx mekkaniżmi biex jappoġġjaw il-kapaċitajiet industrijali eżistenti li ntluqtu b' mod sinifikanti mill-prezzijiet tal-enerġija li qed jogħlew sew u mill-ħolqien ta' faċilitajiet ġodda ta' materja prima kritika fl-UE u lil hinn minnha.

## Emenda 2

## Artikolu 1(2), punt (a), (paragrafu ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KESE
	<p>(a) <i>jistabbilixxi metodoloġija trasparenti u definita b'mod ċar għall-valutazzjoni tal-materjali li għandhom jiġu inklużi fil-lista strateġika tal-materja prima, inkluż permezz tal-użu ta' skedi informattivi tekniċi, simili għall-metodoloġija applikata għal-lista tal-materja prima kritika. Il-listi futuri strateġiċi u kritiċi tal-materja prima għandhom ikunu akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt tal-leġislazzjoni eżistenti tal-UE u l-impatt li għandha fuq il-materjali fuq dawk il-listi.</i></p>

**Raġuni**

Il-materja prima kritika tiġi vvalutata permezz ta' valutazzjoni tal-kritikalità bbażata fuq metodoloġija speċifika li tinkludi proċess ta' validazzjoni twil u bir-reqqa bl-għajnuna ta' esperti esterni, rappreżentanti tal-industrija u istituti ta' riċerka. Għall-kuntrarju, l-identifikazzjoni ta' materja prima strateġika ma kinitx ibbażata fuq metodoloġija ppubblikata u lanqas ma kienet tinkludi konsultazzjonijiet preċedenti. L-inkorporazzjoni tal-materja prima strateġika fil-lista tal-materja prima kritika (l-Anness 2) timplika li l-materjali kollha laħqu l-limiti stabbiliti mill-metodoloġija tal-materja prima kritika, li hija qarrieqa.

## Emenda 3

## Artikolu 1(3)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KESE
<p>3. Meta, abbażi tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 42, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Unjoni aktarx ma tilħaqx l-oġġettivi stabbiliti fil-paragrafu 2, din għandha <b><i>tivvaluta l-fattibbiltà u l-proporzjonalità li tipproponi miżuri jew li teżerċita s-setgħat tagħha fil-livell tal-Unjoni biex tiżgura li jintlaħqu dawk l-oġġettivi.</i></b></p>	<p>3. Meta, abbażi tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 42, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Unjoni x'aktarx ma tilħaqx l-oġġettivi stabbiliti fil-paragrafu 2, din għandha <b><i>tippermetti ċertu livell ta' flessibbiltà li jirrifletti bl-aħjar mod l-uniċità tal-katina tal-valur tal-materja prima fil-mira, peress li kull materjal għandu proprjetajiet u sfidi speċifiċi assoċjati mal-akkwist, l-ipproċessar u r-riċiklaġġ tiegħu. Dan għandu jiffoka fuq iż-żamma tal-kapaċitajiet eżistenti u l-appoġġ tagħhom. Għandu jitħeġġeġ dialoġu miftuħ u kostanti bejn l-industrija u dawk li jfasslu l-politika biex jiġu identifikati punti ta' riferiment li huma kemm teknikament kif ukoll ekonomikament fattibbli, kif ukoll f'konformità mal-oġġettivi tal-UE.</i></b></p>

**Raġuni**

Il-punti ta' riferiment f'termini ta' provenjenza, ipproċessar u riċiklaġġ huma wisq ġenerali u mhux realistiċi, u jistgħu jirriżultaw f'konsegwenzi mhux intenzjonati u negattivi. Id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu kkunsidrati bir-reqqa kontra d-diffikultajiet ekonomiċi u tekniċi assoċjati mal-implimentazzjoni tagħhom u r-riskju ta' piż żejjed fuq l-industrija tal-UE, b'mod partikolari l-SMEs.

## Emenda 4

## Annex I

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KESE
<p>ANNEX I</p> <p>Materja prima strateġika</p> <p>Taqsim 1</p> <p>Lista tal-materja prima strateġika</p> <p>Din il-materja prima għandha titqies strateġika:</p> <p>(a) Il-bismut</p> <p>(b) Il-boron - <b>grad tal-metallurġija</b></p> <p>(c) Il-kobalt</p> <p>(d) Ir-ram</p> <p>(e) Il-gallju</p> <p>(f) Il-ġermanju</p> <p>(g) Il-litju - <b>grad ta' batterija</b></p> <p>(h) <b>Il-metall tal-manjeżju</b></p> <p>(i) Il-manganiż - <b>grad ta' batterija</b></p> <p>(j) Il-Grafit <b>Naturali</b> – <b>grad ta' batterija</b></p> <p>(k) In-nikil - <b>grad ta' batterija</b></p> <p>(l) Il-Metalli tal-Grupp tal-Platinu</p> <p>(m) L-Elementi tal-Materjali tal-Art Rari <b>għall-kalamiti</b> (Nd, Pr, Tb, Dy, Gd, Sm, u Ce)</p> <p>(n) <b>Il-metall tas-siliċju</b></p> <p>(o) <b>Il-metall tat-titanju</b></p> <p>(p) It-tungstenu</p>	<p>ANNEX I</p> <p>Materja prima strateġika <b>primarja u sekondarja</b></p> <p>Taqsim 1</p> <p>Lista tal-materja prima strateġika</p> <p>Il-materja prima <b>primarja u sekondarja</b> li ġejja għandha titqies strateġika, <b>inklużi l-metalli u l-minerali portaturi rispettivi tagħhom li bihom tiġi estratta din il-materja prima strateġika:</b></p> <p>(a) Il-bismut</p> <p>(b) Il-boron</p> <p>(c) Il-kobalt</p> <p>(d) Ir-ram</p> <p>(da) <b>Fdal tal-ħadid (inkluż l-inossidabbli)</b></p> <p>(e) Il-gallju</p> <p>(f) Il-ġermanju</p> <p>(g) Il-litju</p> <p>(ga) <b>Il-manjeżit/il-manjeżja</b></p> <p>(h) Il-manjeżju</p> <p>(i) Il-manganiż</p> <p>(j) Il-grafit</p> <p>(k) In-nikil</p> <p>(ka) <b>Il-fosforu</b></p> <p><b>(kb)) Il-potassa</b></p> <p>(l) Il-Metalli tal-Grupp tal-Platinu</p> <p>(m) L-Elementi tal-Materjali tal-Art Rari (Nd, Pr, Tb, Dy, Gd, Sm, u Ce)</p> <p>(n) <b>Is-siliċju</b></p> <p>(o) <b>It-titanju</b></p> <p>(p) <b>It-tungstenu</b></p> <p>(pa) <b>Iż-żingu</b></p>



## Emenda 5

## Anness II

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KESE
ANNEX II	ANNEX II
Materja prima kritika	Materja prima kritika <b>primarja u sekondarja</b>
Taqsim 1	Taqsim 1
Lista tal-materja prima kritika	Lista tal-materja prima kritika
Din il-materja prima għandha titqies kritika:	Il-materja prima <b>primarja u sekondarja</b> li għejja għandha titqies kritika, <b>inklużi l-metalli u l-minerali portaturi rispettivi tagħhom li bihom tiġi estratta din il-materja prima kritika:</b>
(a) L-antimonju	(a) L-antimonju
(b) L-arseniku	(b) L-arseniku
(c) Il-boksajt	(c) Il-boksajt
(d) Il-barit	(d) Il-barit
(e) Il-berillju	(e) Il-berillju
(f) Il-bismut	(f) Il-bismut
(g) Il-boron	(g) Il-boron
(h) Il-kobalt	(h) Il-kobalt
(i) Il-Faħam tal-Kokk	(i) Il-Faħam tal-Kokk
(j) Ir-ramm	(j) Ir-ramm
(k) Il-feldspar	(k) Il-feldspar
(l) Il-fluworit	(ka) <b>Fdal tal-ħadid (inkluż l-inossidabbli)</b>
(m) Il-gallju	(l) Il-fluworit
(n) Il-ġermanju	(m) Il-gallju
(o) L-afnju	(n) Il-ġermanju
(p) L-elju	(o) L-afnju
(q) L-Elementi tal-Materjali tal-Art Rari Tqal	(p) L-elju
(r) L-Elementi tal-Materjali tal-Art Rari Ħfief	(q) L-Elementi tal-Materjali tal-Art Rari Tqal
(s) Il-litju	(r) L-Elementi tal-Materjali tal-Art Rari Ħfief
(t) Il-manjeżju	(s) Il-litju
(u) Il-manganiż	(sa) <b>Il-manjeżit/il-manjeżja</b>
(v) Il-Grafit <b>Maturali</b>	(t) Il-manjeżju
(w) In-nikil - <b>grad ta' batterija</b>	(u) Il-manganiż
(x) In-nijobju	(v) Il-grafit
(y) Il-blat fosfatiku	(w) In-nikil
(z) Il-fosforu	(x) In-nijobju
	(y) Il-blat fosfatiku
	(z) Il-fosforu

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KESE
(aa) Il-Metalli tal-Grupp tal-Platinu	(aa) Il-Metalli tal-Grupp tal-Platinu
(bb) L-iskandju	<b>(aaa) Il-potassa</b>
(cc) Il-metall tas-siliċju	(bb) L-iskandju
(dd) L-istronzju	(cc) Il-metall tas-siliċju
(ee) It-tantalju	(dd) L-istronzju
(ff) Il-metall tat-titanju	(ee) It-tantalju
(gg) It-tungstenu	(ff) Il-metall tat-titanju
(hh) Il-vanadju	(gg) It-tungstenu
	(hh) Il-vanadju
	(ii) <b>Iż-żingu</b>

#### Raġuni għall-emendi 4 u 5

Ċerti materjali normalment jistgħu jiġu estratti biss flimkien ma' metall komuni ieħor – bħall-materjal tal-art rari b'mineral tal-ħadid – u ma jistgħux jiġu estratti separatament. Barra minn hekk, ċerti materjali huma meħtieġa fl-ekosistema tal-produzzjoni, ir-raffinar u r-riċiklaġġ tal-materjali, eż., il-manjeżit għall-funderiji – mingħajr dan il-materjal, mhuwiex possibbli li jiġu riċiklati metalli/materjali bl-użu ta' temperaturi għoljin. Għandna nevitaw limitazzjonijiet f'dan il-qasam (kemm għal materja prima kritika kif ukoll strateġika) u nevitaw li nippreskrivu użi speċifiċi għal materja prima speċifika fil-katina tal-valur. Inkella l-aħħar stadju ta' raffinar biss ikun eliġibbli, iżda mhux l-estrazzjoni.

It-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u ċirkolari tagħmel il-materja prima sekondarja dejjem aktar importanti peress li tgħin biex titnaqqas id-dipendenza mill-materja prima verġni, tappoġġja l-effiċjenza fir-riżorsi, it-tnaqqis tal-iskart, u s-sostenibbiltà. Barra minn hekk, xi wħud minn dawn il-materjali huma essenzjali għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, għat-tranżizzjoni ekoloġika u għall-ksib ta' għanijiet żero netti.

#### Emenda 6

##### Artikolu 2, punt 15 (punt ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KESE
	(15) <b>Proġett Strateġiku tal-Materja Prima ifisser kwalunkwe faċilità ppjanata jew estensjoni sinifikanti ppjanata jew adattament għal skop ġdid ta' faċilità eżistenti attiva fl-estrazzjoni, l-ipproċessar jew ir-riċiklaġġ tal-materja prima elenkata fl-Anness II, inkluż fejn din il-materja prima sseħħ bħala prodotti sekondarji tal-estrazzjoni u l-ipproċessar ta' materja prima portatur li mhijiex elenkata fl-Anness I jew II.</b>

#### Raġuni

Il-materja prima strateġika spiss teżisti bħala prodotti sekondarji ta' metall (kouni) jew minerali portaturi. Huwa meħtieġ li tiġi pprovduta aktar kjarifika dwar l-inklużjoni ta' proġetti estrattivi għal tali metalli u minerali komuni u portaturi taħt l-ambitu tal-proġetti strateġiċi tas-CRMA.

## Emenda 7

## Artikolu 3 (Artikolu ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda
	<p style="text-align: center;"><b>Artikolu 3a</b></p> <p>1. <i>Il-materja prima sekondarja għandha tiġi kkunsidrata fil-listi ta' materja prima strateġika (Anness I) u kritika (Anness II).</i></p> <p>2. <i>Il-Kummissjoni għandha tirrevedi mill-inqas kull sentejn, u, jekk ikun meħtieġ, taġġorna l-lista ta' materja prima sekondarja strateġika u kritika, parti mill-Anness I u l-Anness II, filwaqt li tqis ir-rwol strateġiku tagħhom fid-dekarbonizzazzjoni u t-tranżizzjoni ekoloġika, it-tkabbir għoli previst fid-domanda jew skarsezza fil-livell globali, diffikultà biex jiżjed il-ġbir/l-irkupru fl-UE; potenzjal għoli għall-irkupru ta' materja prima kritika fl-UE.</i></p>

**Raġuni**

Il-materja prima sekondarja għandha rwol importanti fid-dekarbonizzazzjoni tal-industrija Ewropej, speċjalment dawk li jipproduċu teknoloġiji strateġiċi għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Ir-rikonoxximent tal-valur strateġiku tagħhom jappoġġja l-akkwist responsabbli u jnaqqas l-estrazzjoni tal-materjal verġni. Għandha tiġi stabbilita sottolista ta' materja prima sekondarja strateġika fi ħdan il-lista strateġika tal-materja prima, filwaqt li jitqiesu, fost l-oħrajn, dawn il-kriterji: ir-rwol strateġiku fid-dekarbonizzazzjoni u t-tranżizzjoni ekoloġika; tkabbir previst fid-domanda globali; diffikultà fil-ġbir, l-irkupru jew ir-riċiklaġġ fl-UE; potenzjal għoli għall-irkupru tal-materja prima kritika. Il-valutazzjoni għandha tqis l-aħħar data disponibbli kif ukoll l-evoluzzjoni mbassra tad-domanda u l-provvista fuq perjodu ta' referenza xieraq, biex jiġu indirizzati l-iskarsezza futura jew l-interruzzjonijiet fil-provvista.

## Emenda 8

## Artikolu 5(1), punt (c)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KESE
<p>(c) il-proġett jitwettaq b'mod sostenibbli, b'mod partikolari fejn jidħlu l-monitoraġġ, il-prevenzjoni u l-minimizzazzjoni tal-impatti ambjentali, l-użu ta' prattiki soċjalment responsabbli inkluż ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, il-potenzjal ta' impjegi ta' kwalità u l-involviment sinifikanti mal-komunitajiet lokali u mas-sħab soċjali rilevanti, u l-użu ta' prattiki kummerċjali trasparenti b'politiki tal-konformità adegwati biex jiġu evitati u minimizzati r-riskji tal-impatti negattivi fuq il-funzjonament xieraq tal-amministrazzjoni pubblika, inkluż il-korruzzjoni u t-tixħim;</p>	<p>(c) il-proġett jitwettaq b'mod sostenibbli, b'mod partikolari fejn jidħlu l-monitoraġġ, il-prevenzjoni u l-minimizzazzjoni tal-impatti ambjentali, <b><i>l-iżjed fuq perjodu twil ta' żmien u fuq skala globali</i></b>, l-użu ta' prattiki soċjalment responsabbli inkluż ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, il-potenzjal ta' impjegi ta' kwalità u l-involviment sinifikanti mal-komunitajiet lokali u mas-sħab soċjali rilevanti, u l-użu ta' prattiki kummerċjali trasparenti b'politiki tal-konformità adegwati biex jiġu evitati u minimizzati r-riskji tal-impatti negattivi fuq il-funzjonament xieraq tal-amministrazzjoni pubblika, inkluż il-korruzzjoni u t-tixħim;</p>

**Raġuni**

Is-sejbien ta' bilanċ tajjeb bejn l-oġġettivi ta' sostenibbiltà fit-tul b'oġġettivi fuq terminu qasir (anke billi jittieħed it-tniġġis relattivament oġhla kkawżat mill-metodi attwali ta' estrazzjoni tal-materjali f'xi pajjiżi li qed jiżviluppaw u ċ-ċirkostanza li ngħixu fl-istess pjaneta).

**Emenda 9****Artikolu 19(1), punt (c) (punt ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KESE
	(e) <b>prattiki kummerċjali inġusti.</b> Il-Kummissjoni għandha żżomm u ssaħħaħ il-miżuri ta' difiża kummerċjali, sabiex tiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. L-UE għandha wkoll tipprijoritizza l-istabbiliment ta' inċentivi konformi mad-WTO biex tiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni globalment. Dawn jistgħu jieħdu l-forma ta' inċentivi tal-konsumatur għal materja prima Ewropea sostenibbli jew appoġġ għall-manifattura ta' faċilitajiet aktar avvanzati.

**Raġuni**

L-industrija Ewropea tal-materja prima tinsab fi żvantaġġ kompetittiv globali u jeħtieġ li tiġi assigurata li l-miżuri għad-difiża tal-kummerċ se jintużaw biex jiproteġu l-industrija minn Prattiki kummerċjali inġusti.

**Emenda 10****Artikolu 35(1)**

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KESE
1. Il-Bord għandu jkun magħmul mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni. Għandu jkun ippresedut mill-Kummissjoni.	1. Il-Bord għandu jkun magħmul mill-Istati Membri u l-Kummissjoni <b>u esperti tekniċi indipendenti.</b> Għandu jkun ippresedut mill-Kummissjoni.

**Raġuni**

Il-Bord tas-CMR previst għandu rwol kruċjali biex jappoġġja l-implimentazzjoni tas-CRMA, inklużi l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni. Għal dan l-għan, sabiex jiġi żgurat li l-kompiti ta' monitoraġġ tiegħu jkunu effettivi, huwa rakkomandabbli li fil-Bord jiġu inklużi mhux biss rappreżentanti istituzzjonali, iżda wkoll esperti tekniċi indipendenti fil-qasam.

Brussell, it-12 ta' Lulju 2023.

Oliver RÖPKE  
Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża” [sic]**

**(JOIN (2023) 9 final)**

(2023/C 349/23)

Relatur: **Maurizio MENSI**

Korelatur: **Jan PIE**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 2.5.2023
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali
Adozzjoni fis-sezzjoni	22.6.2023
Adozzjoni fil-plenarja	12.7.2023
Sessjoni plenarja Nru	580
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	170/1/1

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jaqbel li l-UE tirrikonoxxi d-dimensjoni tas-sigurtà u d-difiża tal-ispazju, kif jidher mill-pubblikazzjoni tal-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar *L-Istrateġija Spazjali tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża* (L-Istrateġija) tal-10 ta' Marzu 2023.

1.2. Il-KESE jikkondividi l-fehim komuni li jissema dwar il-kuntest ġeopolitiku l-ġdid bil-problemi serji kkawżati mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, il-kritikalità tal-assi u s-servizzi spazjali, u l-ħtieġa li jiġu żviluppati miżuri mmirati biex dawn jiġu protetti u difiżi, li huwa pass indispensabbli għal tfassil ta' politika spazjali adatta għall-Ewropa kollha.

1.3. Il-KESE jaqbel li anke qabel ma jissaħħu r-reżiljenza u l-protezzjoni tas-sistemi u s-servizzi spazjali, l-identifikazzjoni tat-theddid hija prijorità li għaliha jeħtieġ li l-istituzzjonijiet tal-UE jiżguraw l-involviment tal-atturi rilevanti kollha, inklużi l-industrija, l-atturi soċjali u s-soċjetà ċivili, fl-eżerċizzju tal-immappjar u r-rakkomandazzjonijiet. Ser ikun importanti li s-soċjetà ċivili organizzata tiġi mħeġġa tifhem bis-sħiħ l-interess pubbliku u l-benefiċċji rilevanti tal-Istrateġija għaċ-ċittadini sabiex tittejjeb il-leġittimità tagħha u jissaħħa l-appoġġ pubbliku, fid-dawl tal-applikazzjonijiet ċivili rilevanti tat-teknoloġiji spazjali.

1.4. Il-KESE jirrakkomanda li jissaħħu r-reżiljenza u l-protezzjoni tas-sistemi u s-servizzi spazjali fl-Unjoni fil-kuntest ġeopolitiku inkwetanti ta' bħalissa. Il-KESE jinnota li sfida sottostanti fir-rigward ta' dan l-oġġettiv hija l-kapaċità li jiżdied il-livell baxx attwali ta' investiment pubbliku, titnaqqas il-frammentazzjoni tiegħu, u jiġi promoss approċċ ta' valur miżjud Ewropew f'kuntest fejn l-Ewropa għadha lura ħafna meta mqabbla mal-Istati Uniti, iċ-Ċina u r-Russja f'termini ta' investimenti pubbliċi fl-ispazju.

1.5. Il-KESE jemmen li t-tisħiħ tar-reżiljenza u l-protezzjoni tas-sistemi u s-servizzi spazjali fl-Unjoni jfisser ukoll l-implimentazzjoni ta' miżuri li jappoġġjaw is-sovranità teknoloġika u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-valur industrijali kritiċi biex tiġi żgurata n-nondipendenza. F'dan ir-rigward, il-KESE jirrakkomanda bil-qawwa li jiġi rikonoxxut u enfasizzat bis-sħiħ ir-rwol ewlieni tal-industrija fl-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet ta' dipendenza u miżuri ta' mitigazzjoni.

1.6. Il-KESE jixtieq ifakkar li l-mod kif l-ispazju jinfluwenza u jgħib valur miżjud lill-umanità huwa dejjem aktar rikonoxxut u kkonfermat mill-mexxejja dinjija. Illum, is-settur spazjali Ewropew qed jindirizza wħud mill-aktar sfidi urġenti ta' żminijietna, bħall-monitoraġġ tat-tibdil fil-klima, l-għajnuna biex tiġi stimolata l-innovazzjoni teknoloġika, u l-għoti ta' benefiċċji soċjoekonomiċi konkreti għall-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini. L-istituzzjonijiet, in-negozji u ċ-ċittadini jiddependu dejjem aktar mit-teknoloġija, id-data u s-servizzi spazjali għas-sistemi ta' komunikazzjoni, navigazzjoni u pożizzjonament, u l-osservazzjoni tad-dinja (eż. informazzjoni f'ħin reali u komunikazzjonijiet fuq il-post meta jseħħu diżastri). Ir-rwol



tal-ispazju huwa essenzjali għaċ-ċittadini u għall-awtonomija strateġika tal-Ewropa, kif ukoll fid-diplomazija globali, fit-tħaddin tal-identità Ewropea, u fl-ispirazzjoni u l-motivazzjoni tal-ġenerazzjonijiet li jmiss.

1.7. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon kbir "Liġi Spazjali tal-UE" futura biex tkopri s-sikurezza, is-sigurtà u s-sostenibbiltà, u l-istandardizzazzjoni li tqarreb lejn l-approċċ meħtieġ tal-UE għall-Immaniġġjar tat-Traffiku fl-Ispazju (STM) <sup>(1)</sup>.

1.8. Il-KESE huwa konvint dwar il-ħtieġa li l-azzjonijiet kollha relatati mal-industrija (eż. il-kompetittività, it-teknoloġiji kritiċi, is-sigurtà tal-katina tal-provvista) jiġu integrati bħala parti minn politika industrijali koerenti u mifruxa mal-Ewropa kollha, f'kuntast ta' dipendenza qawwija ħafna tal-industrija spazjali Ewropea minn swieq miftuħa limitati ħafna.

1.9. Il-KESE jinsisti li anke jekk huma meħtieġa miżuri speċifiċi u li jistgħu jkunu utli biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet partikolari, dawn il-miżuri jistgħu jagħmlu sens u jkunu kompletament effiċjenti biss jekk jikkombinaw politika tal-akkwist imfassla apposta, politika ta' riċerka u żvilupp ambizzjuża u effiċjenti, u appoġġ għall-adozzjoni mis-suq ta' teknoloġiji u servizzi spazjali żviluppatti fl-Ewropa, u jindirizzaw ukoll is-swieq tal-esportazzjoni, b'mod partikolari permezz tad-diplomazija ekonomika.

1.10. Il-KESE huwa konvint li appoġġ ambizzjuż, iżda wkoll koerenti, għar-riċerka u l-innovazzjoni huwa pedament tas-sostenibbiltà tas-settur spazjali u tal-kapaċità tiegħu li jaqdi l-ħtiġijiet tal-ordni pubbliku. L-Ewropa teħtieġ appoġġ aktar b'saħħtu u konsistenti għar-riċerka u l-innovazzjoni biex iżżomm il-pożizzjoni tagħha fl-ispazju, u biex tiżgura d-disponibbiltà ta' industrija domestika li tkun kapaċi tfassal, twassal u tisfrutta sistemi spazjali tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku.

1.11. F'oqsma fejn il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi hija kruċjali, il-KESE jenfasizza l-importanza li tiġi ppreservata s-sovranià Ewropea u li jiġu evitati dipendenzi mhux Ewropej f'oqsma strateġiċi, u fl-istess ħin jiġu promossi bħala regoli komuni l-kollaborazzjoni u l-interoperabbiltà, b'reċiproċità u benefiċċju reċiproku mal-Istati Uniti u partijiet terzi oħra tal-istess fehma.

1.12. Il-KESE jemmen li l-Istrateġija trid tiġi segwita minn azzjonijiet konkreti u rapidi f'termini ta' baġit immirat, skedi għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet, u l-ħolqien tal-impjiegi <sup>(2)</sup>. Pjan direzzjonali preċiż bħal dan irid jifassal mill-UE b'koordinazzjoni mal-Ewropa kollha tal-atturi involuti fl-attivitatiet spazjali.

## 2. Kuntest

2.1. Hekk kif il-kriżi tal-COVID żvelat in-nuqqas ta' awtonomija u kontroll tal-Ewropa fir-rigward tal-infrastruttura tan-network kritiku, l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja aċċellerat aktar il-proċess lejn it-tisħiħ u rinfurzar tad-dimensjoni tas-sigurtà u d-difiża tal-ispazju.

2.2. Fil-livell istituzzjonali, dan kien simbolizzat minn żewġ stadji importanti ewlenin:

2.2.1. Id-Dikjarazzjoni ta' Versailles, maħruġa fil-11 ta' Marzu 2022 mill-mexxejja tal-Unjoni Ewropea b'reazzjoni għall-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, tagħmel enfasi speċjali fuq l-ispazju għall-attivitatiet ta' difiża peress li l-mexxejja tal-UE qablu b'mod partikolari li *jsaħħu d-dimensjoni tas-sigurtà u d-difiża tal-industriji u l-attivitatiet spazjali*.

2.2.2. Il-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża, maħruġa fil-21 ta' Marzu 2022 mill-Kummissjoni Ewropea, taħt it-tmexxija tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà. Il-Boxxla Strateġika tidentifika l-ispazju bħala qasam dejjem aktar ikkontestat b'implikazzjonijiet qawwija għad-difiża, u għandha ħafna riperkussjonijiet għas-settur spazjali Ewropew.

2.3. Dawn l-inizjattivi tal-UE ġew ikkomplementati minn programmi oħra ta' kooperazzjoni; pereżempju fil-kuntest tal-Kunsill tal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) fil-livell ministerjali fl-2022, li ppropna diversi inizjattivi ta' sigurtà fl-ispazju u ta' sigurtà mill-ispazju biex l-Istati Membri jikkontribwixxu għalihom;

<sup>(1)</sup> B'konformità mal-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023-2027" (COM(2022) 57 final — 2022/0039 (COD)) kif ukoll dwar "Komunikazzjoni konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Approċċ tal-UE għall-Immaniġġjar tat-Traffiku fl-Ispazju — Kontribuzzjoni tal-UE li tindirizza sfida globali" (JOIN(2022) 4 final) (ĠU C 486, 21.12.2022, p. 172); u dwar *Spazju Għid*

<sup>(2)</sup> B'mod partikolari l-impjeg tan-nisa.

2.4. L-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja wriet, mingħajr dubju, il-kritikalità assoluta tal-ispazju bħala assi ewlieni. Il-gwerra wriet ukoll l-impatt rilevanti u determinanti tal-assi kummerċjali b'mod komplementari għall-assi u l-istrategġiji governattivi – u b'hekk l-importanza tal-interazzjoni u l-kooperazzjoni pubbliċi-privati regolari, b'mod partikolari fir-rigward tal-kapaċitajiet tekniċi u operazzjonali.

### 3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-KESE jirrikonoxxi l-kritikalità assoluta tal-ispazju bħala assi ewlieni biex dawh li jfasslu l-politika Ewropea jieħdu deċiżjonijiet u azzjoni b'mod indipendenti u infurmat fir-rigward tal-ġestjoni tal-kriżijiet u s-sigurtà, li huwa pass indispensabbli fit-tfassil ta' politika spazjali adatta għall-Ewropa kollha. Ser ikun importanti li s-soċjetà ċivili organizzata tiġi mħeġġa tifhem bis-sħiħ l-interess pubbliku u l-benefiċċji rilevanti tal-Istrategġija għaċ-ċittadini sabiex tittejjeb il-leġittimità tagħha u jissaħħaħ l-appoġġ pubbliku, fid-dawl tal-applikazzjonijiet ċivili rilevanti tat-teknoloġiji spazjali.

3.2. L-isforzi tal-Ewropa biex tinkiseb awtonomija kredibbli u aċċertata fl-ispazju għall-implimentazzjoni tal-awtonomija strateġika tagħha issa huma realtà, u jirrappreżentaw sfida dejjem aktar kondiviża madwar il-kontinent. Il-KESE jemmen li l-isforzi kollha, kemm ċivili kif ukoll militari, nazzjonali jew Ewropej, pubbliċi jew privati jridu jikkonverġu lejn l-effiċjenza u l-affidabbiltà għall-utenti tas-sigurtà, kif enfasizzat fil-Pjan ta' Azzjoni dwar is-sinerġiji bejn l-industriji ċivili, tad-difiża u tal-ispazju <sup>(3)</sup>, u għalhekk hemm bżonn ta' sħubijiet pubbliċi-privati msaħħa u sħubijiet potenzjali ma' pajjiżi tal-istess fehma.

3.3. Hemm riskju dejjem akbar ta' atturi ġodda ta' theddid li jimmiraw lejn sistemi spazjali biex jipperikolaw is-servizzi kritiċi li s-satelliti jippermettu. Il-KESE jqis li huwa dejjem aktar essenzjali li l-interess dejjem jikber tal-Ewropa fis-servizzi bbażati fl-ispazju u d-dipendenza minnhom ikunu akkumpanjati minn miżuri li għandhom l-għan li jipproteġu u jiddefendu l-kapaċitajiet u s-servizzi bbażati fl-ispazju, sabiex is-soċjetà u l-ekonomija tal-Ewropa ma jiġux esposti għal vulnerabbiltajiet saħansitra aktar kritiċi.

3.4. Il-KESE huwa konvint li l-Istati Membri jeħtiġilhom jasserixxu bis-sħiħ ir-responsabbiltà u l-impenn tagħhom għall-paċi u s-sigurtà dinjija billi jsaħħu l-libertà ta' azzjoni tagħhom b'rabta mal-ispazju u fih, billi jserrġu fuq il-kapaċità u l-assi sovrani tagħhom, u jqis li din hija waħda mill-aktar għodod diretti u kritiċi għad-dispożizzjoni tagħhom biex jeżerċitaw azzjoni u influwenza. Biex jagħmlu dan, jeħtiġilhom jiggwarantixxu r-reżiljenza tal-industrija spazjali tagħhom u s-sigurtà tal-infrastruttura tal-provvista u tas-servizzi tagħhom għall-benefiċċju taċ-ċittadini. F'dan il-kuntest, l-iżgurar tal-aċċess sovrani u sostenibbli tal-Ewropa għall-ispazju huwa prijorità li ma tistax tiġi kkontestata.

### 4. Kummenti speċifiċi

#### 4.1. Ix-xenarju ta' theddid spazjali

4.1.1. Il-KESE jilqa' l-identifikazzjoni ta' theddid li jista' joħloq tfixkil, degradazzjoni jew qerda tas-sistemi spazjali permezz tat-tħejjija ta' analiżi annwali tax-xenarju tat-theddid spazjali, li hija meqjusa bħala kruċjali biex jiġi mifhum l-ambjent ostili li qed jevolvu fih l-infrastruttura u s-servizzi spazjali u tal-art kemm bħalissa kif ukoll fil-futur.

4.1.2. Il-KESE jirrikonoxxi li valutazzjoni bħal din tgħin biex jiġi evitat li pajjiżi jew organizzazzjonijiet potenzjalment ostili jiksbu kapaċitajiet sensitivi (inklużi ħilet, teknoloġiji, assi u elementi kostitwenti), u dan bl-għan li jiġu garantiti l-governanza u l-kontroll tal-"kapaċitajiet sensitivi" tal-Ewropa.

4.1.3. Il-KESE jemmen li l-industrija spazjali Ewropea (entitajiet kbar u żgħar), l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u t-teknoloġija, u l-fehmiet u l-inputs tad-dinja akkademika jeħtieġ li jiġu inklużi mill-Kummissjoni Ewropea u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) fit-tfassil tal-analiżi annwali tax-xenarju tat-theddid spazjali, u fl-identifikazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet u l-miżuri li ser jirriżultaw minnhom.

4.1.4. Il-KESE huwa konvint li proċess bħal dan jippermetti li s-settur privat:

(a) jaħdem fuq prijoritajiet ġodda ta' riċerka u żvilupp speċifiċi għal theddid diġà magħruf jew tip ġdid ta' theddid li jkun qed jinholq;

<sup>(3)</sup> COM(2021) 70 final.

- (b) jissensibilizza lill-kljenti u lill-atturi istituzzjonali dwar il-ħtieġa għal approċċi preventivi;
- (c) jiddefinixxi standards ġodda fil-livell Ewropew u b'hekk jikkontribwixxi għall-proċess ta' standardizzazzjoni fil-livell globali;
- (d) jiskambja l-aħjar prattiki bejn entitajiet pubbliċi u privati;
- (e) jadatta l-approċċi "tal-art" għall-ispazju.

#### 4.2. It-tisħiħ tar-reżiljenza u l-protezzjoni tas-sistemi u s-servizzi spazjali fl-UE

##### 4.2.1. Qafas ta' sigurtà għall-UE kollha għall-protezzjoni tas-sistemi spazjali, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni dwar inċidenti tas-sigurtà spazjali

4.2.1.1. Il-KESE jemmen li l-inizjattivi regolatorji globali u d-deċiżjonijiet unilaterali dwar l-immaniġġjar tat-traffiku fl-ispazju x'aktarx li joħlqu ambjent ta' sfida għall-atturi Ewropej. Ir-riformi mwettqa barra mill-Ewropa jistgħu tabilħaqq potenzjalment ifixklu l-kapaċità tas-settur spazjali Ewropew li jikkompeti b'kundizzjonijiet ekwivalenti u jaffettwaw is-sostenibbiltà tiegħu, u jkomplu jipperikolaw is-sovraniżat Ewropea bħala objettiv ġenerali tal-UE fir-rigward tal-ispazju.

4.2.1.2. Il-KESE huwa konvint li l-Unjoni Ewropea għandha taħtaf l-opportunità biex tkun minn ta' quddiem fid-diskussjonijiet u ttiprovdi l-bażi biex ttiproteġi l-infrastruttura spazjali Ewropea ewlenija u s-servizzi assoċjati. Billi tkun proattiva u billi tippromovi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE minflok il-frammentazzjoni, l-Unjoni Ewropea se tippermetti lis-settur spazjali Ewropew juża r-regoli u l-proċeduri miftiehma b'vantaġġ għaliha, u tkompli tippromovihom fil-livell globali. Approċċ aktar armonizzat u b'aktar kooperazzjoni bejn l-Istati Membri jinkoraġġixxi investimenti komuni fid-difiża u l-industrija tal-UE b'mod aktar mifrux. F'dan ir-rigward, il-possibbiltà ta' akkwist konġunt tista' ttejjeb l-effiċjenza mil-lat tad-domanda u tikkontribwixxi għall-kompetittività u l-effiċjenza tal-industrija spazjali u tad-difiża Ewropea <sup>(4)</sup>.

4.2.1.3. Il-KESE jemmen li t-tisħiħ tal-potenzjal tat-teknoloġiji u l-industriji sekondarji, bħall-ajruspazju u t-teknoloġiji li għandhom kemm applikazzjonijiet militari kif ukoll ċivili ("b'użu doppju"), ikollu impatti kbar kemm fuq l-iżvilupp industrijali kif ukoll fuq dak militari tal-UE.

4.2.1.4. Fir-rigward tas-sigurtà u ċ-ċibersigurtà, il-KESE jaqbel bis-sħiħ li r-rekwiżit ta' "sigurtà sa mit-tfassil" huwa essenzjali għar-reżiljenza. L-istandards komuni Ewropej tas-sigurtà huma essenzjali wkoll dment li dawn jintużaw b'mod prattiku, peress li ċ-ċikli ta' definizzjoni u adozzjoni spiss ikunu twal wisq fis-suq kompetittiv li jiffaċċja s-settur spazjali Ewropew. Dan ifisser li:

- (a) jeħtieġ li jiġu żviluppati b'mod parallel mal-iżvilupp tat-teknoloġija;
- (b) jeħtieġ li jiġi stabbilit proċess rapidu ta' ċertifikazzjoni;
- (c) l-inklużjoni ta' negozji ġodda u SMEs fid-dawl tal-kapaċità tagħhom li jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-sigurtà tirrikjedi appoġġ istituzzjonali u kollaborazzjoni aħjar fil-katina tal-provvista;
- (d) jeħtieġ li jiġu żviluppati standards ġodda.

4.2.1.5. Il-KESE jinnota li d-Direttiva dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi <sup>(5)</sup> u d-Direttiva dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha <sup>(6)</sup> (Direttiva NIS 2) huma applikabbli biss fil-livell tal-Istati Membri u mhux fil-livell tal-istituzzjonijiet tal-UE. Il-KESE jemmen li dawn id-Direttivi għandhom jiġu applikati għall-assi li huma proprjeta tal-UE.

<sup>(4)</sup> Kif enfasizzat fl-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Att dwar it-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni" (COM(2022) 349 final) (ĠU C 486, 21.12.2022, p. 168).

<sup>(5)</sup> Id-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 164).

<sup>(6)</sup> Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2) (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80).

#### 4.2.2. It-tisħiħ tas-sovranità teknoloġika tas-settur spazjali tal-UE

4.2.2.1. Il-KESE jilqa' bis-sħiħ l-ambizzjoni ta' mira biex jinżied il-baġit tal-Fond Ewropew għad-Difiża u tal-Orizzont Ewropa peress li, fir-rigward tal-aħħar stadji ta' żvilupp, l-UE sa issa dehret li ma setgħetx tallinja l-baġit tagħha – u l-istrumenti finanzjarji relatati – mal-ambizzjonijiet iddikjarati tagħha biex jkollha t-teknoloġiji avvanzati fil-livell ta' tħejjija meħtieġ.

4.2.2.2. Fil-kuntest tar-“rienergizzazzjoni” tat-Task Force Konġunta, il-KESE jemmen li għandu jiġi stabbilit proċess uniku li jwassal għal repożitorju uniku miftiehem u kondiviż ta' sitwazzjonijiet kritiċi. Il-preżenza tal-industrija spazjali Ewropea bħala parti kkonċernata ewlenija fil-proċess hija importanti, minħabba li t-tnaqqis tad-dipendenza jista' jtejjeb is-sovranità Ewropea u anke jikkontribwixxi għall-kompetittività industrijali.

4.2.2.3. Il-KESE għandu dubji dwar ir-rwoli u l-interazzjonijiet rispettivi futuri tat-Task Force Konġunta u tal-Osservatorju tat-Teknoloġiji Kritiċi tal-UE, u jenfasizza l-hteġa għal sinerġiji aħjar bejniethom.

4.2.2.4. Il-KESE jiffavorixxi l-istabbiliment ta' alleanzi u Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) ġodda relatati ma' teknoloġiji rilevanti għall-ispazju u d-difiża, peress li dawn jistgħu jikkontribwixxu biex jiżdiedu l-livell ta' finanzjament u l-iżvilupp u s-sostenibbiltà ta' sorsi doppji fl-Ewropa.

#### 4.2.3. L-indirizzar tar-riskji għas-sigurtà fis-settur spazjali fl-UE

4.2.3.1. Huwa milqugħ tajjeb ħafna l-indirizzar tar-riskji għas-sigurtà fis-settur spazjali fl-UE permezz tal-protezzjoni tal-ktajjen tal-provvista tagħha u b'regoli tal-akkwist li jggarantixxu bis-sħiħ is-sigurtà tal-provvista.

4.2.3.2. Madankollu, il-KESE jemmen li huwa essenzjali li dawn l-azzjonijiet jiġu integrati b'mod wiesa' bħala parti minn politika industrijali koerenti u mifruxa mal-Ewropa kollha għall-ispazju.

#### 4.2.4. L-iżvilupp ta' kapaċitajiet, inkluż l-aċċess awtonomu tal-UE għall-ispazju, biex tiżdied ir-reżiljenza

4.2.4.1. Il-KESE jaqbel li tagħbijiet utli awtoprotettivi, lanċjaturi risponsivi, kapaċitajiet ta' għarfien tas-sitwazzjoni fl-ispazju, manutenzjoni fl-orbita, u cloud sovran sigur iddedikat għall-applikazzjonijiet spazjali huma teknoloġiji/kapaċitajiet ewlenin għar-reżiljenza.

4.2.4.2. Il-KESE jemmen li għandu jiġi żgurat aċċess indipendenti fit-tul għall-ispazju għall-UE, peress li l-Ewropa ma tistax tiddependi minn pajjiżi terzi biex tnedi l-infrastruttura spazjali tagħha u għall-manutenzjoni tal-infrastruttura spazjali tagħha stess. F'dan ir-rigward, hija essenzjali l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-preferenza Ewropea fir-rigward tal-lanċjaturi għal illanċjar istituzzjonali.

#### 4.2.5. Rispons għat-theddid spazjali

4.2.5.1. Il-KESE jemmen li d-detezzjoni tat-theddid titlob l-iżvilupp ta' arkitettura sħiħa u awtonoma tal-Immaniġġjar tat-Traffiku fl-Ispazju, li tiddependi fost l-oħrajn mill-istabbiliment u l-appoġġ għal linji ta' programmi ffinanzjati biex jiġu żviluppanti aktar il-kapaċitajiet Ewropej tal-immaniġġjar tat-traffiku fl-ispazju (Sorveljanza u Insewiment fl-Ispazju (SST), Għarfien tad-Dominju Spazjali (SDA)) u t-tħaffif tal-iskjerament ta' kapaċitajiet Ewropej tal-SST u tal-immaniġġjar tat-traffiku fl-ispazju li huma kummerċjalment vijabbli, kompetittivi u skalabbli (7).

4.2.5.2. F'dan is-sens, il-KESE jaqbel bis-sħiħ mal-enfasi qawwija tal-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-kapaċitajiet tal-għarfien tad-dominju spazjali dment li dan jiddependi mill-appoġġ, l-għarfien espert u l-kapaċitajiet tal-industrija – minbarra l-kapaċitajiet Ewropej u tal-Istati Membri tal-UE – f'kull stadju.

(7) B'konformità mal-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023-2027” (COM(2022) 57 final — 2022/0039 (COD)) kif ukoll dwar “Komunikazzjoni konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Approċċ tal-UE għall-Immaniġġjar tat-Traffiku fl-Ispazju — Kontribuzzjoni tal-UE li tindirizza sfida globali” (JOIN(2022) 4 final) (ĠU C 486, 21.12.2022, p. 172); u dwar Spazju Ġdid.

4.2.5.3. Il-KESE jħeġġeġ sabiex l-isforzi tal-Istati Membri tal-UE jiġu kkoordinati bis-sħiħ fil-livell tal-UE b'appoġġ għall-oġġettivi ta' awtonomija strateġika miftuħa Ewropea akbar, b'konformità mal-alleanza ta' sħubija trans-Atlantika, bil-kollaborazzjoni ma' msieħba strateġiċi ewlenin bħall-Istati Uniti u r-Renju Unit, b'impenn fil-livell multilaterali, u possibbilment biex titħejja t-triq għall-kapaċità fil-livell tal-UE.

4.2.5.4. Il-KESE jirrikonoxxi l-importanza tal-eżerċizzji spazjali, peress li l-koordinazzjoni bejn l-Ewropej għandha tkun aktar b'saħħitha, aktar effiċjenti u jkollha aktar rilevanza fir-rigward tal-alleanza tagħna, b'mod partikolari l-Istati Uniti. Dan jippreżupponi li tinbena kultura komuni ta' operazzjonijiet spazjali.

#### 4.2.6. It-tisħiħ tal-użu tal-ispazju għas-sigurtà u d-difiża

4.2.6.1. Il-KESE jaqbel li t-titjib tal-kontribut tal-ispazju għall-kapaċitajiet Ewropej tad-difiża jfisser ukoll id-dipendenza minn Programmi Ewlenin Ewropej eżistenti, u t-titjib tagħhom b'dimensjoni ta' sigurtà u difiża.

4.2.6.2. Il-KESE jenfasizza li l-estensjoni tal-programm Copernicus għal kapaċitajiet ta' sigurtà tkun tfisser żieda sinifikanti fl-oġġettivi tal-programm, li għandha tiġi vvalutata bir-reqqa b'mod partikolari fir-rigward tar-riskji assoċjati għall-kapaċitajiet ta' finanzjament tal-programm Copernicus u l-politika attwali tiegħu dwar id-data miftuħa.

4.2.6.3. Il-KESE jenfasizza l-importanza tal-kontribut tal-Istrateġija għall-Patt Ekoloġiku tal-UE u għall-ekosistemi industrijali assoċjati. B'mod partikolari, il-programm Copernicus, meqjus bħala referenza ta' klassi dinjija għat-tibdil fil-klima u l-monitoraġġ ambjentali, jikkontribwixxi direttament biex jiġu indirizzati u jinstabu soluzzjonijiet għat-tibdil fil-klima u biex jiġi appoġġjat ir-rwol tal-Ewropa fix-xena dinjija. Peress li l-programm Copernicus sar l-istandard aċċettat globalment għall-immagnaġnijiet ta' grad xjentifiku u għall-kwalità tad-data, jeħtieġ li jiġi appoġġjat aktar b'ambizzjonijiet kontinwi.

4.2.6.4. Fir-rigward tal-kostellazzjoni satellitari tal-UE IRIS<sup>2</sup> (Infrastruttura għar-Reżiljenza, l-Interkonnnettività u s-Sigurtà bis-Satellita), il-KESE jappoġġja bis-sħiħ programm li se jgħin lill-Unjoni tibqa' attur internazzjonali ewleni bil-libertà li taġixxi fil-qasam spazjali.

4.2.6.5. Il-KESE huwa konvint mill-hteġa li l-azzjonijiet kollha relatati mal-industrija (il-kompetittività, it-teknoloġiji kritiċi, is-sigurtà tal-katina tal-provvista, eċċ.) jiġu integrati bħala parti minn politika industrijali koerenti u għall-Ewropa kollha, f'kuntest ta' dipendenza qawwija ħafna tal-industrija spazjali Ewropea minn swieq miftuħa limitati ħafna.

4.2.6.6. Il-KESE jixtieq jenfasizza li l-ispazju huwa settur innovattiv u li qed jevolvi b'mod kostanti. Sabiex tiġi żgurata l-kompetittività tal-attivitajiet spazjali Ewropej, l-iżvilupp tal-ħiliet professjonali jeħtieġ adattament u titjib kostanti. Peress li x-xejriet tar-reklutaġġ tal-industrija kienu b'saħħithom f'dawn l-aħħar snin, u huma mistennija li jibqgħu b'saħħithom fil-futur qrib, dan jeħtieġ li jiġi akkumpanjat aktar b'azzjonijiet konkreti bħall-istituzzjoni ta' Akkademja Spazjali tal-UE.

#### 4.2.7. Sħubija għal imġiba responsabbli fl-ispazju ekstratmosferiku

4.2.7.1. Il-KESE jaqbel li s-sħubijiet u l-impriżi konġunti ma' reġjuni, entitajiet u partijiet terzi oħra tal-istess fehma huma essenzjali biex jiġi żgurat użu sigur, sostenibbli u affidabbli tal-kapaċitajiet ibbażati fl-ispazju.

4.2.7.2. Peress li l-kooperazzjoni hija kruċjali, il-KESE jwissi li l-preservazzjoni tas-sovranità u l-awtonomija Ewropea bilfors trid tiġi inkluża, u għandhom jiġu promossi l-kollaborazzjoni u l-interoperabbiltà bħala regoli komuni u b'reċiproċità u benefiċċju reċiproku mal-Istati Uniti u partijiet terzi oħra tal-istess fehma.

Brussell, it-12 ta' Lulju 2023.

Oliver RÖPKE  
Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew



**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar ir-rieżami tal-qafas tal-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji u l-assigurazzjoni ta’ depożitu li jikkontribwixxi għat-tlestija tal-Unjoni Bankarja”**

(COM(2023) 225 final)

**dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 806/2014 fir-rigward ta’ miżuri ta’ intervent bikri, kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni u l-finanzjament ta’ azzjoni ta’ riżoluzzjoni”**

(COM(2023) 226 final — 2023/0111 (COD))

**dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/59/UE fir-rigward tal-miżuri ta’ intervent bikri, il-kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni u l-finanzjament ta’ azzjoni ta’ riżoluzzjoni”**

(COM(2023) 227 final — 2023/0112 (COD))

**dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/59/UE u r-Regolament (UE) Nru 806/2014 fir-rigward ta’ ċerti aspetti tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obligazzjonijiet eliġibbli”**

(COM(2023) 229 final — 2023/0113 (COD))

(2023/C 349/24)

Relatur: **Giuseppe GUERINI**

Korelatur: **Christophe LEFÈVRE**

Konsultazzjoni	8.12.2022, ittra mill-Ministeru Spanjol għall-Affarijiet Barranin, l-Unjoni Ewropea u l-Kooperazzjoni Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 23.6.2023 (COM(2023) 229 final, 11.7.2023 COM(2023) 226 final), 11.7.2023 (COM(2023) 227 final) Parlament Ewropew, 12.6.2023 (COM(2023) 229 final), 10.7.2023 (COM(2023) 226 final u 227 final), Kummissjoni Ewropea, 2.6.2023 (COM(2023) 225 final)
Bażi legali	Artikoli 114 u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adozzjoni fis-sezzjoni	27.6.2023
Adozzjoni fil-plenarja	13.7.2023
Sessjoni plenarja Nru	580
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	175/0/2

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE japprezza l-inizjattiva komprensiva tal-Kummissjoni biex titlesta l-leġiżlazzjoni dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji u l-assigurazzjoni tad-depożiti (CMDI), peress li l-avanz tal-Unjoni Bankarja huwa pass ewlieni lejn it-tisħiħ tas-suq uniku Ewropew fl-interess tad-depożitanti u l-kontribwenti.

1.2. Il-KESE jemmen li l-kriżijiet bankarji reċenti fl-Istati Uniti tal-Amerka jixħtu dawl fuq l-importanza li t-trażżin tar-riskju ta’ kontagġu u t-telf ta’ fiduċja tal-investituri u d-depożitanti jsir b’ħeffa, kif ukoll fuq il-hteġa għal flessibilità fir-rispons għall-kriżijiet bankarji. L-esperjenza reċenti turi wkoll l-importanza li jiġi organizzat it-trasferiment ta’ bank f’diffikultà għal bank ieħor kif suppost fi żmien qasir ħafna.

1.3. Il-KESE japprezza li l-proposta tal-Kummissjoni estendiet il-protezzjoni tal-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti (SGD) għad-depożiti tal-awtoritajiet pubbliċi, kif ukoll il-fatt li l-Kummissjoni qed taħdem lejn armonizzazzjoni msaħħa tal-għodod għall-protezzjoni tad-depożiti fl-UE kollha. Peress li l-Fondi ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (DIFs) iffinanzjati u organizzati b'mod adegwat għandhom rwol fundamentali, l-armonizzazzjoni msaħħa proposta mill-Kummissjoni ċertament se tkun ta' benefiċċju.

1.4. Il-KESE jinnota li wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-proposta tal-Kummissjoni huwa li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni għar-riżoluzzjoni bankarja. Il-KESE jifhem bis-sħiħ l-approċċ tal-Kummissjoni, il-kuntest, ir-raġunament regolatorju u l-oġġettivi fit-tul tiegħu.

1.5. Jekk inħarsu lura lejn kriżijiet bankarji reċenti, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa ta' approċċ prammatiku u flessibbli bbażat fuq il-partikolaritajiet tal-każijiet differenti inkwistjoni f'termini ta': i) l-approċċ regolatorju; ii) l-għażla tal-aktar għodod effettivi disponibbli; iii) implikazzjonijiet prattiċi tal-azzjonijiet meħuda; iv) il-kooperazzjoni meħtieġa bejn il-partijiet interessati; v) il-ħeffa tal-eżekuzzjoni; u vi) in-natura tar-riżorsi finanzjarji għall-użu fl-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet magħżula għall-ġestjoni tal-kriżijiet.

1.6. Il-KESE jemmen li r-riżoluzzjoni mhux dejjem tkun l-aktar soluzzjoni konvenjenti għall-protezzjoni sħiħa tal-ekosistemi ekonomiċi li fihom jopera bank f'diffikultà. Meta r-riżoluzzjoni tista' fil-fatt tkun aktar għalja mil-likwidazzjoni, f'dak il-każ daww il-banek għandhom jidħlu f'insolvenza.

1.7. Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni li l-valutazzjoni tal-interess pubbliku jista' jiġi rfinat, b'adozzjoni ta' approċċ aktar trasparenti u armonizzat fl-UE kollha. Waqt li jirrikonoxxi li l-kisba ta' bilanċ bejn il-flessibbiltà u l-prevedibbiltà hija komputu diffiċli ħafna għar-regolaturi, il-KESE jħeġġeġ lill-koleġiżlaturi biex isibu soluzzjonijiet li jnaqqsu kemm jista' jkun l-inċertezza legali.

1.8. Il-KESE jqis li huwa meħtieġ li jinstab bilanċ adatt bejn formulazzjoni msaħħa tal-"valutazzjoni tal-interess pubbliku" u l-proporzjonalità tal-applikazzjoni tiegħu fir-rigward tal-banek żgħar, ta' daqs medju u lokali. L-espansjoni tal-valutazzjoni tal-interess pubbliku biex tinkludi banek li għandhom rwol importanti reġjonalment xorta tħalli lok għal inċertezza fil-qafas attwali.

1.9. Il-KESE jtenni l-importanza li jiġi rispettata il-prinċipju tal-proporzjonalità sabiex jinkiseb regolament adatt biex jintlaħqu l-oġġettivi tiegħu mingħajr ma ssir ħsara eċċessiva lill-interess tal-banek żgħar, ta' daqs medju u lokali. Il-prinċipju tal-proporzjonalità għandu jiġi kkunsidrat ukoll fl-applikazzjoni tal-valutazzjoni tal-interess pubbliku, speċjalment fir-rigward tal-banek lokali, li ma jippreżentawx riskju għall-istabbiltà finanzjarja.

1.10. Waqt li jirrikonoxxi l-kompetenzi differenti bejn ir-regolamentazzjoni bankarja u r-regolamentazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, il-KESE jemmen li l-pakkett kollu tas-CMDI għandu jiġi kkoordinat b'mod adegwat mar-reviżjoni mistennija tal-Komunikazzjoni tal-2013 dwar l-għajnuna mill-Istat<sup>(1)</sup> fis-settur bankarju. Inkella, hemm riskju ta' implimentazzjoni ta' proposti li huma potenzjalment inkonsistenti mal-leġiżlazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, li jwassal għal imprevedibbiltà u inċertezza legali.

1.11. Il-Kummissjoni kkonċentrat fuq it-tisħiħ tal-għodda tal-istrateġija ta' trasferiment bl-użu tal-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti bil-possibbiltà li jintlaħaq il-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni, soġġett għal salvagwardji adegwati. Dan jista' jkun pass lejn Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti iżda l-inefficijenzi se jkomplu jeżistu sakemm titlesta l-Unjoni Bankarja peress li s-suq se jkun għadu frammentat.

## 2. Kuntest u konsultazzjoni mal-KESE minn Spanja

2.1. Il-gvern Spanjol talab Opinjoni esploratorja mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-proposta tal-Unjoni Bankarja, li tiffoka l-attenzjoni tagħha fuq il-ħtieġa li tiġi promossa applikazzjoni usa' tal-valutazzjoni tal-interess pubbliku applikata biex tinkludi l-banek, speċjalment il-banek żgħar u ta' daqs medju, fil-proċedura ta' riżoluzzjoni armonizzata f'każ ta' kriżi.

<sup>(1)</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni, mill-1 ta' Awwissu 2013, tar-regoli dwar l-għajnuna mill-istat għal miżuri ta' appoġġ favur il-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja ("il-komunikazzjoni dwar il-banek") (ĠU C 216, 30.7.2013, p. 1).

2.2. Fit-18 ta' April 2023, il-Kummissjoni ħarġet erba' proposti leġiżlattivi differenti biex issaħħaħ il-qafas eżistenti tas-CMDI tal-UE, b'enfasi fuq banek iżgħar u ta' daqs medju<sup>(2)</sup>.

2.3. Skont il-Kummissjoni, "l-esperjenza wriet li ħafna banek ta' daqs medju u iżgħar li jfallu jkunu ġew ġestiti b'soluzzjonijiet barra mill-qafas ta' riżoluzzjoni"<sup>(3)</sup>, li xi drabi jinvolvu l-użu ta' "flus il-kontribwenti minflok ir-riżorsi interni meħtieġa tal-bank jew xbieki ta' sikurezza privati ffinanzjati mill-industrija (skemi ta' garanzija tad-depożiti u fondi ta' riżoluzzjoni)"<sup>(4)</sup>, u b'hekk jinħoloq impatt negattiv qawwi fuq l-ekonomija u fuq il-perċezzjoni tas-soċjetà.

2.4. Għalhekk, ir-regoli l-ġodda proposti jippermettu lill-awtoritajiet jagħmlu użu mir-riżoluzzjoni bħala komponent ewlieni tas-sett ta' għodod għall-ġestjoni tal-kriżijiet, filwaqt li jenfasizzaw li r-riżoluzzjoni tista' tkun inqas ta' tfixkil mil-likwidazzjoni għall-klijenti peress li jżommu l-aċċess għall-kontijiet tagħhom u l-funzjonijiet kritiċi tal-bank jiġu ppreservati.

2.5. Il-proposti tal-Kummissjoni jiffaċilitaw ukoll l-użu ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti f'sitwazzjonijiet ta' kriżi biex jiproteġu lid-depożitanti milli jġarrbu telf, f'każ li dan ikun meħtieġ biex jiġi evitat kontagġu lil banek oħra u ħsara aktar mifruxa għall-komunitajiet u l-ekonomija. Billi sserraħ fuq xbieki ta' sikurezza ffinanzjati mill-industrija (bħal skemi ta' garanzija tad-depożiti u fondi ta' riżoluzzjoni), il-proposta tipprowa wkoll tippreserva l-flus tal-kontribwenti f'każ ta' kriżijiet bankarji.

2.6. Il-livell ta' kopertura ta' EUR 100 000 għal kull depożitant u bank, kif stabbilit fid-Direttiva dwar l-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti, huwa kkonfermat għad-depożitanti kollha eliġibbli tal-UE u se jiġi estiż għal entitajiet pubbliċi bħal sptarjiet, skejjet u municiċipalitajiet, kif ukoll għal flus tal-klijenti ddepożitati f'ċerti tipi ta' fondi tal-klijenti (jiġifieri minn kumpaniji ta' investment, istituzzjonijiet ta' pagament u istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi). Il-proposta tal-Kummissjoni tipprowa wkoll tarmonizza l-istandards tal-protezzjoni tad-depożitanti fl-UE kollha.

### 3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-KESE jikkondividi l-oġġettivi tal-proposti leġiżlattivi maħruġa mill-Kummissjoni sabiex tittejjeb il-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji u tiġi żgurata protezzjoni adegwata tad-depożiti tal-banek f'każ ta' kriżi.

3.2. Il-KESE japprezza l-inizjattiva komprensiva tal-Kummissjoni biex titlesta l-leġiżlazzjoni CMDI, peress li l-avvanz tal-Unjoni Bankarja huwa pass kruċjali lejn it-tisħiħ tas-suq uniku Ewropew fl-interessi tad-depożitanti u l-kontribwenti. Barra minn hekk, it-tlestija tal-Unjoni Bankarja hija kruċjali sabiex tinkiseb Unjoni Ekonomika u Monetarja ġenwina li tkun kapaċi tiżgura stabbiltà finanzjarja u ġestjoni tajba tal-kriżijiet f'każ ta' bżonn.

3.3. Kif iddikjarat f'Opinjonijiet preċedenti<sup>(5)</sup>, il-KESE jemmen li t-tisħiħ tal-qafas eżistenti tas-CMDI huwa kruċjali. Dan intwera b'mod ċar mill-każijiet reċenti ta' kriżijiet bankarji fl-Istati Uniti u l-każ ta' Credit Suisse, bl-implikazzjonijiet negattivi mifruxa taġħhom għall-istabbiltà tas-sistema bankarja fl-Istati Uniti u l-Iżvizzera, kif ukoll fuq is-swieq finanzjarji internazzjonali b'mod ġenerali u s-settur bankarju b'mod partikolari. Fl-UE, għad m'għandniex garanzija ta' kontinġenza ta' likwidità fi proċess ta' riżoluzzjoni.

3.4. Il-KESE jemmen li l-każijiet ta' kriżijiet bankarji msemmija hawn fuq jenfasizzaw, għal darb'oħra, l-importanza tal-ħeffa fit-trażżin tal-ħsara, u b'mod speċjali r-riskju ta' kontagġu, kif ukoll il-ħtieġa għal flessibbiltà fir-rispons għall-kriżijiet bankarji. Intwera wkoll ir-rwol deċiżiv ta' garanzija ta' kontinġenza tal-likwidità li tkopri l-ħtiġijiet immedjati ta' likwidità u li tipprowdi ż-żmien biex tiġi żviluppata strateġija ta' riżoluzzjoni vijabbli.

<sup>(2)</sup> COM(2023) 226 final, COM(2023) 227 final, COM(2023) 228 final u COM(2023) 229 final.

<sup>(3)</sup> Stqarrija għall-istampa, 18 ta' April 2023, Kummissjoni Ewropea.

<sup>(4)</sup> Stqarrija għall-istampa, 18 ta' April 2023, Kummissjoni Ewropea.

<sup>(5)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 u d-Direttiva 2014/59/UE fir-rigward tat-trattament prudenzjali ta' gruppi ta' istituzzjonijiet globali sistemikament importanti bi strateġija ta' riżoluzzjoni b'punti multipli ta' dħal u metodoloġija għas-sottoskrizzjoni indiretta ta' strumenti eliġibbli biex jissodisfaw ir-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli" (COM(2021) 665 final — 2021/0343 (COD)) (ĠU C 152, 6.4.2022, p. 111) u l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar it-tlestija tal-Unjoni Bankarja" (COM(2017) 592 final) (ĠU C 237, 6.7.2018, p. 46).

3.5. Il-KESE jemmen li l-esperjenza reċenti tenfasizza wkoll l-importanza li jiġi organizzat it-trasferiment ta' bank f'diffikultà għal bank ieħor kif suppost fi żmien qasir ħafna. Għalhekk huwa importanti li jiġi żgurat li l-qafas regolatorju jipprovdi l-kundizzjonijiet it-tajba għal trasferimenti bħal dawn, peress li dawn jeħtieġ li jsiru mingħajr ma jgħaddu mill-proċeduri tas-soltu ta' diliġenza dovuta u l-implikazzjonijiet tat-tranżazzjoni huma enormi u inċerti. Barra minn hekk, l-esperjenza miksuba s'issa wriet li hemm bżonn ta' reġim speċjali ġenerali meta jiġi akkwistat bank li jkun għaddej minn riżoluzzjoni, li jiffaċilita l-integrazzjoni tal-bank fil-grupp il-ġdid bl-aktar mod effiċjenti.

3.6. L-integrazzjoni u l-ġestjoni ta' bank riżolt huwa proċess kumpless u l-passi u r-rekwiżiti regolatorji jeħtieġ li jiġu ssemplifikati. L-awtoritajiet differenti involuti jridu jkun jistgħu jikkoordinaw b'mod adegwat ir-rwoli rispettivi tagħhom fi ħdan il-proċessi regolatorji jew fil-proċeduri ta' approvazzjoni aċċellerati tal-miżuri ta' ġestjoni tal-kriżijiet. Barra minn hekk, huwa essenzjali li jiġi żgurat li tali trasferimenti jistgħu jseħħu wkoll bejn il-fruntieri fl-UE, kull meta jkun meħtieġ.

3.7. Il-KESE japprezza li l-Kummissjoni estendiet il-protezzjoni tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti għad-depożiti tal-awtoritajiet pubbliċi, kif ukoll il-fatt li l-Kummissjoni qed taħdem lejn armonizzazzjoni msaħħa tal-għodod għall-protezzjoni tad-depożiti fl-UE kollha. Billi tipproteġi kemm lill-faddala privati kif ukoll pubbliċi u lid-depożitanti fil-livell tal-konsumatur f'każ ta' falliment ta' bank, l-assigurazzjoni tad-depożiti timminimizza r-riskju ta' rilokazzjoni tad-depożiti u ttaffi r-riskju ta' kontaġju. Il-KESE jqis li din l-assigurazzjoni tad-depożiti għandha tiġi aġġustata f'ċerti każijiet sabiex jitqiesu d-depożitanti f'sitwazzjoni ekonomika fraġli bħall-persuni b'diżabilità jew il-persuni b'mard fit-tul. Peress li l-Fondi ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti ffinanzjati u organizzati b'mod adegwat huma fundamentali, l-armonizzazzjoni msaħħa proposta mill-Kummissjoni ċertament se tkun ta' benefiċċju.

3.8. Il-KESE jinnota li wieħed mill-oġġettivi ewlenin tal-proposta tal-Kummissjoni huwa li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tar-riżoluzzjoni, jekk din is-soluzzjoni titqies bħala konformi mal-"interess pubbliku". Il-likwidazzjoni tista' sseħħ biss jekk: (i) tista' tissodisfa – b'mod aktar effettiv mir-riżoluzzjoni – l-oġġettivi li d-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek tistabbilixxi għar-riżoluzzjoni nnifisha; u (ii) ma jkunx hemm bżonn li jintużaw fondi pubbliċi.

3.9. Il-KESE jifhem bis-sħiħ l-approċċ tal-Kummissjoni, ir-raġunament regolatorju u l-oġġettivi fit-tul tagħha. Fl-istess waqt, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa ta' approċċ prammaturu – kif urew il-kriżijiet bankarji tal-Istati Uniti dan l-aħħar – rigward l-approċċ regolatorju, l-għażla tal-aktar għodod effettivi disponibbli, l-implikazzjonijiet prattiċi tal-azzjonijiet meħuda; il-kooperazzjoni meħtieġa bejn il-partijiet interessati; il-ħeffa tal-eżekuzzjoni, u finalment, ir-riżorsi finanzjarji għall-użu fl-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet magħżula għall-ġestjoni tal-kriżijiet.

3.10. Il-KESE jemmen li r-riżoluzzjoni mhux dejjem tkun l-aktar soluzzjoni konvenjenti għall-protezzjoni sħiħa tal-ekosistemi ekonomiċi li fihom jopera bank f'diffikultà, speċjalment bank ta' daqs żgħir jew medju. Ta' min jinnota li, f'dak li għandu x'jaqsam ma' banek żgħar u ta' daqs medju, ir-riżoluzzjoni tista' fil-fatt tkun aktar għalja minn forom oħra ta' intervent, speċjalment fil-livell lokali – ħafna drabi limitat – fejn jopera l-bank. F'dan ir-rigward, il-KESE jissuġġerixxi li s-sehem tas-suq ta' banek ta' daqs medju, żgħir u lokali mingħajr ebda attività transkonfinali jista' jiġi evalwat b'referenza għas-sehem tas-suq nazzjonali globali u mhux fuq bażi reġjonali fi ħdan l-Istati Membri.

3.11. Il-KESE jemmen li l-pakkett kollu tas-CMDI għandu jiġi kkoordinat b'mod adegwat mar-reviżjoni mistennija tal-Komunikazzjoni tal-2013 dwar l-għajnuna mill-Istat<sup>(6)</sup> fis-settur bankarju, li kellha rwol ewleni biex ingħata lok għan-nuqqas ta' prevedibbiltà attwali rigward liema riżoluzzjoni għandha tiġi attivata jew le. L-adozzjoni tal-proposti regolatorji tas-CMDI mingħajr għarfien tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tista' tfisser li jiġu implimentati proposti li huma potenzjalment inkonsistenti mal-leġiżlazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

3.12. Bħala kumment ġenerali, il-KESE jtenni l-importanza li jiġi rispettata il-prinċipju tal-proporzjonalità sabiex jinkiseb regolament adatt biex jissodisfa l-oġġettivi tiegħu mingħajr ma jagħmel ħsara eċċessiva lill-interessi tal-banek żgħar, ta' daqs medju u lokali. Il-prinċipju tal-proporzjonalità għandu jiġi kkunsidrat ukoll fit-tweqqif tal-valutazzjoni tal-interess pubbliku, speċjalment fir-rigward tal-banek lokali, li ma jippreżentawx riskju għall-istabbiltà finanzjarja.

<sup>(6)</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni, mill-1 ta' Awwissu 2013, tar-regoli dwar l-għajnuna mill-istat għal miżuri ta' appoġġ favur il-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja ("il-komunikazzjoni dwar il-banek") (ĠU C 216, 30.7.2013, p. 1).

#### 4. Kummenti speċifiċi

4.1. Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni li l-valutazzjoni tal-interess pubbliku tista' tiġi rfinata, b'approċċ aktar trasparenti u armonizzati fl-UE kollha. Għalkemm jirrikonoxxi li l-kisba ta' bilanċ bejn il-flessibbiltà u l-prevedibbiltà hija tassew komputu diffiċli ħafna għar-regolaturi, il-KESE jinnota li l-proposti leġiżlattivi inkwistjoni ma jidhrux li jeliminaw kompletament l-ammont konsiderevoli ta' diskrezzjoni mogħtija preċedentement lill-awtoritajiet involuti, u jħallu xi inċertezza legali.

4.2. Il-KESE jqis li huwa meħtieġ li jinstab bilanċ adatt bejn formulazzjoni msaħħa tal-“kriterju tal-interess pubbliku” u l-proporzjonalità tal-applikazzjoni tiegħu fir-rigward ta' banek żgħar u lokali. L-espansjoni tal-ambitu tal-valutazzjoni tal-interess pubbliku biex tinkludi banek li għandhom rwol importanti reġjonalment xorta tħalli xi inċertezza fil-qafas attwali.

4.3. Peress li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Valutazzjoni tal-Interess Pubbliku jidher usa' minn dak tar-regoli preċedenti sabiex tiġi inkluża firxa usa' ta' każijiet milli fil-passat, il-KESE jqis li huwa kruċjali li t-test tal-inqas kost (jiġifieri, piż aktar baxx f'interventi preventivi/alternattivi tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti fir-rigward tal-ħlas) jopera b'mod effiċjenti biex jiżgura biżżejjed spazju għall-immanuvrar fejn il-kundizzjonijiet huma fis-seħħ biex jipprevjenu/inaqqsu l-eskalazzjoni tal-kriżi bl-użu ta' għodod ta' riżoluzzjoni alternattiva.

4.4. Il-KESE jenfasizza l-inċertezza mqajma mill-proposti leġiżlattivi fir-rigward tal-allokazzjoni tal-kompetenzi, speċjalment fir-rigward ta' kif is-setgħat u r-responsabbiltajiet ser jitqassmu fost l-awtoritajiet nazzjonali u Ewropej potenzjalment involuti fil-proċess kumpless tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji. F'kuntest bħal dan, il-ħeffa tal-eżekuzzjoni hija kruċjali, kif intwera reċentement minn diversi każijiet kemm fl-UE kif ukoll fl-Istati Uniti.

4.5. Għalhekk, il-KESE josserva li r-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obligazzjonijiet eliġibbli għandu jiġi stabbilit u applikat abbażi tad-daqs u l-profil tar-riskju speċifiku tal-banek ikkonċernati, bl-għan doppju li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fost banek sinifikanti b'operattività komparabbli, minn naħa waħda, u l-protezzjoni tal-mudell ta' negozju speċifiku mħaddan minn banek żgħar u lokali, kif ukoll minn banek li joperaw f'setturi/industriji speċifiċi u ddedikati, min-naħa l-oħra.

4.6. Fir-rigward tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obligazzjonijiet eliġibbli, l-allegata proporzjonalità fid-definizzjoni tar-rekwiżit imħaddan mill-Kummissjoni Ewropea għadha mhix ċara. Ir-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obligazzjonijiet eliġibbli dejjem ikun jikkonsisti, bħal fil-każ tal-banek li diġà jkunu adottaw ir-rekwiżit, f'riżerva kapitali addizzjonali meħtieġa biex tkopri kwalunkwe telf, li magħha jiżdied ammont għar-rikapitalizzazzjoni. Il-KESE jqis li huwa importanti li r-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obligazzjonijiet eliġibbli jiġi adattat għad-diversi daqsijiet ta' banek u mudelli ta' negozju.

4.7. Il-KESE jinnota li r-rwol tal-banek fl-UE kif ukoll il-karatteristiċi u l-mudelli kummerċjali differenti tagħhom, li jiżguraw sistema bankarja Ewropea aktar b'saħħitha u diversifikata, għandhom jissaħħu u jiġu ppreżervati fl-UE kollha. Ir-regoli bankarji għandhom jikkunsidraw kif dovut il-ħtieġa tat-tkabbir ekonomiku reali u l-impatt fit-tul tiegħu fuq it-tkabbir ekonomiku fl-Ewropa, kif ukoll l-impatt soċjali tiegħu fuq l-impjeg. F'dan ir-rigward, il-KESE jemmen li huwa ferm aħjar li jinħolqu kundizzjonijiet u għodod għall-prevenzjoni u l-evitar ta' kriżi milli li jsir intervent b'operazzjonijiet ta' salvataġġ wara, kull meta tali għażliet ikunu possibbli u disponibbli.

4.8. Interventi bikrija ħafna drabi jistgħu jkunu effettivi u irħas mir-riżoluzzjoni. Il-proċeduri għal miżuri preventivi u alternattivi huma stabbiliti fid-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti u ġestiti mill-SGD nazzjonali skont regoli armonizzati u salvagwardji eżistenti f'diversi Stati Membri tal-UE. Għandu jiġi implimentat rieżami tal-ġerarkija tal-kredituri, sabiex jippermetti test tal-inqas kost li jiffunzjona tajjeb u, bħala konsegwenza, l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' intervent bikri. Huwa importanti wkoll li tinkiseb armonizzazzjoni Ewropea jew għall-inqas li jiġu żviluppatti linji gwida għal kalkoli skont il-“prinċipju tal-inqas spiża”.

4.9. L-SGD nazzjonali u l-iskemi ta' garanzija huma komponent ewlieni tax-xibka ta' sikurezza pprovduta mill-qafas tal-UE għas-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja u biex tikber il-fiduċja fis-suq. Għal din ir-raġuni, l-iskemi ta' garanzija tad-depożiti għandu jkollhom rwol akbar, irrispettivament min-natura legali privata jew pubblika tagħhom jew min-natura volontarja jew obligatorja tal-kontribuzzjonijiet li jiffurmaw ir-riżorsi tagħhom. Dak li huwa importanti huwa l-funzjoni pubblika tagħhom u l-approċċ strett tas-suq li jsewgu biex jagħmlu għażliet taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti.



4.10. Ir-rwol tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti wera li huwa partikolarment importanti għall-banek żgħar u ta' daqs medju (l-inqas istituzzjonijiet sinifikanti) li għandhom kapaċità limitata ta' aċċess għas-suq biex joħorġu strumenti eliġibbli għar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli. Ta' min jinnota li diversi banek, inklużi dawg żgħar u lokali, urew il-kapaċità li jimplementaw b'mod effettiv miżuri preventivi li jistgħu jindirizzaw il-kriżijiet kif suppost.

4.11. Bħalma ġie msemmi f'għadd ta' Opinjonijiet preċedenti <sup>(7)</sup>, il-KESE jtenni li l-“ekosistema” finanzjarja u bankarja Ewropea għandha tkun diversifikata, sostenibbli u kapaċi tirrikonoxxi r-rwol kruċjali tal-banek żgħar u ta' daqs medju fil-livell lokali, ir-rilevanza ġenerali tagħhom fil-livell nazzjonali u l-valur miżjud li tali banek joħolqu favur il-komunitajiet lokali, kif ukoll l-effett pożittiv għas-soċjetà kollha ta' kompetenza akbar fis-settur bankarju. Ir-rwol tal-Banek tal-Kreditu Kooperattivi <sup>(8)</sup>, il-“banek etiċi” u l-livell lokali jew settorjali, bħal fil-każ tal-banek kooperattivi u l-banek etiċi għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali, huwa deċiżiv f'dan ir-rigward u f'konformità mal-prinċipju tal-ekonomija soċjali tas-suq minqax fit-Trattati tal-UE.

4.12. Min-naħa l-oħra, ir-rwol ta' gruppi bankarji transfruntiera akbar għandu jiġi rikonoxxut ukoll peress li, meta jkunu organizzati bħala sussidjarji, huma jipprovdu diversifikazzjoni aħjar, huma inqas dipendenti mill-istituzzjonijiet prinċipali u jippermettu separazzjoni aktar faċli tas-sussidjarji mill-grupp, u b'hekk jitnaqqas ir-riskju ta' kontaġju u tiżdied l-istabbiltà. Il-banek internazzjonali Ewropej huma ta' importanza kritika biex jikkontribwixxu għall-internazzjonalizzazzjoni tal-kumpaniji Ewropej.

4.13. Il-KESE jappella għal koordinazzjoni adatta bejn ir-regoli tal-Unjoni Bankarja dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet u l-qafas tal-assigurazzjoni tad-depożiti, minn naħa, u l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat stabbiliti fl-Artikolu 107 tat-TFUE <sup>(9)</sup> min-naħa l-oħra. Din il-koordinazzjoni għandha tevita l-inċertezza legali u t-trattament legali differenti bejn il-banek li jinsabu fl-UE kollha. Il-prinċipju stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li skemi ffinanzjati minn fondi privati ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107 TFUE (*Tercas*) għandu jiġi kkunsidrat b'mod adegwat f'dan ir-rigward <sup>(10)</sup>.

Brussell, it-13 ta' Lulju 2023.

Oliver RÖPKE  
Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

<sup>(7)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew — Kunsiderazzjonijiet addizzjonali dwar Rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro (COM(2021) 742 final) (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 75, 28.02.2023, p. 43) u l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 806/2014 sabiex tiġi stabbilita Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti” (COM(2015) 586 final – 2015/0270 (COD)) (ĠU C 177, 18.5.2016, p. 21).

<sup>(8)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-promozzjoni ta' Unjoni Bankarja aktar inklużiva u sostenibbli billi jittejjeb il-kontribut tal-banek tal-Komunità għall-iżvilupp lokali u għall-bini ta' sistema finanzjarja internazzjonali u Ewropea soċjalment responsabbli” — (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 364, 28.10.2020, p. 14).

<sup>(9)</sup> ĠU C 115, 9.5.2008, p. 91

<sup>(10)</sup> Sentenza fil-Kawża C-425/19 P

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/881 fir-rigward tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti”**

(COM (2023) 208 final) — 2023/0108 (COD)

**u dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi miżuri li jsaħħu s-solidarjetà u l-kapaċitajiet fl-Unjoni tad-detezzjoni, it-tħejjija u r-rispons għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà”**

(COM(2023) 209 final) — 2023/0109 (COD)

(2023/C 349/25)

Relatur: **Dumitru FORNEA**

Korelatur: **Alberto MAZZOLA**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 1.6.2023 Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 7.6.2023
Bażi legali	Artikoli 114, 173(3) u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali
Adozzjoni fil-plenarja	13.7.2023
Sessjoni plenarja Nru	580
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	174/0/1

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa’ l-proposta għal Regolament<sup>(1)</sup> u jqis li l-koordinazzjoni tal-UE hija vitali biex tiġi indirizzata l-frammentazzjoni attwali tas-suq u tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati privati u pubbliċi tal-UE bl-għan li jitejbu l-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-kapaċità ta’ rispons għat-theddid ċibernetiku. Il-KESE jirrakkomanda li l-proposta tagħti aktar attenzjoni lir-rispett tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, b’konformità mal-Artikolu 4(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

1.2. Il-Kumitat jirrikonoxxi l-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea fil-qasam taċ-ċibersigurtà u jenfasizza li rispons komprensiv għall-inċidenti ċibernetiċi għandu jinkludi mhux biss il-kapaċitajiet u l-proċessi, iżda wkoll l-elementi tal-hardware u tas-software. Madankollu, il-KESE huwa kontra d-diversi setgħat ta’ implimentazzjoni proposti mir-Regolament, speċjalment peress li ċ-ċibersigurtà tibqa’ prerogattiva tal-Istati Membri.

1.3. Hija meħtieġa strateġija fuq terminu medju għall-kisba ta’ awtonomija strateġika f’teknoloġiji ewlenin u f’setturi kritiċi, li tappoġġja lill-kumpaniji bbażati fl-UE hekk kif jistabbilixxu faċilitajiet ta’ riċerka u produzzjoni. Il-KESE jenfasizza l-importanza kruċjali tal-akkwist ta’ teknoloġija tal-UE biss biex iċ-ċentri nazzjonali tal-operazzjonijiet tas-sigurtà (SOCs) jiġu mġhammra b’teknoloġiji avvanzati.

1.4. Il-KESE jinsab imħasseb li ma ġiet adottata l-ebda skema taċ-ċibersigurtà u li l-ebda prodott għadu ma ġie ċċertifikat b’mod ċibernetiku erba’ snin wara l-adozzjoni tal-Att tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà<sup>(2)</sup>. Huwa jirrakkomanda l-involvement tal-aġenziji settorjali tal-UE<sup>(3)</sup> fl-iżvilupp ta’ skemi taċ-ċibersigurtà, u l-adozzjoni ta’ standard minimu tal-UE f’kollaborazzjoni mas-CEN, is-CENELEC u l-ETSI, inkluż għall-apparati tal-“Internet of People” (IoP) u l-Internet tal-Oġġetti (IoT).

(1) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi miżuri li jsaħħu s-solidarjetà u l-kapaċitajiet fl-Unjoni tad-detezzjoni, it-tħejjija u r-rispons għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà.

(2) Ir-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà) (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 15).

(3) L-EASA, l-ERA, l-EMA, eċċ.

1.5. Il-KESE jirrikonoxxi r-rwol imsaħħaħ propost għall-ENISA u jappella għal persunal deżinjat u allokkazzjoni baġitarja adegwata għall-attivitàjiet addizzjonali kollha biex l-ENISA tkun tista' taqdi r-rwol strateġiku sinifikanti tagħha f'konformità mal-ambizzjonijiet taċ-ċibersigurtà tal-UE.

1.6. L-Istati Membri għandhom jilhqg kunsens dwar l-adozzjoni ta' approċċ olistiku taċ-ċibersigurtà li jinkludi persunal imħarreġ, proċessi implimentati b'mod konsistenti u teknoloġiji xierqa tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, b'enfasi speċifika fuq it-tisħiħ tal-kooperazzjoni mas-settur privat. Rabtiet u kooperazzjoni b'saħħithom bejn is-settur tad-difiża u dak privat huma vitali.

1.7. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-infrastruttura futura tal-IT għandhom jippermettu interoperabbiltà bla xkiel bejn is-sistemi nazzjonali u t-Tarka Ċibernetika tal-UE. L-SOCs nazzjonali jridu jkunu ppreparati wkoll biex iwettqu testijiet tal-istress nazzjonali fuq l-infrastruttura kritika u jikkondividu r-riżultati fit-Tarka Ċibernetika tal-UE.

1.8. Il-Kumitat jipproponi li l-SOC ta' koordinazzjoni ta' kull konsorzju għandu jkollu mandat ta' sena fi ħdan sistema komuni ta' rotazzjoni. Il-finanzjament tal-UE għall-Konsorzju tal-Ospitanti għandu jkopri 100 % tal-ispejjeż tal-akkwist għall-għodod u l-infrastruttura, u 50 % tal-ispejjeż operattivi (għall-kuntrarju tal-proporzjon propost ta' 75 %-50 %).

1.9. Peress li n-nuqqas ta' ħliet fiċ-ċibersigurtà żdied f'dawn l-aħħar snin, il-Kumitat jilqa' l-inizjattiva tal-Akkademja għall-Ħliet taċ-ċibersigurtà u jqis li huma meħtieġa indikaturi li jkejlu l-progress fit-tnaqqis tad-diskrepanzi fil-ħliet taċ-ċibersigurtà.

1.10. Il-KESE jinnota li l-Kummissjoni Ewropea ma pprovidietx stima preċiża tal-ispejjeż għall-programmi meħtieġa, it-teknoloġiji tal-analitika tad-data u l-proġetti ta' żvilupp tal-infrastruttura. Huwa jqis li s-sorsi ta' finanzjament proposti fil-livell tal-UE mhumiex adegwati u jħeġġeġ l-esplorazzjoni ta' sorsi addizzjonali, inkluż il-ġbir flimkien ta' riżorsi ta' finanzjament privat.

1.11. Il-proċedura deskritta biex jintalab appoġġ mir-Riżerva taċ-ċibersigurtà tal-UE tidher li hija kajmana, u ma għandhiex skadenzi ċari għar-rispons. Il-Kumitat jenfasizza l-ħtieġa ta' rispons rapidu f'każ ta' inċidenti ċibernetiku.

1.12. Il-KESE jitlob kjarifika mill-Kummissjoni Ewropea dwar id-definizzjoni ta' "ammont sinifikanti ta' data" msemmija fil-Artikolu 6(2), punt (a) ta' dan ir-Regolament, kif ukoll dwar il-"miri" msemmija fil-punt (c) tal-istess paragrafu.

1.13. Il-Kumitat iqis li huwa kruċjali li l-UE tipparteċipa f'diskussjonijiet globali dwar l-istabbiliment ta' strateġija internazzjonali taċ-ċibersigurtà. Huwa importanti ħafna li l-attakki ċibernetiċi jiġu investigati malajr u li l-awturi tar-reati jinżammu responsabbli, inkluż permezz ta' mezzi diplomatiċi f'każijiet mhux tal-UE.

1.14. Il-KESE jinsab diżappuntat li l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ma jissemmewx darba fid-dokument u jenfasizza li l-kisba ta' kooperazzjoni msaħħa bejn l-entitajiet pubbliċi u privati tirrikjedi l-involviment sħiħ tas-soċjetà ċivili organizzata tal-UE.

1.15. Il-Kumitat jipproponi li r-rapport għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandu jiġi ppreżentat sentejn wara li r-Regolament jidħol fis-seħħ (u mhux erbgħa kif propost mill-Kummissjoni), flimkien mal-valutazzjoni tal-impatt li għandha takkumpanja dan ir-Regolament. Il-KESE jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġu implimentati kemm miżuri ta' prestazzjoni preċiżi li jiffukaw fuq il-kisba ta' eżiti kif ukoll Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni (KPIs) li jevalwaw ir-riżultati.

## 2. Kummenti introduttorji

2.1. Il-bidla kostanti, l-anonimità u n-nuqqas ta' konfini fiċ-ċiberspazju jippreżentaw kemm opportunitajiet kif ukoll riskji għall-funzjonament tas-soċjetà tal-informazzjoni fil-livell individwali, statali u tranżnazzjonali.

2.2. B'potenzjal ċar ta' tixrid rapidu ta' inċidenti ċibernetiċi minn Stat Membru għal ieħor, l-UE qed tiffaċċja riskji dejjem akbar għaċ-ċibersigurtà u xenarju kumpless ta' perikli. Il-koordinazzjoni tal-UE hija essenzjali sabiex tingħeleb il-frammentazzjoni eżistenti u tiġi promossa kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri.

2.3. Is-suq uniku tal-UE jeħtieġ interpretazzjoni u implimentazzjoni omoġenji tar-regoli dwar iċ-ċibersigurtà, anke jekk għandhom jiġu pprovduti approċċi differenti għal setturi differenti minħabba l-mod kif jiffunzjonaw.

2.4. Għal rispons fil-pront u effiċjenti għal kwalunkwe inċident taċ-ċibersigurtà, huwa kruċjali li jkun hemm sistema rapida għall-iskambju ta' informazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati sinifikanti kollha fil-livell nazzjonali u tal-UE. Dan, min-naħa tiegħu, jeħtieġ fehim ċar tar-rwoli u r-responsabbiltajiet ta' kull parti.

2.5. Il-Kumitat jirrikonoxxi l-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea fil-qasam taċ-ċibersigurtà u japprezza l-għadd kbir ta' komunikazzjonijiet u proposti li jffukaw fuq il-bini ta' qafas tal-UE aktar b'saħħtu, kooperazzjoni msaħħa, reżiljenza u bini ta' deterrenza. L-Ewropa tirrikjedi teknoloġija ċibernetika avvanzata, b'rabta qawwija bejn is-settur tad-difiża u dak privat, sabiex timmobilizza l-baġits tad-difiża u tibni prodotti ċibernetiċi kemm għall-użu militari kif ukoll ċivili. Il-Kumitat jenfasizza li r-rispons meħtieġ f'każ ta' inċidenti ċibernetiċi għandu jkopri mhux biss il-kapaċitajiet u l-proċessi, iżda wkoll l-aspetti tal-hardware u tas-software.

2.6. Din il-proposta għal Regolament timplimenta wkoll l-Istrategġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà, li ġiet adottata f'Diċembru 2020 u ħabbret l-istabbiliment ta' Tarka Ċibernetika Ewropea biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' detezzjoni tat-theddid taċ-ċibersigurtà u ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni madwar l-UE.

2.7. Hekk kif it-Tarka Ċibernetika Ewropea qed tiġi żviluppata, il-Kummissjoni Ewropea tipproponi kollaborazzjoni gradwali futura ma' networks u pjattaformi responsabbli għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni fil-komunità taċ-ċiberdifiża, f'kooperazzjoni mill-qrib mar-Rappreżentant Għoli.

2.8. L-aggressjoni militari tar-Russja fl-Ukrajna wriet kif jistgħu jiġu eżegwiti operazzjonijiet ċibernetiċi offensivi bħala element kruċjali ta' tattiki ibridi li jinvolvu koerċizzjoni, destabilizzazzjoni u tfixkil ekonomiku.

### 3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-KESE jilqa' r-Regolament propost, li għandu l-għan li jindirizza l-frammentazzjoni attwali tas-suq u jħaffef il-kollaborazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati Ewropej mis-settur privati u pubbliku sabiex jiġi pprevenut, identifikat u indirizzat aħjar it-theddid ċibernetiku. Ladarba jiġi implimentat, dan għandu l-potenzjal li jikkontribwixxi għat-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi Ewropej.

3.2. Madankollu, għandu jiġi indikat li l-istess objettivi stabbiliti f'din il-proposta ġew enfasizzati fil-proposta dwar iċ-Ċiberunità Konġunta<sup>(4)</sup>, jiġifieri aktar kooperazzjoni, thejġija u reżiljenza tas-sistemi ċibernetiċi tal-UE. Għalkemm iċ-Ċiberunità kienet mistennija li tibda topera sa tmiem l-2022, din ma tissemmiex darba fil-proposta tal-Kummissjoni.

3.3. L-ebda teknoloġija jew għodda unika ma tista' tipprovdri protezzjoni sħiħa kontra t-theddid ċibernetiku; għalhekk, l-Istati Membri għandhom jaqblu dwar approċċ olistiku għas-sigurtà li jinvolvi persunal tas-sengħa, proċessi applikati b'mod konsistenti, u teknoloġiji xierqa tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku. Trid issir enfasi fuq kooperazzjoni aħjar mas-settur privat.

3.4. Il-KESE jesprimi d-diżappunt tiegħu li l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ma jissemmewx darba fid-dokument. Kooperazzjoni msaħħa bejn l-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati ma tistax tinkiseb mingħajr l-involvement sħiħ tas-soċjetà ċivili organizzata tal-UE.

3.5. L-UE għandha tadotta strategġija fuq terminu medju lejn il-kisba ta' awtonomija strateġika f'teknoloġiji ewlenin u setturi kritiċi, u l-KESE jirrakkomanda li l-kumpaniji bbażati fl-UE jiġu appoġġjati fl-istabbiliment ta' faċilitajiet ta' riċerka u produzzjoni biex jappoġġjaw ekosistema ċibernetika awtonoma. Il-KESE diġà ssuġġerixxa li "l-UE jeħtieġ li tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq ġganti tat-teknoloġija mhux tal-UE billi tirdoppja l-isforzi tagħha biex tiżviluppa ekonomija diġitali sigura, inklużiva u bbażata fuq il-valuri"<sup>(5)</sup>.

<sup>(4)</sup> Il-Kummissjoni tipproponi Ċiberunità Konġunta għal reazzjoni aktar effiċjenti b'rabta mal-inċidenti ta' sigurtà fuq skala kbira

<sup>(5)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Is-sovranità diġitali: pilastru kruċjali għad-diġitalizzazzjoni u t-kabbir tal-UE" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 75, 28.2.2023, p. 8).

3.6. Il-proposta biex tiġi stabbilita t-Tarka Ċibernetika Ewropea, li se tkun magħmula minn ċentri ta' operazzjonijiet tas-sigurtà nazzjonali u transfruntiera (SOCs) u se tkun mgħammra b'teknoloġiji tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, hija milqugħa tajjeb ħafna. Sabiex tiġi żgurata r-reżiljenza tal-katina tal-provvista kollha, is-soluzzjonijiet tal-SOC iridu mhux biss jissalvagwardjaw ir-riżorsi organizzattivi interni, iżda jippromovu wkoll skambji siguri u kooperazzjoni usa' fi ħdan l-ekosistema. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-infrastruttura futura tal-IT iridu jippermettu interoperabbiltà sħiħa bejn is-sistemi nazzjonali u t-Tarka Ċibernetika tal-UE.

3.7. Il-KESE jenfasizza l-aspett vitali tal-akkwist ta' teknoloġija bbażata biss fl-Ewropa biex il-membri tat-Tarka taċ-Ċibersigurtà tal-UE jiġu mgħammra b'teknoloġiji tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku. L-UE ma tistax tissogra li takkwista teknoloġiji ċibernetiċi kritiċi minn kumpaniji barranin u huwa "fl-interess strateġiku tal-UE li tiżgura li l-Unjoni żżomm u tiżviluppa l-kapaċitajiet essenzjali biex tiggarantixxi l-ekonomija diġitali, is-soċjetà u d-demokrazija tagħha, biex tikseb sovranità diġitali sħiħa bħala l-uniku mod biex tipproteġi t-teknoloġiji kritiċi u biex tipprovdi servizzi taċ-ċibersigurtà ewlenin effettivi" <sup>(6)</sup>.

3.8. Il-Kumitat iqis li l-proporzjon propost għall-finanzjament tal-akkwist ta' tagħmir għall-SOCs nazzjonali (50 % minn finanzjament nazzjonali u 50 % minn finanzjament tal-UE), li jinvolvi bilanċ ugwali ta' fondi nazzjonali u tal-UE, huwa adegwat. Huwa meħtieġ sforz konġunt biex jiġi żgurat tagħmir xieraq ta' teknoloġija avvanzata u l-funzjonament koordinat tan-network tal-SOC.

3.9. L-SOCs nazzjonali jridu jiffukaw fuq l-istabbiliment ta' protokollu komprensivi ta' evalwazzjoni u ttestjar tas-sigurtà u għandhom iwettqu valutazzjonijiet perjodiċi. Sabiex jevalwaw u jsaħħu r-reżiljenza għal attacchi ċibernetiċi potenzjali, għandhom ikunu lesti wkoll li jwettqu testijiet tal-istress nazzjonali fuq infrastruttura kritika. Ir-riżultati jridu jiġu kondiviżi fit-Tarka Ċibernetika Ewropea u huma meħtieġa sforzi konġunti biex jiġu vvalutati l-problemi eżistenti, biex tiġi aġġornata l-gwida dwar kwistjonijiet ta' rapportar, u biex il-kwistjonijiet jiġu indirizzati b'mod effettiv.

3.10. Il-KESE jinsab imħasseb li l-ebda skema taċ-ċibersigurtà ma ġiet adottata mill-Kummissjoni Ewropea permezz ta' atti ta' implimentazzjoni u l-ebda prodott għadu ma għie ċertifikat b'mod ċibernetiku erba' snin wara l-adozzjoni tal-Att tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà. L-aġenziji settorjali tal-UE għandhom ikunu involuti fil-proċess tal-iżvilupp tal-iskemi taċ-ċibersigurtà tal-UE u għandu jiġi adottat standard minimu Ewropew, f'kooperazzjoni mas-CEN, is-CENELEC u l-ETSI, inkluż għall-apparati tal-IoP u l-IoT.

3.11. Ix-xjenza tal-kompjuter u ċ-ċibersigurtà jridu jiġu inklużi fil-kurrikulu tal-iskejjel primarji u sekondarji fl-Istati Membri kollha. Peress li n-nuqqas ta' ħiliet fiċ-ċibersigurtà żdied f'dawn l-aħħar snin, il-Kumitat iqis li huwa meħtieġ li jiġu kkunsidrati inċentivi potenzjali biex tiġi appoġġjata din l-inizjattiva. Il-Kumitat jilqa' l-inizjattiva tal-Akkademja għall-Ħiliet taċ-Ċibersigurtà u jqis li huma meħtieġa indikaturi li jkejlu l-progress fit-tnaqqis tad-diskrepanzi fil-ħiliet taċ-ċibersigurtà.

3.12. L-ekonomija diġitali dinjija qed tiffaċċja theddida li qed tikber ta' attacchi ċibernetiċi sakemm ma jkunx hemm kooperazzjoni internazzjonali msaħħa fost il-pajjiżi, l-industrija u l-esperti biex jiġu stabbiliti definizzjonijiet u soluzzjonijiet komuni għaċ-ċibersigurtà. Il-kooperazzjoni internazzjonali hija vitali sabiex wieħed jifhem ir-riskji ċibernetiċi u n-natura li qed tinbidel tal-attakki ċibernetiċi globali, u b'hekk tiġi żgurata t-tħejjija biex dawn jiġu indirizzati. L-UE trid tinvolvi ruħha f'diskussjonijiet globali dwar l-istabbiliment ta' strateġija internazzjonali taċ-ċibersigurtà, bi sforzi internazzjonali komuni u kooperazzjoni msaħħa.

3.13. Biex tiġi stabbilita deterrenza effettiva, huwa essenzjali li jissaħħaħ ir-rispons tal-infurzar tal-liġi tal-UE billi wieħed jikkonċentra fuq id-detezzjoni, it-traċċabbiltà u l-prosekuzzjoni taċ-ċiberkriminali. L-investigazzjoni rapida tal-attakki ċibernetiċi u t-tressiq tal-awturi quddiem il-ġustizzja huma kruċjali, inkluż permezz ta' mezzi diplomatiċi f'każijiet mhux tal-UE.

<sup>(6)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża (Opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 293, 18.8.2023, p.21).



#### 4. Kummenti speċifiċi

4.1. Il-KESE jinnota li hemm diverġenza ta' viżjonijiet fir-rigward ta' azzjoni aktar ċentralizzata fil-livell tal-UE u s-setgħat u l-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri, u jqajjem dubji dwar il-qbil finali dwar din il-proposta, speċjalment peress li l-Istati Membri għamluha ċara fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2021 <sup>(7)</sup> li r-responsabbiltà għar-rispons għal inċidenti u kriżijiet sinifikanti taċ-ċibersigurtà li jaffettwaw pajjiżhom hija tagħhom.

4.2. Il-KESE japprezza r-rwol imsaħħaħ tal-ENISA u r-responsabbiltajiet addizzjonali proposti wara li jiġi adottat ir-Regolament. Madankollu, il-Kumitat jirrimarka li kwalunkwe attività addizzjonali għall-ENISA jeħtieġ li jkollha persunal speċifiku maħtur għall-kompiti u li jingħata l-baġit xieraq. Sakemm din il-kwistjoni ma tiġix solvuta, ir-rwol strateġiku ewlieni tal-ENISA ma jistax jitwettaq f'konformità mal-ambizzjonijiet tal-UE fil-qasam taċ-ċibersigurtà.

4.3. Il-KESE jqis li l-proposta tal-Kummissjoni mhijiex ċara dwar jekk SOC nazzjonali jistax ikun parti minn aktar minn SOC transfruntier wieħed. Barra minn hekk, mhuwiex ċar ukoll jekk ir-raggruppament ta' SOC nazzjonali hux se jsir skont kriterji ġeografiċi jew sempliċiment abbażi tar-rieda ħielsa tal-Istati Membri.

4.4. Il-KESE jitlob kjarifika ta' xi tfisser "ammont sinifikanti ta' data" fl-Artikolu 6, paragrafu 2, punt (a) ta' dan ir-Regolament u x'inhuma l-"miri" li tirreferi għalihom il-Kummissjoni fil-punt (c) tal-istess paragrafu.

4.5. Jekk il-proposta għal SOC transfruntiera titħaddan mill-Istati Membri, u biex jiġi żgurat l-involvement sħiħ tal-SOC nazzjonali u l-ġestjoni kondiviża mal-SOC transfruntiera, l-SOC ta' koordinazzjoni ta' kull konsorzju għandu jkollu mandat ta' sena, bl-SOC kollha jkollhom l-opportunità li jikkoordinaw it-tmexxija f'sistema ta' rotazzjoni.

4.6. Il-Kumitat iqis li l-finanzjament tal-UE għall-Konsorzju tal-Ospitanti għandu jkun tal-ispejjeż tal-akkwist kollha tal-għodod u l-infrastruttura u 50 % tal-ispejjeż operattivi (meta mqabbel mal-75 %-50 % stabbilit fil-proposta), sabiex jgħin fit-twaqqif tal-konsorzji aktar malajr. Il-koordinazzjoni dwar l-akkwist għandha tkun garantita.

4.7. Il-Kumitat iqis li l-effettività tat-Tarka Ċibernetika tal-UE biex tgħin lill-Istati Membri jħejju għal inċidenti ċibernetiċi u jirrispondu għalihom teħtieġ miżuri ta' prestazzjoni speċifiċi li jiffukaw fuq il-kisba ta' eżiti tanġibbli u KPIs li jevalwaw ir-riżultati. Il-KESE jirrakkomanda li l-ksur taċ-ċibersigurtà jiġi rreġistrat b'mod sistematiku u li din l-informazzjoni tkun disponibbli għall-partijiet ikkonċernati leġittimi. Dan se jippermetti l-valutazzjoni, l-implimentazzjoni ta' miżuri preventivi xierqa, u l-protezzjoni kontra telf potenzjali.

4.8. Il-KESE jirrikonoxxi u japprova l-proposta li l-Istati Membri jkunu jistgħu jitolbu kopertura għall-ispejjeż assoċjati mal-bgħit ta' timijiet ta' esperti fil-qafas tal-assistenza reċiproka. Filwaqt li għandu jiġi appoġġjat il-proċess ta' assistenza reċiproka, il-mekkaniżmu ta' solidarjetà għandu jiġi ttestjat b'mod xieraq u gradwali sabiex tiġi ppruvata l-effettività tiegħu qabel ma jiġi implimentat bis-sħiħ.

4.9. Il-Kumitat jinsab imħasseb li aktar u aktar esperti internazzjonali fit-teknoloġija tal-IA (Elon Musk, Geoffrey Hinton, eċċ.) qed iwissu dwar it-theddida eżistenzjali li joħloq l-iżvilupp tal-IA f'ambjent mhux regolat. Ir-regolamentazzjoni tal-IA trid tkun aktar profonda mill-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali <sup>(8)</sup>, u l-KESE jappella għal użu responsabbli tat-teknoloġija tal-IA fil-proġetti kollha fl-UE, inkluża ċ-ċibersigurtà. Huma meħtieġa minnufih aktar diskussjoni u qafas regolatorju msaħħaħ.

4.10. Il-KESE diġà qal li: "[l]-UE għandha tieħu pożizzjoni b'saħħitha kontra kwalunkwe tip ta' sistema ta' punteġġ soċjali kontra ċ-ċittadini. Il-KESE jagħmilha ċara li d-demokrazija vera ma tistax teżisti mingħajr protezzjoni effettiva tad-data personali" <sup>(9)</sup>. Il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt taċ-ċittadini għall-privatezza jridu jibqgħu regoli essenzjali meta jiġu żviluppati sistemi taċ-ċibersigurtà mtejba madwar l-UE.

<sup>(7)</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2021 dwar l-esplorazzjoni tal-potenzjal tal-inizjattiva Ċibernetika Konġunta.

<sup>(8)</sup> Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali.

<sup>(9)</sup> L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża (Opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 293, 18.8.2023, p.21).

4.11. L-Ewropej għandhom rwol importanti fis-sinjalar ta' theddid ċibernetiku lill-awtoritajiet rilevanti. Il-KESE jqis li huwa essenzjali li jiġu ggarantiti kanali ta' komunikazzjoni adatti mal-pubbliku u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u jappella għal pjattaforma deżinjata biex tirċievi intelligence rilevanti dwar it-theddid ċibernetiku. Sabiex jinħolqu għodod għall-interazzjoni mal-pubbliku, il-Kumitat jappella għal kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni biex jiġu promossi l-għodod diġà disponibbli.

4.12. L-UE u n-NATO għandhom jaħdmu flimkien biex jarmonizzaw iċ-ċibersigurtà u standards tekniċi oħra fis-settur tad-difiża sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-ostakli burokratiċi u l-burokrazija. Barra minn hekk, l-UE u n-NATO għandhom jikkollaboraw fejn jidhru l-istandards tal-akkwist u għandhom jistabbilixxu b'mod konġunt qafas ta' akkwist effettiv u trasparenti li jippermetti lill-kumpanji, speċjalment lill-SMEs, jipparteċipaw f'offerta pubbliċi u jikkompetu b'mod ġust.

4.13. Il-KESE jqis li s-sorsi ta' finanzjament disponibbli proposti fil-livell tal-UE mhumiex biżżejjed, u jitlob li jinstabu sorsi addizzjonali, inkluż il-ġbir flimkien ta' riżorsi ta' finanzjament privat. Huwa jinnota li l-Kummissjoni ma offrietx stima speċifika tal-ispejjeż għall-programmi tal-IA, it-teknoloġiji analitiċi tad-data u l-proġetti ta' żvilupp tal-infrastruttura meħtieġa fl-Istati Membri kollha u fil-livell tal-UE li se jkun u neċċessarji biex jiġu implimentati l-azzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

4.14. Il-Kummissjoni tippromovi li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż l-ispeċifikazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-interoperabbiltà bejn l-SOCs transfruntiera, l-istabbiliment ta' arranġamenti proċedurali għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni waqt inċidenti taċ-ċibersigurtà, u d-definizzjoni ta' rekwiżiti tekniċi għas-sigurtà tat-Tarka Ċibernetika Ewropea, eċċ. Il-KESE jqis li dawn il-kwistjonijiet kollha kellhom jiġu ċċarati qabel u ppreżentati f'din il-proposta għal Regolament, peress li ċ-ċibersigurtà tibqa' prerogattiva tal-Istati Membri, u t-tqegħid ta' wisq setgħa biex tiġi eżerċitata bidla f'idejn il-Kummissjoni jista' jiġġenera tensjonijiet bla bżonn billi tiġi evitata s-sistema demokratika tal-UE.

4.15. L-Att dwar iċ-Ċibersigurtà jinkludi komponent industrijali li għandu l-għan li jstabbilixxi suq unifikat għas-soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà permezz tal-ħolqien tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà. Madankollu, il-proċedura biex jintalab appoġġ mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE tidher li għaddeja bil-mod ħafna, mingħajr ebda skadenza ċara biex jingħata rispons. Il-Kumitat jenfasizza li r-rispons meħtieġ f'każ ta' inċident ċibernetiku għandu jkun rapidu ħafna, u huwa ċar li din il-proċedura b'lista twila mhux se twassal għal riżultati.

4.16. Il-Kummissjoni Ewropea spjegat li ma saritx valutazzjoni tal-impatt minħabba n-natura urġenti tal-proposta. Hija ppropriet ukoll li tippreżenta rapport dettaljat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill erba' snin wara li r-Regolament jidħol fis-seħħ. Minħabba l-iżviluppi mgħaġġla fil-qasam taċ-ċibersigurtà, il-KESE jqis li r-rapport għandu jiġi ppreżentat sentejn wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament, flimkien mal-valutazzjoni tal-impatt li hija nieqsa minn dan ir-Regolament. Barra minn hekk, huwa jirrakkomanda bil-qawwa li l-proposta tagħti aktar attenzjoni lir-rispett tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, f'konformità mal-Artikolu 4(2) tat-TUE. Dan huwa importanti għall-prevenzjoni tat-tensjoni bejn l-azzjoni ċentralizzata tal-UE u s-setgħat u l-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri.

4.17. Fl-aħħar nett, il-KESE jenfasizza l-importanza li l-kunsiderazzjonijiet taċ-ċibersigurtà jiġu integrati fil-politiki kollha tal-UE.

Brussell, it-13 ta' Lulju 2023.

Oliver RÖPKE  
Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Reviżjoni tal-Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi — Patt ġdid għall-pollinaturi”**

(COM/2023/35 final)

(2023/C 349/26)

Relatur: **Jarmila DUBRAVSKÁ**

Korelatur: **Veselin MITOV**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 24.1.2023
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adozzjoni fis-sezzjoni	28.6.2023
Adozzjoni fil-plenarja	13.7.2023
Sessjoni plenarja Nru	580
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	182/0/3

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jappoġġja l-Komunikazzjoni ambizzjuża tal-Kummissjoni <sup>(1)</sup>, li tindirizza x-xejra ta' tnaqqis tal-pollinaturi selvaġġi fl-UE. Madankollu, iqis li ma sarx biżżejjed progress ħames snin wara l-inizjattiva oriġinali, b'mod partikolari f'termini tal-kisba tad-data meħtieġa biex tmexxi 'l quddiem l-azzjoni ta' politika. Il-KESE jinnota nuqqas ta' governanza ċara dwar l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet proposti u jhegġegħ lill-Istati Membri japprovaw il-Komunikazzjoni attwali mingħajr dewmien.

1.2. It-tnaqqis tal-pollinaturi huwa attribwit għal diversi fatturi, inklużi sorsi insuffiċjenti tal-ikel, nuqqas ta' prattiki tan-newba tal-għelejjel, il-ġestjoni tal-pestiċidi fi Stati Membri differenti, il-konsum tal-pestiċidi għal kull ettaru ta' art agrikola, l-imġiba tal-abitanti urbani u rurali, l-invażjoni ta' speċijiet mhux nattivi ta' insetti u pjanti, il-predaturi, il-metodi ta' ġestjoni ta' dawk li jrabbu n-naħal, l-infezzjonijiet patoġeniċi inklużi l-virusi u kunsiderazzjonijiet relatati mat-tibdil fil-klima. Il-Kumitat jilqa' l-introduzzjoni ta' sistema pan-Ewropea għall-monitoraġġ u l-governanza tal-pollinaturi (EU-PoMS).

1.3. Il-KESE jqis li huwa kruċjali li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva fl-Istati Membri kollha u li tissaħħaħ il-kollaborazzjoni fost l-awtoritajiet pubbliċi, il-partijiet ikkonċernati privati, l-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-partijiet interessati agrikoli. Il-Kumitat jenfasizza wkoll l-iskarsezza ta' professjonisti speċjalizzati f'dan il-qasam.

1.4. Il-Kumitat jappella bil-qawwa għal finanzjament sinifikanti għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (R&I) biex tinġabar data xjentifika essenzjali u jittieħdu inizjattivi adatti biex jitreġġa' lura t-tnaqqis fil-popolazzjonijiet tal-pollinaturi, inkluż fi ħdan il-programm Orizzont Ewropa. Il-koordinazzjoni fil-livell tal-UE hija essenzjali biex jiġi żgurat li d-data nazzjonali tiġi kkonsolidata u analizzata permezz ta' pjattaforma ddedikata tal-UE għall-pollinaturi, li tippermetti aċċess miftuħ għad-data.

1.5. Il-KESE jirrakkomanda l-ħolqien ta' programm u strateġija għal żoni urbani li jiffavorixxu l-pollinaturi, li jżidu l-prattiki ta' ġestjoni tal-użu tal-art biex titrawwem id-diversità fost il-pollinaturi u jiġu kkonservati l-ħabitats naturali fir-reġjuni urbani u periurbani.

1.6. Biex isir progress sinifikanti, l-UE u l-Istati Membri jeħtiġilhom jaqsmu l-għarfien minnufih, jikkonċentraw ir-riċerka fuq prattiki agrikoli sostenibbli u metodi effettivi ta' ġestjoni integrata tal-pesti (IPM).

<sup>(1)</sup> COM(2023) 35 final.

1.7. Il-KESE jappella għal edukazzjoni adatta għall-bdiewa dwar miżuri ambjentali permezz ta' sistemi konsultattivi nazzjonali u reġjonali għall-azjendi agrikoli, li jinkludu l-użu ta' pestiċidi b'riskju baxx li ma jagħmlu l-ebda ħsara lill-pollinatori u l-IPM. Huma meħtieġa wkoll programmi ta' taħriġ li għandhom l-għan li jżidu l-għarfien dwar l-ekoloġija, l-identifikazzjoni u r-restawr tal-habitats tal-pollinatori.

1.8. Il-Kumitat jappella għal studju tal-UE mmirat biex jipprovdi data preċiża dwar l-impatt tar-radjazzjoni elettromanjetika emessa mill-antenni tat-telekomunikazzjoni fuq il-pollinatori selvaġġi fil-habitats naturali tagħhom u dwar il-miżuri ta' politika meħtieġa biex tiġi żgurata protezzjoni effettiva tal-pollinatori.

1.9. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li tinħoloq metrika għat-tniġġis tad-dawl fl-UE, bl-użu ta' data satellitari, sabiex jiġu evalwati u osservati l-effetti reġjonali u lokali fuq il-pollinatori.

1.10. Il-Kumitat jilqa' t-talba tal-Kummissjoni għal appoġġ mill-Kumitat tar-Reġjuni għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva tal-pollinatori, iżda jinsab diżappuntat li l-KESE s'issa lanqas issemma' darba fiż-żewġ inizjattivi, speċjalment fir-rigward tal-kapaċità tiegħu li jippromovi din l-istrateġija fost kategoriji differenti ta' partijiet interessati, inkluż permezz ta' sensibilizzazzjoni fost l-imsieħba soċjali nazzjonali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini.

1.11. Il-Kumitat jenfasizza l-ħtieġa għal finanzjament adatt biex jintlaħqu l-aspettattivi deskritti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u tiġi żgurata l-konsistenza fost il-miżuri u l-istrumenti ta' politika differenti li għandhom impatt fuq il-konservazzjoni tal-pollinatori selvaġġi. Irid jiġi pprovdut ukoll finanzjament biex il-pubbliku iġenerali jiġi infurmat aħjar dwar it-tnaqqis tal-pollinatori u l-impatt fuq ħajjitna, kif ukoll dwar l-impatt tan-nuqqas ta' azzjoni fuq il-ġenerazzjonijiet futuri.

1.12. L-implimentazzjoni ta' miżuri b'saħħithom hija essenzjali għas-salvagwardja tal-pollinatori selvaġġi matul il-proċess tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi u l-fażi tal-użu tagħhom. Il-KESE jappella għal aktar trasparenza fir-rigward tal-użu tal-pestiċidi fl-UE u f'pajjiżi terzi.

1.13. L-aktar soluzzjoni effettiva hija li jintlaħaq ftehim fid-dinja biex jitnaqqas l-użu tal-pestiċidi sintetiċi, u li jiġu żgurati impenn universali u kompetizzjoni ġusta. Għalkemm dan jidher li huwa kompitu diffiċli, huwa meħtieġ approċċ olistiku u li jsiru aktar sforzi fin-negozjati internazzjonali. Dan jinkludi diskussjoni serja dwar projbizzjoni fuq l-esportazzjoni ta' pestiċidi, li diġà huma projbiti għall-użu fl-UE.

## 2. Kummenti ġenerali

2.1. Ir-rikonoxximent tal-benefiċċji essenzjali tal-pollinatori u s-servizzi tal-ekosistema li jipprovdu huwa kruċjali biex jintlaħqu għadd ta' Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU. Il-pollinatori jservu bħala kejl kruċjali biex tiġi ddeterminata s-saħħa tal-ambjent tagħna, u jipprovdu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u kulturali indispensabbli.

2.2. Il-Kummissjoni ħejjet rieżami tal-Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinatori, li tipprova tindirizza x-xejra ta' tnaqqis tal-pollinatori selvaġġi fl-UE. Il-KESE jappoġġja l-Komunikazzjoni ambizzjuża iżda jikkonkludi li, ħames snin wara l-inizjattiva oriġinali, ftit li xejn sar progress, speċjalment fir-rigward tal-ksib tad-data kollha meħtieġa u disponibbli biex l-azzjoni ta' politika tabilħaqq titmexxa 'l quddiem.

2.3. Il-pollinatori mhumiex biss parti essenzjali ta' ekosistemi li jiffunzjonaw, iżda huma wkoll il-bażi għall-ħajja fuq il-pjaneta tagħna. Huma magħrufa eluf ta' speċijiet differenti ta' pollinatori selvaġġi u n-naħal huma l-aktar speċi magħrufa. Diversi fatturi għandhom impatt fuq it-tnaqqis tal-pollinatori selvaġġi u l-KESE jenfasizza l-importanza li jintuża l-prinċipju ta' prekawzjoni biex jiġu salvagwardjati.

2.4. Il-KESE japprezza l-pjani ambizzjużi stabbiliti f'din il-Komunikazzjoni, iżda jinnota li din hija lista twila ta' proġetti futuri li se jeħtieġu perjodi ta' żmien suffiċjenti. Minħabba l-pressjoni taż-żmien, il-KESE kien jistenna miżuri u azzjonijiet ċari fuq terminu qasir li jibnu fuq it-tagħlimiet misluta s'issa, abbażi tar-rapport dwar l-Inizjattiva dwar il-Pollinatori oriġinali (?). Il-Kumitat jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa ta' azzjoni transsettorjali – u fl-istess ħin immedjata – fl-Istati Membri kollha, u jilqa' l-introduzzjoni ta' sistema pan-Ewropea għall-monitoraġġ u l-governanza tal-pollinatori (Skema ta' Monitoraġġ tal-Pollinatori tal-UE, EU-PoMS).

(?) COM(2021) 261 final.

2.5. Il-KESE jhegġegħ lill-Istati Membri biex jaqblu minnufih u jimpenjaw ruħhom dwar l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu fil-perjodu ta' żmien qasir, medju u twil, u qed jistenna approvazzjoni rapida tal-Komunikazzjoni attwali.

#### 2.6. Fatturi li jinfluwenzaw it-tnaqqis tal-pollinaturi

2.6.1. Hemm bosta fatturi li jaffettwaw l-okkorrenza tal-pollinaturi fl-ambjent naturali <sup>(3)</sup>. Fost l-aktar importanti hemm l-ambjent, in-nuqqas tan-newba tal-għelejjel u l-enfasi tal-bdiewa biex jimmassimizzaw il-produzzjoni, iżda wkoll l-imġiba tal-abitanti urbani u rurali. It-tnaqqis tal-pollinaturi jista' jiġi attribwit ukoll għal fatturi oħra bħal sorsi insuffiċjenti tal-ikel, attakki minn speċijiet invażivi ta' insetti u pjanti, predaturi, ġestjoni tal-pestiċidi fiż-żoni rurali u urbani, prattiki ta' ġestjoni tal-kaxex tan-naħal ta' dawk li jrabbuhom, u, b'mod aktar sinifikanti, infezzjonijiet patoġeniċi inklużi l-virusi u l-fatturi tat-tibdil fil-klima.

2.6.2. Il-Kumitat jinnota li hemm relazzjoni ċara bejn it-tnaqqis tal-pollinaturi u l-użu tal-pestiċidi għal kull ettaru ta' art agrkola u l-produzzjoni tal-ikel fl-Istati Membri <sup>(4)</sup>. L-awtorizzazzjonijiet ta' emerġenza tal-użu tal-pestiċidi mill-Istati Membri huma eżempju tal-problemi fil-prattika ta' kif tiġi ġestita l-protezzjoni tal-pjanti b'mod effiċjenti u jiġu żgurati l-kwalità u l-kwantità tal-produzzjoni. L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel iddeterminat li kienu disponibbli alternattivi għal madwar terz tal-eċċezzjonijiet biss għal derogi ta' emerġenza rigward l-użu ta' dawn in-neonikotinojdi. Il-KESE jfakkar id-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tad-19 ta' Jannar 2023 fil-Kawża C-162/21 li skontha l-Istati Membri ma jistgħux jagħtu aktar awtorizzazzjonijiet ta' emerġenza għal prodotti li fihom in-neonikotinojdi.

### 3. PRIJORITÀ I: It-titjib tal-għarfien dwar it-tnaqqis tal-pollinaturi, il-kawżi u l-konsegwenzi tiegħu

3.1. Il-KESE jqis li hemm bżonn kbir li tiżdied il-kapaċità amministrattiva fl-Istati Membri u li jkun hemm aktar kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-partijiet interessati privati, inklużi l-istituti tar-riċerka u x-xjentisti, mingħajr ma jintnesa s-settur agrikolu.

3.2. Il-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-għarfien espert u t-twettiq ta' sforzi kollettivi fost il-partijiet ikkonċernati differenti huma kruċjali għat-tfassil ta' miżuri kosteffettivi u għall-isfruttament ta' sinerġiji. Approċċ komprensiv bħal dan jeħtieġ kollaborazzjoni effettiva fost dawk li jfasslu l-politika, il-partijiet ikkonċernati, u l-pubbliku ġenerali.

3.3. Il-KESE jinnota li minbarra t-tnaqqis fil-popolazzjonijiet tal-pollinaturi, hemm ukoll nuqqas ta' esperti fil-qasam. L-isforzi nazzjonali biex jiġu żgurati l-għbir u l-analiżi tad-data jridu jiġu kkoordinati fil-livell tal-UE fi ħdan pjattaforma tal-UE ddedikata għall-pollinaturi li tiffaċilita l-aċċess miftuħ għad-data. Pjattaforma bħal din tippermetti lill-individwi jikkontribwixxu għal sforz kollettiv, u tibni komunità ta' data b'sors miftuħ u repożitorju ta' algoritmi u mudelli vverifikati.

3.4. Il-Kumitat qed jappella għal finanzjament konkret u sinifikanti għar-RŻI sabiex tinġabar l-informazzjoni xjentifika kollha meħtieġa u jiġu segwiti inizjattivi adegwati biex jitreggħa' lura t-tnaqqis tal-pollinaturi.

3.5. Il-KESE japprezza l-fatt li wara li ġiet adottata l-inizjattiva inizjali, il-Kummissjoni inkorporat suġġett speċifiku dwar il-pollinaturi fil-programm ta' ħidma 2018-2020 ta' Orizzont 2020. Fi ħdan il-programm Orizzont Ewropa jrid jiġi allokati finanzjament addizzjonali għar-riċerka dwar il-pollinaturi, inkluża, iżda mhux biss, ir-riċerka dwar ir-raġunijiet tat-tnaqqis, u għall-monitoraġġ tal-ispeċijiet u tal-popolazzjonijiet tal-pollinaturi fl-UE, anke fiż-żoni urbani.

### 4. PRIJORITÀ II: It-titjib tal-konservazzjoni tal-pollinaturi u l-indirizzar tal-kawżi tat-tnaqqis tagħhom

4.1. Il-KESE jirrikonoxxi l-importanza tad-data disponibbli dwar il-pollinaturi biex jiġu definiti aktar l-istrateġiji għall-konservazzjoni tal-pollinaturi u jistenna miri speċifiċi u kwantifikabbli fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri biex jiġu restawrati l-popolazzjonijiet u l-ħabitats tal-pollinaturi fl-UE.

<sup>(3)</sup> Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej — Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 100, 16.3.2023, p. 45).

<sup>(4)</sup> Eurostat, Agri-environmental indicator – consumption of pesticides (Indikatur agroambjentali – il-konsum tal-pestiċidi, mhux disponibbli bil-Malti).



4.2. Il-KESE jissuġġerixxi li l-ewwel azzjoni kruċjali hija li jiġu identifikati l-habitats u n-networks urbani attwali u possibbli għall-pollinaturi, u jappoġġja l-inizjattiva tal-Kummissjoni li thegġegħ lill-bliet jimplementaw il-gwida għal bliet favur il-pollinaturi <sup>(5)</sup>. Barra minn hekk, il-KESE jirrakkomanda l-istabbiliment ta' programm u viżjoni għall-bliet li huma favur il-pollinaturi, it-tisħiħ tal-ġestjoni tal-użu tal-art biex tiġi promossa d-diversità tal-pollinaturi u l-konservazzjoni ta' żoni dedikati għan-natura fir-reġjuni urbani u periurbani. Il-Kumitat diġà kien favur li "[l-art] trid tiġi ġestita bir-reqqa fl-Istati Membri kollha, filwaqt li jiġi żgurat il-bilanċ tajjeb bejn il-kompetittività u s-sostenibbiltà, u jiġu pprovduti l-opportunitajiet ta' finanzjament meħtieġa" <sup>(6)</sup>.

4.3. Biex jiġu stabbilizzati l-għadd u l-abbundanza tal-pollinaturi fil-kampanja, huwa essenzjali li jinħolqu kundizzjonijiet adatti permezz tal-ġestjoni tal-art agrikola. Il-KESE jenfasizza li sistemi tal-ikel aktar sostenibbli mhux se jinkisbu mingħajr politiki pubbliċi li jipprovdu appoġġ finanzjarju adegwat lill-bdiewa. Il-finanzjament mill-PAK mhux se jkun possibbli għall-ġestjoni tal-appoġġ.

4.4. Kwalunkwe miżura li tgħin biex tiġi stabbilizzata d-distribuzzjoni tal-pollinaturi trid tiġi vvalutata b'mod realistiku. Iridu jiġu esklużi miżuri potenzjalment konfliġġenti u jiġu promossi b'mod sistematiku miżuri adatti. Il-KESE jemmen li hemm nuqqas ta' governanza ċara dwar l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet proposti, u jqis li se jkun hemm diskrepanza sinifikanti bejn l-isforzi ta' Stati Membri differenti.

4.5. Il-varjazzjoni għolja fl-użu tal-pestiċidi għal kull ettaru ta' art agrikola fl-Istati Membri twassal għal disparitajiet mhux biss fil-konservazzjoni tan-natura iżda wkoll fil-produzzjoni. L-UE u l-Istati Membri għandhom jespandu malajr id-distribuzzjoni tal-għarfien u jiffukaw l-isforzi tar-riċerka fuq l-agroekoloġija, l-użu sostenibbli tal-pestiċidi u l-prattiki tajbin tal-IPM.

4.6. Il-KESE jirrakkomanda l-implimentazzjoni ta' sistema trasparenti ta' kontroll biex jiġu infurzati l-istess livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi fi prodotti tal-ikel importati bħal dawk stabbiliti għall-ikel prodott fl-Unjoni. Il-Kumitat diġà talab lill-Kummissjoni timplimenta mill-aktar fis ir-reċiproċità tal-istandards sabiex tillimita d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni għall-bdiewa Ewropej <sup>(7)</sup>. Il-konsumaturi għandhom jiġu protetti u l-prodotti ta' kwalità tajba għandhom jiġu offruti bi prezzijiet ġusti.

4.7. Il-KESE jappella għal edukazzjoni adatta għall-bdiewa dwar miżuri ambjentali permezz ta' sistemi konsultattivi nazzjonali u reġjonali għall-azzjoni agrikola, li jinkludu l-użu ta' pestiċidi b'riskju baxx u l-IPM.

4.8. L-indikaturi tal-istatus tal-popolazzjoni tal-pollinaturi jeħtieġ li jiġu żviluppati sal-2024 sabiex ikunu jistgħu jiġu vvalutati fi ħdan il-PAK. Pass essenzjali huwa li titwettaq evalwazzjoni komprensiva tal-impatt tal-PAK għall-prevenzjoni tat-tnaqqis tal-pollinaturi u li jithegġgu Prattiki li jregġġu lura dan it-tnaqqis. L-Istati Membri għandhom jippromovu d-direzzjoni tal-fondi ta' assistenza teknika pprovduti fi ħdan il-PAK lejn il-pollinaturi, u jużaw fondi addizzjonali għall-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-ambjent.

4.9. L-istrixxi tal-fjuri huma riżerva tajba għal speċijiet differenti ta' pollinaturi u bla dubju se jikkontribwixxu għall-protezzjoni tagħhom. Madankollu, dawn jistgħu jkunu ta' riskju għan-naħal u għal pollinaturi oħra jekk jinżergħu qrib l-ilma ta' taħt l-art u l-pestiċidi inkwistjoni jkunu għadhom fil-ħamrija. Għaldaqstant, se jkunu meħtieġa fondi għar-riċerka u l-iżvilupp ta' metodoloġija ċara għall-istrixxi tal-fjuri.

<sup>(5)</sup> Kummissjoni Ewropea, A guide for pollinator-friendly cities (Gwida għal bliet favur il-pollinaturi, mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(6)</sup> Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/841 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, is-simplifikazzjoni tar-regoli tal-konformità, l-istabbiliment tal-miri tal-Istati Membri għall-2030 u l-impenn għall-kisba kollettiva tan-newtralità klimatika sal-2035 fis-settur tal-użu tal-art, tal-forestrija u tal-agrikoltura, u (UE) 2018/1999 fir-rigward tat-titjib fil-monitoraġġ, fir-rapportar, fit-traċċar tal-progress u fir-rieżami"[COM(2021) 554 final] (ĠU C 152, 6.4.2022, p. 192).

<sup>(7)</sup> Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115" (COM(2022) 305 final — 2022/0196 (COD)) (ĠU C 100, 16.3.2023, p. 137).

4.10. Skont xi studji xjentifiċi <sup>(8)</sup>, ir-radjazzjoni elettromanjetika emessa mill-antenni tat-telekomunikazzjoni jista' jkollha impatt fuq il-popolazzjoni tal-pollinatori selvaġġi fil-ħabitats naturali tagħhom. Barra minn hekk, fl-2018, il-Kumitat Xjentifiku tal-Kummissjoni Ewropea dwar ir-Riskji Sanitarji, Ambjentali u Emerġenti (SCHEER) ikklassifika fl-ogħla kategorija possibbli r-riskju li r-radjazzjoni elettromanjetika (b'mod partikolari dik marbuta mal-5G) ikollha impatt negattiv fuq l-ambjent <sup>(9)</sup>. Valutazzjonijiet addizzjonali mwettqa mill-programm Eklipse, kif ukoll minn riċerkaturi indipendenti, ikkonfermaw li l-kampi elettromanjetiċi jistgħu jaġġmlu ħsara lill-popolazzjonijiet tal-insetti <sup>(10)</sup>. Il-Kumitat jappella għal studju tal-UE li jipprovi data preċiża dwar din il-kwistjoni u dwar l-azzjonijiet ta' politika meħtieġa biex tiġi żgurata protezzjoni effiċjenti tal-pollinatori.

4.11. Il-KESE jqis li jeħtieġ li tiġi żviluppata metrika għat-tniġġis tad-dawl fl-UE, abbażi ta' data satellitari, sabiex jiġi vvalutat u mmonitorjat l-impatt reġjonali u lokali fuq il-pollinatori.

4.12. Il-fondi pprovduti mill-politika ta' koeżjoni tal-UE jistgħu jintużaw biex isir investiment fil-protezzjoni u r-restawr tan-natura u l-bijodiversità, fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u fl-iżguraw ta' żvilupp urban sostenibbli, bħall-implimentazzjoni ta' infrastruttura ekoloġika bbażata fuq in-natura għall-pollinatori. Il-KESE japprezza r-rakkomandazzjoni 11.2 tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward.

## 5. PRIJORITÀ III: Il-mobilizzazzjoni tas-soċjetà u l-promozzjoni tal-ippjanar u l-kooperazzjoni strateġiċi fil-livelli kollha

5.1. Il-KESE jilqa' t-talba tal-Kummissjoni għal appoġġ mill-Kumitat tar-Reġjuni għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva dwar il-pollinatori fost l-awtoritajiet lokali u reġjonali. Madankollu, il-Kumitat huwa diżappuntat li lanqas issemma' darba f'din l-inizjattiva <sup>(11)</sup> jew fl-inizjattiva oriġinali <sup>(12)</sup>, speċjalment fir-rigward tar-rwol tiegħu bħala l-voċi tas-soċjetà ċivili tal-UE. Il-KESE jqis li għandu jingħata dmirijiet speċifiċi biex jippromovi din l-istrateġija fost kategoriji differenti ta' partijiet interessati, inkluż permezz ta' sensibilizzazzjoni fost l-imsieħba soċjali nazzjonali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ċittadini.

5.2. Għandhom jintużaw għodod ta' komunikazzjoni speċifiċi għas-sensibilizzazzjoni fost iċ-ċittadini dwar it-tnaqqis tal-pollinatori u l-impatt tiegħu fuq ħajjitna, kif ukoll l-impatt tan-nuqqas ta' azzjoni (inklużi l-implikazzjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali għall-ġenerazzjonijiet futuri), u għall-promozzjoni ta' kampanji ta' informazzjoni fil-media pubblika fl-Istati Membri kollha. Irid jiġi provdut finanzjament biex il-pubbliku iġenerali jiġi infurmat aħjar, inkluż permezz tal-media soċjali u permezz tar-reklami qosra fuq it-televiżjoni matul l-aktar ħinijiet popolari mal-udjenzi.

5.3. Il-KESE jirrikonoxxi r-rwol importanti tal-koalizzjoni tal-voluntiera favur il-pollinatori (Coalition of the Willing) <sup>(13)</sup>, li hija pjattaforma mmexxija mill-UE li tinkludi nazzjonijiet membri li huma ddedikati għall-iskambju tal-għarfien u l-aħjar prattiki, it-tweġiq ta' riċerka dwar il-preservazzjoni tal-pollinatori, u l-offerta ta' assistenza u kooperazzjoni reċiproċi.

5.4. Il-KESE jappella għal programmi ta' taħriġ immirati biex iżidu l-għarfien dwar l-ekoloġija tal-pollinatori, l-identifikazzjoni u r-restawr tal-ħabitats għall-konsulenti tal-azjendi agrikoli, il-bdiewa, il-forestiera, il-manigġers tal-art, u dawk responsabbli mill-ippjanar tal-pajsaġġ.

## 6. Kummenti finali

6.1. Il-Kummissjoni ħejjiet lista prijoritizzata ta' 42 azzjoni b'dati stabbiliti ċari. Jetieġ li tiġi stabbilita skeda ta' żmien dettaljata għat-tnejn u l-ittestjar sussegwenti tal-azzjonijiet proposti. Skeda ta' żmien stabbilita b'dan il-mod tagħmilha aktar faċli biex tiġi kkontrollata kif ukoll aktar faċli biex tinkiseb għall-parteċipanti kollha.

6.2. Il-KESE jemmen li kollaborazzjoni effettiva u allokkazzjoni adatta tar-riżorsi se jkun kruċjali biex tiġi żgurata l-konsistenza fost il-miżuri u l-istrumenti ta' politika differenti li għandhom impatt fuq il-konservazzjoni tal-pollinatori selvaġġi. Il-Kumitat jenfasizza l-importanza ta' fondi korrispondenti biex jintlaħqu l-aspettattivi fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni.

<sup>(8)</sup> Electromagnetic radiation of mobile telecommunication antennas affects the abundance and composition of wild pollinators (Ir-radjazzjoni elettromanjetika tal-antenni tat-telekomunikazzjoni mobbli taffettwa l-abbundanza u l-kompożizzjoni tal-pollinatori selvaġġi, mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(9)</sup> SCHEER, Statement on emerging health and environmental issues (2018) (Dikjarazzjoni dwar kwistjonijiet emerġenti tas-saħħa u tal-ambjent (2018), mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(10)</sup> Risk to pollinators from anthropogenic electro-magnetic radiation (EMR) (Riskju għall-pollinatori minn radjazzjoni elettromanjetika antropoġenika, mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(11)</sup> COM(2023) 35 final.

<sup>(12)</sup> COM(2018) 395 final.

<sup>(13)</sup> Coalition of the Willing on Pollinators, Promote Pollinators.

6.3. Huma meħtieġa salvagwardji mtejbja biex jiġu protetti l-pollinaturi selvaġġi, kemm matul il-proċess tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi kif ukoll fil-fażi tal-użu tal-pestiċidi. In-nuqqas ta' adozzjoni ta' strateġija kuraġġuża biex jiġi indirizzat l-użu tal-pestiċidi jipperikola l-futur tan-naħal u pollinaturi oħra, l-ekosistema kollha tagħna, u s-sigurtà tal-ikel tar-residenti tal-UE. Hemm hteġġa għal trasparenza akbar rigward l-użu attwali tal-pestiċidi fl-UE.

6.4. Il-Kumitat jemmen li l-aktar approċċ effettiv, u soluzzjoni ideali, huwa li jintlaħaq ftehim dinji biex jitnaqqas l-użu tal-pestiċidi sintetiċi, u li jiġu ggarantiti impenn universali u kompetizzjoni ekonomika ġusta. Għalkemm dan jidher li huwa tassew ambizzjuż, huwa meħtieġ approċċ olistiku u l-isforzi fin-negozjati internazzjonali jridu jiġu intensifikati. Dan jinkludi diskussjoni serja dwar projbizzjoni fuq l-esportazzjoni ta' pestiċidi lejn pajjiżi terzi, li diġà huma pprojbiti għall-użu fl-UE.

Brussell, it-13 ta' Lulju 2023.

Oliver RÖPKE  
Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

---

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar**

**“(a) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti”**

[COM(2023) 62 final]

**u “(b) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta’ qafas ta’ miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta’ prodotti ta’ teknoloġija b’emissjonijiet żero netti (l-Att dwar l-Industrija b’Emissjonijiet Żero Netti)”**

[COM(2023) 161 final – 2023/0081 (COD)]

(2023/C 349/27)

Relatur: **Sandra PARTHIE**

Konsultazzjoni	(a) Kummissjoni Ewropea, 27.3.2023 b) Parlament Ewropew, 8.5.2023 (b) Kunsill, 11.5.2023
Bażi legali	(a) Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (b) Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adozzjoni fis-sezzjoni	29.6.2023
Adozzjoni fil-plenarja	13.7.2023
Sessjoni plenarja Nru	580
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	193/3/3

### 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. L-Unjoni Ewropea (UE) trid tibqa’ sit industrijali. Trid tkun assertiva dwar il-post tagħha bħala attur globali u tidentifika l-għodod, il-miżuri u l-istrumenti politiċi li teħtieġ biex terġa’ ssir aktar rapida, aktar innovattiva u attraenti għall-investituri, filwaqt li żżomm il-valuri soċjali u ambjentali tagħha, bħal sistemi li jiffunzjonaw tajjeb ta’ djalogu soċjali u ta’ protezzjoni soċjali, ir-rispett għall-istat tad-dritt u istituzzjonijiet stabbli.

1.2. Il-kuntest ekonomiku globali nbidel għall-UE u hemm tnaqqis fis-sistema multilaterali bbażata fuq ir-regoli u żieda fil-protezzjoniżmu. Il-kompetizzjoni għall-investimenti internazzjonali saret aktar ħarxa, mhux biss minħabba l-Att tal-Istati Uniti dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni, iżda wkoll minħabba kompetizzjoni aktar ħarxa għall-materja prima, żviluppi fil-prezzijiet tal-enerġija u bidliet fl-istrutturi tal-katina tal-provvista globali. Għalhekk, l-UE għandha tivvaluta mill-ġdid il-prijoritajiet ta’ politika tagħha biex ittejjeb il-kompetittività strutturali u sostenibbli tagħha. Fid-dawl tal-hteġa li tissaħħaħ il-kompetittività tan-negozji tal-UE, trid tiġi inkorporata verifika tal-kompetittività fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, u jiġi żgurati bilanċ bejn id-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet għall-proposti leġiżlattivi.

1.3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) huwa konvint li mhux se jkun possibbli li l-Patt Ekoloġiku, id-Deċennju Diġitali, jew is-settur industrijali, dak spazjali jew dak awtomobilistiku jirnexxu fil-futur mingħajr bażi industrijali b’saħħitha. Lanqas mhu se jkun possibbli li jirnexxu mingħajr sorsi sikuri u sostenibbli ta’ materja prima kritika. Bħala prijorità, il-KESE jitlob li jitwettaq awditu biex jiġi identifikat kif l-UE tista’ tikkontrolla u ttejjeb il-ktajjen tal-valur tagħha u tevita dipendenzi eċċessivi.

1.4. Il-KESE jenfasizza li ma nistgħux nilħqu l-għanijiet klimatiċi għall-2050 mingħajr ma nibnu ekonomija ċirkolari kompetittiva. Għalhekk, l-Ewropa għandha ssib modi kif issir aktar effiċjenti mil-lat tar-riżorsi u l-materjal billi timplimenta miżuri ta’ ġestjoni tad-domanda fuq skala wiesgħa biex tnaqqas id-domanda: ekodisinn u ċirkolarità, effiċjenza fl-enerġija, tisħiħ tas-sostenibbiltà tal-prodotti u appoġġ lill-prattiki u t-tekniki innovattivi mmirati.

1.5. L-iżgurar tal-eżistenza u l-iżvilupp ta' settur industrijali varjat, b'firxa wiesgħa ta' setturi u produttori u "ekosistemi industrijali", inklużi l-SMEs u l-atturi tal-ekonomija soċjali, għandu jkun il-bażi għall-politika industrijali tal-Ewropa. Huwa importanti li jiġi evitat li wieħed jiffoka b'mod ristrett wisq fuq il-promozzjoni ta' ċerti teknoloġiji u fuq l-għażla tal-allegati "rebbieħa" permezz ta' azzjonijiet regolatorji. Minflok, hija meħtieġa politika komprensiva ta' appoġġ għall-innovazzjoni u r-riċerka.

1.6. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-pjan industrijali tal-UE jgħin biex jinħolqu impjiegi ta' kwalità tajba b'kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u paga tajba, u jippromovi d-demokrazija fuq il-post tax-xogħol, in-negozjar kollettiv u r-rispett għall-ftehimiet kollettivi.

1.7. L-akkwist pubbliku u d-deċiżjonijiet dwar kif jitqassam il-finanzjament pubbliku huma għodod importanti biex titmexxa l-politika industrijali. Irid jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet rispettivi mill-Istati Membri tal-UE, inklużi l-għajnuna mill-Istat u s-sussidji, ma jfixklux is-suq uniku jew jheddu l-konverġenza ekonomika u l-koeżjoni soċjali fl-UE, iżda pjuttost jimmiraw lejn l-iżvilupp reġjonali. Il-KESE jikkritika l-fatt li l-proposti attwali tal-Kummissjoni dwar il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku u l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti ma jqisux dan b'mod suffiċjenti.

## 2. Kummenti ġenerali

2.1. L-UE trid tibqa' sit industrijali. Il-KESE jappella għal qafas regolatorju li jattira, jippermetti u jżid il-produzzjoni industrijali fl-UE b'mod sostenibbli u soċjalment responsabbli. Din is-sejħa tapplika mhux biss għal teknoloġiji ġodda iżda wkoll għal industriji tal-manifattura, li huma komponent ewlieni għar-reżiljenza tal-ekonomiji u l-ktajjen tal-provvista Ewropej, eċċ.

2.2. Il-prodott domestiku gross (PDG) juri li l-kompetittività Ewropea qed tiddeterjora: il-PDG per capita fl-UE kien madwar 70 % ta' dak fl-Istati Uniti fis-snin 2000; attwalment huwa biss ftit inqas minn 66 %. 5 % biss tal-investiment gross tad-dinja sar fiċ-Ċina fl-1999; fl-2020 is-sehem żdied għal 29 % – ħafna aktar minn dak reġistrat fi kwalunkwe pajjiż ieħor. Fl-Istati Uniti u l-UE, is-sehem naqas b'mod sinifikanti fl-istess perjodu – fl-Istati Uniti minn 29 % għal 20 %, u fl-UE minn 23 % għal 15 % biss. L-UE għandha l-kapaċità li tiddel dan: l-ikkompletar tas-suq uniku jista' jżid aktar minn EUR 700 biljun f'termini ta' produzzjoni ekonomika fuq għaxar snin, u ekonomija diġitali komuni tista' tikkontribwixxi EUR 178 biljun oħra. Imbagħad l-UE tista' wkoll tkompli tistabbilixxi u tippromovi b'suċċess l-istandards Ewropej globalment.

2.3. L-UE qed issofri aktar mill-kompetituri globali tagħha minn prezziżjiet tal-enerġija u inflazzjoni estremament għoljin, filwaqt li fl-istess ħin, ekonomiji globali oħra qed jissussidjaw u jiffavorixxu l-industriji tagħhom stess. Dawn huma fatturi li joħolqu r-riskju tad-deindustrijalizzazzjoni fl-UE. Sabiex dawn il-problemi, kif ukoll sfidi oħra attwali u futuri, jiġu indirizzati b'suċċess, il-kompetittività strutturali u sostenibbli u r-reżiljenza tal-ekonomija tal-UE jridu jissaħħu. Prerekwiżiti fundamentali għall-kompetittività industrijali tal-Ewropa huwa prezziżjiet tal-enerġija affordabbli u provvista tal-enerġija sigura.

2.4. Il-kuntest globali ekonomiku nbidel b'mod drammatiku fl-aħħar snin; l-UE ma tistax tibqa' tistrieħ fuq sistema ekonomika u kummerċjali multilaterali bbażata fuq ir-regoli u li tiffunzjona iżda qed tiffaċċja distorsjonijiet dejjem akbar tas-suq globali, minħabba miżuri bħall-Att tal-Istati Uniti dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni li għandu l-għan li jappoġġja lill-atturi industrijali tal-Istati Uniti permezz ta' krediti tat-taxxa, appoġġ finanzjarju ġeneruż u rekwiżiti ta' kontenut lokali għad-detriment ta' atturi ekonomiċi mhux tal-Istati Uniti, jew ir-reġimi ta' sussidju protezzjonisti Ċiniżi li ilhom jeżistu, li jiffavorixxu wkoll atturi nazzjonali u jsegwu aġenda ekonomika nazzjonalista. L-UE trid twieġeb b'determinazzjoni u tidentifika l-għodod, il-miżuri u l-istrumenti politiċi li teħtieġ biex terġa' ssir aktar rapida, aktar innovattiva u attraenti għall-investituri, u fl-istess ħin iżżomm il-valuri soċjali u ambjentali tagħha.

2.5. F'dan l-isfond, il-KESE jilqa' l-Proposti tal-Kummissjoni Ewropea għal Pjan Industrijali għal Patt Ekoloġiku u għall-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, li jipprovdu gwida u prevedibbiltà lill-atturi industrijali fl-UE u jikkostitwixxu impenn għat-tisħiħ tal-manifatturi tal-Ewropa u l-ekosistemi relatati. L-isforzi involuti fit-tranżizzjoni lejn ekonomija dekarbonizzata sal-2050 jammontaw għat-tieni rivoluzzjoni industrijali u jridu jinftiehemu bħala tali, inklużi l-impenji politiċi, ekonomiċi u soċjetali meħtieġa.

2.6. B'mod partikolari, il-KESE jappoġġja l-messaġġi ċari fiż-żewġ dokumenti dwar il-ħtieġa għal investiment komprensiv fit-tranżizzjoni lejn ekonomija u soċjetà sostenibbli. L-għan tal-politika industrijali ekoloġika għandu jkun ukoll li jinkiseb gwadann fil-benesseri soċjali. Aħna nilqgħu l-enfasi li l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti jpoġġi fuq id-diskrepanzi fil-ħiliet u fir-riżorsi umani li bħalissa qed inaqqsu r-ritmu tat-tranżizzjoni. Madankollu, kif għandhom jiġu implimentati l-għanijiet u l-oġettivi ddikjarati, u liema azzjonijiet effettivi se jittieħdu, jibqgħu mhux indirizzati.



2.7. Għalhekk, il-KESE jappella lill-Kummissjoni Ewropea biex tkun aktar speċifika dwar liema azzjonijiet effettivi biħsiebha tiegħu biex ittejjeb il-fatturi tal-lokalità u l-kompetittività tal-ekonomiji tal-Ewropa u biex tidistingwi lill-UE mir-rivali sistemiċi tagħha. Dawn l-azzjonijiet għandhom jiffukaw fuq it-titjib tal-konnettività fi ħdan is-suq uniku għall-Istati Membri kollha, inkluż billi jiġu żviluppata u mtejba l-infrastruttura u l-interkonnessjonijiet għat-trasport u l-enerġija, inklużi l-grilji.

2.8. Il-KESE jindika li l-impjegaturi, il-ħaddiema u ċ-ċittadini kollha qed jesperjenzaw żminijiet diffiċli, minħabba xokk fil-provvista tal-enerġija, xokk fil-provvista tal-impjegi, xokk fil-katina tal-provvista u l-inflazzjoni; dan johlq piż kumulattiv sinifikanti fuq kulħadd. L-objettiv għall-Pjan Industrijali għal Patt Ekoloġiku u għall-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero tal-UE għandu għalhekk ikun li jnaqqas u mhux iżid dawn il-piżijiet.

2.9. Il-KESE jara wkoll rwol għall-konsumaturi biex javvanzaw it-tranżizzjoni għal emissjonijiet żero netti sal-2050. L-għażliet tagħhom favur jew kontra prodotti, u l-appoġġ, it-tolleranza jew in-nuqqas tagħhom għal kundizzjonijiet ta' manifattura u produzzjoni fl-UE, iżda wkoll f'pajjiżi terzi, huma element importanti biex ikun hemm il-bidla. Il-KESE jappoġġja l-awtonomizzazzjoni tagħhom<sup>(1)</sup> u jenfasizza l-hteġa li l-konsumaturi jieħdu deċiżjonijiet b'mod konxju.

### 3. Kummenti speċifiċi

#### 3.1. Il-qafas regolatorju

3.1.1. It-tfassil tal-politika tal-UE għandu jiddependi mill-innovazzjoni, l-eċċellenza u persuni kompetenti ħafna u b'livell għoli ta' ħiliet, u jiffoka fuq it-tneħħija tal-burokrazija u t-tnaqqis tal-kostijiet kull fejn ikun possibbli. Bħala wieħed mill-pedamenti tal-UE, l-istat tad-dritt jipprovi ċertezza u stabbiltà għall-ambjent tan-negozju u jrid jiġi rrispettat fiċ-ċirkostanzi kollha. Djalogu soċjali strutturat fuq bażi tripartitika bejn il-gvernijiet, it-trade unions u l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi huwa indispensabbli sabiex jiġu żgurati l-istabbiltà, l-aċċettabbiltà soċjali u r-reżiljenza ekonomika.

3.1.2. L-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Nett jipproponi sett ta' miżuri biex jittejjeb l-kundizzjonijiet abilitanti għall-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti, inkluż ambjent regolatorju semplifikat, pereżempju bi proċeduri ta' għoti ta' permessi aktar rapidi u punti uniċi ta' servizz fl-amministrazzjoni. Huwa ta' importanza kritika li dawn il-proċeduri aktar rapidi ta' għoti ta' permessi japplikaw tul il-katina tal-valur ta' proġetti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti, mingħajr preġudizzju għall-objettivi soċjali u ambjentali stabbiliti mir-Regolament. Għalkemm il-KESE jaqbel ma' dan l-approċċ, huwa jħeġġeġ lil-leġiżlaturi biex ma jillimitawx dan it-titjib għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti iżda biex jagħmluh prestabbilit għas-setturi ekonomiċi kollha.

3.1.3. Il-KESE jirrimarka li, fl-aħħar mill-aħħar, it-trasformazzjoni tal-industrija Ewropea tmur ferm lil hinn mill-manifattura ta' teknoloġija nadifa, minħabba li fl-Ewropa hawn ħafna industrijati tqal u primarji intensivi fl-enerġija li jeħtieġ li jiġu dekarbonizzati u mhumiex inklużi fil-Pjan Industrijali għal Patt Ekoloġiku. Strateġija industrijali koerenti għall-Ewropa tikkonsisti fi tkabbir ekonomiku inklużiv li jiżgura li l-Istati Membri u r-reġjuni kollha jipparteċipaw fit-tranżizzjoni industrijali ekoloġika u jibbenefikaw minnha. Għalhekk, huwa kruċjali li l-Pjan Industrijali għal Patt Ekoloġiku jevita kwalunkwe frammentazzjoni tas-suq uniku u li jimmira għall-koeżjoni bejn l-Istati Membri u r-reġjuni.

3.1.4. Il-KESE huwa konvint li huwa possibbli li tiġi żviluppata aġenda ta' semplifikazzjoni ekoloġika li ttejjeb il-proċessi tal-għoti ta' permessi għal proġetti ekoloġiċi u li tikkonforma mal-liġijiet ambjentali. Iż-żieda fl-għarfien espert, fil-kapaċità u fil-ħiliet fl-awtoritajiet lokali u nazzjonali hija pass meħtieġ, flimkien mad-diġitalizzazzjoni u s-semplifikazzjoni tal-proċessi ta' approvazzjoni. It-titjib fl-effiċjenza tal-proċeduri tal-permessi jrid jinkiseb permezz ta' ppjanar adatt u billi tiżdied il-kapaċità tal-livelli amministrattivi rilevanti, mhux l-inqas permezz ta' aktar persunal u persunal imħarreġ. Fid-dawl tal-hteġa li tissaħħaħ il-kompetittività tan-negozji tal-UE, trid tiġi inkorporata verifika tal-kompetittività fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, u jiġi żgurat bilanċ bejn id-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet għall-proposti leġislattivi.

3.1.5. Il-KESE jenfasizza li r-regolamentazzjoni trid tiġi kkomplementata minn għodod oħra bħas-sussidji, sabiex jiġi evitat it-telf tal-PDG u l-benesseri. Ir-rekwiżiti ta' rapportar, b'mod partikolari fil-leġiżlazzjoni ekoloġika, diġitali u ekonomika tal-UE, għandhom jiġu ssemplifikati u, fejn possibbli, armonizzati, sabiex tiġi evitata proliferazzjoni ta' regoli, kaos regolatorju u frammentazzjoni tas-suq uniku.

<sup>(1)</sup> Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2005/29/KE u 2011/83/UE fir-rigward tal-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika permezz ta' protezzjoni mtejba kontra Prattiki Żleali u permezz ta' informazzjoni aħjar"(COM(2022) 143 final — 2022/0092 (COD)) (ĠU C 443, 22.11.2022, p. 75).

### 3.2. L-aċċess għall-investiment u l-iffaċilitar tiegħu

3.2.1. L-atturi ekonomiċi fl-UE jiffaċċjaw kompetizzjoni globali ħarxa. Biex tittejjeb il-kompetittività, iż-żmien huwa fattur deċiżiv. Għalhekk, il-KESE jenfasizza li d-deċiżjonijiet dwar l-appoġġ finanzjarju u l-aċċess għall-finanzjament iridu jittieħdu aktar malajr, inkluż fil-kuntest tad-diversi programmi Ewropej ta' appoġġ bħal REPowerEU, InvestEU u skemi oħra. Proċeduri twal u mtawla – ġungla impenetrabbli ta' finanzjament – se jbiegħdu lill-investituri mill-Ewropa u huma ta' detriment għall-isforzi biex jiġu attirati l-investimenti.

3.2.2. Għalhekk, il-KESE jenfasizza li l-appoġġ għall-finanzjament jeħtieġ li jkun fattibbli, f'waqtu, u aċċessibbli b'mod aktar faċli kemm għall-ispejjeż operattivi kif ukoll għan-nefqa kapitali, għad-daqsijiet kollha tal-intrapriżi, inklużi l-SMEs. Huwa jappella għal evalwazzjoni tal-istrumenti eżistenti bil-għan li jiġu identifikati u msaħħa dawk li l-aktar kellhom suċċess. Il-KESE jemmen li l-Pjan Industrijali għal Patt Ekoloġiku jeħtieġ li jidentifika meta u fejn il-finanzjament pubbliku huwa essenzjali biex tiġi appoġġjata t-tranżizzjoni ta' industriji importanti abbażi ta' kundizzjonijiet ċari, u bil-maqlub, fejn il-finanzjament privat jista' jimla l-lakuna, dment li jiġu stabbiliti l-inċentivi regolatorji adatti.

3.2.3. Il-KESE jixtieq iwissi li s-sempliċi llaxkar tar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat mingħajr ma jiġu pprovduti mekkaniżmi finanzjarji addizzjonali fil-livell tal-UE x'aktarx li jwassal għal aktar diverġenza fost l-ekonomiji tal-UE, peress li xi pajjiżi tal-UE jista' ma jkollhomx l-ispazju fiskali għall-investiment fit-tranżizzjoni ekoloġika. L-adattament tas-self għal skopijiet differenti fil-kuntest tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u r-REPowerEU għal setturi industrijali nodfa jista' jkollu impatt biss jekk ikun ikkomplementat minn finanzjament ta' għotjiet sinifikanti għal operazzjonijiet li mhux neċessarjament irendu redditi fuq l-investiment, pereżempju l-iżvilupp tal-infrastruttura pubblika, għotjiet lil unitajiet domestiċi li ma għandhomx ir-riżorsi għar-rinnovazzjoni u investimenti rinnovabbli fuq skala żgħira, kif ukoll l-edukazzjoni u t-taħriġ mill-ġdid.

3.2.4. Il-KESE jissuġġerixxi li l-Pjan Industrijali għal Patt Ekoloġiku għandu jiffoka wkoll fuq l-iżvilupp ta' akkwist pubbliku ekoloġiku, peress li dan jagħmel lill-awtoritajiet pubbliċi xerrejja ta' prodotti ekoloġiċi. Ir-riżorsi skont il-Pjan Industrijali għal Patt Ekoloġiku, inklużi l-pjani nazzjonali aġġornati għall-irkupru u r-reżiljenza, jistgħu jkopru l-kostijiet marbuta mal-akkwist pubbliku ekoloġiku, sakemm dan isir rekwiżit komuni skont il-liġi tal-UE. L-appoġġ pubbliku għandu jkun soġġett għall-kundizzjonijiet li għandhom l-għan li jtejbu l-protezzjoni ambjentali, jappoġġjaw lill-kumpaniji biex joffru impjiegi ta' kwalità tajba, jippromovu l-aċċess għat-taħriġ u joħlqu apprendistati ta' kwalità għolja. Barra minn hekk, huwa importanti li s-sejthiet għall-akkwist pubbliku jsiru aktar aċċessibbli għall-SMEs. Għal dan il-għan, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi bażi tad-data faċli biex tintuża.

3.2.5. Billi jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq u s-setturi li m'għandhomx biżżejjed finanzjament privat, finanzjament konġunt ġdid tal-UE għandu jipprovdni appoġġ effettiv lil diversi segmenti tal-industrija tat-teknoloġiji nodfa, b'mod partikolari l-SMEs. Dan għandu jevita kwalunkwe distorsjoni tas-suq intern u għandu jgħin biex ittejjeb il-koeżjoni ekonomika fl-UE. F'dan il-kuntest, il-KESE jenfasizza li l-eżenzjonijiet temporanji għar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat għandhom jibqgħu temporanji u għandhom ikunu mmirati wkoll. Jenħtieġ li jkun immirat ukoll lejn it-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, it-taħriġ u t-tranżizzjoni ġusta biex tiġi żgurata bażi ta' ħliet li tibqa' valida fil-futur.

3.2.6. Il-KESE huwa konxju tal-fatt li huwa diffiċli li jiġi ġġenerat finanzjament addizzjonali fil-livell tal-UE. Għall-perjodu medju, għandu jitnieda dibattitu serju dwar ir-riżorsi proprji ġodda tal-UE, u l-Fond ta' Sovranità tal-UE, separatament min-negożjati tal-QFP li jmiss. Fuq terminu qasir, il-finanzjament disponibbli permezz tal-Fond għall-Innovazzjoni tal-ETS għandu jiġi fornut minn qabel u jiġi dirett lejn teknoloġiji rivoluzzjonarji f'setturi fejn l-emissjonijiet huma diffiċli sabiex jitrażżnu.

### 3.3. Is-swieq u l-ktajjen tal-provvista

3.3.1. Fl-2021, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat lista ta' "ekosistemi industrijali" bħala parti mill-istrategġja industrijali tagħha. Għandha l-għan li tikseb fehim aħjar kemm tal-interkonnessjonijiet kif ukoll tal-lakuni fl-istrutturi ekonomiċi u fil-ktajjen tal-provvista tal-Ewropa. F'dan l-isfond, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tirrikonoxxi l-interdipendenzi bejn il-ktajjen tal-valur u r-rwol li għandhom is-sustanzi kimiċi, il-materja prima, u b'mod partikolari l-industriji u l-proċessi primarji fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u b'emissjonijiet zero netti. L-enfasi fuq teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti ma tridx twassal għall-ħolqien ta' lakuni ġodda fil-ktajjen tal-provvista Ewropej minħabba nuqqas ta' enfasi fuq il-ħtiġijiet ta' setturi oħra, bħal dawk intensivi fl-enerġija. Jekk it-tħassib tagħhom, bħall-prezzijiet għoljin tal-enerġija, ma jiġix indirizzati, l-UE tirriskja li titlef partijiet importanti, forsi anke strateġiċi, tal-ekosistemi industrijali.

3.3.2. Il-KESE jixtieq jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jkun hemm aċċess għall-enerġija u għall-materja prima bi prezz kompetittiv. Tali politiki għandhom jiġu appoġġjati minn ftehimiet kummerċjali u sensibilizzazzjoni globali dwar il-materja prima. Fl-istess ħin, il-KESE jirrikonoxxi li tellieqa globali għar-riżorsi tal-materja prima mhijiex sostenibbli. Għalhekk, l-Ewropa għandha ssib modi kif issir aktar effiċjenti mil-lat tar-riżorsi u l-materjal billi timplimenta miżuri ta' ġestjoni tad-domanda fuq skala wiesgħa biex tnaqqas id-domanda: ekodisinn u ċirkolarità, effiċjenza fl-użu tal-enerġija, tisħiħ tas-sostenibbiltà tal-prodotti u appoġġ lill-prattiki u t-tekniki innovattivi mmirati. Bħala prijorità, il-KESE jitlob li jitwettag awditu biex jiġi identifikat kif l-UE tista' tikkontrolla u ttejjeb il-ktajjen tal-valur tagħha u tevita dipendenzi eċċessivi.

3.3.3. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li nibnu relazzjonijiet kummerċjali aktar b'saħħithom ma' pajjiżi terzi, navvanzaw il-ħidma fuq il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles, li jippromovu wkoll il-valuri tagħna, u fl-istess ħin inkomplu niżviluppaw u nużaw strumenti għad-difiża tal-kummerċ, bħall-antidumping, il-ġlieda kontra l-koerċizzjoni u l-iskrinjar tal-investment barrani.

3.3.4. L-aċċess għall-enerġija u l-materja prima bi prezzijiet kompetittivi huwa kruċjali biex il-produzzjoni industrijali u l-attivitatijiet relatati jinżammu fl-UE. Meta tiżviluppa l-kompetittività, ir-reżiljenza u l-influwenza globali tagħha, l-UE għandha tiddependi mill-ekonomija tas-suq miġfuh u s-soċjetajiet miġfuha bħala l-assi fundamentali tagħha, u tiffoka mill-ġdid l-azzjoni tagħha fuq il-kundizzjonijiet essenzjali għall-ħolqien tal-prospertà u l-benesseri.

#### 3.4. *It-tisħiħ tal-ħiliet għall-ħolqien ta' impjegi ta' kwalità tajba f'teknoloġiji b'emissjonijiet netti zero*

3.4.1. Il-KESE jappoġġja l-prinċipji ta' sistemi effettivi ta' taġlim tul il-ħajja u antiċipazzjoni mtejba tal-ħtiġijiet b'rabta mal-ħiliet futuri. F'dan l-isfond nappellaw biex l-imsieħba soċjali jiġu involuti b'mod strutturali fl-akkademji pjanati għal emissjonijiet zero netti. Barra minn hekk, il-KESE jemmen li qafas regolatorju mtejjeb għar-rikonoxximent konġunt tal-kwalifiki m'għandux ikun limitat għal impjegi relatati ma' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti iżda għandu jiġi estiż għas-setturi u l-ħiliet kollha. Il-KESE jirrimarka li l-mod kif tiġi appoġġjata l-industrija Ewropea huwa billi tinvesti fil-ħaddiema tagħha u tappoġġjahom, anke billi tippoteġi l-impjegi u tgħin lil dawk fi skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar.

3.4.2. Il-KESE huwa konvint li t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ se jkunu meħtieġa biex tiġi appoġġjata t-trasformazzjoni. B'mod ġenerali, is-setturi ta' riskju relatati ma' emissjonijiet għoljin jirrappreżentaw theddida żgħira, iżda f'xi reġjuni Ewropej l-impatt fuq terminu qasir jista' jkun devastanti. Huwa biss l-investment fit-titjib tal-ħiliet, l-għoti ta' aċċess għat-taħriġ (mill-ġdid) u l-promozzjoni tad-diversifikazzjoni ekonomika lejn attivitatijiet aktar ekoloġiċi li ser jagħmlu t-tranżizzjoni maniġġabbli, u b'hekk ikun possibbli li jiġu indirizzati s-swieq stretti attwali u li ttejjeb ir-riallokazzjoni tas-suq tax-xogħol. Il-ħtiġijiet ta' ristrutturar jistgħu jiġu antiċipati u ġestiti aħjar jekk il-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi r-rappreżentanti tal-ħaddiema organizzati, jiġu involuti kmieni<sup>(?)</sup>. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-pjan industrijali tal-UE jgħin biex jinħolqu impjegi ta' kwalità tajba b'kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u paga tajba, u jippromovi n-negozjar kollettiv u r-rispett għall-ftehimiet kollettivi.

3.4.3. Fir-rigward tal-proposta għal akkademji għal emissjonijiet zero netti, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-istrutturi eżistenti u stabbiliti sew tal-kwalifiki u tal-edukazzjoni vokazzjonali fl-UE u jenfasizza li ma hemm l-ebda bażi legali biex jiġu introdotti dispożizzjonijiet ta' politika ta' taħriġ (professionali) ta' dan it-tip permezz ta' regolament. L-abbozz ta' regolament ma jirriflettix ir-realtà fil-kumpaniji u fl-Istati Membri tal-UE, li jintwera wkoll mill-fatt li mhux previst l-ebda involviment kontinwu tal-imsieħba soċjali, u lanqas ta' organizzazzjoni rilevanti oħra. Għalhekk, filwaqt li l-KESE jirrakkomanda li l-aspetti tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-Proposta għal Regolament għandhom jiġu indirizzati fil-qafas ta' rakkomandazzjoni, kif inhi l-prattika standard f'dan il-qasam ta' politika, il-Kumitat jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE biex tal-anqas jinvolvu b'mod attiv lill-imsieħba soċjali, kif ukoll lin-network tal-kmamar Ewropej fl-attivitatijiet tal-Akkademji Ewropej ta' Industrij b'Emissjonijiet Zero Netti u l-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Zero Netti.

3.4.4. Il-kalkoli mill-Kummissjoni Ewropea juru li hemm potenzjal sinifikanti ta' ħolqien ta' impjegi fil-qasam tat-teknoloġija b'emissjonijiet zero netti, b'180 000 ħaddiem meħtieġa fil-manifattura tal-idroġenu taċ-ċelloli tal-fjuwil, 66 000 fil-manifattura solari fotovoltajka u 800 000 fil-produzzjoni tal-batteriji. Għalhekk, il-KESE jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex mhux biss jappoġġjaw il-kundizzjonijiet qafas biex jiġu żviluppati l-ħiliet meħtieġa fl-UE, iżda wkoll biex iħaffu u jistandardizzaw il-permessi tax-xogħol għall-ħaddiema kwalifikati li ġejjin minn barra l-Unjoni Ewropea.

(?) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar id-demokrazija fil-post tax-xogħol (Opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Spanjola) (ĠU C 228, 29.06.2023, p. 43).

### 3.5. Innovazzjoni

3.5.1. Il-kapaċità tal-innovazzjoni hija mod ieħor biex tiżdied il-produttività, u hija essenzjali għall-iżvilupp, l-adattabilità u t-tiġdid tan-negozji. Kemm l-investiment privat u dak pubbliku fir-riċerka u l-innovazzjoni huma meħtieġa għas-suċċess tal-UE fil-futur. Jeħtieġ li l-kooperazzjoni bejn in-negozji, l-universitajiet u l-organizzazzjonijiet tal-innovazzjoni tiġi ffaċilitata bħala mod prattiku importanti biex jissaħħu l-innovazzjonijiet produttivi. L-involvement tal-ħaddiema jista' jikkontribwixxi wkoll b'mod pożittiv biex jinkisbu l-potenzjal sħiħ tal-innovazzjoni u l-bidla prevista.

3.5.2. Bħalissa, il-biċċa l-kbira tal-finanzjament tal-UE huwa mmirat b'mod predominanti lejn l-istadji bikrija tal-iżvilupp teknoloġiku u lejn l-adozzjoni ta' dawn it-teknoloġiji mill-utenti downstream. L-appoġġ għall-kapaċità tal-manifattura u għan-negozji li qed jespandu għadu limitat. Il-KESE jemmen li dan jeħtieġ li jiġi rettifikat.

3.5.3. Il-KESE jirrikonoxxi li r-rilevanza tal-materja prima kritika għall-attivitajiet industrijali tal-UE ma tistax tiġi esaġerata. F'dan ir-rigward, l-innovazzjoni għandha, bħala prijorità, tiffoka fuq sostituti, prodotti u materjali li jistgħu jnaqqsu d-dipendenza tal-UE mill-materja kritika u l-materja prima li ma tistax taċċessa faċilment.

### 3.6. Governanza

3.6.1. Il-Kapitolu VII tal-proposti tal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti jistabbilixxi struttura, il-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti, maħsuba bħala korp ta' referenza li fih il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jiddiskutu, jiskambjaw informazzjoni, u jaqsmu l-aħjar prattiki dwar kwistjonijiet relatati ma' dan ir-Regolament. Madankollu, il-KESE jixtieq jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tfitx kontribut mhux biss minn esperti iżda b'mod predominanti minn rappreżentanti tal-industrija b'emissjonijiet żero netti u trade unions relatati. Il-KESE jilqa' l-ispinta għal koordinazzjoni aħjar u għandu jkun involut fil-Pjattaforma, biex jikkontribwixxi b'mod strutturali l-fehmiet tal-ħaddiema, l-impjegaturi u s-soċjeta' ċivili għall-ħidma tagħha.

### 3.7. Teknoloġiji strateġiċi b'emissjonijiet żero netti

3.7.1. Il-KESE jilqa' l-approċċ għall-investiment ta' prijorità fit-teknoloġiji nodfa u l-appoġġ għalihom. Madankollu, il-lista ta' teknoloġiji appoġġjati mill-proposta tal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti fil-biċċa l-kbira tinjora d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija intensivi fl-enerġija u d-dimensjoni taċ-ċirkolarità. Ma nistgħux nilħqu l-għanijiet klimatiċi għall-2050 mingħajr ma nibnu ekonomija ċirkolari kompetittiva: l-użu tal-iskart, id-diossidu maqbud jew ir-riżorsi rinnovabbli bħala materja prima huma kollha modi vijabbli biex jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-industrija kollha u titnaqqas id-dipendenza tal-UE mill-importazzjonijiet tal-materja prima. Għalhekk, il-KESE jistieden lil-leġiżlaturi jespandu l-lista ta' teknoloġiji strateġiċi b'emissjonijiet żero netti kif dovut.

3.7.2. Il-KESE jappoġġja l-istabbiliment ta' miri u objettivi ċari għall-kapaċità tal-manifattura fl-Ewropa, b'mod partikolari l-għanijiet li tiġi koperta 10 % tal-estrazzjoni tal-minerali strateġiċi tagħna, b'impenn qawwi favur il-protezzjoni ambjentali kontinwa, li jintlaħaq 40 % tal-irfinar tal-materjali, inkluż l-avvanz fil-kapaċità tal-estrazzjoni minerarja u b'hekk jinħoloq valur miżjud reali, u li tinkiseb rata ta' riċiklaġġ ta' 15 % sal-2030.

3.7.3. Il-KESE jirrimarka li hemm riskju għoli ta' żieda fil-kost tal-produzzjoni minħabba li kważi 25 % tal-emissjonijiet jiġu minn setturi fejn l-emissjonijiet huma diffiċli sabiex jitrażżnu, li mhux ser jiddekarbonizzaw bil-ħeffa mixtieqa mingħajr ma jġarrbu kostijiet tal-produzzjoni oġhla. Dan jista' jwassal għal xokk fil-provvista u nuqqas ta' kapaċità li jiġu koperti l-ħtiġijiet tas-suq. Sakemm jiġu adottati teknoloġiji ġodda, huwa probabbli ħafna li jkun hemm żieda fil-kost tal-produzzjoni, li tikkawża nuqqasijiet u twassal għal prezzijiet oġhla li jiġu ttrasferiti għal prodotti oħra fil-katina tal-valur.

Brussell, it-13 ta' Lulju 2023.

Oliver RÖPKE  
Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew









ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet  
tal-Unjoni Ewropea  
L-2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

MT